ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 294 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 52**
**3 ta' Diċembru 2009**

Avviż Nru | Werrej | Paġna

**Parlament Ewropew**

SESSJONI 2008-2009

Dati tas-seduti: 8-10 Lulju 2008

TESTI ADOTTATI

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 256 E, 9.10.2008.*

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

(2009/C 294 E/01) Id-difiża tal-prerogattivi tal-Parlament Ewropew quddiem il-qrati nazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar id-difiża tal-prerogattivi tal-Parlament Ewropew quddiem il-qrati nazzjonali (2007/2205(INI)) . . . . . 1

(2009/C 294 E/02) L-impatt ambjentali tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass ippjanata fil-Baħar Baltiku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-impatt ambjentali tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass ippjanata fil-Baħar Baltiku biex tgħaqqad ir-Russja mal-Ġermanja (Petizzjonijiet 0614/2007u 0952/2006) ((2007/2118(INI)) . . . . . 3

(2009/C 294 E/03) Stabilizzar tal-Afganistan: sfidi għall-UE u l-komunità internazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-Istabbilizzazzjoni tal-Afganistan: sfidi għall-UE u għall-komunità internazzjonali (2007/2208(INI)) . . . . . 11

MT

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**


(2009/C 294 E/04) Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 u għall-Arġentina għall-2008

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 u għall-Arġentina għall-2008 ........... 19

(2009/C 294 E/05) Il-prijoritajiet tal-UE għat-63 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Rakkomondazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għat-63 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2008/2111(INI)) .................................... 20

(2009/C 294 E/06) L-irwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarju Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-irwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarju Ewropea (2007/2027(INI)) ........................................................... 27

(2009/C 294 E/07) Tilwim Airbus/Boeing

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar it-tilwim fl-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar allegazzjonijiet ta' sussidji lill-Airbus u lill-Boeing ................ 33

(2009/C 294 E/08) Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (2008/2005(INI)) ........................................................... 35

(2009/C 294 E/09) Fondi ta' investimenti sovrani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar fondi ta' investimenti sovrani ................ 41

(2009/C 294 E/10) Lejn kultura ġdida għall-mobiltà urbana

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar "Lejn kultura ġdida għall-mobiltà urbana" (2008/2041(INI)) ........................................................... 42

(2009/C 294 E/11) Rapport Annwali tal-ECB (il-Bank Ċentrali Ewropew) għall-2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar ir-Rapport Annwali tal-ECB (il-Bank Ċentrali Ewropew) għall-2007 (2008/2107(INI)) ........................................................... 49


**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**


(2009/C 294 E/12) Ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja 54

(2009/C 294 E/13) Is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terrromot u qabel il-Logħob Olimpiku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terrromot u qabel il-Logħob Olimpiku ........................................................... 58

(2009/C 294 E/14) Dokument ta' strateġija dwar it-tkabbir tal-Kummissjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar id-dokument tal-Kummissjoni tal-2007 dwar l-istrateġija għat-tkabbir (2007/2271(INI)) ........................................................... 60

(2009/C 294 E/15) Is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe ................ 64


MT

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Id-difiża tal-prerogattivi tal-Parlament Ewropew quddiem il-qrati nazzjonali

P6_TA(2008)0327

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar id-difiża tal-prerogattivi tal-Parlament Ewropew quddiem il-qrati nazzjonali (2007/2205(INI))**

(2009/C 294 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0222/2008),

A. billi l-Parlament Ewropew m'għandux personalità legali; billi, bħala riżultat ta' dan, il-Parlament Ewropew spiss jiġi mxekkel milli jħares il-prerogattivi tiegħu quddiem il-qrati nazzjonali minħabba problemi li huma partikulari għan-natura speċifika tiegħu,

B. billi l-Parlament jirrispetta d-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni iżda jirriserva d-dritt tiegħu skond l-Artikolu 192 tat-Trattat KE li jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposti leġiżlattivi,

C. billi, f'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew għandu għad-dispożizzjoni tiegħu firxa ta' rimedji skond it-Trattat li jiżguraw li l-prerogattivi msemmija hawn fuq jitħarsu quddiem l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunità, bħal azzjonijiet għan-nuqqas ta' aġir (Artikolu 232 tat-Trattat KE) u azzjonijiet għall-annullament tal-atti Komunitarji (Artikolu 230 tat-Trattat KE),

D. billi, skond il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, Stat Membru jrid jieħu r-responsabilità jekk jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skond it-Trattati, hi liema hi l-aġenzija ta' dak l-Istat li l-aġir jew in-nuqqas ta' aġir tagħha wassal għal dan in-nuqqas, anke fil-każ ta' istituzzjoni li hija indipendenti mill-aspett kostituzzjonali ([1]),

E. billi, madankollu, il-Parlament Ewropew m'għandux strumenti diretti bħal dawn għad-difiża tal-prerogattivi tiegħu quddiem il-qrati nazzjonali, fuq kollox f'każ fejn sentenza nazzjonali tmur kontrihom, ladarba ma jistax jipparteċipa fi proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali u lanqas m'għandu rikors dirett għall-Qorti tal-Ġustizzja bix jiddefendi d-deċiżjonijiet tiegħu,

([1]) Kawża 8/70 *Il-Kummissjoni v. l-Italja* ECR [1970] 961.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

F. billi l-Parlament Ewropew ma jistax jiftaħ, lanqas bħala *extrema ratio*, proċedura ta' ksur (skond l-Artikolu 226 tat-Trattat KE) kontra Stat Membru, minħabba li din hija setgħa esklussiva għall-Kummissjoni,

G. billi n-nuqqas ta' strumenti xierqa biex bihom jiddefendi d-deċiżjonijiet tiegħu jista' fil-fatt ixekkel l-effettività tal-Parlament Ewropew bħala entità politika u leġiżlattiva,

H. billi l-prinċipji ta' koperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u dawk tal-amministrazzjoni tajba jirrikjedu li l-attività tal-organi Komunitarji titmexxa skond regoli ta' trasparenza u tal-intelliġibilità sabiex jiġu ċċarati r-raġunijiet għal ċertu aġir, jew nuqqas ta' aġir,

I. billi, biex jinstab rimedju għall-problemi msemmija hawn fuq, huwa opportun li jissaħħu l-mezzi tal-ħarsien tal-prerogattivi parlamentari, mhux permezz ta' modifika tat-Trattat KE, iżda billi jkunu estrapolati mill-esperjenza tal-parlamenti nazzjonali rimedji xierqa għall-bżonnijiet speċifiċi tal-Parlament Ewropew,

J. billi r-riżultati ta' studju li sar għal dan il-għan fuq kampjun wiesa' ta' Stati Membri juru biċ-ċar li l-parti l-kbira tas-sistemi legali nazzjonali jagħtu lill-parlament nazzjonali tagħhom rimedji legali intiżi biex jiggarantixxu mhux biss id-difiża tal-interessi tal-parlament bħala entità, iżda wkoll ta' kull membru individwali,

K. billi l-Istati Membri huma suġġetti għall-prinċipju ta' koperazzjoni sinċiera u leali mħaddan fl-Artikolu 10 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u billi fid-dawl tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawk l-istess Stati Membri huma obbligati li "jipprovdu sistema kompleta ta' rimedji u ta' proċeduri li jiggarantixxu li d-dritt għall-protezzjoni effettiva mill-qrati" ([1]),

L. billi jkun opportun li jingħataw lill-Parlament Ewropew strumenti, jekk mhux identiċi, ta' lanqas simili, ta' ħarsien tal-prerogattivi tiegħu stess quddiem il-poter ġudizzjarju, kemm jekk dan ikun irrappreżentat mill-Qorti tal-Ġustizzja kemm jekk mill-qrati nazzjonali, b'analoġija mal-istrumenti ta' ħarsien li hemm dispożizzjoni għalihom fis-sistemi nazzjonali, għall-benefiċċju tal-parlamenti nazzjonali;

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis ir-rikjesti mill-Parlament Ewropew biex tattiva l-proċedura ta' ksur kontra kwalunkwe Stat Membru akkużat bi ksur ta' prerogattivi parlamentari, u jitlob li jingħata dikjarazzjoni komprensiva ta' raġunijiet mill-Kummissarju kompetenti jekk il-Kulleġġ tal-Kummissarji jiddeċiedi li ma jiħux l-azzjoni mitluba;

2. Jissuġġerixxi li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jkun immodifikat sabiex il-Parlament Ewropew jingħata d-dritt li jressaq l-osservazzjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti fil-każijiet kollha fejn direttament jew indirettament, jintefa dubju fuq il-prerogattivi tiegħu, sabiex l-involviment tal-Parlament Ewropew, fejn dan ma jkunx formalment parti mill-proċedimenti, ma jitħalliex għad-diskrezjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kif bħalissa hu previst fl-Artikolu 24(2) tal-Istatut;

3. Jissuġġerixxi li jsir eżami fid-dettall dwar jekk il-mekkaniżmu legali stipulat fl-Artikolu 300(6) tat-Trattat KE jistax jiġi applikat għall-każijiet fejn il-prerogattivi tal-Parlament Ewropew jkunu mhedda serjament, sabiex il-Parlament ikun jista' jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja għal opinjoni dwar il-kompatibilità ta' att ta' liġi nazzjonali mal-liġi Komunitarja primarja, mingħajr preġudizzju għas-setgħa esklussiva tal-Kummissjoni li tiddeċiedi jekk tibdiex jew le proċedura ta' ksur kontra l-Istat Membru li seta' kkommetta vjolazzjoni;

4. Jitlob lill-kumitat responsabbli biex jipprepara emenda għall-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament sabiex dan ikopri l-proċedimenti legali kollha quddiem kwalunkwe qorti u biex jipprovdi għall-proċedura simplifikata biex tintuża meta l-proċedimenti jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bi proċedura aċċellerata jew t'urġenza;

([1]) Kawża C-50/00P, *Unión de Pequenos Agricultores v. Kunsill* ECR [2002] I-6677.

5. Iqis li huwa opportun li jinkoraġġixxi politika ta' koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-qrati nazzjonali, simili għal dik li diġà qed tagħti riżultati tajbin f'numru ta' Stati Membri, permezz tal-iżvilupp ta' proċeduri fil-qrati li jippermettu lill-Parlament Ewropew li jipparteċipa fi proċedimenti legali quddiem qrati nazzjonali li jirrigwardaw il-prerogattivi tiegħu;

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri leġiżlattivi xierqa sabiex tiżgura l-effettività sħiħa tad-difiża legali mill-Parlament tal-prerogattivi tiegħu;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## L-impatt ambjentali tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass ippjanata fil-Baħar Baltiku

P6_TA(2008)0336

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-impatt ambjentali tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass ippjanata fil-Baħar Baltiku biex tgħaqqad ir-Russja mal-Ġermanja (Petizzjonijiet 0614/2007u 0952/2006) (2007/2118(INI))**

(2009/C 294 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Petizzjoni 0614/2007, imressqa minn Radvile Morkunaite, u b'aktar minn 20 000 firma, il-Petizzjoni 0952/2006 mressqa minn Krzysztof Mączkowski u l-petizzjonijiet l-oħra mressqa lilu dwar il-kwistjoni koperta f'din ir-riżoluzzjoni,

— wara li kkunsidra t-Trattat ta' Liżbona ffirmat mill-Istati Membri kollha fit-13 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-Istrateġija Tematika dwar il-Protezzjoni u l-Konservazzjoni tal-Ambjent tal-Ibħra (COM(2005)0504),

— wara li kkunsidra s-Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent tal-Komunità Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([2]), u d-Direttivi tal-Kunsill 92/43/KEE ([3]) u 79/409/KEE ([4]), żewġ direttivi li jiffurmaw il-pakkett leġiżlattiv Natura 2000,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2006 dwar Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni u l-Konservazzjoni tal-Ambjent tal-Baħar ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2006 dwar Strateġija tal-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana ([6]),

---

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).
([2]) ĠU L 73, 14.3.1997, p. 5.
([3]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([4]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
([5]) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 131.
([6]) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 330.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar taz-Zona tal-Baħar Baltiku (Konvenzjoni ta' Ħelsinki),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Ħelsinki (HELCOM), u b'mod partikulari r-Rakkomandazzjoni 17/3 tat-12 ta' Marzu 1996 li tiddeskrivi l-obbligu li wieħed jagħmel evalwazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent u li jikkonsulta ma' stati li jistgħu jsofru l-impatt negattiv tal-proġett propost,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent f'Kuntest li Jaqsam il-Fruntieri tal-25 ta' Frar 1991 (Konvenzjoni ta' Espoo),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (Konvenzjoni ta' Århus),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS),

— wara li kkunsidra l-prinċipju ta' prekawzjoni, li huwa inkluż mill-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fost il-prinċipji ġenerali tal-*acquis communautaire* u li huwa wieħed mill-aspetti tal-iżvilupp sostenibbli skond il-liġi ta'l-UE u dik internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-prinċipju ta' governanza tajba, li jikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji ġenerali tal-liġità l-UE,

— wara li kkunsidra l-attivitajiet tal-Intergrupp tal-Ewropa tal-Baltiku tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposti li ħarġu mis-smigħ pubbliku tad-29 ta' Jannar 2008,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal networks tal-enerġija trans-Ewropej ([1]), li tirrikonoxxi in-Nord Stream bħala proġett ta' interess Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku adottat fil-laqgħa tal-Ministri tal-Ambjent tal-Istati Baltiċi li saret fi Krakovja fil-15 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jimponi fuq l-Istati Membri dover ta' lealtà lejn il-Komunità Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 192(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0225/2008),

A. billi l-Baħar Baltiku huwa baċin li miegħu għandhom fruntiera xejn inqas minn tmien Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u li 80 % mill-linja tal-kosta tiegħu huwa territorju tal-Unjoni Ewropea, billi l-OAO Gazprom hi s-sid tal-maġġoranza tal-ishma tan-Nord Stream,

B. billi t-tħassib għall-ambjent tal-Baħar Baltiku huwa wieħed mill-aktar objettivi importanti tad-Dimensjoni tat-Tramuntana tal-Unjoni, kif ikkonfermat ripetutament mill-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament,

C. billi s-setturi tal-biedja u tal-industrija tal-Istati Membri li jmissu mal-Baħar Baltiku, flimkien mar-Russja huma l-aktar pajjiżi li jniġġsuh u li joħolqu l-akbar problemi għall-bilanċ ekoloġiku tiegħu,

D. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata b'mod partikolari fil-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-ħarsien tal-ambjent tal-baħar,

([1]) ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

E. billi fil-proċedimenti quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni kkonfermat ripetutament il-ħarsien tal-ambjent bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Komunità, u l-Qorti rrikonoxxiet il-kompetenza tal-Komunità fil-qasam tal-ħarsien u l-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar,

F. billi attwalment jeżistu pjanijiet għall-kostruzzjoni ta' diversi proġetti infrastrutturali fil-Baħar Baltiku (in-Nord Stream, farms għall-enerġija mir-riħ, l-iScanled Baltic Pipe, is-sistema ta' pajpijiet tal-gass bejn il-Finlandja u l-Estonja, il-kejbils tal-elettriku bejn l-Iżvezja u l-Litwanja, it-terminals tal-LNG fi Świnoujście, eċċ.),

G. billi l-Ewropa jeħtieġ li ssib mezzi biex twieġeb għall-kwistjoni fundamentali dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija,

H. billi l-kontribut dejjem jikber tal-gass naturali għall-bilanċ tal-enerġija fl-Ewropa kien, b'mod speċjali mill-1990 'l hawn, il-mezz ewlieni tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju ($CO_2$),

I. billi l-prinċipju ta' prekawzjoni stipulat fl-Artikolu 174(2) tat-Trattat KE jitlob li l-partijiet interessati kollha jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jevalwaw l-impatt ambjentali li jista' jkollhom deċiżjonijiet ġodda jew il-bidu ta' xogħlijiet, u li jieħdu azzjoni preventiva xierqa fejn hemm probabilità raġonevoli ta' theddida għall-ambjent,

J. billi skond il-prinċipju li l-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-ambjent iridu jkunu integrati f'politiki speċifiċi għas-setturi, dawn il-ħtiġijiet għandhom jitqiesu kif jixraq fit-twettiq tal-attivitajiet kollha Komunitarji u fil-ħidma għall-ilħuq tal-għanijiet kollha tal-Komunità,

K. billi l-Artikolu 194 tat-Trattat futur dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif imdaħħal mit-Trattat ta' Liżbona, jgħid b'mod espliċitu li l-politika enerġetika tal-UE għandha titwettaq fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa tal-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent,

L. billi l-vulnerabilità partikulari tal-Baħar Baltiku għat-theddid ambjentali kienet ikkonfermata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li rrikonoxxietu bħala 'zona estremament vulnerabbli',

M. billi l-Baħar Baltiku llum huwa waħda mill-aktar zoni marittimi mniġġsa fid-dinja, u billi, b'mod partikulari, il-konċentrazzjoni tas-sustanzi perikolużi kemm fl-ilmijiet tiegħu u kemm fl-organiżmi ħajjin tiegħu għadha għolja sa livell mhux naturali,

N. billi l-Baħar Baltiku huwa baħar ġewwwieni tipiku u mhux fond u, flimkien mal-Baħar l-Iswed, għandu l-itwal ċiklu ta' skambju tal-ilma mal-oċean globali, ta' madwar 30 sena,

O. billi pajp għat-trażmissjoni tal-gass huwa stmat li jservi għal 50 sena u li l-ammont tax-xogħol li tinvolvi d-dekommissjoni tas-sistema tal-pajpijiet ikun simili fl-iskala għal dak tal-istallazzjoni ppjanata; billi dan l-aspett għandu jitqies fil-konfront taż-żmien meħtieġ biex il-flora u l-fawna terġa' lura kompletament għall-istat oriġinali tagħha meta wieħed jikkunsidra l-impatt ambjentali u ekonomiku tal-proġett,

P. billi l-espożizzjoni għall-metalli tqal, sustanzi kontaminanti u sustanzi dannużi oħra joħloq riskji għas-saħħa u implikazzjoni għall-katina tal-ikel li jeħtieġ jiġu eżaminati,

Q. billi numru ta' fatturi, inklużi l-perjodi twal ta' preservazzjoni tal-ilma, il-kolonna tal-ilma stratifikata, iz-zona fejn jinġabar l-ilma estensiva li hi industrijalizzata u l-intensifikazzjoni partikulari tal-biedja fiz-zona tal-Baħar Baltiku jagħmlu l-Baħar Baltiku partikolarment vulnerabbli f'termini ambjentali,

R. billi x-xogħlijiet fil-kundizzjonijiet speċjali fil-Baħar Baltiku jistgħu jirriżultaw f'żieda f'salt fil-popolazzjoni tal-alki, li tista' toħloq riskju partikulari għall-Finlandja, l-Iżvezja u l-Ġermanja, u l-istati Baltiċi,

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

S. billi fattur sinifikanti ieħor ta' riskju ambjentali hija l-eżistenza ta' madwar 80 000 tunnellata ta' munizzjon mormija f'qiegħ il-Baħar Baltiku wara t-Tieni Gwerra Dinjija, li fihom sustanzi tossiċi bħall-gass tal-mustarda, l-iprit tal-kubrit, l-iprit tan-nitroġenu, il-lewisit, Clark I, Clark II u l-adamsit, li jirrappreżentaw periklu kemm għall-ambjent tal-baħar Baltiku u kemm għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem,

T. billi l-kontenituri tal-munizzjoni baqgħu jiġu mormija minn numru ta' stati mill-1945 sa lejn tmiem is-snin sittin,

U. billi, barra minn hekk, il-kontenituri tal-munizzjon qegħdin f'kundizzjoni kritika, bil-korrużjoni tagħhom stmata li hi ta' 80 %, u billi l-post eżatt fejn qegħdin mhux dejjem jista' jkun iddeterminat,

V. billi, fl-istess ħin, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku adottat fil-15 ta' Novembru 2007 fi Krakovja jirrikjedi li l-istati li għandhom fruntiera mal-Baħar Baltiku jiżguraw il-ħażna sikura ta' stokks qodma ta' sustanzi kimiċi u għodda li jkun fihom sustanzi perikolużi,

W. b'kunsiderazzjoni għall-impatt potenzjali tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass fuq l-ambjent tal-baħar tal-Baltiku u fuq l-istati li jmissu mal-Baltiku,

X. wara li kkunsidra ż-żieda fit-traffiku f'termini ta' baħħara u tankers taż-żejt fil-Baħar Baltiku u r-riskju potenzjali ta' nirien fuq il-bastimenti, ir-riskju tat-telfien tal-kapaċità tal-bastimenti li jżommu f'wiċċ l-ilma u l-għarqien tagħhom minħabba ħsara fis-sistema ta' pajpijiet tal-gass waqt il-kostruzzjoni, l-istallazzjoni u l-operat tagħha, u l-impatt potenzjali uman, ekonomiku u ambjentali tagħha,

Y. billi n-Nord Stream qed tippjana li tibni kurritur taħt l-ilma twil 1 200 km u wiesa' madwar 2 km, li b'hekk se jkun l-ikbar kostruzzjoni taħt il-baħar fid-dinja,

Z. billi s-sajd, it-turiżmu u t-tbaħħir jistgħu jkunu affettwati ħażin mill-kostruzzjoni, l-istallazzjoni u l-operat tal-proġett, u dan probabbli se jkollu impatt negattiv fuq l-ekonomija tar-reġjuni tax-xatt,

AA. billi l-Artikolu 123 tal-UNCLOS, li huwa parti integrali mill-*acquis communautaire*, jirrikjedi li l-istati li jmissu ma' ibħra parzjalment magħluqa jikkoperaw bejniethom fl-eżerċizzju tad-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom u li jikkoordinaw l-implimentazzjoni tad-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom rigward il-ħarsien u l-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar,

AB. billi l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Espoo jitlob li l-istati kontraenti, individwalment jew flimkien, jieħdu l-miżuri xierqa u effettivi kollha biex jevitaw, inaqqsu u jikkontrollaw impatt ta' ħsara fuq l-ambjent transkonfinali sinifikanti mill-attivitajiet proposti,

AC. billi skond l-Artikolu 5(a) tal-Konvenzjoni ta' Espoo, il-konsultazzjonijiet mal-partijiet esposti għall-effetti dannużi ta' proġetti transkonfinali jistgħu jkopru alternattivi possibbli għal proġett propost, inkluża l-possibilità li l-proġett jiġi abbandunat,

AD. billi l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Ħelsinki jitlob li l-Istati Kontraenti jieħdu l-miżuri kollha sabiex jevitaw it-tniġġis tal-ambjent tal-baħar fiz-zona tal-Baħar Baltiku li jirriżulta mill-esplorazzjoni jew l-isfruttament ta' qiegħ il-baħar jew minn kwalunkwe attività assoċjata,

AE. billi r-rotta proposta għas-sistema tal-pajpijiet tal-gass tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa se taqsam zoni li huma inklużi fil-programm Natura 2000 u li d-Direttiva 92/43/KEE tikklassifika bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni,

AF. billi l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE jirrikjedi li l-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw id-deterjorament tal-ħabitat naturali u l-ħabitat tal-ispeċi fiz-zoni speċjali ta' konservazzjoni,

AG. billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE jirrikjedi li l-Istati Membri jagħmlu evalwazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet ta' kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li mhux meħtieġ għat-tmexxija ta' sit ta' konservazzjoni iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, in vista tal-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit,

AH. billi skond l-Artikolu 6 (3) tad-Direttiva 92/43/KEE, fl-isfond tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet għas-sit imsemmija hawn fuq, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit ikkonċernat u, jekk ikun xieraq, wara li jkunu raw x'inhi l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali,

AI. billi s-sistema tal-pajpijiet tal-gass proposta se tkun l-itwal sistema tal-pajpijiet tal-gass taħt il-baħar b'żewġ tubi fid-dinja, minbarra li se tkun l-inqas waħda fil-fond, fatti li jagħmluha partikolarment vulnerabbli għall-ħsara potenzjali,

AJ. billi d-Deċiżjoni 1364/2006/KE tinkludi s-sistema tal-pajpijiet tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa fost il-proġetti ta' prijorità ta' interess Ewropew,

AK. billi kull struttura ta' inġinerija fuq skala kbira mibnija fil-baħar trid, minħabba r-riskji assoċjati, tkun suġġetta għal analiżi partikolarment bir-reqqa u komprensiva u evalwazzjoni tal-impatt ambjentali kif preskritt mill-Konvenzjoni ta' Espoo, il-Konvenzjoni HELCOM u l-leġiżlazzjoni l-oħra kollha rilevanti Ewropea u nazzjonali,

AL. billi wara l-Konvenzjoni ta' Espoo, kull proġett ta' dan it-tip għandu jkun preċedut minn analiżi tal-alternattivi għalih, li tkopri b'mod partikolari l-ispejjeż ta' implimentazzjoni u s-sikurezza ambjentali, f'dan il-każ analiżi ta' rotot fuq l-art għas-sistema tal-pajpijiet tal-gass,

AM. billi partijiet mis-sistema ta' pajpijiet diġà ġew trasportati lejn il-belt ta' Kotka fil-Finlandja għall-ipproċessar,

AN. billi l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Århus jirrikjedi li kull stat kontraenti jiggarantixxi d-drittijiet tal-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali,

AO. billi r-rekwiżiti legali marbuta mat-tħejjija ta' evalwazzjoni tal-impatt ambjentali preċiża għandhom jieħdu kont tal-perikli msemmija hawn fuq,

AP. billi, barra minn hekk, hija meħtieġa l-analiżi tat-theddida terroristika u l-kapaċità ta' azzjoni effettiva kontriha,

1. Huwa tal-fehma li n-Nord Stream huwa proġett infrastrutturali b'dimensjoni politika u strateġika wiesgħa kemm għall-UE u kif ukoll għar-Russja; jifhem it-tħassib espress mill-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-bini u l-manutenzjoni tas-sistema ta' pajpijiet; jenfasizza li l-abilità ta' stati żgħar li jmissu mal-Baħar Baltiku li jipprovdu sigurtà fir-reġjun ta' dan il-baħar ma tistax titqies b'mod iżolat mill-abilità tal-UE li taġixxi bħala entità magħquda u li titkellem b'vuċi waħda dwar il-kwistjonijiet tal-enerġija, u jfakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija ([1]); jenfasizza li d-deċiżjoni 1364/2006/KE (li tinkorpora linji gwida għat-TEN-E) tirrikonoxxi n-Nord Stream bħala proġett ta' interess Ewropew li jista' jgħin biex jintlaħqu l-ħtiġijiet enerġetiċi ġejjiena tal-UE; jenfasizza li dan il-proġett u sistemi ta' pajpijiet tal-gass oħra kumplementari, bħall-Yamal II u l-Amber, għandhom ikunu ppjanati fl-ispirtu ta' politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija u għandhom jikkunsidrau bis-sħiħ l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u fuq is-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE;

2. Itenni l-opinjoni tiegħu li, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-dipendenza dejjem tikber tal-UE fuq numru limitat ta' sorsi, fornituri u rotot ta' trasport tal-enerġija, huwa essenzjali li jiġu appoġġati inizjattivi mmirati lejn id-diversifikazzjoni tagħhom, kemm ġeografikament u kemm billi jkunu żviluppati alternattivi sostenibbli; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-bżonn ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-portijiet użati fl-immaniġġjar tal-fjuwils; ifakkar li n-Nord Stream huwa biss wieħed minn numru ikbar ta' proġetti ta' infrastruttura marbuta mal-gass, bħas-sistemi ta' pajpijiet u l-faċilitajiet tal-LNG, li se jkunu essenzjali biex ikunu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-konsum tal-gass naturali tal-Komunità li, skond diversi studji, se jikbru b'mod sinifikanti tul is-snin li ġejjin u li fl-istess ħin se jippermettu li jkunu sostitwiti fjuwils fossili li jagħmlu iktar ħsara lill-ambjent; jikkunsidra li hu meħtieġ li jkun evalwat l-impatt fuq l-ambjent fuq perjodu ta' żmien twil mill-infrastruttura l-ġdida tal-gass, b'kunsiderazzjoni għall-importanza tal-garanzija ta' provvista stabbli tal-gass;

---

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0413.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

3. Jappoġġa l-proposta, li hemm fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2006, li l-istrateġija futura rigward il-baħar tal-UE trid tirriżulta f'obbligazzjonijiet supranazzjonali li jorbtu li jistgħu jinvolvu impenji komuni f'pajjiżi terzi;

4. Jenfasizza l-fatt li s-sigurtà tal-enerġija trid titqies bħala komponent essenzjali tas-sigurtà ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u li, konsegwentement, id-definizzjoni tas-sigurtà tal-enerġija m'għandhiex tkun limitata għan-nuqqas ta' produzzjoni interna fl-UE iżda għandha tqis ukoll l-aspetti ġeopolitiċi tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet u r-riskji potenzjali li din iġġib magħha ta' interruzzjonijiet motivati politikament; jemmen li t-Tielet Pakkett tal-Enerġija se jnaqqas id-dipendenza enerġetika ta' kull Stat Membru peress li ebda stat ma jista' jinqata' minn fornitur minn pajjiż terz f'suq tal-enerġija liberalizzat u integrat għalkollox;

5. Iqis li minħabba l-isfida biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija filwaqt li jkun irrispettat l-impenn għall-ħarsien ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, huwa importanti ħafna li tkun implimentata politika Ewropea koerenti u kkoordinata dwar il-provvista tal-gass naturali bbażata fuq evalwazzjoni bir-reqqa fil-livell Ewropew tal-aspetti ambjentali ta' soluzzjonijiet alternattivi kif ukoll fuq is-solidarjetà reċiproka bejn l-Istati Membri;

6. Jiddispjaċih dwar l-irwol marġinali li għandha l-UE f'dan il-proġett, b'mod partikulari l-Kummissjoni; jirrimarka li involviment akbar tal-UE inaqqas l-inċertezza li tinħass minn ħafna Stati Membri dwar il-proġett Nord Stream;

7. Jinnota l-oppożizzjoni espressa minn certi Stati Membri għall-proġett tas-sistema ta' pajpijiet ippjanat għaz-zona tal-Baħar Baltiku, li huwa patrimonju komuni tal-istati li jmissu mal-Baħar Baltiku, u mhux kwistjoni ta' relazzjonijiet bilaterali bejn l-istati; jikkunsidra, għaldaqstant, li l-proġett għandu jitwettaq b'koperazzjoni ma' kull wieħed mill-istati madwar il-Baħar Baltiku skond il-Konvenzjoni ta' Espoo, il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki u strumenti legali pertinenti oħra; jenfasizza l-importanza li r-Russja tlesti r-ratifika tagħha tal-Konvenzjoni ta' Espoo;

8. Jopponi, f'dan ir-rigward, it-twettiq ta' proġett fuq l-iskala proposta, mingħajr ma nkisbet qabel evalwazzjoni tal-impatt ambjentali pożittiva;

9. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li proġetti dwar l-enerġija li jinvolvu lill-Istati Membri tal-UE u lil pajjiżi terzi għandhom ikunu suġġett ta' interess Ewropew u ta' tħassib komuni għall-Unjoni Ewropea kollha u għaċ-ċittadini tagħha;

10. Jirrikonoxxi li n-Nord Stream qiegħda twettaq l-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali li għandha titressaq quddiem il-partijiet tal-oriġini kif definiti fil-Konvenzjoni ta' Espoo (ir-Russja, il-Finlandja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Ġermanja) għall-approvazzjoni tagħhom; iheġġeġ lill-kumpanija biex tressaq ir-riżultati tal-istudji u s-sett sħiħ tad-dejta tar-riċerka dwar is-sitwazzjoni ekoloġika tas-sit tal-proġett miġbura waqt l-istudji ambjentali, mhux biss quddiem dawk l-Istati, iżda wkoll quddiem il-HELCOM u l-Istati kollha ta' max-xtajta;

11. Jenfasizza li s-soluzzjoni sostenibbli fuq perjodu ta' żmien twil tirrikjedi trasparenza totali għall-partijiet kollha matul il-fażijiet kemm ta' kostruzzjoni u kemm ta' operazzjoni, u li l-fiduċja f'dan il-proġett kbir se tikber jekk l-istati li jmissu mal-Baħar Baltiku jkunu jistgħu jimmonitorjaw ix-xogħol;

12. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ biex janalizzaw l-impatt ambjentali tal-kostruzzjoni tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jinvolvu l-kunsiderazzjonijiet li jeħtieġu opinjoni tal-Kummissjoni, kif speċifikat fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE;

13. Jenfasizza li l-prinċipju tar-reċiproċità jrid ikun irrispettat għal kollox fir-rigward tal-investiment jekk l-interdipendenza bejn l-UE u r-Russja għandha tiżviluppa fi sħubija; jinnota li pajjiżi terzi jibbenefikaw ħafna mis-suq miftuħ tal-Ewropa, iżda jinnota wkoll li l-investituri Ewropej fir-Russja ma jingħatawx vantaġġi simili;

14. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni naqset li taċċetta l-proposta inkluża fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 2006 msemmija hawn fuq dwar il-preparazzjoni ta' evalwazzjonijiet tal-impatt fuq l-ambjent oġġettivi tal-proġetti proposti mill-Kummissjoni, waqt li jtenni s-sejħa tiegħu għall-preparazzjoni ta' evalwazzjoni bħal din minn korp indipendenti li għandu jinħatar billi jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet tal-istati kollha ta' max-xtajta;

15. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iwettqu evalwazzjoni bir-reqqa dwar jekk l-implimentazzjoni tal-proġett hijiex konformi mal-liġi Komunitarja u internazzjonali;

16. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-iskeda tal-proġett adottata min-Nord Stream, li l-implimentazzjoni tagħha se timpedixxi analiżi bir-reqqa tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali minn stati interessati, organizzazzjonijiet mhux governattivi u esperti tal-HELCOM; jinnota li analiżi dettaljata tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali teħtieġ skeda ta' żmien xierqa;

17. Jirrimarka li ħidma f'zona li tkopri sa 2 400 $km^2$ fil-Baħar Baltiku, li tirrikjedi l-użu ta' numru kbir ta' bastimenti u tagħmir ieħor, tista' tirrappreżenta theddida serja għall-bijodiversità u għan-numru ta' ħabitats, kif ukoll għas-sikurezza u l-operat bla xkiel tat-tbaħħir, fir-reġjun;

18. Jistenna li l-indħil possibbli mis-sistema ta' pajpijiet f'qiegħ il-baħar matul il-fażi tal-bini tkun parti mill-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali;;

19. Jistieden lill-iżviluppatur biex fl-abbozz tar-rapport dwar l-Evalwazzjoni tal-Impatt Ambjentali jinkludi termini ta' referenza komprensivi billi jipprovdi deskrizzjoni ċara tal-kundizzjonijiet ambjentali attwali fis-sit u billi jipprovdi dejta dwar il-ġeomorfoloġija tas-sit f'forma tridimensjonali;

20. Jesprimi tħassib kbir fir-rigward tar-rapporti li, qabel iqiegħed għall-użu s-sistema tal-pajpijiet tal-gass, l-investitur bi ħsiebu juża prodott kompost tossiku ħafna magħruf bħala aldeide glutarika; jistieden lill-investitur biex ma jużax din is-sustanza;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq studju ambjentali indipendenti u ta' min joqgħod fuqu li jeżamina l-emissjonijiet agrikoli u industrijali li qed iniġġsu l-Baħar Baltiku u biex tevalwa s-sitwazzjoni skond it-theddidiet ambjentali possibbli kkaġunati mis-sistema tal-pajpijiet tal-gass li attwalment għaddejja mill-Baħar Baltiku; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt addizzjonali fuq il-Baħar Baltiku kkaġunat mill-proġett Nord Stream;

22. Jistieden lill-iżviluppatur biex jiżgura li l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass ma jipperikolawx il-ħafna speċijiet ta' ħut u għasafar kif ukoll l-eżistenza ta' popolazzjoni ta' foċeni li hija biss ta' 600, u li huma speċi unika għal dan ir-reġjun ġeografiku;

23. Jikkunsidra li l-ħarsien tal-ambjent tal-Baħar Baltiku huwa parti mid-Dimensjoni tat-Tramuntana tal-UE u għandu jiġi kkunsidrat ukoll fil-qafas tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku fil-każijiet li fihom dan ikun xieraq;

24. Jinnota li l-prosperità tar-reġjuni kostali u l-kompetittività tal-ekonomiji tagħhom huma suxxettibbli ħafna għal, u pperikolati ħafna minn, zoni kostali mħassra u d-deterjorament tal-ambjent tal-baħar; jiġbed l-attenzjoni li, minħabba l-fatt li r-reġjuni kostali huma affettwati ħafna minn attivitajiet u politiki marittimi, is-sostenibilità ambjentali fuq perjodu ta' żmien twil hija prekundizzjoni għall-ħarsien tal-prosperità ekonomika, soċjali u ambjentali tagħhom;

25. Jinnota l-assenza ta' kwalunkwe strateġija li tindirizza n-nuqqas strutturali u t-theddid estern għas-sikurezza tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu definiti b'mod ċar l-aspetti kollha relatati mas-sikurezza u r-reazzjoni f'każ tal-emerġenza, inklużi r-riżorsi finanzjarji, il-partijiet ikkonċernati, l-irwoli u l-proċeduri;

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

26. Jenfasizza li minħabba t-talba dejjem tikber għall-gass fl-UE, għandhom ikunu analizzati u promossi rotot alternattivi għas-sistema tal-pajpijiet tal-gass, b'mod li jitqiesu l-aspetti ambjentali u kemm dawk ekonomiċi, inkluża l-iskeda għal rotot bħal dawn; jinnota li hu possibbli jkun hemm rotot bħal dawn lejn il-fruntiera tar-Russja mill-art, u li jgħaddu biss minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea; jinnota li n-Nord Stream hija meħtieġa li tressaq evalwazzjoni tal-alternattivi għar-rotta magħżula fl-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi bħal din fi djalogu mal-pajjiżi littorali interessati, l-investitur u l-HELCOM, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet tal-NGOs;

28. Jenfasizza li l-kwistjoni ta' kumpens ekonomiku għal kwalunkwe falliment jew ħsara, għandha tkun perfettament ċara qabel ikun biss jista' jinbeda x-xogħol; jirrimarka li ħsara kbira fis-sistema ta' pajpijiet tal-gass tista' twassal għal kumplikazzjonijiet għall-istati li għandhom fruntiera mal-Baħar Baltiku u tista' tkun devastanti għall-ambjent tal-baħar; jikkunsidra li n-Nord Stream għandha tieħu r-responsabilità sħiħa għall-kumpens;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu evalwazzjoni bir-reqqa tal-aspetti ekonomiċi, tal-baġit u dawk relatati mat-trasparenza fil-proġett tan-Nord Stream u tal-kumpaniji involuti fih;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-possibilitajiet li, fi ħdan is-sħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, min-Nordstream jiġi meħtieġ ir-rekwiżit li hu l-ekwivalenti ta' 'gwadann ta' ppjanar' b'rabta mal-possibilità ta' proġetti ta' riġenerazzjoni fil-fruntiera bejn il-Finlandja u r-Russja fejn huwa propost li s-sistema ta' pajpijiet tinbeda jew fil-kuntest tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku,

31. Jinnota d-deċiżjonijiet li ġejjin li ttieħdu mill-korpi tal-Istati Membri:

— id-deċiżjoni tal-Gvern tal-Iżvezja tat-12 ta' Frar 2008 li titlob għal aktar dokumentazzjoni minn Nord Nord Stream AG biex tibni s-sistema ta' pajpijiet tal-gass minħabba nuqqasijiet proċedurali u sustantivi sinifikanti u, b'mod partikulari, in-nuqqas ta' analiżi ta' rotta alternattiva u tal-possibilità li jkun abbandunat il-bini tal-pajp tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass;

— il-pożizzjoni tal-Parlament tal-Litwanja tas-27 ta' Marzu 2007, li tiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li tkun sospiża l-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali fuq skala kbira fil-Baħar Baltiku sakemm titwettaq analiżi dettaljata ta' soluzzjonijiet alternattivi flimkien ma' evalwazzjonijiet tal-impatt ambjentali indipendenti u komprensivi;

— id-deċiżjoni tal-Gvern tal-Estonja tal-21 ta' Settembru 2007 li ma jagħtix permess li jsiru studji taħt il-baħar fiz-zona ekonomika esklussiva tal-Estonja, minħabba d-dubji dwar l-ambitu u l-kobor ta' dawn l-istudji;

32. Jiddispjaċih li l-Green Paper 'Lejn Politika Marittima tal-Unjoni għall-ġejjieni' ma tindirizzax il-problema ta' proġetti fuq skala kbira bħas-sistemi ta' pajpijiet taħt il-baħar. Jiddispjaċih li fi strumenti legali u komunikazzjonijiet dwar l-istrateġiji rigward il-baħar li tibda hi, il-Kummissjoni normalment tinjora l-problema ta' sistemi ta' pajpijiet taħt il-baħar, li hija kruċjali mill-perspettivi kemm tal-ħarsien tal-ambjent kif ukoll tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE;

33. Jitlob li tkun ikkummissjunata evalwazzjoni tal-impatt ambjentali indipendenti, u li għandha tkun disponibbli għal konsultazzjoni approfondita mal-awtoritajiet relevanti u mal-pubbliku ġenerali tal-istati kollha ta' max-xtajta,

34. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza li titwettaq strateġija ta' komunikazzjoni trasparenti dwar il-passi li jikkonċernaw ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali, u li dawn ir-riżultati jiġu komunikati b'mod attiv lill-Istati Membri kollha tal-UE, speċjalment lill-istati Baltiċi li jmissu mal-baħar;

35. Itenni, għaldaqstant, is-sejħa li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2006 msemmija hawn fuq għall-proposta ta' mekkaniżmu obbligatorju għan-negozjazzjoni bejn l-Istati Membri u l-insistenza tiegħu li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni fil-livell internazzjonali biex ikunu żviluppati evalwazzjonijiet tal-impatt ambjentali obbligatorji fir-relazzjonijiet bejn l-UE u pajjiżi terzi;

36. Jinnota li l-assenjar ta' rotta għas-sistema tal-pajpijiet tal-gass tat-Tramuntana tal-Ewropa għandu jilħaq l-objettivi strateġiċi u ekonomiċi stipulati fid-Deċiżjoni 1364/2006/KE filwaqt li jevita li ssir kwalunkwe ħsara ambjentali;

37. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw illi l-bini tas-sistema tal-pajpijiet Nord Stream tkun kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-evalwazzjonijiet tal-impatt ambjentali u mal-konvenzjonijiet internazzjonali kollha;;

38. Jitlob, b'mod partikulari, lill-Kummissjoni biex tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-dokumenti msemmija hawn fuq, l-UNCLOS, il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki, il-Konvenzjoni ta' Espoo, il-Konvenzjoni ta' Århus, id-Direttivi 85/337/KEE, 97/11/KE, 92/43/KEE u 79/409/KEE, kif ukoll l-Artikolu 10 tat-Trattat KE u l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli, u biex tibda proċedimenti skond l-Artikolu 226 tat-Trattat KE f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmija hawn fuq;

39. Iqis, fid-dawl tal-qagħda politika u l-ambizzjonijiet ġeopolitiċi attwali tar-Russja, li hu ta' importanza kbira li r-Russja turi rieda tajba fir-rigward tal-koperazzjoni fil-politika għall-enerġija Ewropea; jenfasizza l-importanza li r-Russja tirratifika t-Trattat dwar il-Karta għall-Enerġija, u l-Protokoll tiegħu dwar it-Tranżitu, peress li din ir-ratifika se tnaqqas il-potenzjal għal kunflitt dwar proġetti bħal Nord Stream;

40. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, tevalwa s-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq riżultat tal-possibilità li titlesta s-sistema ta' pajpijiet tal-gass tan-Nord Stream, u jekk ikun meħtieġ, tieħu miżuri biex timpedixxi lill-Gazprom milli takkwista rwol dominanti fis-suq tal-gass tal-UE mingħajr ma tagħti garanzija reċiproka lill-kumpaniji tal-UE biex jidħlu fis-suq tal-enerġija Russu;

41. Jissuġġerixxi li tkun stabbilita sistema ta' superviżjoni komuni tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass, li tinkludi l-pajjiżi kollha tar-reġjun tal-Baħar Baltiku; jissuġġerixxi wkoll li l-obbligu għall-ħlas ta' kumpens għal ħsara ambjentali għandha jkun biss tan-Nord Stream;

42. Jinnota n-nuqqas ta' strutturi istituzzjonali li jkunu jistgħu jirreaġixxu b'mod xieraq għall-kwistjonijiet tas-sigurtà ambjentali u ġeopolitika assoċjati ma' dan il-proġett; jissuġġerixxi, għaldaqstant, li l-Kummissjoni għandha toħloq kariga xierqa bir-responsabilità għall-proġetti attwali u futuri, li tkun taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Viċi-President tal-Kummissjoni;

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Stabilizzar tal-Afganistan: sfidi għall-UE u l-komunità internazzjonali

P6_TA(2008)0337

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-Istabbilizzazzjoni tal-Afganistan: sfidi għall-UE u għall-komunità internazzjonali (2007/2208(INI))**

(2009/C 294 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-għadd ta' riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan u, l-aktar riċenti, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2006 [1],

— wara li kkunsidra l-Patt tal-Afganistan li ġie konkluż fil-Konferenza ta' Londra tal-1 ta' Frar 2006 u l-għarfien tal-Gvern Afgan u tal-komunità internazzjonali li s-suċċess tal-Ftehim jeħtieġ impenn politiku, ta' sigurtà u finanzjarju qawwi sabiex jintlaħqu l-punti ta' riferenza fl-iskadenzi ta' żmien miftehma, u jiddependi minn mekkaniżmu effettiv ta' koordinazzjoni u monitoraġġ,

(1) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.176.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern tan-Nazzjonijiet li tat kontribut lill-ISAF fl-Afganistan, ippubblikata fis-summit tan-NATO f'Bukarest fit-3 ta' April 2008,

— wara li kkunsidra r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2007 u tas-6 ta' Marzu 2008, dwar "Is-sitwazzjoni fl-Afganistan u l-implikazzjonijiet tagħha għall-paċi internazzjonali u s-sigurtà",

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-Konferenza Internazzjonali għall-Appoġġ tal-Afganistan li saret f'Pariġi fit-12 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Kontroll tad-Droga tal-Gvern tal-Afganistan imnedija fil-Konferenza ta' Londramsemmija hawn fuq,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-produzzjoni tal-oppju għal skopijiet mediċi fl-Afganistan ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet relevanti kollha tal-Kunsill, u b'mod partikulari l-konklużjonijiet tal-GAERC tal-10 ta' Marzu 2008, tad-29 ta' April 2008 u tas-26-27 ta' Mejju 2008,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/369/CFSP tat-30 ta' Mejju 2007 dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) ([2]) and l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/733/CFSP tat-13 ta' Novembru 2007 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/369/CFSP ([3]),

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Nazzjonali tal-Kummissjoni, li ddedika 600 miljun Euro għar-Repubblika Islamika tal-Afganistan għas-snin ta' baġit 2007-2010,

— wara li kkunsidra ż-żjara li għamlet id-delegazzjoni mill-ewwel kamra tal-Parlament Afgan (Wolesi Jirga) lill-Parlament Ewropew bejn is-26 u t-30 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0269/2008),

A. billi l-Afganistan jinsab f'salib it-toroq, kif jixhed il-fatt li żdiedu l-atti terroristiċi u l-insurġenza vjolenti, sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora, produzzjoni tal-oppju li qed tiżdied u nuqqas ta' kuntentizza populari li qed jiżdied dwar il-korruzzjoni u n-nuqqasijiet tal-gvern; u billi minkejja l-isforzi tal-komunità internazzjonali u s-suċċess parzjali fir-rigward tar-rikostruzzjoni ċivili, il-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-parti l-kbira tal-popolazzjoni Afgana ma tjibux; billi t-theddida attwali li qed jiffaċċja l-Afganistan tirrikjedi azzjoni fuq medda qasira ta' żmien iżda s-soluzzjonijiet fit-tul jistgħu jinkisbu biss bis-saħħa ta' titjib fil-governanza u l-ħolqien ta' stat aktar b'saħħtu,

B. billi l-Istati Uniti — bl-appoġġ tar-Renju Unit — nidiet l-Operazzjoni "Enduring Freedom" fis-7 ta' Ottubru 2001; billi erba' Stat Membri oħra tal-UE — ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Polonja u r-Rumanija — huma fost il-forzi ta' koalizzjoni li qed jipparteċipaw fl-operazzjoni; billi apparti Ċipru u Malta, l-Istati Membri kollha tal-UE jikkontribwixxu b'total ta' truppi ta' aktar minn 21,500 ruħ lill-missjoni ISAF immexxija min-NATO; billi l-ewwel timijiet ta' rikostruzzjoni provinċjali (PRTs) bdew ħidmiethom tard fl-2001 u bħalissa hemm madwar 25 PRTs li qed joperaw madwar il-pajjiż kollu,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0485.
([2]) ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33.
([3]) ĠU L 295, 14.11.2007, p. 31.
([4]) ĠU L 71, 14.3.2008.

C. billi hemm diskrepanza kbira bejn l-ammont ta' flus li qed tonfoq il-komunità internazzjonali fuq operazzjonijiet militari fuq naħa, u l-flus għar-rikostruzzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja fuq in-naħa l-oħra,

D. billi aktar minn nofs l-abitanti tal-Afganistan illum qegħdin jgħixu taħt il-linja tal-povertà u l-ekonomija tal-pajjiż hija waħda mill-aktar dgħajfa fid-dinja, bil-qgħad jilħaq 40 %,

E. billi s-settur tas-saħħa tal-Afganistan beda jagħti l-ewwel riżultati promettenti, bħalma huma t-tnaqqis ta' 24 % fir-rata ta' mortalità tat-tfal mill-waqgħa tat-Taliban, numru akbar ta' trabi li jibqgħu ħajjin wara l-ewwel sena tagħhom, u perċentwali aktar għoli ta' Afgani b'aċċess dirett għal-kura primarja tas-saħħa,

F. billi s-sistema edukattiva Afgana qed turi l-ewwel sinjali ta' żviluppi pożittivi bħalma huwa n-numru li qed jikber ta' tfal u partikularment bniet, studenti u għalliema li reġgħu lura lejn l-iskejjel, ir-riabilitazzjoni tal-iskejjel primarji li qed issir u t-taħriġ għall-għalliema,

G. billi għalkemm m'hemm l-ebda figuri uffiċjali dwar l-imwiet fost iċ-ċivili fl-Afganistan, ir-rapport tas-6 ta' Marzu 2008 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan jindika li fl-2007, il-livell ta' attività insurġenti u terroristika żdied sewwa meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Fl-2007 ġiet reġistrata medja ta' 566 inċident fix-xahar, meta mqabbla ma' 425 fix-xahar fis-sena ta' qabel. Mit-8,000 mewt relatata mal-kunflitt fl-2007, aktar minn 1,500 kien persuni ċivili — l-ogħla figura ta' mwiet sa minn meta tneħħa t-Taliban fl-2001,

H. billi l-Kostituzzjoni Afgana l-ġdida ma tiggarantixxix libertà reliġjuża sħiħa, minħabba li l-abbandun tal-Iżlam jibqa' reat punibbli,

I. billi l-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni u Monitoraġġ għall-Afganistan li ltaqa' bejn il-5 u s-6 ta' Frar 2008 f'Tokjo beda jħejji konferenza internazzjonali biex janalizza l-progress fl-implimentazzjoni tal-Patt tal-Afganistan adottat mill-Konferenza ta' Londra msemmija hawn fuq,

J. billi l-Istħarriġ ta' Valutazzjoni Rapida tax-Xitwa tal-Opju tal-Afganistan tal-2008 (li sar mill-Uffiċċju għad-Drogi u l-Kriminalità tan-Nazzjonijiet Uniti (UNODC) jikkonferma t-tendenzi tal-istħarriġ tal-2007, skond liema in-numru ta' provinċji mingħajr oppju fit-tramuntana u ċ-ċentru jista' jiżdied iżda l-livell ta' kultivazzjoni fin-nofsinhar u fil-punent probabbli li tikber; billi r-rapport tal-2007 minn naħa jirrepeti l-fehma żbaljata li provinċji mingħajr ebda kultivazzjoni jew bi ftit kultivazzjoni ta' pepprin huma "ħielsa mill-oppju" iżda jagħmel enfasi min-naħa l-oħra fuq ir-rabta bejn in-nuqqas ta' sigurtà u l-produzzjoni ta' narkotiċi; billi l-għodod prinċipali ta' politika kontra n-narkotiċi huma l-qerda tal-kultivazzjoni, il-projbizzjoni (li hija aktar kumplessa mill-arrest tat-traffikanti), u l-żvilupp (għajxien alternattiv) segwiti flimkien,

K. billi skond il-programm ta' detenzjoni sigrieta tal-Istati Uniti mijiet ta' priġunieri Afgani għadhom miżmuma f'diversi faċilitajiet detentivi, bħall-bażi militari ta' Bagram u Gwantanamo, bi ksur tal-liġi internazzjonali umanitarja u d-drittijiet tal-bniedem; billi l-priġunieri fil-kustodja Afgana għadhom qed jiffaċċjaw sistema ta' infurzar tal-liġi li m'għandhiex l-istandards minimi tal-istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem,

1. Hu tal-fehma li b'riżultat tal-aħħar 30 sena fil-ġrajja tal-Afganistan, li kienu kkaratterizzati mill-okkupazzjoni Sovjetika, il-ġlied bejn id-diversi fazzjonijiet ta' Mujahideen u r-ripressjoni tar-reġim tat-Taliban, il-pajjiż beda proċess ta' rikostruzzjoni importanti u kumplessa tas-soċjetà tiegħu u jeħtieġ ikompli jsaħħaħ l-istituzzjonijiet tiegħu u biex jipprovdi aħjar għall-ħtiġijiet bażiċi taċ-ċittadini tiegħu f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa, in-nutriment u s-sikurezza pubblika; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi u l-progress li sar mill-poplu Afgan u mill-istituzzjonijiet tal-pajjiż sa mill-2002 lejn l-istabbiliment tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-proċess lejn l-istabilità;

2. Hu konvint li l-pajjiż sar każ li jintuża bħala test għall-għajnuna internazzjonali għall-iżvilupp u l-koperazzjoni bilaterali u multilaterali; jenfasizza l-ħtieġa li l-komunità internazzjonali tkompli taħdem mal-Gvern Afgan u man-nies tal-Afganistan sabiex turi l-abilità tagħha li ġġib fit-tmiem iċ-ċirku vizzjuż tal-vjolenza u l-faqar u li tagħti lill-pajjiż il-prospett ta' paċi u żvilupp sostenibbli; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jipproponu inizjattiva għal Kunsill internazzjonali li fih id-donaturi ewlenin, il-kontributuri militari u l-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti possibbilment immexxi mill-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan u bbażat fuq il-kunċett tal-Kummissjoni għall-Bini tal-Paċi tan-Nazzjonijiet Uniti, jarmonizza l-isforzi differenti ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan;

3. Jiġbed l-attenzjoni għall-effetti dewwiema tal-gwerer li seħħew fil-pajjiż, il-miljuni ta' vittmi, persuni b'disabilità, refuġjati, persuni spostati u l-ispejjeż materjali li jirriżultaw mill-qerda tal-infrastruttura prinċipali kważi kollha kemm hi;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk terrorista fuq l-ambaxxata Indjana f'Kabul fis-7 ta' Lulju 2008, li kkawżat aktar minn 40 mewt, inkluż 4 membri tal-istaff tal-ambaxxata; jesprimi l-kondoljanzi l-aktar profondi lill-qraba, lil dawk midruba u lill-gvernijiet Afgani u Indjani.

5. Iqis li r-relazzjoni bejn l-Afganistan u l-Pakistan kienet is-sors ta' ħafna mill-instabilità fir-reġjun, u, għalhekk, jikkonkludi li l-istabilizzar tar-reġjun jeħtieġ politika komprensiva mmirata lejn dik ir-relazzjoni; jispera li, bil-gvern il-ġdid fil-Pakistan, it-titjib tar-relazzjoni bilaterali se jilħaq impetu ġdid; jemmen, madankollu, li mingħajr l-impenn u l-assistenza attivi tal-komunità internazzjonali ż-żewġ pajjiżi mhux se jkunu kapaċi jilliberaw ruħhom mir-relazzjoni bilaterali diffiċli tagħhom; jirrikonoxxi li s-sigurtà fl-Afganistan tiddependi ħafna mid-demokratizzazzjoni tal-Pakistan; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tnedi u tappoġġja miżuri li jnaqqsu t-tensjoni bejn l-Afganistan u l-Pakistan, inkluż programm għaż-żmien twil li jistabbilizza u jiżviluppa r-reġjun transkonfinali, li jkunu jinvolvu parteċipanti miż-żewġ naħat;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi u l-progress li sar mill-poplu Afgan u mill-istituzzjonijiet tal-pajjiż sa mill-2002 lejn l-istabbiliment tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tat-tiftix għall-istabbiltà; u jikkunsidra dawn il-kisbiet bħala estremament importanti meta mqabbla mal-problemi strutturali ta' nuqqas ta' legalità u ta' nuqqas ta' rispett tad-dinjità tal-bniedem li kkaratterizzaw l-Afganistan taħt ir-reġim Sovjetiku u taħt dak tat-Taliban;

7. Jikkunsidra b'mod partikolari li l-parteċipazzjoni massiva tal-popolazzjoni fil-fażijiet elettorali differenti tal-pajjiż tafferma l-volontà tan-nisa u tal-irġiel tal-Afganistan li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' pajjiż ibbażat fuq il-prinċipji tad-demokrazija attiva u parteċipattiva; jenfasizza li dawn l-elezzjonijiet ikkostitwixxew referenza fil-kuntest reġjonali u fil-pajjiżi fi transizzjoni li jkunu għaddejjin minn kunflitti kbar bl-armi;

8. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Afgani jkomplu fil-ġlieda tagħhom kontra kull forma ta' korruzzjoni, li jimplimentaw linji politiċi effikaċji ta' titjib tal-kundizzjonijiet soċjali tal-popolazzjoni;

9. Jinnota li fl-Afganistan, l-UE hija primarjament magħrufa bħala organizzazzjoni umanitarja, iżda jikkunsidra li hemm ukoll ħtieġa sabiex l-UE tidher bħala dik li għandha infuwenza politika aktar qawwija u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipproponi strateġiji li permezz tagħhom, waqt li tqis is-sovranità naturali tal-poplu Afgan, l-UE tista' ssaħħaħ il-viżibilità tagħha billi tagħti s-setgħa lill-magna burokratika, politika u ċivili sakemm l-infrastruttura governattiva tasal fi żmien ta' aktar stabilità u permanenza;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li l-komunità internazzjonali tikkoordina aħjar l-isforzi tagħha sabiex tipprovdi għajnuna ċivili effiċjenti u sostenibbli; għalhekk jitlob ukoll għal baġit ibbilanċjat li jalloka biżżejjed fondi għar-rikostruzzjoni ċivili u għall-assistenza umanitarja, minħabba li l-ħolqien tas-sigurtà u r-rispett għall-istat tad-dritt huma kwistjonijiet ta' importanza ewlenija;

11. Jilqa' l-fatt li fil-Konferenza internazzjonali imsemmija hawn fuq tat-12 ta' Ġunju 2008 mhux biss kien hemm donaturi ta' USD 21 Biljun Amerikan imma saret reviżjoni tal-proċeduri meħtieġa sabiex l-għajnuna internazzjonali tkun orjentata b'mod aktar effettiv u preċiż lejn il-prijoritajiet biex tiġi evitata l-korruzzjoni;

12. Jenfasizza li t-tisħiħ kbir tar-rieda u l-impenn politiku huwa neċessarju, u li dan għandu jiġi segwit mhux biss bir-rieda li jiġu pprovduti truppi addizzjonali għall-ġlied fl-aktar zoni diffiċi, mhux ristretti minn twissijiet nazzjonali, iżda wkoll minn sforzi urġenti u intensifikati ta' rikostruzzjoni ċivili, sabiex jiġu kkonsolidati l-kisbiet u terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-poplu Afgan fuq bażi fit-tul u sostenibbli; b'mod partikulari jikkunsidra li l-Operazzjoni "Enduring Freedom" tista' titqies bħala kontroproduttiva jekk il-pressjoni militari fuq l-insurġenti ma tiġix kumplimentata bi proċess politiku li permezz tiegħu l-awtoritajiet Afgani jkunu jistgħu jilħqu lill-partijiet kollha tal-populazzjoni li jirrikonoxxu l-Kostituzzjoni u li jċedu l-armi tagħhom; f'dan ir-rigward, huwa jinnota wkoll li l-komunità umanitarja — li tinkludi n-NU u l-organiżżazzjonijiet non-governattivi -għandha bżonn ittejjeb il-koordinazzjoni, tevita inizjattivi ad hoc u tiżviluppa l-istat ta' tħejjija u l-ippjanar tal-kontingenzi;

13. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tuża l-esperjenza u l-kompetenza tal-missjonijiet tagħha u ta' dawk tal-Istati Membri li diġà għandhom preżenza militari jew ċivili fit-territorju Afgan, fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' rikostruzzjoni tal-Afganistan;

14. Jappoġġja l-isforzi tan-NATO sabiex itejbu s-sigurtà tal-pajjiż, kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu lokali u internazzjonali, u jikkunsidra li l-preżenza ta' dawn il-forzi hija indispensabbli sabiex ikun żgurat il-futur tal-pajjiż;

15. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jappoġġaw l-isforzi sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu, l-estremiżmu reliġjuż, l-estremiżmu etniku, is-separatiżmu etniku u l-azzjonijiet kollha mmirati sabiex ifixklu l-integrità territorjali, l-unità tal-istat u s-sovranità nazzjonali tal-Afganistan;

16. Jiġbed attenzjoni għall-idea li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jappoġġaw lill-Afganistan fil-kostruzzjoni tal-istat tiegħu stess, b'istituzzjonijiet demokratiċi aktar b'saħħithom li huma kapaċi jassiguraw is-sovranità nazzjonali, l-unità tal-istat, l-integrità territorjali, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u l-prosperità tan-nies tal-Afganistan u jirrispettaw it-tradizzjonijiet storiċi, reliġjużi, spiritwali u kulturali tal-komunitajiet etniċi u reliġjużi kollha li jinsabu fit-territorju Afgan;

17. Jinnota li l-bżonnijiet ta' żvilupp mill-ġdid huma importantifl-Afganistan kollu, iżda li d-distribuzzjoni tal-għajnuna u s-sigurtà huma problemi partikulari fiz-zona ddominata mill-Pashtun, u għalhekk, jitlob li jitħaffef il-pass tal-attivitajiet ta' rikostruzzjoni fin-nofsinhar tal-Afganistan;

18. Jiġbed attenzjoni għall-fatt li l-UE għandha tħeġġeġ u tgħin lill-investituri Ewropej sabiex jinvolvu rwieħhom fir-rikostruzzjoni tal-Afganistan, sabiex ikunu preżenti fil-post u jiżviluppaw negozji hemmhekk;

19. Jirrimarka li l-problemi ewlenin li qed jiffaċċja l-pajjiż huma l-istabbiliment mill-ġdid tas-sigurtà u l-istabbiliment ta' stat li jiffunzjona; jinnota li l-problemi ta' sigurtà fl-Afganistan huma aktar kumplessi minn sempliċi ġlieda kontra t-terroriżmu, u għaldaqstant jirrikjedu aktar minn soluzzjoni militari; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sigurtà u l-istat tad-dritt huma interdipendenti, u li dan joħloq atmosfera tajba għall-iżvilupp uman, u li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt hu meħtieġ sabiex ikun possibbli li ċ-ċittadini tal-pajjiż jagħmlu għażliet ekonomiċi u soċjali li jippermettulhom jgħixu ħajja ta' valur u ta' saħħa, meta jkun akkumpanjat minn miżuri maħsuba biex jerġa' jkun stabbilit stat li jiffunzjona sabiex jitħares l-istat tad-dritt, ikun żgurat l-aċċess għas-servizzi pubbliċi bażiċi u jkunu żgurati opportunitajiet indaqs għall-poplu;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn mistqarr fil-Patt miftiehem dwar l-Afganistan "sabiex issir ħidma favur Afganistan stabbli u prosperu, bi tmexxija tajba u ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd skond l-istat tad-dritt"; huwa tal-opinjoni li fin-nuqqas ta' prijoritajiet ċari jew ta' kalendarju ċar, il-Patt għandu jkollu linji gwida definiti dwar kif jistgħu jintlaħqu dawn l-objettivi ambizzjużi, u għaldaqstant jenfasizza l-ħtieġa li d-donaturi jiżguraw li l-programmi tagħhom ikunu adattati għal dan it-tip ta' prijoritajiet fil-livelli ċentrali u provinċjali, u li r-riżorsi allokati jintużaw b'mod xieraq u effettiv;

21. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tkun żviluppata strateġija bilanċjata u sostenibbli għar-riforma tas-settur tas-sigurtà, strateġija li tipprovdi għal armata nazzjonali u forza tal-pulizija li jkunu professjonali; jenfasizza li s-sistema ġudizzjara Afgana hija fi bżonn estrem ta' investiment u li hemm bżonn urġenti li tingħata attenzjoni għaż-żieda fil-kapaċità u l-abbiltà tagħha;

22. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minkejja xi kisbiet li saru s'issa, ir-riżultati ġenerali tal-isforzi għal riforma fil-pulizija matul l-aħħar ħames snin kien ta' diżappunt, u juru d-diffikultajiet serji li qegħda tiffaċċja l-komunità internazzjonali fil-post fejn jidhol it-twaqqif ta' istituzzjonijiet; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali b'mod ġenerali, u l-missjoni tal-pulizija tal-UE b'mod partikolari, sabiex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw il-forza tal-pulizija tal-Afganistan stess, ikkaratterizzata mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

23. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-mandat tal-EUPOL jipprovdi għal kompiti li "jappoġġaw konnessjonijiet bejn il-pulizija u l-istat tad-dritt f'sens aktar wiesa", u għaldaqstant jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jikkoordinaw aħjar l-attivitajiet rispettivi tagħhom sabiex jassiguraw li l-politiki tal-UE huma aktar koerenti u effiċjenti; jikkunsidra li huwa daqstant importanti li l-UE iżżid ir-riżorsi maħsuba għall-EUPOL konsiderevolment, kemm f'dak li huma ħaddiema kif ukoll finanzi; jenfasizza l-fatt li riforma komprensiva tal-Ministeru tal-Intern hija indispensabbli u li din hija ħidma l-ewwel u qabel kollox politika, u problema teknika sa ċertu punt, fis-sens li mingħajrha, l-isforzi għar-riforma tal-pulizija ma jirnexxux, u għaldaqstant jagħti importanza kbira lil għan ieħor tal-EUROPOL, jiġifieri l-għan li "jagħmel monitoraġġ, iservi ta' gwida, jagħti pariri u jagħmel taħriġ fil-livell tal-Ministeru Afgan tal-Intern, ir-reġjuni u l-provinċji"; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-programm ta' EUR 2.5 miljun taħt l-Istrument ta' Stabbilità [1] dwar il-miżuri sabiex issir riforma għall-ħatra tal-imħalfin u tal-prosekuturi, u jistenna li din l-iskema pilota sservi sabiex jiġi żviluppat programm ta' riforma fit-tul għas-settur tal-ġustizzja għall-2009;

24. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-missjoni tal-EUPOL għad trid tilħaq is-saħħa kollha tagħha minkejja li għaddiet sena minn meta tnediet fil-15 ta' Ġunju 2007, u jinnota li anke meta tkun qed taħdem b'mod sħiħ, din tikkonsisti biss f'persunal magħmul minn195 persuna li jissorveljaw deċiżjonijiet ta' livell għoli f'Kabul u fiċ-ċentri provinċjali; jikkunsidra li d-dikjarazzjoni riċenti tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Afgan li mill-anqas 700 ħarrieġ ieħor huma meħtieġa b'mod urġenti fil-pajjiż, u tal-kontribut li dan in-nuqqas għamel għas-sitwazzjoni li fiha r-rati ta' mortalità huma ferm ogħla għall-pulizija milli għall-armata; jindika li l-gvern Ġermaniż offra li jżid il-kontribut tiegħu stess minn 60 għal 120 ħarrieġ jekk isiru impenni simili minn pajjiżi oħra tal-UE; jitlob li jkun hemm aktar koordinazzjoni tal-isforzi tal-UE u tal-Istati Uniti għat-taħriġ tal-pulizija ċivili tal-Afganistan;

25. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimpenjaw irwieħhom, fil-kuntest tal-programm ta' għajnuna għall-Afganistan, biex jirrifurmaw is-sistema legali, bil-għan li jagħmlu s-sistema ġudizzjarja Afgana professjonali permezz tal-istituzzjonijiet ewlenin tiegħu, jikkonċentraw fuq il-Qorti Suprema, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-Ministeru tal-Ġustizzja, bil-għan li jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-parti tad-difiża, billi tkun provduta l-għajnuna legali meħtieġa lil gruppi vulnerabbli, u jkunu garantiti d-drittijiet tad-difiża; jitlob li l-konformità mar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 62/149 tat-18 ta' Diċembru 2007 dwar moratorju fuq l-użu tal-piena kapitali bħala waħda mill-prijoritajiet tal-isforzi Ewropej għal riforma fis-sistema tal-ġustizzja fl-Afganistan;

26. Jemmen bil-qawwa li l-PRTs għandhom jikkonċentraw fuq objettivi speċifiċi li jikkonċernaw is-sigurtà, it-taħriġ u l-ħidma mal-pulizija u mal-militar Afgani, u l-appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni tal-gvern ċentrali f'zoni mhux sikuri; jenfasizza l-ħtieġa li jerġa' jkun definit is-sehem tal-PRTs, b'mod partikulri rigward il-kooordinazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejniethom; hu konvint li minkejja li s-sigurtà u l-iżvilupp huma interdipendenti fl-Afganistan, hemm linja ċara bejn l-azzjoni militarji u umanitarja li jeħtieġ tinżamm, u li l-professjonisti tas-sigurtà u l-iżvilupp għandhom għaldaqstant jagħmlu l-aħjar użu mill-elementi b'saħħithom u mill-għarfien professjonali tagħhom; jemmen li n-numru ta' Afgani li jaħdmu fil-PRTs għandu jiżdied u li l-proprjetà lokali għandha tiġi mtejba kemm jista' jkun;

[1] Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p.1).

27. Jappoġġa bil-qawwa l-fehma li hemm ħtieġa urġenti li tkun żviluppata u msaħħa s-soċjetà ċivili li qed titwieled fl-Afganistan, u li se jinħtieġu ħafna żmien u sforzi sabiex b'mod gradwali tiżviluppa kuxjenza ġenerali dwar l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-libertajiet fundamentali, u b'mod partikulari l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-edukazzjoni u l-ħarsien tal-minoranzi; jenfasizza li soċjetà ċivili b'saħħitha tista' tiżviluppa biss f'ambjent politiku li huwa karatterizzat minn istituzzjonijiet stabbli u effiċjenti u minn partiti politiċi organizzati sew; jikkunsidra li sabiex tingħeleb il-kultura ta' vjolenza li tiddomina s-soċjetà Afgana, il-komunità internazzjonali tad-donaturi għandha tagħti l-appoġġ finanzjarju u tekniku lill-proġetti lokali maħsuba għar-rikonċiljazzjoni; jikkunsidra li l-Unjoni Ewropea għandu jkollha rwol dejjem aktar importanti fl-appoġġ għas-soċjetà ċivili Afgana; jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament u s-soċjetà ċivili Afgani jkollhom sehem sħiħ fl-ipprogrammar tal-koperazzjoni tal-iżvilupp tal-UE; u b'mod partikulari fl-abbozzar ta' Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali;

28. Jemmen li t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili Afgana jkollu suċċess biss jekk il-gruppi etniċi u reliġjużi kollha jkunu rappreżentati u jinstemgħu, u jinkludi wkoll il-kooperazzjoni mal-kapijiet tribali tradizzjonali(kif diġà sar fl-hekk imsejjaħ "Uffiċjali ta' Kollegament Tribali");

29. Jenfasizza li l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni hija essenzjali sabiex tinħoloq soċjetà demokratika; huwa mħasseb ħafna dwar in-numru dejjem jikber ta' attakki fuq ġurnalisti u jitlob lill-awotritajiet Afgani sabiex jinvestigaw b'mod serju dawn il-vjolazzjonijiet; Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol tal-media indipendenti fl-Afganistan, li stabbilixxiet mill-ġdid livell ta' pluraliżmu tal-informazzjoni fil-pajjiż wara deċennji ta' nuqqas ta' kwalunkwe libertà ta' espressjoni; jikkunsidra li l-libertà tal-istampa u tal-espressjoni huma kundizzjonijiet indispensabbli għall-iżvilupp soċjali tal-pajjiż u tar-relazzjonijiet bejn l-Afganistan u l-Unjoni Ewropea; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-President Karzai irrifjuta li jiffirma l-abbozz tal-liġi dwar il-media fil-15 ta' Diċembru 2007, wara li dan kien ġie approvat miż-żewġ kmamar tal-parlament; jistieden lill-President sabiex jiċċara l-istejtus tal-abbozz ta' liġi dwar il-media u jfakkar fl-impenn tal-gvern fil-Patt dwar l-Afganistan li jiżviluppa media "indipendenti u pluralistika"; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-libertà tal-espressjoni, ipperikolata permezz tas-sentenzi mogħtija kontra bloggers u ġurnalisti indipendenti, u jitlob lill-gvern Afgan biex jimpenja ruħu li jiggarantixxi libertà effettiva tal-kelma għaċ-ċittadini kollha tiegħu, u dan jibda mid-difiża tal-libertà tal-Internet;

30. Jenfasizza l-importanza ta' liġi dwar il-mezzi tax-xandir li tħares 'il quddiem għall-iżvilupp ta' soċjetà aktar inklużiva, tolleranti u demokratika li tibża' għall-valuri reliġjużi u kulturali tal-pajjiż mingħajr ma trażżan l-attivitajiet u l-indipendenza tal-mezzi tax-xandir bl-iskuża tas-sigurtà nazzjonali jew ir-reliġjon u l-kultura;

31. Ifisser it-tħassib tiegħu għall-integrità fiżika tas-Sra Malalai Joya, Membru tal-Wolesi Jirga, u jitlob lill-awtoritajiet Afgani biex jiggarantixxu l-protezzjoni tagħha; jitlob lill-awtoritajiet Afgani sabiex jeħilsu lil Latif Pedram, fundatur tal-Partit tal-Kungress Nazzjonali tal-Afganistan mill-arrest fid-domiċilju, iwaqqgħu l-akkużi kontrih u jagħtu assikurazzjonijiet dwar is-sigurtà tiegħu;

32. Itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet Afgani sabiex jintroduċu moratorju fuq il-piena tal-mewt; jesprimi t-tħassib kbir tiegħu għall-ħajja ta' Perwiz Kambakhsh u għexieren ta' individwi oħrajn li qegħdin jiffaċċjaw is-sentenza tal-mewt f'sistema ġudizzjarja li għadha mhux kapaċi tiżgura li jsir ġuri ġust, u jitlob lill-President Karzai biex jibdel is-sentenzi tagħhom;

33. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress tal-Afganistan għat titjib tar-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-politika; jesprimi s-solidarjetà tiegħu man-nisa kollha li jiġġieldu fil-pajjiż biex jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet tagħhom; għadu mħasseb dwar id-differenzi kbar fid-dħul li jaqilgħu l-irġiel u n-nisa, ir-rata baxxa ħafna ta' litteriżmu fost in-nisa, l-inġustizzji li jbatu n-nisa u l-bniet — ikkaġunat minn prattiċi kulturali — kemm billi l-membri tal-familja u tal-komunita jiċħdulhom l-aċċess għal servizzi bażiċi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni u kemm n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjegar, kif ukoll il-livelli għolja ta' vjolenza domestika u diskriminazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-miżuri maħsuba għall-ħarsien tad-drittijiet tan-nisa jiddaħħlu fir-riforma legali u politika; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex b'mod attiv jappoġġjaw din l-inizjattiva u sabiex jiddedikaw fondi għal miżuri bħal passi attivi biex iżidu n-numru ta' bniet li jinkitbu biex imorru l-iskola u għar-reklutaġġ ta' għalliema nisa, li se jgħinu biex tiżviluppa l-kapaċità tal-pajjiż li jħares id-drittijiet tan-nisa, bniet u tfal, minħabba li dawn tal-aħħar huma wkoll vittmi ta' vjolenza domestika u sfruttament sesswali ikkaġunati minn prattiki kulturali u x-xogħol li jisfrutta u t-traffikar; aktar minn hekk, jappella għal miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-problemi li qed isibu ma' wiċċhom in-nisa Afgani fis-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni;

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

34. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li sa minn Marzu 2002, l-Uffiċju ta-Kummissjonarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati għen 3.69 miljun rifuġjat Afgan sabiex jirritornaw lura fl-Afganistan, u b'hekk wettaq l-akbar operazzjoni ta' ritorn megħjun fl-istorja tiegħu, iżda li, minkejja dan, għad hemm madwar 3.5 miljun Afgan, reġistrati jew mhumiex, fil-Pakistan u fl-Iran; huwa mħasseb dwar it-tnaqqis fil-fondi għar-rifuġjati Afgani u jenfasizza li ż-żamma ta' programm effiċjenti ta' ripatrijazzjoni aktarx se jinvolvi aktar spejjeż, billi r-rifuġjati li baqa' fil-Pakistan u fl-Iran għandhom anqas riżorsi u rabtiet aktar dgħajfa mal-Afganistan minn dawk li diġa marru lura; jenfasizza li l-mawra lura sikura u volontarja tar-rifuġjati Afgani u ta' persuni li kienu mġegħla jħallu djarhom, għandha tkun prijorità għolja għall-Afganistan u għall-komunità internazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-fondi għar-rijintegrazzjoni tar-refuġjati;

35. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar it-tkabbir u t-traffiku dejjem jikbru tal-oppju, li jwasslu għal implikazzjonijiet politiċi u ta' sigurtà nazzjonali serji fl-Afganistan u fil-pajjiżi ġirien; jenfasizza li l-ekonomija bbażata fuq l-oppju għadha għajn ta' korruzzjoni u tikkomprometti l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-aktar dawk fl-oqsma tas-sigurtà u tal-ġustizzja; billi m'hemm l-ebda soluzzjoni "ta' malajr", u peress li l-miżuri ħarxa maħsuba sabiex jeqirdu l-uċuħ tal-oppju weħidhom ma jistgħux jagħtu r-riżultati mistennija, jistieden lill-komunità internazzjonali immexxija mill-gvern Afgan sabiex tiżviluppa strateġija fit-tul li tkun immirata b'mod ewlieni lejn l-iżvilupp rurali komprensiv, inkluż il-ħolqien tal-infrastruttura meħtieġa u ta' istituzzjonijiet amministrattivi li jaħdmu; jilqa' b'sodisfazzjon id-djalogu li qiegħed jiżdied bejn l-Afganistan, l-Iran u l-komunità internazzjonali dwar modi ta' kif jistgħu jitrażżnu l-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-oppju;

36. Jitlob lill-gvern tal-Istati Uniti biex jabbanduna l-politika tiegħu tal-qerda tal-kultivazzjoni u b'mod partikulari l-użu tar-"Roundup" għall-isprejjar mill-ajru, sustanza li hija assoċjata ma' riskji serji għall-ambjent u għas-saħħa, billi l-fatt li jiġu mmirati l-bdiewa tal-pepprin se jġib biss mibgħeda għall-preżenza tat-truppi internazzjonali;

37. Huwa mħasseb dwar il-problemi soċjali u ta' saħħa maġġuri kkawżati mill-vizzju tad-droga b'mod ġenerali, u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi għal nisa Afgani b'mod partikolari, li għandhom dan il-vizzju; jirreferi għal stħarriġ tal-UNODC tal-2005 skond liema, kien hemm 920 000 persuna li tagħmel użu mid-droga fl-Afganistan, li minnhom 120 000 kienu nisa; jenfasizza d-dikjarazzjoni li hemm fl-istħarriġ li, minflok tara l-vizzju tad-droga bħala problema soċjali, is-soċjetà Afgana taraha bħala problema individwali, u ħafna nisa jużaw id-drogi għal għanijiet mediċi biex itaffu u jagħmlu tajjeb għal firxa ta' problemi fiżiċi u psikoloġiċi; jinnota li, minkejja li hemm pieni ħorox għal min ikabbar, jittraffika u juża d-droga, il-gvern tal-Afganistan bħalissa mhuwiex kapaċi jinforza l-liġijiet f'dak ir-rigward; iħeġġeġ lill-gvern Afgan u lill-komunità internazzjonali sabiex ifasslu, jiffinanzjaw u jimplimentaw programmi, attivitajiet u kampanji ta' tqajjim ta' għarfien addattati li jkollhom fil-mira lin-nisa u lill-familji tagħhom;

38. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni indirizzati biex jgħinu lill-Afganistan u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tevalwa b'mod regolari l-effettività tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-kontribut tal-Kummissjoni lill-Fondi Fiduċjarji; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex iżżomm lill-Parlament infurmat kif xieraq dwar ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni;

39. Ifakkar fl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew, fil-baġit tal-2008 tiegħu, li jappoġġja l-bini tad-demokrazija mal-parlamenti f'pajjiżi terzi, u jiddeċiedi li jużaha għall-bini tal-kapaċità u għajnuna teknika mmirata għat-titjib tal-ħila tal-Parlament Ewropew li jsawwar liġijiet u jimmonitorja l-lat eżekuttiv, b'mod speċjali billi jipproteġi l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u tad-drittijiet tan-nisa b'mod partikolari;

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u l-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Islamika tal-Afganistan.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 u għall-Arġentina għall-2008

P6_TA(2008)0338

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 u għall-Arġentina għall-2008**

(2009/C 294 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni fl-iżvilupp ([1]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil u l-Arġentina għall-2008 (CMTD-2008 — 0263 — D000422-01, CMTD-2008-0263 — D000421-01),

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fil-10 ta' Ġunju 2008 mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 ("Il-Kumitat tat-Tmexxija tal-Istrument dwar il-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI)"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2008 dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regola 81 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fl-10 ta' Ġunju 2008, il-Kumitat tat-Tmexxija tad-DCI ivvota favur l-abbozz ta' Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil u l-Arġentina għall-2008 (CMTD-2008-0263 — D000422-01, CMTD-2008-0263 — D000421-01),

B. billi, skond l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u l-Artikolu 1 tal-Ftehima fuq imsemmija tat-3 ta' Ġunju 2008, il-Parlament Ewropew irċieva l-abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni mressqa lill-Kumitat tat-Tmexxija tad-DCI u r-riżultati tal-votazzjoni,

C. billi l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistipula li "l-objettiv primarju u l-iktar importanti ta' koperazzjoni skond dan ir-Regolament għandu jkun l-eliminazzjoni tal-faqar fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli",

D. billi l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistipula li miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1) ([4]) għandhom ikunu mfassla sabiex jissodisfaw il-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbiliti mill-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Assistenza tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u għall-Iżvilupp (OECD/DAC)',

E. billi, fid-"Direttivi dwar ir-Rappurtaġġ għas-Sistema tar-Rappurtaġġ tal-Krædituri" (DCD/DAC (2002) 21), l-OECD/DAC tiddefinixxi l-ODA bħala flussi finanzjarji lejn pajjiżi fil-Lista tad-DAC ta' Benefiċjarji tal-Għajnuna li għalihom, inter alia, "kull tranżazzjoni hija amministrata bil-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u l-ġid tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala l-objettiv ewlieni tagħha",

([1]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([3]) ĠU C 143, 10.6.2008, p.1.
([4]) Artikolu 1(1): Il-Komunità għandha tiffinanzja miżuri mmirati bħala appoġġ għall-koperazzjoni ma' pajjiżi, territorji u reġjuni li qed jiżviluppaw (…)..

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*Il-Brażil*

1. Jinnota li l-abbozz tal-Programm ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 fih il-Programm Akkademiku ta' Mobilità għall-Brażil 2008-2010 (li huwa t-Tieqa għal Kooperazzjoni Esterna tal-Erasmus Mundus għall-Brażil) bħala l-unika azzjoni, u li din l-azzjoni taqa' taħt is-settur I ta' prijorità għall-Karta ta' Strateġija tal-Pajjiż bit-titolu "It-titjib tar-relazzjonijiet bilaterali, Azzjoni 2: Il-programm ta' edukazzjoni għolja għall-Brażil" u li l-finanzjament għall-mobilità tal-istudenti u l-istaff akkademiku li huma ċittadini tal-UE (sa 30 % tal-finanzjament totali tal-mobilità individwali tal-studenti u l-istaff) huwa stipulat bħala element importanti tal-tal-Programm ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008;

*L-Arġentina*

2. Jinnota li l-abbozz Annwali tal-Programm ta' Azzjoni għall-Arġentina għall-2008 fih it-Tieqa għal Kooperazzjoni Esterna tal-Erasmus Mundus għall-Argentina bħala l-unika azzjoni, u li din l-azzjoni taqa' taħt is-settur fokali tal-Karta ta' Strateġija tal-Pajjiż bit-titolu "It-titjib tar-relazzjonijiet bilaterali u l-ftehim reċiproku bejn il-KE u l-Arġentina" u li l-finanzjament tal-mobilità tal-istudenti u l-istaff akkademiku li huma ċittadini tal-UE (sa 30 % tal-finanzjament tal-mobilità individwali għall-istudenti u l-istaff) huwa stipulat bħala element importanti tal-Programm ta' Azzjoni Annwali għall-Arġentina għall-2008;

*

* *

3. Hu tal-opinjoni li l-Kummissjoni, minħabba dan, tisboq, fil-Programm ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil għall-2008 u fil-Programm ta' Azzjoni Annwali għall-Arġentina għall-2008, il-poteri tal-implimentazzjoni tagħha stabbiliti fl-att bażiku, ġaladarba l-elementi msemmija hawn fuq mhumiex konformi mal-Artikolu 2(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006, billi l-objettiv ewlieni ta' dawn l-elementi mhuwiex l-eliminazzjoni tal-faqar, u billi dawn l-elementi ma jissodisfawx il-kriterji għall-ODA kif stabbilit mill-OECD/DAC ([1]);

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirtira l-abbozzi tad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-Programmi ta' Azzjoni Annwali għall-Brażil u l-Arġentina għall-2008 u biex tippreżenta lill-Kumitat ta' Tmexxija tad-DCI abbozzi ta' deċiżjonijiet ġodda li jirrispettaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) jiġifieri, li "kull tranżazzjoni tiġi amministrata sabiex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala l-objettiv ewlieni tagħha" (Skeda tal-fatti tal-OECD/DAC għal Ottubru 2006, "Hija l-ODA?" p.1).

## Il-prijoritajiet tal-UE għat-63 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

P6_TA(2008)0339

**Rakkomondazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għat-63 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2008/2111(INI))**

(2009/C 294 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta ta' Alexander Lambsdorff u Annemie Neyts-Uyttebroeck f'isem il-Grupp ALDE għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill fit-63 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) (B6-0176/2008),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2005 tas-Segretarju tan-NU bit-titolu "F'Libertá Akbar", ir-riżoluzzjoni sussegwenti 60/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-eżitu tal-Laqgħa Għolja Dinjija 2005 u r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tas-7 ta' Marzu 2006 bit-titolu "Ninvestu fin-Nazzjonijiet Uniti: għal organizzazzjoni dinjija aktar b'saħħitha",

— wara li kkunsidra l-Prijoritajiet tal-UE għat-62 Assemblea Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-29 ta' Jannar 2004 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ([1]) u tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-riforma tan-Nazzjonijiet Uniti ([2]) u tad-29 ta' Settembru 2005 dwar l-eżitu tal-Laqgħa Għolja Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti ta' bejn l-14 u s-16 ta' Settembru 2005 ([3]),

— wara li kkunsidra l-lista preliminari ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu nklużi fl-aġenda provviżorja tat-63 sessjoni regolari tal-Assemblea Ġenerali tal-11 ta' Frar 2008 u b'mod speċifiku għall-punti bit-titolu "Iż-Żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali", "L-iżvilupp tal-Afrika", "Il-Promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem" u l-"L-Immaniġġjar tar-Riforma",

— wara li kkunsidra r-riżultati tad-Disa' Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (COP 9), li saret mid-19 sat-30 ta' Mejju 2008 f'Bonn,

— wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Reviżjoni tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 90 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarjiet Barranin (A6-0265/2008),

A. billi l-politika barranija tal-UE hi msejsa fuq appoġġ qawwi u ċar għal multilateraliżmu effettiv, kif inkorporat fil-Karta tan-NU,

B. billi l-UE hi sieħbapolitika u finanzjarja ewlienija tan-Nazzjonijiet Uniti fil-ġlieda kontra l-faqar u fil-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, waqt li tipprovdi sigurtá kollettiva, inkluż il-ħarsien tal-għejxien ta' popolazzjonijiet fil-periklu, u tappoġġja d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha,

C. billi l-aġenda ta' riforma tan-Nazzjonijiet Uniti, li tinkludi t-twaqqif ta' korpi ġodda, it-tiġdid radikali ta' oħrajn, ir-ristrutturazzjoni tal-immaniġġjar tal-operazzjonijiet fuq il-post, ir-rijorganizzazzjoni tat-twassil tal-assistenza kif ukoll ir-riforma fil-fond tas-Segretarjat tiegħu, hija estremament ambizzjuża u teħtieġ appoġġ politiku kontinwu, b'mod partikolari fi żmien meta, wara d-definizzjoni tal-qafas ta' politika ġdida, l-istadju ta' implimentazzjoni jkun beda,

D. billi żewġ entitajiet ewlenin ġodda, il-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kummissjoni għat-Tkattir tal-Paċi (PBC), daħlu f'fażi kruċjali, li fiha urew l-abilità tagħhom li jiksbu l-għanijiet rispettivi stabbiliti għalihom mill-Istati Membri tan-NU,

E. billi r-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li ilha mistennija, għandha trid tinkiseb, meta jiġi meħud kont tas-sensitivitajiet involuti kif ukoll it-tensjoni bejn responsabilità diretta akbar u żieda fil-bilanċ ġeopolitiku, min-naħa, u l-bżonn li tkun żgurata l-effiċjenza u l-effettività ta' din l-entità, min-naħa l-oħra,

F. billi l-2008 hija sena importanti ħafna għall-isforzi biex jiġi eradikat il-faqar u biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp (MDGs) sa l-2015, u billi l-Istati Membri tal-UE għandhom jipprovdu tmexxija globali qabel il-laqgħat ewlenin rilevanti li għandhom isiru fit-tieni nofs ta' din is-sena,

G. billi, fir-rigward tal-ilħuq tal-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp (MDGs), l-isforzi tal-UE jservu bħala katalist importanti u bħala eżempju għal donaturi oħra, iżda madankollu, jekk it-tendenzi attwali ma jitreġġgħux lura, xorta se jkunu inqas, b'EUR 75 biljun sa l-2010, mill-impenji uffiċjali tal-UE fir-rigward tal-għajnuna għall-iżvilupp,

H. billi fl-Afrika ta' taħt is-Sahara ħafna pajjiżi m'hu se jaslu biex jilħqu ebda MDG, u billi f'ħafna pajjiżi bi dħul medju wkoll hemm reġjuni u gruppi etniċi magħmula minn miljuni ta' persuni li qed jagħmlu progress li mhux sodisfaċenti sabiex jintlaħqu l-miri,

([1]) ĠU C 96 E, 21.4.2004, p. 79.
([2]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 549.
([3]) ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 582.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

I. billi ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-ikel u t-tkabbir globali li qed iseħħ b'rata inqas mgħaġġla qed jheddu li jtawlu l-progress fir-rigward tal-MDGs b'madwar 7 snin sakemm ma jkunx hemm aktar investiment fis-settur agrikolu u fl-industrija agroalimentari fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw,

J. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU ddeċidiet li fl-4 u fil-5 ta' Ottubru 2007 jsir id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-koperazzjoni interreliġjuża u interkulturali għall-promozzjoni tat-tolleranza, tal-ftehim u tar-rispett universali fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' libertà tar-reliġjon u tat-twemmin u ta' diversità kulturali, b'koordinazzjoni ma' inizjattivi simili f'dan il-qasam,

K. billi l-2008 hija s-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali,

L. billi l-aġenda tal-Assemblea Ġenerali tan-NU għadha mhijiex iffukata u standardizzata biżżejjed, u li għandha bżonn tkun sabiex ix-xogħol ta' din l-entità jsir aktar konsistenti u biex tiffaċilità s-segwitu tar-riżoluzzjonijiet tagħha,

M. billi d-Dipartiment tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Operazzjonijiet għaż-Żamma tal-Paċi attwalment jimmaniġġja 20-il operazzjoni fil-post li jinvolvu 'l fuq minn 100 000 truppa, li minnhom nofs huma fl-Afrika,

N. billi l-grad ta' koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE fi ħdan in-NUjvarja sew minn entitá għall-oħra u minn politika għall-oħra,

O. billi din il-koordinazzjoni ma għandhiex tinkiseb bi ħsara għan-negozjati ma' pajjiżi minn blokk ġeopolitiku ieħor, li huma pre-rekwiżit essenzjali biex ikunu stabbiliti alleanzi meħtieġa fi ħdan in-NU,

P. billi din il-koordinazzjoni titlob koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-gruppi ta' ħidma relevanti tal-Kunsill ibbażati fi Brussell u l-uffiċċji tal-UE kif ukoll ir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri ta'l-UE fi New York u f'Ġinevra,

Q. billi t-Trattat ta' Liżbona jagħti personalitá ġuridika lill-UE, innovazzjoni li se jkollha riperkussjonijiet importanti ħafna għar-rappreżentazzjoni tal-UE fin-NU,

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

***L-UE fin-NU u r-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona***

a) jitlob sabiex il-prijoritajiet politiċi tal-UE għas-sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li jmiss, ikunu s-suġġett ta' dibattitu fil-fond u wiesa' bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni,

b) jikkunsidra li din il-pożizzjoni formali tal-Kunsill rigward il-prioritajiet tal-Assemblea Ġenerali tal-NU għandha tkun meqjusa mir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri fi New York bħala pjattaforma politika li torbot u li għandha tintuża bħala bażi għal negozjati ma' pajjiżi oħra,

c) jemmen li l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE fi ħdan in-NU għandha b'mod ġenerali tibda fil-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill, b'hekk ikun aktar faċli għad-diplomatiċi ta' New York li jiksbu pożizzjoni komuni dwar kwistjonijiet speċifiċi fl-entitajiet tan-NU u jkun hemm aktar żmien għall-konsultazzjonijiet u għan-negozjati ma' gruppi reġjonali oħra jew pajjiżi li jiffurmaw parti minn gruppi oħra bħal dawn,

d) jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw rijorganizzazzjoni u espansjoni tal-uffiċċji tagħhom fi New York u f'Ġinevra fid-dawl taż-żieda fis-setgħat u fir-responsabilitajiet li r-rappreżentanti tal-UE se jkunu mistennija li jeżerċitaw meta jkun ratifikat it-Trattat ta' Liżbona, filwaqt li jiggarantixxu koordinazzjoni u sinerġija ottimali bejn il-politiki, il-programmi u l-fondi Komunitarji kif ukoll l-istrumenti u l-missjonijiet inklużi fil-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni tal-Unjoni,

e) iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jistudjaw fil-fond l-implikazzjonijiet li t-Trattat ta' Liżbona għandu għar-rappreżentazzjoni futura tal-Unjoni fin-NU, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE sabiex jimpenjaw lilhom infushom b'mod ċar u sod sabiex jiżguraw li l-Unjoni tgawdi viżibilitá u awtoritá adegwata fl-entitajiet u l-fora tan-NU,

f) jinkoraġġixxi lill-Kunsill biex jinnegozja u jiddefinixxi, kemm jista' jkun malajr. l-istatus operazzjonali tal-"osservaturi" tal-UE fin-NU malajr kemm jista' jkun,

g) jitlob ugwalment lill-Istati Membri biex iwettqu reviżjoni tal-istruttura attwali tal-gruppi reġjonali fi ħdan in-NU sabiex jiżguraw li din tirrifletti s-sħubija tal-Unjoni Ewropea li tirriżulta mill-aħħar tkabbir,

h) jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinfurmaw lill-Parlament fuq bażi regolari dwar l-implikazzjonijiet, inklużi dawk baġitarji, ta' kwalunkwe passi possibbli lejn ir-rijorganizzazzjoni tal-preżenza tal-UE fi ħdan bosta partijiet tal-komponenti tan-NU, inkluż is-Segretarjat kif ukoll il-fondi u l-programmi tagħha,

***Il-kontribuzzjoni tal-UE għar-riformi tan-NU***

i) jilqa' b'sodisfazzjon il-bidu mill-ġdid tal-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-rivitalizzazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU mogħtija d-dover li ssib modi kif issaħħaħ l-irwol, l-awtorità, l-effettività u l-effiċjenza tal-Assemblea, u jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu, f'dan il-kuntest, it-tisħiħ tal-irwol tal-President tal-Assemblea Ġenerali, u dan għandu jġib miegħu riżorsi finanzjarji, umani, u ta' infrastruttura adegwati, kif ukoll it-twaqqif ta' koperazzjoni aktar sistematika bejn l-Assemblea Ġenerali, is-Segretarju Ġenerali u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex tiżdied ir-responsabilità diretta u l-leġittimità,

j) iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex ikomplu jirrikjedu li ssir reviżjoni li ilha mistennija tal-mandat, intiża biex issaħħaħ u taġġorna l-programm ta' ħidma tan-NU, sabiex twieġeb għar-rekwiżiti komtemporanji tal-Istati Membri, billi jirrevedu l-mandati kollha li ilhom aktar minn ħames snin li oriġinaw mir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali u ta' entitajiet oħra,

k) ifakkar lill-Istati Membri tal-UE fil-wegħdiet li saru fil-Laqgħa Għolja Dinjija 2005 biex in-NU tissaħħaħ permezz ta' għadd ta' riformi tas-segretarjat u tal-amministrazzjoni; jistieden lill-Kunsill biex jappoġġa dawn ir-riformi sabiex tiżdied ir-responsabilità diretta u l-previżjoni, jitjieb ir-rendiment u t-trasparenza tal-immaniġġjar, u tissaħħaħ l-etika, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' organizzazzjoni billi, l-ewwel u qabel kollox, ikun hemm iffukar fuq ir-riformi tal-istruttura tas-Segretarjat,

l) iħeġġeġ lill-Kunsill biex jiżgura li d-Dipartiment għall-Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Paċi tal-NU u d-Dipartiment tal-Affarijiet Politiċi tal-NU jkollhom biżżejjed staff biex ilaħħqu mal-ħidmiet u r-responsabilitajiet tagħhom u biex jappoġġja l-isforzi mis-Segretarju Ġenerali f'dan ir-rigward,

m) iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġjaw l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-kunċett tar-"responsabilità li tipproteġi", kif approvat waqt il-Laqgħa Għolja Dinjija tal-2005; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jipparteċipaw b'mod attiv f'dan il-proċess,

n) jistieden lill-Kunsill biex jappoġġja bis-sħiħ it-tnedija mill-ġdid tan-negozjati mmirati biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Livell Għoli dwar il-Koerenza fis-Sistema kollha, u jirrakkomanda lill-Istati Membri tal-UE biex jikkoperaw b'mod attiv mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jirċievu għajnuna Ewropea jew nazzjonali u biex jeżerċitaw l-influwenza kollettiva tal-Unjoni u tal-Istati Membri individwali sabiex ikun żgurat l-appoġġ tagħhom għar-riforma tat-twassil tal-assistenza tan-NU u l-promozzjoni ta' koerenza akbar bejn il-politiki tan-NU fil-post,

o) jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaslu għal pożizzjoni aktar kumpatta dwar ir-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU — waħda li, waqt li ssostni l-objettiv prinċipali, fi ħdan NU riformata, ta' siġġu permanenti wieħed għall-Unjoni Ewropea, jimmira fl-istess ħin li jżid il-piż tal-UE b'mod li jaqbel mal-kontribuzzjoni tal-UE għall-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi tan-NU u tal-għajnuna għall-iżvilupp tan-NU,

p) ifakkar lill-Istati Membri tal-UE f'dan ir-rigward li huwa importanti ħafna li jkun żgurat li l-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jippreżentaw u jsostnu l-pożizzjonijiet uffiċjali tal-UE, jinfurmaw kif xieraq lill-Istati Membri l-oħra dwar id-diskussjonijiet li jseħħu fil-Kunsill tas-Sigurtà kif ukoll jikkoordinaw attivament il-pożizzjonijiet tagħhom mal-gruppi ta' ħidma rilevanti fil-Kunsill tal-Ministri tal-UE,

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

q) jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġaw il-Forza ta' Ħidma (Task Force) tal-President tal-Assembleja Ġenerali tan-NU, Srgjan Kerim, dwar ir-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà; jilqa' b'sodisfazzjon f'dan ir-rigward il-momentum biex ikun irriformat il-Kunsill tas-Sigurtà maħluq bħala konsegwenza tal-inizjattiva msemmija bħala l-"Overarching Process" (il-Proċess Wiesa'); iħeġġeġ lill-Kunsill biex jippromwovi diskussjoni li tiffoka fuq punti ta' konverġenza bil-għan li jinkiseb progress tanġibbli f'dan ir-rigward,

### *L-UE u l-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU*

r) iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE, speċjalment Franza u s-Slovakkja bħala membri li għadhom kif ġew eletti tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-operazzjoni ta' suċċess tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet universali; f'dan ir-rigward, jitlob għal aktar responsabilità diretta fil-proċedura għall-istabbiliment u t-tiġdid tal-Proċeduri Speċjali u għall-ħatra tad-dententuri tal-mandat, li għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' trasparenza u ta' kompetizzjoni reali,

s) jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE li qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex jintroduċu modi u strumenti effettivi li jippermettu lis-soċjetà ċivili tipparteċipa fil-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU sabiex jiġu mħarsa aħjar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u jingħata kontribut b'mod pożittiv għat-trasparenza tal-istituzzjoni,

t) jistieden lill-Kunsill biex isostni l-isforzi li għandhom l-għan li jżidu r-responsabilità tal-istati membri tan-NU fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem billi jżid l-effiċjenza tal-Analiżi Perjodika Universali, l-aktar billi l-proċeduri jsiru aktar stretti sabiex jiġu evitati tfixkil intenzjonat jew tattiki ta' żvijar,

u) huwa mħasseb dwar il-kritika riċenti rigward il-ħidma tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġjaw l-Uffiċċju, b'mod speċjali fil-Ħames Kumitat tal-Assemblea Ġenerali, sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda interferenza mal-indipendenza tal-Uffiċċju u li l-Uffiċċju jingħata r-riżorsi finanzjarji kollha meħtieġa biex ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu; jistieden lill-Istati Membru tal-UE biex jissorveljaw mill-qrib il-proċedura attwali għall-ħatra tal-Kummissarju Għoli l-ġdid meta l-mandat tal-Kummissarju attwali, Louise Arbor, jiskadi f'Ġunju 2008,

v) jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jibqgħu involuti fit-tħejjijiet għall-Konferenza ta' Reviżjoni ta' Durban 2009 u jiżguraw li l-Konferenza tipprovdi l-opportunità għall-partijiet kollha kkonċernati biex iġeddu d-determinazzjoni u l-impenn tagħhom fil-qlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali u tal-kasti, il-ksenofobija u l-forom kollha l-oħra ta' intolleranza u biex jadottaw "benchmarks" konkreti bil-għan li jinqered ir-razziżmu, fuq il-bażi u b'rispett sħiħ tad-Dikjarazzjoni ta' Durban u l-Programm ta' Azzjoni,

w) jistieden lill-Kunsill biex jassigura li ma jkun hemm l-ebda ripetizzjoni tal-avvenimenti negattivi assoċjati mal-konferenza inizjali ta' Durban; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jiżguraw li s-soċjetà ċivili tieħu sehem fil-Konferenza ta' Reviżjoni ta' Durban 2009 f'Ġinevra, skond il-Karta tan-NU u r-Riżoluzzjoni 1996/31 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU tal-25 ta' Lulju 1996,

x) jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tat-tfal billi jappoġġjaw l-integrazzjoni (mainstreaming) tad-drittijiet tat-tfal fl-attivitajiet kollha fl-organi u fil-mekkaniżmi relevanti tas-sistema tan-NU,

### *L-UE u l-PBC*

y) Huwa tal-fehma li l-Istati Membri tal-UE għandhom jappoġġaw kollettivament it-tisħiħ tal-irwol tal-PBC fir-rigward tas-sistema tan-NU kif ukoll jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jitqiesu kif xieraq mill-entitajiet rilevanti tan-NU u jippromwovu iktar sinerġiji bejn il-PBC u l-aġenziji, il-fondi u l-programmi tan-NU; jenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-PBC u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali involuti attivament f'pajjiżi li qed joħorġu minn kunflitt,

z) jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri tal-UE biex jinkoraġġixxu l-kontribuzzjonijiet lill-Fond tan-NU għat-Tkattir tal-Paċi sabiex jiġi żgurat li jkollu biżżejjed riżorsi,

(aa) Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill tas-Sigurtà biex jiffaċilitaw il-konsultazzjoni tal-PBC dwar ir-referenza ta' pajjiżi ġodda lill-PBC u dwar il-mandat tal-operazzjonijiet integrati tat-tkattir tal-paċi, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr skossi, meta jasal iż-żmien, miż-żamma tal-paċi għat-tkattir tal-paċi; jilqa' b'sodisfazzjon f'dan ir-rigward il-fatt li l-Uffiċċju għall-Appoġġ tat-Tkattir tal-Paċi huwa assoċjat mal-proċess ta' ppjanar tal-missjonijiet integrati,

ab) jikkunsidra essenzjali li, apparti li ttejjeb il-koordinazzjoni bejn il-protagonisti, tiżgura finanzjament prevedibbli u tkabbar l-attenzjoni internazzjonali mogħtija lil dawk il-pajjiżi li jkunu għadhom kemm għaddew minn konflitt, il-PBC għandha tindirizza wkoll, flimkien mad-dipartimenti rilevanti tan-NU, il-bżonn li titjib il-kapaċità ta' apprendiment tal-organizzazzjoni fil-qasam tat-tkattir tal-paċi,

ac) fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, jenfasizza l-bżonn li jkun żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għall-PBC jkunu proporzjonati mal-ħidmiet u l-aspettattivi tal-entitajiet tan-NU u tal-pajjiżi benefiċjarji, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex iqajmu din il-kwistjoni fil-kumitat rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

### *L-EU u l-MDGs*

ad) iħeġġeġ lill-Kunsill biex jappoġġja l-istediniet mill-President Barroso u l-Kummissarju Louis Michel lill-Istati Membri tal-UE biex ifasslu skedi ta' żmien u baġits nazzjonali ċari li jorbtu biex tiżdied l-għajnuna reali sabiex tiġi tintlaħaq il-mira kollettiva mwiegħda ta' 0.56 % tad-dħul gross nazzjonali fl-2010 u 0.7 % fl-2015,

ae) ifakkar lill-Istati Membri tal-UE li l-ebda wegħdiet jew proċeduri ġodda ma huma meħtieġa bħalissa biex jintlaħqu l-MDGs, u li l-attenzjoni għandha tkun fuq ir-rispett tal-wegħdiet u tal-impenji li diġà saru u l-iżvilupp tal-proċeduri eżistenti,

af) jinnota l-bżonn kontinwu li tiġi indirizzata l-kriżi fl-iffinanzjar pubbliku tas-servizzi tas-saħħa jekk it-tliet MDGs tas-saħħa għandhom jerġgħu jitqiegħdu fuq it-triq it-tajba, permezz ta' ffinanzjar rikorrenti adegwat u prevedibbli għar-riżorsi umani, aċċess għall-mediċini u mmaniġġjar iddeċentralizzat u parteċipatorju, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu kull sforz biex issaħħu s-sistemi tas-saħħa universali u integrati li jirreaġixxu għall-bżonnijiet lokali, u biex gradwalment jinkludu l-integrazzjoni ta' programmi li jkunu speċifiċi għall-marda (MDG 6),

ag) jikkunsidra li l-ugwaljanza bejn is-sessi (MDG 3) hija element essenzjali fl-isforzi biex jintlaħqu l-miri tal-MDGs, u jirrakkomanda li l-Istati Membri tal-UE jindirizzaw b'mod urġenti d-differenza finanzjarja globali għall-ilħuq tal-MDG 3; jinnota li, flimkien mal-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċità tan-nisa jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-ilħuq tal-MDG 4 dwar ir-rata tal-mewt tat-tfal u l-MDG 5 dwar is-saħħa tal-ommijiet, li huma indikaturi kritiċi tal-progress ġenerali fl-iżvilupp,

ah) jinnota li, minkejja l-progress sinifikanti lejn edukazzjoni primarja universali fl-aħħar snin, madwar 93 miljun tifel u tifla tal-età li fiha jkunu fl-iskola primarja kienu għadhom mhux qegħdin l-iskola fl-2006, u li l-maġġoranza tagħhom kienu bniet; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jindirizzaw iż-żieda fil-bżonnijiet finanzjarji biex tiġi appoġġjata l-edukazzjoni, inkluż fi stati fraġli affettwati mill-kunflitti,

ai) filwaqt li jfakkar fl-impenji tal-UE li tippromwovi l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, jirrakkomanda li l-Kunsill u l-Istati Membri tal-UE jinkoraġġixxu diskussjoni fin-NU kollha dwar kif jiġi żgurat li l-isforzi u l-miri dwar il-bidla fil-klima jirrinfurzaw l-ilħuq tal-MDGs; jinnota li huma meħtieġa kontri-buzzjonijiet ħafna akbar għall-fondi ta' adattament sabiex l-iżvilupp fl-iktar pajjiżi fqar ikun jista' jiġi mħares kontra l-bidla fil-klima,

aj) iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar l-Implimentazzjoni ta' Sħubija Ġdida għall-I' żvilupp tal-Afrika (NEPAD) li għandha ssir fit-22 ta' Settembru 2008, u fil-Laqgħa ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-MDGs li għandha ssir fil-25 ta' Settembru 2008 fi New York,

ak) jirrakkomanda li l-Kunsill u l-Istati Membri tal-UE iġeddu d-diskussjonijiet dwar il-maħfra tad-dejn fil-livell tan-NU, bil-għan li jiġu definiti mill-ġdid il-kriterji tas-sostenibilità tad-dejn b'tali mod li jkun hemm il-promozzjoni tal-avvanz tal-għanijiet għall-iżvilupp minflok ir-rimborż tad-dejn,

al) jikkunsidra li r-rata tal-mewt tal-ommijiet għadha għolja b'mod inaċċettabbli f'ħafna pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, b'iktar minn 500 000 mara tmut kull sena minħabba kumplikazzjonijiet trattabbli u li jistgħu jiġu evitati relatati mat-tqala u mal-ħlas; għaldaqstant iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex iżidu l-isforzi u l-iffinanzjar b'mod drammatiku sabiex jiġi żgurat aċċess universali għall-informazzjoni u s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva li huma essenzjali għall-ilħuq tal-MDGs tas-saħħa, għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-ġlieda kontra l-faqar,

am) fid-dawl tal-kriżi attwali tal-ikel, iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri tal-UE biex jieħdu passi sabiex inaqqsu d-distorsjoni tal-kummerċ,

### *It-titjib tal-koperazzjoni fil-prattika bejn l-UE u n-NU*

an) iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni biex jappoġġjaw il-Fond tan-NU għad-Demokrazija, kemm f'termini poltiċi u kif ukoll finanzjarji,

ao) jistieden lill-Kunsill, u b'mod partikolari lil dawk l-Istati Membri tal-UE li huma membri permanenti jew mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex jippromwovu reviżjoni tas-sistema tas-sanzjonijiet tan-NU (il-"blacklists" tat-terroristi) sabiex din issir konformi mal-obbligi tal-Patt tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' proċeduri xierqa ta' notifika u ta' appell; jilqa', f'dani ir-rigward, bħala l-ewwel pass fit-triq it-tajba, l-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tar-Riżoluzzjoni 1730 (2006) li tistabbilixxi proċedura ta' tneħħija mir-reġistri u punt ċentrali għat-talbiet ta' tneħħija fi ħdan is-Segretarjat tan-NU,

ap) jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex iniedu, fin-NU u qabel il-Konferenza ta'Reviżjoni msemmija hawn fuq, dibattitu dwar l-isfidi li għandha l-Qorti Kriminali Internazzjonali li jistgħu idgħajfu l-effikaċja tal-Qorti, bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar id-definizzjoni, li għadha ma ġietx deċiża, tad-delitt tal-aggressjoni u l-kundizzjonijiet li bihom il-Qorti tkun tista' teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha, kif previst fl-Artikolu 5(2) tal-Istatut ta' Ruma,

aq) jemmen, fid-dawl tal-effetti evidenti tal-bidla fil-klima fuq l-għixien ta' miljuni ta' nies, li l-UE għandha tħeġġeġ b'mod attiv lill-partijiet tal-Qafas ta' Konvenzjoni dwar il-Bidliet Klimatiċi tan-NU biex jipparteċipaw b'mod attiv fin-negozjati bil-ggħan li jikkonkludu ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima sa l-aħħar tal-2009, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex imexxu dawn in-negozjati globali komprensivi; barra minn dan, iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jippromwovu, f'dan il-kuntest, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u newtrali fir-rigward tas-$CO_2$; fl-aħħar, huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jirrakkomandaw il-ħolqien ta' unità għall-konsultazzjoni dwar id-diżastri fil-livell tan-NU, li għandu joffri pariri sistematiċi lill-gvernijiet dwar il-kapaċità effettiva ta' tħejjija għad-diżastri,

ar) jistieden lill-protagonisti tal-UE u tan-NU biex jagħtu attenzjoni ġenerali lill-koperazzjoni bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fl-istabbiliment tal-paċi u tas-sigurtà fil-kontinent Afrikan, b'iffukar speċifiku fuq il-modi li bihom in-NU tista' ttejjeb il-kwalità tal-missjonijiet tagħha billi tagħmel użu tal-kapaċitajiet kumplimentari tal-UE; jirrakkomanda li tingħata attenzjoni konsiderevoli għat-twaħħid tal-kapaċitajiet sabiex jinħolqu sinerġiji mhux biss fir-rigward tat-teknoloġija u t-tagħmir militari, iżda anki fir-rigward tal-leġittimità u l-aċċettazzjoni, kif ukoll l-effiċjenza ekonomika kif ukoll il-konvenjenza għall-mandat,

as) jistieden lill-Kunsill biex ikompli jagħti prijorità għolja lill-bini ta' sħubijiet transreġjonali ta' suċċess, b'mod partikolari billi jaħdem ma' sħab fir-reġjuni kollha tad-dinja biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-Riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li titlob li jkun hemm moratorju madwar id-dinja kollha fuq l-eżekuzzjonijiet bil-għan li tiġi abolita l-piena tal-mewt,

at) jieħu nota tal-fatt li s-Segretarju Ġenerali tan-NU ddeċieda li jikkonfigura mill-ġdid il-Missjoni tan-NU fil-Kosovo, biex b'hekk ippermetta li l-UE jkollha rwol operazzjonali fil-qasam tal-istat tad-dritt, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE, li ħaddnu unanimament it-tnedija tal-Missjoni Ewropea dwar l-Istat tad-Dritt (EULEX KOSOVO), biex jissorveljaw mill-qrib l-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq il-post,

au) huwa mħasseb min-nuqqas ta' ċaqliq fin-negozjati marbuta mal-proċess ta' diżarm dwar kwistjonijiet bħal dik ta' trattat li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' materjali fissili u protokoll ta' verifika għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u kif ukoll nuqqas ta' ċaqliq fir-ratifika tat-Trattat Komprensiv dwar il-Projbizzjoni tal-Ittestjar; madankollu jirrikonoxxi li s-63 sessjoni tan-NU toffri lill-UE opportunità tajba ħafna biex ikollha rwol ewlieni fil-promozzjoni tar-ratifikazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-trattat li ġie maqbul dan l-aħħar li jipprojbixxi l-munizzjonijiet tat-tip "cluster", u biex tibda n-negozjati bil-għan li jiġi konkluż Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerċ fl-Armi u Trattat Internazzjonali li jimponi projbizzjoni globali tal-armi li fihom l-uranju mdgħajjef; jistieden lill-UE u lin-NU biex ikomplu l-isforzi tagħhom biex jissaħħaħ il-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar il-Kummerċ Illegali tal-Armi ż-Żgħar u l-Armi l-Ħfief, u biex jiġi estiż l-ambitu tat-Trattat ta' Ottawa li jipprojbixxi l-mini tal-art,

av) iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jintlaħaq konsensus internazzjonali li jippermetti li jiġu konklużi n-negozjati dwar il-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali,

aw) jistieden lill-Kunsill biex jinkoraġġixxi l-attivitajiet kollha li għandhom l-għan li jintegraw il-kwistjonijiet ta' ġeneru fl-aspetti kollha tal-attivitajiet tan-NU, u kif ukoll il-finanzjament xieraq tagħhom,

ax) iħeġġeġ lill-Kunsill biex jappoġġja l-attivitajiet kollha li għandhom l-għan li tiġi miġġielda l-estinzjoni tal-ispeċje u li jiġi protett l-ambjent u kif ukoll biex jimmobilizza r-riżorsi finanzjarji meħtieġa;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u, għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni.

---

## L-irwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarju Ewropea

P6_TA(2008)0352

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-irwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarju Ewropea (2007/2027(INI))**

(2009/C 294 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 61 tat-Trattat KE, li jipprovdi għat-twaqqif progressiv ta' zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja inklużi miżuri fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali,

— wara li kkunsidra l-Programm tal-Aja għat-tisħiħ tal-libertà, tas-sikurezza u tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea ([1]), adottat mill-Kunsill Ewropew fi Brussell fil-5 ta' Novembru 2004, u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2005 dwar "Il-Programm ta' L-Aja: Għaxar prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin" (COM(2005)0184),

— wara li kkunsidra t-talba li saret fl-14-15 ta' Diċembru 2001 mill-Kunsill Ewropew ta' Laeken, għat-twaqqif mgħaġġel ta' netwerk Ewropew li jħeġġeġ it-taħriġ għall-ġudikatura, bl-għan li tiġi żviluppata fiduċja bejn dawk involuti fil-koperazzjoni ġudizzjarja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Settembru 1991 dwar l-istabbiliment ta' Akkademja tal-Liġi Ewropea ([2]) u tal-24 ta' Settembru 2002 dwar in-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju ([3]) *(EJTN),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2006 dwar it-taħriġ ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (COM(2006)0356), tal-5 ta' Settembru 2007 dwar Ewropa li tikseb ir-riżultati: l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja (COM(2007)0502), u tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-ħolqien ta' Forum għad-diskussjoni dwar il-politiki u l-prattika tal-ġustizzja tal-UE (COM(2008)0038),

([1]) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.
([2]) ĠU C 267, 14.10.1991, p. 33.
([3]) ĠU C 273 E, 14.11.2003, p. 99.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/79/KE, Euratom tal-20 ta' Diċembru 2007 li temenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ([1]), u l-modifiki sussegwenti tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li permezz tagħhom iddaħħlet proċedura ta' deċiżjoni preliminari urġenti,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81(2)(h) u 69a(1)(c) tat-Trattat futur dwar l-Iffunzjonar tal-Unjoni, kif imdaħħla mit-Trattat ta' Liżbona, li se jipprovdu bażi legali għal miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ għat-taħriġ tal-ġudikatura u tal-istaff ġudizzjarju,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0224/2008),

A. billi stħarriġ li sar għall-finijiet ta' din ir-riżoluzzjoni waqt it-tieni nofs tal-2007 ġibed l-attenzjoni għal:

— disparitajiet sinifikanti fl-għarfien tal-liġi Komunitarja ([2]) li għandhom l-imħallfin nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, b'attenzjoni li dan l-għarfien xi kultant huwa limitat ħafna,

— il-ħtieġa urġenti għat-titjib tal-kapaċitajiet ġenerali ta' lingwa barranija għall-imħallfin nazzjonali,

— id-diffikultajiet li l-imħallfin nazzjonali għaddew minnhom biex jaċċessaw informazzjoni speċifika u aġġornata dwar il-liġi Komunitarja,

— il-ħtieġa li jittejjeb u li jkun intensifikat it-taħriġ inizjali u tul il-ħajja tal-imħallfin nazzjonali fil-liġi Komunitarja,

— in-nuqqas relattiv min-naħa tal-imħallfin, tal-familjarità mal-proċedura ta' deċiżjoni preliminari u l-ħtieġa għall-infurzar tad-djalogu bejn l-imħallfin nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja,

— il-fatt li ħafna mħallfin jipperċepixxu l-liġi Komunitarja bħala waħda kumplessa u opaka żżejjed,

— il-ħtieġa li jkun żgurat li l-liġi Komunitarja ikollha valur ogħla fl-applikazzjoni tagħha mill-imħallfin nazzjonali,

B. billi r-responsabilità primarja għat-taħriġ ġudizzjarju, inkluża d-dimensjoni Ewropea tiegħu, tibqa' f'idejn l-Istati Membri; billi l-programm tal-Aja msemmi hawn fuq fih dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew li tgħid li "komponent tal-UE għandu jiġi inkluż b'mod sistematiku fit-taħriġ ta' awtoritajiet ġudizzjarji" ([3]), u billi t-taħriġ tal-ġudikatura f'kull Stat Membru huwa madankollu kwistjoni ta' tħassib komuni għall-istituzzjonijiet tal-UE u għal kull Stat Membru,

C. billi l-liġi Komunitarja m'għandhiex tkun perċepita bħala zona riżervata għal entità elitista ta' speċjalisti, u billi l-opportunitajiet ta' taħriġ f'dan il-qasam m'għandhomx ikunu limitati għal imħallfin ta' qrati ogħla, imma għandhom ikunu estiżi ugwalment għall-imħallfin fil-livelli kollha tas-sistema ġudizzjarja,

D. billi ċertu entitajiet li għandhom appoġġ finanzjarju mill-Komunità dejjem qed ikollhom suċċess ikbar, u diġà qed iħarrġu numri kbar ta' mħallfin u ta' prosekuturi statali,

E. billi l-għarfien ta' lingwi barranin huwa kruċjali sabiex tiġi żgurata koperazzjoni ġudizzjarja xierqa f'oqsma fejn isir kuntatt dirett bejn l-imħallfin, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u biex ikun żgurat l-aċċess għall-programmi ta' skambju għall-imħallfin,

F. billi d-dewmien medju attwali ta' proċedura ta' deċiżjoni preliminari, minkejja l-isforzi kostanti min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, jibqa' twil iżżejjed u jnaqqas b'mod konsiderevoli l-attrazzjoni ta' din il-proċedura għall-imħallfin nazzjonali,

([1]) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 42.
([2]) Għall-finijiet ta' din ir-riżoluzzjoni, ir-referenzi għal-liġi Komunitarja għandhom ifissru li jinkludu wkoll il-liġi tal-Unjoni.
([3]) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1, fil-para. 12.

G. billi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija r-responsabilità tal-Istat Membru li tiġi stabbilita sistema ta' soluzzjonijiet u proċeduri legali li jiżguraw ir-rispett għad-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet li joriġinaw mil-liġi Komunitarja [1],

H. billi xejn minn din ir-riżoluzzjoni m'għandu jitqies li qed jaffetwa l-indipendenza tal-imħallfin u tas-sistemi legali nazzjonali, skond ir-Rakkomandazzjoni Nru R(94)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u skond il-Karta Ewropea tal-1998 dwar l-istatut tal-imħallfin,

### *L-imħallef nazzjonali bħala l-ewwel imħallef tal-liġi Komunitarja*

1. Jinnota li l-Komunità Ewropea hi komunità bbażata fuq l-istat tad-dritt [2]; jinnota li l-liġi Komunitarja tibqa' ittra mejta jekk ma tiġix applikata kif suppost fl-Istati Membri, inkluża l-applikazzjoni mill-imħallfin nazzjonali, li għalhekk huma l-ġebla tax-xewka tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea u li għandhom irwol ċentrali u indispensabbli fit-twaqqif ta' ordni legali Ewropea waħdanija, mhux b'inqas fid-dawl tal-kisbiet reċenti mil-leġiżlatura Komunitarja [3] sabiex tinvolvihom b'mod aktar attiv, u tagħtihom aktar responsabilità, fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni li l-imħallfin nazzjonali għandhom irwol essenzjali biex jiżguraw ir-rispett għal-liġi Komunitarja, pereżempju permezz tal-prinċipji tal-preminenza tal-liġi Komunitarja, tal-effett dirett, tal-konsistenza fl-interpretazzjoni u r-responsabilità tal-Istat meta jsir ksur tal-liġi Komunitarja; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli miexja bl-isforzi tagħha f'din id-direzzjoni flimkien mal-inizzjattivi settorjali li diġà jeżistu; aktar minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tipproċedi mingħajr dewmien bil-pubblikazzjoni ta' nota ta' informazzjoni dwar azzjoni għad-danni għall-ksur tal-liġi Komunitarja mill-awtoritajiet nazzjonali;

### *Kwistjonijiet relatati ma' lingwa*

3. Jikkunsidra li l-lingwa hija l-għodda ewlenija għal min jipprattika l-ġustizzja; iqis li l-livell attwali ta' taħriġ ta' lingwa barranija għall-imħallfin nazzjonali, flimkien mal-livell attwali ta' tagħrif tal-liġi Komunitarja, jillimita mhux biss il-possibilitajiet għall-koperazzjoni ġudizzjarja dwar strumenti speċifiċi, imma jillimita wkoll l-iżvilupp ta' fiduċja reċiproka, l-użu xieraq tad-duttrina acte clair, u l-parteċipazzjoni fi programmi ta' skambju; jistieden lil kull min hu involut fit-taħriġ ġudizzjarju sabiex jagħti attenzjoni speċifika lit-taħriġ tal-imħallfin fil-lingwi barranin;

4. Jinnota li l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja mill-imħallfin nazzjonali hi sfida kumplessa għall-imħallfin nazzjonali, partikolarment għal dawk fl-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea f'Mejju 2004 u għalhekk, hemm il-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri li jippromovu t-taħriġ professjonali għall-imħallfin f'dawk l-Istati Membri;

5. Aktar minn hekk, huwa tal-opinjoni li billi saru sensiela ta' regolamenti li fihom regoli ta' kunflitt tal-liġi, il-leġiżlatura Komunitarja għamlet għażla ta' politika li tinvolvi l-applikazzjoni ta' liġi barranija mill-imħallfin nazzjonali, li possibilment tkun tinvolvi wkoll approċċ komparattiv; jikkunsidra li dawn l-elementi, meħudin flimkien, isaħħu aktar il-każ biex jiżdied it-taħriġ f'lingwa barranija;

6. Iqis li hu fl-interess tal-pubbliku li jitjiebu l-kapaċitajiet lingwistiċi tal-ġudikatura fl-Istati Membri; għalhekk jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li taħriġ bħal dan isir bla ħlas u jkun faċilment aċċessibbli, u sabiex iqisu l-possibilità li mħallfin ikunu jistgħu jistudjaw lingwa barranija fi Stat Membru fejn hi mitkellma, per eżempju flimkien ma' parteċipazzjoni ta' skambju ġudizzjarju;

7. Iqis importanti l-aċċess għal-letteratura akkademika f'ilsien art twelid l-imħallef, sabiex il-liġi Komunitarja tkun tinftiehem aktar, u jinnota nuqqas li jidher li hemm ta' letteratura speċjalizzata dwar il-liġi Komunitarja f'ċerti lingwi uffiċjali tal-UE, pereżempju rigward kwistjonijiet ta' liġi internazzjonali privata, u jinnota l-konsegwenzi potenzjali gravi li dan għandu għall-bini ta' ordni legali komuni li tirrifletti diversità ta' tradizzjonijiet legali; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-iżvilupp ta' letteratura ta' dan it-tip, b'mod partikulari fil-lingwi uffiċjali l-inqas mitkellma;

(1) Każ C-50/00 P UPA [2002] ECR I-6677, fil-para. 41.
(2) Każ 294/83 *"Les Verts"* v *European Parliament* [1986] ECR 1339, fil-para. 23.
(3) Ara per eżempju r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stipulati fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*Aċċess għal sorsi tal-liġi relevanti*

8. Jinnota li informazzjoni sħiħa u aġġornata dwar il-liġi Komunitarja mhix disponibbli b'mod sistematiku u xieraq għal ħafna mħallfin nazzjonali u li l-liġi Komunitarja hija kultant rappreżentata b'mod fqir f'ġurnali uffiċjali, f'kodiċi, f'kummentarji, f'rivisti u fil-kotba tal-istudju fil-livell domestiku u bbażata fuq traduzzjonijiet li mhux dejjem ikunu ta' kwalità għolja; jistieden lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam;

9. Huwa tal-opinjoni li zona ġudizzjarja Ewropea effettiva, fejn jista' jkun hemm koperazzjoni ġudizzjarja effikaċi, għandha bżonn mhux biss għarfien tal-liġi Ewropea, imma wkoll għarfien reċiproku ġenerali tas-sistemi legali tal-Istati Membri l-oħra; jenfasizza l-inkonsistenzi fit-trattament tal-liġi barranija madwar l-Unjoni Ewropea u jqis li din il-kwistjoni importanti għandha tiġi indirizzata fil-futur; f'dan ir-rigward, jieħu nota tal-istudju orizzontali li jmiss tal-Kummissjoni dwar it-trattament tal-liġi barranija fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u tal-istudji li għaddejjin fi ħdan il-qafas tal-Konferenza ta' L-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja d-disponibilità mtejba tal-bażijiet tad-dejta dwar sentenzi mill-qrati nazzjonali rigward il-liġi Komunitarja; iqis li dawn il-bażijiet tad-dejta għandhom ikunu sħaħ u kemm jista' jkun faċli biex jintużaw; aktar minn hekk, iqis li l-Konvenzjonijiet u r-Regolament dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali jkunu eżempju ċar għal bażi tad-dejta Ewropea, minħabba l-użu frekwenti mill-imħallfin nazzjonali;

11. Huwa tal-opinjoni li l-imħallfin kollha għandu jkollhom aċċess għal bażijiet tad-dejta li fihom referenzi sospiżi għal deċiżjonijiet preliminari mill-Istati Membri kollha; iqis daqstant ieħor importanti li tingħata pubbliċità ikbar lis-sentenzi ta' qrati ta' riferiment li jkunu applikaw deċiżjonijiet preliminari, kif diġà ssemma fin-nota ta' informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar riferimenti minn qrati nazzjonali għal deċiżjoni preliminari ([1]);

12. Iqis li, minħabba l-ammont kbir ta' informazzjoni disponibbli online dwar il-liġi Komunitarja, l-imħallfin għandhom jitħarrġu mhux biss fis-sustanza tal-liġi, imma wkoll kif wieħed għandu jkollu aċċess għal sorsi legali aġġornati b'mod effiċjenti;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni biex tippubblika ġabriet fil-qosor tal-atti legali Komunitarji magħmula għaċ-ċittadini, u jqis li dawn il-ġabriet fil-qosor mhux legali jgħinu wkoll lil min jipprattika l-liġi biex ikollu aċċessa aktar malajr informazzjoni relevanti;

14. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' għodod online u ta' inizjattivi fil-qasam tal-e-learning li għalkemm m'humiex is-soluzzjoni sħiħa għat-taħriġ, għandhom jitqiesu bħala kumplimentari għall-kuntatt wiċċ'imb wiċċ bejn l-imħallfin u min qed iħarriġhom (trainers);

*Lejn qafas aktar strutturat għal taħriġ ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea*

15. Jappella sabiex, fit-taħriġ fil-livell nazzjonali tal-membri kollha tal-ġudikatura, ikun hemm id-dimensjoni Ewropea:

— li tkun inkorporata sistematikament fit-taħriġ u fl-eżamijiet għall-professjonijiet ġudizzjarji,

— li tkun imsaħħa aktar sa mill-ewwel stadju possibbli 'l quddiem, b'konċentrazzjoni akbar fuq l-aspetti ta' prattika,

— li tkopri metodi ta' interpretazzjoni u prinċipji legali li jista' jkun li ma jkunux magħrufa fl-ordni legali domestika, imma li għandhom irwol importanti fil-liġi Komunitarja;

16. Jieħu nota tas-suċċess li qed jikber tal-programm ta' skambju għal membri tal-ġudikatura; jinkoraġixxi l-EJTN sabiex jipprovdi aċċess għal kemm jista' jkun imħallfin, u sabiex tiġi żgurata inklużjoni adegwata ta' mħallfin mill-oqsma ċivili, kummerċjali u amministrattivi; jilqa' b'sodisfazzjon l-attivitajiet tan-Netwerk fil-qasam tat-taħriġ fil-lingwi u l-estensjoni tal-programm ta' skambju għall-Qorti tal-Ġustizzja, għall-Eurojust u għall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

([1]) ĠU C 143, 11.6.2005, p. 1, fil-para. 31.

17. Iqis id-disponibilità tal-imħallfin nazzjonali sabiex jipparteċipaw f'taħriġ bażiku u avvanzat bħala kwistjoni loġistika u finanzjarja għall-Istati Membri; fil-prinċipju, iqis li l-imħallfin m'għandhomx jagħmlu tajjeb għall-ebda spejjeż marbuta mat-taħriġ tagħhom fil-liġi Komunitarja; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi lill-Parlament l-estimi tal-ispejjeż involuti għal kull Stat Membru, sabiex dawk l-imħallfin li jipparteċipaw fi programmi ta' skambju, ikun hemm min jieħu posthom għal żmien qasir;

18. Filwaqt li jqis ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni li l-EJTN igawdi monopolju de facto fit-tħaddim tal-Programm ta' Skambju għall-Awtoritajiet Ġudizzjarji, jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proċeduri li bihom l-EJTN japplika għall-fondi għal dan il-Programm ta' Skambju jkunu jirriflettu din is-sitwazzjoni ta' monopolju; b'mod partikulari jitlob li dawn il-proċeduri jiġu standardizzati sabiex l-EJTN ikun jista' jorganizza u jħaddem programm effiċjenti li jissodisfa l-aspettattivi tal-iskejjel nazzjonali li jkunu qed jipparteċipaw, tal-imħallfin u tal-prosekuturi u tal-korpi internazzjonali u li jżomm ukoll l-impenji li jkunu sarulhom; iqis li, jekk dan ma jkunx il-każ, il-kredibilità tal-Programm ta' Skambju tista' tiġi kompromessa, għad-detriment tal-imħallfin u l-prosekuturi nazzjonali interessati biex jipparteċipaw u għad-detriment tal-progress ta' fiduċja reċiproka madwar il-ġudikaturi Ewropej;

19. Jieħu nota tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-aktar għażla xierqa sabiex jiġi promoss it-taħriġ fil-qasam ġudizzjarju Ewropew bħalissa hija l-appoġġ finanzjarju ta' korpi varji permezz tal-Programm ta' Qafas għad-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja għas-snin 2007-2013, u li l-kwistjoni li l-istrutturi Ewropej ta' taħriġ ġudizzjarju jiġu żviluppati f'forom oħra tista' terġa' titqajjem meta dan il-programm ikun wasal biex jintemm;

20. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' din ir-riżoluzzjoni, sabiex tifformula proposti ġodda għall-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ta' miżuri li jippromovu t-taħriġ professjonali għall-imħallfin;

21. Madankollu, jikkunsidra li wasal iż-żmien għal soluzzjoni istituzzjonali pragmatika għall-kwistjoni tat-taħriġ ġudizzjarju fil-livell ta' UE, li tagħmel użu sħiħ mill-istrutturi eżistenti filwaqt li tevita duplikazzjoni ta' programmi u ta' strutturi bla bżonn; jitlob, għalhekk, għat-twaqqif tal-EJTN magħmula minn Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Akkademja tal-Liġi Ewropea; jitlob li din is-soluzzjoni istituzzjonali tqis l-esperjenza relevanti li nkisbet fit-tħaddim tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija;

22. Iqis li l-imħallfin nazzjonali ma jistgħux jadottaw attitudni passiva għal-liġi Komunitarja, kif jidher ċar fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar kif il-qrati nazzjonali jqajmu kwistjonijiet ta' liġi Komunitarja minn jeddhom ([1]);

23. Jitlob biex jissaħħaħ it-taħriġ għall-kandidati għal ħatra ġudizzjarja mill-bidu nett u b'analoġija mas-suġġerimenti u proposti dwar l-imħallfin nazzjonali;

### *Djalogu infurzat mill-ġdid bejn l-imħallfin nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja*

*24.* Iqis li l-proċedura ta' deċiżjoni preliminari hija garanzija essenzjali għall-koerenza tal-ordni legali tal-Komunità u għall-applikazzjoni uniformi tal-liġi Komunitarja;

25. Jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex inaqqsu aktar it-tul medju tal-proċedura ta' deċiżjoni preliminari, b'hekk din tkun opportunità kruċjali għad-djalogu aktar attraenti għall-imħallfin nazzjonali;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga jekk xi regoli proċedurali nazzjonali humiex ta' tfixkil proprju jew għandhom il-potenzjal li jfixklu l-possibilità li kwalunkwe qorti jew tribunal ta' Stat Membru jagħmel riferiment preliminari, kif provdut fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 234 tat-Trattat KE, u biex b'mod vigoruż jikkundannaw il-ksur li dan it-tfixkil jirrappreżenta;

([1]) Każijiet C-312/93 Peterbroeck [1995] ECR I-4599, C-473/00 Cofidis [2002] ECR I-10875 u C-168/05 Mostaza Claro [2006] ECR I-10421.

27. Iqis li l-limitazzjonijiet tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikulari dawk li jirrigwardaw it-Titolu IV tat-Trattat KE, jippreġudikaw bla bżonn l-applikazzjoni uniformi tal-liġi Komunitarja u jintbagħat messaġġ negattiv lill-maġġoranza kbira ta' mħallfin li jiltaqgħu ma' kwistjonijiet bħal dawn, b'tali mod li jkun impossibbli għalihom li jagħmlu kuntatt dirett mal-Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk jinħoloq dewmien bla bżonn;

28. Jiddispjaċih li, skond l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji annessi mat-Trattat ta' Liżbona, is-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' atti fil-qasam ta' koperazzjoni tal-pulizija u koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat, għandhom jibqgħu l-istess għaliex qegħdin fit-Trattat tal-UE attwali għal perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin; jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni magħmula mill-Konferenza Intergovernattiva dwar l-artikolu tal-Protokoll u dwar dan iheġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jingħaqdu mal-Parlament biex jadottaw mill-ġdid dawk l-atti, fil-qasam ta' koperazzjoni tal-pulizija u ta' koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li kienu adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona;

29. Jaqbel mal-Kunsill li, fid-dawl ta' din l-introduzzjoni tal-proċedura ta' deċiżjoni preliminari urġenti, huwa importanti għall-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi gwida li l-imħallfin nazzjonali jkunu jistgħu jirreferu għaliha meta jiddeċiedu jekk għandhomx jitolbu l-proċedura urġenti;

30. Jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tqis it-titjib kollu possibbli għall-proċedura ta' deċiżjoni preliminari li tkun tinvolvi l-imħallef ta' riferiment aktar mill-qrib fil-proċeduri tiegħu, inkluż possibilitajiet imtejba għall-kjarifikazzjoni ta' riferiment u ta' parteċipazzjoni fil-proċeduri orali;

31. Iqis li, f'ordni legali Komunitarja deċentralizzata u matura, l-imħallfin nazzjonali m'għandhomx jiġu marġinalizzati iżda għall-kuntrarju għandhom jingħataw iktar responsabilità u għandhom jiġu mħeġġa iżjed fl-irwol tagħhom bħala l-ewwel imħallfin tal-liġi Komunitarja; għalhekk iheġġeġ il-konsiderazzjoni ta' sistema ta' awtorizzazzjoni ("green light") fejn l-imħallfin nazzjonali jkunu jistgħu jinkludu t-tweġibiet proposti tagħhom għall-mistoqsijiet li huma jirreferu lill-Qorti tal-Ġustizzja, li mbagħad tkun tista' tiddeċiedi fi żmien speċifiku jekk taċċettax is-sentenza proposta jew jekk tiddeċidiex hija stess bħala qorti tal-appell;

### *Liġijiet imfassla aħjar għall-applikazzjoni mill-imħallfin nazzjonali*

32. Jinnota l-ħolqien ta' Forum biex jiġu diskussi l-politiki u l-prattika dwar il-ġustizzja tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-Forum iwettaq id-deliberazzjonijiet b'manjiera trasparenti; jinnota l-impenn tal-Kummissjoni li tirrapporta fuq bażi regolari kemm lill-Parlament kif ukoll lill-Kunsill;

33. Jinsisti fuq il-bżonn ta' lingwaġġ aktar ċar fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, u aktar koerenza terminoloġika bejn l-istrumenti legali; jappoġġja partikolarment l-użu ta' Qafas ta' Referenza Komuni ippjanat fil-liġi kuntrattwali Ewropea bħala strument għal tfassil aħjar tal-liġijiet;

34. Jappoġġja bil-qawwa l-insistenza tal-Kummissjoni li l-Istati Membri sistematikament jipprovdu tabelli ta' korrelazzjoni li jistabbilixxu kif id-direttivi tal-Komunità qed jiġu applikati fir-regolamenti nazzjonali; jaqbel li dawn it-tabelli jipprovdu informazzjoni importanti bi spejjeż u piż minimi; barra minn hekk, iqis li t-tabelli ta' korrelazzjoni jżidu t-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja u jagħtu lill-imħallfin nazzjonali u lill-partijiet li jidhru quddiemhom l-opportunità realistika li jaraw jekk liġi Komunitarja hijiex fl-isfond ta' regola nazzjonali u jivverifikaw huma stess jekk u, meta jkun il-każ, kif traspożizzjoni tkun ġiet implimentata b'mod korrett;

*

* *

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport dwar il-kumitat responsabbli lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Ombudsman Ewropew.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Tilwim Airbus/Boeing

P6_TA(2008)0353

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar it-tilwim fl-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar allegazzjonijiet ta' sussidji lill-Airbus u lill-Boeing**

(2009/C 294 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-tilwim fl-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Uniti dwar allegazzjonijiet ta' sussidji lill-Airbus u lill-Boeing,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi translatlantiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-Senat tal-Istati Uniti (Res. 632) tat-8 ta' Diċembru 2006 li theġġeġ lill-Istati Uniti u lill-UE biex jaħdmu flimkien biex isaħħu s-suq transatlantiku,

— wara li kkunsidra l-Laqgħa Gholja UE-Stati Uniti tat-30 t'April 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jagħti valur lis-sħubija transatlantika bejn l-UE u l-Istati Uniti u jappoġġa politika tal-kummerċ ġusta u bbilanċjata b'mod ġenerali,

B. billi, tul l-aħħar għaxar snin, ir-relazzjoni ekonomika transatlantika għaddiet minn perjodu ta' integrazzjoni mingħajr preċedenti, bl-investiment Ewropew fl-Istati Uniti jirrappreżenta 75 % tad-dħul totali ta' investiment fl-Istati Uniti fl-2006 u bl-investiment tal-Istati Uniti fl-Ewropa jitla' għal ċifra rekord ta' USD 128 biljun (128 000 000 000), jew 59 % tal-investiment dirett barrani li ħareġ mill-Istati Uniti, fl-2006,

C. billi l-importanza tal-industrija tal-inġenji tal-ajru għall-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikulari f'setturi li jirrikjedu ħiliet ta' livel għoli, kif ukoll f'firxa wiesgħa ta' industriji oħra, għall-iżvilupp reġjonali u għal koperazzjoni industrijali transnazzjonali bl-aħjar teknika moderna hija ta' rilevanza partikolari,

D. billi fl-industrija civili tal-inġenji tal-ajru, kemm l-Airbus u kemm il-Boeing bħalissa għandhom il-kapaċità li jfasslu u jintegraw ajruplani kummerċjali kbar u huwa fl-interess tal-linji tal-ajru u tal-klijenti tagħhom li jżommu livell għoli ta' kompetizzjoni b'saħħtiha,

E. billi fl-1992, l-UE u l-Istati Uniti ffirmaw ftehima bilaterali dwar il-kummerċ f' inġenji tal-ajru ċivili kbar (il-Ftehima tal-1992) li ħolqot kundizzjonijiet indaqs b'regoli li jirregolaw l-għajnuna mill-gvern,

F. billi l-UE konsistentement żammet mal-ispirtu u mal-ittra tal-Ftehima tal-1992 u pprovidet regolarment provi dokumentati tal-konformità,

G. billi l-Istati Uniti fil-biċċa l-kbira injorat l-obbligi tagħha skond il-Ftehima tal-1992 billi ma rrapurtatx is-sussidji tagħha lill-Boeing kif ukoll billi pprovdiet sussidji ikbar mil-limiti miftiehma u billi tat sussidji pprojbiti lill-Boeing,

H. billi l-Ftehima tal-1992 żammet l-istabilità fis-settur sa l-2004, meta l-Istati Uniti uriet l-intenzjoni li tirtira minnha unilateralment u fetħet kawża quddiem id-WTO kontra l-UE, fejn iċċitat il-finanzjament li jista' jitħallas lura tal-UE, li jikkonforma għal kollox mal-Ftehima tal-1992 u li huwa simili għal dak li tibbenefika minnu l-Boeing għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' partijiet kbar mis-787 tagħha fil-Ġappun u pajjiżi oħra li jaqsmu r-riskji,

([1]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 235.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

I. billi minkejja diversi sforzi b'rieda tajba mill-UE, s'issa ma kienx possibbli li tkun stabbilita bażi ġusta u bbilanċjata għal soluzzjoni nnegozjata,

J. billi jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għad-disponibilità konsistenti tal-Kummissjoni għal soluzzjoni bbilanċjata u nnegozjata mingħajr prekundizzjonijiet,

K. billi appoġġ mill-gvern ibbilanċjat u ġust għall-qasam tal-ajruspazju fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku irriżulta f'riċerka u innovazzjoni, iktar sikurezza, prestazzjoni ambjentali aħjar, u effiċjenza fit-trasport bl-ajru,

L. billi l-finanzjament tal-Istati Membri għall-Airbus huwa strettament limitat, irid jitħallas lura bl-interessi u evidentement m'għandu l-ebda impatt fuq il-kapaċità tal-Boeing li tikkompeti, ladarba l-Airbus ħallset lura 40 % iktar milli rċiviet mill-gvernijiet tal-Istati Membri mill-1992 'l hawn u ħallset lura iktar minn EUR 7 biljun s'issa,

M. billi l-UE qed tikkontesta diversi sussidji Federali, mill-Istati u lokali li huma pprojbiti u azzjonabbli li bbenefikaw lill-Boeing, għal total ta' USD 23.7 biljun f'sussidji li ma jridux jitħallsu lura li ngħataw tul l-aħħar għoxrin sena u sa' l-2004,

N. billi jafferma mill-ġdid it-twemmin tiegħu fl-importanza ta' kompetizzjoni ġusta u miftuħa fil-kompetizzjonijiet ta' akkwist pubbliku u nnota b'mod favorevoli l-kuntratt li ngħata lit-tim tal-kumpannija Awronawtika Ewropea ta' Difiża u tal-Ispazju Northrop Grumman (EADS) għal programm tat-tankers tal-ajru tal-Istati Uniti fuq bażi ta' kriterji newtrali imfassla biex jidentifikaw u jqiegħdu f'idejn il-Forza tal-Ajru tal-Istati Uniti l-aqwa tagħmir li hu wkoll l-iktar adattat;

O. billi jinnota, madankollu, bi tħassib kbir, l-attakki ħorox mill-Boeing bl-għan li jagħtu immaġni li l-operazzjonijiet tal-EADS u ċerti Stati Membri huma sħab inaffidabbli tan-negozju fil-qasam tal-ajruspazju u riskju ta' sigurtà għall-istat ta' tħejjija militari tal-Istati Uniti; messaġġ li ma għaddhiex mingħajr ma ġie nnutat fl-Ewropa;

P. Ir-rapport tal-Uffiċċju tal-Kontabilità tal-Gvern li jsostni l-protesta tat-talba tal-Boeing, huwa rikonoxxut bħala sempliċiment evalwazzjoni tal-proċess ta' selezzjoni u mhux tal-merti tal-ajruplan; il-Parlament jafferma mill-ġdid it-twemmin tiegħu li l-integrità tal-proċess ta' akkwist tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, trid tibqa' intatta għall-kompetituri kollha;

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kummissjoni, li qed taġixxi f'isem l-UE fid-difiża tal-interessi tal-Istati Membri u tal-industrija ta' inġenji tal-ajru ċivili kbar tal-UE:

(a) Il-Parlament jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex tiżgura li kwalunkwe azzjoni anti-kompettitiva fil-politika leġiżlattiva jew eżekuttiva li tirrestrinġi b'mod mhux xieraq il-kapaċità tal-kumpaniji tal-UE li jikkompetu kemm għall-programmi ċivili kemm għal dawk militari għandha tingħata tweġiba xierqa mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha;

(b) Il-Parlament jappoġġa għal kollox id-difiża tal-interessi tal-UE fil-proċeduri pendenti għas-soluzzjoni tat-tilwim quddiem id-WTO u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward: jiddubita, madankollu, jekk id-deċiżjonijiet tad-WTO hux se jipprovdu, fihom infushom, is-soluzzjoni fuq perjodu ta' żmien twil li s-suq jeħtieġ bħala bażi għall-kompetizzjoni ġejjiena fil-paċi u ġusta f'dan il-qasam, li minn naħa l-oħra, tista' tiġi pprovduta minn soluzzjoni nnegozjata;

(c) Il-Parlament iqis li l-punt tat-tluq għal kwalunkwe diskussjoni jeħtieġ ikun dak ta' diskussjoni mingħajr prekundizzjonijiet dwar il-pattijiet tan-negozjati, li juri li hemm intenzjoni ġenwina miż-żewġ naħat li jaslu għal bilanċ pragmatiku bejn l-appoġġ ċivili tal-UE u l-iskema militari-industrijali tal-Istati Uniti, li tistipula dawk l-aspetti tal-involviment tal-gvern li ġenwinament jaffettwaw l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet verament indaqs.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-President u lill-Kungress tal-Istati Uniti tal-Amerika.

# Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija

P6_TA(2008)0354

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (2008/2005(INI))**

(2009/C 294 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan): Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju" (COM(2007)0723) (Il-Komunikazzjoni SET-Plan),

— wara li kkunsidra l-evalwazzjoni sħiħa tal-impatt (SEC(2007)1508), il-'Mappa Teknoloġika' (SEC(2007)1510) u l-'Mappa tal-Kapaċitajiet' (SEC(2007)1511) li jakkumpanjaw il-Komunikazzjoni SET-Plan,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "20 għal darbtejn sa l-2020: L-opportunità dwar il-bidla fil-klima għall-Ewropa" (COM(2008)0030),

— wara li kkunsidra l-evalwazzjoni tal-impatt tal-Pakkett ta' miżuri ta' implimentazzjoni għall-objettivi tal-UE dwar il-bidla fil-klima u s-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu għall-2020 (SEC(2008)0085),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "L-Appoġġ għal Turija minn Kmieni tal-Produzzjoni Sostenibbli tal-Enerġija mill-Fjuwils Fossili" (COM(2008)0013),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bl-isem "L-appoġġ tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu" (SEC(2008)0057),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" (COM(2007)0001),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem "Riformi ekonomiċi u kompetittività: il-messaġġi prinċipali mir-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea 2006" (COM(2006)0697),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli" (COM(2008)0019),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u twessa' s-sistema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (COM(2008)0016),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE, 96/61/KE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (COM(2008)0018),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([1]),

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta' riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007-2011) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013) ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jwaqqaf Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (COM(2007)0571),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-Pjan Direzzjonali għal sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fl-Ewropa ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija: Inwettqu l-Potenzjal ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2008 dwar l-Effiċjenza Globali tal-Enerġija u l-Fond għas-Sorsi tal-Enerġija li Jiġġeddu ([5]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2008 dwar l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija tat-28 ta' Frar 2008 dwar il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0255/2008),

A. billi stqarrijiet suċċessivi min-naħa tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni enfasizzaw li l-objettivi tal-politika Ewropea dwar l-enerġija u l-klima huma s-soluzzjoni għall-problema tal-bidla fil-klima, it-titjib tas-sigurtà tal-enerġija u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea,

B. billi t-theddida kkawżata mill-bidla fil-klima qiegħda tkompli tikber u d-diskussjonijiet tal-COP14 f'Poznan u tal-COP15 f'Kopenhagen se jkunu ta' importanza kbira biex tintlaħaq ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima li tissostitwixxi l-iskema tal-protokoll ta' Kyoto,

C. billi l-Analiżi Stern dwar l-Ekonomija tal-Bidla fil-Klima tirrikonoxxi li l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni biex jittaffa l-effett tal-bidla fil-klima hi ħafna ikbar mill-ispiża biex tittieħed azzjoni,

D. billi d-dipendenza tal-UE mill-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili tista' tiżdied għal 65 % tal-konsum totali sa l-2030,

---

([1]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 403.
([2]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0406.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0033.
([5]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0096.
([6]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0081.

E. billi l-Kummissjoni qieset li se jkun jiswa EUR 70 biljun kull sena sa l-2020 biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra u fir-rigward tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu,

F. billi t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija huwa fost l-orħos mezzi biex jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra,

G. billi r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku huma importanti biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika Ewropea dwar l-enerġija,

H. billi sinerġija aħjar fir-riċerka Ewropea tal-ġejjieni dwar it-teknoloġija tal-enerġija ma tagħmilx għajr tistimula t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, tagħti kontribut għall-vantaġġi komparattivi tal-ekonomija Ewropea, ittejjeb l-impjiegi biex b'hekk tgħin ħalli jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija ta' Liżbona kif ukoll tikkumbatti l-bidla fil-klima,

I. billi s-Seba' Programm ta' Qafas (FP7) jalloka biss EUR 2.3 biljun għar-riċerka fl-enerġija tul il-perjodu ta' seba' snin,

J. billi l-investiment tas-settur privat fir-riċerka dwar it-teknoloġiji tal-enerġija hu limitat ħafna fl-Unjoni Ewropea meta jitqabbel mal-isforzi li qegħdin isiru mill-kompetituriminn pajjiżi terzi, kif ukoll minn setturi oħra tal-UE,

K. billi l-baġits pubbliċi u privati għar-riċerka fl-enerġija fl-Unjoni Ewropea ilhom jonqsu b'mod sostanzjali sa mis-snin 80, u billi l-Unjoni Ewropea ma taqtax figura tajba meta jitqabblu l-indikaturi tal-innovazzjoni bbażati fuq il-livelli tal-infiq għar-riċerka dwar it-teknoloġika mal-bqija tad-dinja,

L. billi l-intervent pubbliku għall-appoġġ ta' teknoloġiji tal-enerġija ġodda u li jniġġsu anqas hu meħtieġ u ġustifikat minħabba li inizjalment dawn jiġu jiswew aktar mit-teknoloġiji li jissostitwixxu, kif ukoll, fl-istadju inizjali tal-penetrazzjoni fis-suq, jistgħu ma jkunux akkompanjati minn profitti kummerċjali immedjati jew prezzijiet aħjar għall-konsumaturi,

***Bżonn ta' Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Pjan SET); jikkunsidra li l-politika Ewropea għat-teknoloġija tal-enerġija b'appoġġ finanzjarju adegwat hija fundamentali sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni Ewropea għall-2020 fir-rigward tal-enerġija u tal-bidla fil-klima;

2. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tilħaq l-objettivi tagħha rigward it-tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kif ukoll tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu sa l-2020 filwaqt li żżomm ekonomija kompetittiva u sostenibbli; jemmen li l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija innovattivi, irħas u b'karbonju baxx, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u s-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu huma essenzjali biex titnaqqas l-ispiża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, biex jinħolqu swieq ġodda għall-industrija tal-UE kif ukoll biex ikun żgurat impenn dinji biex jinstab tarf tal-bidla fil-klima;

3. Jikkunsidra li sabiex jintlaħqu dawn il-miri hu importanti ħafna li titnaqqas l-ispiża tal-enerġija ħadra u li l-innovazzjoni tingħata spinta fis-settur tal-enerġija; jemmen li dan jesiġi li jittejjeb il-proċess tat-trasferiment tat-teknoloġija miċ-ċentri ta' riċerka għall-impriżi, li jitnaqqas iż-żmien ta' penetrazzjoni fis-swieq, li tintemm l-inerzja teknoloġika u regolatorja attwali u li tissaħħaħ l-interkonnettività tan-networks;

4. Jemmen li teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari s-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u t-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija, huma wkoll meħtieġa biex titħaffef id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u biex jiġu provduti metodi li jniġġsu inqas u li jkunu aktar sikuri għall-użu ta' riżorsi indiġeni, b'riżq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea;

5. Jemmen li l-Pjan SET għandu jkun ta' appoġġ għal għadd kbir ta' attivitajiet li jistimulaw id-dibattitu pubbliku dwar il-merti ta' teknoliġiji tal-enerġija ġodda differenti, jiġifieri permezz tal-edukazzjoni tal-konsumaturi u l-kampanji ta' informazzjoni;

6. Jemmen li teknoloġiji orħos, iktar effikaċi u b'karbonju baxx jistgħu jgħinu biex tintlaħaq ftehim internazzjonali ġdida dwar il-bidla fil-klima li tissostitwixxi l-iskema tal-protokoll ta' Kyoto;

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***Koordinazzjoni u Ppjanar Strateġiku***

7. Jenfasizza l-bżonn li titjieb il-koordinazzjoni tat-Teknoloġiji Strateġiċi tal-Enerġija f'bosta livelli u bejn is-sieħba differenti; jenfasizza wkoll il-bżonn li tiġi evitata burokrazija eċċessiva, li jiġu żgurati s-sempliċità u ċ-ċarezza kif ukoll li tiġi żgurata parteċipazzjoni wiesgħa tas-sieħba potenzjali kollha meta tittejjeb il-koordinazzjoni, pereżempju permezz tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Komunità Ewropea propost għat-Teknoloġiji Strateġiċi tal-Enerġija u l-Alleanza Ewropea għar-Riċerka fl-Enerġija proposta, li għandha tkun miftuħa għaċ-ċentri ta' riċerka Ewropej kollha irrispettivament mid-dimensjoni jew mir-riżorsi tagħhom;

8. Jagħti l-appoġġ tiegħu għat-twaqqif ta' Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli u ta' sistema ta' informazzjoni dwar it-teknoloġija tal-enerġija li tkun trasparenti u aċċessibbli faċliment b'mod partikolari, għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jitlob lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Parlament mgħarraf dwar it-twaqqif ta' dan il-grupp u l-ħidma tiegħu kif ukoll dwar l-istrateġija tal-informazzjoni;

9. Jinnota li l-istrumenti żviluppati skond il-Programmi ta' Qafas (ERA-NETs, NoEs, ETPs) jistgħu jintużaw bħala appoġġ għas-Sistema Ewropea tal-Informazzjoni futura dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija;

10. Jenfasizza li koperazzjoni koordinata mal-Istati Membri hi importanti ħafna sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti, jiġu mmassimizzati l-benefiċċji u jitnaqqsu l-ispejjeż; jemmen li l-istrumenti Komunitarji li joperaw fil-livell nazzjonali, bħal ma huma l-Fondi Strutturali, jistgħu jsostnu l-kapaċitajiet tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni f'dawn l-oqsma;

11. Jenfasizza l-importanza fundamentali li tittejjeb ukoll il-koordinazzjoni mal-pajjiżi terzi, u l-infurzar tal-koperazzjoni internazzjonali sabiex tiġi implimentata strateġija koerenti u varjata fir-rigward ta' ekonomiji żviluppati, ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw u ekonomiji emerġenti;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titkabbar il-kapaċità tal-bażi ta' riċerka tal-UE u fuq il-fatt li l-edukazzjoni u t-taħriġ aktar avvanzati huma essenzjali biex ikun hemm il-kwantità u l-kwalità ta' riżorsi umani meħtieġa biex jittieħed il-vantaġġ kollu mill-opportunitajiet tat-teknoloġiji l-ġodda li qegħdin jitwieldu; jemmen li approċċ integrat fil-Programmi Speċifiċi tal-FP7 jista' jkun ta' benefiċċju f'dan ir-rigward;

13. Jiġbed l-attenzjoni għar-riskju potenzjali ta' duplikazzjoni u ta' multiplikazzjoni ta' inizjattivi ġodda; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis kif l-Inizjattivi Industrijali Ewropej (EIIs) ġodda se jsibu posthom mal-programmi eżistenti, inkluż l-FP7, u b'mod iktar speċifiku mal-Pjattaformi tat-Teknoloġija Ewropea u l-Inizjattivi Konġunti tat-Teknoloġija li ġew deċiżi taħt l-FP7, mal-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), u b'mod partikulari, mal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u mal-Komunitajiet tat-Tagħrif u l-Informazzjoni (KIC) tiegħu rigward il-bidla fil-klima u l-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega kif l-EIIs se jgħinu s-sinerġiji bejn il-livell Komunitarju u dak nazzjonali;

14. Itenni li l-pjan SET jeħtieġ li jibni kapaċità ta' riċerka fl-enerġija u fl-innovazzjoni fuq l-iskala ta'l-Unjoni Ewropea; jaqbel mal-Kummissjoni li l-infrastrutturi tar-riċerka panewropej jiffurmaw parti mis-soluzzjoni; jitlob għalhekk lill-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi ta' Riċerka sabiex jidentifika l-ħtieġa ta' infrastrutturi ta' riċerka Ewropej fil-qasam tat-teknoloġiji tal-enerġija innovattiva, bħat-teknoloġiji tal-enerġija li tiġġedded;

15. Jemmen li n-networks tal-enerġija transewropej kif ukoll il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati f'dan is-settur għandhom sehem fundamentali fil-politika strateġika tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea;

***Trasferiment ta' riċerka u teknoloġija***

16. Jenfasizza li l-koordinazzjoni meħtieġa għandha testendi għall-oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi varji li, minħabba n-natura multidixxiplinari tagħhom, għandhom sehem fir-riċerka u fl-iżvilupp tat-teknoloġija tal-enerġija; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-riċerka fix-xjenzi bażiċi bħall-bijoloġija, it-teknoloġija tal-informazzjoni, ix-xjenza tal-materjali u l-makroteknoloġiji;

17. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-potenzjal għall-użu tat-teknoloġiji tal-enerġija fl-Istati Membri li daħħlu reċentement u biex iddaħħal mekkaniżmi ta' appoġġ ibbażati fuq il-politiki tal-UE;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li jitjieb it-trasferiment ta' teknoloġija miċ-ċentri ta' riċerka għall-impriżi; iħeġġeġ sabiex l-Istitut Ewropew il-ġdid dwar l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għandu jkollu rwol f'dan il-qasam;

19. Jinsisti li s-settur privat jinvesti aktar fir-riċerka u jassumi aktar riskji, billi dawn huma prerekwiżiti biex l-Unjoni Ewropea tkun minn ta' quddiem f'dan is-settur;

## *Inizjattivi Industrijali Ewropej*

20. Jemmen bil-qawwa li tinħtieġ żieda fl-appoġġ għal teknoloġiji b'karbonju baxx fil-fażi tad-dimostrazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni għal teknoloġiji ġodda deċentralizzati li jiġġeddu; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-EIIs proposti; jenfasizza, madankollu, il-bżonn li jiżdied ukoll l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġiji li jkunu meħtieġa għal żmien fit-tul, b'enfasi partikolari fuq teknoloġiji li jkunu importanti b'mod strateġiku bħat-teknoloġiji tal-enerġija solari li jistgħu jwasslu biex l-Unjoni Ewropea fil-ġejjieni ssir indipendenti fis-settur tal-enerġija;

21. Jikkunsidra li l-EIIs għandhom jiffukaw fuq oqsma li għandhom l-ikbar potenzjal li jgħinu sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni Ewropea fuq bażi sostenibbli fir-rigward tal-bidla fil-klima, tal-effiċjenza fl-enerġija u tas-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu u għal tnaqqis fl-ispejjeż u fir-repliki għal żmien fit-tul;

22. Jitlob biex jitqiesu ċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull teknoloġija u l-evalwazzjoni tal-impatt tagħha f'kull fażi tal-proċessi tal-produzzjoni meta jiġu pprijoritizzati l-EIIs; jitlob biex titqies il-possibilità li dawn it-teknoloġiji jkunu trasferiti għal ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw sabiex tonqos id-differenza teknoloġika ma' dawn il-pajjiżi;

23. Jitlob għal titjib fit-trasferiment tat-teknoloġija mal-pajjiżi żviluppati u għat-twaqqif tal-koperazzjoni xjentifika ma' dawk il-pajjiżi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija;

24. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-proposta li l-EIIs għandhom ikunu żviluppati b'mod differenti sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet għal teknoloġiji speċifiċi; jemmen li din l-addatabilità tippermetti l-iżvilupp ta' alleanzi strateġiċi bejn l-Istati Membri, il-gvernijiet lokali u reġjonali, iċ-ċentri ta' riċerka u s-settur privat għall-iżvilupp ta' teknoloġiji partikulari; jitlob lil dawn l-entitajiet biex jaħdmu flimkien sabiex jiżviluppaw proposti dettaljati ta' EIIs b'mod urġenti;

25. Jagħti l-appoġġ qawwi tiegħu għall-proposti tal-EIIs dwar l-enerġija tar-riħ, l-enerġija solari, il-bijoenerġija, il-ġbir, it-trasport u l-ħżin tas-$CO_2$, in-networks tal-elettriku u l-fissjoni nukleari;

26. Jitlob, b'mod partikulari, sabiex ir-riċerka fuq il-bijofjuwils tkun intensifikata ħalli tiżgura li l-impatt ambjentali ġenerali tal-produzzjoni ta' dawn il-fjuwils ikun ta' benefiċċju mingħajr l-ebda ekwivoku;

27. Jinnota l-importanza li tkun żviluppata fuq skala kbira l-bidla tal-bijomassa f'gass biex jiġu prodotti l-idroġenu u fjuwils likwidi sintetiċi għat-teknoloġiji sostenibbli tat-trasport;

28. Jenfasizza li l-EII dwar il-fissjoni nukleari għandha tippermetti kontinwità u tinkludi l-ħidma dwar ir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni;

29. Jiddispjaċih li l-Pjan SET jiffoka l-aktar fuq il-miżuri marbuta mal-provvista u jħalli barra l-miżuri għat-tnaqqis tad-domanda tal-enerġija, bħall-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija;

30. Jinsisti li l-effiċjenza tal-enerġija għandha tkun minn ta' quddiem nett fil-Pjan SET, billi hija l-qasam bl-ikbar potenzjal għal tnaqqis tal-emissjonijiet bi spiża żgħira għal żmien medju, b'mod partikolari fis-settur tal-bini, li jlaħħaq għal 40 % tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex iżżid it-teknoloġiji tal-effiċjenza tal-enerġija, inklużi l-koġenerazzjoni u l-poliġenerazzjoni, fost l-oqsma koperti mill-EIIs; jagħti l-appoġġ tiegħu għall-inklużjoni tal-effiċjenza tal-enerġija bħala waħda mill-prijoritajiet koperti mill-EIIs;

31. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-possibilità li jkunu estiżi l-EIIs proposti għal setturi oħra b'potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bħall-koġenerazzjoni, l-idroġenu, is-settur tal-kostruzzjoni u d-djar, is-sistema tat-tisħin u t-tkessiħ, infrastrutturi aħjar għall-ħżin u d-distribuzzjoni tal-enerġija kif ukoll l-interkonnessjoni tan-networks;

32. Jemmen li l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS) jista' jkollu sehem fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, sakemm ikunu żgurati l-effiċjenza u s-sikurezza tagħha; jistieden lill-Kummissjoni biex tħaffef it-twettiq ta' sa 12-il proġett komplet ta' dimostrazzjoni tas-CCS proposti fi ħdan l-EIIs; jinnota li l-appoġġ għal teknoloġiji tal-faħam li ma jniġġsux, bħall-bidla mill-faħam għall-gass, jagħmilha eħfef biex jintuża s-CCS bil-possibilità li jsir obbligatorju għall-ġejjieni;

*Finanzjament*

33. Jistenna bil-ħerqa l-Komunikazzjoni proposta mill-Kummissjoni dwar il-finanzjament għal teknoloġiji ġodda b'karbonju baxx u s-CCS; jiddispjaċih li dik il-Komunikazzjoni ma ġietx ippubblikata flimkien mal-Pjan SET;

34. Jenfasizza li l-Pjan SET m'għandux jiġi ffinanzjat permezz tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi li jkunu ġew allokati għall-enerġija fl-FP7 jew s-CIP;

35. Jemmen li, minħabba l-prijorità marbuta ma' kwistjonijiet ta' bidla fil-klima u mal-enerġija, hemm il-ħtieġa ta' iktar riżorsi tal-UE għal teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u li dawn għandhom jintużaw sabiex jgħinu lill-Unjoni Ewropea tilħaq l-objettivi tagħha sa l-2020;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura b'mod urġenti finanzjament u appoġġ adegwati għal riċerka u żvilupp, dimostrazzjoni u kummerċjalizzazzjoni ġodda ta' teknoloġiji b'karbonju baxx u mingħajr karbonju, biex mill-2009 'l quddiem, mill-inqas EUR 2 biljun tal-baġit tal-Unjoni Ewropea jintefqu kull sena fuq appoġġ għal dawn it-teknoloġiji, indipendentement mill-FP7 u mis-CIP, u jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għal riżorsi addizzjonali fir-reviżjoni interim tal-qafas finanzjarju 2007-2013;

37. Jikkunsidra li għandu jsir użu aħjar u aktar wiesa' mir-riżorsi finanzjarji u umani sabiex għall-ġejjieni jitħaffef l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji li ma jiniġġsux;

38. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-UE fir-riċerka; jitlob għalhekk biex ikun hemm aktar finanzjament għar-riżorsi umani u għat-taħriġ fis-settur tat-teknoloġija tal-enerġija; jitlob ukoll li jkun hemm koordinazzjoni akbar bejn il-Komunità u l-istrumenti finanzjarji nazzjonali għall-appoġġ tat-taħriġ u r-riċerka, b'mod partikularil-FP7;

39. Jagħti l-appoġġ tiegħu, fid-dawl tal-ħtieġa ta' aktar komplementarjetà bejn il-fondi tal-UE, għall-proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Reġjuni Ewropej kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni" (COM(2007)0474); jilqa' b'sodisfazjon f'dak il-kuntest il-gwida prattika tal-Kummissjoni għall-koordinazzjoni tal-fondi tal-UE minn sorsi reġjonali, nazzjonali, tal-UE u tal-BEI fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll tal-innovazzjoni; jaqbel mal-Kummissjoni li hemm il-ħtieġa li ssir komunikazzjoni aħjar mal-partijiet interessati dwar id-dispożizzjonijiet ta'l-Artikolu 54(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 [1] rigward l-użu ta' fondi minn żewġ sorsi differenti tal-Komunità għall-istess sett ta' spejjeż eliġibbli;

40. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tippreżenta l-pjan finanzjarju, tispjega fejn azzjoni konġunta tal-UE tipprovdi valur miżjud fis-setturi varji tat-teknoloġija u sabiex tagħti r-riżultati marbuta mas-sostenibilità tal-iżviluppi varji teknoloġiċi;

41. Jinnota l-bżonn biex ir-riżorsi jintużaw fi sħubija mal-industrija, biex jinfluwenzaw l-investimenti tas-settur privat f'teknoloġiji ġodda b'karbonju baxx; jenfasizza l-bżonn għal viżjoni ċara u fit-tul u għal qafas finanzjarju, bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħall-BEI, sabiex is-sieħba barranin tas-settur privat jingħataw biżżejjed ċertezza biex jinvestu; jenfasizza l-bżonn li jiġu involuti l-SMEs, b'mod partikulari fit-teknoloġiji għal sistemi ta' provvista ta' enerġija mxerrda;

---

(1) ĠU L 210, 31.7.2006, p.25. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1989/2006 (ĠU L 411, 30.12.2006, p.6).

42. Jinnota li, skond ir-reviżjoni proposta tal-Iskema għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE, id-dħul mis-subbasti jista' jipprovdi sors sinifikanti ta' finanzjament sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea filwaqt li jintlaħqu l-miri tagħha dwar il-bidla fil-klima, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u s-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu;

*

* *

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Fondi ta' investimenti sovrani

P6_TA(2008)0355

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar fondi ta' investimenti sovrani**

(2009/C 294 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komuni Ewropew għal Fondi ta' Investimenti Sovraniv (COM(2008)0115),

— wara li kkunsidra l-ħidma li qed issir mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u, b'mod partikulari, mill-Grupp Internazzjonali ta' Ħidma dwar il-Fondi ta' Investimenti Sovrani,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Investiment tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) adottat fl-4 t'April 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 64 u 65 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (dawk li qabel kienu l-artikoli 57 u 58 tat-Ttrattat li Jistabilixxi l-Komunità Ewropea),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-fondi ta' investimenti sovrani ilhom attivi fis-swieq finanzjarji globali għal iktar minn 50 sena,

B. billi l-ebda diżordni fis-swieq finanzjarji ma tista' tkun attribwita għall-attivitajiet tal-fondi ta' investimenti sovrani,

C. billi l-istruttura tas-sjieda tal-fondi ta' investimenti sovrani tfisser li dawn ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament tal-EU tas-suq finanzjarju,

D. billi l-istrateġija ta' investiment tal-fondi ta' investimenti sovrani wriet preferenza għall-investimenti stabbli fuq perjodu ta' żmien twil,

E. billi hemm xi tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza f'xi fondi ta' investimenti sovrani rigward l-assi, l-istrateġiji ta' investiment, il-profitti u l-istrutturi ta' tmexxija tagħhom,

F. wara li kkunsidra l-irwol li wettqu l-fondi ta' investimenti sovrani matul il-kriżi finanzjarja riċenti sabiex xi istituzzjonijiet finanzjarji kbar ikunu salvati mill-falliment,

G. wara li kkunsidra l-potenzjal għat-tkabbir tal-fondi ta' investimenti sovrani,

H. billi l-Unjoni Ewropea għandha tibqa' tibqa' żżomm sod l-impenn tagħha għall-politika ta' ftuħ għall-investimenti u moviment ħieles tal-kapital,

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

1. Iqis li l-fondi ta' investimenti sovrani ma kinux il-kawża ta' diżordni fis-swieq tal-kapital, iżda li l-istruttura, id-daqs u t-tkabbir mgħaġġel tagħhom jitolbu analiżi b'attenzjoni tal-irwol u l-influwenza tagħhom; jirrikonoxxi l-fatt li l-approċċ tal-fondi ta' investimenti sovrani lejn it-trasparenza u t-tmexxija ivarja;

2. Huwa mħasseb minħabba li n-nuqqas ta' trasparenza ta' ċerti fondi ta' investimenti sovrani tista' ma jippermettix fehim ċar tal-istrutturi u l-motivazzjonijiet tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-fatt li t-trasparenza u l-iżvelar tal-informazzjoni jikkostitwixxu l-prinċipju ewlieni biex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet tassew indaqs u biex is-swieq b'mod ġenerali jaħdmu mingħajr problemi;

3. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar fondi ta' investimenti sovrani, li tafferma mill-ġdid l-importanza tas-swieq miftuħa u l-impenn tal-Kummissjoni għal soluzzjoni globali; jinnota l-inizjattivi varji jew f'livell nazzjonali jew fil-fora internazzjonali biex tissaħħaħ it-trasparenza u tittejjeb it-tmexxija, u jitlob lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-IMF u l-OECD biex ikun stabbilit kodiċi ta' mġiba globali;

4. Iqis, madankollu, li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar fondi ta' investimenti sovrani għandha tkun meqjusa bħala l-ewwel pass, u għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-attivitajiet tal-fondi ta' investimenti sovrani u biex twettaq l-irwol ta' koordinazzjoni tagħha sabiex tiżgura li inizjattivi nazzjonali ma jmorrux kontra l-impenn għall-ftuħ għall-investimenti u ma jqiegħdux fil-periklu l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fis-swieq globali;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi tal-istrumenti għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea li jinsabu disponibbli taħt it-Trattati tal-KE jew taħt il-leġiżlazzjoni eżistenti — bħal obbligi ta' trasparenza, id-drittijiet tal-vot, id-drittijiet ta' dawk li għandhom ishma u l-ishma tad-deheb — li jippermettu xi reazzjoni f'każ ta' problemi ta' sjieda minħabba intervent tal-fondi ta' investimenti sovrani;

6. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jevalwaw il-marġni ta' manuvra li jibqa' għall-isitituzzjonijiet tal-UE skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 64 u 65 tat-TFUE, sabiex jivverifikaw l-għażliet rigward l-azzjoni kkoordinata fil-livell ta' UE, li hija essenzjali għall-interessi tal-UE u għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern; jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal lista ta' setturi li jistgħu jkunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 65 rigward il-politika pubblika;

7. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu analiżi bir-reqqa tal-funzjonament tas-swieq finanzjarji globali u biex jiddefinixxu u jippromwovu viżjoni b'saħħitha tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-inizjattivi globali, ta' liema għandhom ikunu l-prinċipji u r-regoli li jiggwidaw il-funzjonament tagħhom; huwa tal-fehma li pożizzjoni komuni ta' dan it-tip issaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fil-fora internazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex tapplika l-prinċipju tar-reċiproċità, fejn ikun xieraq;

8. Huwa mħasseb dwar il-prezzijiet taż-żejt u l-konsegwenzi tagħhom fuq ir-rata tal-kambju tal-euro/-dollaru, minħabba li l-profitti miż-żejt ta' sikwit ikunu investiti mill-ġdid permezz tal-fondi ta' investimenti sovrani f'assi dominati mill-euro u swieq fiz-zona tal-euro b'mod ġenerali;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Lejn kultura ġdida għall-mobiltà urbana

P6_TA(2008)0356

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar "Lejn kultura ġdida għall-mobiltà urbana" (2008/2041(INI))**

(2009/C 294 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper intitolata "Lejn kultura ġdida għall-mobiltà urbana" (COM(2007)0551),

— wara li kkunsidra l-White Paper intitolata "Il-Politika Ewropea tat-Trasport għall-2010: wasal iż-żmien li niddeċiedu" (COM(2001)0370),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna: Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport tal-2001 tal-Kummissjoni Ewropea" (COM(2006)0314),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn Mobilità aktar Sikura, aktar Nadifa u aktar Effiċjenti madwar l-Ewropa: L-Ewwel Rapport dwar il-Karozzi Intelliġenti" (COM(2007)0541),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21 — Pożizzjoni tal-Kummissjoni għar-Rapport Finali tal-Grupp ta' Livell Gholi CARS 21, Kontribuzzjoni għall-Iżvilupp tal-UE u l-Istrateġija tal-Impjiegi (COM(2007)0022),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Dwar l-Inizjattiva tal-Karozza Intelliġenti: Inżidu l-Gharfien dwar it-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ITC) għal Vetturi aktar Intelliġenti, aktar Sikuri u aktar Nodfa" (COM(2006)0059),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-Loġistika tat-Trasport tal-Merkanzija fl-Ewropa — Iċ-Ċavetta għal Mobiltà Sostenibbli" (COM(2006)0336),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Pjan ta' Azzjoni għal-Loġistika tat-Trasport tal-Merkanzija" (COM(2007)0607),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward "Strateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban" (COM(2005)0718),

— wara li kkunsidra l-proposti u l-linji gwida tal-Kummissjoni u l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-fondi strutturali, il-fond ta' koeżjoni u s-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka,

— wara li kkunsidra l-proposta riveduta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi għat-trasport tat-triq li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li ma jniġġsux (COM(2007)0817),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar il-kontribut għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2008 rigward l-Istrateġija ta' Liżbona ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar "Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna" ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2008 dwar CARS 21: Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2007 dwar Il-Loġistika tat-Trasport tal-Merkanzija fl-Ewropa — is-soluzzjoni għal mobilità sostenibbli ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2006 dwar l-istrateġija tematika dwar l-ambjent urban ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Mobiltà Urbana",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0252/2008),

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0057.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0345.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0007.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0375.
([5]) ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 182.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

A. billi ċ-ċentri urbani (il-bliet u l-inħawi tagħhom) huma f'ħafna modi importanti ħafna fil-ħajja taċ-ċittadini tal-UE; billi ċ-ċentri urbani jiffaċċjaw problemi u sfidi simili fir-rigward tat-tniġġis, il-konġestjoni, l-istorbju u s-sikurezza tat-toroq bħala konsegwenza tal-mobiltà urbana, minkejja d-differenzi fid-daqs u l-istruttura tagħhom,

B. billi hemm ħtieġa urġenti għal ħsieb ġdid u kunċetti innovattivi dwar il-mobiltà fil-bliet peress li t-trasport urban huwa kontributur ewlieni għall-bidla fil-klima, għat-tniġġis u għal problemi ambjentali oħra kif ukoll għall-effetti ħżiena marbuta fuq il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa ta' min jgħix fil-bliet; billi jeħtieġ li nsibu tarf dawn il-problemi biex l-istrateġija globali tal-UE għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u kontra problemi ambjentali oħra, tirnexxi,

C. billi jrid ikun żgurat tqassim xieraq tal-kompiti bejn l-UE u l-bliet, tqassim li fih l-UE għandu jkollha sehem stabbilit b'mod ċar; billi b'konformità mal-prinċipju tar-regolamentazzjoni aħjar u mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, azzjoni Komunitarja dwar il-moblità urbana għandha tittieħed biss meta jkun hemm valur miżjud tal-UE ċar,

D. billi l-prinċipji tas-suq intern tal-UE għandhom jitqiesu wkoll fil-qasam tal-mobiltà urbana,

E. billi l-bliet Ewropej għandhom ikunu jistgħu jagħżlu minn firxa wiesgħa ta' strumenti flessibbli sabiex titfassal ġabra ta' politiki maqtugħa għalihom li jipprovdu soluzzjonijiet integrati, sostenibbli, soċjalment effettivi u ekonomikament vijabbli għall-problemi speċifiċi tagħhom ta' mobiltà; billi soluzzjonijiet loġistiċi aħjar u bidla għal metodi ta' trasport aktar sostenibbli huma l-mira fl-oqsma u fil-mezzi kollha tat-trasport (min ikun bil-mixi, ċiklisti, trasport tal-passiġġieri pubbliku u privat, tqassim tal-merkanzija, u servizzi) sabiex ikun hemm aċċessibilità tajba għaċ-ċentri tal-bliet u biex it-traffiku jimxi bla xkiel, żewġ punti li huma importanti ħafna għar-residenti, għall-viżitaturi, għal min jidħol f'belt regolarment, għall-produtturi u għall-fornituri ta' prodotti u servizzi — partikolarment l-SMEs; billi għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-interoperabilità tal-istrumenti magħżula sabiex fi stadju 'l quddiem, l-awtoritajiet ikunu jistgħu jinfurzaw il-ksur tar-regoli tat-traffiku marbuta maz-zoni urbani fuq bażi transkonfinali,

F. billi l-politika Ewropea dwar it-trasport urban trid tqis il-koeżjoni ekonomika, soċjali, territorjali u ambjentali; billi trid tingħata attenzjoni speċjali lill-problemi u l-kundizzjonijiet partikulari fl-Istati Membri l-"ġodda",

G. billi trid tingħata attenzjoni partikulari lill-ħtiġijiet partikulari tal-ħaddiema (min jidħol fil-bliet regolarment), ta' nies b'anqas mobiltà, tat-tfal (pushchairs), ta' dawk l-anqas għonja u tal-anzjani; billi għandna nżommu f'moħħna li t-tixjiħ mgħaġġel tal-popolazzjoni tal-Ewropa jwassal għal bidliet demografiċi u għal ħtiġijiet ġodda ta' mobiltà fis-soċjetajiet,

H. billi huwa essenzjali li jiġi adottat approċċ ġdid għall-ippjanar strateġiku għaz-zoni urbani sabiex ikunu antiċipati l-isfidi ambjentali, tal-enerġija u tal-mobiltà li se jitfaċċaw fid-deċennji li ġejjin,

I. billi l-internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni hija pass importanti lejn l-għan li jkun hemm ipprezzar veru fil-qasam tat-trasport; billi jeħtieġ li tkun evalwata l-possibiltà ta' kontrosussidjar ta' kunċetti sostenibbli dwar it-trasport urban, sabiex ikun żgurat it-trattament ugwali bejn it-trasport ta' prodotti u ta' passiġġieri u bejn il-mezzi differenti ta' trasport; billi jridu jsiru sforzi sabiex jiġu żviluppati strumenti finanzjarji ġodda u sabiex isir użu aħjar u aktar frekwenti ta' strumenti finanzjarji eżistenti bħall-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fl-interess ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-mobiltà urbana,

***L-irwol tal-Unjoni Ewropea***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper imsemmija hawn fuq bħala bażi xierqa għal diskussjoni; jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-involviment komprensiv ta' min hu kkonċernat fil-proċess li jwassal għal opinjonijiet differenti u tat-tiswir ta' politiki futuri tal-UE dwar it-trasport urban;

2. Iqis li hija meħtieġa delineazzjoni ċara tal-oqsma ta' responsabiltà tal-UE, b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità stipulati fit-Trattati; jirrikonoxxi l-prinċipju li l-awtoritajiet lokali huma ħielsa li jadottaw il-politiki ta' mobiltà tagħhom stess sakemm ma jiksrux il-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali u Komunitarja; jistenna fl-istess ħin li — filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji msemmija hawn fuq — l-Istati Membri u l-bliet ikunu konxji mir-responsabiltà tagħhom stess għall-organizzazzjoni u l-ippjanar aħjar tal-mobiltà urbana; jirrikonoxxi, madankollu, li azzjoni magħquda dwar il-mobiltà urbana fil-Komunità tista' ġġib valur miżjud ċar f'xi oqsma;

3. Jemmen li l-UE għandha tfassal strateġija globali dwar il-mobiltà urbana li twassal għal użu iktar razzjonali ta' karozzi privati u għandha tippromwovi bidla modali lejn mezzi sostenibbli ta' trasport, sabiex ikunu appoġġjati l-impenji tal-UE dwar il-ħarsien ambjentali u dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

4. Jemmen li trid tittieħed azzjoni fil-livell Ewropew fl-oqsma li ġejjin u jitlob

— li jkun żviluppat approċċ globali integrat għall-mobiltà urbana li jservi bħala qafas ta' referenza komuni għall-partijiet interessati Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali (il-muniċipalitajiet, iċ-ċittadini, in-negozji u l-industrija); li dan l-approċċ għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tas-suq intern tal-UE fil-qasam tal-mobiltà sostenibbli u għandu jqis il-vijabilità tal-bliet u l-effett fuq id-demografija (migrazzjoni 'l barra mill-bliet); jenfasizza li dan għandu jkun stimolu ċar għall-bliet u għaz-zoni urbani biex jistabbilixxu Pjani Sostenibbli ta' Mobiltà Urbana (SUMPs) li jkunu integrati u komprensivi, b'enfasi fuq l-ippjanar tal-bliet għall-futur imbiegħed u fuq l-ippjanar tal-ispazji; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tara sew kif jintrabtu s-SUMPs mal-Kofinanzjament tal-UE tal-proġetti tat-trasport fil-bliet ta' aktar minn 100 000 ruħ u mal-leġiżlazzjoni, mad-deċiżjonijiet u mal-miri tal-UE dwar it-tnaqqis tal-inċidenti, l-emissjonijiet tas-$CO_2$, l-emissjonijiet lokali tal-gass u l-istorbju;

— li tinġabar u titqassam b'mod effettiv dejta komparabbli u ta' min joqgħod fuqha dwar l-aspetti kollha tal-mobiltà urbana u sottourbana, filwaqt li jitqiesu bidliet futuri fil-kundizzjonijiet ta' qafas (eż. bidliet demografiċi, tkabbir ekonomiku, bidla fil-klima);

— li ssir lista kompleta ta' regoli Komunitarji li huma fis-seħħ attwalment u li jaffettwaw il-mobiltà urbana, b'mod dirett jew indirett, filwaqt li f'kull każ jitqies il-potenzjal għal titjib u għal simplifikazzjoni;

— li ssir evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni Ewropea li taffettwa t-trasport urban, partikolarment it-trasport pubbliku tal-passiġġieri;

— li ssir lista tal-inizjattivi lokali meħuda sabiex jingħelbu ftit mill-problemi msemmija fil-Green Paper (eż. il-ħlas għat-toroq, iz-zoni ħodor, is-sikurezza fuq it-trasport pubbliku, il-protezzjoni taċ-ċiklisti, eċċ.); jittama li din il-lista tista' tkun il-bażi għall-iskambju tal-aqwa prattika f'dawn l-oqsma;

— li jkun hemm monitoraġġ ta' miżuri lokali marbuta mal-aċċess għaċ-ċentri tal-bliet sabiex ikunu evitati ostakli ġodda għall-kummerċ fis-suq intern tal-UE;

— li titwaqqaf "Pjattaforma Ewropea għall-Mobiltà Urbana" jew kwalunkwe forum ieħor effettiv, li tiġbor flimkien id-dejta, l-aqwa prattiki u l-informazzjoni politika kollha dwar il-mobiltà urbana b'mod li jinftiehem sabiex iċ-ċittadini u l-politiċi jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni vitali meħtieġa biex jiġu żviluppati politiki dwar il-mobiltà urbana; jenfasizza li pjattaforma bħal din għandha tieħu kemm tista' minn bażijiet ta' dejta, riżorsi u istituzzjonijiet eżistenti, sabiex tkun evitata l-burokrazija;

— li ssir evalwazzjoni tal-ispejjeż esterni tad-diversi mezzi ta' trasport kif ukoll evalwazzjoni tal-possibiltà li jkunu internalizzati;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem mal-Istati Membri biex jingħelbu l-ostakli nazzjonali għall-iskemi urbani, mingħajr madankollu ma tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE, li tista' tillimita l-flessibiltà lokali meħtieġa biex jingħelbu l-problemi ta' mobiltà;

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*Leġiżlazzjoni*

6. Jikkunsidra li jeħtieġ li l-UE tqis il-ħtiġijiet partikulari tat-trasport urban fl-oqsma ta' politika fejn għandha setgħa leġiżlattiva (eż. il-politika baġitarja, il-politika ambjentali, il-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, il-politika tal-kompetizzjoni, il-politika tal-industrija, il-politika reġjonali u ta' koeżjoni, il-politika tat-trasport u tas-sikurezza tat-toroq, u l-politika tal-enerġija);

*Standardizzazzjoni u armonizzazzjoni*

7. Jitlob li jsiru regoli u/jew linji gwida speċifiċi Ewropej għall-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' dan li ġej:

— id-disinn u t-tħaddim ta' zoni ħodor u tal-ħlas għat-toroq; iqis li d-deċiżjoni dwar jekk dawn il-miżuri jiddaħħlux jew le għandha tittieħed f'livell lokali filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' kull konurbazzjoni; billi skond il-prinċipji tas-suq intern tal-UE, għandha ssir enfasi speċjali fuq l-istruttura interoperabbli tagħhom sabiex it-traffiku ikun jista' jimxi bla xkiel u sabiex ikun evitat l-istabbiliment ta' inizjattivi diverġenti fi Stati Membri differenti;

— rekwiżiti tekniċi u organizzattivi għall-interoperabilità tad-diversi mezzi ta' trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija;

— mobiltà ta' persuni b'diżabilità, tal-anzjani, tal-persuni bi tfal żgħar u tal-persuni l-anqas għonja;

— titjib tas-sikurezza tat-toroq skond il-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali;

— aċċessibilità u interoperabilità ta' teknoloġiji ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport (SIT) għal applikazzjonijiet fl-Ewropa kollha;

*Tixrid u skambju tal-aqwa prattiki*

8. Jitlob ukoll li jittieħdu miżuri xierqa għall-promozzjoni tal-iskambju tal-aqwa prattiki, partikolarment dwar:

— l-aħjar użu tal-infrastruttura disponibbli, pereżempju permezz ta' kunċetti flessibbli tal-użu tat-toroq,

— l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet multimodali ta' trasport u mobiltà (toroq, ferroviji, ilma),

— sistemi integrati ta' ħruġ ta' biljetti u ta' kontijiet li jissimplifikaw l-aċċess għal, u l-użu komodali ta', mezzi differenti ta' trasport,

— it-tfassil ta' pjanijiet ta' mobiltà sostenibbli skond il-każ u l-appoġġ ta' miżuri għall-ippjanar reġjonali u urban ('belt b'distanzi qosra'), proċess li l-partijiet kollha konċernati għandhom ikunu involuti fih minn stadju bikri,

— linji gwida li jiżguraw koperazzjoni fost l-aġenziji tad-dipartimenti kollha tal-gvernijiet lokali u reġjonali u l-kumpaniji ta' servizzi bażiċi meta jkun qed isir l-ippjanar fiz-zoni urbani;

— soluzzjonijiet innovattivi għat-trasport effiċjenti ta' merkanzija, partikolarment għat-tqassim ta' merkanzija lokali fil-bliet, inklużi sistemi ta' tagħbien u ta' ħatt ta' min joqgħod fuqhom sabiex ikunu ffaċilitati operazzjonijiet fl-aħħar stadju,

— servizzi tat-trasport sostenibbli biex tkun żgurata l-mobiltà tat-turisti f'zoni urbani u suburbani,

— linji gwida għal politika tal-akkwist pubbliku li tagħti kas tal-ambjent,

— titjib fit-trasport pubbliku u lokali tal-passiġġieri li jkun nadif b'enfasi fuq l-effiċjenza, fuq kemm iħajjar lin-nies, fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet u fuq l-aċċessibilità, anke għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni b'anqas mobiltà, kif ukoll fokus fuq is-sikurezza u s-sigurtà,

— il-promozzjoni ta' katini ta' mobiltà sostenibbli: mixi-roti-carsharing-carpooling-taksi-mobiltà kollettiva/-pubblika,

— l-organizzazzjoni aħjar ta' trasport fuq distanzi qosra,

— miżuri ta' mmaniġġjar tat-traffiku biex jittejjeb kemm jista' jkun l-immaniġġjar tal-loġistika u l-mobiltà sabiex jitnaqqas l-użu tat-trasport u/jew ikun evitat, bħax-xogħol mid-dar jew ħinijiet tax-xogħol flessibbli fil-postijiet tax-xogħol u fl-iskejjel,

— miżuri għall-promozzjoni tal-mobiltà virtwali, pereżempju t-tagħlim elettroniku, l-operazzjonijiet bankarji elettroniċi u l-konferenzi bil-vidjow,

— l-introduzzjoni ta' zoni ħodor u tal-ħlas għat-toroq,

— il-politiki u l-prattiki tal-parkeġġ, bħall-introduzzjoni ta' sistemi ta' gwida għall-parkeġġ,

— it-titjib u t-twessigħ tal-użu tas-STI;

9. Jitlob li tinxtered kemm jista' jkun dejta dwar kwistjonijiet rilevanti għall-mobiltà urbana, bħall-istatistika tal-Eurostat u l-CARE (Bażi ta' dejta Komunitarja dwar l-Inċidenti fit-Toroq fl-Ewropa); jitlob li jinfetaħ l-aċċess għall-bażi ta' dejta tal-CARE, li tkun għodda b'saħħitha għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien fost il-professjonisti fil-qasam tat-trasport;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-awtoritajiet lokali billi tippromwovi proġetti pilota u sperimentali, partikolarment dawk bil-għan li japplikaw approċċ integrat għall-kwistjoni tal-mobiltà urbana u li jipprovdu għajnuna għar-riċerka fil-qasam tal-ippjanar urban;

***Riċerka u żvilupp***

11. Jenfasizza l-ħtieġa għal riċerka u żvilupp fil-qasam tat-trasport sostenibbli, partikolarment għall-promozzjoni tal-progress teknoloġiku fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' vetturi aktar nodfa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinvestu f'sistemi tat-trasport urban nodfa, aktar effiċjenti, aħjar għall-konsumaturi u sikuri, u biex jieħdu miżuri sabiex jinħoloq suq għal sistemi bħal dawn;

12. Jiġbed l-attenzjoni li l-UE għandha rwol fl-iżvilupp u l-promozzjoni tas-STI u fil-finanzjament ta' teknoloġiji innovattivi, peress li jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti, pereżempju, lit-titjib tas-sikurezza tat-toroq u ta' kif jimxi t-traffiku kif ukoll tal-effiċjenza loġistika; iqis, għalhekk, li għandu jkun promoss aktar żvilupp u, fuq kollox adozzjoni tas-STI fl-UE;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal listi aċċessibbli u kompatibbli ta' proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp dwar il-mobiltà urbana taħt il-programmi ta' qafas differenti tal-UE, filwaqt li turi eżempji applikati fil-prattika;

***Koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet***

14. Jenfasizza li l-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-governanza tal-mobiltà u koordinazzjoni aħjar, huwa essenzjali għat-titjib tat-trasport u l-mobiltà urbani, peress li qed jibdew jidhru nuqqasijiet bħan-nuqqas ta' allokazzjoni xierqa ta' responsabiltajiet, nuqqas ta' koordinazzjoni bejn diversi awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali u koordinazzjoni insuffiċjenti bejn l-ippjanar ta' sistemi tat-trasport urbani, sottourbani u rurali; jiġbed l-attenzjoni li koordinazzjoni ħażina bejn l-awtoritajiet lokali twassal għal spejjeż ogħla ta' provvista, aktar traffiku u għalhekk aktar tniġġis ambjentali;

15. Jitlob b'urġenza għal koordinazzjoni aħjar bejn awtoritajiet lokali ġirien sabiex ikun żgurat ċertu livell ta' konsistenza u sabiex ikun hemm żvilupp sostenibbli u armonizzat ta' infrastrutturi tat-trasport lokali u reġjonali f'zoni transkonfinali u f'inħawi oħra;

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***Approċċ integrat***

16. Iqis li jeħtieġ li l-iżvilupp u l-ippjanar urban isiru fuq bażi integrata, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet attwali u fil-futur tat-trasport urban; l-introduzzjoni ta' konnessjonijiet veloċi tal-ferrovija bejn ċentri ta' bliet u waqfiet oħra max-xmajjar, tal-ferrovija u fl-ajruporti u partikolarment ma' reġjuni fil-periferija għandha tkun prijorità għall-iżvilupp u l-modernizzazzjoni urbani fuq skala kbira;

17. Ifakkar li, minħabba l-urbanizzazzjoni dejjem aktar mgħaġġla, għandha tingħata aktar attenzjoni lis-subborgi u lill-konurbazzjonijiet;

***Responsabiltà individwali***

18. Jenfasizza r-responsabiltà individwali taċ-ċittadini u jqis li jeħtieġ li jiġu mħeġġa jevalwaw l-imġiba tagħhom b'mod kritiku bħala utenti tat-toroq u jekk possibbli, li jipparteċipaw attivament f'forums lokali dwar il-mobiltà urbana; jemmen li kważi kull ċittadin jista' jbiddel id-drawwiet tiegħu, pereżempju rigward l-użu tal-karozza privata u mezzi alternattivi ta' trasport (mixi, roti jew trasport pubbliku), u b'hekk jagħti kontribut individwali għat-titjib tal-indafa u tal-kwalità tal-ħajja fiz-zoni urbani; jitlob li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jipprovdu għażliet alternattivi ta' mobiltà biex dawn il-bidliet ikunu aktar faċli; barra minn hekk, jistieden lill-awtoritajiet Ewropej nazzjonali, reġjonali u lokali biex iwaqqfu kampanji edukattivi u tal-informazzjoni sabiex iċ-ċittadini jsiru aktar konxji dwar l-imġiba tagħhom fit-toroq; jisħaq fuq l-importanza partikulari ta' kampanji edukattivi għall-ġenerazzjoni żagħżugħa;

19. Jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza u s-suċċess dejjem jikber tal-"Jum bla Karozzi" fil-kuntest tal-Ġimgħa tal-Mobiltà tal-UE; jinnota li, fl-2007, 1, 909 bliet minn 23 Stat Membru ħadu sehem f'din l-inizjattiva; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibqgħu jinkuraġġixxu din l-inizjattiva u biex jaħdmu għall-adozzjoni wiesgħa tagħha;

20. Jikkunsidra li għandu jsir studju li juri biċ-ċar u li jkun fih informazzjoni dettaljata dwar l-aspetti kollha tal-għażliet u l-possibilitajiet taċ-ċittadini rigward il-mobiltà urbana (trasport privat imqabbel mat-trasport pubbliku); jitlob ġbir ta' dejta ġdid u standardizzat dwar kwistjonijiet li ma tantx saru studji dwarhom bħall-imġiba taċ-ċiklisti u ta' min ikun bil-mixi u l-motivazzjoni taċ-ċittadini meta jużaw ċerti mezzi ta' trasport minflok oħrajn;

***Finanzjament***

21. Jemmen li l-UE tista' tagħti kontribut kbir lill-finanzjament ta' miżuri tat-trasport urban tal-passiġġieri u tal-merkanzija, pereżempju bl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, u jistieden lill-Kummissjoni biex tonora r-responsabiltà tagħha f'dan ir-rigward; ifakkar fir-responsabiltà ta' finanzjament tal-Istati Membri għal miżuri li jolqtu l-ambjent u t-trasport kif stipulat fil-liġi Komunitarja;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal strumenti speċifiċi orjentati lejn l-ekonomija tas-suq sabiex jinħoloq qafas bilanċjat u favorevoli għall-mobiltà sostenibbli fiċ-ċentri urbani;

23. Jitlob, fil-kuntest tal-evalwazzjoni li se ssir dalwaqt tal-baġit tal-UE, li l-finanzjament ta' proġetti minn fondi tal-UE jkun marbut aktar mill-qrib ma' kundizzjonijiet u rekwiżiti marbuta mat-trasport sostenibbli u l-protezzjoni ambjentali fil-futur u jqis li dan huwa strument xieraq għal-promozzjoni ta' kunċetti ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u li jkun aċċessibbli ħafna;

24. Jistieden lill Kummissjoni biex taħdem, għal rasha jew mal-Bank Ewropew tal-Investiment, pereżempju, fuq l-evalwazzjoni tal-possibiltajiet attwali u futuri għall-finanzjament tat-trasport urban; jissuġġerixxi li titfassal gwida komprensiva li tistabbilixxi b'mod sistematiku l-fondi kollha disponibbli għat-trasport urban; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-kwistjoni tal-kontrosussidjar fil-qasam tat-trasport sabiex ikun żgurat trattament ugwali bejn il-mezzi kollha tat-trasport u bejn it-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija; għandhom ikunu evalwati wkoll l-aspetti kollha ta' sħubijiet bejn il-gvern u l-privat u l-kontribut li jistgħu jagħtu lil kunċetti sostenibbli rigward il-mobiltà urbana;

25. Jistieden lill-Bureau tal-Parlament Ewropew, u lis-servizzi tiegħu, biex jagħti l-eżempju billi jimplimenta d-deċiżjonijiet tiegħu stess u billi jagħti spinta lil miżuri ta' mmaniġġjar għall-Membri, l-istaff u l-viżitaturi bil-għan li l-mobiltà sostenibbli tiġi integrata fl-applikazzjoni tar-Regolament EMAS mill-Parlament;

*

* *

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Rapport Annwali tal-ECB (il-Bank Ċentrali Ewropew) għall-2007

P6_TA(2008)0357

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar ir-Rapport Annwali tal-ECB (il-Bank Ċentrali Ewropew) għall-2007 (2008/2107(INI))**

(2009/C 294 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropej ([1]) anness mat-Trattat,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 1998 dwar ir-responsabilità demokratika fit-tielet fażi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar il-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi (Taqsima: linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Komunità): It-tnedija taċ-ċiklu l-ġdid (2008-2010) ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar EMU@10: suċċessi u sfidi wara 10 snin mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja (COM(2008)0238),

— wara li kkunsidra r-Reviżjoni tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-ECB f'Diċembru 2007 u r-rapport tiegħu dwar l-Integrazzjoni Finanzjarja fl-Ewropa ta' April 2008,

— wara li kkunsidra t-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa mill-Kummissjoni għall-2008-2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0241/2008),

A. billi fl-2007 il-GDP taż-żona tal-Euro kibret bi 2,6 % (meta mqabbla ma' 2,7 % fl-2006) minkejja inċertezza akbar li ġejja mit-taqlib finanzjarju fit-tieni nofs tas-sena,

B. billi r-rata tal-inflazzjoni kienet 2,1 % meta mqabbla ma' 2,2 % fl-2006, minkejja ambjent ekonomiku kkaratterizzat minn pressjonijiet sinifikanti sabiex jiżdiedu l-prezzijiet,

C. billi l-ECB baqa' jimmodifika r-rati ta' interess fl-2007, għal 4,0 % f'Ġunju 2007 minn 3,5 % f'Diċembru 2006, u żamm dan il-livell matul it-tieni semestru,

---

([1]) ĠU C 191, 29.7.1992, p. 68.
([2]) ĠU C 138, 4.5.1998, p. 177.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0058.

D. billi dikjarazzjonijiet magħmula mill-Fond Monetarju Internazzjonali u mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku jappellaw għal approċċ kawt ħafna fir-rigward ta' żiediet firr-rati tal-interess fiż-żona tal-Euro,

E. billi fl-2007 r-rata tal-kambju tal-Euro rat żieda fil-valur b'6,3 % f'termini nominali effettivi, u li b'mod partikulari ż-żieda fil-valur spikkat fir-rigward tad-Dollaru Amerikan (11,8 %),

F. billi t-taqlib finanzjarju u l-iżbilanċi globali kbar jirrappreżentaw riskju għat-tkabbir ekonomiku dinji u għall-iżviluppi tar-rata tal-kambju,

G. billi huwa mistenni li l-inflazzjoni se titla' sa bejn 2,0 % u 3,0 % fl-2008 fiż-żona tal-Euro, li tirrifletti ħafna x-xejra attwali ta' żieda fil-prezzijiet tal-prodotti, qabel ma jinżlu għal marġni aktar moderat ta' bejn 1,2 % u 2,4 % fl-2009,

H. billi l-għan ewlieni tal-Bank Ċentrali Ewropew u tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ESCB) huwa li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet filwaqt li jiġu appoġġjati l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Komunità, kif huwa stipulat fl-Artikolu 105 tat-Trattat KE; filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-indipendenza sħiħa tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-ESCB f'dan il-kuntest.

I. billi l-Bank Ċentrali Ewropew għandu dilemma biex jaffaċċja l-isfidi kkważati minn inflazzjoni li qed togħla u l-ewwel sinjali ta' tnaqqis fl-attività ekonomika minħabba t-taqlib finanzjarju ta' dawn l-aħħar xhur,

J. billi l-Parlament jixtieq jgħin fit-tisħiħ tal-irwol u tal-awtorità internazzjonali tal-ECB u taż-żona tal-Euro fix-xena internazzjonali,

### *L-ECB illum*

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li għaxar snin wara t-tnedija tal-unjoni ekonomika u monetarja (EMU), kemm l-ECB kif ukoll l-Euro huma rispettati u ġeneralment aċċettati fl-ekonomija globali u jinnota li l-Euro saret munita b'importanza globali kważi daqs dik tad-Dollaru Amerikan;

2. Ifakkar li t-Trattat KE jiddistingwi b'mod ċar bejn l-objettivi tal-ECB tal-istabilità tal-prezzijiet fuq naħa waħda u l-appoġġ għall-politiki ekonomiċi ġenerali fuq in-naħa l-oħra, u li, għaldaqstant, dawn iż-żewġ objettivi ma jistgħux sempliċiment jiġu trattati bħallikieku jistgħu jissostitwixxu lil xulxin; jirrikonoxxi l-indipendenza sħiħa tal-ECB fil-qadi tal-mandat doppju tiegħu, u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li permezz tat-Trattat ta' Liżbona l-ECB għandu jsir istituzzjoni tal-UE b'personalità legali u pożizzjoni politika u finanzjarja indipendenti stabbilita b'mod ċar; jemmen li r-rikonoxximent tal-ECB bħala istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea żżid ir-responsabilità tal-Parlament u, b'mod partikulari, dik tal-kumitat tiegħu li għandu r-responsabilità għall-affarijiet ekonomiċi u monetarji, bħala istituzzjoni li l-ECB irid jagħti kont lilha għad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja;

3. Jagħti merħba lil Ċipru u lil Malta fl-EMU u jinnota d-dħul tagħhom b'suċċess;

### *Stabilità finanzjarja*

4. Jirrikonoxxi x-xogħol eċċellenti tal-ECB fil-ġestjoni tat-taqlib finanzjarju ikkawżat mill-kriżi tal-Amerika ta' ipoteki tat-tip subprime ("subprime mortage crises"), b'mod partikulari l-operazzjoni mnedija fid-9 ta' Awissu 2007, li pprovdiet likwidità f'ammont ta' EUR 95 biljun lis-swieq bħala valur ta' rata fissa ta' 4,00 %, permezz tal-istess proċedura użata fl-operazzjoni normali tas-suq tal-ECB; jinnota li l-operazzjoni, flimkien mal-operazzjonijiet ta' perfezzjoni u l-operazzjonijiet abbundanti ta' finanzjament mill-ġdid ta' kull ġimgħa li ġew wara, irnexxielha tistabilizza r-rati tal-interess li japplikaw fuq perjodu qasir ħafna; għal darb'oħra jqis li dan juri l-valur tal-politika monetarja komuni kif ipprovduta mill-ECB, li tistabbilizza l-ekonomija f'perjodi ta' instabilità;

5. Jaqbel mal-opinjoni tal-ECB li l-kumplessità li qed tiżdied tal-istrumenti finanzjarji u l-opaċità ta' skoperturi tal-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jwasslu għal aktar inċertezza rigward il-livell ta' riskju involut, min finalment iġġorr ir-riskju, u l-proporzjon ta' telf potenzjali;

6. Jenfasizza l-bżonn li jkun stabbilit qafas tal-UE għas-superviżjoni finanzjarja, jenfasizza li għalkemm it-Trattat KE ma jagħtix lill-ECB ir-responsabilità diretta relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u mal-istabilità tas-sistema finanzjarja, l-ECB jeħtieġ li jkun involut mill-qrib fis-superviżjoni.

7. Jemmen li l-ECB, bil-mod kif tratta b'suċċess il-kriżi finanzjarja li għaddejja bħalissa, issaħħaħ; jilqa' b'sodisfazzjon il-kredibilità msaħħa u r-rikonoxximent internazzjonali tal-ECB; jistieden lill-Grupp Euro biex jimxi fuq l-eżempju tal-ECB u jżid l-għarfien espert tiegħu u l-koordinazzjoni f'oqsma relatati mar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji;

8. Jenfasizza ż-żieda fil-ħtieġa għall-koperazzjoni bejn il-banek ċentrali u l-awtoritajiet superviżorji, sabiex tinżamm l-istabilità fis-swieq finanzjarji, u b'mod partikulari filwaqt li jitqiesu s-sistemi finanzjarji dejjem aktar integrati; jitlob lill-ECB sabiex ikompli jinsisti għal integrazzjoni u komunikazzjoni aħjar fil-livell intra-UE kif ukoll fir-relazzjoni tiegħu ma' banek ċentrali u istituzzjonijiet relevanti oħra, b'mod partikulari fir-rigward tar-relazzjoni mal-Bank tal-Ingilterra, peress li Londra hija l-aktar ċentru finanzjarju importanti fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-ECB sabiex ikollu rwol attiv fil-forums varji fejn jiġu diskussi l-bidliet fis-superviżjoni, bħas-segwitu ta' Lamafalussy;

9. Jirrikonoxxi l-fatt li banek ċentrali kbar bħall-ECB u bħar-Riserva Federali tal-Istati Uniti wissew kontra s-sottovalutar tar-riskji għall-ekonomija qabel il-bużżieqa tal-informatika tas-sena 2000/2001 jew il-kriżi ta' ipoteki tat-tip subprime fl-2007; jinnota li s-swieq finanzjarji naqsu li jirrispondu għal dawn it-twissijiet; għalhekk jitlob lill-ECB sabiex janalizza dan ir-rispons u jissuġġerixxi mod kif titjieb il-korrelazzjoni bejn twissijiet ta' previżjoni bħal dawn u r-reazzjonijiet tas-suq; fid-dawl tat-taqlib finanzjarju riċenti, jistieden lill-ECB sabiex janalizza u jevalwa l-effett ta' wara l-kriżi finanzjarja u jeżamina jekk għandux biżżejjed strumenti sabiex jindirizza kriżi finanzjarja transkonfinali Ewropea, u liema poteri għandu bżonn sabiex itejjeb is-superviżjoni makroprudenzjali fiż-żona tal-Euro;

***Żviluppi ekonomiċi u monetarji***

10. Jinnota li d-diskussjoni li għaddejja dwar kif għandha tiġi definita l-istabilità tal-prezzijiet, suġġett li fir-rigward tiegħu xi wħud jargumentaw favur mira inflazzjonarja diretta; madankollu jemmen li sistema fuq żewġ pilastri bbażata fuq M3 hija l-aħjar mod kif titkejjel l-istabilità tal-prezzijiet; jistieden lill-ECB biex jieħu miżuri li kontinwament itejbu dik is-sistema; jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-informazzjoni addizzjonali u tat-twissija minn kmieni tar-riskji inflazzjonarji u d-diskrezzjoni operazzjonali li tipprovdi sistema bħal din;

11. Jenfasizza li r-riskji ta' żviluppi ekonomiċi asimmetriċi fiż-żona tal-Euro jistgħu jiżdiedu bi sħubija akbar hekk kif id-differenzi fil-kobor u fil-maturità bejn l-ekonomiji tal-membri jiżdiedu; jistieden lill-ECB biex jagħti attenzjoni partikulari lil din is-sitwazzjoni u jindirizza dawn ir-riskji fi stadju bikri u kif ukoll li jikkomunikahom lill-Istati Membri;

12. Jistieden lill-Istati Membri kollha li qed jipparteċipaw fiż-żona tal-Euro, lill-Istati Membri li għażlu li jibqgħu barra, kif ukoll lill-Istati Membri li qed japplikaw biex jissieħbu sabiex jieħdu nota ta' dawn l-isfidi u sabiex għaldaqstant jirrispettaw b'mod sħiħ il-kriterji tal-Patt tal-Istabilità u tat-Tkabbir u sabiex jissodisfaw il-kriterji ta' Maastricht, kif inhu xieraq, minħabba li dan, flimkien ma' konsolidazzjoni fiskali u politika tas-salarji li jkunu konformi mal-iżviluppi rigward it-tkabbir u l-produttività, jipprovdi l-aktar protezzjoni b'saħħitha kontra l-isfidi li jiġu mal-iżviluppi asimmetriċi;

13. Jenfasizza li fl-isfond tal-korrezzjoni riċenti tat-tkabbir mistenni, kwalunkwe żieda oħra fir-rati ta' interessi għandha ssir b'kawtela sabiex ma tipperikolax it-tkabbir ekonomiku; jiġbed l-attenzjoni li sabiex ikun appoġġjat l-irkupru ekonomiku, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw kemm ir-riformi strutturali neċessarji u kemm l-attivitajiet ta' investiment;

14. Jistenna li l-Kunsill jitratta b'mod indaqs lill-Istati Membri applikanti għaż-żona tal-Euro u li jirrispetta b'mod sħiħ l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-ECB rigward il-preparazzjoni tagħhom sabiex jissieħbu fiż-żona tal-Euro;

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

15. Jieħu nota taż-żieda fil-valur tal-Euro speċjalment fir-rigward tad-Dollaru Amerikan; jenfasizza l-għan tal-istabilità tal-prezzijiet, imma jirrikonoxxi li bidliet qawwija u mgħaġġla fil-kambju tal-Euro ma għandhomx ifixklu l-abilità tal-ECB li jimmaniġġja l-politika monetarja tiegħu, konfrontat b'sors ta' inflazzjoni, jew, alternattivament, prospettivi diffiċli tat-tkabbir għall-pajjiżi dipendenti fuq l-esportazzjoni; jitlob lill-ECB sabiex jimmoniterja dan l-iżvilupp u jieħu azzjoni jekk ikun neċessarju u jistieden lill-Grupp Euro, lill-Kummissjoni u lill-ECB biex iżidu l-koordinazzjoni tal-azzjoni tagħhom fil-qasam tal-politika tar-rati tal-kambju;

16. Jirrikonoxxi l-pressjoni li teżisti sabiex l-inflazzjoni tkompli tiżdied, li b'mod partikolari jikkontribwixxu għaliha l-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija; jistieden lill-ECB biex isaħħaħ id-djalogu tiegħu mal-banek ċentrali nazzjonali dwar il-kwistjoni sabiex tingħata attenzjoni qawwija lill-istabilità tal-prezzijiet b'mod globali;

***Governanza u teħid effettiv ta' deċiżjonijiet***

17. Ifakkar li għadu qed jintalab li jkun hemm aktar trasparenza fl-ECB, xi ħaġa li tissarraf f'aktar kredibilità u prevedibilità, u japprezza t-titjib li diġà ġie implimentat f'dan il-qasam; f'dan ir-rigward jirrikonoxxi d-diffikultajiet relatati mal-pubblikazzjoni tal-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju tal-ECB, minħabba li differenzi fil-pożizzjonijiet individwali jistgħu jiġu interpretati bħala rappreżentanza ta' interessi nazzjonali, li jwasslu għal aktar pressjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri fuq il-membri tal-Kunsill Regolatorju; jitlob lill-ECB biex jipprovdi lill-Parlament u lill-pubbliku b'sommarju annwali tal-miżuri meħuda biex titjieb il-prestazzjoni tiegħu skond din ir-riżoluzzjoni;

18. Iqis li d-djalogu dwar il-politika monetarja bejn il-Parlament u l-ECB kien suċċess u kien djalogu li wieħed għandu jibni fuqu; jenfasizza li r-responsabilità ex-post tal-ECB hija ta' importanza kbira għall-kunfidenza, u konsegwenza ta' dan, għall-istabilità, tas-swieq finanzjarji; iqis li huwa importanti għall-unità tal-Bord Eżekuttiv u tal-Kunsill Regolatorju tal-ECB li jkomplu jkunu kunfidenti fil-preżentazzjoni pubblika tagħhom; jappoġġja politika ta' informazzjoni mmirata min-naħa tal-ECB fir-rigward tal-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Grupp Euro; huwa diżappuntat bil-livell baxx ta' impenn li l-ECB wera fit-tweġiba tiegħu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Lulju 2007 dwar ir-rapport annwali tal-ECB għall-2006 ([1]); jenfasizza b'mod qawwi li t-talba li jkun hemm titjib għall-politika ta' komunikazzjoni tal-ECB għandha titqies biss fil-kuntest li fl-istess ħin tkun preżervata l-indipendenza tal-ECB u l-entitajiet tiegħu;

19. Jistieden lill-ECB sabiex fl-istqarrijiet ta' wara d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Regolatorju tiegħu, jelabora b'mod ċar dwar jekk waqt id-diskussjonijiet ikunx intlaħaq konsensus malajr jew jekk kienx hemm xi diverġenzi persistenti, minħabba li dan jipprovdi lis-swieq b'aktar informazzjoni mingħajr ma ssir ħsara lill-prospettiva komuni Ewropea għad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-ECB;

20. Jistieden lill-ECB biex jippreżenta l-ideat tiegħu għar-riforma tal-istruttura tal-Kunsill Regolatorju, minħabba li n-numru tal-gvernaturi hu mistenni li jaqbeż il-15 mill-1 ta' Jannar 2009; jinnota li aktar ma jiżdiedu pajjiżi fiż-żona tal-Euro, ir-riformi se jsiru dejjem aktar neċessarji; jappoġġja s-suġġeriment li sar qabel mill-ECB li l-piż ekonomiku tal-Istati Membri parteċipanti għandu jiġi ttrattat bħala l-aktar fattur sinifikanti għad-drittijiet tal-votazzjoni li jgħaddu minn id għall-oħra, u li n-numru ta' min jieħu d-deċiżjonijiet għandu jinżamm baxx sabiex tkun żgurata l-effiċjenza;

21. Iqis li l-indipendenza tal-ECB, inkluża l-proċedura għall-ħatra tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tiegħu, uriet il-valur tagħha; jenfasizza li l-Artikolu 112 (2)(b) tat-Trattat KE jistipula li l-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru minn fost persuni ta' reputazzjoni rikonoxxuta u li għandhom esperjenza professjonali f'oqsma monetarji u bankarji, u jenfasizza li n-nazzjonalità tagħhom għandha tkun irrelevanti u li huma se jkomplu jkunu ġġudikati skond il-kriterji stretti stabbiliti fit-Trattat KE, pereżempju skond il-kriterji dwar il-kwalifiki tagħhom; iqis li r-responsabilità demokratika u t-trasparenza ex-ante jitjiebu jekk il-Kunsill jevalwa diversi kandidati potenzjali u jekk il-kandidati proposti mill-Kunsill ikunu suġġetti għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0349.

22. Jemmen li minħabba l-istatus futur tal-ECB skond it-Trattat ta' Liżbona, l-irwol tal-Parlament fil-ħatra tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jissaħħah; jenfasizza r-rieda tiegħu, flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra, li jesplora titjib possibbli għall-proċedura ta' ħatra qabel it-tiġdid li jmiss tal-Bord Eżekuttiv fl-2010;

23. Jirrikonoxxi l-irwol li dejjem qed jikber tal-Grupp Euro u tal-President tiegħu sabiex tiġi stabbilita l-biċċa l-kbira tal-aġenda ekonomika fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-istruttura aktar formali u l-irwol ċentrali sabiex tkun ikkoordinata l-politika ekonomika fil-Grupp Euro, kif stabbilit fl-Artikolu 136 tat-Trattat KE, kif emendat bit-Trattat ta' Liżbona, kif ukoll għall-Istati Membri li ma' jipparteċipawx fiż-żona tal-Euro; jappoġġa t-tisħiħ tal-iżvilupp ta' żona Euro li titkellem b'vuċi waħda fil-forums internazzjonali kif inhu previst fl-Artikolu 138 tat-Trattat KE, kif emendat bit-Trattat ta' Liżbona, u mill-President tal-Grupp Euro;

24. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni bejn l-ECB, il-Kummissjoni u l-industrija tas-servizzi finanzjarji fit-tnedija b'suċċess tal-inizjattivi taż-Żona Ewropea Waħda għal Pagamenti (Single European Payment Area — SEPA) u tal-inizjattivi tal-Karta Ewropea għal Żmien Qasir (Short-Term European Paper — STEP); jikkunsidra li dawn huma kontribuzzjonijiet pożittivi mill-industrija tas-servizzi finanzjarji sabiex tingħata spinta 'l quddiem lill-integrazzjoni finanzjarja fl-Unjoni Ewropea;

25. Jilqa b'sodisfazzjon il-bidu tal-operazzjonijiet Target 2 u l-attivitajiet finalizzati ta' migrazzjoni għal pjattaforma unika kondiviża; iqis li l-użu ta' pjattaforma maqsuma waħda huwa pass importanti fid-direzzjoni lejn integrazzjoni finanzjarja u lejn tnaqqis tal-ispejjeż ta' ħlas u kumpens (clearing and settlement costs); jemmen li hija xi ħaġa urġenti li l-ECB issa jipproponi struttura ta' governanza għat-titoli Target 2 (T2S);

### *Id-dimensjoni esterna tal-Euro*

26. Jinnota tkabbir sod fl-istatus tal-Euro bħala munita internazzjonali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-rappreżentazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-affarijiet ekonomiċi u monetarji fil-forums internazzjonali tirrifleti ħażin il-piż ekonomiku veru taż-żona tal-Euro u li din tista' tidher bħala ostaklu għal aktar influwenza fl-affarijiet finanzjarji internazzjonali; għalhekk jitlob li jittieħdu passi konkreti lejn rappreżentazzjoni unita taż-żona tal-Euro fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-IMF;

27. Iħeġġeġ lill-ECB sabiex ikompli miexi lejn it-tisħiħ tar-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fil-kuntesti finanzjarji internazzjonali; jemmen li status internazzjonali aktar b'saħħtu għall-Euro se jwassal għal benefiċċji għaż-żona tal-Euro li jħeġġu lill-Istati Membri li bħalissa mhux qed jipparteċipaw sabiex ifittxu li jissieħbu;

*

* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Grupp tal-Euro u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

# Ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja

P6_TA(2008)0361

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja**

(2009/C 294 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Drittijiet tal-Bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-non-diskriminazzjoni, id-dritt għad-dinjità, għall-privatezza u għall-ħarsien tad-data personali, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, hekk kif rikonoxxuti mill-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej għall-ħarsien tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR) u l-każistika relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra t-Trattati, u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 13 (miżuri kontra d-diskriminazzjoni bbażata, inter alia, fuq ir-razza jew l-oriġini etnika), 12 (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità), 17 (ċittadinanza tal-Unjoni), 18 (moviment liberu) u 39 u oħrajn (moviment liberu tal-ħaddiema) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ([2]) u partikolarment id-definizzjonijiet tad-diskriminazzjoni diretta u indiretta, id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet tal-libertà tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri ([3]) u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni dwar l-Istrumenti u l-Politiki tal-Komunità għall-Integrazzjoni tar-Roma (SEC(2008)2172) u r-Rapport annwali għall-2008 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar, inter alia, ir-Roma, ir-razziżmu u l-ksenofobija, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni, u l-moviment liberu, jiġifieri dawk tat-28 ta' April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea ([5]), tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-Unjoni Ewropea ([6]), tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet tal-libertà tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri ([7]), tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar il-ġlieda kontra ż-żieda tal-estremiżmu fl-Ewropa ([8]) u tal-31 ta' Jannar 2008 dwar Strateġija Ewropea dwar ir-Roma ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) Partikolarment is-sentenza dwar il-każ D. H. u Oħrajn vs ir-Repubblika Ċeka [GC], Nru 57325/00, ECHR 2007 — (13.11.07).
([2]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([3]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.
([4]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([5]) ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 129.
([6]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 283.
([7]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0534.
([8]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0623.
([9]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0035.

A. billi l-UE hija komunità ta' valuri bbażata fuq id-demokrazija u l-istat tad-dritt, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni, inkluż il-ħarsien ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u billi l-UE ħadet l-impenn li tiġġieled kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, kif ukoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikoli 12 u 13 tat-Trattat KE,

B. billi dawn il-valuri huma implimentati fl-UE permezz tad-direttivi fuq imsemmija kontra d-diskriminazzjoni u favur il-moviment liberu, kif ukoll permezz tal-politiki li huma bbażati fuqhom, u l-Istati Membri huma marbuta li jimplimentawhom bis-sħiħ u li ma jwettqux atti li jistgħu jiksruhom,

C. billi r-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-31 ta' Jannar 2008 ħeġġet lill-Istati Membri biex isolvu l-fenomenu tal-griebeġ (shanty town) u tal-kampijiet abbużivi, fejn hemm nuqqas totali ta' kull tip ta' iġene u sikurezza u fejn għadd kbir ta' tfal Roma jmutu kawża ta' inċidenti domestiċi, b'mod partikulari nirien, kawża tan-nuqqas ta' regoli ta' sikurezza xierqa,

D. billi r-Roma huma waħda mill-miri prinċipali tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni, hekk kif jidher ċar mill-inċidenti reċenti li kienu jinvolvu attakki u aggressjoni kontra r-Roma fl-Italja u fl-Ungerija, u hekk kif ġie enfasizzat ulterjorment fl-inkjesti reċenti tal-Eurobarometru,

E. billi fid-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tagħha, fuq imsemmi, il-Kummissjoni tenfasizza li diġà hemm numru ta' strumenti u politiki leġiżlattivi u finanzjarji tal-UE li huma disponibbli għall-Istati Membri, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra r-Roma u jippromwovu l-inklużjoni u l-integrazzjoni tar-Roma, partikolarment permezz tal-iskambju u l-promozzjoni tal-aħjar prattika f'dan il-qasam,

F. billi l-popolazzjoni tar-Roma hija komunità pan-Ewropea etnokulturali bla stat nazzjon, u għalhekk l-UE għandha r-responsabilità partikolari li tfassal strateġija u politika Ewropea favur ir-Roma flimkien mal-Istati Membri,

G. billi fil-21 ta' Mejju 2008, il-Gvern Taljan ħareġ dikriet fejn iddikjara stat ta' emerġenza fir-rigward tal-kampijiet nomadi fir-reġjuni tal-Campania, tal-Lazio u tal-Lombardia ([1]), ibbażat fuq il-Liġi Nru 225 tal-24 ta' Frar 1992 dwar it-twaqqif ta' servizz ta' protezzjoni ċivili nazzjonali, li tagħti lill-gvern is-setgħa li jiddikjara stat ta' emerġenza f'każ ta' "diżastri naturali, katastrofi u avvenimenti oħra li, minħabba l-intensità u l-iskop tagħhom, għandom jiġu ttrattati bl-użu ta' setgħat u mezzi straordinarji'",

H. billi wara dan id-dikriet ġew ordnijiet ulterjuri fit-30 ta' Mejju 2008 ("ordinanze") maħruġa mill-Prim Ministru ([2]) li:

— jaħtru l-Prefetti ta' Ruma, Milan u Napli bħala Kummissarji ("Commissari delegati") dwar l-emerġenza tar-Roma,

— jagħtuhom setgħat straordinarji biex jidentifikaw persuni, inklużi minorenni, u anke permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba',

— jagħtuhom is-setgħa li jieħdu l-miżuri neċessarji kontra l-persuni li huma mkeċċija jew li jistgħu jiġu mkeċċija b'miżura amministrattiva jew ġudizzjarja,

— jippermettulhom li jidderogaw (għalkemm mingħajr preġudizzju għall-istat tad-dritt u l-liġi tal-UE) minn numru ta' liġijiet li jikkonċernaw spettru wiesa' ta' kwistjonijiet li jaffettwaw il-prerogattivi kostituzzjonali (per eżempju d-dritt li wieħed ikun infurmat meta jkun soġġett għal proċedura amministrattiva bħat-teħid tal-marki tas-swaba' u r-rekwiżit li l-persuni li jkunu perikolużi jew suspettati jew li jirrifjutaw li jidentifikaw ruħhom qabel ma jwettqu testjar tal-identità permezz tal-fotografija, it-teħid tal-marki tas-swaba' jew il-ġbir ta' data antropometrika),

([1]) Gazzetta Ufficiale (Ġurnal Uffiċjali Taljan) Nru 122 tas-26 ta' Mejju 2008, p. 9.
([2]) Nru 3676 dwar il-Lazio, Nru 3677 dwar il-Lombardia u Nru 3678 dwar il-Campania, Gazzetta Ufficiale Nru 127 tal-31 ta' Mejju 2008, paġni 7, 9 u 11, rispettivament.

I. billi d-dikriet iddikjara stat ta' emerġenza għal perjodu ta' sena, sal-31 ta' Mejju 2009,

J. billi l-Ministru Taljan għall-Affarijiet Interni ddikjara ripetutament li l-iskop li jittieħdu l-marki tas-swaba' huwa li jitwettaq ċensiment tal-popolazzjoni Roma fl-Italja u li għandu l-intenzjoni li jippermetti li ssir din il-proċedura għar-Roma li jgħixu fil-kampijiet, inklużi l-minorenni, permezz ta' deroga mil-liġijiet ordinarji, filwaqt li afferma li l-Italja se twettaq dawn l-operazzjonijiet ta' identifikazzjoni li se jintemmu qabel il-15 ta' Ottubru 2008, f'Milan, f'Ruma u f'Napli,

K. billi l-operazzjonijiet tat-teħid tal-marki tas-swaba' diġà qed isiru fl-Italja, partikolarment f'Milan u f'Napli, u billi skond l-informazzjoni pprovduta mill-NGOs, din id-dejta tinżamm mill-Prefetti f'bażi tad-dejta,

L. billi l-Kummissarji Barrot u Špidla enfasizzaw f'dan ir-rigward l-importanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-non-diskriminazzjoni fl-UE, u ppreżentaw direttiva orizzontali ġdida kontra d-diskriminazzjoni, filwaqt li affermaw li l-liġi tal-UE tipprojbixxi b'mod ċar id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza u l-etniċità,

M. billi l-UNICEF, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprimew it-tħassib tagħhom, filwaqt li l-Kummissarju bagħat memorandum lill-Gvern Taljan rigward, inter alia, ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-protezzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem għar-Roma,

N. billi l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Data talbet informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, partikolarment lill-Prefetti ta' Ruma, Milan u Napli, rigward il-possibilità li jittieħdu l-marki tas-swaba' tar-Roma, inklużi l-minorenni, u esprimiet tħassib li dan seta' jikkawża diskriminazzjoni li tkun tista' taffettwa wkoll id-dinjità personali, partikolarment dik tal-minorenni,

1. Iheġġeġ lill-awtoritajiet Taljani biex ma jieħdux il-marki tas-swaba' tar-Roma, inkluż tal-minorenni, u lanqas jużaw il-marki tas-swaba' li diġà nġabru, sakemm tasal l-evalwazzjoni mħabbra mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-miżuri previsti, peress li dan żgur jikkostitwixxi att ta' diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-razza u l-oriġini etnika pprojbit mill-Artikolu 14 tal-ECHR, kif ukoll att ta' diskriminazzjoni bejn ċittadini tal-UE ta' oriġini Roma u ċittadini oħra, li ma jintalbux li jgħaddu mill-istess proċedura;

2. Huwa tal-istess parir tal-UNICEF u jqis li huwa inammissibbli, bil-għan li jiġu protetti t-tfal, illi jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom u li huma jiġu kriminalizzati, kif ukoll dawk espressi mill-Kunsill tal-Ewropa u minn bosta NGOs u komunitajiet reliġjużi, u jqis li l-aħjar mod biex jiġu mħarsa d-drittijiet tat-tfal Roma huwa li tingħatalhom garanzija ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità, għall-housing u għall-kura tas-saħħa, fil-kuntest tal-politiki tal-inklużjoni u tal-integrazzjoni, u li huma jiġu mħarsa kontra l-isfruttament;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu passi sodi biex iħarsu minuri mhux akkumpanjati li jkunu suġġetti għall-isfruttament, ikunu xi jkunu l-oriġini etnika u n-nazzjonalità, u, fejn l-identifikazzjoni ta' tali minuri tkun utli għal dan l-iskop, biex jużaw fuq bażi ta' każ b'każ proċeduri ordinarji u mhux diskriminatorji, li jiżguraw ir-rispett sħiħ ta' kull forma ta' garanzija u ħarsien legali;

4. Huwa tal-istess fehma tal-Kummissjoni li atti bħal dawn jikkostitwixxu ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta, b'mod partikolari hekk kif imniżżel fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE u li jinsabu fl-Artikoli 12, 13 u 17 sa 22 tat-Trattat KE;

5. Jafferma mill-ġdid li l-politiki li jżidu l-esklużjoni qatt m'huma se jkunu effettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità u ma jikkontribwixxux fil-prevenzjoni tal-kriminalità u fiż-żieda tas-sigurtà;

6. Jikkundanna għal kollox u mingħajr ekwivoki l-forom kollha ta' razziżmu u diskriminazzjoni li jiffaċċjaw ir-Roma u oħrajn meqjusa bħala "Żingari";

7. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jirrevedu u jirrevokaw liġijiet u politiki li jkunu ta' diskriminazzjoni kontra r-Roma fuq il-bażi tar-razza u tal-etniċità, b'mod dirett jew indirett, u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jissorveljaw l-applikazzjoni min-naħa tal-Istati Membri tat-Trattati u tad-direttivi dwar miżuri kontra d-diskriminazzjoni u dwar il-moviment liberu sabiex jiżguraw illi dawn ikunu konsistenti u implimentati bis-sħiħ u biex jieħdu l-miżuri neċessarji jekk dan dan ma jkunx il-każ;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa fil-fond il-miżuri leġiżlattivi u eżekuttivi adottati mill-gvern Taljan sabiex tara li huma kompatibbli mat-Trattati u mal-liġi tal-UE;

9. Jesprimi tħassib dwar l-affermazzjoni, li tinsab fid-dikrieti amminsitrattivi u fl-ordnijiet maħruġa mill-Gvern Taljan, li l-preżenza nnifisha tal-kampijiet tar-Roma madwar ibliet kbar tikkostitwixxi emerġenza soċjali serja b'impatt fuq l-ordni u s-sigurtà pubbliċi, u li dan jiġġustifika d-dikjarar ta' stat ta' emerġenza għal sena;

10. Huwa inkwetat illi, minħabba dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza, ikunu jistgħu jittieħdu miżuri straordinarji b'deroga mil-liġijiet mill-Prefetti, li ngħatatilhom l-awtorità li jimplimentaw il-miżuri kollha, inkluż il-ġbir ta' marki tas-swaba', fuq bażi ta' liġi dwar il-protezzjoni ċivili f'każ ta' "diżastri naturali, katastrofi jew avvenimenti oħra", li mhuwiex adegwat jew proporzjonat f'dan il-każ speċifiku;

11. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex isaħħu ulterjorment il-politiki tal-UE dwar ir-Roma permezz tat-tnedija ta' Strateġija tal-UE dwar ir-Roma, għall-appoġġ u l-promozzjoni ta' azzjonijiet u proġetti mill-Istati Membri u l-NGOs marbuta mal-integrazzjoni u l-inklużjoni tar-Roma, partikolarment tat-tfal Roma;

12. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fil-kuntest ta' Strateġija tal-UE dwar ir-Roma u fil-kuntest tad-Deċennju tal-Inklużjoni tar-Roma 2005-2015, joħorġu liġijiet u politiki għall-appoġġ tal-komunitajiet tar-Roma filwaqt li jippromwovu l-integrazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha u jniedu programmi kontra r-razziżmu u kontra d-diskriminazzjoni fl-iskejjel, fl-impjieg u fil-midja u jżidu l-iskambju tal-kompetenzi u tal-aħjar prattiki;

13. Itenni f'dan il-kuntest l-importanza li jiġu żviluppati strateġiji fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, billi jsir użu sħiħ mill-opportunitajiet provduti mill-fondi tal-UE, sabiex tiġi abolita s-segregazzjoni tar-Roma fl-edukazzjoni, jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal Roma (parteċipazzjoni fl-edukazzjoni prinċipali, introduzzjoni ta' boroż speċjali u programmi ta' taħriġ), jiġi żgurat u mtejjeb l-aċċess tar-Roma għas-swieq tax-xogħol, jiġi provdut aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, jiġu miġġielda l-prattiki diskriminatorji fil-provvista ta' djar, u tiżdied il-parteċipazzjoni tar-Roma fil-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika;

14. Jilqa' l-ħolqien mill-Kummissjoni ta' grupp ta' ħidma kontra d-diskriminazzjoni b'rappreżentanti fl-Istati Membri kollha u jitlob li jkun hemm kumitat kompetenti tal-Parlament li jiġi assoċjat u jkollu aċċess sħiħ għall-ħidma ta' dan il-grupp ta' ħidma; jitlob lill-kumitat kompetenti tiegħu sabiex iwaqqaf djalogu mal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri kollha fir-rigward ta' din il-kwistjoni;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-UNICEF u lill-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Data.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

# Is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terrromot u qabel il-Logħob Olimpiku

P6_TA(2008)0362

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terrromot u qabel il-Logħob Olimpiku**

(2009/C 294 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar id-diżastru naturali fiċ-Ċina ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar is-sitwazzjoni fit-Tibet ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar is-Samit bejn l-UE u ċ-Ċina u d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-25 rawnd tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fi Brdo, fis-Slovenja, fil-15 ta' Mejju 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kemm iċ-Ċina kif ukoll l-UE ħadu l-impenn li jikkontribwixxu għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli fid-dinja,

B. billi tiġi kkunsidrata l-iskala tal-qirda kkawżata mit-terremot vjolenti fil-Lbiċ taċ-Ċina fit-12 ta' Mejju 2008; billi dak it-terremot qatel għexieren ta' eluf ta' nies, b'mod partikolari fil-provinċja ta' Sichuan; billi skond l-aħħar stimi, 10 miljun ruħ ġew affettwati it-terremot u nqatlu kważi 70 000 persuna, inklużi eluf ta' tfal tal-iskola li mietu meta kkollassaw il-klassijiet tagħhom,

C. billi l-gvern Ċiniż ipprovda mezzi ta' salvataġġ eċċezzjonali, u ta' persunal — inkluża parti mill-armata — kif ukoll timijiet mediċi biex jgħinu lill-abitanti tar-reġjun milqut,

D. billi kien hemm mobilizzazzjoni u solidarjetà straordinarja tal-poplu Ċiniż kollu kemm hu, kif ukoll tal-komunità internazzjonali, bil-għan li jiġu megħjuna l-persuni affettwati,

E. billi l-ftuħ tat-Tibet għat-turiżmu u għall-midja m'għandux jiġi trattat bħala "avveniment ta' relazzjonijiet pubbliċi" iżda bħala ftuħ reali, li ser jippermetti lill-ġurnalisti, lill-midja u lit-turisti li jżuru r-reġjun tat-Tibet,

F. billi jitqiesu d-dikjarazzjonijiet konklussivi tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (IOC), li enfasizza li l-fatt li l-organizzazzjoni tal-Logħob Olimpiku għall-2008 ngħatat f'idejn iċ-Ċina kien se jgħin sabiex il-pajjiż isir iktar miftuħ u sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem,

1. Jesprimi sodisfazzjoni dwar l-iżviluppi fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, id-djalogi settorjali u l-kooperazzjoni iktar mill-qrib dwar bosta kwistjonijiet ta' portata dinjija;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jiftakru li t-twissija ta' terremot hi waħda mill-kriterji ta' referenza tal-iżvilupp ta' pajjiż; jenfasizza, għalhekk, l-importanza vitali li tirrispondi b'mod attiv u pront għal kull twissija li l-komunità xjentifika tista' tagħti lill-awtoritajiet fis-sitwazzjoni mhux probabbli imma possibbli ta' diżastru naturali ieħor fiċ-Ċina;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0232.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0119.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0622.

3. Jilqa' bil-ferħ il-ftuħ mill-ġdid tal-kuntatti, wara l-ġrajjiet tax-xahar ta' Marzu f'Lhasa, bejn ir-rappreżentanti tad-Dalai-Lama u l-awtoritajiet Ċiniżi; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jintensifikaw dawn il-kuntatti sabiex joħolqu bażi ta' fiduċja reċiproka, l-unika kundizzjoni li permezz tagħha tista' tinstab soluzzjoni politika li tkun aċċettabbli miż-żewġ naħat;

4. Jiddispjaċih li, filwaqt li r-relazzjonijiet maċ-Ċina għamlu progress importanti ferm fl-oqsma ekonomiċi u tal-kummerċ, dan il-progress ma kienx akkumpanjat minn kisbiet sostanzjali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u fi kwistjonijiet ta' demokrazija;

5. Jikkundanna l-fatt li r-rekord taċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem għadu sors ta' tħassib minħabba l-ksur sistematiku u frekwenti tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar fl-impenji dwar id-drittijiet tal-bniedem li ċ-Ċina kkommettiet ruħha għalihom meta ġie assenjat lilha l-Logħob Olimpiku;

6. Jikkundanna l-użu frekwenti tal-piena tal-mewt miċ-Ċina u jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jistabbilixxu moratorju fuq l-għoti tal-piena tal-mewt;

7. Jiddeplora l-fatt li l-ebda sejħa internazzjonali ma rnexxielha twaqqaf lill-awtoritajiet Ċiniżi milli jissoktaw bit-tkomplija tagħhom għall-ġlied tal-14 ta' Marzu 2008 fit-Tibet, peress li l-parteċipanti fil-protesti f'Lhasa għadhom qed jiġu traċċati, miżmuma u arrestati b'mod arbitrarju, u l-familji tagħhom mhumiex jingħataw informazzjoni dwar fejn jinsabu, għalkemm dan huwa rikjest mil-liġi Ċiniża; jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex, matul il-Logħob Olimpiku, itemmu l-kampanja tagħhom ta' "rijedukazzjoni patrijottika", li ġiet intensifikata sa mill-bidu ta' April, f'ġieħ "Tregwa Olimpika" li ilha li ġiet stabbilita;

8. Jinnota b'sodisfazzjoni li ċ-Ċina ma damitx biex aċċettat l-għajnuna tal-komunità internazzjonali għall-persuni milquta mit-terremot fir-reġjun ta' Sichuan u biex tiffaċilita l-intervent tal-organizzazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja u ta' salvataġġ għat-tqassim tal-għajnuna;

9. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tagħha u tal-komunità internazzjonali fil-fażi tar-rikostruzzjoni tar-reġjun milqut;

10. Jitlob liċ-Ċina biex tirrispetta l-impenji pubbliċi tagħha lejn id-Drittijiet tal-Bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi, id-demokrazija u l-istat tad-dritt li tħabbru fid-deċiżjoni tal-IOC, meta ħalliet liċ-Ċina torganizza l-Logħob Olimpiku;

11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jieħdu din l-opportunità storika ħalli juru lid-dinja li l-għoti tal-Logħob Olimpiku lil Pekin ipprovda opportunità unika biex jitjiebu r-rekords tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-pajjiż, billi juru klemenza lill-priġunieri politiċi kollha u lill-attivisti għad-Drittijiet tal-Bniedem li jinsabu arrestati, inkluż fil-ħabsijiet fit-Tibet wara l-ġlied li nqala' f'Marzu 2008 (ovvjament minbarra l-persuni li jkunu wettqu reati vjolenti); jitlob minbarra dan lill-awtoritajiet Ċiniżi biex iwaqqfu d-diskriminazzjoni kontra l-migranti rurali u l-minoranzi etniċi u biex jieqfu jittormentaw l-attivisti tat-trejdunjins, l-avukati u l-ġurnalisti meta dawn jiddenunċjaw ksur tal-libertajiet fundamentali; itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-arrest ta' nies bħal dawn huwa kontra l-ispirtu universali u aċċettat tal-*ius gentium* (liġi tan-nazzjonijiet);

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u lill-Kumitat Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

# Dokument ta' strateġija dwar it-tkabbir tal-Kummissjoni

P6_TA(2008)0363

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar id-dokument tal-Kummissjoni tal-2007 dwar l-istrateġija għat-tkabbir (2007/2271(INI))**

(2009/C 294 E/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2007-2008 (COM(2007)0663),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2006 dwar id-dokument tal-Kummissjoni ta' 2005 dwar l-istrateġija għat-tkabbir ([1]) u tat-13 ta' Diċembru 2006 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-imsieħba Ewropej tal-Politika Ewropea tal-Viċinanzi (ENP),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0266/2008),

A. billi l-Istrateġija għat-Tkabbir tal-UE għandha dimensjoni kemm esterna u kif ukoll interna,

B. billi d-dimensjoni esterna ta' din l-istrateġija tinvolvi l-promozzjoni ta' riformi, f'konformità mal-istandards Ewropej, ta' demokrazija, ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ta' paċi, u ta' stabilità u prosperità,

C. billi d-dimensjoni interna tal-Istrateġija għat-Tkabbir taffettwa direttament il-kapaċità tal-UE li ssegwi l-objettivi tal-politika tagħha u li tinkiseb Unjoni dejjem eqreb, kif stipulat fit-Trattati,

D. billi tinħtieġ UE intergrata politikament li tkun kapaċi tiżviluppa politiki ambizzjużi ta' solidarjetà u ta' stabilità,

E. billi, skond it-Trattat ta' Ruma, "kull stat Ewropew jista' japplika biex isir membru tal-Komunità",

F. billi, kull tkabbir li sar s'issa kien bla dubju suċċess kemm għall-UE u kif ukoll għall-Istati Membri li ngħaqdu magħha u kkontribwixxa għall-istabilità, l-iżvilupp u l-prosperità fl-Ewropa kollha kemm hi, huwa essenzjali li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li kull tkabbir fil-futur ikun suċċess ukoll,

G. billi l-Ftehimiet ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni qed jagħtu kontribut importanti u ta' suċċess lir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent bil-għan tal-integrazzjoni tagħhom fl-Ewropa u qed jippromwovu l-koperazzjoni reġjonali,

H. billi l-Kunsill Ewropew tal-2003 li sar f'Tessaloniki u l-Kunsill Ewropew tal-2006 li sar fi Brussell affermaw mill-ġdid l-intenzjoni tal-UE li tirrispetta l-impenji tagħha mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa u tal-Balkani tal-Punent,

([1]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 402.
([2]) ĠU C 317 E, 23.12.2006, p. 480.

I. billi, f'dan il-kuntest, il-konsensus imġedded adottat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2006 huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-konsolidazzjoni tal-impenji, tal-kundizzjonalità ġusta u stretta u ta' komunikazzjoni aħjar mal-pubbliku,

J. billi l-Istrateġija tat-Tkabbir hija ħafna aktar minn metodoloġija sempliċi ta' negozjar, li tirrifletti t-twemmin ewlieni li l-UE hija komunità ta' valuri komuni u li hija marbuta b'mod kumpless mad-dibattitu dwar l-objettivi tal-UE, il-futur tagħha u kif ukoll l-irwol tagħha fost il-pajjiżi ġirien u fid-dinja,

K. billi l-metodoloġija u l-kriterji deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq għat-twettiq ta' negozjati ta' adeżjoni jisthoqqilhom appoġġ sħiħ u għandhom jiġu implimentati b'mod rigoruż, u billi l-kunsiderazzjonijiet politiċi m'għandhomx ikunu iktar importanti mill-konformità stretta ma' dawn il-kriterji,

L. billi l-Istrateġija għat-Tkabbir tal-UE għandha tkun parti minn firxa wiesgħa ta' strumenti ta' politika mfassla biex jikkonsolidaw id-demokrazija u biex jinbnew l-istabilità u l-iżvilupp soċjali fil-viċinanzi tal-UE, u kif ukoll biex jissaħħaħ l-irwol tal-UE fid-dinja,

M. billi dawn il-politiki għandhom jinkludu l-varjetà ta' sitwazzjonijiet prevalenti fil-viċinanzi tagħna, b'mod partikulari f'dawk il-pajjiżi li għandhom status ta' kandidat u li bdew in-negozjati, dawk il-pajjiżi li għandhom status ta' kandidat iżda li għadhom ma bdewx in-negozjati, dawk li għandhom prospetti ta' sħubija, dawk li għandhom għan ta' integrazzjoni Ewropea u dawk li sempliċement jixtiequ li jkollhom relazzjonijiet ta' pajjiżi ġirien mill-qrib mal-Unjoni,

N. billi dawn il-politiki għandhom ikunu indipendenti u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jippermettu li pajjiż wieħed ikun jista' javvanza minn tip ta' relazzjoni mal-UE għal oħra, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa interni u esterni ta' dak il-pajjiż,

O. billi l-imsieħba tal-Lvant tal-ENP huma identifikabbli b'mod ċar bħala pajjiżi Ewropej u li wħud minnhom iddikjaraw l-objettiv li jsiru membri tal-Unjoni,

P. billi, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tat-13 ta' Diċembru 2006, il-pajjiżi bi prospetti Ewropej għandhom jibbenefikaw minn relazzjoni bilaterali jew multilaterali mill-qrib mal-UE, li tkun taqbel mal-bżonnijiet u l-interessi speċifiċi tagħhom; billi din l-għażla, li tinvolvi firxa wiesgħa ta' possibilitajiet operazzjonali, tagħti lill-pajjiżi msieħba perspettiva stabbli u fit-tul tar-relazzjonijiet istituzzjonali mal-UE u tipprovdi l-inċentiv neċessarju għat-trawwim ta' stabilità, paċi u riforma demokratika u ekonomika fil-pajjiżi kkonċernati;

Q. billi, skond l-istess riżoluzzjoni, ikun f'idejn il-pajjiżi kollha bi prospetti ta' adeżjoni rikonoxxuti li jiddeċiedu jekk iridux jibbenefikaw minn arranġamenti multilaterali simili bħala pass intermedjarju lejn sħubija sħiħa,

R. billi l-Istrateġija tat-Tkabbir tal-UE tenħtieġ li tiġu kkomunikata u spjegata b'mod effettiv liċ-ċittadini attwali tal-UE kif ukoll liċ-ċittadini futuri kollha sabiex jiġi żgurat li jkunu mgħarrfa sew dwar il-politiki konċernati u li jingħata appoġġ pubbliku akbar għall-impenji tal-UE lejn il-ġirien tagħha, u b'hekk jiġu garantiti l-kredibilità u s-solidarjetà tal-UE bħala msieħba filwaqt li wieħed ifittex li jagħti tweġiba għall-preokkupazzjonijiet leġittimi,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li t-tkabbir fil-passat kien suċċess, u li minnu gawdew kemm l-Istati Membri tal-UE l-antiki u kif ukoll il-ġodda permezz tat-tkabbir ekonomiku, l-promozzjoni tal-progress soċjali u l-ħolqien tal-paċi, l-istabilità, il-ħelsien u l-prosperità fil-kontinent Ewropew; jemmen li jistgħu jinstiltu lezzjonijiet mit-tkabbir ta' qabel u li modi oħra biex tittejjeb il-kwalità tal-proċess ta' tkabbir iridu jkunu bbażati fuq l-esperjenzi pożittivi li ttieħdu sal-lum;

2. Jafferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu lejn il-pajjiżi kandidati kollha u lejn dawk li ngħataw prospetti ċari ta' sħubija, bil-kundizzjoni ta' konformità sħiħa mal-kriterji ta' Kopenħagen fl-1993 u li l-UE trid tagħmel sforzi sabiex issaħħaħ il-kapaċità ta' integrazzjoni tagħha u li din il-kapaċità għandha titqies b'mod sħiħ;

3. Ifakkar, li f'dan il-kuntest, għall-pajjiżi ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja, kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja hija wkoll sine qua non;

4. Huwa tal-fehma li l-Istrateġija għat-Tkabbir tal-UE għandha tissodisfa d-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-UE u tirrifletti l-impenji li diġà daħlet għalihom l-Unjoni, kif ukoll tilħaq bilanċ bejn l-interessi ġeostrateġiċi tal-UE, l-impatt tal-iżviluppi politiċi barra mill-fruntieri tagħha u l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-UE, inkluża l-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-isfidi futuri interni u esterni u biex tirrealizza l-proġett ta' integrazzjoni politika tagħha;

5. Ifakkar, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jitwettqu r-riformi interni meħtieġa, mmirati lejn, inter alia, żieda fl-effiċjenza, il-koeżjoni soċjali u t-tisħiħ tar-responsabilità demokratika;

6. Ifakkar li l-kapaċità ta' integrazzjoni hija marbuta mal-kapaċità tal-UE li tiddeċiedi u għalhekk li tikseb l-objettivi politiki tagħha, b'mod partikulari l-għanijiet ta' promozzjoni tal-progress politiku u soċjali u ta' livell għoli ta' impjiegi fl-Istati Membri tagħha, li tafferma l-abilità tagħha u l-kapaċità tagħha li taġixxi fuq ix-xena internazzjonali, li tippromwovi d-drittijiet u l-interessi tal-Istati Membri tal-UE u taċ-ċittadini Ewropej, li tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li żżomm u tibni fuq l-acquis communautaire tagħha u li tħares id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, kif stipulat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

7. Iqis li l-kunċett ta' kapaċità ta' integrazzjoni huwa magħmul minn erba' elementi:

i) l-istati fil-proċess tal-adeżjoni għandhom jikkontribwixxu u mhux ixekklu l-kapaċità tal-UE biex jinżamm il-momentum lejn il-kisba tal-għanijiet politiċi tagħha;

ii) il-qafas istituzzjonali tal-UE għandu jkun kapaċi jwassal għal governanza effiċjenti u effettiva;

iii) ir-riżorsi finanzjarji tal-UE għandhom ikunu adegwati biex jintlaħqu l-isfidi tal-koeżjoni soċjali u ekonomika u tal-politiki komuni tal-UE;

iv) strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva għandha tkun fis-seħħ biex tinforma l-opinjoni pubblika dwar l-implikazzjonijiet tat-tkabbir;

8. Jenfasizza li, sabiex jissaħħu l-kredibilità u l-effettività tal-istrateġija tat-tkabbir, il-kriterji ta' Kopenħagen iridu jiġu rrispettati bis-sħiħ u l-Istati Membri jridu jikkonformaw magħhom ukoll, sabiex jiġi evitat li l-pajjiżi applikanti jintalbu standards ogħla minn dawk applikati f'xi partijiet tal-UE;

9. Barra minn hekk, ifakkar li l-istruttura ekonomika u l-interessi ta' kull Stat Membru ġdid jista' jkollhom impatt fuq id-direzzjoni li jieħdu l-politiki u l-baġit tal-UE u li l-adattazzjonijiet politiċi mitluba jistgħu jaffettwaw in-natura tal-UE nnfisha; ifakkar li Komunità magħquda ta' nazzjonijiet u ċittadini għandha tkun ibbażata fuq politiki koerenti u fuq is-solidarjetà tal-interessi;

10. Iqis li l-implikazzjonijiet baġitarji, kif ukoll l-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali usa', ta' tkabbir ieħor li jista' jkun hemm għandhom jitqiesu kif jixraq waqt l-evalwazzjoni ta' nofs iż-żmien tal-qafas finanzjarju plurijennali 2007-2013 u l-abbozzar ta' oqfsa finanzjarji sussegwenti;

11. Jinsab ukoll konvint li kwalunkwe Stat Membru ġdid għandu jipprova jsolvi l-problemi interni prinċipali tiegħu, b'mod partikulari dawk li jikkonċernaw il-konfigurazzjoni territorjali u kostituzzjonali, qabel ma jkun jista' jingħaqad mal-UE; huwa tal-opinjoni li, qabel u waqt in-negozjati ma' kwalunkwe Stat simili, l-UE għandha tgħin biex tinstab soluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet;

12. Jendorsja l-enfasi fuq il-konsolidazzjoni, il-kundizzjonalià u l-komunikazzjoni bħala prinċipji gwida tal-Istrateġija għat-Tkabbir ta' L-UE;

13. Huwa tal-fehma li kull tkabbir għandu jiġi segwit b'konsolidazzjoni adegwata u b'konċentrazzjoni politika, jiġifieri, b'evalwazzjoni mill-ġdid u serja tal-politiki u l-mezzi tal-UE sabiex ikun hemm reazzjoni għall-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej u sabiex tkun garantita l-vijabilità tal-UE bħala proġett politiku;

14. Jinsab imħasseb li tkabbir mingħajr konsolidazzjoni u preparazzjoni xierqa jista' jinfluwenza b'mod negattiv lill-għaqda interna tal-UE u jista' jkollu implikazzjonijiet serji fuq il-kapaċità tal-UE li taġixxi — billi l-istituzzjonijiet tagħha jiddgħajfu, l-Istati Membri jkunu aktar vulnerabbli għall-pressjoni minn barra u l-kredibilità tal-UE bħala parteċipant globali tiddgħajjef;

15. Barra minn dan, jemmen ukoll li s-suċċess tal-proċess tat-tkabbir (u, għalhekk, is-suċċess tal-integrazzjoni politika tal-UE) jista' jinkiseb biss jekk ikun hemm appoġġ pubbliku ċar u fit-tul għas-sħubija fl-UE ta' kull pajjiż kandidat; għalhekk huwa tal-fehma li tkabbir ulterjuri għandu jkun akkumpanjat b'politika ta' komunikazzjoni miftiehma li tkun tinvolvi l-Istituzzjonijiet tal-UE kollha u l-Gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u li din il-politika ta' komunikazzjoni tkun imfassla biex tispjega liċ-ċittadini tal-UE l-benefiċċji politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali tat-tkabbir; għalhekk ifakkar lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri li hija fir-responsabilità tagħhom li jinfurmaw l-opinjoni pubblika b'mod xieraq dwar il-kisbiet pożittivi tat-tkabbir ta' qabel, l-istatus quo tan-negozjati li għaddejjin u l-kwistjonijiet marbuta mal-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda;

16. Huwa tal-fehma li l-pajjiżi bi prospetti Ewropej għandhom jagħmlu kull sforz biex jispjegaw, jinvolvu u jħejju l-opinjoni pubblika għall-integrazzjoni fl-Unjoni, u jinvolvu lis-soċjetà ċivili sa mill-bidu f'dan il-proċess;

17. Jinsab konvint ukoll li l-Istrateġija għat-Tkabbir għandha tkun appoġġjata b'firxa iktar diversifikata ta' oqfsa kuntrattwali esterni u li dawn l-oqfsa jistgħu jiġu strutturati bħal ċrieki konċentriċi reċiprokament permeabbli, fejn il-pajjiżi jiġu offruti l-opportunità, skond kundizzjonijiet interni u esterni stretti iżda ċari, li jimxu minn status wieħed għal ieħor jekk ikunu jixtiequ jagħmlu hekk u jekk ikunu jissodisfaw il-kriterji li jappartjenu għal kull qafas speċifiku;

18. Jafferma li l-parteċipazzjoni tal-ENP ma tfissirx sostituzzjoni għal sħubija jew livell li jwassal bilfors għal sħubija, la fil-prinċipju u lanqas fil-prattika; huwa tal-fehma li hemm bżonn li d-distakk konċettwali, politiku u legali li jeżisti bejn l-Istrateġija għat-Tkabbir tal-UE u l-Politika għall-Viċinanzi tagħha jimtela biex ikun hemm reazzjoni għall-aspettattivi tal-ġirien tal-Lvant tagħha; jinsab konvint li l-politika imsaħħa għall-viċinanzi tal-Kummissjoni m'hijiex biżżejjed f'dan ir-rigward, minkejja li tirrapreżenta pass diġà pożittiv fid-direzzjoni t-tajba, u jinsab konvint li hemm bżonn ta' bidla iktar sostanzjali u kwalitattiva;

19. Għalhekk, jissuġġerixxi li, fir-rigward ta' dawk il-ġirien tal-Lvant li, minħabba l-qagħda politika, ekonomika u soċjali tagħhom u minħabba l-kapaċità attwali ta' integrazzjoni tal-UE, fil-preżent ma jgawdux minn prospetti ta' sħubija iżda fl-istess ħin jissodisfaw ċerti kundizzjonjiet demokratiċi u ekonomiċi, l-UE għandha tistabbilixxi żona bbażata fuq il-linji politiċi komuni li jkopru, b'mod partikulari, l-istat ta' dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, il-koperazzjoni fil-politika barranija u ta' sigurtà komuni, kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, il-kummerċ, l-enerġija, it-trasport, kwistjonijiet ambjentali, il-ġustizzja, is-sigurtà, il-migrazzjoni, il-moviment mingħajr viża u l-edukazzjoni; huwa tal-fehma li dawn il-linji politiċi komuni għandu jkollhom l-għan ġenerali li jgħinu lill-ġirien tal-Lvant biex, bil-mod, jiksbu l-istandards tal-UE u b'hekk iwittu triqithom għal integrazzjoni eqreb fi ħdan l-Ewropa; jinsab konvint li l-linji politiċi komuni msemmija hawn fuq għandhom jitfasslu b'mod konġunt mal-pajjiżi parteċipanti fuq il-bażi ta' mekkaniżmi ta' teħid ta' deċiżjonijiet speċifiċi, u għandhom jkollhom is-sostenn ta' għajnuna finanzjarja xierqa; għandu opinjoni pożittiva dwar il-proposta Pollako-Svediża għal Sħubija tal-Lvant ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tas-26 u s-27 ta' Mejju 2008, kemm-il darba l-inizzjattiva li dik il-proposta tinvolvi tiżvolġi fi ħdan il-qafas tal-UE;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tnedija mill-ġdid tal-"Proċess ta' Barċellona fil-qafas tal-UE: Unjoni għall-Mediterran" bħala pass ieħor fir-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien tan-Nofsinhar; jemmen li dan l-iżvilupp ġdid isaħħaħ l-argument favur relazzjonijiet multilaterali kuntrattwali speċifiċi mal-ġirien tal-Lvant tal-UE, li, meta mqabbla mal-imsieħba tan-nofsinhar, għandhom perspettivi u ambizzjonijiet Ewropej ċari; ifakkar li, bħala l-ewwel pass, dawn ir-relazzjonijiet għandhom isarrfu fit-twaqqif ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles, li għandha tiġi segwita b'relazzjonijiet eqreb fuq il-linji taż-Żona Ekonomika Ewropea Plus (EEA +), ta' Commonwealth Ewropea jew ta' oqfsa speċifiċit a' koperazzjoni reġjonali;

21. Itenni, fil-kuntest tal-oqfsa speċifiċi ta’ koperazzjoni reġjonali, l-importanza li titfassal strateġija tal-UE aktar sofistikata u komprensiva għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, li tmur lilhinn mill-inizjattiva attwali ta’ sinerġija u li tipprevedi l-ħolqien ta’ Ftehima ta’ Koperazzjoni tal-Baħar l-Iswed, li għandha tinkludi l-UE, it-Turkija u l-istati kollha ta’ madwar ix-xtut tal-Baħar l-Iswed bħala msieħba ugwali, filwaqt li jiġi mfittex l-involviment sħiħ tar-Russja, u li tkun tista’, fi stadju ieħor aktar tard, tiżviluppa f’Unjoni tal-Baħar l-Iswed; jemmen li qafas multilaterali bħal dan mhux biss joffri lill-pajjiżi involuti l-possibilità li jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom mal-UE f’għadd kbir ta’ oqsma ta’ politika, imma jippermetti wkoll li l-Unjoni Ewropea jkollha rwol aktar attiv fit-tiftix ta’ soluzzjonijiet paċifiċi għall-kunflitti fir-reġjun, u b’hekk ikun hemm kontribut pożittiv favur is-sigurtà fir-reġjun;

22. Fl-istess ħin jemmen li l-pajjiżi li jgawdu minn prospetti rikonoxxouti ta’ sħubija iżda li għad fadlilhom ħafna xi jkopru qabel ma jiksbu l-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali neċessarji biex jinkiseb status ta’ kandidat, jistgħu jibbenefikaw b’mod utli, b’mod kompletament volontarju, f’arranġamenti simili għall-oqfsa bilaterali jew multilaterali msemmija hawn fuq; ifakkar li pass immedjat bħal dan jiffaċilita l-użu tal-istrumenti kollha disponibbli għall-UE sabiex tgħin lill-pajjiżi konċernati fi triqithom lejn sħubija sħiħa;

23. F’dan il-kuntest jilqa’ b’sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Balkani tal-Punent: Tissaħħaħ il-perspettiva Ewropea, tal-5 ta’ Marzu 2008 (COM(2008)0127), li tiddiskrivi firxa ta’ miżuri ta’ appoġġ għall-pajjiżi fir-reġjun fl-isforzi tagħhom lejn integrazzjoni tal-UE u biex napprofondixxu r-relazzjonijiet tal-UE magħhom, fl-oqsma kemm ta’ kummerċ, ta’ enerġija, ta’ edukazzjoni u/jew kif ukoll ta’ riċerka; jesprimi sodisfazzjon għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta’ Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tas-7 ta’ Novembru 2007 mar-Repubblika tas-Serbja u tas-16 ta’ Ġunju 2008 mal-Bożnja-Herzegovina, li huwa jqis bħala pass ieħor lejn il-konsolidazzjoni tar-rabtiet bejn ir-reġjun ikkonċernat u l-UE; f’dan ir-rigward jitlob li n-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jitħaffu, sabiex il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Komunità tiġi ffaċilitatà;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toħroġ bi proposti konkreti għall-politika ta’ relazzjonijiet esterni lejn il-ġirien tal-UE li tkun aktar diversifikata, fuq il-linji deskritti fir-riżoluzzjoni attwali, u, biex meta tikkunsidra l-konfigurazzjoni amministrattiva tagħha stess, tal-anqas tistabbilixxi rabta strutturali bejn l-attivitajiet imwettqa mid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbiar u d-Direttorat Ġenerali RELEX;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

P6_TA(2008)0364

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Lulju 2008 dwar is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe**

(2009/C 294 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iż-Żimbabwe, partikolarment dik tal-24 ta’ April 2008 [1],

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/135/PESK [2] tat-18 ta’ Frar 2008, li ġġeddet il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe sa l-20 ta’ Frar 2009, imposti skond il-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK [3],

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe adottati fid-29 ta’ April 2008 u fis-26-27 ta’ Mejju 2008,

(1) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0184.
(2) ĠU L 43, 19.2.2008, p.39.
(3) ĠU L 50, 20.2.2004, p.66.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar l-elezzjoni li kienet għadha se ssir fiż-Żimbabwe, adottata mill-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (il-Kummissjoni Afrikana) li ltaqgħet waqt it-43 Sessjoni Ordinarja tagħha f'Ezulwini, ir-Renju tas-Sważiland bejn is-7 u t-22 ta' Mejju 2008,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Missjoni Parlamentari ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni Pan-Afrikana tad-29 ta' Marzu 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-elezzjonijiet fir-Repubblika taż-Żimbabwe,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tad-19-20 ta' Ġunju 2008, li emfasizzaw il-prontezza tal-UE biex tadotta miżuri addizzjonali kontra dawk responsabbli għall-vjolenza,

— wara li kkunsidra l-istqarrija interim tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni tal-Komunità għall-Iżvilupp tal-Afrika tan-Nofsinhar (SADC) dwar il-ballottaġġ presidenzjali fiż-Żimbabwe u tal-elezzjonijiet parzjali tal-Kamra tal-Assemblea tad-29 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-istqarrija interim tal-Missjoni Parlamentari ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni Pan-Afrikana tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar il-ballottaġġ presidenzjali u l-elezzjonijiet parzjali fiż-Żimbabwe,

— wara li kkunsidra l-istqarrija preliminari tal-Missjoni Parlamentari ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni tal-Unjoni Afrikana (UA) tad-29 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar iż-Żimbabwe adottata mill-Assembleja tal-UA fil-11-il Samit tal-UA, li sar f'Sharm el-Sheikh, l-Eġittu, fit-30 ta' Ġunju-1 ta' Lulju 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ballottaġġ presidenzjali taż-Żimbabwe, sar fis-27 ta' Ġunju 2008 minkejja l-irtirar tal-kandidat presidenzjali Morgan Tsvangirai minħabba li żdiedu l-vjolenza u r-restrizzjonijiet fuq il-partit tal-oppożizzjoni u l-partitarji,

B. billi osservaturi mill-SADC, il-Parlament Pan-Afrikan u l-UA qalu li l-ballottaġġ kien imfixkel mill-vjolenza u ma laħaqx l-istandards tal-UA u l-SADC u ma rriflettiex ir-rieda tal-poplu,

C. billi l-elezzjonijiet għall-Kamra tal-Assemblea taż-Żimbabwe, għas-Senat taż-Żimbabwe, għall-Presidenza, u għall-entitajiet tal-gvern lokali seħħew fid-29 ta' Marzu 2008,

D. billi skond riżultati uffiċjali li ngħataw mill-Kummissjoni Elettorali taż-Żimbabwe, il-partit tal-oppożizzjoni Moviment għall-Bidla Demokratika (MDC) rebaħ maġġoranza ta' siġġijiet fl-Assemblea, waqt li Morgan Tsvangirai rebaħ 47,9 % u Robert Mugabe rebaħ 43,2 % tal-voti fl-elezzjoni presidenzjali,

E. billi r-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali damu ma ħarġu għal xi ġimgħat, dewmien li tellef il-kredibilità u t-trasparenza tal-proċess elettorali,

F. billi Robert Mugabe ddikjara, qabel il-ballottaġġ elettorali, li l-MDC qatt mhu se jiggverna liż-Żimbabwe u li hu kien lest jiġġieled kontrihom biex ma jħallihomx jieħdu l-poter,

G. billi fit-tħejjija għat-tieni fażi tal-elezzjoni presidenzjali attivisti u partitarji tal-oppożizzjoni sofrew vjolenza sponsorjata mill-istat, tortura, intimidazzjoni u arresti arbitrarji, u skond l-MDC għallinqas 86 partitarju tagħha ġew maqtula u 200 000 spustati minn darhom,

H. billi, waqt il-kampanja elettorali, Morgan Tsvangirai kien arrestat diversi drabi, kien segwit minn suldati armati u mġiegħel jistkenn fl-Ambaxxata Olandiża f'Harare,

I. billi s-Segretarju Ġenerali tal-MDC, Tendai Biti, kien arrestat fit-12 ta' Ġunju 2008 u akkużat b'sovversjoni u tradiment,

J. billi l-midja tal-istat ipprojbixxiet reklami tal-kampanja tal-MDC, u għalhekk impediet li jkun hemm kampanja elettorali ħielsa u ġusta; billi r-rally tal-MDC ippjanat għat-22 ta' Ġunju 2008 f'Harare kien imfixkel minn partitarji vjolenti tal-Unjoni Nazzjonali Afrikana taż-Żimbabwe — Front Patrijottiku (ZANU-PF),

K. billi fl-24 ta' Ġunju 2008 il-President tal-Kungress Nazzjonali Afrikan, Jacob Zuma ddeskriva s-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe bħala 'mingħajr kontroll', u sejjaħ għal intervent urġenti min-Nazzjonijiet Uniti u mill-SADC,

L. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSC) fl-aħħar ikkundanna unanimament il-kampanja ta' vjolenza li saret mill-Gvern taż-Żimbabwe, għalkemm ma wasalx li jiddikjara din l-elezzjoni bħala illeġittima, minħabba l-oġġezzjoni tal-Afrika t'Isfel,

M. billi l-UA ma qablet dwar l-ebda linjigwidi jew skeda ta' żmien ċara biex jinbdew u jintemmu n-negozjati u billi, barra minn hekk, id-diviżjonijiet fi ħdan l-SADC jfissru li x'aktarx mhux se jkun hemm djalogu,

N. billi ġurnalisti kienu ffastidjati u intimidati u l-ġurnalisti barranin ma tħallewx jidħlu fil-pajjiż,

O. billi l-pulizija arbitrarjament arrestat attivisti tas-soċjetà ċivili, inklużi membri ta' gruppi ċiviċi ta' diversi Knejjes f'Harare, u numru ta' NGOs u aġenziji tal-għajnuna kellhom jissospendu l-operazzjonijiet tagħhom,

P. billi d-'diplomazija tas-silenzju' tal-President tal-Afrika t'Isfel, Thabo Mbeki, matul is-snin sfortunatament ma ħalliet l-ebda riżultat tanġibbli fir-rigward tas-sitwazzjoni politika fiż-Żimbabwe waqt li s-simpatiji magħrufa tiegħu għal Mugabe eventwalment wasslu biex l-oppożizzjoni fiż-Żimbabwe tirrifjutah bħala medjatur,

Q. billi l-kriżi fiż-Żimbabwe qed tħalli effetti sinifikanti fuq il-pajjiżi ġirien, l-aktar l-Afrika t'Isfel,

R. billi skond rapport tal-Organizzazzjoni dwar l-Ikel u l-Agrikoltura u l-Programm Dinji tal-Ikel madwar żewġ miljun persuna se jkunu mingħajr ikel bejn Lulju 2008 u Settembru 2008 fiż-Żimbabwe, u din il-figura mistennija li tikber għal 5,1 miljun bejn Jannar u Marzu 2009,

S. billi wieħed minn kull għaxart itfal fiż-Żimbabwe imutu qabel ma jagħlqu l-ħames snin u li l-medja tal-għomor tal-ħajja hi ta' 37 sena għall-irġiel u 34 sena għan-nisa,

1. Jenfasizza li l-elezzjonijiet tas-27 ta' Ġunju 2008 ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi, u jilqa' b'sodisfazzjon l-istqarrija tat-28 ta' Ġunju 2008 tal-Presidenza tal-Kunsill li b'mod ċar tiddikjara din il-pożizzjoni;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-kampanja ta' vjolenza sponsorjata mill-gvern kontra l-oppożizzjoni politika qabel it-tieni fażi tal-elezzjonijiet Presidenzjali, li rriżultat fil-qtil, l-arrest arbitrarju u l-fastidju ta' attivisti u partitarji tal-oppożizzjoni kif ukoll ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

3. Iqis li l-kampanja ta' vjolenza, theddid u intimidazzjoni kontra l-oppożizzjoni għamlitha impossibbli li jkun hemm ballottaġġ għall-elezzjoni presidenzjali ħieles u ġust, kif magħruf sew mill-komunità internazzjonali, inklużi l-osservaturi Afrikani tal-elezzjoni u mexxejja Afrikani;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istqarrijia presidenzjali tal-UNSC li tikkundanna l-mod kif saret l-elezzjoni presidenzjali fiż-Żimbabwe;

5. Jilqa' l-istqarrija tal-mexxejja tal-G8 dwar iż-Żimbabwe tat-8 ta' Lulju 2008, b'mod partikolari ir-rifjut tagħhom li jaċċettaw il-leġittimità ta' kull gvern li ma jirriflettix ir-rieda tal-poplu taż-Żimbabwe, jilqa' ir-rakkomandazzjoni tagħhom li jinħatar Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU sabiex jirraporta dwar is-sitwazzjoni politika, umanitarja, drittijiet tal-bniedem u sigurtà u sabiex jappoġġjaw l-isforzi reġjonali biex jitmexxew in-negozjati bejn il-partiti politiċi filwaqt li jkunu rispettati r-riżultati tal-elezzjoni tad-29 ta' Marzu 2008, u l-intenzjoni tagħhom li jieħdu passi ulterjuri, inter alia billi jintroduċi miżuri finanzjarji u oħrajn kontra dawk l-individwi responsabbli mill-vjolenza;

6. Jistieden lill-pajjiżi Afrikani u lill-komunità internazzjonali kollha biex tirrifjuta li tirrikonoxxi r-reġim ta' Mugabe;

7. Jistieden lill-Unjoni Afrikana, lill-SADC u lin-NU biex jiffaċilitaw proċess inklussiv ta' medjazzjoni bi skadenzi ċari għal negozjati, li jippermetti soluzzjoni rapida u pożittiva għall-kriżi taż-Żimbabwe, ibbażata fuq elezzjonijiet ħielsa u ġusti;

8. Jenfasizza li biex l-isforz ta' medjazzjoni iwassal għal djalogu nazzjonali sodisfaċenti u produttiv, parteċipanti esterni oħra flimkien mal-President Mbeki għandhom ikunu involuti, u d-djalogu intern m'għandux ikun ristrett għaż-żewġ partiti politiċi, imma għandu jinkludi parteċipanti oħra tas-soċjetà ċivili bħal NGOs, knejjes, trade unions u l-parlament;

9. Isejjaħ biex ikun hemm soluzzjoni negozjata għall-kriżi attwali, li twassal għall-ħolqien ta' amministrazzjoni tranżizzjonali, b'mandat biex tintemm il-vjolenza sponsorjata mill-gvern, ikunu demobilizzati l-militias, jitneħħew il-liġijiet ripressivi, tissolva l-kriżi umanitarja, ikun hemm stabilità ekonomika, jinbeda proċess inklussiv u kostituzzjonali ta' reviżjoni, u terġa titwaqqaf il-Kummissjoni Elettorali taż-Żimbabwe (ZEC) sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet presidenzjali ħielsa u ġusti fil-futur qarib taħt il-partroċinju tal-UA u n-NU; jitlob li dawn in-negozjati jkunu osservati minn mibgħut tal-UA/Nazzjonijiet Uniti;

10. Jistieden lin-NU sabiex tniedi investigazzjoni sħiħa u indipendenti dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li saru u tinsisti li dawk responsabbli ma jitħallewx mingħajr ma jieħdu li ħaqqhom u għandhom jitressqu quddiem tribunal kompetenti u imparzjali;

11. Jenfasizza l-ħtieġa ta' riabilitazzjoni tal-vittmi u jitlob għal miżuri tranżizzjonali ta' ġustizzja, inkluż it-twaqqif ta' kummissjoni tal-verità u r-rikonċiljazzjoni;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pożizzjoni ta' numru sew ta' pajjiżi Afrikani, kif ukoll ta' grupp kbir ta' personalitajiet Afrikani rispettati sew, inkluż Nelson Mandela, Desmond Tutu u Kofi Annan, li tikkundanna s-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe, u tinkoraġġihom biex b'mod konkret jimpenjaw ruħhom għal soluzzjoni politika u demokratika;

13. Jappoġġja lil Botswana fis-sejħiet tagħha biex iż-Żimbabwe tkun sospiża mill-fora Afrikani sakemm jinżammu elezzjonijiet ħielsa u ġusti;

14. Jitlob lill-Afrika t'Isfel biex tassumi rwol ewlieni fir-reġjun tal-SADC għall-futur taż-Żimbabwe u jiddispjaċih sew dwar ir-rifjut tal-Afrika t'Isfel fil-UNSC li tiddikjara din l-elezzjoni illeġittima;

15. Jitlob lill-komunità internazzjonali biex iżżid il-pressjoni diplomatika fuq ir-reġim ta' Mugabe biex iwaqqaf kull vjolenza immedjatament, u jippermetti lill-Parlament li kien elett tliet xhur ilu li jiltaqa';

16. Jistieden lill-Kunsill biex jintensifika s-sanzjonijiet immirati kontra membri tar-reġim ta' Mugabe u persuni oħra responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, jekk l-isforzi ta' medjazzjoni ma jkunux aċċettati u jekk il-vjolenza sponsorjata mill-istat ma tieqafx, u sabiex jinsisti dwar sanzjonijiet li għandhom ikunu adottati fuq livell tan-NU, inkluż embargo tal-armi kif ukoll iffriżar komprensiv tal-assi kollha tal-gvern u tal-partit fit-tmexxija; jenfasizza l-ħtieġa li jkunu implimentati b'mod strett is-sanzjonijiet u li jkun hemm koordinazzjoni mal-komunità internazzjonali kollha sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħhom u ma jkunx hemm evażjonijiet;

17. Jinsisti li miżuri koersivi bħal dawn għandhom isemmu u jagħmlu diżunur lil dawk in-negozjanti responsabbli għall-finanzjament tar-reġim ripressiv ZANU-PF, kif ukoll li ma jħallulhomx id-dritt ta' residenza fl-Ewropa, u ma jagħtux aċċess għall-membri tal-familji tagħhom għal impjieg jew għal istituzzjonijiet edukattivi, kif ukoll jesponu isimhom lill-azzjonisti tal-banek internazzjonali li jservu biex jgħaddu l-qliegħ b'mod korrott, u jipprovdu self u investiment bħal Barclays Bank, Standard Chartered u oħrajn; jinkoraġġixxi kumpaniji Ewropej u internazzjonali oħra biex jirrevedu kull attività li tippermetti lir-reġim aċċess għal munita soda u, f'dan il-kuntest, jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni ta' Tesco u Giesecke & Devrient biex itemmu r-relazzjonijiet ta' kummerċ maż-Żimbabwe;

18. Jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex ma jagħtu l-ebda viża lil Robert Mugabe, lill-kabinett tiegħu u lit-tmexxija ta' ZANU-PF għal skopijiet nazzjonali jew internazzjonali fuq territorju tal-UE, għaliex huma jirrappreżentaw reġime de facto illeġittimu, u ma jistgħux jitolbu l-ebda privileġġ skond il-konvenzjonijiet internazzjonali relevanti dwar libertajiet u privileġġi;

19. Jistieden lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iżidu l-ħidma diplomatika mal-gvernijiet Afrikani, l-SADC u l-Unjoni Afrikana kif ukoll ma' parteċipanti oħra importanti, inkluż il-gvern Ċiniż, sabiex jidentifikaw pożizzjonijiet komuni dwar il-kriżi taż-Żimbabwe;

20. Jistieden liċ-Ċina u lil-Libja biex ma jkomplux jagħtu appoġġ lir-reġim ta' Mugabe;

21. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jimpenjaw lilhom infushom speċifikament mal-Afrika t'Isfel, bħala l-pajjiż ewlieni tar-reġjun, ħalli jesprimu t-tħassib serju tagħna għan-nuqqas ta' kwalunkwe riżultat ta' medjazzjoni tanġibbli f'dawn l-aħħar snin fir-rigward tal-kriżi taż-Żimbabwe, biex juru li l-impatt tal-kriżi fuq pajjiżi ġirien, inkluż l-Afrika t'Isfel, m'għandux jitħalla mingħajr ma jingħata attenzjoni fir-reġjun u sabiex jiċċaraw li l-appoġġ politiku u ekonomiku kontinwu lir-reġim ta' Mugabe jista' jkollu effetti negattivi fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel;

22. Jistieden lill-Kunsill biex jinsisti dwar miżuri effettivi u tanġibbli ta' prevenzjoni tal-konflitt internazzjonali u miżuri ta' mitigazzjoni, jekk meħtieġ permezz tal-iskjerament rapidu tal-forzi taż-żamma tal-paċi tal-UA/NU;

23. Iħeġġeġ biex il-persuni arrestati għal raġunijiet politiċi jinħelsu immedjatament;

24. Jinnota l-impatt devastanti li l-kriżi politika qed ikollha fuq il-poplu taż-Żimbabwe u jistieden lill-Gvern ta' Mugabe sabiex ineħħi r-restrizzjonijiet kollha kontra aġenziji tal-għajnuna umanitarja u sabiex jiżgura li l-għajnuna umanitarja tista' titwassal skond il-prinċipji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza;

25. Jistieden lill-gvern taż-Żimbabwe biex immedjatament ineħħi l-armi minn idejn il-milizja żagħżugħa u l-veterani tal-gwerra u jiddemobilizzahom kif ukoll jieħu passi kontra individwi li wettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

26. Jikkundanna l-fatt li uffiċjal tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU kien imkeċċi miż-Żimbabwe ġimgħa qabel l-elezzjonijiet ippjanati, u jistieden lill-gvern biex jagħti aċċess bla tfixkil lill-istaff tan-NU;

27. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Afrika t'Isfel u lill-Istati Membri tal-UE biex ma jiddeportawx refuġjati li ġejjin miż-Żimbabwe u jagħtuhom status temporanju sakemm ikun possibbli li jirritornaw lura b'mod sikur;

28. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tieħu azzoni malajr meta jkun hemm ħtieġa umanitarja addizzjonali kkawżata mill-kriżi politika, partikolarment fir-rigward tal-bżonnijiet u tas-sikurezza tal-persuni li huma spustati f'pajjiżhom;

29. Juri tħassib dwar it-tbassir ta' żieda ta' bejn l-10 % u l-40 % ta' persuni miż-Żimbabwe li jaqsmu l-fruntieri fil-ġimgħat li ġejjin; jinnota li fost il-migranti, it-tfal se jkunu partikolarment f'sitwazzjoni vulnerabbli, f'riskju ta' abbuż, u furzati li jagħmlu xogħol perikoluż bħal dak fil-minjieri, iħaddmu makkinarju tal-biedja jew xogħol relatat mas-sess biex jibqgħu jgħixu;

30. Jistieden lill-UE sabiex twaqqaf kwalunkwe għajnuna li qed titqassam permezz tal-awtoritajiet taż-Żimbabwe u biex tindirizzaha minflok permezz ta' istituzzjonijiet indipendenti nazzjonali u internazzjonali;

31. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissarju Michel li jżid b'mod sinifikanti l-appoġġ għaż-Żimbabwe u l-poplu tiegħu billi jwiegħed EUR 250 miljun f'għajnuna għall-iżvilupp, ladarba terġa' lura d-demokrazija u jiġi elett gvern leġittmu u kredibbli;

32. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jkunu rispettati x-xewqat demokratiċi tal-poplu taż-Żimbabwe; iħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem fil-ġejjieni taż-Żimbabwe sabiex jikkoperaw mal-forzi tal-bidla demokratika;

33. Jistieden lill-Gvern taż-Żimbabwe biex jirrispetta l-impenji tiegħu stess favur prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt bħala firmatarju tat-Trattat SADC u tal-Protokolli relattivi, inkluż il-protokoll elettorali tal-SADC, tal-Att Kostituttiv tal-Unjoni Afrikana, tal-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u tas-Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp tal-Afrika;

34. Jistieden lil dawk ta' rieda tajba fl-istrutturi tar-reġim u fiż-ZANU-PF sabiex iwarrbu l-forzi anti-demokratiċi u jieħdu azzjoni ħalli jikkoperaw ma l-MDC biex iġibu bidla rapida qabel ikun tard wisq;

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet tal-pajjiżi tal-G8, lill-gvernijiet u lill-parlamenti taż-Żimbabwe u tal-Afrika t'Isfel, lis-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, liċ-Chairpersons tal-Kummissjoni u tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Unjoni Afrikana, lill-Parlament Pan-Afrikan, u lis-Segretarju Ġenerali u l-gvernijiet tal-SADC u lill-Forum Parlamentari tiegħu.

## Spazju u s-sigurtà

P6_TA(2008)0365

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar l-ispazju u s-sigurtà (2008/2030(INI))**

(2009/C 294 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tas-Sigurtà Ewropea intitolata "Ewropa Sikura f'Dinja Aħjar", adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda tal-Massa, li kienet adottata ukoll mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2007 dwar il-Politika Spazjali Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar it-Tħaddim tal-Unjoni Ewropea (it-TFEU) u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-TEU), kif emendati bit-Trattat ta' Liżbona, u d-dispożizzjonijiet rilevanti tagħhom dwar il-politika spazjali Ewropea (l-Artikolu 189 tat-TFEU), il-koperazzjoni strutturata permanenti dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' difiża (l-Artikoli 42(6) u 46 tat-TEU u l-Protokoll10) u l-koperazzjoni msaħħa fil-qasam ċivili (Parti Sitta, Titolu III), kif ukoll il-klawsola ta' solidarjetà (l-Artikolu 222 tat-TFEU) u d-dispożizzjonijiet għall-assistenza reċiproka fil-każ ta' aggressjoni armata kontra xi Stat Membru jew xi Stati Membri (l-Artikolu 42(7) tat-TEU),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Jannar 2004 dwar il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Politika Spazjali Ewropea ([2]),

([1]) ĠU C 136, 20.6.2007, p. 1.
([2]) ĠU C 96 E, 21.4.2004, p. 136.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2005 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-1967 dwar il-Prinċipji li jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u fl-Użu tal-Ispazju, fosthom tal-Qamar u Korpi ċelesti oħra ("it-Trattat dwar l-Ispazju"),

— wara li kkunsidra l-koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja dwar il-politika spazjali li fl-2006 ħolqot Djalogu Tripartitiku dwar l-Ispazju bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u r-Roscosmos (l-Aġenzija Spazjali Federali Russa),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija (A6-0250/2008),

A. billi l-ħelsien minn theddid mill-ispazju u l-aċċess sostenibbli u sikur tal-ispazju, kif ukoll l-użu tiegħu, għandhom ikunu l-prinċipji li jmexxu l-Politika Spazjali Ewropea,

B. billi Politika Spazjali Ewropea awtonoma hija ħtieġa strateġika biex l-Unjoni Ewropea tilqa' għall-isfidi politiċi u ta' sigurtà varji li kull ma tmur qiegħda tħabbat wiċċha magħhom,

C. billi n-nuqqas ta' strateġija komuni dwar il-politika spazjali bejn l-Istati Membri tal-UE jfisser programmi li jiġu jqumu wisq,

D. billi l-operazzjonijiet b'ġestjoni ta' kriżi fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Ewropea jbatu minn nuqqas ta' interoperabilità bejn l-assi spazjali mħaddma mill-Istati Membri tal-UE,

E. billi l-Unjoni Ewropea m'għandhiex struttura sħiħa Ewropea għall-ispazju għal skopijiet ta' sigurtà u ta' difiża,

F. billi l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' launchers jieħu madwar 15-il sena u l-ħajja ta' dawk attwali trid tiġi sostitwita sa 20 sena oħra,

G. billi l-iżvilupp tal-assi spazjali mill-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun u minn stati oħra li għadhom kemm bdew jivvjaġġaw fl-ispazju, bħaċ-Ċina, l-Indja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, il-Brażil, l-Iżrael, l-Iran, il-Malasja, il-Pakistan, l-Afrika t'Isfel u t-Turkija, huwa miexi 'l quddiem b'pass mgħaġġel,

H. billi l-Presidenza Franċiża tal-Unjoni Ewropea fit-tieni semestru tal-2008 se ġġib 'il quddiem il-Politika Spazjali Ewropea bħala waħda mill-prijoritajiet tagħha,

I. billi wieħed mill-elementi ewlenin ta' arkitettura spazjali, meta mqabbla man-nefqa, u għall-kisba ta' flotta sostenibbli ta' assi spazjali huwa s-servisjar fl-orbita, permezz ta' mezzi in situ,

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jinnota l-importanza tad-dimensjoni spazjali għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-bżonn ta' strateġija komuni meħtieġa biex tiddefendi l-interessi Ewropej fl-ispazju;

2. Jenfasizza l-ħtieġa tal-assi spazjali sabiex l-attivitajiet politiċi u diplomatiċi tal-Unjoni Ewropea jkunu bbażati fuq informazzjoni indipendenti, affidabbli u sħiħa b'appoġġ għall-politiki tagħha ta' prevenzjoni ta' kunflitti, għall-operazzjonijiet tagħha b'ġestjoni ta' kriżi u għas-sigurtà dinjija, l-aktar il-monitoraġġ tal-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi ta' trasportazzjoni tagħhom u l-verifika ta' trattati internazzjonali, il-kuntrabandu tranżnazzjonali tal-armamenti ħfief u tal-armi żgħar, il-ħarsien tal-infrastruttura kruċjali u tal-fruntieri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-protezzjoni ċivili fil-każ ta' diżastri u kriżijiet naturali u kkawżati mill-bniedem;

([1]) ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 580.

3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-endorsjar tal-Politika Spazjali Ewropea mill-"Kunsill Spazjali" kif proposta minn komunikazzjoni konġunta ppreżentata mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (COM(2007)0212), l-aktar il-kapitlu dwar is-sigurtà u d-difiża, filwaqt li jiddeplora n-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għat-theddida li l-ispazju jista' jimtela bl-armamenti fi ħdan il-"kwistjonijiet ewlenin li għandhom jitqiesu fl-iżvilupp ta' strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali" (kif imsemmi fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' mejju 2007); jirrakkomanda, għalhekk, li l-Istrateġija riveduta Ewropea tas-Sigurtà għandha tqis din il-politika kif xieraq, u huwa tal-fehma li l-kwistjonijiet dwar l-ispazju għandhom jiġu riflessi fil-White Paper li possibilment se ssir dwar il-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża;

4. Japprova l-inklużjoni ta' bażi legali għall-Politika Spazjali Ewropea fit-Trattat ta' Liżbona; jilqa' b'sodisfazzjon l-opportunità li ngħatat lilu u lill-Kunsill biex jistabbilixxu, skond il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-miżuri biex jiġi msawwar Programm Spazjali Ewropew; Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti lilu u lill-Kunsill proposta xierqa għal miżuri bħal dawn, flimkien ma' Komunikazzjoni dwar l-istabbiliment ta' relazzjonijiet xierqa mal-Aġenzija Spazjali Ewropea; jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-possibilitajiet ta' koperazzjoni strutturata permanenti fi kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' difiża u ta' koperazzjoni msaħħa fil-qasam ċivili;

5. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, lill-Aġenzija Spazjali Ewropea u lil kull min għandu interess biex jużaw aktar u aħjar is-sistemi spazjali nazzjonali u multinazzjonali u biex iħeġġu l-komplementarjetà reċiproka tagħhom; jinnota f'dan ir-rigward li l-kapaċitajiet komuni huma meħtieġa għall-ESDP mill-inqas fl-oqsma li ġejjin: it-telekomunikazzjonijiet, l-immaniġġjar tal-informazzjoni, l-osservazzjoni u n-navigazzjoni; jirrakkomanda l-qsim u l-iskambju ta' din l-informazzjoni skond il-linja tal-kunċett tal-UE dwar l-Istruttura Ċentrika tan-Networks tal-Operat;

6. Japprova l-isforzi tal-Akkademja Internazzjonali tal-Astronawtiċi u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Avvanz tas-Sigurtà tal-Ispazju biex jippromwovu r-remedjazzjoni, il-ftehim u l-miżuri rigward l-iskart fl-ispazju;

***Evalwazzjoni awtonoma tat-theddid***

7. Jistieden lill-Istati Membri biex jiġbru flimkien u jiskambjaw it-tagħrif ġeospazjali meħtieġ għall-evalwazzjoni awtonoma tat-theddid għall-UE;

***Osservazzjoni u tkixxif dwar id-Dinja***

8. Iħeġġeġ biex iċ-Ċentru tas-Satelliti tal-Unjoni Ewropea (l-EUSC) ikompli jiġi żviluppat biex isir użu sħiħ mill-potenzjal tiegħu; barra minn hekk, jirrakkomanda li jkunu konklużi b'urġenza l-ftehim bejn iċ-Ċentru tas-Satelliti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE biex kull immaġni disponibbli tgħaddi għand l-operat tal-ESDP u l-kmandanti tal-forza, filwaqt li tkun żgurata l-komplementarjetà mal-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (il-GMES) u mal-informazzjoni marbuta mas-siġurtà; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-proġett tal-Istazzjon tal-Esplojtazzjoni tal-Immaġni Tattika, li jitmexxa b'mod konġunt mill-Aġenzija tad-Difiża Ewropea (l-EDA) u ċ-Ċentru tas-Satelliti tal-Unjoni Ewropea;

9. Jirrakkomanda li l-UE tiżviluppa kunċett komuni għall-intelligenza ġeospazjali, b'hekk toħloq kundizzjonijiet għall-involviment tal-EUSC fl-ippjanar ta' kull operazzjoni tal-ESDP li teħtieġ osservazzjoni bbażata fl-ispazju u intelliġenza bbażata fl-ispazju; jirrakkomanda li l-EUSC tistabbilixxi link ta' komunikazzjoni sikura sabiex tappoġġja l-operazzjonijiet tal-ESDP mhux biss mal-Kwartieri tal-Operazzjonijiet (OHQ) ibbażati fl-UE imma wkoll mal-Kwartieri tal-Forza (FHQ) fir-reġjun tal-iskjerament; aktar minn hekk, jissuġġerixxi li l-UE tesplora l-possibilità ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-EUSC mill-baġit tal-UE sabiex tipprovdi biżżejjed fondi biex tissodisfa l-bżonnijiet li qed jiżdiedu tal-operazzjonijiet tal-ESDP;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE li għandhom aċċess għal tipi varji ta' radar, satelliti għall-osservazzjoni ottika u tat-temp u sistemi ta' tkixxif (Helios, SAR-Lupe, TerraSAR-X, Rapid Eye, Cosmo-Skymed, Pleiades) biex jagħmluhom kompatibbli; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim bilaterali u multilaterali bejn il-pajjiżi l-kbar tal-UE (bħal SPOT, ORFEO, il-qafas ta' koperazzjoni Helios, il-ftehim ta' Schwerin u, fil-ġejjieni, il-MUSIS); jirrakkomanda li s-sistema MUSIS tiddaħħal f'qafas Ewropew u tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-UE;

11. Jisħaq dwar l-importanza tal-GMES għall-politika barranija kif ukoll għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ biex tinħoloq linja baġitarja operattiva li tiżgura li s-servizzi tal-GMES ikunu sostenibbli skond il-ħtiġijiet ta' min jużahom;

*Navigazzjoni — Pożizzjoni — Kejl ta' żmien*

12. Jenfasizza l-ħtieġa tal-Galileo għall-operazzjonijiet awtonomi tal-ESDP, għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni u għas-sigurtà tal-Ewropa nnifisha u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni; jinnota li, b'mod partikulari, is-servizz tal-Galileo, regolat b'mod pubbliku, huwa vitali fil-qasam tan-navigazzjoni, tal-pożizzjoni u tal-kejl taż-żmien, mhux l-anqas sabiex ikunu evitati riskji bla bżonn;

13. Jinnota l-ftehim waqt l-ewwel qari bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar il-proposta għal regolament dwar l-implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) li jistabbilixxi li Komunità hija s-sid tas-sistema u li l-fażi ta' preparazzjoni tagħha hija ffinanzjata kollha kemm hi mill-baġit tal-Komunità;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-pożizzjoni tiegħu adottata fit-23 t'April 2008 dwar il-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) ([1]), b'mod partikulari għall-fatt li l-programmi EGNOS u Galileo għandhom jitqiesu bħala waħda mill-pilastri ewlenin tal-Programm Spazjali Ewropew futur, u għall-governanza tal-programmi, flimkien mal-Panel Interistituzzjonali Galileo, li jista' jservi ta' mudell fl-iżvilupp ta' Politika Spazjali Ewropea;

*Telekomunikazzjoni*

15. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' komunikazzjoni sikura bbażata fuq is-satelliti għall-operat tal-ESDP (Staff Militari tal-UE, Kwartieri Ġenerali tal-UE, kwartieri ġenerali skjerabbli) u għall-iskjerament tal-Istati Membri tal-UE man-NU, man-NATO u ma' organizzazzjonijiet bħal dawn;

16. Jitlob biex is-sistemi attwali u futuri ta' telekomunikazzjoni bis-satellita li huma disponibbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Skynet, Syracuse, SICRAL, SATCOMBw, Spainsat) ikunu interoperabbli b'mod reċiproku sabiex tonqos l-ispiża;

17. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp koperattiv ta' Radju Definit b'Softwer (SDR) mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija tad-Difiża Ewropea; jinnota li l-SDR se jagħti sehmu biex ikun hemm interoperabilità aħjar min-naħa tas-segment tal-art tas-sistemi ta' telekomunikazzjoni;

18. Jirrakkomanda li jiġu ffrankati riżorsi permezz tal-użu ta' infrastruttura fuq l-art li tkun il-bażi ta' sistemi ta' telekomunikazzjoni nazzjonali differenti;

19. Jappoġġja l-possibilità ta' finanzjament fil-futur mill-baġit tal-UE, ta' sistemi satellitari Ewropej tat-telekomunikazzjonijiet li jappoġġjaw operazzjoni tal-ESDP;

*Sorveljanza spazjali*

20. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien ta' sistema ta' sorveljanza spazjali Ewropea li twassal għall-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju (li tinkludi, pereżempju, il-GRAVES u t-TIRA) biex ikun hemm monitoraġġ tal-infrastruttura spazjali, tal-fdal spazjali u, forsi, ta' xi periklu ieħor;

21. Jappoġġja l-possibilità ta' finanzjament fil-futur mill-baġit tal-UE, ta' sistema Ewropea għall-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju;

([1]) Testi Adottati, P6_TA(2008)0167.

***Sistemi ta' satelliti ta' twissija bikrija kontra missili ballistiċi***

22. Jiddeplora l-fatt li l-Istati Membri tal-UE m'għandhomx aċċess għal informazzjoni immedjata dwar it-tfigħ ta' missili ballistiċi madwar id-dinja; jesprimi l-appoġġ tiegħu, għalhekk, għal proġetti li jwasslu għal twissija bikrija bis-satelliti kontra t-tfigħ ta' missili ballistiċi (bħall-iSpirale ta' Franza); barra minn hekk, jitlob li l-informazzjoni akkwistata permezz ta' dawn is-sistemi futuri tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea sabiex il-popolazzjoni tagħhom tkun protetta u biex jiġu appoġġjati kontromiżuri, kif ukoll biex isservi għall-verifika ta' konformità mat-Trattat tan-Non-proliferazzjoni Nukleari, u għall-iskopijiet tal-operazzjonijiet ESDP u s-salvagwardja tal-interessi tas-sigurtà tal-Ewropa;

***Informazzjoni elettronika (Signal intelligence)***

23. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-iskambju ta' informazzjoni elettronika (bħas-sistema Franċiża "Essaim" u informazzjoni rigward il-komunikazzjonijiet) fil-livell Ewropew;

***Aċċess awtonomu għall-ispazju u għall-ambjent internazzjonali***

24. Jagħti l-appoġġ tiegħu għal aċċess għall-ispazju li jkun sikur, indipendenti u sostenibbli għall-Unjoni Ewropea bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin għall-azzjoni awtonoma tagħha;

25. Jirrakkomanda li s-satelliti Ewropej mhux kummerċjali jintefgħu fl-orbita permezz ta' launchers Ewropej preferibbilment mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-sigurtà tal-provvista u tal-ħarsien tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea;

26. Jinnota li huwa neċessarju li jiżdied l-isforz għall-iżvilupp sabiex Ariane 5 msaħħa tkun disponibbli qabel l-2015;

27. Jirrakkomanda li mill-aktar fis għandu jingħata bidu għal investiment strateġiku għat-tul f'launchers Ewropej ġodda, bi wieħed iħaħħaq mal-kompetizzjoni dinjija li qiegħda dejjem tikber; jitlob għal aktar dixxiplina f'dan il-proġett f'termini ta' baġit u ta' perjodu ta' skadenza;

28. Jirrakkomanda li l-vetturi spazjali jiġu sservisjati waqt li qegħdin fl-orbita, bħala mezz ta' appoġġ biex jissaħħu r-reżistenza, il-persistenza, id-disponibilità u l-effiċjenza operattiva tal-assi spazjali operattivi u, fl-istess waqt, biex jitnaqqsu l-iskjerament tal-assi u l-ispejjeż tal-manutenzjoni;

***Governanza***

29. Jinkuraġġixxi koperazzjoni b'saħħitha bejn il-pilastri għall-ispazju u għas-sigurtà, li tinvolvi l-partijiet kollha rilevanti (i. e. il-Kummissjoni, il-Kunsill, l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea u ċ-Ċentru tas-Satelliti tal-Unjoni Ewropea) sabiex ikunu ggarantiti l-politika ta' sigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni marbuta mal-ESDP;

30. Jirrakkomanda bil-qawwa l-promozzjoni ta' aċċess indaqs għall-Istati Membri kollha tal-UE għall-informazzjoni dwar l-operat miġbura bl-użu tal-assi spazjali permezz ta' qafas imsaħħaħ tal-ESDP;

31. Jirrakkomanda li jiġu żviluppati kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji għall-immaniġġjar ta' attivitajiet relatati mal-ispazju mill-Aġenzija tad-Difiża Ewropea;

***Il-Finanzjament***

32. Jinnota li l-baġit tal-UE jiddedika nefqa li tammonta għal madwar EUR 5.25 miljun fis-snin 2007-2013 għal attivitajiet komuni Ewropej tal-ispazju, li jirriżulta f'nefqa medja ta' EUR 750 miljun fis-sena f'dan il-perjodu;

33. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi baġit operattiv għall-assi spazjali, li jservu għall-appoġġ tal-ESDP u l-interessi tas-sigurtà Ewropea;

34. Hu allarmat mill-fatt li n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri jwassal għal skarsezza ta' riżorsi minħabba duplikazzjoni bla bżonn tal-attivitajiet; jagħti, għalhekk, l-appoġġ tiegħu għall-idea tat-tnedija ta' programmi konġunti bejn l-Istati Membri, li twassal biex jiġu ffrankati l-ispejjeż maż-żmien;

35. Barra minn hekk, jinnota li l-ispiża għan-nuqqas ta' strateġija Ewropea komuni għall-kisba, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-assi spazjali hija stmata li tammonta għal mijiet ta' miljuni ta' euro;

36. Jinnota li, kif uriet l-esperjenza, proġetti komuni fuq skala kbira ma jistgħux jiġu mmaniġġjati kif xieraq meta jkunu involuti 27 awtorità nazzjonali tal-baġit differenti li japplikaw il-prinċipju ta' "qligħ ġust"; jirrakkomanda, għalhekk, li dawn il-proġetti u programmi jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE;

37. Jinnota li l-istimi minn kompetenzi disponibbli jissuġġerixxu li l-livell ta' investiment meħtieġ għall-ħtiġijiet tas-sigurtà u d-difiża Ewropea rigward it-telekomunikazzjonijiet bis-satellita, u l-ispiża proprja tal-Unjoni Ewropea għall-osservazzjoni u l-ġbir ta' informazzjoni dwar id-Dinja, fosthom l-informazzjoni elettronika, għandhom jiżdiedu sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-ambizzjonijiet ta' politika spazjali komprensiva;

38. Hu tal-fehma li l-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija Spazjali Ewropea, l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea u l-Istati Membri tagħhom għandhom jagħmlu tajjeb għall-finanzjament affidabbli u xieraq tal-attivitajiet spazjali maħsuba u għar-riċerka marbuta magħhom; jagħti importanza kbira lill-finanzjament mill-baġit tal-UE, bħal fil-każ tal-proġett Galileo;

***Ħarsien tal-infrastruttura spazjali***

39. Jenfasizza l-vulnerabilità tal-assi spazjali strateġiċi kif ukoll tal-infrastruttura li tippermetti l-aċċess għall-ispazju, bħal launchers u portijiet spazjali; għalhekk jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn ikunu mħarsa b'mod xieraq b'difiża b'missili ta' medda medja mill-art, b'ajruplani u b'sistemi ta' sorveljanza mill-ispazju; barra minn hekk, jagħti l-appoġġ tiegħu biex is-sħab internazzjonali jaqsmu l-informazzjoni bejniethom fil-każ li s-satelliti jsiru inoperabbli minħabba l-azzjoni tal-għadu;

40. Jitlob biex għall-ġejjieni tonqos il-vulnerabilità tas-sistemi tas-satelliti Ewropej permezz ta' sistemi kontra l-iġġammjar, sistemi ta' ħarsien, isservisjar fl-orbita, u strutturi b'kostellazzjonijiet ta' orbita għolja u multiorbitali;

41. Jenfasizza li l-miżuri ta' ħarsien għandhom jikkonformaw għal kollox mal-istandards internazzjonali dwar l-użu paċifiku tal-ispazju u mal-miżuri għat-trasparenza u għat-tisħiħ tal-fiduċja miftiehma b'mod reċiproku (TCBMs); jitlob lill-Istati Membri tal-UE biex jesploraw il-possibilità li jiżviluppaw regoli li jorbtu legalment jew politikament għall-operaturi tal-ispazju, flimkien ma' sistema ta' mmaniġġjar tat-traffiku spazjali;

42. Jenfasizza li, minħabba din il-vulnerabilità, il-komunikazzjoni avvanzata m'għandha qatt issir totalment dipendenti fuq it-teknoloġiji bbażati fuq l-ispazju;

***Reġim legali internazzjonali għall-użu tal-ispazju***

43. Itenni l-importanza tal-prinċipju tal-użu tal-ispazju għal skopijiet paċifiċi kif imfisser fit-Trattat dwar l-Ispazju tal-1967 msemmi hawn fuq; huwa għalhekk imħasseb li fil-ġejjieni l-ispazju jista' jimtela bl-armamenti;

44. Jinsisti li taħt l-ebda ċirkostanzi l-politika Ewropea tal-ispazju m'għandha tikkontribwixxi sabiex l-ispazju jiġi mmilitarizzat u jimtela bl-armi;

45. Jitlob biex ir-reġim legali internazzjonali jissaħħaħ sabiex jirregola u jħares l-użu tal-ispazju għal għanijiet mhux aggressivi u għat-tisħiħ tat-TCBMs, fil-qafas tal-abbozz tal-linji gwida dwar il-mitigazzjoni tal-fdal spazjali tal-Kumitat tan-NU dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju (COPUOS), b'konsistenza ma' dawk tal-Kumitat tal-Aġenziji għall-Koordinazzjoni tal-Fdal Spazjali, kif ukoll l-iżvilupp min-naħa tal-Konferenza tan-NU dwar id-Diżarm (CD) ta' ftehim multilaterali dwar il-prevenzjoni tal-Ġirja għall-Armamenti fl-Ispazju (PAROS); barra minn hekk, jitlob lill-Presidenza tal-UE biex tirrappreżenta lill-UE b'mod proattiv fil-COPUOS; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jippromwovu konferenza biex jirrevedu t-Trattat tal-Ispazju, bil-għan li jsaħħuh u jwessgħu l-ambitu tiegħu biex jipprojbixxu l-armamenti kollha fl-ispazju;

46. Jistieden lill-protagonisti internazzjonali kollha biex ma jużawx tagħmir offensiv fl-ispazju; jesprimi t-tħassib partikulari tiegħu dwar l-użu ta' forza qerrieda kontra s-satelliti, bħas-sistema kontra s-satelliti ttestjata miċ-Ċiniżi f'Jannar 2007 u l-konsegwenzi taż-żieda qawwija fl-iskart għas-sigurtà spazjali; jirrakkomanda, għalhekk, li jkunu adottati strumenti internazzjonali li jorbtu b'mod legali u li jiffukaw fuq il-projbizzjoni tal-użu tal-armamenti kontra l-assi spazjali u tat-tqegħid ta' armamenti fl-ispazju;

47. Jistieden lill-utenti kollha tal-ispazju biex jirreġistraw is-satelliti tagħhom, fosthom dawk militari, permezz ta' miżura għas-sigurtà spazjali li ssaħħaħ il-fiduċja u tħeġġeġ it-trasparenza; jagħti l-appoġġ tiegħu biex il-Kunsill ikompli jinsisti għal Kodiċi ta' Kondotta komprensiv tal-UE dwar l-Oġġetti Spazjali; jitlob li dan il-Kodiċi jsir strument li jorbot legalment;

48. Iħeġġeġ lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Unjoni Ewropea biex jagħtu sehem attiv fit-tnaqqis tal-fdal spazjali li jista' jkun ta' ħsara għas-satelliti, kif ukoll għall-ħarsien minnu;

***Koperazzjoni transatlantika għall-politika spazjali u d-difiża kontra l-missili***

49. Jitlob l-UE u l-Organiżżazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana bil-ħeġġa biex iniedu djalogu strateġiku dwar il-politika spazjali u d-difiża kontra l-missili, filwaqt li jżommu quddiem għajnejhom l-imperattiv legali li tiġi evitata kwalunkwe azzjoni li tista' tkun inkompatibbli mal-prinċipju tal-użu paċifiku tal-ispazju, l-aktar dwar il-komplementarjetà u l-interoperabilità tas-sistemi ta' komunikazzjoni bis-satellita, is-sorveljanza spazjali u t-twissija bikrija kontra l-missili ballistiċi, kif ukoll il-ħarsien tal-forzi Ewropej b'sistema ta' difiża b'missili ta' medda medja ("theatre missile defence system");

50. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Uniti tal-Amerika biex jieħdu sehem fi djalogu strateġiku dwar l-użu tal-assi spazjali u biex ikunu minn ta' quddiem, fuq livell globali, fi ħdan in-NU u barra minnhom, li jiżguraw li l-ispazju jiġi ppreservat għal politiki paċifiċi biss;

***Koperazzjoni internazzjonali oħra***

51. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa fil-qafas tad-Djalogu Tripartitiku dwar l-Ispazju stabbilit fl-2006, msemmi hawn fuq, bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u r-Roscosmos li tinkludi l-applikazzjonijiet spazjali (in-navigazzjoni tas-satelliti, l-osservazzjoni tad-Dinja u l-komunikazzjoni bis-satelliti) kif ukoll l-aċċess għall-ispazju (launchers u sistemi oħra ta' trasport spazjali);

*

* *

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Spazjali Ewropea, lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Organizzazzjoni għas-Siġurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa.

# Il-Kashmir

P6_TA(2008)0366

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar allegazzjonijiet ta' oqbra tal-massa fil-parti tal-Kashmir li amministrata mill-Indja**

(2009/C 294 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapporti tad-delegazzjoni *ad hoc* tiegħu, wara ż-żjarat tagħha fil-Kashmir mit-8 sal-11 ta' Diċembru 2003 u mill-20 sa l-24 ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja għall-2005 u l-politika tal-UE dwar din il-kwistjoni ([1]),

([1]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p.341.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2007 dwar is-sitwazzjoni attwali u prospetti għall-futur tal-Kashmir ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi huwa rrappurtat li nstabu mijiet ta' oqbra mhux identifikati sa mill-2006 f'Jammu u fil-Kashmir u billi allegatament instabu mill-inqas 940 kadavru fi 18-il raħal fid-distrett ta' Uri biss,

B. billi l-Assoċjazzjoni bbażata fi Srinagar tal-Ġenituri tal-Persuni li Għebu (APDP) ħarġet rapport fid-29 ta' Marzu 2008 fejn indikat l-eżistenza ta' bosta oqbra f'postijiet fejn, minħabba l-viċinanza tagħhom għal-linja ta' kontroll mal-Pakistan, mhumiex aċċessibbli mingħajr permess speċifiku tal-forzi ta' sigurtà,

C. billi, skond l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, ma jistax jiġi eskluż li l-oqbra fihom il-fdalijiet ta' vittmi ta' qtil illegali, għajbien infurzat, tortura u abbużi oħra li seħħew fil-kuntest tal-kunflitt armat li għadu għaddej f'Jammu u fil-Kashmir sa mill-1989,

D. billi stimi dwar in-numru ta' persuni li għebu mill-1989 ivarjaw ħafna bejn l-assoċjazzjonijiet tal-familji tal-vittmi li jsemmu 'l fuq minn 8 000 u l-awtoritajiet tal-gvern li jsemmu inqas minn 4 000,

E. billi rapport tal-pulizija tal-istat tal-2006 ikkonferma l-imwiet ta' 331 persuni taħt arrest u l-għajbien infurzat wara detenzjoni ta' 111 persuna sa mill-1989,

F. billi għad hemm allegazzjonijiet dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem minkejja l-fatt li l-Gvern Indjan ħa impenn f'Settembru 2005 biex ma jibqax jittollera ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'Jammu u fil-Kashmir,

G. billi Parvez Imroz, avukat tad-Drittijiet tal-Bniedem ippremjat, president tal-Koalizzjoni tas-Soċjetà Ċivili ta' Jammu u tal-Kashmir u fundatur tal-APDP, baqa' ħaj wara attakk fit-30 ta' Ġunju 2008 fi Srinagar, allegatament minn membri tal-forzi ta' sigurtà, u billi huwa allegat li ġew ittormentati membri oħra tal-Qorti Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-Ġustizzja fil-Kashmir, li qed tiġi faċilitata mill-APDP,

1. Jitlob lill-Gvern Indjan sabiex b'mod urġenti jiżgura li jsir stħarriġ indipendenti u imparzjali tas-siti kollha ssuspettati ta' oqbra tal-massa f'Jammu u fil-Kashmir, u bħala l-ewwel pass immedjat, li jiżgura li s-siti tal-oqbra jkunu siguri sabiex ikunu jistgħu jiġu ppreservati l-provi;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex toffri għajnuna finanzjarja u teknika lill-Gvern Indjan fil-kuntest tal-Istrument tal-Istabilità, sabiex issir investigazzjoni fil-fond u għal miżuri ulterjuri possibbli għas-soluzzjoni tal-kunflitti fil-Kashmir;

3. Jitlob lill-Istati Membri tal-UE biex jindirizzaw il-kwistjoni fid-djalogu li jmiss dwar id-drittijiet tal-bniedem, li għandu jseħħ sa tmiem is-sena;

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward is-sigurtà ta' Parvez Imroz u ta' attivisti oħra favur id-drittijiet tal-bniedem, li qed jinvestigaw l-oqbra mhux immarkati u allegazzjonijiet oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'Jammu u fil-Kashmir, u jitlob lill-awtoritajiet Indjani sabiex jiżguraw il-protezzjoni tagħhom u jippermettulhom li jagħmlu xogħolhom mingħajr biża' ta' turment u ta' vjolenza; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex iwettqu investigazzjoni imparzjali mingħajr dewmien fir-rigward tal-attakk fuq Parvez Imroz, biex jippubblikaw ir-riżultati u biex issir ġustizzja fuq il-persuni responsabbli;

5. Itenni t-talba tiegħu lill-Gvern Indjan u lill-awtoritajiet tal-istat sabiex jinvestigaw l-allegazzjonijiet kollha ta' għajbien infurzat; iħeġġeġ sabiex il-każijiet kollha fejn aġenti militari, tas-sigurtà jew tal-infurzar tal-liġi jkunu suspettati li jkunu involuti jingħataw kollha kemm huma f'idejn uffiċċju tal-prosekutur ċivili, u sabiex tinħoloq bażi tad-dejta unika tal-persuni kollha li għebu u tal-kadavri kollha li jkunu nstabu; jitlob lill-Istati Membri tal-UE sabiex jiffaċilitaw u jappoġġjaw kwalunkwe koperazzjoni li tkun possibbli bejn il-Gvernijiet tal-Indja u tal-Pakistan, fir-rigward ta' din il-kwistjoni;

([1]) ĠU C 102, E, 24.4.2008, p.468.

6. Jitlob lill-awtoritajiet kollha tal-istat sabiex jiżguraw li l-proċeduri kollha ta' detenzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tal-istandards legali internazzjonali, it-trattament dinjituż, ir-reġistrazzjoni u l-prosekuzzjoni, l-aċċess malajr għall-membri tal-familja, l-avukati u l-qrati indipendenti, kif ukoll ir-responsabilità għal kwalunkwe ksur ta' dawn il-proċeduri;

7. Jikkundanna bis-saħħa l-qtil illegali, l-għajbien infurzat, it-tortura, l-istupru u l-abbużi l-oħra tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew f'Jammu u fil-Kashmir sa mill-bidu tal-kunflitt armat fl-1989; jinsisti li l-familji tal-vittmi jingħataw kumpens sħiħ;

8. Jitlob lill-gvenrijiet sabiex jirratifikaw l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ta' Ruma, sabiex jirratifikaw u jimplimentaw mingħajr riżerva il-Konvenzjoni tan-NU għall-Protezzjoni tal-Bnedmin Kollha kontra l-Għajbien Infurzat, u sabiex, skond l-Artikoli 31 u 32 ta' dik il-Konvenzjoni, jiddikjaraw li jirrikonoxxu l-kompetenza tal-Kumitat għall-Għajbien Infurzat;

9. Jitlob li jkun hemm aċċess sħiħ liż-żewġ partijiet tal-Linja ta' Kontroll għar-Relaturi Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti skond it-termini ta' referenza tal-Proċeduri Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, partikolarment ir-Relaturi Speċjali għat-Tortura u għall-Eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji u għall-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Għajbien Involontarju;

10. Jerġa' jsejjaħ lil-Lok Sabha biex jemenda l-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabiex il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tkun tista' tistħarreġ b'mod indipendenti l-allegazzjonijiet ta' abbuż mill-membri tal-forzi armati;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Indja, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Istat ta' Jammu u tal-Kashmir u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

## Il-Bangladexx

P6_TA(2008)0367

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta Lulju 2008 dwar il-Bangladexx**

(2009/C 294 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bangladexx, b'mod partikolari dawk tas-16 ta' Novembru 2006 ([1]) u tas-6 ta' Settembru 2007 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u -Repubblika Popolari tal-Bangladexx dwar Sħubija u Żvilupp ([3]),

— wara li kkunsidra l-istat ta' emerġenza li ġie ddikjarat mill-gvern proviżorju tal-Bangladexx fil-11 ta' Jannar 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE għandha relazzjonijiet tajbin u fit-tul mal-Bangladexx, anke permezz tal-Ftehima ta' Koperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp,

([1]) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 377.
([2]) Testi Adottati, P6_TA(2007)0385.
([3]) ĠU L 118, 27.4.2001, p. 48.

B. billi fil-11 ta' Jannar 2007, fost il-vjolenza fit-tħejjija għall-elezzjoni, il-gvern provviżorju tal-Bangladexx, impona stat ta' emerġenza u ftit wara adotta Regoli ta' Poter ta' Emerġenza, li taw lill-armata u lill-forzi paramilitari l-istess setgħat ta' arrest bħal dawk tal-pulizija; billi l-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni ssospendiet l-operazzjonijiet tagħha fit-22 ta' Jannar 2007,

C. billi l-impożizzjoni ta' Regoli ta' Poter ta' Emerġenza kienu akkumpanjati mis-sospensjoni ta' għadd ta' drittijiet ċivili ggarantiti mill-Kostituzzjoni tal-Bangladexx,

D. billi s-sospensjoni ta' dawn id-drittijiet wasslet għal numru allarmanti ta' sentenzi mogħtija reċentement mid-Diviżjoni tal-Appell tal-Qorti Suprema b'implikazzjonijiet serji għad-drittijiet individwali u għall-prinċipju tal-legalità,

E. billi fil-11 ta' Ġunju 2008 ġiet adottata Ordinanza ġdida għal Kontra t-Terroriżmu mingħajr parteċipazzjoni tal-pubbliku, li kisret il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet bażiċi għal proċess ġust u introduċiet definizzjoni ta' 'atti terroristiċi' wiesgħa biex tinkludi r-reati tal-proprjetà kif ukoll attakki kontra individwi; billi din id-definizzjoni hi kontra r-rakkommandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti; billi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u assoċjazzjonijiet tal-avukati esprimew tħassib li din l-ordinanza se tintuża għal skopijiet ta' persekuzzjoni politika,

F. billi skond organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem bħal ma huma l-Human Rights Watch u l-Amnesty International in-numru ta' persuni rrappurtati li ġew arrestati, minn meta beda l-istat ta' emergenza 18-il xahar ilu, kiber għal aktar minn 300 000, ħafna minnhom wara ġew meħlusa; billi, minħabba li d-dritt li tapplika għall-ħelsien fuq pleġġ hu ristrett mir-Regoli ta' Poter ta' Emerġenza, l-arresti tal-massa li għaddejjin jistgħu joħolqu pressjoni serja fuq is-sistema tal-ħabs,

G. billi numru kbir ta' dawk arrestati allegatament kienu ttorturati b'mod sever, u billi ġie rrapurtat minn Odhikar, l-organizzazzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem tal-Bangladexx, li żdiedu l-inċidenti ta' qtil extra-ġudizzjarju,

H. billi, b'mod konsistenti, hu sejjaħ għal moratorium dwar il-piena tal-mewt fil-pajjiżi kollha u taħt iċ-ċirkustanzi kollha,

I. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li reċentement kienet rilassata l-projbizzjoni fuq l-attivitajiet politiċi, il-ftehima biex il-Gvern u l-Lega Awami jidħlu f'negozjati dwar l-elezzjonijiet nazzjonali ppjanati għal Diċembru 2008 u l-fatt li partijiet oħra se jkunu involuti f'dan il-proċess,

J. billi waqt il-mewġa ġdida ta' arresti tal-massa, mit-28 ta' Mejju 2008, aktar minn 12 000 persuna kienu arrestati inklużi attivisti tal-partit lokali; billi l-gvern irrifjuta suġġerimenti li l-arresti kienu motivati politikament, waqt li minflok sostna li din kienet tindifa ppjanata kontra l-kriminali,

K. billi, waqt li jirreferi għall-ħtieġa ta' lista komprensiva ta' votanti, il-gvern provviżorju s'issa injora l-appelli tal-partiti politiċi, ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex iħejji t-triq ħalli jsiru elezzjonijiet nazzjonali bikrija u qed jinsisti fuq it-tielet ġimgħa ta' Diċembru 2008,

L. billi t-tbatija li qed jiffaċċja l-poplu tal-Bangladexx kienet aggravata mill-fatt li l-prezzijiet ta' oġġetti bażiċi tal-ikel bħal ma hu r-ross żdiedu b'terz jew aktar fix-xhur reċenti, u billi għal biċċa l-kbira tal-popolazzjoni l-ispejjeż tal-ikel diġà kienu jieħdu 60 % tal-baġit tagħhom qabel ma splodew il-prezzijiet,

M. billi gvern elett jagħmilha aktar faċli li jkunu ffaċċjati l-effetti tal-bidla fil-klima; billi daqs kwart mit-territorju tal-Bangladexx qed jiffaċċja theddida li jispiċċa b'mod permanenti taħt l-ilma minħabba li qed jogħla l-livell tal-baħar fil-bajja ta' Bengal; billi xjentisti tal-klima widdbu li l-Bangladexx jista' jkollu bejn 20 u 25 miljun refuġjat minħabba l-klima sa l-2050,

1. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladexx biex ineħħi l-istat ta' emerġenza bħala l-ewwel pass importanti biex jipprepara ħalli fil-pajjiż isiru l-elezzjonijiet parlamentari li jmiss u sabiex l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali jkunu jistgħu jsiru f'Awissu 2008;

2. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladexx biex jiżgura li l-ordinanza ta' kontra t-terroriżmu l-ġdida ikollha standards legali rikonoxxuti b'mod internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, bħal dawk rakkomandati mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali filwaqt li jkun miġġieled it-terroriżmu;

3. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladexx biex jneħħi l-piena tal-mewt;

4. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladexx biex immedjatament ma jkomplix bil-mewġa reċenti ta' arresti tal-massa u tal-fastidju tal-avversarji politiċi jew ta' ġurnalisti taħt l-istat tal-emerġenza u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' tortura mill-awtoritajiet; jistieden lill-gvern biex jiggarantixxi lill-persuni arrestati id-dritt bażiku tagħhom ta' proċess u lil dawk akkużati għal proċess ġust; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jew jakkużaw lill-eluf ta' persuni arrestati fuq il-bażi ta' evidenza kredibbli jew jeħilsuhom;

5. Ifaħħar lill-Gvern tal-Bangladexx talli pprojbixxa persuni li qabel kienu kriminali tal-gwerra milli joħorġu għall-elezzjonijiet u jistiednu biex isegwi dan il-pass pożittiv billi jwaqqaf kumitat ta' inkjesta indipendenti ħalli jibda l-proċess kontra l-kriminali tal-gwerra;

6. Jifraħ lill-gvern provviżorju dwar il-progress li sar fil-preparazzjoni għall-elezzjonijiet parlamentari u li għall-progress essenzjali li għamel bir-riformi tal-proċess elettorali u bit-twaqqif ta' reġistru elettorali preċiż mill-awtoritjiet; jistieden lill-gvern biex jiżgura li l-membri tal-minoritajiet etniċi u reliġjużi tal-Bangladexx ikunu f'pożizzjoni ħielsa li jitfgħu il-vot tagħhom; jsejjaħ għal-libertà tal-istampa fil-perjodu ta' qabel l-elezzjoni fil-Bangladexx;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħelsien tal-Prim Ministru ta' qabel Sheikh Hasina għal raġunijiet umanitarji;

8. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jieħdu rwol aktar proattiv u biex jikkonvinċu lill-Gvern tal-Bangladexx dwar il-ħtieġa li jitneħħa malajr u b'mod komplet l-istat ta' emerġenza u r-regoli kollha adottati taħtu;

9. Isejjaħ għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti li jsiru skond standards internazzjonali, bil-parteċipazzjoni tal-partiti kollha; jistieden lill-missjoni tal-UE għall-Osservazzjoni tal-Elezzjoni sabiex terġa' tibda l-attivitajiet tagħha malajr kemm jista' jkun għaliex dan hu fattibbli u xieraq; jistieden lill-missjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u lid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Bangladexx biex jissorveljaw sew id-drittijiet tal-bniedem u s-sitwazzjoni politika fil-Bangladexx;

10. Jitlob biex il-forzi armati jirtiraw mill-involviment tagħhom fil-proċess politiku;

11. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladexx biex jipprovdi kamp ta' applikazzjoni massimu għall-mobilitazzjoni fuq skala kbira tas-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà, tal-organizzazzjonijiet ambjentali u mhux governattivi, tal-ġurnalisti u x-xjentisti sabiex jipprepara l-pajjiż għad-disastri li se jseħħu minħabba l-bidla fil-klima u jqis il-liġi tal-emerġenza bħala ostaklu allarmanti biex jintlaħaq dan il-għan;

12. Jemmen li s-Samit tal-G8 għandu responsabilità enormi biex jevita aktar aċċellerazzjoni tal-bidla fil-klima u ż-żieda fin-numru ta' katastrofi li qed jheddu l-ħajjiet ta' miljuni ta' nies fil-Bangladexx u f'postijiet oħra billi jadotta miżuri effettivi u estensivi biex inaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tal-Koperazzjoni Reġjonali tja' l-Ażja t'Isfel u lill-Gvern tal-Bangladexx.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

# Il-piena tal-mewt

P6_TA(2008)0368

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-piena tal-mewt, b'mod partikulari l-każ ta' Troy Davis**

(2009/C 294 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-ħtieġa ta' moratorju immedjat fuq l-eżekuzzjonijet f'dawk il-pajjiżi fejn il-piena tal-mewt hi imposta,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 62/149 tat-18 ta' Diċembru 2007 dwar il-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt fid-dinja,

— wara li kkunsidra l-verżjoni aġġornata u riveduta tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2008,

A. wara li kkunsidra l-każ ta' Troy Davis, li kien ikkundannat għall-mewt mill-Qorti tal-Istat ta' Georgia fl-1991 għall-qtil ta' pulizija u ppjanat ikun iġġustizzjat fl-aħħar ta' Lulju 2008,

B. billi, skond l-avukati tas-Sur Davis, hemm provi abbondanti tal-innoċenza tiegħu, qatt ma nstabet evidenza materjali kontra tiegħu u seba' xhieda għall-prosekuzzjoni irritrattaw id-dikjarazzjoni tagħhom,

C. billi fl-4 ta' Awissu 2007 il-Qorti Suprema ta' Georgia kienet qablet li tikkunsidra mill-ġdid l-elementi l-ġodda li jitfgħu dell fuq il-ħtija tas-Sur Davis,

D. billi fis-17 ta' Marzu 2008 il-Qorti Suprema ta' Georgia ċaħdet lis-Sur Troy Davis proċess ġdid, filwaqt li l-Prim Imħallef ta' opinjoni kontrarja għal din id-deċiżjoni,

E. billi mill-1975 aktar minn 120 ruħ inħelsu mill-piena tal-mewt fl-Istati Uniti peress li kienu innoċenti,

F. billi l-poter tal-maħfra fil-każijiet ta' sentenza kapitali fl-Istati Uniti jeżisti bħala sikurezza minn żbalji irriversibbli li l-qrati ma setgħux jew ma riedux jirranġaw,

G. billi New Jersey huwa l-ewwel stat tal-Istati Uniti li neħħa l-piena kapitali fil-leġiżlazzjoni minn meta l-piena tal-mewt reġgħet iddaħħlet fl-Istati Uniti fl-1972, fejn isemmi r-riskju inevitabbli li jkunu ġġustizzjati dawk ikkundannati inġustament,

1. Jistieden lil dawk il-pajjiżi fejn tiġi imposta l-piena tal-mewt sabiex jieħdu l-passi meħtieġa biex din tiġi abolita;

2. Jitlob biex għalhekk il-kundanna tal-mewt titneħħa u biex, fid-dawl ta' evidenza abbondanti li tista' tirrevoka s-sentenza tiegħu, il-qrati rilevanti jippermettu proċess ġdid lil Troy Davis;

3. Jappella b'mod urġenti lill-Bord tal-Istat ta' Georgia dwar il-maħfriet u l-ħelsien biex jibdel il-piena tal-mewt kontra Troy Davis f'waħda inqas ħarxa;

4. Jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill u lid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Istati Uniti biex tqajjem b'mod urġenti l-kwistjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-Gvern tal-Istati Uniti, lill-Bord tal-Istat ta' Georgia dwar il-maħfriet u l-ħelsien u lill-Avukat Ġenerali ta' Georgia.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Witold Tomczak

P6_TA(2008)0326

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Witold Tomczak (2008/2078(IMM))**

(2009/C 294 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Witold Tomczak b'rabta mal-proċeduri kriminali li saru mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Distrettwali ta' Varsavja (Warszawa Śródmieście Północ), il-Polonja, talba li saret fl-14 ta' Diċembru 2007, tressqet mill-Prosekutur Ġenerali Pollakk fil-31 ta' Jannar 2008, u tħabbret fis-seduta plenarja fl-10 ta' Marzu 2008,

— wara li sema' lil Witold Tomczak fit-28 ta' Mejju 2008 bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u tal-10 ta' Lulju 1986 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni Pollakka,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0277/2008),

A. billi Witold Tomczak kien elett fis-Sejm Pollakk (il-kamra inferjuri tal-Parlament Pollakk) fil-21 ta' Settembru 1997 u fit-23 ta' Settembru 2001; billi sar Osservatur wara li kien iffirmat it-Trattat ta' Adeżjoni fis-16 ta' April 2003; billi kien Membru tal-Parlament Ewropew mill-1 ta' Mejju 2004 sad-19 ta' Lulju 2004; billi huwa kien elett fil-Parlament Eweropew fit-13 ta' Ġunju 2004 u t-terminu tiegħu fil-kariga fil-Parlament Pollakk skada fis-16 ta' Ġunju 2004,

[1] Kawża 101/63 *Wagner v. Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195 u Kawża 149/85 *Wybot v. Faure u Oħrajn* [1986] ECR 2391.

B. billi Witold Tomczak huwa akkużat li għamel il-ħsara, b'valur ta' 39 669 PLN (madwar 11 500 EUR) lil skultura intitolata "Id-Disa' Siegħa" — li turi lill-Papa Ġwanni Pawlu II mgħaffeġ taħt meteorita — fil-Gallerija Zachęta f'Varsavja fil-21 ta' Diċembru 2000 u li għalhekk kiser l-Artikolu 288(1) tal-Kodiċi Kriminali Pollakk ([1]),

C. billi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Distrettwali ta' Varsavja ġabar evidenza kontra Witold Tomczak, iżda li dan tal-aħħar irrifjuta li jwieġeb mistoqsijiet dwar il-każ fil-Gallerija Zachęta,

D. billi Witold Tomczak jiddikjara li bl-azzjoni tiegħu lejn l-istatwa pprova jiddefendi s-sentimenti reliġjużi tiegħu u ta' nies oħra, kif ukoll jipproteġi d-dinjità tal-Papa; billi jikkontesta l-ammont ta' ħsara li ntqal li għamel u f'kull każ iqis li l-għan tal-imġiba tiegħu kien li jipproteġi valur ogħla — dak tal-unur tal-Papa f'għajnejn il-Kattoliċi Pollakki,

E. billi, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba, Witold Tomczak m'huwiex protett mill-immunità parlamentari fir-rigward ta' kull allegazzjoni li tressqet quddiem il-President tal-Parlament Ewropew,

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Witold Tomczak;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli, lill-awtorità xierqa tar-Repubblika tal-Polonja.

([1]) Id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu jgħidu li: "Kulmin jeqred, jagħmel il-ħsara jew irendi inutli l-proprjetà ta' persuna oħra għandu jingħata sentenza ta' ħabs li tvarja minn 3 xhur sa 5 snin." (Oriġinal Pollakk: "Kto cudzą rzecz niszczy, uszkadza lub czyni niezdatną do użytku, podlega karze pozbawienia wolności od 3 miesięcy do lat 5).".

## L-approvazzjoni tal-Kummissjoni (Emenda tar-Regoli ta' Proċedura)

P6_TA(2008)0328

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew rigward l-approvazzjoni tal-Kummissjoni (2007/2128(REG))**

(2009/C 294 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-President tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar il-linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0198/2008),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

([1]) ĠU C 285 E, 22.11.2006, p. 137.

It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 99 — paragrafu 2**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-Kumitat għandu jistieden ***lill-persuna nominata*** biex ***tagħmel*** stqarrija u ***twieġeb*** għall-mistoqsijiet. | 2. Il-Kumitat ***jew kumitati kompetenti*** *għandhom jistiednu* **lill-Kummissarju nnominat** biex ***jagħmel*** stqarrija u ***jwieġeb*** għall-mistoqsijiet. ***Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jippermetti li l-Kummissarji nnominati jagħtu lill-Parlament t-tagħrif kollu rilevanti. Id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ għandhom ikunu stipulati f'anness għar-Regoli ta' Proċedura*** (1) |

(1) ***Ara l-Anness XVI b.***

**Emenda 2**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 99 — paragrafu 6**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| 6. F'każ ta' bidla fil-portafoll matul iż-żmien tal-kariga tal-Kummissjoni, il-Kummissarji konċernati għandhom jiġu mistiedna jidhru quddiem il-kumitati responsabbli mill-oqsma ta' kompetenza rispettivi. | 6. F'każ ta' *bdil* ***sostanzjali*** *fil-portafolli* matul *il-mandat* tal-Kummissjoni, ***il-mili ta' post vakanti jew il-ħatra ta' Kummissarju ġdid wara l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid,*** il-Kummissarji konċernati għandhom jiġu mistiedna jidhru quddiem il-kumitati responsabbli mill-oqsma ta' kompetenza rispettivi, ***skond il-paragrafu 2.*** |

**Emenda 3**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Anness XVI b (ġdid)**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| | ***ANNESS XVI b*** |
| | ***Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni*** |
| | ***1. Għandhom japplikaw il-prinċipji, il-kriterji u l-arranġamenti li ġejjin sabiex il-kulleġġ kollu tal-Kummissjoni jkun suġġett għall-vot ta' kunsens tal-Parlament:*** |
| | ***(a) Bażi għall-evalwazzjoni*** |
| | ***Il-Parlament għandu jevalwa l-Kummissarji nnominati fuq il-bażi tal-kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali tagħhom. Għandu jevalwa l-għarfien tal-portafoll li għalih qed ikunu proposti u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom.*** |
| | ***Il-Parlament għandu joqgħod attent b'mod partikulari għall-bilanċ bejn is-sessi. Jista' jesprimi ruħu dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli mill-President elett.*** |
| | ***Il-Parlament jista' jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati. Huwa jistenna li t-tagħrif dwar l-interessi finanzjarji tagħhom ikun żvelat bis-sħiħ.*** |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST FIS-SEHH | EMENDA |
|---|---|
| | *(b) Seduti ta' smigħ*<br><br>*Kull Kummissarju nnominat għandu jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti għal seduta ta' smigħ waħda. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru fil-pubbliku.*<br><br>*Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati b'mod konġunt bejn il-Konferenza tal-Presidenti u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Għandhom isiru arranġamenti xierqa biex ikunu assoċjati l-kumitati rilevanti meta l-portafolli jkunu mħallta. Hemm tliet għażliet:*<br><br>*(i) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' taħt il-mandat ta' kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dak il-kumitat biss;*<br><br>*(ii) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' bejn wieħed u ieħor b'mod indaqs taħt il-mandat ta' iktar minn kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dawn il-kumitati flimkien; u*<br><br>*(iii) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' primarjament taħt il-mandat ta' kumitat wieħed u sa ċertu punt biss taħt il-mandat ta' għall-inqas kumitat ieħor, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' mill-kumitat li għandu r-responsabilità ewlenija, u dan għandu jistieden lill-kumitat l-ieħor jew lill-kumitati l-oħra biex jattendu għas-seduta ta' smigħ.*<br><br>*Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jkun ikkonsultat bis-sħiħ dwar l-arranġamenti.*<br><br>*Il-kumitati għandhom iressqu mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarji nnominati kmieni biżżejjed qabel is-seduta. In-numru ta' mistoqsijiet sostantivi bil-miktub għandu jkun limitat għal ħamsa għal kull kumitat responsabbli.*<br><br>*Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru f'ċirkostanzi, u skond kundizzjonjiet, li fihom il-Kummissarji nnominati jgawdu minn opportunità ugwali u ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-fehmiet tagħhom.*<br><br>*Il-Kummissarji nnominati għandhom ikunu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-bidu bil-fomm ta' mhux aktar minn għoxrin minuta. It-tmexxija tas-seduti ta' smigħ għandha ssir bl-għan li jkun żviluppat djalogu politiku pluralistiku bejn il-Kummissarji nnominati u l-Membri. Qabel tmiem is-seduta ta' smigħ, il-Kummissarji nnominati għandu jkollhom l-opportunità li jagħmlu stqarrija qasira tal-għeluq.*<br><br>*(c) Evalwazzjoni*<br><br>*Għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjoni video tas-seduti ta' smigħ fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.* |

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
| --- | --- |
| | *Il-kumitati għandhom jiltaqgħu mingħajr dewmien wara s-seduta ta' smigħ biex jevalwaw il-Kummissarji nnominati individwali. Dawk il-laqgħat għandhom isiru in camera. Il-kumitati għandhom ikunu mistiedna biex jgħidu jekk, fil-fehma tagħom, il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalifikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom. Jekk il-kumitat ma jkunx jista' jilħaq konsensus dwar dawk iż-żewġ punti, il-president tiegħu, meta jkun falla kull tentattiv ieħor, għandu jressaq dawn iż-żewġ deċiżjonijiet għall-vot sigriet. L-istqarrijiet ta' evalwazzjoni tal-kumitati għandhom ikunu ppubblikati u ppreżentati f'laqgħa konġunta tal-Konferenza tal-Presidenti u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li għandha ssir in camera. Wara skambju ta' fehmiet, il-Konferenza tal-Presidenti u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandhom jiddikjaraw is-seduti ta' smigħ magħluqa ħlief jekk jiddeċiedu li jkunu jridu aktar tagħrif.*<br><br>*Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jippreżenta l-kulleġġ sħiħ tal-Kummissarji nnominati u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandu jkun mistieden jattendi l-Kunsill kollu. Wara l-preżentazzjoni għandu jsir dibattitu. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, kwalunkwe grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni. Għandu japplika l-Artikolu 103(3), (4) u (5). Wara l-votazzjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jivvota dwar jekk jagħtix jew le il-kunsens tiegħu għall-ħatra, bħala korp, tal-President elett u l-Kummissarji nnominati. Il-Parlament għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, permezz ta' sejħa tal-ismijiet. Huwa jista' jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta li jkun imiss.*<br><br>*2. L-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw fil-każ ta' bdil fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ tal-Kummissjoni jew ta' bdil sostanzjali tal-portafolli matul il-mandat tagħha:*<br><br>*(a) Meta post vakanti maħluq minħabba riżenja, irtirar mandatorju jew mewt ikun irid jimtela, il-Parlament, malajr u b'mod effettiv, għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-paragrafu 1.*<br><br>*(b) Fil-każ tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, il-Parlament għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-paragrafu 1.*<br><br>*(c) Fil-każ ta' bdil sostanzjali tal-portafolli, il-Kummissarji milquta għandhom ikunu mistiedna jidhru quddiem il-kumitati kkonċernati qabel jieħdu r-responsabilitajiet il-ġodda tagħhom.*<br><br>*B'deroga mill-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1(c), it-tielet subparagrafu, meta l-votazzjoni fil-plenarja tikkonċerna l-ħatra ta' Kummissarju wieħed, il-vot għandu jkun sigriet.* |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

## Ix-xogħol tal-Plenarja u r-rapporti ta' inizjattiva

P6_TA(2008)0334

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar emenda għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament fid-dawl tal-proposti mill-Grupp ta' Ħidma għar-Riforma Parlamentari dwar il-ħidma tar-rapporti Plenarji u r-rapporti ta' inizjattiva (2007/2272(REG))**

(2009/C 294 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenti tal-25 ta' Ottubru u tat-12 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-ittri mibgħuta mill-President tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 u tal-31 ta' Jannar 2008,

— wara li kkunsidra l-Ewwel Rapport Interim tal-Grupp ta' Ħidma għar-Riforma Parlamentari rigward "Il-plenarja u l-kalendarju tal-attivitajiet" ippreżentat lill-Konferenza tal-Presidenti fis-6 ta' Settembru 2007 u l-konklużjonijiet tiegħu rigward ir-rapporti ta' inizjattiva,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 199 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0197/2008),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Jinnota li l-emendi se jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sessjoni parzjali li ġejja, barra l-punti 2 u 3 tal-Anness IIa l-ġdid, li se jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tal-leġislatura parlamentari tiegħu li tibda f'Lulju 2008; jinnota li l-Artikolu 45(1a) għandu japplika bl-istess mod għar-rapporti awtorizzati qabel ma tidħol fis-seħħ din id-dispożizzjoni;

3. Jiddeċiedi li l-Emenda 5 rigward l-Artikolu 39(2) fid-deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-emenda għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament fid-dawl tal-Istatut għall-Membri [1] se tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sessjoni parzjali li ġejja;

4. Jiddeċiedi, skond l-Artikolu 204(c), li jippubblika d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti dwar ir-Regoli u l-Prassi dwar rapporti fuq inizjattiva proprja kif mibdula mid-deċiżjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2007 u tal-14 Frar 2008 bħala anness għar-Regoli tal-Proċedura; jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali biex jaġġorna dan l-anness skond deċiżjonijiet fil-ġejjieni mill-Konferenza tal-Presidenti dwar din il-kwistjoni;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

(1) *Testi Adottati.* ta' dik id-data, P6_TA(2007)0500.

It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 1**
**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 38 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 38a*** |
| | ***Id-drittijiet ta' inizjattiva mogħtija lill-Parlament mit-Trattati*** |
| | ***F'każijiet fejn it-Trattati jagħtu dritt ta' inizjattiva lill-Parlament, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport fuq inizjattiva proprja*** |
| | ***Ir-rapport għandu jinkludi:*** |
| | ***a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;*** |
| | ***b) fejn hu xieraq, abbozz ta' deċiżjoni jew abbozz ta' proposta;*** |
| | ***c) stqarrija spjegattiva li tinkludi, fejn ikun xieraq, dikjarazzjoni finanzjarja.*** |
| | ***Fejn l-adozzjoni ta' att mill-Parlament jeħtieġ l-approvazzjoni jew il-kunsens tal-Kunsill u l-opinjoni jew il-kunsens tal-Kummissjoni, il-Parlament jista', wara l-votazzjoni għall-att propost, u fuq proposta tar-rapporteur, jiddeċiedi li jipposponi l-votazzjoni tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni sakemm il-Kunsill jew il-Kummissjoni jkunu ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 2**
**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 45 — paragrafu 1 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***1a. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li jkunu f' rapporti fuq inizjattiva proprja għandhom jiġu eżaminati mill-Parlament skond il-proċedura bi preżentazzjoni qasira stipulata fl-Artikolu 131a. Emendi għal mozzjonijiet għal riżoluzzjoniijiet bħal dawn m'humiex ammissibbli biex jitqiesu fil-plenarja kemm-il darba ma jkunux imressqa mir-rapporteur biex jitqies tagħrif ġdid, imma mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet alternattivi jistgħu jitressqu skond l-Artikolu 151(4). Dan il-paragrafu m'għandux japplika fejn is-suġġett tar-rapport jikkwalifika għal dibattitu ta' prijorità fil-plenarja, fejn ir-rapport jitfassal skond id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikoli 38a jew 39, jew fejn ir-rapport jista' jitqies bħala rapport strateġiku skond il-kriterji stipulati mill-Konferenza tal-Presidenti. (1)*** |

*(1) Ara d-deċiżjoni relevanti tal-Konferenza tal-Presidenti, riprodotta fl-Anness[...] tar-Regoli ta' Proċedura.*

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 3**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 45 — paragrafu 2 — subparagrafu 1**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw "mutatis mutandis" f'każi fejn it-Trattati jagħtu d-dritt ta' inizjattiva lill-Parlament.*** | 2. ***Fejn is-suġġett tar-rapport jaqa' taħt id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikolu 38a, l-awtorizzazzjoni tista' tinżamm biss fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattati ma ġewx sodisfatti.*** |

**Emenda 4**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 45 — paragrafu 2 — subparagrafu 2**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|
| ***F'dawn il****-każi*, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn. | ***2a. Fil****-każijiet* **imsemmija fl-artikolu 38a u l-Artikolu 39**, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn. |

**Emenda 5**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 110 — paragrafu 1**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|
| 1. *Mistoqsijiet li jitolbu* tweġiba bil-miktub lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni jistgħu jsiru minn kull Membru. L-interpellanti jkunu esklussivament responsabbli esklussiva tal-kontenut tal-mistoqsija. | 1. *Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet għal* tweġiba bil-miktub lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni ***skond linji gwida stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** (1). L-interpellanti jkunu esklussivament responsabbli esklussiva tal-kontenut tal-mistoqsija.<br>(1) ***Ara l-Anness IIa.*** |

**Emenda 6**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 110 — paragrafu 2**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President li għandu jgħaddihom lill-istituzzjoni konċernata. | 2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President li għandu jgħaddihom lill-istituzzjoni konċernata. ***Dubji dwar l-ammissibilità ta' mistoqsija għandha tittieħed deċiżjoni dwarhom mill-President. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tkun innotifikata lill-persuna lil tagħmel il-mistoqsija.*** |

**Emenda 7**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 111 — paragrafu 1**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet li jitolbu tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew. | 1. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet li jitolbu tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew ***skond linji gwida stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura (1)***<br>(1) ***Ara l-Anness IIa.*** |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 8**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 131 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 131a*** <br> ***Preżentazzjoni qasira*** |
| | ***Fuq talba tar-rapporteur jew fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' wkoll jiddeċiedi li punt li ma jkunx jeħtieġ dibattitu sħiħ jiġi ttrattat permezz ta' preżentazzjoni qasira fil-plenarja mir-rapporteur. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandu jkollha l-opportunità li tintervjeni u kwalunkwe Membru għandu jkollu d-dritt li jirreaġixxi billi jippreżenta stqarrija bil-miktub addizzjonali skond l-Artikolu 142(7).*** |

**Emenda 9**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 142 — paragrafu 5**

| | |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom, bħala regola, jingħataw l-attenzjoni fid-dibattitu dwar rapport preċiż wara l-preżentazzjoni tiegħu mir-rapporteur. ***Madankollu, f'dibattitu dwar xi proposta tal-Kummissjoni, il-President għandu jistieden lill-Kummissjoni sabiex titkellem l-ewwel biex tippreżenta l-proposta tagħha fil-qosor, u meta d-dibattitu jkun dwar test li joriġina mill-Kunsill, il-President jista' jistieden lill-Kunsill sabiex jitkellem l-ewwel, u f'kull każ ir-rapporteur għandu jieħu l-kelma wara.*** Il-Kummissjoni ***u*** l-Kunsill u r-rapporteur jistgħu jiġu mismugħa mill-ġdid, b'mod partikolari biex jirrispondu għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Membri. | 5. *Fid-dibattitu fuq xi rapport il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jinstemgħu, bħala regola, minnufih* wara l-preżentazzjoni tiegħu mir-rapporteur. *Il-Kummissjoni, il-Kunsill* ***u r-rapporteur*** *jistgħu jinstemgħu mill-ġdid, b'mod partikolari biex jirrispondu għall-istqarrijiet magħmula mill-Membri.* |

**Emenda 10**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 151 — paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| 4. Grupp politiku *jista' jqiegħed fuq il-Mejda* mozzjoni għal riżoluzzjoni *li tkun tfittex li tissostitwixxi riżoluzzjoni għal mozzjoni* mhux leġiżlattiva *li tkun tinsab f'xi* rapport ta' kumitat. | 4. Grupp politiku ***jew mhux inqas minn erbgħin Membru*** *jistgħu jressqu* mozzjoni għal riżoluzzjoni *alternattiva għal mozzjoni għal riżoluzzjoni* mhux leġiżlattiva *li tkun f' xi* rapport ta' kumitat. |
| F'każ bħal dan, il-grupp ma *jistax iqiegħed fuq il-Mejda* emendi *għal* mozzjoni għal riżoluzzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni ***tal-grupp*** ma tistax tkun itwal mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat. Fuq din għandu jittieħed vot uniku mingħajr emendi fil-Parlament. | F'każ bħal dan, il-grupp ***jew il-Membri kkonċernati*** ma *jistgħux iressqu* emendi *għall*-mozzjoni għal riżoluzzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni ***alternattiva*** ma tistax tkun itwal mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat. Fuq din għandu jittieħed vot *wieħed fil-Parlament* mingħajr emendi. |
| | ***L-Artikolu 103(4) għandu japplika mutatis mutandis.*** |

**Emenda 11**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Anness II a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***ANNESS II a*** |
| | ***Linji gwida għal mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub skond l-Artikoli 110 u 111*** |
| | ***1. Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub għandhom:*** <br> ***— jaqgħu taħt il-kompetenza u r-responsabilità tal-istituzzjoni kkonċernata u jkunu ta' interess ġenerali;*** <br> ***— ikunu konċiżi u jkollhom interrogazzjoni li tinftiehem sew;*** |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST PREŻENTI | EMENDA |
|---|---|
| | — *ma jkunx fihom lingwaġġ offensiv;* |
| | — *ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kwistjonijiet strettament personali;* |
| | *2. Jekk mistoqsija ma tkunx konformi ma' dawn il-linji gwida, is-Segretarjat għandu jipprovdi lill-awtur b'parir dwar kif il-mistoqsija tista' titfassal sabiex tkun ammissibbli.* |
| | *3. Jekk tkun tressqet u twieġbet mistoqsija identika jew simili matul is-sitt xhur ta' qabel, is-Segretarjat għandu jibgħat kopja tal-mistoqsija u tat-tweġiba ta' qabel lill-awtur. Il-mistoqsija ripetuta m'għandhiex tiġi mgħoddija lill-istituzzjoni kkonċernata ħlief jekk l-awtur isemmi żviluppi ġodda sinifikanti jew ħlief jekk ikun qed ifittex aktar tagħrif.* |
| | *4. Jekk mistoqsija tfittex tagħrif fattwali jew statistika li diġà tkun disponibbli fil-librerija tal-Parlament, dan tal-aħħar għandu jinforma lill-Membru, li jista' jirtira l-mistoqsija.* |
| | *5. Mistoqsijiet dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma xulxin jistgħu jitwieġbu flimkien.* |

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Formazzjoni ta' gruppi politiċi (Emenda tal-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura)

P6_TA(2008)0351

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-emenda tal-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament — Formazzjoni ta' gruppi politiċi (2006/2201(REG))**

(2009/C 294 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal emenda tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (B6-0420/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0206/2008),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Jiddeċiedi li din l-emenda tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel sessjoni parzjali ta' wara l-elezzjonijiet Ewropej tas-sena 2009;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 3**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 29 — paragrafu 2**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| 2. Grupp politiku għandu jkun magħmul minn Membri eletti f' minn tal-inqas ***wieħed minn ħamsa*** tal-Istati Membri In-numru minimu ta' Membri meħtieġa biex jiffurmaw grupp politiku għandu jkun ta' ***għoxrin***. | 2. *Grupp politiku għandu jkun magħmul minn Membri eletti tal-inqas minn* ***kwart*** *tal-Istati Membri. In-numru meħtieġ ta' Membri biex jiġi ffurmat grupp politiku għandu jkun ta'* **ħamsa u għoxrin**. |

**Emenda 1**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Meta grupp jinżel taħt il-limitu meħtieġ, il-President, bi ftehim mal-Konferenza tal-Presidenti, jista' jippermetti li l-grupp ikompli jeżisti sas-seduta kostituttiva tal-Parlament li jkun imiss, kemm-il darba jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:***<br>***— il-membri jkomplu jirrappreżentaw mhux inqas minn wieħed minn kull ħames Stati Membri;***<br>***— il-grupp ikun ilu jeżisti għal perjodu ta' aktar minn sena.***<br>***Il-President m'għandux japplika din id-deroga fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li wieħed jissuspetta li tkun qed tiġi abbużata.*** |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## L-istabbiliment ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija: dispożizzjonijiet ġenerali ***I

P6_TA(2008)0315

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-istabbiliment ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (COM(2008)0308 — C6-0200/2008 — 2008/0095(COD))**

(2009/C 294 E/24)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0308),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 179 u 181a tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0200/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0271/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-PAK *

P6_TA(2008)0316

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li tistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (COM(2008)0247 — C6-0208/2008 — 2008/0088(CNS))**

(2009/C 294 E/25)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0247),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu/i ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0208/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp rurali (A6-0270/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill, biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa għall-użu ta' tagħmir għax-xogħol (it-tieni direttiva individwali skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE (verżjoni kodifikata) ***I

P6_TA(2008)0317

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta mmodifikata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (verżjoni kkodifikata) (COM(2008)0111 — C6-0127/2008 — 2006/0214(COD))**

(2009/C 294 E/26)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mmodifikata tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0111),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 137(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0127/2008),

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0290/2008),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## Konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju) ***I

P6_TA(2008)0318

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2008)0105 — C6-0088/2008 — 2008/0038(COD))**

(2009/C 294 E/27)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0105),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0088/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0259/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

## Is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud *

P6_TA(2008)0319

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-VAT 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2007)0677 — C6-0433/2007 — 2007/0238(CNS))**

(2009/C 294 E/28)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0677),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0433/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0232/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| **Emenda 1**<br>**Proposta għal direttiva — att li jemenda**<br>**Premessa 2** | |
| (2) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-importazzjoni u l-post fejn huma taxxabbli l-konsenji tal-gass naturali u tal-elettriku, l-iskema speċjali li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/92/KE tas-7 ta' Ottubru 2003 li temenda d-Direttiva 77/388/KEE rigward ir-regoli dwar il-post tal-provvista tal-gass u l-elettriku ma tapplikax għall-importazzjonijiet u għall-konsenji tal-gass naturali, imwettqa permezz ta' sistemi ta' pajpijiet tal-gass li mhumiex parti min-netwerk tad-distribuzzjoni, b'mod partikolari għas-sistemi tal-pajpijiet tal-gass tan-netwerk tat-trasport li permezz tagħhom jitwettqu kważi l-operazzjonijiet kollha transkonfinali tal-gass. Għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi fl-ambitu tal-iskema speċjali l-konsenji u l-importazzjonijiet ta' gass naturali li jsiru permezz tas-sistemi kollha fissi tat-trasport tal-gass. | (2) ***Ir-regoli attwali jassiguraw diġà, għall-gass naturali u għall-elettriku, li l-VAT jitħallas fil-post fejn fil-fatt dawn jiġu kkunsmati mix-xerrej. Dawk ir-regoli jevitaw kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri.*** Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-importazzjoni u l-post fejn huma taxxabbli l-konsenji tal-gass naturali u tal-elettriku, l-iskema speċjali li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/92/KE tas-7 ta' Ottubru 2003 li temenda d-Direttiva 77/388/KEE rigward ir-regoli dwar il-post tal-provvista tal-gass u l-elettriku ma tapplikax għall-importazzjonijiet u għall-konsenji tal-gass naturali, imwettqa permezz ta' sistemi ta' pajpijiet tal-gass li mhumiex parti min-netwerk tad-distribuzzjoni, b'mod partikolari għas-sistemi tal-pajpijiet tal-gass tan-netwerk tat-trasport li permezz tagħhom jitwettqu kważi l-operazzjonijiet kollha transkonfinali tal-gass. ***L-ambitu tal-iskema speċjali hija limitata bla bżonn, ma taqbilx mar-realtà ekonomika u*** għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi l-konsenji u l-importazzjonijiet ta' gass naturali li jsiru permezz tas-sistemi kollha fissi tat-trasport tal-gass. ***Hemm bżonn ta' aktar ċarezza, barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni konsistenti tad-Direttiva 2006/112/KE fil-Komunità kollha, bi qbil*** |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | **mad-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (**[1]**), li jispjegaw xi jfissru t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' gass bil-pajpijiet.** |

[1] *ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.*

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Premessa 3**

| | |
|---|---|
| (3) Din l-iskema speċjali attwalment *m'għadhiex applikabbli* għall-importazzjonijiet u għall-konsenji tal-gass naturali li jsiru permezz tal-bastimenti li jittrasportaw il-gass naturali *meta* dan il-gass huwa, f'dak li jirrigwarda l-karatteristiċi tiegħu, identiku għal dak impurtat jew ikkonsenjat permezz ta' sistemi tal-pajpijiet u *li* huwa maħsub, wara l-gassifikazzjoni mill-ġdid tiegħu, biex jiġi ttrasportat fis-sistemi tal-pajpijiet tal-gass. Għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi fl-ambitu tal-iskema speċjali l-konsenji u l-importazzjonijiet ta' gass naturali li jseħħu permezz tal-bastimenti li jittrasportaw il-gass naturali. | (3) Din l-iskema speċjali attwalment *lanqas tapplika* għall-importazzjonijiet u għall-konsenji tal-gass naturali li jsiru permezz tal-bastimenti li jittrasportaw il-gass naturali, *minkejja l-fatt li* dan il-gass huwa, f'dak li jirrigwarda l-karatteristiċi tiegħu, identiku għal dak impurtat jew ikkonsenjat permezz ta' sistemi tal-pajpijiet u huwa maħsub, wara l-gassifikazzjoni mill-ġdid tiegħu, biex jiġi ttrasportat fis-sistemi tal-pajpijiet tal-gass. Għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi fl-ambitu tal-iskema speċjali l-konsenji u l-importazzjonijiet ta' gass naturali li jseħħu permezz tal-bastimenti li jittrasportaw il-gass naturali ***bejn sistema ta' pajpijiet u oħra***. |

**Emenda 3**
**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Premessa 4**

| | |
|---|---|
| (4) L-ewwel netwerks tas-sħana u tal-kesħa transkonfinali diġà ddaħħlu fis-servizz. Il-problemi li ***jirrigwardaw*** *il-konsenja* jew l-importazzjoni tas-sħana jew tal-kesħa, huma fuq l-istess binarju bħal dawk tal-konsenja jew l-importazzjoni tal-gass naturali jew tal-elettriku. ***Ir-regoli attwali jassiguraw diġà, għall-gass naturali u għall-elettriku, li l-VAT titħallas fil-post fejn fil-fatt dawn jiġu kkunsmati mix-xerrej. Huma jevitaw għalhekk kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri.*** Huwa għalhekk xieraq li għas-sħana u l-kesħa jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-gass naturali u għall-elettriku. | (4) L-ewwel netwerks tas-sħana u tal-kesħa transkonfinali diġà ddaħħlu fis-servizz. Il-problemi li ***jinqalgħu fir-rigward*** *tal-konsenja* jew l-importazzjoni tas-sħana jew tal-kesħa, huma fuq l-istess binarju bħal dawk tal-konsenja jew l-importazzjoni tal-gass naturali jew tal-elettriku. Huwa għalhekk xieraq li għas-sħana u l-kesħa jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-gass naturali u għall-elettriku. |

**Emenda 4**
**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) L-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni riċenti tal-proċedura ***attwalment fis-seħħ***, li biha l-Kummissjoni hija inkarigata biex tiddeċiedi jekk jeżistix riskju ta' tagħwiġ għall-kompetizzjoni minħabba l-applikazzjoni ta' livell imnaqqas ta' VAT għall-gass naturali, għall-elettriku u għat-tisħin urban, uriet li dan il-mekkaniżmu għadda żmienu u issa huwa żejjed. Fil-fatt, ir-regoli għad-determinar tal-post fejn tkun applikabbli l-VAT jassiguraw li l-VAT titħallas fil-post fejn il-gass naturali, l-elettriku, is-sħana u l-kesħa fil-fatt jiġu kkunsmati mix-xerrej. Dawn ir-regoli għalhekk jevitaw kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri. Madankollu, minħabba n-natura sensittiva ferm ta' dan is-settur, huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu infurmati sewwa dwar l-introduzzjoni effettiva ta' kwalunkwe taxxa mnaqqsa minn Stat Membru ieħor. B'konsegwenza, hija meħtieġa proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel mal-Kumitat tal-VAT. | (6) L-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni riċenti tal-proċedura ***stipulata fl-Artikolu 102 tad-Direttiva 2006/112/KE***, li biha l-Kummissjoni hija inkarigata biex tiddeċiedi jekk jeżistix riskju ta' tagħwiġ għall-kompetizzjoni minħabba l-applikazzjoni ta' livell imnaqqas ta' VAT għall-gass naturali, l-elettriku u t-tisħin urban uriet li dan il-mekkaniżmu għadda żmienu u issa huwa żejjed. Fil-fatt, ir-regoli għad-determinar tal-post fejn tkun applikabbli l-VAT jassiguraw li l-VAT titħallas fil-post fejn il-gass naturali, l-elettriku, is-sħana u l-kesħa fil-fatt jiġu kkunsmati mix-xerrej***, li tagħmel ir-rata tal-VAT newtrali***. Dawn ir-regoli għalhekk jevitaw kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri. Madankollu, minħabba n-natura sensittiva ferm ta' dan is-settur, huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu infurmati sewwa dwar l-introduzzjoni effettiva ta' kwalunkwe taxxa mnaqqsa minn Stat Membru ieħor. B'konsegwenza, hija meħtieġa proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel mal-Kumitat tal-VAT. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| (7) L-impriżi komuni u strutturi oħra maħluqa fil-kuntest tal-Artikolu 171 tat-Trattat tal-KE huma inkarigati li jdaħħlu fis-seħħ il-politiki Komunitarji. Sabiex jiġi evitat l-impatt ta' tassazzjoni li tkun ta' vantaġġ *għall-Istati* Membru fejn tkun dovuta t-taxxa, imma li tkun ta' detriment għall-Istati Membri l-oħra u għall-Komunitajiet Ewropej, huwa meħtieġ li l-impriżi komuni maħluqa mill-Komunitajiet, li għandhom personalità ġuridika u li effettivament jirċievu sussidji fil-baġit ġenerali tagħhom fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' *Gunju* 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli *għall-bagit generali* tal-Komunitajiet Ewropej, ikunu eżentati mill-VAT fuq ix-xiri li jagħmlu. | (7) L-impriżi komuni u strutturi oħra maħluqa fil-kuntest tal-Artikolu 171 tat-Trattat tal-KE huma inkarigati li jdaħħlu fis-seħħ il-politiki Komunitarji. Sabiex jiġi evitat l-impatt ta' tassazzjoni li tkun ta' vantaġġ *għall-Istat* Membru fejn tkun dovuta t-taxxa, imma li tkun ta' detriment għall-Istati Membri l-oħra u għall-Komunitajiet Ewropej, huwa meħtieġ li l-impriżi komuni maħluqa mill-Komunitajiet, li għandhom personalità ġuridika u li effettivament jirċievu sussidji fil-baġit ġenerali tagħhom fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' *Ġunju* 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli *għall-baġit ġenerali* tal-Komunitajiet Ewropej, ikunu eżentati mill-VAT fuq ix-xiri li jagħmlu***, sakemm dawn ma jeżerċitawx attività ekonomika skond it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112/KE***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Premessa 10**

| | |
|---|---|
| (10) F'dan il-kuntest, huwa xieraq li din ir-regola tkun applikata għall-proprjetà immobbli li tiġi kkonsenjata lill-persuna taxxabbli u għas-servizzi kbar ipprovduti lilha fir-rigward ta' din il-proprjetà. Fil-fatt, dawn is-sitwazzjonijiet jirrappreżentaw l-aktar każijiet sinifikanti, b'kunsiderazzjoni għall-valur u għat-tul tal-ħajja ekonomika ta' din il-proprjetà, u min-naħa l-oħra għall-fatt li l-użu mħallat ta' dan it-tip ta' oġġetti huwa prattika komuni. | (10) F'dan il-kuntest, huwa xieraq li din ir-regola tkun applikata għall-proprjetà immobbli li tiġi kkonsenjata lill-persuna taxxabbli u għas-servizzi kbar ipprovduti lilha fir-rigward ta' din il-proprjetà***, li minħabba l-valur ekonomiku tagħhom, jistgħu jiġu assimilati mal-akkwist tal-proprjetà immobbli***. Fil-fatt, dawn is-sitwazzjonijiet jirrappreżentaw l-aktar każijiet sinifikanti, b'kunsiderazzjoni għall-valur u għat-tul tal-ħajja ekonomika ta' din il-proprjetà, u min-naħa l-oħra għall-fatt li l-użu mħallat ta' dan it-tip ta' oġġetti huwa prattika komuni. ***Bil-maqlub, tiswijiet jew titjib minuri li jkunu ta' sinifikat ekonomiku limitat għandhom ikunu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 3 a (ġdid)**
*Direttiva 2006/112/KE*
*Titolu V — Kapitolu 1 — Taqsima 4 — titolu*

| | |
|---|---|
| | ***(3a) Fit-Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima 4, it-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej:***<br><br>***"Il-provvista ta' oġġetti permezz ta' netwerks ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni".*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 4**
*Direttiva 2006/112/KE*
*Artikolu 38 — paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Fil-każ ta' konsenji ta' gass naturali permezz ta' sistema ta' pajpijiet *ta' distribuzzjoni* tal-gass naturali, tal-elettriku, *is-sħana* jew *il-kesħa* permezz tan-netwerks tas-sħana jew tal-kesħa, lil negozjant taxxabbli, il-post tal-konsenja jitqies bħala l-post fejn | 1. Fil-każ ta' konsenji ta' gass naturali permezz ta' sistema ta' *pajpijiet jew permezz ta' bastiment għad-distribuzzjoni* tal-gass naturali ***bejn pajp tal-gass u ieħor***, tal-elettriku, *jew tas-sħana jew tal-kesħa* permezz tan-netwerks tas-sħana jew tal-kesħa, lil |

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| in-negozjant taxxabbli jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew għandu stabbiliment fiss *minn fejn jissupplixxi l-prodott*, jew, fl-assenza ta' tali post ta' negozju jew stabbiliment fiss, il-post fejn hu għandu l-indirizz permanenti jew fejn is-soltu joqgħod. | negozjant taxxabbli, il-post tal-konsenja jitqies bħala l-post fejn in-negozjant taxxabbli jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew għandu stabbiliment fiss *li l-prodotti qed jiġu forniti għalih*, jew, fl-assenza ta' tali post ta' negozju jew stabbiliment fiss, il-post fejn hu għandu l-indirizz permanenti jew fejn is-soltu joqgħod. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 4**
*Direttiva 2006/112/KE*
*Artikolu 39 — paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| Fil-każ ta' provvisti ta' gass naturali permezz ta' sistema ta' *distribuzzjoni* tal-gass naturali, jew ta' provvisti tal-elettriku, tas-sħana jew tal-kesħa, mhux koperti bl-Artikolu 38, il-post ta' din il-provvista għandu jitqies bħala l-post fejn ix-xerrej effettivament *jużа* u jikkonsmahom. | Fil-każ ta' provvisti ta' gass naturali permezz ta' sistema *ta' pajpijiet jew permezz ta' bastiment għad-distribuzzjoni* tal-gass naturali ***bejn pajp tal-gass u ieħor***, jew ta' provvisti tal-elettriku, tas-sħana jew tal-kesħa, mhux koperti bl-Artikolu 38, il-post ta' din il-provvista għandu jitqies bħala l-post fejn ix-xerrej effettivament *jużahom* u jikkonsmahom. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 11**
*Direttiva 2006/112/KE*
*Artikolu 168 a — paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| Fil-każ tax-xiri, tal-bini, tar-renovazzjoni jew tat-trasformazzjoni sostanzjali ta' proprjetà immobbli, l-eżerċizzju inizjali *għad-dritt* tat-tnaqqis, li jirriżulta mill-mument li fih it-taxxa ssir applikabbli, huwa limitat għall-proporzjon tal-użu *tiegħu* effettiv *għall-operazzjonijiet* li jwasslu għad-dritt tat-tnaqqis. | Fil-każ tax-xiri, tal-bini, tar-renovazzjoni jew tat-trasformazzjoni sostanzjali ta' proprjetà immobbli, l-eżerċizzju inizjali *tad-dritt* tat-tnaqqis, li jirriżulta mill-mument li fih it-taxxa ssir applikabbli, huwa limitat għall-proporzjon tal-użu effettiv *tal-proprjetà għat-tranżazzjonijiet* li jwasslu għad-dritt tat-tnaqqis. ***Tiswijiet jew titjib minuri għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-dispożizzjoni.*** |

# Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni tal-Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali *

P6_TA(2008)0320

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-propsta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni tal-Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (COM(2008)0132 — C6-0161/2008 — 2008/0052(CNS))**

(2009/C 294 E/29)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2008)0132),

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni tal-Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 175(1) u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0161/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0221/2008),

1. Japprova l-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa.

---

## L-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen *

P6_TA(2008)0321

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (COM(2006)0752 — C6-0089/2008 — 2006/0251(CNS))**

(2009/C 294 E/30)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0752),

— wara li kkunsidra l-protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62, l-Artikolu 63, l-ewwel paragrafu punti (3)(a) u (b), l-Artikoli 66 u 95, u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu tat-trattat KE li dwarhom il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0089/2008),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunisdra l-Artikoli 83(7) u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0246/2008),

1. Japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jirriżerva d-dritt li jiddefendi l-prerogattivi tiegħu kif konferiti mit-Trattat;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-gvern u l-parlament tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill**
**Ċitazzjoni 1**

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 63 punt 3 a) u b), 66 u 95 flimkien mat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u ***l-ewwel*** subparagrafu tal-Artikolu 300 (3) tiegħu, | Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 63 punt 3 a) u b), 66 u 95 flimkien mat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u ***t-tieni*** subparagrafu tal-Artikolu 300 (3) tiegħu, |

**Emenda 2**
**Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill**
**Ċitazzjoni 3**

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidra l-***opinjoni*** tal-Parlament Ewropew, | Wara li kkunsidra ***l-kunsens*** tal-Parlament Ewropew, |

## L-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera *

P6_TA(2008)0322

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (COM(2006)0754 — C6-0090/2008 — 2006/0252(CNS))**

(2009/C 294 E/31)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0754),

— wara li kkunsidra l-protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 63(1)(a) u 300(2), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 300(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0090/2008),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi leġali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0247/2008),

1. Japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jirriserva d-dritt li jiddefendi l-prerogattivi tiegħu kif konferiti mit-Trattat;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-gvern u l-parlament tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill**
**Ċitazzjoni 1**

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (1)(a) tiegħu, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu u ***l-ewwel*** sub-paragrafu tal-Artikolu 300 (3) tiegħu, | Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (1)(a) tiegħu, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu u ***t-tieni*** sub-paragrafu tal-Artikolu 300 (3) tiegħu, |

**Emenda 2**
**Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill**
**Ċitazzjoni 3**

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidra ***l-opinjoni*** tal-Parlament Ewropew, | Wara li kkunsidra ***l-kunsens*** tal-Parlament Ewropew, |

# Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, l-Iżvizzera u Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru, l-Iżvizzera jew Liechtenstein *

P6_TA(2008)0323

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, l-Iżvizzera u Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru, l-Iżvizzera jew Liechtenstein (COM(2006)0753 — C6-0091/2008 — 2006/0257(CNS))**

(2009/C 294 E/32)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0753),

— wara li kkunsidra l-protokoll bejn il-Komunità Ewropea, l-Iżvizzera u Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru, l-Iżvizzera jew Liechtenstein

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 63(1)(a) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ġie kkonsultat mill-Parlament (C6-0091/2008),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi ġuridika proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0261/2008),

1. Japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jirriserva d-dritt li jiddefendi l-prerogattivi tiegħu kif konferiti lilu mit-Trattat;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvern u l-parlamenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera u lill-gvern u l-parlament tal-Prinċipalitá ta' Liechtenstein.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill**
**Ċitazzjoni 1**

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 63(1)(a) tiegħu, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u ***l-ewwel*** subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu, | Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (1)(a) tiegħu, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu u ***t-tieni*** sub-paragrafu tal-Artikolu 300 (3) tiegħu, |

**Emenda 2**
**Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill**
**Ċitazzjoni 3**

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidra ***l-opinjoni*** tal-Parlament Ewropew, | Wara li kkunsidra ***l-kunsens*** tal-Parlament Ewropew, |

## Numerar tal-viża *

P6_TA(2008)0324

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (COM(2008)0188 — C6-0187/2008 — 2008/0074(CNS))**

(2009/C 294 E/33)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2008)0188),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62(2)(b)(iii) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0187/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsdira r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0268/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Il-konklużjoni ta’ Ftehima li ġġedded il-Ftehima KE/Indja dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika *

P6_TA(2008)0325

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta’ Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta Ftehima li ġġedded il-Ftehima dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (16681/2007 — COM(2007)0576 — C6-0073/2008 — 2007/0207(CNS))**

(2009/C 294 E/34)

(Proċedura ta’ konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0576),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (16681/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 170(2) u 300(2), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE, skond liema Trattat il-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0073/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u 83(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0254/2008),

1. Japprova l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati membri u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Indja.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUNSILL | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3a) Il-Ftehima hija element ewlieni biex jintlaħqu l-miri tas-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Indja tal-2004 u għal kisba ta' miri politiċi aktar wiesgħa.* |

**Emenda 2**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3b) Il-Kumitat ta' Tmexxija S & T KE-Indja huwa responsabbli għall-koordinazzjoni effiċjenti u l-iffaċilitar tal-attivitajiet ta' koperazzjoni skond il-Ftehima. Huwa mixtieq li l-kumitat jiltaqa' annwalment biex jirrevedi l-programm ta' ħidma u li r-regoli ta' proċedura tiegħu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tat-trasparenza u tar-responsabilità.* |

**Emenda 3**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3c) Objettivi ta' prijorità għall-attivitajiet ta' riċerka konġunta li se jitwettqu skond il-Ftehima għandhom jipproduċu informazzjoni li titqabbel u biex itejbu l-korp ta' dejta.* |

**Emenda 4**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 d (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3d) Fl-implimentazzjoni tal-Ftehima, għandu jsir sforz konġunt miż-żewġ partijiet biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Komunità u tal-Indja fil-programmi ta' riċerka ta' xulxin u biex jiżdied n-numru ta' skambji ta' riċerkaturi bejn il-Komunità u l-Indja u biex tittejjeb il-mobilità tar-riċerkaturi b'mod ġenerali.* |

**Emenda 5**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 e (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3e) Fl-implimentazzjoni tal-Ftehima, għandha tingħata prijorità lil politiki tal-enerġija u tal-ambjent u għall-iżvilupp metħieġ ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija. Għandhom jitwettqu sforzi u inizjattivi konġunti, perżempju bil-ħsieb li jkunu żviluppati l-qabda u l-ħażna ekonomiċi tal-karbonju u teknoloġiji li jerġgħu jiġġeddu, li huma fl-interess taż-żewġ imsieħba.* |

It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008

| TEST PROPOST MILL-KUNSILL | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 6**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 f (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(3f) Fl-implimentazzjoni tal-Ftehima, għandha titpoġġa enfasi speċjali fuq il-prinċipju ta' reċiproċità.*** |

**Emenda 7**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3 g (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(3g) Huwa mixtieq li titwettaq analiżi fuq perjodu ta' żmien medju tal-implimentazzjoni tal-Ftehima.*** |

## Proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi, l-enżimi u l-aromatizzanti tal-ikel ***II

P6_TA(2008)0329

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi, l-enżimi u l-aromatizzanti tal-ikel (16673/2/2007 — C6-0138/2008 — 2006/0143(COD))**

(2009/C 294 E/35)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16673/2/2007 — C6-0138/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0423),

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2007)0672),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0179/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 111 E, 6.5.2008, p. 1.
([2]) *Testi Adottati*, 10.7.2007, P6_TA(2007)0320.

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

## P6_TC2-COD(2006)0143

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi procedura ta' awtorizzazzjoni komuni ghall-addittivi, l-enzimi u l-aromatizzanti tal-ikel**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1331/2008.)*

---

# Addittivi tal-ikel ***II

P6_TA(2008)0330

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (16675/2/2007 — C6-0141/2008 — 2006/0145(COD))**

(2009/C 294 E/36)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16675/2/2007 — C6-0141/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0428),

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2007)0673),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0180/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 111 E, 6.5.2008, p. 10.
([2]) *Testi Adottati*, 10.7.2007, P6_TA(2007)0321.

---

## P6_TC2-COD(2006)0145

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru…/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1333/2008.)*

---

## Aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti ***II

P6_TA(2008)0331

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE (16677/3/2007 — C6-0139/2008 — 2006/0147(COD))**

(2009/C 294 E/37)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16677/3/2007 — C6-0139/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0427),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0177/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 111 E, 6.5.2008, p. 46.
([2]) *Testi Adottati*, 10.7.2007, P6_TA(2007)0323.

## P6_TC2-COD(2006)0147

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aromatizzanti u certi ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti ghall-uzu fl-ikel u fuq l-ikel li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u r-Regolament (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1334/2008.)*

## Enżimi tal-ikel ***II

P6_TA(2008)0332

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (16676/1/2007 — C6-0140/2008 — 2006/0144(COD))**

(2009/C 294 E/38)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16676/1/2007 — C6-0140/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0425),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0176/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 111 E, 6.5.2008, p. 32.
([2]) *Testi Adottati*, 10.7.2007, P6_TA(2007)0322.

## P6_TC2-COD(2006)0144

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-enzimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1332/2008.)*

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

# Emendar tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità ***II

P6_TA(2008)0333

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità (5058/3/2008 — C6-0177/2008 — 2006/0304(COD))**

(2009/C 294 E/39)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (5058/3/2008 — C6-0177/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0818),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0220/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) *ĠU C 122 E, 20.5.2008, p. 19.*
([2]) *Testi Adottati,* 13.11.2007, P6_TA(2007)0505.

## P6_TC2-COD(2006)0304

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi hdan l-iskema ghall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra gewwa l-Komunità**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, d-Direttiva 2008/101/KE.)*

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

## Baġit 2009: L-ewwel riflessjonijiet dwar l-APB tal-2009 u l-mandat għall-konċiljazzjoni

P6_TA(2008)0335

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-baġit tal-2009: l-ewwel riflessjonijiet dwar l-Abbozz Preliminari tal-Baġit tal-2009 u l-mandat għall-konċiljazzjoni, Taqsima III — Kummissjoni (2008/2025(BUD))**

(2009/C 294 E/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Abbozz Preliminari tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2009 li l-Kummissjoni adottat fis-6 ta' Mejju 2008,

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-24 ta' April 2008 dwar l-Istrateġija tal-Politika Annwali għall-2009 ([2]) tal-Kummissjoni u dwar il-qafas u l-prijoritajiet baġitarji għall-2009 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, (A6-0262/2008),

A. billi, fl-2009, it-Trattat ta' Liżbona li jemenda t-trattar dwar l-unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea (It-trattat ta' Liżbona), jekk jiġi rratifikat, fl-aħħar se jpoġġi lill-Parlament Ewropew fuq l-istess livell mal-Kunsill fil-qasam leġiżlattiv u baġitarju u jagħti kompetenzi ġodda lill-Unjoni Ewropea, li kollha se jkollhom impatt importanti fuq il-baġit tal-UE,

B. billi l-proċedura baġitarja annwali fis-sħuħija tagħha se jkollha tgħaddi minn bidliet fundamentali bħala konsegwenza tad-dispożizzjonijiet tat-trattat il-ġdid, u billi d-differenza bejn l-ispiża obbligatorja u dik mhux obbligatorja kif ukoll ir-rata (massima) taż-żieda għall-ispiża mhux obbligatorja se titneħħa,

C. billi fis-16 ta' April 2008 it-tliet istituzzjonijiet qablu f'dikjarazzjoni li, mill-aktar fis possibbli, iwettqu diskussjonijiet dwar l-arranġamenti meħtieġa dwar kwistjonijiet baġitarji relatati mat-Trattat ta' Liżbona, filwaqt li jitqies li l-2009 se ġġib magħha Parlament ġdid u Kummissjoni ġdida li jridu jkunu mħejjija bis-sħiħ għall-bidliet li se jġib miegħu it-Trattat il-ġdid, jekk dan jiġi rratifikat,

### *Abbozz Preliminari tal-Baġit 2009*

1. Jinnota li t-total għall-abbozz preliminari tal-baġit (PDB) għall-2009 huwa ta' EUR 134 394,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 116 736,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li jħalli marġni ta' EUR 2 638,1 miljun anqas mil-limitu f'impenji u ta' EUR 7 443,6 miljun f'pagamenti, bl-ispiża obbligatorja li tirrappreżenta 33 % tal-impenji u 38 % tal-pagamenti;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehima kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2008/371/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 128, 16.5.2008, p. 8).
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0174.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0175.

2. Jirrimarka li l-impenji fil-PDB 2009 jikkorrispondu għal 1.04 % tal-GNI, li hija żieda ġenerali ta' 3.1 % meta mqabbla mal-baġit għall-2008, bl-ispiża obligatorja tiżdied b'4.7 %, minħabba d-dħul gradwali ta' għajnuniet diretti għall-Istati Membri l-ġodda, u l-ispiża mhux obligatorja tiżdied bi 2.4 %;

3. Jinnota b'interess li l-pagamenti tal-PDB 2009 jikkorrispondu għal 0.9 % tal-GNI, li huwa tnaqqis ta' 3.3 % meta mqabbel mal-baġit għall-2008, bil-pagamenti għall-ispiża obligatorja jiżdiedu b'4.8 % b'konformità mal-iżvilupp fl-impenji, filwaqt li dawk għall-ispiża mhux obligatorja naqsu b'7.6 %;

4. Jieħu nota tal-prijoritajiet tal-PDB kif mfassla mill-Kummissjoni:

— L-appoġġ għal tkabbir sostenibbli u t-tħeġġiġ ta' klima ekonomika li fiha l-ħolqien tal-impjiegi jista' jimxi 'l quddiem; l-appoġġ għall-innnovazzjoni;

— It-tkomplija tal-politika ta' koeżjoni sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni tal-Unjoni;

— Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-promozzjoni tar-riċerka f'enerġija nadifa u li tiġġedded; l-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar l-enerġija kkaratterizzata mill-indipendenza u s-sigurtà;

— L-iżvilupp ta' politika komuni ta' integrazzjoni u ħolqien ta' spazju komuni ta' ġustizzja;

— L-appoġġ għall-proċess ta' paċi għal-Lvant Nofsani kif ukoll għall-istabilità fil-Kosovo u fir-reġjun wiesa' tal-Balkani;

— Il-provvista ta' għajnuna f'ikel u t-tisħiħ tal-aspett ambjentali tal-koperazzjoni għall-iżvilupp;

5. Ifakkar fil-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew kif mistqarra fir-riżoluzzjoni hawnfuq imsemmija tal-24 ta' April 2008 dwar l-iStrateġija ta' Politika Annwali tal-Kummissjoni għall-2009,

*Riflessjonijiet ġenerali*

6. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-Unjoni Ewropea trid tkun mgħammra bil-livell ta' riżorsi meħtieġa sabiex timplimenta bis-sħiħ il-politiki u l-attivitajiet attwali tagħha u fl-istess ħin li jkollha biżżejjed flessibilità sabiex tilqa' l-isfidi ġodda ta' politika;

7. Jinnota li l-ikbar porzjon tal-marġni globali tal-EUR 2 638 miljun fil-PDB, jiġifieri ammont ta' EUR 2 027 miljun, joħroġ mill-marġni tal-ispiża u l-pagamenti diretti relatati mas-suq taħt l-intestatura 2 (l-ewwel pilastru tal-CAP);

8. Jinnota b'interess il-Konklużjonijiet fuq imsemmija tal-presidenza u l-implikazzjonijiet baġitarji li xi wħud minn dawn il-konklużjonijiet jistgħu jkollhom; iqis li dawn ir-rekwiżiti baġitarji jistgħu jiġu indirizzati biss billi jsir rikors għall-mezzi pprovduti f'IIA, b'mod partikulari l-Punti 21 u 23 tiegħu;

9. Jirrimarka li, b'riżultat tal-marġnijiet żgħar ħafna taħt il-limiti massimi l-oħra tal-qafas finanzjarju pluriennali (MFF), l-aktar l-intestaturi 1a, 3b u 4, il-kapaċità tal-Unjoni li tirreaġixxi għall-bidliet fil-politika f'termini baġitarji hija ferm limitata; jenfasizza fl-istess ħin, il-possibilità għal rikors għad-dispożizzjonijiet tal-IIA biex jingħelbu n-nuqqasijiet finanzjarji;

10. Iqis li hija responsabilità tiegħu, bħala l-awtorità baġitarja, li jiżgura li l-finanzi allokati għall-baġit tal-UE jintefqu b'mod li jużaw bl-aħjar mod ir-riżorsi limitati; għandu l-ħsieb li jaħdem favur baġit iktar ambizzjuż, ibbilanċjat u koerenti b'koperazzjoni mal-kumitati speċjalizzati, u b'konformità mat-talbiet tagħhom;

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

11. Ma jarax dejjem rabta ċara bejn il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, kif deskritt fl-Istrateġija tal-Politika Annwali (APS) u l-PDB, u ż-żidiet fil-linji tal-baġit u l-oqsma politiċi korrispondenti; għadu mhuwiex sodisfatt bl-isforzi tal-Kummissjoni biex tinkludi l-prijoritajiet tal-Parlament fil-PDB. mhuwiex konvint, pereżempju, li l-prijorità tal-bidla fil-klima hija verament riflessa fil-baġit kif propost mill-Kummissjoni; jixtieq jirċievi informazzjoni iżjed preċiża rigward il-metodoloġija użata biex intlaħqet il-konklużjoni li iżjed minn 10 %, jew EUR 14-il biljun, tal-baġit tal-UE jintnefqu fuq miri ambjentali; jitlob għal preżentazzjoni komprensiva tal-bidliet klimatiċi kollha relatati mal-ispiża fil-baġit, inklużi l-iżvilupp rurali u l-fondi strutturali, biex ikun kapaċi jevalwa l-korrelazzjoni bejn il-prijoritajiet politiċi u baġitarji; jirrimarka dwar il-ħtieġa li programmi attwali jiġu rriveduti waqt ir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien sabiex l-objettivi tal-bidla fil-klima jiġu integrati aħjar u jkun hemm koerenza politika mtejba;

12. Jixtieq li jniedi djalogu flimkien mal-Kunsill u mal-Kummissjoni dwar l-użu tal-mezzi previsti mill-IIA biex jissaħħaħ il-finanzjament għal miżuri li jiġġieldu l-bidla fil-klima bil-ħsieb li jkun hemm ftehima komprensiva wara l-2012 dwar il-bidla fil-klima;

13. Jiddikjara l-interess tiegħu biex jikkopera mill-qrib mal-Kunsill u l-Kummissjoni biex jinstab ftehim effettiv, kemm jista' jkun malajr, dwar il-pakkett tal-enerġija u l-bidla fil-klima, inkluż il-Qbid u l-Ħażna tal-Karbonju (CCS); jinnota li l-UE għandha bżonn tkompli turi li t-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku jistgħu jingħaqdu ma' ekonomija b'karbonju baxx; ifakkar lill-Kunsill bil-konklużjonijiet tal-Presidenza imsemmi hawn fuq;

14. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-fatt li bħalissa l-marġnijiet disponibbli qed ikunu dejjem aktar ta' spiss riżultat ta' "bbaġittjar kreattiv" bħall-"backloading" ta' programmi plurijennali eżistenti, esklużi l-ħtiġijiet baġitarji li diġà huma magħrufa sewwa u mistennija, u manuvri oħra simili; iqis li dawn il-prattiki jiksru l-prinċipju ta' bbaġittjar sod u, għal darb'oħra, jitlob għal PDB li jkun riflessjoni onesta tal-ħtiġijiet baġitarji li jkunu ġejjin fis-sena ta' wara; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkooperaw bil-għan li jittieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji biex jintlaħaq livell sodisfaċenti tal-approprjazzjonijiet għall-baġit tal-2009;

15. Jenfasizza l-importanza taċ-ċarezza, konsistenza u trasparenza fil-preżentazzjoni tal-baġit tal-UE, li hija ħtieġa assoluta anke fir-rigward tal-ħtieġa li ċ-ċittadini Ewropej ikunu mgħarrfa dwar kif jintefqu l-flus tal-UE; huwa mħasseb dwar il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli li ssir distinzjoni bejn l-ispiża operattiva u amministrattiva tal-Kummissjoni u li ammont diġà sostanzjali ta' spiża ta' natura amministrattiva, li jekk wieħed irid ikun realistiku għandha tkun iffinanzjata taħt l-intestatura 5, hija ffinanzjata minn allokazzjonijiet operazzjonali;

16. Jiddeplora l-fatt li, fil-mument, m'hemm l-ebda indikazzjoni ċara tal-bidliet eżatti li saru fid-dokument dwar l-ipprogrammar finanzjarju li għadu kif ġie ppreżentat meta mqabbel ma' dak ta' qabel, lanqas dwar jekk jew kif qed jiġu kkompensati ż-żidiet f'sena partikolari jew kif qed jitwettqu l-"backloadings" u l-"frontloadings"; iqis li dan mhux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 46 tal-Ftehima Interistituzzjonali u jappella lill-Kummissjoni sabiex tissodisfa l-obbligu tagħha f'dan ir-rigward;

17. Jenfasizza li huwa ta' importanza partikulari li jsir segwitu tal-effetti tal-"frontloading" u l-"backloading" tal-programmi plurijennali fuq il-baġit kollu sabiex ikun żgurat li jkun hemm programmar koerenti tal-impenji f'kemm idum l-MFF, filwaqt li jkunu rrispettati l-prijoritajiet tal-Parlament kif murija fl-IIA;

18. Jinsab sorpriż dwar il-livell estremament baxx tal-approprjazzjonijiet tal-pagamenti (EUR 116 736 miljun) proposti mill-Kummissjoni fil-PDB tiegħu; jinnota li l-approprjazzjonijiet tal-impenn adottati fil-baġits tal-2007 u l-2008 kellhom total ta' EUR 126 500 miljun u EUR 129 100 miljun rispettivament;

19. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tkompli l-eżerċizzju tagħha mibdi fl-2007 u sabiex tindika biċ-ċar informazzjoni ulterjuri dwar il-politika tar-riżorsi umani, l-applikazzjoni tal-istrateġija dwar ir-rijorganizzazzjoni u l-livell ta' esternalizzazzjoni tax-xogħlijiet għall-2009; jitlob għal rapport ta' segwitu sat-30 ta' April 2009 inklużi l-konklużjonijiet li se tfassal il-Kummissjoni fir-rigward tal-organizzazzjoni interna tagħha; jieħu nota tar-rapport ta' segwitu tal-2008 tal-Kummissjoni dwar "L-Ippjanar u l-aħjar użu tar-riżorsi umani tal-Kummissjoni biex jaqdu l-prijoritajiet tal-UE" li fih il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li ma titlobx postijiet ġodda sa l-2013, lil hinn mill-aħħar porzjon ta' postijiet relatati ma' tkabbir fl-2009;

20. Jinnota li hemm żieda konsiderevoli fl-investigazzjonijiet esterni ta' OLAF fis-settur tal-għajnuna esterna u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li OLAF ikollha r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħha; jitlob lill-Kunsill biex itejjeb il-kwalità tal-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-glieda tal-UE kontra l-frodi; jitlob lill-Kunsill biex jiżgura li jkun hemm segwitu xieraq għall-investigazzjonijiet tal-Istati Membri kontra l-frodi, inkluża proċedura biex ikun hemm irkupru;

*Dwar is-subintestatura 1a*

21. Jinnota li l-impenji tal-PDB għall-Kompetittività għat-Tkabbir u għall-Impjiegi jammontaw għal EUR 11 690 miljun, li jħallu marġni ta' EUR 82 miljun; dan jirrappreżenta żieda ta' 5,5 % meta mqabbel mal-2008; jinnota li l-pagamenti żiedu wkoll b'5.3 % għal total ta' EUR 10 285,2 miljun;

22. Jilqa' l-ħsieb tal-Kummissjoni li twettaq azzjonijiet importanti fil-qasam tal-ħolqien ta' impjiegi u tal-appoġġ għall-innovazzjoni, għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) u għar-riċerka; jenfasizza li inizjattivi preżenti f'dan il-qasam, bħal ma hu l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u inizjattivi oħra dwar l-SMEs, iridu jiġu implimentati u mmoniterjati kif suppost;

23. Jilqa' l-prijorità li stabbiliet il-Kummissjoni għall-PDB favur il-promozzjoni tar-riċerka għal enerġija nadifa u effiċjenti u beħsiebu jiżgura li (minbarra s-Seba' Programm ta' Qafas) jkunu pprovduti r-riżorsi meħtieġa, għaliex l-effiċjenza tal-enerġija hija strateġija kruċjali biex tiffaċċja l-problema tal-bidla fil-klima;

24. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu provduti riżorsi baġitarji neċessarji għall-miżuri kollha li jiffaċilitaw il-promozzjoni u l-introduzzjoni ta' programmi tal-edukazzjoni fil-midja u teknoloġiji ġodda;

25. Jiddeplora l-marġni limitat disponibbli fis-subintestatura 1a, li jagħti x'wieħed jifhem li se jkun impossibbli li jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda permezz ta' rilokazzjoni mingħajr ma jiddgħajfu serjament programmi importanti eżistenti, u għaldaqstant jirrakkomanda finanzjament ulterjuri jekk għandhom jiġu stabbiliti prijoritajiet ġodda;

26. Jemmen li, minħabba l-marġni limitat disponibbli fl-intestatura 1a, l-implimentazzjoni xierqa u l-evalwazzjoni ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji li għaddejjin bħalissa għandhom ikunu prijorità, iżda l-introduzzjoni ta' proġetti pilota ġodda u ta' azzjonijiet preparatorji ġodda għandhom ovvjament jibqgħu possibbli;

27. Iqis l-Att dwar in-Negozji Żgħar li huwa ppjanat bħala strateġija importanti għall-appoġġ tal-SMEs; qed jistenna bil-ħerqa proposti preċiżi għall-iffinanzjar ta' din l-għodda strateġika ġdida; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu ikbar għal din ir-raġuni wkoll tar-riżorsi disponibbli permezz tal-Fondi Strutturali f'dan il-kuntest; jinnota li, ladarba l-SMEs huma partikolarment milquta minn arretrati, l-Unjoni Ewropea trid tevita l-arretrati billi ssib skema ta' moniterjar effiċjenti u trasparenti biex jiġi żgurat li l-pagamenti jsiru f'perjodu speċifikat;

*Dwar is-subintestatura 1b*

28. Jinnota li l-impenji tal-PDB għall-Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi żdiedu bi 2.5 % għal total ta' EUR 48 413,9 miljun, li jħallu biss marġni ta' EUR 14-il miljun għall-għajnuna teknika; jinnota li ż-żieda ġenerali ta' 2.5 % hija riżultat taż-żieda sostanzjali fil-Fond ta' Koeżjoni (+14 % meta mqabbel mal-2008) filwaqt li l-approprjazzjonijiet għall-Fondi Strutturali baqgħu fl-istess livell;

29. Jiddeplora t-tnaqqis qawwi fil-pagamenti li, meta mqabbla mal-2008, naqqsu bi 13.9 % għal EUR 34 914,1 miljun; ma jinsabx konvint, b'mod partikulari, bir-raġunijiet għar-reviżjoni 'l isfel tat-tbassiriet tal-livell ta' pagamenti, jiġifieri, -30 % għall-objettiv ta' konverġenza tal-ERDF, -13 % għall-objettiv tal-kompetittività reġjonali u impjieg, -85 % għall-objettiv ta' koperazzjoni territorjali tal-ERDF u -50 % fil-Fond ta' Koeżjoni għall-programmi l-ġodda 2007-2013;

30. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tindika jekk dan it-tnaqqis qawwi huwa riżultat dirett, jew indirett, tal-Pjan ta' Azzjoni maħsub sabiex isaħħaħ il-kontroll u t-tmexxija maqsuma ta' azzjonijiet strutturali, speċjalment peress li jista' jfisser nuqqas ta' kontrolli inizjali fl-Istati Membri;

31. Għandu l-ħsieb li jiżgura li r-riżorsi meħtieġa għall-politiki ta' koeżjoni jibqgħu ggarantiti sabiex ikunu jistgħu jiġu ffaċċjati l-isfidi attwali u tal-ġejjieni għall-prinċipju tas-solidarjetà fl-Unjoni Ewropea;

*Dwar l-intestatura 2*

32. Jinnota li l-impenji għall-PDB għall-Preservazzjoni u l-Immaniġġjar tar-Riżorsi Naturali ġew stipulati għal EUR 57 525,7 miljun, li hija żieda ta' 3.5 % meta mqabbla mal-2008, li tħalli marġni ta' EUR 2 113,3 miljun; il-pagamenti jiżdiedu b'3.0 % sa EUR 54,834.9 miljun; il-parti tal-intestatura 2 maħsuba għall-ispiża relatata mas-suq u mal-għajnuniet diretti hija ta' EUR 42 860,3 miljun f'impenji u EUR 42 814,2 miljun f'pagamenti;

33. Jenfasizza li, minkejja l-miżuri ambjentali tal-programm għall-Iżvilupp Rurali u l-istandards ambjentali li fuqhom hi msejsa s-sistema ta' kundizzjonalità għall-pagamenti diretti, 0.5 % biss tal-approprjazzjonijiet skond l-intestatura 2a jintużaw għall-prijoritajiet ambjentali, filwaqt li l-maġġoranza kbira tal-fondi huma allokati għall-għajnuniet diretti u man-nefqa relatata mas-suq;

34. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ta' EUR 20,9 miljun għal-LIFE+, iżda jinnota b'ċertu dispjaċir li parti biss minn din iż-żieda hija għal attività intensifikata fil-qasam tal-bidla fil-klima; iqis li l-prijorità baġitarja orizzontali tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima mhix riflessa kif xieraq f'dawn il-figuri;

35. Ifakkar li l-ewwel objettiv tal-Politika Agrikola Komuni hu li tiggarantixxi l-istabilizzazzjoni tas-suq, is-sigurtà tal-forniment tal-provvisti u ta' prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi; jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex fil-baġit tagħha għall-2009 tipprevedi l-mezzi neċessarji biex tissodisfa l-bżonnijiet ġodda li jirriżultaw mill-kriżi attwali tal-ikel, b'mod partikulari billi tiffaċilita l-aċċess għall-prodotti tal-ikel għall-popolazzjonijiet l-aktar imċaħħdin li huma l-aktar affettwati minn din il-kriżi;

36. Jilqa' t-tendenza ġenerali 'l isfel fir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli bħala riżultat tal-kundizzjonijiet favorevoli tas-suq u tal-iffrankar li dawn iġibu magħhom;

37. Jinnota li l-impenji tal-PDB għall-iżvilupp rurali jibqgħu kważi stabbli b'EUR 13 401 miljun (inkluża l-modulazzjoni) f'impenji u EUR 10 926 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagamenti, li huwa tnaqqis ta' 4 % meta mqabbel mal-2008;

38. Iqis dawn il-figuri bħala elementi indikattivi fil-qafas tal-"Kontroll tas-Saħħa tal-PAK" ippreżentat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Mejju 2008;

39. Jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet kbar tal-implimentazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali (EAFRD); jiddispjaċih li EUR 2,830 miljun ta' approprjazzjonijiet baqgħu ma ntefqux fl-2007, li EUR 1,361 miljun ġew trasferiti għas-sena 2008, u li EUR 1,469 miljun ġew riprogrammati għas-snin 2008-2013 taħt il-Punt 48 tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA); juri t-tħassib tiegħu dwar ir-riprogrammar ta' ammonti kbar bħal dawn li se jwassal għal dewmien sinifikanti għad-disponibilità ta' fondi fir-reġjuni rurali;

*Dwar is-subintestatura 3a*

40. Jinnota li l-impenji tal-PDB għal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja jiżdiedu bi 15 % għal EUR 839,1 miljun, li jirriżultaw f'marġni ta' EUR 32,9 miljun; il-pagamenti jiżdiedu b'11.7 % sa EUR 596.7 miljun;

41. Jirrimarka li din iż-żieda konsiderevoli mqabbla mal-2008 hija l-aktar riżultat taż-ż-żieda sostanzjali fil-kapitoli "Solidarjetà — Fruntieri esterni, politika dwar viżi u l-moviment ħieles tal-persuni" (+ EUR 44,4 miljun jew + 15.6 %), "Flussi migratorji — Politiki komuni dwar l-immigrazzjoni u l-ażil" (+ EUR 43,3 miljun jew + 18,9 %) u "Is-sigurtà u s-salvagwardja tal-libertajiet" (+ EUR 20,8 miljun jew + 27,1 %);

42. Jieħu nota taż-żieda ta' 36.3 % f'approprjazzjonijiet ta' impenji fil-programm speċifiku "Prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha" u se jeżamina r-raġunijiet għaliha;

43. Huwa mħasseb dwar il-finanzjament baxx għall-attività "Drittijiet fundamentali u ġustizzja" li se tiżdied biss b'0.2 % f'impenji u fil-fatt se tonqos b'10 % f'pagamenti meta mqabbla mal-baġit 2008;

44. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-PDB żżomm iż-żieda tal-approprjazzjonijiet ivvutati fl-2008 għall-Aġenzija għall-Immaniġġjar tal-Koperazzjoni Operazzjonali fuq il-Konfini Esterni (FRONTEX), iżda jinnota b'ċertu tħassib l-ibbilanċjar mill-ġdid tas-sussidju billi jiġu mċaqalqa EUR 5,7 miljun mill-ispiża operattiva għall-ispiża amministrattiva; jitlob li jkun hemm żieda fl-approprjazzjonijiet għall-FRONTEX għall-2009 sabiex tkun tista' żżomm l-impenji ta' missjonijiet permanenti mingħajr interruzzjonijiet, b'mod partikulari fuq il-fruntieri fin-Nofsinhar tal-Unjoni (Hera, Nautilus u Poseidon);

45. Jenfasizza li l-patt Ewropew dwar il-politika għall-immigrazzjoni għandu jinkludi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-immigrazzjoni illegali, l-immaniġġjar tal-migrazzjoni legali, l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni sħiħa għall-prinċipju tas-solidarjetà u għall-ogħla livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

*Dwar is-subintestatura 3b*

46. Jinnota li l-impenji tal-PDB għaċ-Ċittadinanza jammontaw għal EUR 628,7 miljun li hija żieda ta' 1.0 % jekk l-approprjazzjonijiet għall-2008 jitqiesu netti mill-approprjazzjonijiet tal-Fond ta' Solidarjetà u tal-Faċilità ta' Tranżizzjoni għall-Bulgarija u r-Rumanija; il-marġni li jifdal huwa ta' EUR 22 miljun, il-pagamenti jiżdiedu b'0.7 % għal EUR 669 miljun;

47. Jiddispjaċih li l-marġni żgħir ta' EUR 22 miljun li jifdal taħt is-subintestatura jħalli spazju ferm limitat għal manuvrar ta' proġetti pilota u għall-azzjonijiet ta' tħejjija;

48. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza u t-titjieb il-koordinazzjoni fl-interventi ta' protezzjoni ċivili tal-Unjoni, inter alia bl-iżvilupp ta' metidoloġiji komuni għall-protezzjoni ċivili bejn l-Istati Membri, l-iżvilupp ta' sistemi ta' twissija minn kmieni u ta' prevenzjoni, u titjib fil-faċilitàjiet tat-trasport ta' assistenza ta' protezzjoni ċivili sabiex ikun hemm preparazzjoni aħjar għall-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej;

49. Jiddeplora l-fatt li ż-żieda proposta mill-Kummissjoni taħt din is-subintestatura, li tkopri politiki importanti b'impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, hija ferm aktar baxxa miż-żieda medja tal-approprjazzjonijiet ta' impenji ta' 3.1 %; jiddispjaċih, b'mod partikulari, li speċjalment dawk l-attivitajiet importanti għal "Ewropa għaċ-ċittadin" irċevew iż-żieda l-aktar baxxa, jew saħansitra sofrew tnaqqis meta mqabbla mal-2008;

50. Juri t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis propost mill-Kummissjoni għal numru ta' linji baġitarji li taħthom l-attivitajiet ta' komunikazzjoni huma ffinanzjati, partikularment fil-kuntest tal-ħidmiet u tal-isfidi l-ġodda f'dan il-qasam li jridu jiġu ffaċċjati fl-2009 bħalma huma l-elezzjonijiet Ewropej jew il-possibilità tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona;

51. Iqis li l-aspett ta' qofol tal-politika ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni huwa li ċ-ċittadini tal-UE jiġu mgħarrfa dwar l-azzjonijiet u l-programmi mwettqa mill-UE u t-titjib iġġenerat matul l-aħħar snin;

52. Ifakkar li l-istituzzjonijiet kollha għandhom id-dritt li jimplimentaw il-politika tal-komunikazzjoni bħala parti mill-awtonomija istituzzjonali tagħhom, kif stabbilit mill-Artikolu 49 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (ir-Regolament Finanzjarju), fil-limiti ta' qafas komuni u b'ċerta grad ta' armonizzazzjoni fil-preżentazzjoni li għandha tippermetti l-iżvilupp ta' "trade mark tal-UE" li tintagħraf biex tintuża fil-miżuri tal-kommunikazzjoni kollha;

53. Jagħraf il-ħtieġa ta' koordinazzjoni tal-politiki ta' komunikazzjoni differenti implimentati mill-istituzzjonijiet fi ħdan il-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni; ifakkar li l-komunikazzjoni ilha prijorità importanti tal-Parlament; iqis li l-irwol ewlieni tal-Parlament f'dan il-proċess huwa vitali u jiggarantixxi l-kontinwità u l-effiċjenza tal-politika, b'mod partikulari fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin; rigward dan jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-liġi tal-UE għandha titjib;

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

*Dwar l-intestatura 4*

54. Jinnota li l-impenji għall-UE bħala Attur Globali jiżdiedu b'1.8 % sa EUR 7 440,4 miljun b'marġini ta' EUR 243,6 miljun disponibbli; il-pagamenti jonqsu b'6.6 % sa EUR 7 579,5 miljun;

55. Josserva li din iż-żieda ta' 1.8 % hija taħt iż-żieda ġenerali medja ta' 3.1 % għall-baġit ġenerali tal-UE; iqis li dan huwa sinjal ta' tħassib ħafna peress li l-intestatura 4 hija tradizzjonalment waħda mill-oqsma li l-iktar ikunu diffiċli fil-baġit tal-Unjoni;

56. Huwa mħasseb ħafna minħabba n-nuqqas ta' finanzjament fl-intestatura 4 u jikkundanna bil-qawwi l-approċċ vag tal-ibbaġittjar li għażlet il-Kummissjoni li ma jqis xejn il-ħtiġijiet realistiċi mistennija f'dan il-qasam; jinnota li, bħala konsegwenza, il-marġini kurrenti ta' EUR 243,6 miljun tidher figura arbitrarja mhux ħażin; jemmen li din il-problema tista' tiġi ttrattata biss permezz ta' reviżjoni komprensiva tal-MFF, li għandha twassal għal żidiet fil-limitu massimu tal-Intestatura 4 għall-perjodu 2009-2013;

57. Jiġbed l-attenzjoni li, qabel il-preżentazzjoni tal-PBD, il-Parlament kien talab fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2008 msemmija qabel stampa realistika tal-ħtiġijiet baġitarji kollha, speċjalment fl-intestatura 4 tal-MFF; ma jqisx li l-PDB, f'din l-intestatura, isegwi l-prinċipju tal-immaniġġjar finanzjarju sod;

58. Għalhekk jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni diġà qalet, f'dan l-istadju bikri tal-proċedura baġitarja, li huwa ċar li approprjazzjonijiet għall-Kosovo, għal-Lvant Nofsani, għall-għajnuna fl-ikel u għall-assistenza makro-finanzjarja ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw l-impenji eżistenti tal-UE madwar id-dinja, aħseb u ara l-bżonnijiet supplementari mistennija: il-PDB jipproponi, pereżempju, EUR 161 miljun f'impenji u EUR 100 miljun f'pagamenti għall-assistenza lill-Palestina u lill-proċess ta' Paċi, għalkemm l-ammonti vvutati għall-Baġit tal-2008 kienu EUR 300 miljun u EUR 200 miljun, rispettivament; u wara għadd ta' trasferimenti, l-approprjazzjonijiet ta' ħlas sal-lum laħqu EUR 350 miljun; fir-rigward tal-Kosovo, l-approprjazzjonijiet għall-missjoni EULEX waqgħu b'15.7 % taħt il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (PBSK); iqis li dan mhux aċċettabbli u jitlob li jkun hemm approċċ ġdid għan-nefqa għall-Palestina u l-Kosovo; jemmen li minħabba d-deċiżjoni li jiżdied bil-kbir in-numru oriġinali ta' esperti li jaħdmu fil-Missjoni Tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPOL) fl-Afghanistan, nuqqasijiet finanzjarji diġà jistgħu jiġu antiċipati minn issa;

59. Jerġa' jafferma l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni ta' Politika Ewropea għall-Viċinanzi li tkun approfondita u differenzjata; jenfasizza l-bżonn li l-Istrument Ewropew ta' Viċinanza u Sħubija (ENPI) jkun ipprovdut b'pakkett finanzjarju adegwat li jirrifletti l-impenn tal-UE fir-rigward tal-ġirien tagħha fil-Lvant tal-Ewropa u fin-Nofsinhar; jinnota ż-żieda żgħira fl-approprjazzjonijiet previsti għall-2009, u jenfasizza li l-inizjattiva riċenti "Il-Proċess ta' Berċellona: Unjoni għall-Mediterran" la għandha tfixkel l-isforzi biex jiġu stabbilit bilanċ bejn approprjazzjonijiet ta' impenji għal ġirien ta' Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ewropa u lanqas m'għandha fl-ebda każ iżżid it-tensjonijiet baġitarji fl-ENPI

60. Jiddeplora l-fatt li la soluzzjonijiet baġitarji u lanqas indikazzjonijiet għal dawn is-soluzzjonijiet ma ġew ippreżentati fl-iffinanzjar ta' dawn il-ħtiġijiet ulterjuri; għal darb'oħra jitlob b'urġenza għal kjarifika dwar il-ħtiġijiet totali fl-intestatura 4, inkluż il-kapitlu dwar is-CFSP;

61. Jirrepeti l-konvinzjoni tiegħu li la l-Istrument ta' Flessibbiltà u lanqas ir-Riserva għall-Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 244 miljun) ma għandhom ikunu żvijati jew użati ħażin sabiex jiffinanzjaw politiki u attivitajiet tal-UE li jkunu ilhom ippjanati, u huwa deċiż bis-saħħa, waqt il-proċedura baġitarja, li jiddefendi din il-linja;

62. Jiġbed l-attenzjoni bi tħassib għall-kriżi dinjija tal-ikel li qed tikber u għall-effetti tal-bidla fil-klima u jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkun tista' tirrispetta l-impenji tagħha rigward il-provista ta' għajnuna ta' ikel u biex tirreaġixxi għad-diżastri f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; Jinnota b'inkwiet serju li, fil-PDB 2009, l-għajnuna fl-ikel hija allokata biss żieda ta' EUR 6.8 miljun imqabbla mal-2008 (+3 %) u li, diġà fl-aħħar ta' April 2008, il-Kummissjoni talbet trasferiment ta' EUR 60 miljun biex tkopri spejjeż żejda fl-għajnuna fl-ikel fl-2008 (żieda ta' 26,88 % f'approprjazzjonijiet ta' impenji); jitlob li jiġu pprovduti risorsi addizzjonali għal dan l-iskop fl-2009 bil-mezzi fiskali kollha disponibbli;

63. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-approprjazzjonijiet previsti għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-komponent tal-bini tal-istituzzjonijiet tal-IPA, u b'mod partikolari l-ħsieb tal-Kummissjoni li żżid l-għoti ta' boroż ta' studju addizzjonali u li żżid il-finanzjament għad-djalogu fis-soċjetà ċivili; jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-Aġenda Soċjali għall-Balkani;

64. Jenfasizza li l-fondi l-ġodda tal-Aid for Trade għandhom ikunu addizzjonali mal-għajnuna attwali għall-iżvilupp u li kull wegħda ġdida tal-Aid for Trade m'għandhiex twassal biex jintmessu xi riżorsi diġà destinati għal inizjattivi oħrajn ta' żvilupp, jtenni t-talba tal-Kummissjoni li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-oriġini ta' EUR 1 000 miljun mwiegħda;

65. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tniedi Alleanza Globali għall-Bidla fil-Klima u Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Enerġija u l-Enerġija li Tiġġedded bħala passi importanti biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikun appoġġjati fl-addattament għall-bidla fil-klima u t-tnaqqis tal-bidla fil-klima; madankollu jenfasizza li l-fondi allokati s'issa mhumiex xierqa; jappella sabiex ikun hemm iffinanzjar immedjat għal dawn l-inizjattivi fil-baġit tal-2009, barra mill-impenji maħsuba għall-iżivlupp; barra minn hekk, jenfasizza l-importanza li dawn l-inizjattivi jissaħħu billi jiġu assigurati aktar fondi fit-tul;

66. Jinnota li l-Fond ta' Garanzija għas-self huwa inkluż fil-PDB 2009 b'ammont ta' EUR 92.46 miljun għall-kuntrarju tal-ipproggrammar finanzjarju oriġinali previst ta' EUR 200 miljun għall-proviżjoni tiegħu; jiġbed l-attenzjoni li parti importanti tal-marġini disponibbli fil-PDB tal-2009, i. e. EUR 107.54 miljun ta' EUR 243.6 miljun, huwa artifiċjali sakemm huwa r-riżultat ta' din il-manuvra; jenfasizza bi tħassib qawwi li huwa probabbli ħafna li dan l-"iffrankar" fl-ibbaġittjar tal-Fond ta' Garanzija fl-2009 jkun irid jiġi kkumpensat minn infiq ogħla fis-snin ta' wara, u b'hekk jibqgħu marġini dejjem iżgħar minn dawk programmati issa fl-intestatura 4.

67. Jirrimarka li, ladarba l-organizzazzjoni istituzzjonali li tikkonċerna lir-Rappreżentant Għoli, il-President tal-Kunsill Ewropew u s-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna (EEAS) għadha mhix iddeterminata, l-approprjazzjonijiet baġitarji meħtieġa għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni gradwalment, hekk kif l-iskop u l-irwol tal-istruttura organizzattiva l-ġdida jkunu aktar ċari, Jenfasizza li la l-bidliet istituzzjonali u lanqas id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar is-CSDP m'għandhom ikomplu jżidu l-pressjoni fuq il-livell attwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenji taħt it-Titolu IV;

68. Jenfasizza l-importanza politika ta' proġetti pilota u ta' azzjonijiet preparatorji adottati mill-awtorità baġitarja skond l-Intestatura 4; jitlob li dawn jiġu implimentati fiż-żmien meħtieġ u b'mod proattiv mill-Kummissjoni bl-użu sħiħ tal-impenji allokati;

*Dwar l-intestatura 5*

69. Jinnota li n-Nefqa Amministrattiva globali proposta tiżdied b'5 % meta mqabbla mal-2008 u issa tammonta għal total ta' EUR 7 647,9 miljun, meta mqabbla ma' EUR 7 281,5 miljun għall-2008, u li marġini iżgħar ħafna biss ta' EUR 129.1 miljun (li jikkorrispondi għal madwar 1.7 % tal-volum tal-ispejjeż) tħallew taħt il-limitu tal-qafas finanzjarju;

70. Filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-postijiet il-ġodda mitluba mill-Kummissjoni jikkonċernaw biss il-kwota finali mħabbra qabel ta' 250 għall-"UE-2", jinnota li ż-żieda proposta fin-nefqa amministrattiv għadha aktar għolja minn dik tal-medja tal-baġit kollu kemm hu; rikonoxxi li dan jista' jkun marbut l-aktar mal-indiċi tal-ispejjeż ta' salarji u ta' pensjonijiet, u sa ċertu punt mal-politika dwar il-bini, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li jistgħu jkunu meħtieġa modifiki oħrajn tul is-sena finanzjarja 2009 jekk jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona; rigward dan, jimpenja ruħu li jeżamina bir-reqqa n-nefqa amministrattiva fil-kuntest interistituzzjonali sabiex jinvestiga l-bżonnijiet tal-istituzzjonijiet għall-2009 u lilhinn;

71. Iqis li, minkejja ż-żieda fl-informazzjoni li titwassal, u l-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni li l-aġenziji eżekuttivi jtejbu l-kwalità tal-programmi tal-UE, diversi konsegwenzi finanzjarji/amministrattivi fl-intestatura 5 għad għandhom bżonn aktar kjarifika; pereżempju huwa mistagħġeb li l-ħolqien futur tal-ekwivalenti ta' 947 post ġdid fiż-żewġ aġenziji ta' riċerka (kif iddikkjarat fis-segwitu tal-ispezzjoni) iwassal biss għal-liberazzjoni ta' 117 post fid-dipartimenti tal-Kummissjoni fl-istess perjodu;

72. Huwa mħasseb dwar il-fatt li, b'mod ġenerali, ix-xejriet tal-għoti ta' kuntratti 'l barra mill-Kummissjoni, flimkien mal-aħħar bidliet fir-Regolamenti tal-Persunal, wasslu għal sitwazzjoni fejn numru li kull ma jmur qed jikber tal-persunal impjegat mill-UE la hu viżibbli fil-pjanijiet ta' stabbiliment tal-istituzzjonijiet kif adottati mill-awtorità baġitarja, u lanqas imħallsa skond l-intestatura 5 tal-MFF; jiddispjaċih ħafna ta' din in-nuqqas ta' trasparenza li tikkonċerna wkoll l-impjieg ta' esperti nazzjonali; jitlob għal diskussjoni pubblika u komprensiva fost il-partijiet interessati kollha dwar il-futur tal-governanza Ewropea;

73. Jilqa' b'sodisfazzjon is-segwitu tar-rapport ta' spezzjoni tal-persunal tal-2007 li waslet reċentement bħala risposta għall-emendi baġitarji tiegħu fil-baġit tal-2008; għandu l-intenzjoni li janalizza dan id-dokument bir-reqqa bl-għan li jinħarġu konklużjonijiet baġitarji għall-2009;

74. Isaqsi lill-Kummissjoni liem miżuri qed jittieħdu biex jintlaħaq l-għan li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fl-UE b'25 % sa l-2012, u biex tara jekk il-prinċipju taċ-ċentri li jservu għal kollox ("the principle of the one-stop-shop") jistax jintlaħaq fil-ġejjieni sabiex titnaqqas il-burokrazija;

75. Għandu l-intenzjoni li jeżamina l-approprjazzjonijiet amministrattivi u t-talbiet għall-persunal tal-istituzzjonijiet l-oħra bl-għan li jiżdied il-qligħ fl-effiċjenza, inkluż l-istazzjonar mill-ġdid tal-persunal skond prijoritajiet identifikati fejn possibbli; jinnota li ż-żieda tal-medja proposta għall-istituzzjonijiet l-oħra tammonta għal 4.8 %, li jogħla minn EUR 2 673,8 miljun għal EUR 2 803,2 miljun, kemm kemm taħt ir-rata taż-żieda proposta għall-Kummissjoni;

*Dwar l-intestatura 6*

76. Jinnota li, fl-2009, l-aħħar sena ta' kumpens baġitarju għall-Bulgarija u għar-Rumanija, l-impenji u l-ħlasijiet huma stabbiliti għal EUR 209,1 miljun, li jirrappreżentaw żieda ta' 1.2 % meta mqabbla mal-2008; dan iħalli marġini żgħir ta' EUR 0.9 miljun;

*Dwar Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji*

77. Jiddispjaċih li, bħala prinċipju ġenerali, il-PDB tal-Kummissjoni ma jinkludi l-ebda impenn għall-proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji, u għalhekk dawn iridu jkunu ffinanzjati mill-marġini tal-intestaturi rilevanti tal-MFF; jesprimi l-istagħġib tiegħu li hemm xi ftit eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali minħabba li hemm numru żgħir ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji, li l-Kummissjoni tidher interessata fihom, li diġà huma maħsuba fil-PDB b'approprjazzjonijiet ta' impenn;

78. Ifakkar fl-obbligu tal-Kummissjoni, sond il-Punt 46a tal-IIA, biex tipprovdi, għall-azzjonijiet annwali, stimi pluriennali u l-marġini li tħallew taħt il-limiti awtorizzati;

79. Jenfasizza li l-IIA tippermetti ammont totali għall-proġetti pilota sa EUR 40 miljun fi kwalunkwe sena baġitarja u ta' ammont totali ta' azzjonijiet preparatorji sa EUR 100 miljun li minnhom EUR 50 miljun jistgħu jkunu allokati għal azzjonijiet preparatorji ġodda;

80. Jikkonferma d-determinazzjoni tiegħu, kif diġà stipulat fir-riżoluzzjoni msemmija qabel tal-24 ta' April 2008, li juża l-ammonti annwali kollha li jkunu provduti għall-proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji fil-IIA jekk in-numru u l-volum ta' dawn il-proġetti u azzjonijiet proposti jeħtieġu dan, minħabba li jikkunsidrahom għodda indispensabbli għall-Parlament li titwitta t-triq għal-politiki ġodda li huma fl-interess taċ-ċittadini Ewropej;

81. Ifakkar li, għas-sena baġitarja 2008, il-Parlament adotta proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji għall-ammont ta' EUR 107.32 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn; is-subintestatura 1a kienet tkopri proġetti u azzjonijiet li jammontaw għal EUR 38 miljun, l-intestatura 2 għal EUR 25,15 miljun, is-subintestatura 3a għal EUR 3 miljun, is-sub-intestatura 3b għal EUR 9,5 miljun u l-intestatura 4 għal EUR 31,67 miljun;

82. Jenfasizza li, kieku l-Parlament kellu jiddeċiedi favur livell simili ta' ffinanzjar għall-proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji fl-2009, kważi nofs il-marġini disponibbli fl-intestaturi 1a u 3b diġà jkunu ntużaw, għalkemm il-livell ta' nfiq tal-2008 fuq proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji lanqas biss laħqu l-ammonti massimi mogħtija mill-IIA;

83. Jiddikkjara r-rieda tiegħu li jissottometti l-ewwel lista provviżorja tal-intenzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni qabel il-btajjel tas-sajf fir-rigward ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji għall-proċedura tal-baġit tal-2009, bi qbil mal-Anness II, Taqsima D, tal-IIA, sabiex ikun faċilitat l-istabbiliment ta' pakkett finali bbilanċjat u koerenti; jiġbed l-attenzjoni li din il-lista ma tipprekludix il-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta jew emenda oħra dwar proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji minn Membri tal-Parlament Ewropew individwali, kumitati speċjalizzati u gruppi politiċi fl-Ewwel Qari fil-ħarifa; jinsisti li, għal dan l-eżerċizzju, l-intestaturi u s-subintestaturi kollha tal-baġit għandhom ikollhom marġini suffiċjenti disponibbli;

84. Jixtieq li flimkien mal-Kummissjoni u mal-Kunsill jara kif l-appell tiegħu għal rappreżentant Ewropew għad-drittijiet tan-nisa jingħata widen u jidħol fis-seħħ;

*Dwar l-aġenziji*

85. Jinnota li l-allokazzjonijiet tal-PDB għall-aġenziji deċentralizzati jiżdiedu b'1.76 % għal EUR 563.9 miljun f'impenji u jonqsu b'EUR 6 miljun f'pagamenti (-1 %);

86. Jiġbed l-attenzjoni li, minkejja din iż-żieda minima f'impenji jekk l-aġenziji kollha jitqiesu flimkien, is-subgrupp tal-aġenziji tal-intestatura 1a inqatgħu b'3.29 % jew EUR 8,9 miljun meta mqabbel mal-baġit 2008, f'konformità mad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità baġitarja fil-konċiljazzjoni ta' Novembru 2008 biex ikun implimentat tnaqqis lineari ta' EUR 50 miljun matul il-perjodu 2009 — 2013 sabiex ikun iffinanzjat Galileo;

87. Jieħu nota tal-fatt li dan it-tnaqqis għall-aġenziji fl-intestatura 1a ma kienetx "lineari" kif ifformulata fil-konlużjonijiet tal-konċiljazzjoni; għandu l-intenzjoni li jevalwa fid-dettal il-grad u d-distribuzzjoni tat-tnaqqisiet baġitarji; itenni li huwa f'idejn l-awtorità baġitarja li tiddeċiedi dwar dawn il-proposti tal-Kummissjoni;

88. Se jpoġġi enfasi partikulari fuq l-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji u se jeżamina bir-reqqa il-bilanċi favorevoli possibbli sabiex ikun assigurat li d-dħul assenjat jitqies fl-istabbiliment tal-baġits tal-aġenziji għall-2009;

89. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx lill-awtorità baġitarja d-dettalji ta' kif hija tipproponi li tiffinanzjaż-żewġ aġenziji ġodda li bħalissa qed ikunu diskussi, li waħda minnhom hija diġà inkluża fil-PDB għall-2009 b'entrata p. m., u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tindika biċ-ċar informazzjoni ulterjuri dwar din il-kwistjoni malajr kemm jista' jkun; wasal għall-konklużjoni li, fis-sitwazzjoni tal-marġini kurrenti, għall-finanzjament ta' entitajiet ġodda, li jwettqu parzjalment ħidmiet amministrattivi, għandhom ikunu eżaminati l-possibilitajiet kollha mogħtija mill-IIA; ifakkar li hemm bżonn ta' ftehim minn qabel tal-awtorità baġitarja dwar l-iffinanzjar ta' kwalunkwe aġenzija ġdida li jkun b'konformità mal-Punt 47 tal-IIA;

90. Jenfasizza darb'oħra li l-livelli ta' finanzjament tal-aġenziji deċentralizzati kurrenti u futuri jaffettwaw direttament il-marġini disponibbli taħt l-intestaturi tal-MFF; jinnota li l-IIA tobbliga lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-implikazzjonijiet baġitarji għall-intestatura tal-infiq ikkonċernat meta tkun qed tfassal proposta għall-ħolqien ta' aġenzija deċentralizzata ġdida; tipprova tiżgura li l-iffunzjonar tal-aġenziji deċentralizzati tagħti valur miżjud u tkattar l-interessi taċ-ċittadini tal-UE;

91. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jkun stimulat djalogu interistituzzjonali dwar l-irwol tal-entitajiet kollha ddefiniti skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-post tagħhom fit-tmexxija Ewropea; itenni l-importanza li tkun żgurata fuq bażi sistematika, fuq livell interistituzzjonali, l-applikazzjoni tal-proċedura stipulata fil-Punt 47 tal-IIA;

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**

*Dwar l-aġenziji eżekuttivi u xejriet oħrajn tal-għoti ta' kuntratti 'l barra*

92. Jinnota li kwalunkwe espansjoni ulterjuri ta' aġenziji eżekuttivi u entitajiet simili ad-hoc tkun iffinanzjata mill-pakkett finanzjarju rilevanti; jesprimi t-tħassib tiegħu, għalhekk, li kull espansjoni f'aġenziji eżekuttivi u entitajiet oħra se tnaqqas il-fondi għall-operat disponibbli fil-pakketti tal-programm u ċċaqlaq l-ħidmiet amministrattivi mill-intestatura 5 tal-MFF sabiex ikunu ffinanzjati skond l-intestaturi tal-operat;

93. Hu mħasseb li l-ħolqien ta' aġenziji eżekuttivi u entitajiet oħra ad hoc jista' jwassal għal żieda mhux trasparenti fin-numru ta' uffiċjali tal-UE u ta' persunal kuntrattwali, b'mod speċjali jekk ma jitnaqqsux l-postijiet fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni u/jew stazzjonati mill-ġdid kif xieraq; iħeġġeġ li jitħarsu l-Arranġamenti tax-Xogħol għat-Twaqqif ta' Aġenziji Eżekuttivi (Kodiċi ta' Kondotta rivedut), b'mod partikulari fir-rigward tal-iskrutinju parlamentari tal-iffinanzjar u l-provvediment tal-persunal għall-aġenziji;

***Konklużjonijiet u mandat għall-Konċiljazzjoni***

94. Iqis il-punti li ġejjin huma ta' interess speċifiku għall-konċiljazzjoni tal-baġit li għandu jsir f'Lulju 2008:

— livell adegwat ta' pagamenti;

— konformità mal-prinċipju ta' bbaġitjar finanzjarju sod, b'mod partikulari fir-rigward ta' stampa realistika tal-ħtiġijiet fl-intestatura 4;

— impenn mill-Kummissjoni sabiex tissotometti, f'dak li għandu x'jaqsam mal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE u mal-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-baġits ta' emenda li għandhom il-mobilizzazzjoni ta' dawn il-fondi bħala l-uniku għan tagħhom, sabiex ikun evitat kwalunkwe dewmien fil-forniment ta' għajnuna finanzjarja;

— risposta xierqa għall-ħtiġijiet tal-għajnuna fl-ikel u tas-sigurtà tal-ikel;

— l-għoti ta' informazzjoni kwantifikata mill-Kunsill dwar l-implikazzjonijiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew imsemmi hawn fuq, skond id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikulari fl-Artikolu 28 tiegħu; huwa lest biex jidħol f'neguzjati, inkluż li jsir rikors għall-mezzi kollha li jipprovdi l-IIA;

— is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Punt 44 tal-IIA u tal-punt 5(N) tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lejn Qafas ta' Kontroll Intern Integrat (COM(2006)0009);

— riżorsi suffiċjenti għal Ewropa taċ-ċittadini;

— l-intenzjonijiet provviżorji tal-awtorità baġitarja fir-rigward ta' proġetti pilota u ta' azzjonijiet preparatorji;

— ċarezza tal-preżentazzjoni tal-baġit, b'mod speċjali fir-rigward tal-infiq amministrattiv u r-riżorsi umani inkluż l-għoti 'l barra ta' kuntratti ta' ħidmiet;

— dispożizzjoni baġitarja adegwata biex ikun permess rispons għall-prijoritajiet tal-UE "il-kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi", "il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima b'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali u l-promozzjoni ta' Ewropa sostenibbli" u "sabiex il-Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni issir realtà";

— impenn mill-Kunsill sabiex tittejjeb l-istrateġija ta' informazzjoni tal-UE b'mod professjonali u b'koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament u mal-Kummissjoni;

95. Jiddeplora bil-qawwi d-drawwa tal-Kunsill li jagħmel tnaqqis ġenerali fl-ewwel qari tiegħu tal-baġit tal-UE mingħajr ma jingħataw l-ebda raġunijiet preċiżi; jistieden lill-Kunsill biex meta jadotta l-Abbozz tal-Baġit jeżamina kull element tal-baġit filwaqt li juża l-kriterji ta' effiċjenza, ekonomija u l-valur miżjud Ewropew; jiġbed l-attenzjoni li l-istabbiliment tal-baġit tal-UE huwa att politiku fundamentali li hu aktar milli sempliċiment eżerċizju ta' kontabilità, u jistenna lill-Kunsill jagħmel arranġamenti għal djalogu politiku ġenwin mal-Parlament waqt din il-proċedura baġitarja;

*

* *

96. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# Is-Sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità ***II

P6_TA(2008)0340

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (16133/3/2007 — C6-0129/2008 — 2006/0272(COD))**

(2009/C 294 E/41)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16133/3/2007 — C6-0129/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (KUMM(2006)0784),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0223/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 122 E, 20.5.2008, p. 10.
([2]) *Testi Adottati.*, 29.11.2007, P6_TA(2007)0557.

## P6_TC2-COD(2006)0272

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru…/2008/KE li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija)**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, d-Direttiva 2008/110/KE.)*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

# Emenda tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jwaqqaf Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ***II

P6_TA(2008)0341

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Regolament tal-Aġenzija) (16138/3/2007 — C6-0131/2008 — 2006/0274(COD))**

(2009/C 294 E/42)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16138/3/2007 — C6-0131/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0785),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0210/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 93 E, 15.4.2008, p. 1.
([2]) *Testi Adottati.*, 29.11.2007, P6_TA(2007)0558.

## P6_TC2-COD(2006)0274

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Agenzija Ewropea tal-Ferroviji (EP-PE_TC2-COD(2006)0274)**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1335/2008.)*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

# Regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) ***II

P6_TA(2008)0342

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) (16160/4/2007 — C6-0176/2008 — 2006/0130(COD))**

(2009/C 294 E/43)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16160/4/2007 — C6-0176/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0396),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0264/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni;

2. Jinnota li l-att huwa adottat skond il-pożizzjoni komuni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, ladarba jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha tlestew kif suppost, u, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jippubblikah fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 129 E, 27.5.2008, p. 1.
([2]) *Testi Adottati.*, 11.7.2007, P6_TA(2007)0337.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) ***I

P6_TA(2008)0343

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) (COM(2007)0433 — C6-0234/2007 — 2007/0156(COD))**

(2009/C 294 E/44)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0433),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0234/2007),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0240/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jikkunsidra li l-pakkett finanzjarju indikat fil-proposta leġiżlattiva għandu jkun kompatibbli mal-ogħla limitu tas-subintestatura 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 kif rivedut mid-Deċiżjoni 2008/371/KE ([2]) u jirrimarka li l-ammont annwali se jkun deċiż bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali f' konformità mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 128, 16.5.2008, p. 8.

## P6_TC1-COD(2007)0156

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tad-Decizjoni Nru 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm ghall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriza u l-Kummerc (MEETS)**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, d-Decizjoni Nru 1297/2008/KE.)*

## Batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi ***I

P6_TA(2008)0344

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kusill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tal-Artikolu 6(2) dwar it-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi (COM(2008)0211 — C6-0165/2008 — 2008/0081(COD))**

(2009/C 294 E/45)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0211),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0165/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza tal-Ikel (A6-0244/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha ma' test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## P6_TC1-COD(2008)0081

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tal-Artikolu 6(2) dwar it-tqeghid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, d-Direttiva 2008/103/KE)*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Ir-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ***I

P6_TA(2008)0345

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi 2-(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat tal-ammonju (COM(2007)0559 — C6-0327/2007 — 2007/0200(COD))**

(2009/C 294 E/46)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0559),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0327/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0135/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## P6_TC1-COD(2007)0200

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tad-Decizjoni Nru…/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li ghandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-uzu ta' certi sustanzi u preparazzjonijiet perikoluzi 2-(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat tal-ammonju**

*(Peress li ntlahaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pozizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att legizlattiv finali, d-Decizjoni Nru 1348/2008/KE.)*

---

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

# Il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali ***I

P6_TA(2008)0346

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament li jemenda (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali (COM(2007)0532 — C6-0319/2007 — 2007/0199(COD))**

(2009/C 294 E/47)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (COM(2007)0532),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE, li f'konformità magħhom, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta lill-Parlament (C6-0319/2007),

— wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0253/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk għandha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iwassal il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

## P6_TC1-COD(2007)0199

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda *r-Regolament* (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet ghall-access ghan-networks ta' trazmissjoni tal-gass naturali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ‖,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni [2],

Filwaqt li jagixxu bi qbil mal-procedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

[1] *GU C 211, 19.8.2008, p. 23.*
[2] GU C *172, 5.7.2008, p. 55.*
[3] *Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Billi:

(1) Is-suq intern tal-gass, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha Komunitarji, kemm jekk ċittadini kif ukoll negozji, b' opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' aktar kummerċ transkonfinali, sabiex ikunu żgurati gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards ogħla ta' servizz ***u access għall-akbar numru ta' nies possibbli***, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà fil-forniment u għas-sostenibbiltà.

(2) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *2003/55/KE* tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ‖ ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali ([2]) għamlu kontributi sinifikanti lejn il-ħolqien ta' suq intern tal-elettriku.

(3) *Madanakollu*, id-dritt ta' bejgħ fi kwalunkwe Stat Membru, b'kundizzjonijiet ugwali u mingħajr diskriminazzjoni, ma jistax *attwalment* jiġi garantit fil-Komunità. B'mod partikolari, aċċess mhux diskriminatorju għan-network, u livell ugwalment effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, għad ma jeżistux ***u għad hemm swieq iżolati***.

***(4) Bħala l-ewwel pass lejn l-integrazzjoni tas-swieq u sabiex jiġi kompletat is-suq intern ta'l-gass, għandu jinkiseb livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' interkonnessjoni tal-gass transkonfinali.***

*(5)* Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *tal-10 ta' Jannar 2007* li ġġib l-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa"‖ saħqet fuq l-importanza li s-suq intern tal-gass naturali jiġi kkompletat, u li l-kumpaniji kollha tal-gass fil-Komunità joperaw skond l-istess kunduzzjonijiet. Il-*Komunikazzjonijiet* mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill *tal-istess data* dwar prospetti għas-suq intern tal-gass u l-elettriku‖ u *dwar* l-inkjesta skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-setturi Ewropej tal-gass u l-elettriku ‖ uriet li r-regoli u l-miżuri preżenti ***ma ġewx trasposti biżżejjed fl-Istati Membri kollha, bir-riżultat li*** l-għan ta' suq intern ***tal-enerġija*** li jiffunzjona tajjeb ***għadu ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti***.

*(6)* Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 għandu jiġi emendat skond dawn il-komunikazzjonijiet sabiex jittejjeb il-qafas regolatorju tas-suq intern tal-elettriku.

*(7)* B'mod partikolari, jinħtieġu ***kemm il-ħolqien ta' konnessjonijiet fiżiċi bejn in-networks tal-gass kif ukoll*** *il*-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni msaħħa fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà progressiva tal-kodiċijiet tekniċi u kummerċjali għall-forniment u l-ġestjoni tal-aċċess effettiv ***u trasparenti*** transkonfinali għan-networks tat-trażmissjoni, *sabiex* jiġi żgurat ppjanar ikkoordinat, li jħares 'il quddiem u evoluzzjoni teknika soda tas-sistema ta' trażmissjoni Komunitarja, b'kunsiderazzjoni għall-ambjent, u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, partikolarment l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' teknoloġija b'livelli baxxi ta' karbonju. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom joperaw in-networks tagħhom skond dawn il-kodiċijiet komuni tekniċi u tas-suq.

*(8)* Biex tkun żgurata l-aħjar ġestjoni tan-networks għat-trażmissjoni tal-gass naturali fil-Komunità, għandu jitwaqqaf network Ewropew tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jitwettqu skond ir-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni, li jibqgħu applikabbli għad-deċiżjonijiet tan-network Ewropew tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jiġu definiti tajjeb u l-metodu ta' ħidma tagħhom għandu jiżgura l-effiċjenza, ir-rappreżentanza u t-trasparenza. Peress li azzjoni fuq livell reġjonali tista' twassal għal progress, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva ta' kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli ma' kodiċijiet u pjanijiet ta' investiment fil-livell *Komunitarju*. ***L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u jissorveljaw l-effikacja tan-network fil-livell reġjonali.***

([1]) GU L 176, 15.7.2003, p. 57.
([2]) GU L 289, 3.11.2005, p. 1.

▌

(9) Sabiex tissaħħaħ il-kompetizzjoni permezz tas-swieq tal-bejgħ tal-gass likwidu bl-ingrossa, huwa importanti ħafna li l-gass ikun jista' jinbiegħ indipendentament mil-lokalizazzjoni tiegħu fis-sistema. L-unika mod biex isir dan huwa billi l-utenti tan-network jingħataw il-libertà li jikkalkolaw indipendentement il-kapaċità tad-dħul u tal-ħruġ, biex b'hekk jinħolqu zoni għat-trasport tal-gass u mhux trazmissjonijiet kuntrattwali. Il-preferenza għas-sistema ta' dħul-ħruġ biex l-iżvilupp tal-kompetizzjoni ikun iffaċilitat, diġà ġiet espressa mill-maġġoranza ta' partijiet interessati fis-6 Forum ta' Madrid.

(10) Hemm konġestjoni kuntrattwali sostanzjali fin-network*s* tal-gass. Il-prinċipji tal-amministrazzjoni tal-konġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità għal kuntratti ġodda jew relattivament ġodda huma għalhekk imsejsa fuq il-liberazzjoni tal-kapaċità mhux użata, billi l-utenti tan-network*s* jitħallew jissullokaw jew ibigħu mill-ġdid il-kapaċitajiet kuntrattwali tagħhom u l-obbligazzjoni tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni li joffru l-kapaċità li ma ġietx użata lis-suq, għallinqas abbażi ta' arranġament ta' ġurnata bil-quddiem mingħajr interruzzjoni. Fid-dawl tal-proporzjoni konsiderevoli ta' kuntratti eżistenti u l-ħtieġa li jinħoloq ambjent ġenwin ta' ugwaljanza fl-operazzjoni bejn l-utenti ta' kapaċità ġdida jew eżistenti, dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati għall-kapaċità kollha kuntrattwali, inklużi kuntratti eżistenti.

(11) Is-sorveljanza tas-suq li ilha titwettaq mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni dawn l-aħħar snin, uriet li r-rekwiżiti ta' trasparenza u r-regoli dwar l-access għall-infrastrutturi m'humiex biżżejjed ***sabiex ikun garantit suq intern ġenwin li jiffunzjona tajjeb, effettiv u miftuħ***.

(12) Jeħtieġ *li jkun hemm* access ugwali għall-informazzjoni dwar l-istatus fiżiku tas-sistema, sabiex il-parteċipanti kollha fis-suq ikunu jistgħu *jagħmlu evalwazzjoni tas-*sitwazzjoni globali tad-domanda u tal-provvista u jidentifikaw ir-raġunijiet għall-varjazzjoni fil-prezz tal-bejgħ bl-ingrossa. Dan għandu jinkludi tagħrif aktar preċiż dwar il-provvista u d-domanda, il-kapaċità tan-network, il-flussi u l-manutenzjoni, l-ibbilanċjar u d-disponibbiltà u l-użu tal-ħażna. L-importanza ta' din l-informazzjoni għall-funzjonament tas-suq intern *tal-gas* tirrikjedi li jitneħħew il-limitazzjonijiet fuq il-pubblikazzjoni, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(13) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq, il-parteċipanti tiegħu għandhom ikunu żguri li l-aġir abbużiv jista' jiġi ssanzjonat ***b'mod effettiv***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw il-*kompetenza effettiva* li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Għal *dan il-għan* jinħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom access għad-data li tipprovdi informazzjoni dwar deċiżjonijiet operazzjonali tal-impriżi ta' forniment. Fis-suq tal-gass *dan it -tip ta' deċiżjonijiet jiġu* kkomunikati lill-operaturi tas-sistema f'forma ta' riżervi tal-kapaċità, nominazzjonijiet u flussi realizzati. L-operaturi tas-sistema għandhom iżommu din l-informazzjoni *relatata ma' dan* disponibbli ***u accessibbli faċilment*** għall-awtoritajiet kompetenti għal perjodu stabbilit ta' żmien. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jissorveljaw regolarment il-konformità mar-regoli mill-operaturi tas-sistema.***

(14) Il-kompetizzjoni fis-settur *tal-konsumaturi domestiċi* tirrikjedi li l-fornituri ma jiġux imblukkati meta jiġu biex jidħlu fis-swieq ġodda tal-bejgħ bl-imnut. Għaldaqstant jeħtieġ li r-regoli u r-responsabbiltajiet li jiddefinixxu l-katina ta' forniment *ikunu magħrufa* mill-atturi kollha tas-suq, u jeħtieġ li jiġu armonizzati sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq Ewropew. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw regolarment il-konformità mar-regoli mill-parteċipanti fis-swieq.***

(15) L-access għall-faċilitajiet tal-ħażniet tal-gass u l-faċilitajiet LNG huma insuffiċjenti ***f'ċerti Stati Membri***, u għalhekk hemm bżonn *ta'* titjib ***radikali fl-implimetazzjoni*** *tar-*regoli ***eżistenti***. Il-monitoraġġ tal-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-elettriku u l-gass (ERGREG) *wera* li l-linji gwida volontarji għal prassi tajba ta' access lil partijiet terzi għall-operaturi tas-sistema tal-ħażna, *li kienu* maqbula bejn il-partijiet kollha interessati fil-Forum ta' Madrid, ***f'ċerti każijiet,*** mhux qed jiġu applikati kif suppost u għaldaqstant għandhom isiru vinkolanti. ***Għalkemm il-linji gwida volontarji attwalment kważi qed jiġu trasposti kompletament madwar l-Unjoni Ewropea, jekk isiru vinkolanti, tiżdied il-fiduċja tal-operaturi fl-access mhux diskriminatorju għall-ħażniet.***

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 jipprovdi li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

([1]) GU L 184, 17.7.1999, p. 23. ‖.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(17) Id-Deċizjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni *tal-Kunsill* 2006/512/KE [1], li introduċiet proċedura regolatorja bi skrutinju għal miżuri ta' ambitu ġenerali mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inkluż billi jitneħħew uħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument jiġi ssupplementat biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

(18) Skond id-dikjarazzjoni ‖tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni [2] dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, biex ‖il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* tkun applikabbli għall-istrumenti adottati skond il-proċedura *msemmija* fl-Artikolu 251 tat-Trattat u li diġà huma fis-seħħ, dawk l-istrumenti għandhom jiġu emendati skond il-proċeduri applikabbli.

(19) I*l-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li taddotta l-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni* tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005, b'mod partikolari biex tistabbilixxi jew tadotta l-linji gwida meħtieġa għall-provvediment tal-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' dan ir-Regolament. Billi dawk il-miżuri għandhom finijiet ġeneriċi u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005, *inter alia billi jissupplimentawha b'* elementi ġodda mhux esssenzjali, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju, stipulata bl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(20) Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

Dan ir-Regolament ‖:

a) jistabbilixxi regoli mhux diskriminatorji għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sistemi ta' trażminssjoni tal-gass, b'qies għall-partikolaritajiet tas-swieq nazzjonali u reġjonali bl-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass.

b) ‖jistabbilixxi regoli mhux diskriminatorji għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilitajiet LNG u l-faċilitajiet ta' ħażna;

c) jiffaċilita *l-ħolqien ta' suq bl-ingrossa* ▌li jiffunzjona tajjeb u *li hu* trasparenti ***b'livell għoli ta' sigurtà tal-provvista tal-gass*** u *jipprovdi mekkanizmi* ▌*għall-armonizzazzjoni* ***tar- regoli ta' aċċess għan-network għal skambju transkonfinali tal-gass***.

*Mingħajr ħsara għall-*Artikolu 6a(4), għandu japplika biss għall-faċilitajiet tal-ħażna li jaqgħu taħt l-Artikolu 19(3) jew (4) tad-Direttiva 2003/55/KE.

*L-affarijiet msemmija* fl-ewwel *subparagrafu* għandhom jinkludu *l-istabbiliment* tal-prinċipji armonizzati għat-tariffi, jew il-metodoloġiji li fuqhom jissejjes dan il-kalkolu, għall-aċċess għan-networ*k*, l-istabbiliment ta' servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi u prinċipji armonizzati għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-amministrazzjoni tal-konġestjoni, id-determinazzjoni tar-rekwiżiti tat-trasparenza, regoli għall-ibbilanċjar u ammont dovuti għal nuqqas ta' bilanċ u l-iffaċilitar tal-kapaċità tal-bejgħ."

[1] *GU L 200, 22.7.2006, p. 11.*
[2] GU C 255, 21.10.2006, p. 1.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(2) L-Artikolu 2 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) ‖ *il*-paragrafu 1, *għandu jiġi emendat kif ġej*:

***i) l-ewwel punt għandu jinbidel b'li ġej:***

***"1. 'trażmissjoni' tfisser it-trasport ta' gass naturali permezz ta' pipeline ta' transitu jew permezz ta' network ta' pipelines, li prinċipalment fih pipelines bi pressjoni għolja, bl-esklużjoni ta' trasport permezz ta' upstream pipeline jew network ta' pipelines kif ukoll bl-esklużjoni ta' pipelines jew networks ta' pipelines li jgħaqqdu konnessjoni bejn il-ħażna u d-distribuzzjoni lokali, u b'esklużjoni ġenerali tat-trasport permezz ta' pipelines użati primarjament fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali tal-gass naturali;"***

*ii) għandhom jiżdiedu il-punti li ġejjin:*

"24. 'il-faċilità-LNG' tfisser il-kapaċità f'terminal-LNG għall-likwifikazzjoni tal-gass naturali jew għall-importazzjoni, il-ħatt, servizzi anċillari, ħżin temporanju u l-gassifikazzjoni ta' LNG,

25. 'spazju' tfisser il-volum ta' gass li utent ta' faċilità għall-ħżiun jista' juża għall-ħażna tal-gass;

26. 'kapaċità ta' twassil' tfisser ir-rata li biha l-utent tal-faċilità tal-ħażna jista' jirtira il-gass minnha;

27. 'injettabbiltà' tfisser ir-rata li biha l-utent tal-faċiità tal-ħażna jista' jinjetta l-gass fil-faċilità tal-ħażna;

28. 'kapaċità tal-ħażna' tfisser kwalunkwe kombinazzjoni ta' spazju, injettabbiltà u kapaċità ta' twassil;

29. 'Aġenzija' tfisser l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita bir-Regolament (KE) Nru …/*2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… [dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija għall-koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija]* (*)

(*) *ĠU L ….*"

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/55/KE, li huma rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ukoll ħlief għad-definizzjoni ta' trażmissjoni fil-punt 3 ta' *l-Artikolu 2*.

Id-definizzjonijiet fil-punti 3 sa 23 tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu relatati ma' trażmissjoni għandhom japplikaw b'analoġija kif inhuma relatati mal-faċilitatiet ta' ħażna u ta' LNG."

(3) *L-artikoli li ġejjin għandhom* jiddaħħlu *wara l-Artikolu 2*:

"Artikolu 2a

In-Networ*k* Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass

L-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw fuq livell Komunitarju billi jistabbilixxu n-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta'-Gass sabiex tiġi żgurata ġestjoni *ottimali****, operazzjoni koordinata*** u evoluzzjoni teknika soda tan-Network Ewropew tat-trażmissjoni tal-gass ***u biex jippromwovu t-tlestija tas-suq intern tal-gass, il-kummerċ transkonfinali u t-tħaddim tas-swieq tal-enerġija***.

Artikolu 2b

L-istabbiliment tan-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass

1. Sa ‖[…] l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz tal-istatuti, il-lista ta' membri li għandhom jissieħbu u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura ▌ *bil-ħsieb li jiġi stabbilit* Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

2. Fi zmien ***xahrejn*** *mir-ricezzjoni*, l-Agenzija ***wara li tikkonsulta formalment lill -organizzazzjonijiet li jirrapprezentaw lill-partijiet interessati, b'mod partikolari l-utenti tas-sistema u l-klijenti*** ghandha taghti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' procedura.

3. Il-Kummissjoni ghandha taghti opinjoni dwar l-abbozz tal-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' procedura ***billi tiehu kont tal-opinjoni tal-Agenzija moghtija taht il-paragrafu 2 u*** fi zmien 3 xhur mill-wasla ta' *din* l-opinjoni.

4. Fi zmien *tlett* xhur mill-wasla tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni ghandhom jistabbilixxu n-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass, jadottaw l-istatuti u r-regoli ta' proceduri tieghu u jippubblikawhom,

Artikolu 2c

Il-Kompiti tan-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass

1. ***Sabiex jintlahqu l-ghanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2a,*** in-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass ghandu ***jaqbel u jressaq quddiem l-Agenzija ghall-approvazzjoni skond il-procedura prevista fl-Artikolu 2d flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolamenrt (KE) Nru …/2008 [li jistabbilixxi l-Agenzija ghall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Energija], dan li gej***:

a) abbozz ta' kodicijiet ***tan-network*** fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 3***, imfassal b'kooperazzjoni mal-partecipanti fis-swieq u mal-utenti tan-network***;

b) ghodod komuni ghall-operat tan-network u ghall-pjanijiet tar-ricerka;

c) pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin ***li jinkludi rapport ta' adegwatezza tal-provvista u tad-domanda,*** kull sentejn;

***d) mizuri biex jigi zgurat li jkun hemm koordinazzjoni attwali tal-operat tax-xibka f'kondizzjonijiet normali u f'emergenzi;***

***e) linji gwida dwar il-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni teknika bejn il-Komunità u operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni f'pajjizi terzi;***

*f)* programm ta' hidma annwali ***bbazat fuq il-prijoritajiet stabbiliti mill-Agenzija***;

*g)* rapport annwali; *u*

*h)* prospettivi annwali dwar il-provvista ghas-sajf u ghax-xitwa.

2. Il-programm ta' hidma annwali msemmi fil-*paragrafu 1(f)* ghandu jkun fih il-lista u deskrizzjoni tal-kodicijiet ***tan-network***, kif ukoll il-pjan dwar il-koordinazzjoni tal-operat tan-network u l-attivitiajiet ta' ricerka u zvilupp, li ghandhom jitfasslu f'dik is-sena u kalendarju indikattiv.

3. Il-kodicijiet ***tan-network*** iddettaljati ghandhom ikopru l-oqsma li gejjin, skond il-prijoritajiet definiti fil-programm ta' hidma annwali:

a) regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà ***inkluzi r-regoli tal-interoperabilità u l-proceduri operattivi ghas-sitwazzjonijiet ta' emergenza***;

b) regoli dwar il-konnessjoni max-xibka u l-access;

▌

*c)* allokazzjoni ta' kapacità ***transkonfinali*** u regoli dwar l-amministrazzjoni ta' kongestjoni;

▌

*d)* regoli dwar it-trasparenza ***relatati man-network***;

*e)* regoli ta' bbilancjar ***u ta' saldu***;

▌

*f)* l-efficjenza fl-energija tan-networks tal-gass.

4. ***L-Agenzija ghandha*** *tissorvelja* l-implimentazzjoni tal-kodicijiet ***tan-network min-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass.***

5. In-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass ghandhom jippubblikaw pjan ta' investiment fuq 10 snin ghall-Ewropa kollha kull sentejn ***wara l-approvazzjoni tieghu mill-Agenzija***. Dan il-pjan ta' investiment ghandu jinkludi t-tfassil tan-network integrat, ***waqt li jittiehed kont tal-facilitajiet ta' hazna u ta' LNG,*** l-izvilupp tax-xenarji, rapport dwar is-sufficjenza ta' provvista u domanda u valutazzjoni tas-sahha tas-sistema. Il-pjan ta' investiment ghandu, b'mod partikolari, jibni fuq pjanijiet nazzjonali ta' investiment ***waqt li jittiehed kont tal-aspetti regjonali u Komunitarji tal-ippjanar tan-network, inkluz l-***Linji Gwida ghal networks tal-Energija Trans-Ewropej skond id-Decizjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-pjan ta' investiment ghandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' investiment, notevolment fir-rigward ta' kapacitajiet transkonfinali, ***u ghandu jinkludi investimenti fl-interkonnessjoni b'mod partikolari, u bhala prijorità l-konnessjonijiet bejn "gzejjer ta' energija" u networks tal-gass fil-Komunità u investimenti f'infrastruttura ohra necessarja ghall-kummercjalizzazzjoni, kompetizzjoni u sigurtà tal-provvista effettivi. Ghandha tigi annessa mal-pjan ta' investiment revizjoni tal-ostakoli ghal zieda fil-kapacità transkonfinali tan-network minn diversi proceduri jew prattiki ta' approvazzjoni.***

***L-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni ghandhom jimplimentaw il-pjan ta' investiment ippubblikat.***

6. ▌ *In*-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass***, fuq inizjattiva tieghu stess, jista' jipproponi lill-Agenzija abbozz tal-kodicijiet tan-network fi kwalunkwe qasam minbarra dawk imnizzla fil-paragrafu 3, bil-ghan li jintlahqu l-ghanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2a. L-Agenzija mbaghad ghandha tadotta l-kodicijiet tan-network skond il-procedura mnizzla fl-Artikolu 2f filwaqt li tizgura li dawk il-kodicijiet ma jmorrux kontra l-linji gwida adottati taht l-Artikolu 2e.***

Artikolu 2d

Is-sorveljanza mill-Agenzija

1. L-Agenzija ghandha tissorvelja l-ezekuzzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 2c(1) tan-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass

2. In-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass ghandu jaghti l-abbozz tal-kodicijiet ***tan-network u d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 2c(1)*** lill-Agenzija***, ghall-approvazzjoni***.

***In-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass ghandha tigbor l-informazzjoni relevanti kollha rigward l-implimentazzjoni tal-kodicijiet tan-network u tipprezentaha lill-Agenzija ghal evalwazzjoni.***

3. L-Agenzija ghandha ***tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kodicijiet teknici, il-pjan ta' investiment fuq 10 snin u*** l-programm ta' hidma annwali ***u ghandha tinkludi r-rizultati ta' dik is-sorveljanza fir-rapport annwali taghha. F'kaz ta' nuqqas ta' konformità mal-kodicijiet tan-network mill-operaturi tas-sistema tat-trazmissjoni,*** il-pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin ***jew il-programm ta' hidma annwali tan-Network Ewropew ghall-Operaturi tas-Sistema ta' Trazmissjoni tal-Gass, l-Agenzija ghandha tipprovdi informazzjoni rigward dan lill-Kummissjoni***.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 2e

*L-iżvilupp ta' linji ta' gwida*

1. *Il-Kummissjoni, wara konsultazzjonijiet mal-Aġenzija, għandha tistabbilixxi lista annwali prijoritarja li tidentifika l-kwistjonijiet ta' importanza primarja għall-iżvilupp tas-suq intern għall-gass.*

2. *Filwaqt li tikkunsidra din il-lista prijoritarja, il-Kummissjoni għandha tagħti mandat lill-Aġenzija biex tiżviluppa, f' sitt xhur, abozz ta' linji gwida li jistabbilixxu prinċipji bażiċi, ċari u oġġettivi għall-armonizzazzjoni tar-regoli, kif stabbilit fl-Artikolu 2c.*

3. *Fl-abbozzar ta' dawn il-linji ta' gwida, l-Aġenzija għandha tikkonsulta b'mod formali lin-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass u partijiet interessati oħra, b'mod miftuħ u trasparenti.*

4. *L-Aġenzija għandha tadotta abozz ta' linji gwida abbażi ta' dik il-konsultazzjoni. Hija għandha tispeċifika l-osservazzjonijiet li tkun irċeviet waqt il-konsultazzjoni u tispjega kif dawn ġew meqjusa. Għandha tagħti raġunijiet fejn ma' ttieħidx kont tal-osservazzjonijiet.*

*5. Fuq l-inizjattiva tagħha proprja jew fuq talba tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għall-istess proċedura biex taġġorna l-linji gwida.*

*Artikolu 2f*

*L-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-networks*

*1. Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-linji ta' gwida mill-Aġenzija u skond l-Artikolu 2e, il-Kummissjoni għandha tobbliga lin-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass biex jiżviluppaw abbozz ta' kodiċijiet tan-networks f'konformità sħiħa mal-prinċipji stabbiliti fil-linji ta' gwida.*

*2. Fl-abbozzar ta' dawn il-kodiċijiet, in-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jqis il-kompetenza teknika tal-parteċipanti tas-suq u tal-utenti tan-network u għandu jżommhom infurmati bil-progress.*

*3. In-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jippreżenta l-abbozzi tal-kodiċijiet lill-Aġenzija.*

*4. L-Aġenzija għandha tmexxi konsultazzjoni formali rigward l-abbozzi tal-kodiċijiet tan-networks b'mod miftuħ u trasparenti.*

*5. L-Aġenzija għandha tadotta l-abozzi tal-kodiċijiet tan-networks fuq il-bażi ta' din il-konsultazzjoni… Hija għandha tispeċifika l-osservazzjonijiet li tkun irċeviet waqt il-konsultazzjoni u tispjega kif dawn ġew meqjusa. Għandha tagħti raġunijiet fejn ma' ttieħidx kont tal-osservazzjonijiet.*

*6. Fuq l-inizjattiva proprja tal-Aġenzija jew fuq talba tan-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass, tista' ssir reviżjoni tal-kodiċijiet eżistenti bl-istess proċedura.*

*7. Il-Kummissjoni tista', fuq rakkomandazzjoni tal-Aġenzija, tressaq il-kodiċijiet tan-networks lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14(1) għall-adozzjoni finali b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*Artikolu 2g*

Konsultazzjonijiet

1. Fil-qadi tad-dmirijiet ***tagħha***, ***l-Aġenzija għandha***, *tikkonsulta* ***formalment*** b'mod miftuħ u trasparenti ▌ lill-parteċipanti kollha fis-suq. Il-konsultazzjoni għandha tinkludi l-impriżi ta' forniment, il-klijenti, l-utenti tas-sistema, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-operaturi tas-sistema LNG u l-operaturi tas-sistema tal-ħażna, inkluż assoċjazzjonijiet (industrijali) rilevanti, entitajiet tekniċi u pjattaformi tal-partijiet interessati.

2. Id-dokumenti kollha u l-minuti tal-laqgħat relatati mas-suġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru pubbliċi.

3. Qabel ma jiġu adottati l-***linji gwida u l-kodiċijiet tan-network, l-Aġenzija għandha*** *tindika* l-osservazzjonijiet li *tkun rċeviet* waqt il-konsultazzjoni u kif dawn l-osservazzjonijiet *ikunu* tqiesu. ***Għandha tagħti raġunijiet fejn ma' ttieħidx kont tal-osservazzjonijiet.***

4. In-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jikkopera mal-parteċipanti fis-suq u mal-utenti tan-network skond l-Artikolu 2f(2).

*Artikolu 2h*

Spejjeż

L-ispejjeż relatati mal-attivitajiet tan-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass msemmi fl-Artikoli 2a sa *2i għandhom ikunu akkarigu tal-* operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-tariffi.

*Artikolu 2i*

Kooperazzjoni reġjonali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni reġjonali fi ħdan in-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass sabiex din tikkontribwixxi għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2c(1). B'mod partikolari, għandhom jippubblikaw pjan ta' investiment reġjonali kull sentejn, u għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment ibbażati fuq il-pjan ta' investiment reġjonali.

Il-pjan ta' investiment reġjonali ma jistax jmur kontra l-pjan ta' investiment fuq 10 snin imsemmi fl-Artikolu 2c(1)(c).

2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jippromwovu arranġamenti ta' operat biex jiżguraw ġestjoni ottima tan-network u jippromwovu l-iżvilupp ta' boroż fl-enerġija, l-allokazzjoni ***koordinata*** ta' kapaċità transkonfinali ***u l-kompatibilità*** ta' mekkaniżmi ta' bilanċ ***transkonfinali***.

3. ***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra għandhom jikkoperaw fil-livelli kollha għall-iskop li jiġi armonizzat it-tfassil tas-suq u jiġu integrati s-swieq nazzjonali tagħhom mill-inqas f'livell wieħed reġjonali jew iktar, bħala l-ewwel pass intermedju lejn suq intern liberalizzatkompletament. B'mod partikolari, huma għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni tal-operaturi tan-network tat-trażmissjoni fil-livell reġjonali u jiffaċilitaw l-integrazzjoni reġjonali tagħhom bil-għan li jinħoloq suqintern, li jiffaċilita l-armonizzazzjoni tal-oqfsa regolatorji u tekniċi tagħhom u, b'mod partikolari, jintegra "gżejjer tal-gass" persistenti.***

(*) *ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1.*"

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

4) ‖ Artikolu 3(1) *ghandu jigi emendat kif gej*:

*a) is-subparagrafu 1 ghandu jigi sostitwit b'dan li gej:*

"***1. Tariffi jew metodologiji uzati ghall-kalkolu taghhom, applikati minn operaturi tas-sistema tat-trazmissjoni u mill-operaturi tas-sistema LNG u approvati mill-awtoritajiet regolatorji skond l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2003/55/KE, kif ukoll tariffi ppubblikati skond l-Artikolu 18 (1) ta' dik id-Direttiva, ghandhom ikunu trasparenti, ghandhom iqisu l-bzonn ghall-integrità tas-sistema u ghat-titjib taghha u jirriflettu l-ispejjez reali li jkunu ntefqu, sakemm l-ispejjez ikunu jikkorrispondu ghal dawk ta' operatur tan-network efficjenti u li jkun komparabbli strutturalment u jkunu trasparenti, filwaqt li jkunu jinkludu ritorn adegwat fuq l-investimenti […]. It-tariffi jew il-metodologiji uzati ghall-kalkolu taghhom ghandhom ikunu applikati b'mod mhux diskriminatorju.***";

*b) is-subparagrafu 3 ghandu jigi sostitwit b'dan li gej:*

"***It-tariffi, jew il-metodologiji uzati ghall-kalkolu taghhom, ghandhom jiffacilitaw kummerc ta' gass efficjenti kif ukoll il-kompetizzjoni, filwaqt li jevitaw l-irduppjar ta' sussidji bejn l-utenti tan-network u jipprovdu incentivi ghal investiment u jzommu jew joholqu interoperabilità ghan-networks ta' trazmissjoni. Dan jista' jinvolvi trattament regolatorju specjali ghal investimenti godda;***"

*c) is-subparagrafi li gejjin ghandhom jizdiedu*:

"It-tariffi ghall-utenti tan-network ghandhom jigu stabbiliti b'mod separat, u indipendentement minn kull punt ta' dhul jew ta' hrug tas-sistema ta' trazmissjoni. It-tariffi tan-network ma ghandhomx jigu kkalkolati abbazi tal-linji kuntrattwali. ***L-access ghan-network ghandu jkun miftuh ghal partecipanti godda fuq bazi li ma tkunx diskriminatorja.***

***It-tariffi jew il-metodologiji uzati ghall-kalkolu taghhom ghandhom jigu applikati b'mod mhux diskriminatorju u ghandhom ikunu trasparenti.***;"

(5) It-titlu tal-Artikolu 4 ghandu jigi sostitwit b'dan li gej:

**"Access ghal partijiet terzi fir-rigward tal-operaturi tas-sistemi ta' trazmissjoni;"**

(6) L-Artikolu *li gej ghandu* jiddahhal *wara l-Artikolu* 4:

"Artikolu 4a

Servizzi ta' Access ghal Partijiet Terzi fir-rigward ta' facilitajiet ta' hazna u LNG

1. L-operaturi tas-sistemi ta' LNG u ta' hazna ghandhom:

a) jizguraw li joffru servizzi fuq bazi mhux diskriminatorja lill-utenti kollha tan-network li jilqghu d-domanda tas-suq. B'mod partikolari, fejn operatur tas-sistema ta' LNG jew ta' hazna joffri l-istess servizz lil klijenti differenti ***b'mod simultanju***, ghandu jaghmel dan taht termini u kundizzjonijiet kuntrattwali ndaqs;

b) joffru servizzi li huma kompatibbli mal-uzu tas-sistemi interkonnessi ta' trasportazzjoni tal-gass, u ghandhom jiffacilitaw l-access ‖billi jikkooperaw mal-operatur tas-sistema ta' trazmissjoni;

c) jaghmlu pubbliku kull taghrif rilevanti, b'mod partikulari data fuq l-uzu u d-disponibbiltà tas-servizzi, fi zmien kompatibbli mal-bzonnijiet kummercjali ragonevoli tal-utenti tal-facilità ta' hazna jew LNG***, bil-kondizzjoni li dawn il-pubblikazzjonijiet jigu sorveljati mill-awtorità kompetenti***.

2. L-operaturi tas-sistema ta' hazna ghandhom:

a) jipprovdu servizzi ta' access ghal partijiet terzi li jkunu sodi u minghajr interruzzjoni; il-prezz tal-kapacità li tista' tigi interrotta ghandu jirrifletti l-probabbiltà ta' interuzzjoni;

b) joffru lill-utenti tal-facilità ta' hazna servizzi kemm fuq medda twila kif ukoll fuq medda qasira;

c) joffru lill-utenti tal-facilità ta' hazna servizzi ta' spazju ghall-hazna, injettabbiltà u kapacità ta' twassil, kemm isseparati (unbundled) kif ukoll mhux isseparati (bundled).

3. Il-kuntratti ta' facilità ta' LNG u ta' ħażna fil-każijiet fejn jiġu ffirmati ma għandhomx iwasslu għal tariffi li jkunu ogħla arbitrarjament.

a) barra minn sena tal-gass naturali b'dati inizjali mhux standard; jew

b) ta' tul iqsar minn dak ta' kuntratt standard ta' trasportazzjoni u ħażna fuq bażi annwali.

4. Fejn xieraq, il-provvediment ta' servizzi ta' access għal partijiet terzi jista' jingħata soġġett għal garanziji xierqa mingħand l-utenti tan-network fir-rigward tal-kredibbiltà ta' kreditu tagħhom. Dawn il-garanziji ma għandhomx ikunu ta' xkiel mhux iġġustifikat għad-dħul fis-suq u għandhom ikunu mhux diskriminatorji, trasparenti u proporzjonali.

5. Il-limiti kuntrattwali fuq id-daqs minimu obbligatorju tal-kapaċità tal-faċilità ta' LNG u dik ta' ħażna għandhom ikunu ġġustifikati abbażi ta' restrizzjonijiet tekniċi, u għandhom jippermettu lill-utenti iżgħar tal-ħażna li jagħmlu aċċess għas-servizzi ta' ħażna."

(7) L-Artikolu 5 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

(a) it-titlu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Prinċipji tal-mekkaniżmi ta' allokazzjoni ta' kapaċità u proċeduri għall-amministrazzjoni ta' konġestjoni li jikkonċernaw l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni"**

***(b) Il-paragrafu 2(a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

"***a) jipprovdi sinjali ekonomiċi adegwati għal użu effiċjenti u massimu tal-kapaċità teknika, jiffaċilita l-investimenti f'infrastruttura ġdida u jiffaċilita kummerċ transkonfinali fil-gass.;***"

*(c)* Il-paragrafu 3 *għandu jiġi* sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw u jippubblikaw proċeduri ta' amministrazzjoni ta' konġestjoni *mhux diskriminatorji u trasparenti* li ***jiffaċilitaw kummerċ bejn il-fruntieri tal-gass fuq bażi mhux diskriminatorja u skond il-prinċipji tal-kompetizzjoni ħielsa.***

***Biex tiġi evitata*** konġestjoni kuntrattwali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu joffri l-kapaċità mhux użata fuq is-suq primarju talanqas ġurnata bil-quddiem, ***sakemm din ma tfixkilx l-implimentazzjoni tal-kuntratti tal-provvista fuq tul ta' żmien twil.***"

*(d)* Il-paragrafu 4 *għandu jiġi mħassar*;

*(e)* Il-paragrafu *li ġejjien għandhom jiġu miżjuda*:

"6. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom b'mod regolari jivvaltaw id-domanda fis-suq għal investiment ġdid. Meta jippjanaw l-investimenti ġodda, l-operaturi tas-sistema ta' traż-missjoni għandhom jivvalutaw id-domanda fis-suq ***u jqisu s-sigurtà tal-kriterji ta' provvista***.

***7. F'każ ta' konġestjoni fiżika fuq medda twila ta' żmien, l-operaturi tas-sistema ta' traż-missjoni għandhom itaffu l-konġestjoni permezz ta' żieda ta' kapaċitajiet ġodda skond id-domanda fis-suq. Sabiex tiġi evalwata d-domanda fis-suq, l-operaturi tas-sistema ta' trażmiss-joni għandhom iwettqu proċeduri 'open-season'.***

***8. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jissorveljaw il-ġestjoni tal-konġestjoni fi ħdan sistemi u interkonnetturi nazzjonali tal-gass.***

***L-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom iressqu l-proċeduri ta' ġestjoni tal-konġest-joni, inkluża l-allokazzjoni tal-kapaċità, għal approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjo-nali. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jirrikjedu li jsiru emendi li dawk il-proċeduri qabel ma japprovawhom.***"

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(8) L-Artikolu *li gej ghandu* jiddahhal *wara l-Artikolu 5*:

"Artikolu 5a

Principji tal-mekkanizmi ta' allokazzjoni ta' Kapacità u proceduri ghall-amministazzjoni ta' kongestjoni fir-rigward ta' facilitajiet ta' hazna u ta' LNG

1. Il-kapacità massima tal-facilità ta' hazna u ta' LNG ghandha titqieghed ghad-dispozizzjoni ta' kull min ghandu sehem fis-suq, b'*kont mehud ta' l* -integrità u *tal*-operat tas-sistema.

2. L-operaturi tas-sistema ta' LNG u ta' hazna ghandhom jimplimentaw u jippubblikaw mekkanizmi ta' allokazzjoni ta' kapacità mhux diskriminatorji u trasparenti, li ghandhom:

a) jipprovdu sinjali ekonomici xieraq ghall-uzu efficjenti u massimu tal-kapacità, u jiffacilitaw l-investiment f'infrastruttura gdida;

b) ikunu kompatibbli mal-mekkanizmu tas-suq, inkluzi s-swieq ta' forniment immedjat u c-centri tal-kummerc, filwaqt li jkunu flessibbli u kapaci li jaddattaw ruhhom ghall-evoluzzjoni tac-cirkustanzi fis-suq;

c) ikunu kompattibli mas-sistemi konnessi ta' access ghan-network.

3. Il-kuntratti tal-facilitajiet LNG u ta' hazna ghandhom jinkludu mizuri biex jipprevjenu l-akkaparrar tal-kapacità, b'qies ghall-principji li gejjin, li ghandhom japplikaw f'kazijiet ta' kongestjoni kuntrattwali:

a) l-operatur tas-sistema ghandu joffri kapacità mhux uzata ta' facilitajiet LNG u ta' hazna fuq is-suq primarju. Ghall-facilitajiet ta' hazna, din l-offerta ghandha ssir talanqas gurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;

b) l-utenti tal-facilità LNG u ta' hazna li jixtiequ jbieghu mill-gdid il-kapacità taghhom miftiehma b'kuntratt fuq is-suq sekondarju ghandu jkollhom id-dritt li jaghmlu dan.

***Dawn il-mizuri ghandhom jiehdu kont ta'l-integrità tas-sistema kkoncernata u kif ukoll is-sigurtà tal-provvista.***"

(9) L-Artikolu 6 *ghandu jigi* emendat kif gej:

a) it-titlu ghandu jigi sostitwit b'dan li gej:

**"Ir-rekwiziti tat-trasparenza li jikkoncernaw l-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni"**

b) il-paragrafu 5 jithassar;

c) il-paragrafu li gej ghandu jizdied:

"L-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni ghandhom jaghmlu pubbliku taghrif fuq il-provvista u d-domanda ex-ante u ex-post, imsejjes fuq nominazzonijiet, tbassiriet u l-flussi li jkunu saru ta' dhul u hrug mis-sistema. Il-livell ta' dettall tat-taghrif li jitqieghed ghad-dispozizzjoni tal-pubbliku ghandu jirrifletti t-taghrif disponibbli ghall-operatur tas-sistema ta' trazmissjoni. ***L-awtorità kompetenti ghandha tizgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni kollha mehtiega.***

L-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni ghandhom ***jinfurmaw lill-awtorità regolatorja nazzjonali, fuq talba ta' din, dwar*** il-mizuri li jkunu ttiehdu, kif ukoll l-ispejjez imgarrba u d-dhul iggenerat, ghall-ibbilancjar tas-sistema.

Il-partecipanti ikkoncernati fis-suq ghandhom jaghtu lill-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni d-data msemmija f'dan l-Artikolu."

(10) L-Artikoli *li ġejjien għandhom* jiddaħħlu *wara l-Artikolu 6*:

"Artikolu 6a

Rekwiżiti ta' trasparenza rigward il-faċilitajiet ta' ħażna u l-faċilitajiet LNG

1. L-operaturi tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jagħmlu pubbliku tagħrif iddettaljat dwar is-servizzi li joffru u l-kundizzjonijiet rilevanti applikati, flimkien mal-informazzjoni teknika meħtieġa biex l-utenti tal-faċilitajiet LNG u ta' ħażna jiksbu access effettiv għall-faċilitajiet LNG u ta' ħażna.

2. Għas-servizzi pprovduti, kull operatur tas-sistema LNG u ta' ħażna għandu jagħmel pubbliku tagħrif dwar il-kapaċitajiet miftiehma b'kuntratt u disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u LNG, b'mod numeriku, regolari u kontinwu, kif ukoll b'mod standard u ta' użu faċli. ***L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni kollha meħtieġa.***

3. L-operaturi tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jiżvelaw t-tagħrif mitlub minn dan ir-Regolament b'mod li jagħmel sens, kwantifikabbli *faċilment* u ta' aċċess faċli, kif ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.

4. L-operaturi kollha tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jagħmlu pubbliku l-ammont ta' gass li hemm f'kull faċilità ta' ħażna***, jew grupp ta' faċilitajiet ta' ħażna fl-istess żona ta' bilanċ***, jew ta' LNG, il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ, kif ukoll il-kapaċitajiet disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u ta' LNG, inklużi għal dawk il-faċilitajiet li huma eżentati mill-aċċess għal partijiet terzi. Dan it-tagħrif għandu jiġi kkomunikat ukoll lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, li għandu jagħmel pubbliku fuq bażi aggregata għal kull sistema jew subsistema ddefinita mill-punti rilevanti. It-tagħrif għandu jiġi aġġornat talanqas darba kuljum.

***5. Sabiex jiġu żgurati tariffi trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji u jiġi faċilitat użu effiċjenti tal-infrastrutturi, l-LNG u l-operaturi tal-faċilità tal-ħażna jew l-awtoritajiet regolatorji relevanti għandhom jippubblikaw informazzjoni raġonevoli u dettaljata biżżejjed dwar minn fejn ikunu ġew it-tariffi, dwar il-metodoloġiji u l-istruttura tat-tariffi għal infrastruttura taħt access regolat għal partijiet terzi. L-LNG u l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom iressqu l-proceduri ta' ġestjoni tal-konġestjoni, inkluża l-allokazzjoni tal-kapaċità, għal approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jirrikjedu li jsiru emendi li dawk il-proceduri qabel ma japprovawhom.***

***6. Meta operatur tas-sistema LNG jew ta' faċilità ta' ħażna iqis li, għal raġunijiet ta' privatezza, wieħed ma jistax jippubblika data rikjesta, wieħed għandu jfittex awtorizzazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali biex il-pubblikazzjoni tkun limitata fir-rigward tal-punt jew punti kkonċernati.***

***L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni skond il-każ, billi tieħu kont b'mod partikolari tal-bżonn li tiġi rispettata l-privatezza kummerċjali leġittima u l-għan li jinħoloq suq intern kompetittiv għall-gass. Jekk l-awtorizzazzjoni tingħata, ħażna disponibbli u/jew il-kapaċità għall-faċilità tas-sistema LNG għandhom jiġu ppubblikati mingħajr indikazzjoni tad-data numerika li tmur kontra l-privatezza.***

Artikolu 6b

Iż-żamma tar-rekords għal operaturi tas-sistema

L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistema tal-ħażna u l-operaturi tas-sistema LNG għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali u tal-Kummissjoni t-tagħrif kollhu msemmi fl-Artikoli 6 u 6a, u fil-parti 3 tal-Anness għal ħames snin."

(11) L-Artikolu 7 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) is-sentenza li ġejja tiżdied fl-aħħar tal-paragrafu 1:

"Ir-regoli għall-ibbilanċjar għandhom ikunu bbażati fuq is-suq."

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sabiex l-utenti tan-network ikunu jistgħu jieħdu azzjoni korrettiva fil-ħin, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu fil-ħin xieraq it-tagħrif dwar l-istatus ta' bbilanċjar tal-utenti tan-network li jkun biżżejjed, affidabbli u disponibbli onlajn.

It-tagħrif ipprovdu għandu jirrifletti l-livell ta' informazzjoni disponibbli għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u l-perjodu ta' żmien għall-issettiljar li għalih jiġu kkalkolati l-ħlasijiet għall-iżbilanċ.L-ebda ħlas għandu jsir għad-disponibbiltà ta' tali tagħrif."

(c) il-paragrafi 4, 5 u 6 jitħassru;

(12) Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Il-kummerċ ta' drittijiet ta' kapaċità

Kull operatur tas-sistema ta' ħażna jew ta' LNG għandu jieħu passi raġonevoli biex id-drittijiet ta' kapaċità jkunu negozjabbli b'mod ħieles, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ. ***Il-kummerċ għandu jsir soġġett għall-prinċipji tat-trasparenza u tan-non-diskriminazzjoni.*** Kull operatur għandu jiżviluppa kuntratti u proċeduri armonizzati dwar it-trasportazzjoni, il-faċilitajiet LNG u l-faċilitajiet ta' ħażna fis-suq primarju, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ sekondarju ta' kapaċità, u sabiex jiġi rikonoxxut it-trasferiment ta' drittijiet ta' kapaċità primarji fejn innotifikat mill-utenti tas-sistema.

Il-kuntratti u l-proċeduri armonizzati dwar it-trasportazzjoni, il-faċilitajiet LNG u l-faċilitatijet ta' ħażna għandhom ikunu nnotifikati lill-awtoritajiet regolatorji."

(13) L-Artikolu *li ġej għandu* jiddaħħal *wara l-Artikolu* 8:

"Artikolu 8a

Swieq bl-imnut

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq ***effettivi,*** li jiffunzjonaw tajjeb**,** u li jkunu trasparenti fuq skala reġjonali kif ukoll Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu definiti ***fid-dettall l-****irwoli* u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, tal-impriżi ta' forniment u l-klijenti kif ukoll, jekk meħtieġ, tal-partijiet oħrajn fis-suq, fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenn lejn il-klijenti, regoli dwar l-iskambju u l-issettiljar tad-data, il-proprjetà tad-data u r-responsabbiltà dwar il-metraġġ.

Dawn ir-regoli għandhom isiru pubbliċi ▌, u għandhom jiġu soġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji."

(14) *L*-Artikolu 9, *għandu jiġi* sostitwiti b'*dan* li *ġej*:

"***Artikolu 9***

***Linji gwida dwar servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi***

1. Fejn xieraq, ***il-Kummissjoni tista' tadotta*** linji gwida li jipprovdu l-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġa għall-ksib tal-għan ta' dan ir-Regolament**,** ***li*** għandhom jispeċifikaw dettalji dwar is-servizzzi tal-aċċess għal partijiet terzi inkluż il-karattru, it-tul taż-żmein u rekwiżiti oħra ta' dawn is-servizzi, skond l-Artikolu 4 u 4a.

▌

2. *Il*-linji gwida dwar ***l-aċċess għal partijiet terzi msemmi*** fil-paragrafi **1** fir-rigward tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni huma stipulati fl-Anness.

***3. L-applikazzjoni u l-emenda tal-linji gwida dwar l-access għal partijiet terzi adottati skond dan l-Artikolu għandhom jirriflettu d-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali tal-gass, u m'għandhomx għalhekk jirrikjedu termini dettaljati uniformi ta' access għal partijiet terzi fil-livell Komunitarju. Huma madankollu jistgħu jiffissaw rekwiziti minimi li għandhom jigu sodisfatti sabiex jintlaħqu kondizzjonijiet ta' access għan-network mhux diskriminatorji u trasparenti li huma necessarji għal suq intern tal-gass, li mbagħad jistgħu jigu applikati fid-dawl tad-differenzi bejn is-sistema nazzjonali tal-gass.*;"**

***(15) L-Artikolu 13 (1) għandu jinbidel b'li gej:***

"***1. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali stabbiliti taħt l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/55/KE ikollhom il-kompetenza li jizguraw il-konformità effettiva ma' dan ir-Regolament billi dawn jingħataw is-setgħa, fir-rigward ta' kwalunkwe ksur singolu, kemm li jimponu sanzjonijiet effettivi, disswazivi u proporzjonati, li jammontaw għal massimu ta' 10 % tal-qligħ annwali tal-operatur tas-sistema fis-suq intern tiegħu jew inkella li jirrevokaw il-licenzja tal-operatur. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan sa l-1 ta' Jannar 2010 u għandhom jinfurmawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.***"

*(16) L-Artikolu 14(2) għandu jigi* sostitwit b'dan li gej:

"2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Decizjoni 1999/468/KE, filwaqt li jigu kkunsidrati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha."

*(17) L-Artikolu 16(b) għandu jigi* sostitwit b'dan li gej:

"b) interkonnetturi bejn l-Istati Membri, il-facilitajiet LNG u l-facilitajiet ta' ħazna u zidiet sinifikanti fil-kapacità tal-infrastrutturi ezistenti kif ukoll modifiki fit-tali infrastrutturi li jippermettu l-izvilupp ta' sorsijiet godda ta' forniment tal-gass kif imsemmi fl-Artikolu 22(1) u (2) tad-Direttiva 2003/55/KE li huma ezenti mid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 7, 18, 19, 20 jew 25(2), (3) u (4) ta' dik id-Direttiva sakemm gew ezentati mid-dispozizzjonijiet imsemmija f'dan is-subparagrafu, minbarra l-Artikolu 6a(4) ta' dan ir-Regolament; jew"

*(18)* L-Anness *għandu jigi* emendat kif gej:

(a) It-titlu tal-punt 1 għandu jigi sostitwit b'dan li gej:

"Access ta' servizzi għal partijiet terzi li jikkoncernaw l-operaturi tas-sistemi ta' trazmissjoni"

(b) It-titlu tal-punt 2 għandu jigi sostitwit b'dan li gej:

"Principji tal-mekkanizmi ta' allokazzjoni ta' kapacità u proceduri għall-amministrazzjoni ta' kongestjoni li jikkoncernaw l-operaturi tas-sistema ta' trazmissjoni u l-applikazzjoni tagħhom f'kaz ta' kongestjoni kuntrattwali ‖"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Suq intern fil-gass naturali ***I

P6_TA(2008)0347

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (COM(2007)0529 — C6-0317/2007 — 2007/0196(COD))**

(2009/C 294 E/48)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0529),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2), 47(2), 55 u 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0317/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0257/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## P6_TC1-COD(2007)0196

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ‖,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu *skond il*-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

(1) *ĠU C 211, 19.8.2008, p. 23.*
(2) *ĠU C 172, 5.7.2008, p. 55 .*
(3) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Billi:

(1) Is-suq intern tal-gass naturali, li ilu jiġi implimentat progressivament madwar il-Komunità mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha *fl-Unjoni Ewropea*, kemm jekk huma ċittadini u kemm *jekk huma* negozji, kif ukoll opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' aktar kummerċ transkonfinali, sabiex jinkisbu gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards ogħla ta' servizz, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà.

(2) Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali ‖ ([1]) għamlet kontribut sinifikanti lejn il-ħolqien ta' suq intern tal-gass.

(3) ‖ Id-dritt ta' bejgħ ta' gass fi kwalunkwe Stat Membru bl-istess *kondizzjonijiet* u mingħajr diskriminazzjoni jew żvantaġġi ma jistax, madankollu, jiġi bħalissa ggarantit ***lill-kumpaniji kollha fl-Istati Membri kollha***. B'mod partikolari, *għadhom* ma jeżistux aċċess mhux diskriminatorju għan-*network* u livell ugwalment effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, peress li l-qafas ġuridiku *huwa insuffiċenti*.

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" enfasizzat l-importanza li jitlesta s-suq intern tal-gass naturali, kif ukoll li jinħoloq ambjent ekwu għall-*impriżi* kollha tal-gass *naturali* stabbiliti fil-Komunità. Il-*Komunikazzjonijiet tal-Kummisjoni tal-istess* data, dwar il-prospetti għall-Suq Intern tal-*gass u tal-elettriku* u r-Rapport finali *tagħha rigward Inkjesta Settarjali skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-swieq tal-gass u l-elettriku* wrew li r-regoli u l-miżuri preżenti ma jipprovdux il-qafas meħtieġ biex jinkiseb l-għan ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.

(5) Mingħajr separazzjoni effettiva tan-networks minn attivitajiet ta' produzzjoni u forniment, hemm ir-riskju inerenti ta' diskriminazzjoni mhux biss fl-operat tan-network iżda wkoll fl-inċentivi għal kumpaniji integrati vertikalment biex jinvestu b'mod adegwat fin-networks tagħhom.

***(6) L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-koperazzjoni u l-monitoraġġ tal-effettività tan-network fuq livell reġjonali. Bosta Stati Membri diġà ressqu proposta li tissodisfa dan l-objettiv.***

*(7)* Ir-regoli dwar is-separazzjoni (unbundling) legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ ***għadhom*** ma wasslux għas-separazzjoni effettiva tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni ***f'kull Stat Membru, parzjalment minħabba l-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-Komunità għadha ma ġietx implimentata b'mod sħiħ.*** Fil-laqgħa tiegħu fi Brussell, fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposti leġiżlattivi għas-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet ta' forniment u produzzjoni mill-operazzjonijiet tan-network.

*(8)* Huwa biss bit-tneħħija tal-inċentiv inerenti tal-kumpaniji integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra kompetituri fir-rigward tal-aċċess għan-network u l-investiment li tista' tiġi żgurata separazzjoni effettiva. Il-proċess tas-separazzjoni tas-sjieda, jiġifieri *l-ħatra tal*-proprjetarju tan-network bħala l-operatur tan-network u *l-indipendenza tal-operatur tan*-network minn kwalunkwe interess ta' forniment u produzzjoni, huwa biċ-ċar l-aktar mod effettiv u stabbli biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt ta' interess inerenti u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu *tal-10 ta' Lulju 2007 dwar il-prospetti* għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku ([2]) ‖ rrefera għas-separazzjoni tas-sjieda fil-livell tat-trażmizzjoni bħala l-aktar għodda effettiva *għall-promozzjoni ta'* l-investiment *mhux diskriminatorji* fl-infrastrutturi ‖ , l-aċċess ġust għan-network għall-kompetituri ġodda u t-trasparenza fis-suq. L-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu obbligati jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkollhomx id-dritt li jeżerċitaw il-kontroll, inkluż permezz ta' drittijiet ta' mblokk tal-minoranzi fuq deċiżjonijiet ta' importanza strateġika bħal investimenti, fuq impriża ta' produzzjoni jew forniment, u li fl-istess ħin ikollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew f'sistema ta' trażmissjoni. Min-naħa l-oħra, il-kontroll fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jeskludi l-possibbiltà li l-istess persuna jew persuni jkollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt f'impriża ta' forniment.

([1]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.
([2]) *ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 206.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(9) ***Kwalunkwe sistema għas-separazzjoni għandha tkun effettiva fit-tneħħija ta' kwalunkwe kunflitt ta' interessi bejn produtturi u operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, sabiex jinħolqu inċentivi għall-investimenti meħtieġa u jkun garantit aċċess ta' partijiet ġodda fis-suq taħt skema regolatorja effiċjenti u trasparenti li ma għandhiex toħloq skema regolatorja tqila jew ingombranti għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li tkun diffiċli u tiswa ħafna flus biex titwettaq.***

(10) ***Il-gass huwa primarjament u dejjem iżjed impurtat fl-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi. Il-liġi tal-Komunità għandha għalhekk tieħu kont tal-integrazzjoni speċifika tas-settur tal-gass fis-suq dinji, inklużi d-differenzi fis-swieq upstream u downstream.***

(11) *Minħabba* li s-separazzjoni tas-sjieda tesiġi, f'ċerti każijiet, ir-ristrutturar tal-impriżi, l-Istati Membri ***li jiddeċiedu li jimplimentaw separazzjoni tas-sjieda*** *għandhom* jingħataw aktar żmien biex *japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti*. Fid-dawl tar-rabtiet vertikali bejn is-setturi tal-elettriku u tal-gass, id-dispożizzjonijiet tas-separazzjoni *ta' sjieda għandhom* japplikaw, *ukoll*, fiż-żewġ setturi ‖.

(12) ***Dawk l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu hekk jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mas-separazzjoni effettiva u effiċjenti tas-sistemi ta' trażmissjoni u operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni. Din is-separazzjoni tibqa effettiva sa fejn tiżgura l-indipendenza tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u hija effiċjenti sa fejn tipprovdi qafas regolatorju iktar xieraq sabiex jiggarantixxi kompetizzjoni ġusta, investiment biżżejjed, aċċess għal impriżi ġodda fis-suq u l-integrazzjoni ta' swieq tal-gass. Din is-separazzjoni hija, barra minn hekk, ibbażata fuq pilastru ta' miżuri ta' organizzazzjoni u miżuri li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u fuq pilastru ta' miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' investiment, li jgħaqqdu kapaċitajiet ġodda ta' produzzjoni man-network u l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' koperazzjoni reġjunali, u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007.***

(13) ***Stati Membri għandhom jippromwovu koperazzjoni reġjonali, bil-possibilità ta' ħatra ta' koordinatur reġjonali inkarigat mill-iffaċilitar ta' djalogu bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Barra minn hekk, impriżi ġodda ta' produzzjoni u provvista għandhom ikunu konnessi man-network b'mod effettiv meta dan ikun xieraq.***

(14) ***Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tgħin lil dawk l-Istati Membri li jkollhom problemi biha.***

(15) ***L-għan ta' network Ewropew ta' enerġija integrat huwa essenzjali għas-sigurtà tal-provvista u għal suq intern tal-gas li jiffunzjona sew. Il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' dawk involuti (b'mod partikolari l-operaturi tat-trażmissjoni tas-sistema u l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tal-Regolaturi tal-Enerġija (l-Aġenzija) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li jistabbilixxi l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tal-Regolaturi tal-Enerġija*** (1)***) għandha għalhekk tevalwa kemm huwa possibbli li jinħoloq operatur wieħed għas-sistema ta' trażmissjoni Ewropea u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji fir-rigward tal-integrazzjoni tas-suq kif ukoll l-operazzjoni effettiva u sigura tan-network tat-trażmissjoni.***

(16) Biex tiġi żgurata indipendenza sħiħa tal-operat tan-network mill-interessi tal-forniment u tal-produzzjoni u għall-prevenzjoni tal-iskambju ta' kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali, l-istess persuna ma għandhiex tkun membru tal-bordijiet ta' ġestjoni kemm ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni kif ukoll impriża li għandha kwalunkwe funzjoni oħra ta' produzzjoni jew forniment. Għall-istess raġuni, l-istess persuna ma għandhiex tkun intitolata taħtar membri tal-bordijiet ta' ġestjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni u li jkollha kwalunkwe interess f'impriża tal-forniment.

(17) L-istabbiliment ta' operaturi tas-sistema *ta' trażmissjoni* li jkunu indipendenti mill-interessi ta' forniment u ta' produzzjoni għandu jippermetti lill-kumpaniji integrati vertikalment iżommu l-proprjetà tagħhom ta' assi tan-network, filwaqt li jiżgura separazzjoni effettiva tal-interessi *kemm-il darba* l-operatur indipendenti tas-sistema *ta' trażmissjoni* jwettaq il-funzjonijiet kollha ta' operatur tan-network, ***jew implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tas-separazzjoni,*** u sakemm jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' regolazzjoni u mekkaniżmi estensivi ta' kontroll regolatorju.

---
(1) **ĠU L ….**

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(18)* Meta l-impriża li tkun proprjetarja ta' sistema tat-trażmissjoni tkun parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom għalhekk jingħataw l-għażla bejn ***żewġ għażliet***: is-separazzjoni tas-sjieda *jew* ***il-ħolqien ta' operatur*** tas-sistema *ta' trażmissjoni* ***ndipendenti jew is-separazzjoni effettiva u effiċjenti.***

***(19) Sabiex tiżviluppa kompetizzjoni fis-suq intern tal-gass, konsumaturi mhux domestiċi għandu jkollhom il-possibilità li jagħżlu l-fornituri tagħhom kif ukoll li jkollhom kuntratt ma' bosta fornituri għall-ħtiġijiet tal-gass tagħhom. Dawn il-konsumaturi għandhom ikunu mħarsa kontra klawsoli esklussivi f'kuntratti li l-effett tagħhom huwa li jeskludu offerti komplimentari u/jew kompetittivi.***

*(20)* L-implimentazzjoni ta' separazzjoni effettiva għandha tirrispetta l-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat. Għal dan il-għan, l-istess persuna ma għandhiex tkun tista' teżerċita influwenza, weħidha jew b'mod konġunt, fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjoni tal-organi kemm tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll tal-impriżi tal-forniment. ▌

*(21)* Għandha tiġi applikata separazzjoni ▌ bejn l-attivitajiet ta' network u ta' forniment madwar *il-Komunità. Din għandha tapplika ugwalment* għall-*impriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea* kif ukoll *f' pajjiżi terzi.* Biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tan-*network* jinżammu separati madwar il-Komunità, l-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandu jkollhom is-setgħa li jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni lil operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni li ma jikkonformawx mar-regoli ta' separazzjoni. Biex jiġu assigurati l-applikazzjoni konsistenti madwar il-Komunità u r-rispett tal-obbligi internazzjonali tal-Komunità, ***l-Aġenzija*** ‖ għandu jkollha d-dritt li tirrevedi d-deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni min-naħa tal-awtoritjiaet regolatorji.

*(22)* Il-ħarsien tal-provvista tal-enerġija hija element essenzjali tas-sigurtà pubblika u għalhekk huwa konness b'mod inerenti mal-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-gass. L-użu tan-network huwa essenzjali biex il-gass jasal għand iċ-ċittadini tal-*Unjoni.* Swieq tal-gass li jaħdmu, u b'mod partikolari n-networks u l-assi l-oħra assoċjati mal-provvista tal-gass ***u mal-integrazzjoni tas-swieq iżolati tal-Istati Membri***, L-użu tan-network huwa essenzjali biex il-gass jasal għand iċ-ċittadini tal-UE. Swieq tal-gass li *jiffunzjonaw* ***u li huma miftuħa b'possibilitajiet kummerċjali ġenwini*** , u b'mod partikolari n-networks u l-assi l-oħra assoċjati mal-provvista tal-gass, huma essenzjali għas-sigurtà pubblika, għall-kompetittività tal-ekonomija u għall-benessri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tagħha, il-Komunità tqis li s-settur tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass huwa ta' importanza għolja għall-Komunità u għalhekk huma meħtieġa miżuri ta' ħarsien addizzjonali fir-rigwar dtal-influwenza ta' pajjiżi terzi, sabiex jiġi evitat kwalunkwe theddid lill-ordni pubblika tal-Komunità u s-sigurtà pubblika u l-benessri taċ-ċittadini tal-*Unjoni.* Miżuri bħal dawn huma wkoll meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar is-separazzjoni effettiva.

*(23)* Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-indipendenza ta' operaturi tas-sistemi tal-ħżin sabiex jittejjeb l-aċċess ta' partijiet terzi għall-faċilitajiet tal-ħżin li huma teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-provvista ta' aċċess effiċjenti għas-sistema tal-forniment għall-klijenti. Għaldaqstant, jixraq li l-faċilitajiet tal-ħżin jitħaddmu permezz ta' entitajiet legalment separati li jkollhom drittijiet effettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' assi meħtieġa għaż-żamma, l-operat kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ħżin. Jeħtieġ ukoll li tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-kapaċità ta' ħżin li tiġi offruta lil partijiet terzi, billi l-Istati Membri jiġu obbligati li jiddefinixxu qafas pubbliku ċar u mhux diskriminatorju, li jiddetermina r-reġim regolatorju xieraq applikabbli għal faċilità ta' ħżin.

*(24)* L-aċċess mhux diskriminatorju għan-network tad-distribuzzjoni jiddetermina aċċess minn fuq għal isfel għall-klijenti fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut. L-ambitu għad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-aċċess minn partijiet terzi u l-investiment madankollu huwa inqas sinifikanti fuq il-livell ta' distribuzzjoni milli fil-livell ta' trażmissjoni, għaliex fil-livell ta' distribuzzjoni il-konġestjoni u l-influwenza tal-interessi tal-produzzjoni ġeneralment huma inqas importanti milli fil-livell tat-trażmissjoni. Barra minn hekk, is-separazzjoni funzjonali tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, skond id-Direttiva 2003/55/KE, saru obbligatorj biss mill-1 ta' Lulju 2007, u l-effetti tagħha fuq is-suq intern għad iridu jiġu evalwati. Ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ għalhekk jistgħu jwasslu għal separazzjoni effettiva sakemm dawn jiġu definiti b'mod aktar ċar, implimentati sewwa u sorveljati mill-qrib. Sabiex jinħoloq ambjent ekwu fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-attivitajiet tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiġu sorveljati sabiex jinżammu milli japprofittaw ruħhom mill-integrazzjoni vertikali tagħhom fir-rigward tal-pożizzjoni kompettitiva tagħhom fis-suq, b'mod partikolari fir-relazzjoni tagħhom mal-klijenti żgħar domestiċi kif ukoll mhux domestiċi.

L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008

*(25)* ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri konkreti sabiex jassistu l-użu usa' tal-bijogass u tal-gass mill-bijomassa, li għandu jingħata aċċess mhux diskriminatorju għas-sistema tal-gass, sakemm dan l-aċċess ikun kompatibbli b'mod permanenti mar-regoli tekniċi u mal-istandards ta' sikurezza relevanti.***

*(26)* Id-Direttiva 2003/55/KE introduċiet rekwiżit biex l-Istati Membri jistabbilixxu *awtoritajiet regolatorji nazzjonali* b'kompetenzi speċifiċi. Madankollu, l-esperjenza turi li l-effettività tar-regolazzjoni ħafna drabi tkun imtellfa bin-nuqqas ta' indipendenza *l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali* mill-gvern kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' setgħat u diskrezzjoni. Għal din ir-raġuni,‖ fil-laqgħa tiegħu fi Brussell, *msemmija hawn fuq,*, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposti leġiżlattivi li jipprovdu għal aktar armonizzazzjoni tas-setgħat u t-tisħiħ tal-indipendenza *tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali* fl-enerġija.

*(27)* *L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali* jeħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet regolatorji rilevanti kollha għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u li jkunu indipendenti bis-sħiħ minn kwalunkwe interess *ieħor* ***ta' kumpaniji pubbliċi jew privati.***

*(28)* *L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali* għandu jkollhom is-setgħa li joħorġu deċiżjonijiet li jorbtu fuq ***l-operaturi tan-networks***, kif ukoll li jimponu sanzjonijiet effettivi, xierqa u dissważivi fuq ***l-operaturi tan-networks*** li jonqsu milli jikkonformawx mal-obbligi tagħhom. Għandhom jingħataw ukoll is-setgħat biex jiddeċiedu, tkun xi tkun l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, dwar kwalunkwe miżura xierqa ***relatata mal-aċċess għan-networks bil-għan*** tal-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq, kif ukoll biex jiżguraw standards għoljin tas-servizz pubbliku f'konformità mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u l-effettività totali tal-miżuri għall-ħarsien tal-konsumatur. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara kemm għas-setgħat tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, inkluża l-analiżi tal-fużjonijiet (mergers) b'dimensjoni Komunitarja, kif ukoll għar-regoli dar is-suq intern, bħall-moviment ħieles tal-kapital.

*(29)* ***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u r-regolaturi tas- suq finanzjarju għandhom jikkoperaw sabiex jagħtu lil xulxin idea ġenerali tas-swieq rispettivi tagħhom. Huma għandu jkollhom is-setgħa li jiksbu informazzjoni relevanti mill-impriżi tal-gass naturali permezz ta' investigazzjonijiet xierqa u suffiċjenti, biex jissolvew kwistjonijiet u biex ikunu imposti sanzjonijiet effettivi.***

*(30)* Investimenti f'infrastrutturi kbar ġodda għandhom jiġu promossi bil-qawwa, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-gass naturali. Sabiex jittejjeb l-effett pożittiv ta' proġetti eżentati tal-infrastruttura fuq il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista, għandu jiġi ttestjat l-interess fis-suq matul il-fażi ta' ppjanar tal-proġett, u għandhom jiġu implimentati regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni. Meta infrastruttura tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija‖ għandha tieħu ħsieb it-talba għall-eżenzjoni sabiex tqis aħjar l-implikazzjonijiet transkonfinali tagħha u sabiex tiffaċilità t-trattament amministrattiv tagħha. Barra minn hekk, minħabba l-profil ta' riskju eċċezzjonali fil-bini ta' dawn il-proġetti kbar ta' infrastruttura eżenti, *għandu jkun* possibbli li *temporanjament tingħata* deroga parzjali‖ għall-impriżi ta' forniment u ta' produzzjoni fir-rigward tar-regoli ta' separazzjoni għall-proġetti kkonċernati. Dan għandu japplika b'mod partikolari, minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, għal pipelines ġodda fil-Komunità li jittrasportaw il-gass minn pajjiżi terzi sa ġewwa l-Komunità.

*(31)* Is-suq intern tal-gass qed ibati minn nuqqas ta' likwidità u trasparenza li jxekklu l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, l-ilqugħ għar-riskji u penetrazzjonijiet ġodda fis-suq. Il-fiduċja fis-suq, il-likwidità tiegħu u l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jeħtieġ li jiżdiedu, u għalhekk jeħtieġ li jiżdied il-monitoraġġ regolatorju fuq l-impriżi attivi fil-forniment tal-gass. Rekwiżiti bħal dawn għandhom ikunu bla ħsara għall-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti dwar is-swieq finanzjarji, u kompatibbli magħha. *L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali* u r-Regolaturi *tas-Suq Finanzjarju* jeħtieġ li jikkooperaw sabiex jippermettu lil xulxin ikollhom stampa globali tas-swieq ikkonċernati.

*(32)* ***Ir-restrizzjonijiet strutturali tas-suq tal-gass li jinħolqu mill-konċentrazzjoni tal-fornituri, il-kuntratti għal tul ta' żmien twil li jiżguraw il-kunsinni u n-nuqqas ta' likwidità 'l isfel, jiġġeneraw strutturi ta' pprezzar mhux trasparenti. Sabiex tkun iċċarata l-istruttura tal-ispejjeż, hemm bżonn ta' iktar trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, u għalhekk obbligazzjoni kummerċjali għandha tkun obbligatorja.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

▌

*(33)* Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku u l-istandards komuni minimi li jitnisslu minnhom, jeħtieġ li jissaħħu aktar biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kompetizzjoni. Aspett prinċipali fil-forniment lill-klijent huwa l-aċċess għad-data dwar il-konsum, u l-konsumaturi jrid jkollhom aċċess għad-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jistiednu l-kompetituri biex jagħmlu offerta bbażata fuq din id-data. Il-konsumaturi għandu jkollhom ukoll id-dritt li jiġu infurmati sewwa dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom. Tagħrif dwar l-ispejjeż fl-enerġija li jingħata b'mod regolari joħloq inċentivi għat-tfaddil fl-enerġija għaliex jagħti lura lill-klijenti informazzjoni diretta dwar l-effetti tal-investiment fl-użu effiċjenti tal-enerġija u fil-bidla fl-imġiba.

***(34) Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku u l-istandards minimi komuni li joħorġu minnhom jeħtieġ li jkomplu jiġu msaħħa aktar sabiex ikun żgurat li s-servizzi tal-gass ikunu aċċessibbli għall-pubbliku u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju***

***(35) l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-provvediment xieraq ta' miters individwali (smart metering), kif tistipula d-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza aħħarija tal-enerġija u s-servizzi tal-enerġija*** (1)***, sabiex tingħata lill-konsumaturi informazzjoni eżatta dwar il-konsum tal-enerġija u sabiex tkun żgurata l-effiċjenza aħħarija.***

***(36) Il-konsumaturi għandhom ikunu il-focus ewlieni ta' din id-Direttiva. Id-drittijiet eżistenti tal-konsumaturi jeħtieġ li jiġu msaħħa u ggarantiti, u għandhom jinkludu aktar trasparenza u rappreżentazzjoni. Il-ħarsien tal-konsumatur ifisser li l-konsumaturi kollha jibbenefikaw minn suq kompetittiv. Id-drittijiet tal-konsumaturi għandhom jiġu infurzati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali billi jinħolqu inċentivi u jiġu imposti sanzjonijiet fuq impriżi li ma jikkonformawx mal-ħarsien tal-konsumaturi u mar-regoli tal-kompetizzjoni.***

***(37) Għandha tkun disponibbli informazzjoni ċara u komprensiva għall-konsumaturi rigward id-drittijiet tagħhom relatati mas-settur tal-enerġija. Wara l-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Lulju 2007 bit-titolu "Lejn Karta Ewropea għad-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija", il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-partijiet interessati relevanti, inklużi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-imsieħba soċjali, għandha tressaq karta li tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem li telenka d-drittijiet tal-konsumaturi tal-enerġija li diġà jinsabu fil-liġi Komunitarja eżistenti inkluża din id-Direttiva. Il-fornituri tal-enerġija għandhom jiżguraw li kull konsumatur jirċievi kopja ta' din il-karta u li tkun disponibbli għall-pubbliku.***

*(38)* Għal kontribuzzjoni lejn is-sigurtà tal-provvista filwaqt li jinżamm spirtu ta' solidarjetà ▌, *l-Istati Membri għandhom* ***jaħdmu flimkien aktar mill-qrib. Għal dan il-għan, il-bażi għandha tkun id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 dwar miżuri biex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista*** (2)***ta' gas naturali.***

***(39)*** Fid-dawl tal-ħolqien ta' suq intern tal-gass, l-Istati Membri għandhom iġibu 'l quddiem l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom u l-kooperazzjoni tal-operaturi tan-networks fil-livell Ewropew kif ukoll reġjonali. ***Inizjattivi għall-integrazzjoni reġjonali huma pass intermedjarju essenzjali għall-kisba tal-integrazzjoni tas-swieq interni tal-enerġija tal-Komunità, li għadha l-għan aħħari. Il-livell reġjonali jgħin sabiex jaċċellera l-proċess ta' integrazzjoni billi jagħmilha possibbli għall-atturi konċernati, u b'mod partikulari l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, li jikkoperaw fuq kwistjonijiet speċifiċi.***

***(40) L-iżvilupp ta' network ta' pipelines li jkun tabilħaqq mal-Kommunità kollha għandu jkun wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva, u għaldaqstant, kwistjonijiet regolatorji dwar l-interkonnessjonijiet transkonfinali u s-swieq reġjonali għandhom ikunu r-responsabilità tal-Aġenzija.***

*(41)* L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandhom jipprovdi informazzjoni lis-suq ukoll biex jippermettu lill-Kummissjoni taqdi r-rwol tagħha li tosserva u tissorvelja s-suq Ewropew tal-gass u l-evoluzzjoni fil-medda l-qasira, dik medja u fit-tul, inklużi aspetti bħall-provvista u d-domanda, l-infrastrutturi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, il-kummerċ transkonfinali, l-investimenti, il-prezzijiet bl-ingrossa u dawk għall-konsumaturi, il-likwidità tas-suq, it-titjib ambjentali u dak tal-effiċjenza.

(1) ***ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.***
(2) ***ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(42)* Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, partikolarment il-ħolqien ta' suq intern tal-gass kompletament operattiv, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, permezz *ta'l-iskala*— u l-effetti ‖*tagħha,* ikun jista' jintlaħaq aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċesarju sabiex*jintlaħaq dak il-għan.*

***(43) Flimkien mal-imsieħba soċjali kkonċernati, l-Istati Membri għandhom iqisu l-implikazzjonijiet tal-emendi għad-Direttiva 2003/55/KE, b'mod partikulari l-mudelli differenti sabiex jiżguraw l-indipendenza ta'l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni, mil-lati ta' impjegar, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema li jkunu infurmati u kkonsultati u li jipparteċipaw, bil-għan li jittaffew il-konsegwenzi negattivi.***

*(44)* Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trasmissjoni tal-gass naturali ([1]) jipprovdi lill-Kummissjoni bill-possibbiltà li tadotta linji gwida biex tikseb il-livell ta' armonizzazzjoni meħtieġa… Linji gwida bħal dawn, li b'hekk huma miżuri ta' implimentazzjoni vinkolanti, huma għodda utli li tista' tiġi adattata malajr meta jkun meħtieġ.

*(45)* Id-Direttiva 2003/55/KE tistipula li għandhom jiġu adottati ċerti miżuri skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]).

*(46)* Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni *tal-Kunsill* 2006/512/KE ([3]), li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-miżuri b'ambitu ġenerali maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku, adottati skond il-proċedura taħt l-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi ‖*tissupplimentha* ‖biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

▌

*(47)* Id-Direttiva 2003/55/KE għandha tiġi emendata skond dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2003/55/KE

Id-Direttiva 2003/55/KE hija emendata hekk:

***(1) F'Artikolu 1, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"**2.** ***Ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva għall-gass naturali, li jinkludi gass naturali likwidu (LNG), ser japplikaw ukoll, b'mod mhux diskriminatorju, għall-bijogass u għall-gass mill-bijomassa jew tipi oħra ta' gass, sakemm dawn il-gassijiet jistgħu jiġu injettati b'mod tekniku u sikur fis-sistema tal-gass naturali u trasportati permezz tagħha.***"

*(2)* L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

***(a) il-punt 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***3. 'tranżmissjoni' tfisser it-trasport tal-gass naturali minn […] network li jkun fih, fil-biċċa l-kbira, pipelines bi pressa għolja, ħlief għal upstream pipeline networks jew il-parti ta' pipelines bi pressa għolja li prinċipalment jintużaw fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali tal-gass naturali, bi skop li jiġi kkonsenjat lill-konsumaturi, iżda li ma jinkludix il-provvista;***"

([1]) ĠU L 289, 3.11.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ‖.
([3]) *ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.*

*b)* ***il-punt 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***9. 'faċilità tal-ħażna' tfisser faċilità użata għall-ħażna tal-gass naturali u proprjetà ta' u/jew operata minn impriża tal-gass naturali, inkluża l-parti tal-faċilitajiet tal-LNG użati għall-ħażna iżda eskluż is-sehem użat b'mod esklussiv għall-produzzjoni, u esklużi l-faċilitajiet riżervati esklussivament għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;'***"

*c)* ***il-punt 14 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***14. 'servizzi anċillari' tfisser is-servizzi kollha meħtieġa għall-aċċess lil u l-operazzjoni tan-networks tat-trażmissjoni u/jew distribuzzjoni u/jew faċilitajiet tal-LNG u/jew faċilitajiet tal-ħażna inkluż l-ibbilanċjar tat-tagħbijiet, it-taħlit u l-injezzjoni ta' gassijiet inerti, iżda esklużi faċilitajiet riżervati esklużivament għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;***"

*d)* ***il-punt 17 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***17. 'interkonnettur' tfisser linja ta' trażmissjoni fuq distanzi fit-tul li taqsam jew li tkun imxerrda fuq fruntiera bejn Stati Membri għall-iskop ewlieni li tgħaqqad is-sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali ta' dawn l-Istati Membri;***"

*(e)* il-punt 20 *għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"20. 'impriża integrata vertikalment' tfisser impriża tal-gass naturali jew grupp ta' impriżi tal-gass naturali fejn l-istess persuna jew l-istess persuni huma intitolati, direttament jew indirettament, li jeżerċitaw kontroll fl-ambitu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi *(ir-Regolament KE dwar il-*Mergers) (*), u fejn l-impriża jew grupp ta' impriżi twettaq/iwettaq għall-inqas wieħed mill-funzjonijiet tat-trażmissjoni, distribuzzjoni, LNG jew ħżin, u għall-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew forniment tal-gass naturali;

(*) *ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.*"

*(f)* Ghandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"34. 'kuntratt għal forniment tal-gass' tfisser kuntratt għall-forniment tal-gass naturali, iżda ma tinkludix derivattiva tal-gass;

35. 'derivattiva tal-gass' tfisser strument finanzjarju speċifikat f'waħda mis-Sezzjonijiet C5, C6, jew C7 tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq fi strumenti finanzjarji (*), fejn dak l-istrument għandu x'jaqsam ma' gass naturali;

36. 'kontroll' tfisser kwalunkwe drittijiet, kuntratti jew kwalunkwe mezzi oħra li, sew separatament jew flimkien, u filwaqt li jitqiesu l-fatti u l-liġijiet involuti, jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari permezz tas:

a) s-sjieda jew id-dritt li jintużaw l-assi kollha ta' impriża, jew parti minnhom;

b) drittijiet jew kuntratti li jikkonferixxu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-organi ta' impriża. ‖

***Biex jiġi evitat kull dubju, il-kuntratt ta' trasport fuq żmien twil ta' impriża li jkollha interessi fil-produzzjoni jew f'attivitajiet ta' forniment m'għandux jikkostitwixxi kontroll ta' sistema ta' trażmissjoni per se.***

***37. 'suq iżolat' tfisser Stat Membru li ma jkollux interkonnessjoni mas-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali ta' Stati Membri oħra u/jew li l-provvista tal-gass tiegħu tkun ikkontrollata minn persuna jew persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi;***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

38. *'proġett ta' interess Ewropew' tfisser proġett ta' infrastruttura tal-gass li jwassal biex ikun hemm riżorsi ġodda tal-gass disponibbli għall-Komunità u li jwassal għal diversifikazzjoni ikbar ta' provvisti tal-gass f'iktar minn Stat Membru wieħed;'*

39. *'kompetizzjoni ġusta u mhix mgħawġa f'suq miftuħ' tfisser opportunitajiet komuni u aċċess ugwali għall-fornituri kollha fl-Unjoni Ewropea li huma responsabbli għalihom l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tal-Regolaturi tal-Enerġija (l-Aġenzija) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li jistabbilixxi l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tal-Regolaturi tal-Enerġija* (**);

40. *'faqar fl-enerġija' tfisser sitwazzjoni fejn il-membri ta' unità domestika ma jkollhomx biex isaħħnu darhom sa standard aċċettabbli, ibbażat fuq il-livelli rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;*

41. *'prezz li jista' jintlaħaq' tfisser prezz definit mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, mas-sieħba soċjali u mal-partijiet interessati rilevanti filwaqt li titqies id-definizzjoni ta' faqar fl-enerġija pprovduta fil-punt 40;*

42. *'sit industrijali' tfisser zona ġeografika ta' sjieda privata b'network ta' gass naturali mmaniġġjat minn kumpannija waħda b'konnessjoni mat-trasmissjoni jew man-network tad- distribuzzjoni:*

*a) li b'mod predominanti tforni l-attivitajiet industrijali tal-operatur tan-netwer jew tal-impriżi kkonnettjati, jew*

*b) li tforni numru limitat ta' konsumaturi industrijali jew konsumaturi marbuta mal-attivitajiet industrijali fis-sit industrijali.*

(*) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
*(**) ĠU L …"*

*(3) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

"2. *B'kunsiderazzjoni sħiħa għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, b'mod partikulari l-Artikolu 86 tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq l-impriżi tal-gass naturali fl-interess ekonomiku ġenerali, obbligi ta' servizz pubbliku li jistgħu jirrelataw mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-forniment, tar-regolarità u tal-kwalità, u l-ħarsien tal-ambjent, inklużi l-effiċjenza tal-enerġija u l-ħarsien tal-klima.*"

*(b) L-Artikolu 3, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

"3. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu l-konsumaturi aħħarin, u […] għandhom, b'mod partikulari, jiżguraw li jkun hemm salvagwardji adegwati biex jiġu mħarsa l-konsumaturi vulnerabbli, fosthom il-projbizzjoni tal-qtugħ tal-provvista għall-pensjonanti u għall-persuni b'diżabilità fix-xitwa. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-faqar enerġetiku u għandhom jipprovdu definizzjonijiet ta' konsumaturi vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-konsumaturi vulnerabbli jiġu applikati, u b'mod partikulari għandhom jieħdu miżuri biex iħarsu lill-konsumatur aħħari f'inħawi remoti. Għandhom jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari rigward trasparenza dwar […] termini u kundizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-konsumatur eliġibbli jkun fil-fatt jista' jaqleb faċilment għal fornitur ġdid. Rigward konsumaturi domestiċi, dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stipulati fl-Anness A.*"

*(c) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħlu wara l-paragrafu 3:*

*"3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jindirizzaw il-faqar fl-enerġija fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali sabiex jiġi żgurat li n-numru ta' nies li jsofru minn faqar fl-enerġija jonqos f'termini reali, u għandhom jikkomunikaw dawn il-miżuri lill-Kummissjoni. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jipprovdi, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, definizzjoni ta' faqar fl-enerġija fil-livell nazzjonali, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali regolatorji u mal-partijiet interessati b'referenza għall-Artikolu 2(40). Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu benefiċċji fis-sistemi tas-sigurtà soċjali, appoġġ għat-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija kif ukoll il-produzzjoni tal-enerġija bl-orħos prezzijiet possibbli, u m'għandhomx ifixklu l-ftuħ tas-suq stabbilit fl-Artikolu 23. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi indikaturi għall-monitoraġġ tal-impatt ta' miżuri bħal dawn fuq il-faqar fl-enerġija, kif ukoll fuq kif jaħdem is-suq.*

*3b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi kollha jkollhom id-dritt li jkunu fornuti bil-gass minn fornitur, sakemm dan tal-aħħar jagħti l-kunsens tiegħu, ikun xi jkun l-Istat Membru fejn il-fornitur ikun awtorizzat jew b'xi mod ieħor approvat. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-impriżi approvati bħala fornituri fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jfornu liċ-ċittadini tagħhom mingħajr ma jkollhom jissodisfaw kundizzjonijiet oħra."*

*(d) il-paragrafy 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*"4. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri xierqa sabiex jiksbu l-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, bil-ħsieb li jbaxxu l-prezz tal-gass fornut lil konsumaturi minn unitajiet domestiċi bi dħul baxx u jiggarantixxu l-istess kundizzjonijiet għall-konsumaturi li joqogħdu f'zoni mbiegħda, fuq naħa, u l-għanijiet tal-protezzjoni tal-ambjent fuq l-oħra. Dawn il-miżuri jinkludu miżuri għall-effiċjenza tal-enerġija/tal-ġestjoni tad-domanda kif ukoll mezzi għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u s-sigurtà tal-fornitura u jistgħu jinkludu wkoll, b'mod partikolari, id-disposizzjonijiet ta' inċentivi ekonomiċi xierqa, bl-użu, fejn xieraq, tal-għodod kollha nazzjonali Komunitarji, għaż-żamma u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tan-networks xierqa, inkluża l-kapaċità tal-interkonnessjoni."*

*(e) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħlu wara l-paragrafu 4:*

*"4a. Sabiex tiġi promossa l-effiċjenza tal-enerġija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jobbligaw lill-impriżi tal-gass naturali biex idaħħlu formoli ta' prezzijiet li jogħlew fil-każ ta' livelli għola ta' konsum u għandhom jiżguraw li jkun hemm il-parteċipazzjoni attiva tal-klijenti u tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni fl-operat tas-sistemi permezz tal-appoġġ għad-dħul ta' miżuri li jtejjbu l-użu tal-gass, b'mod partikulari fil-ħinijiet meta jintuża l-aktar. Formoli ta' prezzijiet bħal dawn, flimkien mad-dħul ta' miters u grids intelliġenti, għandhom jippromwovu mġiba li twassal għall-effiċjenza tal-enerġija u għall-orħos prezzijiet possibbli għall-familji, b'mod partikolari għal dawk il-klijenti minn familji li jbatu mill-faqar fl-enerġija.*

*4b. L-Istati Membri għandhom jipprovdu punti waħdiena ta' kuntatt sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha neċessarja rigward id-drittijiet tagħhom, il-leġiżlazzjoni attwali u l-mezzi ta' kumpens disponibbli għalihom f'każ ta' tilwim."*

*(f) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħlu wara l-paragrafu 5:*

*"5a. L-implimentazjoni ta' din id-Direttiva m'għandux ikollha konsegwenzi negattivi fuq l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet għall-informazzjoni, għall-konsultazzjoni u għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema konċernati. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mas-sieħba soċjali konċernati dwar l-implimentazzjoni ta' kull emenda għal din id-Direttiva biex jitnaqqsu konsegwenzi negattivi bħal dawn. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-kumitati għad-djalogu soċjali tas-setturi tal-gass u tal-elettriku bil-konsultazzjonijiet u bil-miżuri li jkunu twettqu."*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(4) L-Artikolu 4(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"***2. Fejn l-Istati Membri għandhom sistema ta' awtorizzazzjoni, dawn għandhom jistabbilixxu kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li għandhom jintlaħqu minn impriża li tkun qed tapplika għal awtorizzazzjoni biex tibni u/jew biex tħaddem faċilitajiet tal-gass naturali jew li tkun qed tapplika għal awtorizzazzjoni biex tipprovdi gass naturali. L-Istati Membri m'għandhom fi kwalunkwe każ ikunu intitolati li jorbtu l-awtorizzazzjoni ma' kriterji li jagħtu setgħat ta' diskrezzjoni lill-awtoritajiet kompetenti. Il-kriterji u l-proċeduri nondiskriminatorji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal faċilitajiet, linji ta' trażmissjoni u tagħmir assoċjat iqisu l-importanza tal-proġett għas-suq intern fl-enerġija.***"

*(5)* L-Artikolu li ġejjin *għandhom jiddaħlu wara l-Artikolu 5*:

"Artikolu 5a

Solidarjetà reġjonali

1. Sabiex tiġi ssalvagwardata provvista sigura fis-suq intern tal-gass naturali, l-Istati Membri għandhom ***mingħajr ma jimponu piż sproporzjonat fuq il-parteċipanti fis-suq,*** jikkooperaw sabiex jippromwovu s-solidarjetà reġjonali u bilaterali.

2. Din il-kooperazzjoni għandha tkopri sitwazzjonijiet li jirriżultaw fi, jew li x'aktarx jirriżultaw fil-medda l-qasira fi xkiel serju tal-provvista li jolqot Stat Membru. Għandha tinkludi:

a) koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' emerġenza kif jissemma fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/67/KE;

b) identifikazzjoni u, fejn meħtieġ, żvilupp jew tiġdid ta' interkonnessjonijiet ta' elettriku u ta' gass naturali;

c) kundizzjonijiet u modalitajiet prattiċi għall-assistenza reċiproka.

3. Il-Kummissjoni ***l-Istati Membri l-oħra u l-parteċipanti fis-suq,*** għandha tinżamm informata dwar din il-kooperazzjoni.

▌

Article 5b

Promozzjoni ta' Kooperazzjoni Reġjonali

***1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali*** għandhom jikkooperaw ‖bil-għan li ***jarmonizzaw l-istruttura tas-swieq u*** jintegraw is-swieq nazzjonali tagħhom għall-inqas ***f'livell reġjonali wieħed, jew aktar, bħala l-ewwel pass, u wieħed intermedju, lejn suq intern tal-gass liberalizzat għal kollox***. B'mod partikolari, ***huma*** għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni tal-operaturi tan-network fil-livell reġjonali u ***jħaffu l-integrazzjoni tagħhom fil-livell reġjonali bil-għan li jinħoloq suq intern kompetittiv, li tiħaffef l-armonizzazzjoni*** tal-qafas legali, regolatorju ***u tekniku*** tagħhom ***kif ukoll, fuq kollox, li jiġu integrati l-iżoli tal-gass li għad fadal fl-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll kooperazzjoni li taqsam il-fruntieri u kooperazzjoni reġjonali fost l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.***

***2. L-Aġenzija għandha tikkopera mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, b'konformità mal-Kapitoli III u IV, biex tiżgura li jkun hemm konverġenza bejn l-oqfsa regolatorji tar-reġjuni bil-għan li jinħoloq suq intern kompetittiv. Fejn l-Aġenzija tqis li huma meħtieġa regoli li jorbtu għal kooperazzjoni bħal din, għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa. Fis-swieq reġjonali, l-Aġenzija għandha titqies li hija l-awtorità kompetenti fl-oqsma speċifikati fl-Artikolu 24d.***"

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(6)* L-Artikolu 7 għandu jinbidel kif ġej:

"Artikolu 7

Separazzjoni tas-sistemi ta' trażmissjoni u tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn … (*):

a) kull impriża li jkollha s-sjieda ta' sistema ta' trażmissjoni tagħha taġixxi bħala operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

b) l-istess persuna jew ‖persuni mhumiex intitolati ***kemm individwalment kif ukoll flimkien***:

i) li jeżerċitaw kontroll direttament jew indirettament fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew forniment, u li jeżerċitaw direttament jew indirettament kontroll jew li jkollhom xi interess jew li jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni ▌, jew

ii) li jeżerċitaw kontroll direttament jew indirettament fuq operatur ta' sistema tat-trażmissjoni ▌, u li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew li jkollhom kwalunkwe interessi fi jew li jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew forniment;

c) l-istess persuna jew ‖persuni mhumiex intitolati li jaħtru membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew ta' korpi li jirrappreżentaw ġuridikament lil impriża, ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni ▌, u li direttament jew indirettament teżerċita kontroll jew ikollha kwalunkwe interess fi jew teżerċita kwalunkwe dritt fuq impriża li jkollha kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-forniment;

d) l-istess persuna jew l-istess persuni mhumiex intitolati li jkunu membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew tal-entitajiet li jirrappreżentaw l-impriża b'mod legali, kemm ta' impriża li twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' forniment kif ukoll ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew ta' sistema ta' trażmissjoni;

***e) l-istess persuna jew l-istess persuni m'humiex intitolati li joperaw is-sistema ta' trażmissjoni permezz ta' kuntratt ta' mmaniġġjar, jew li jeżerċitaw influwenza bi kwalunkwe mod ieħor bħala persuni mhux proprjetarji, jew li jeżerċitaw, direttament jew indirettament, kontroll fuq impriża li twettaq kwalunkwe funzjoni ta' ġenerazzjoni jew ta' forniment, jew li jkollhom interess fiha jew li jeżerċitaw xi dritt fuqha.***

2. L-interessi u d-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1(b) għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

a) il-proprjetà ta' parti mill-kapital jew tal-assi tan-negozju; ‖

b) is-setgħa għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' votazzjoni; ‖

c) is-setgħa għall-ħatra tal-membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew tal-entitajiet li jirrappreżentaw l-impriżi b'mod legali; jew

d) id-dritt li jiksbu dividendi jew ishma oħra tal-benefiċċji.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1(b), it-terminu 'impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-forniment' għandu jkopri 'impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni u l-forniment' fl-ambitu tad-Direttiva 2003/54/KE ‖, u t-termini 'operatur ta' sistema tat-trażmissjoni' u 'sistema tat-trażmissjoni' għandhom ikopru 'operatur ta' sistema tat-trażmissjoni' u 'sistema tat-trażmissjoni' fl-ambitu tad-Direttiva 2003/54/KE.

‖

***4. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-proċess tas-separazzjoni ta' kumpaniji integrati vertikalment u għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar.***

5. L-Istati Membri għandhom jippermettu derogi mill-paragrafi 1(b) u ‖(c) sa … (**) sakemm l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma jkunux jiffurmaw parti minn impriża integrata vertikalment.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

6. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1(a) għandu jitqies li jkun sodisfatt f'sitwazzjoni fejn diversi impriżi li għandhom is-sjieda ta' sistemi tat-trażmissjoni joħolqu impriża konġunta li taġixxi ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni f'diversi Stati Membri għas-sistemi tat-trażmissjoni kkonċernati. ▌

***7. Fejn il-persuna msemmija fil-paragrafu 1(b) sa (e) ikun l-Istat Membru jew xi entità pubblika oħra, żewġ entitajiet pubbliċi separati li jeżerċitaw kontroll fuq jew operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew fuq sistema ta' trażmissjoni min naħa l-waħda u impriża li tkun qiegħda twettaq il-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-forniment min naħa l-oħra m'għandhomx jitqiesu bħala li jkunu l-istess persuna jew l-istess persuni.***

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva msemmija fl-Artikolu 10(1), miżmuma minn operatur tas-sistema ta' trażmissjoni li kienet tifforma parti minn impriża integrata vertikalment u mill-persunal ta' tali operatur ta' sistema tat-trażmissjoni, ma tiġix trasferita lil impriżi li jwettqu kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni *jew* ta' forniment.

***9. Fejn … (***), is-sistema ta' trażmissjoni tkun tappartjeni lil impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 1.***

***F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IVa.***

***Fi kwalunkwe każ, impriżi integrati vertikalment li jkunu proprjetarji ta' sistema ta' trażmissjoni ma għandhomx jinżammu milli jieħdu passi biex jikkonformaw mal-paragrafu 1.***

---

(*) *Sena wara d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva …/…/KE [li temenda id-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].*

(**) Sentejn wara d-data ta' traspożizzjoni *tad-Direttiva …/…/KE [li temenda id-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].*

***(***) Id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE [li temenda id-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].***"

*(7)* L-artikolili ġejjin għandhom jiddaħħlu *wara l-Artikolu 7*:

"Artikolu 7a

Il-kontroll tal-proprjetarji tas-sistema ta' trażmissjoni u tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni

1. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, is-sistema ta' trażmissjoni jew l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma għandhomx jiġu kontrollati minn persuna jew persuni minn pajjiżi terzi.

2. Ftehim ***li għandu l-għan li jistabbilixxi qafas komuni għall-investimenti fis-settur tal-enerġija u għall-ftuħ tas-suq tal-enerġija ta' pajjiż terz, anki għall-kumpaniji stabbiliti fi ħdan l-Unjoni,*** *li jkun* konkluż ma' pajjiż terz wieħed jew aktar li l-Komunità tkun parti għalih jista' jagħti lok għal deroga mill-paragrafu 1.

Artikolu 7b

L-għażla u ċ-ċertifikazzjoni ta' operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni

1. Impriżi li huma sidien ta' sistema tat-trażmissjoni u li ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja nazzjonali bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1) u 7a, skond il-proċedura ta' ċertifikazzjoni ta' hawn taħt, għandhom ikunu approvati u nnominati bħala operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni mill-Istati Membri. Il-ħatra tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, fejn iċ-ċertifikazzjoni tintalab mis-sid ta' sistema tat-trażmissjoni jew minn operatur ta' sistema tat-trażmissjoni kontrollat minn persuna jew persuni minn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 7a, din għandha *tiġi miċħuda* sakemm is-sid ta' sistema tat-trażmissjoni jew minn operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma jurix li ma hemm l-ebda possibbiltà biex l-entità kkonċernata tkun influwenzata, bi ksur tal-Artikolu 7(1), direttament jew indirettament minn kwalunkwe operatur attiv fil-produzzjoni jew il-forniment tal-gass jew l-elettriku jew minn pajjiż terz.

3. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja *nazzjonali bi* kwalunkwe tranżazzjoni ppjanata li tkun tista' teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 7(1) jew 7a.

4. L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandhom jissorveljaw il-konformità kontinwa tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni mal-Artikoli 7(1) u 7a. Għandhom jiftħu proċedura taċ-ċertifikazzjoni biex jiżguraw tali konformità.

a) man-notifika mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni skond il-paragrafu 3;

b) fuq inizjattiva tagħhom fejn ikunu jafu dwar bidla ppjanata fid-drittijiet jew fl-influwenza fuq il-proprjetarji jew l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jista' jwassal għal ksur tar-regoli tal-*Artikolu 7(1)* jew *l-Artikolu 7a*, jew meta jingħataw x'jifhmu li ksur bħal dan seta' seħħ; *jew*

c) fuq talba motivata mill-Kummissjoni.

5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jadottaw deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew mid-data tat-talba tal-Kummissjoni. ‖ Iċ-ċertifikazzjoni għandha titqies bħala mogħtija *fil-każ li l-awtoritajijet regolatori nazzjonali ma jeħdux deċiżjoni matul dak il-perjodu.* Id-deċiżjoni espliċita jew taċità tal-awtorità regolatorja jista' ssir effettiva bissa wara l-konklużjoni tal-proċedura stipulata fil-paragrafi 6 sa 9 u biss jekk il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni kontriha.

6. Kwalunkwe deċiżjoni espliċita jew taċita dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tkun notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni mill-awtorità regolatorja *nazzjonali*, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha rigward id-deċiżjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifika malli hija tirċeviha. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi n-notifika, meta l-Kummissjoni ssib li d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja *nazzjonali* tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mal-Aritkoli 7(1), 7a jew 7b(2), għandha tiddeċiedi li tibda l-proċedimenti. F'każ bħal dan, għandha tistieden lill-awtorità regolatorja *nazzjonali* u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni kkonċernata biex tressaq il-kummenti. Fejn il-Kummissjoni teħtieġ tagħrif addizzjonali, il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra, minn meta tasal l-informazzjoni kollha.

8. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi tiftaħ proċedimenti, għandha, fi żmien massimu ta' erba' xhur mid-data ta' deċiżjoni bħal din, toħroġ deċiżjoni finali; jew

a) biex ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja *nazzjonali;*

b) li tesiġi li l-awtorità regolatorja *nazzjonali* kkonċernata temenda jew *tirrevoka* d-deċiżjoni tagħha jekk tqis li l-Artikoli 7(1), 7(a) jew 7b(2) ma ġewx rispettati.

9. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni biex tiftaħ il-proċedimenti jew deċiżjoni finali fil-perjodu stabbilit fil-paragrafi 7 u 8 rispettivament, għandu jitqies li l-Kummissjoni ma qajmet ll-ebda oġġezzjoni għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja *nazzjonali.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

10. L-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni fi żmien erba' ġimgħat, u għandha tinforma lill-Kummissjoni skond dan.

11. L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, lill-impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' forniment, kwalunkwe tagħrif rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skond dan l-Artikolu.

12. L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* u l-Kummissjoni għandhom jippriservaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

▌

***13. Il-proċeduri stipulati f'dan l-Artikolu, u, b' mod partikolari il-limitazzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2, m'għandhomx japplikaw għal-linji ta' pajpijiet upstream li huma maħsuba biss biex jgħaqqdu networks ta' pajjiżi tal-oriġini tal-provvisti tal-gass ma' terminal fi ħdan territorju tal-Komunità jew għat-titjib tal-kwalità tagħhom.***

Artikolu 7c

Ħatra ta' operaturi tal-ħżin u tas-sistema tal-LNG

L-Istati Membri għandhom jaħtru, jew jitolbu lil impriżi tal-gass naturali li huma proprjetarji ta' faċilitajiet tal-ħżin jew tal-LNG li jaħtru, għal perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri b'qies għall-kwistjonijiet ta' effiċjenza u bilanċ ekonomiku, operatur tas-sistema wieħed jew aktar."

*(8)* L-Artikolu 8 paragrafu 1a għandu *jiġi emendat* kif ġej:

*a) il-paragrafu 1 għandu jiġi emendat kif ġej;*

*i) il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b' li ġej;*

"a) iħaddem, imantni u jiżviluppa taħt kundizzjonijiet ekonomiċi, faċilitajiet tat-trażmissjoni, tal-ħżin u tal-LNG siguri, ***biex jiżgura suq miftuħ għall-parteċipanti l-ġodda***, affidabbli u effiċjenti, li jqisu kif jixraq l-ambjent,."

ii) ***il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara il-puntb***:

"***(ba) l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jibnu biżżejjed kapaċitajiet ta' interkonnessjoni fl-infrastruttura ta' trażmissjoni tagħhom sabiex ilaħħqu mad-domanda kollha raġonevoli għall-kapaċità, jiffaċilitaw suq ġeneralment effiċjenti, u jissodisfaw il-kriterji tas-sigurtà tal-provvista;***"

***b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

"***3. L-Istati Membri jistgħu, permezz tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom, jirrekjiedu li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jkunu konformi mal-istandards minimi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta' trażmissjoni, inkluża l-kapaċità tal-interkonnessjoni. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jingħataw setgħat usa' bl-iskop li jiżguraw il-ħarsien tal-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea.***"

***c) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied***:

"***4a. Meta qegħdin iwettqu xogħolhom, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom iqisu l-kodiċi adottati min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni għall-Gass.***"

*(9)* L-Artikolu 9 għandu jitħassar.

L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008

▌

*(10)* L-Artikolu 10 *għandu jiġi sostitiwit b'li ġej*:

"Artikolu 10

Il-kunfidenzjalità għal operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u sidien tas-sistema tat-trażmissjoni

1. Bla ħsara għall-Artikolu 16 jew kwalunkwe dmir legali biex l-informazzjoni tiġi żvelata, kull operatur ta' sistema tat-trażmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG, u s-sidien tas-sistema tat-trażmissjoni, għandu jħares il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba matul l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha, u ma għandux iħalli informazzjoni dwar l-attivitajiet proprji li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża tiġi żvelata b'mod diskriminatorju. B'mod partikolari ma għandu jikxef l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva lill-bqija tal-kumpanija, sakemm dan ma jkunx meħtieġ għall-finijiet ta' tranżazzjoni kummerċjali. Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regoli dwar is-separazzjoni tal-informazzjoni, għandu jiġi żgurat ukoll li s-sid tat-trażmissjoni u l-bqija tal-kumpanija ma jużawx servizzi konġunti, ħlief għal funzjonijiet purament amministrattiva jew marbuta mal-IT (eż. l-ebda servizz legali konġunt).

2. Operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni, tal-ħżin u/jew tal-LNG ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali minn impriża relatata, jabbużaw minn informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba minn terzi fil-kuntest tal-fornitura jew negozjar tal-aċċess għas-sistema. ‖

***3. L-informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva għandha tkun determinata billi jintużaw kriterji oġġettivi u trasparenti.***"

***(11) L-Artikolu 12għandu jiġiemendat kif ġej:***

***a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b' li ġej;***

"***1. Kull operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni għandu jkun responsabbli sabiex jara li s-sistema tibqa' għal żmien twil kapaċi tilqa' għal domandi raġonevoli tad-distribuzzjoni tal-gass, u biex jibqa' jħaddem, imantni u jiżviluppa, taħt kundizzjonijiet ekonokmiċi, sistema tad-distribuzzjoni sikura, dipendibbli u effiċjenti fiż-żona tiegħu b'rigward dovut għall-ambjent, u biex jippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija.***"

***b) il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

"***4. Kull operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-utenti tas-sistema bl-informazzjoni li jeħtieġu għall-aċċess għas-sistema effiċjenti u għall-użu tagħha.***"

***c) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħlu wara l-paragrafu 4:***

"***4a. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jippreżenta lill-awtorità regolatorja relevanti, sa …*** (*), ***proposta li tiddeskrivi s-sistemi xierqa ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu implimentati sabiex jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Dik il-proposta għandha tiffaċilita, fost affarijiet oħra, l-użu tal-meters tal-elettriku bidirezzjonali, li għandhom jitqassmu lill-konsumaturi kollha sa … (**) il-parteċipazzjoni attiva tal-konsumaturi finali u tal-ġeneraturi distribwiti fl-operat tas-sistema u l-fluss tal-informazzjoni fil-ħin reali bejn l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni u ta' trażmissjoni bl-għan li jsir l-aħjar użu tal-ġenerazzjoni, tan-network u tar-riżorsi tad-domanda kollha disponibbli.***

***4b.*** Sa … (***), ***l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom japprovaw jew jiċħdu l-proposti msemmija fil-paragrafu 4a. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw l-interoperabilità sħiħa tas-sistemi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li se jiġu implimentati. Għal dan l-għan, huma jistgħu joħorġu linji gwida u jistiednu li jsiru emendi għall-proposti msemmija fil-paragrafu 4a.***

*4c. Qabel in-notifikazzjoni lill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni tad-deċiżjoni tiegħu rigward il-proposta msemmija fil-paragrafu 4a, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tinforma lill-Aġenzija jew, jekk din għadha ma bdietx taħdem, lill-Kummissjoni. L-Aġenzija jew il-Kummissjoni għandhom jiżguraw li s-sistemi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li se jkunu implimentati, jiffaċilitaw l-iżvilupp tas-suq intern tal-elettriku u ma jdaħħlux xi ostakli tekniċi ġodda.*

(*) *Sena mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE [li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].*
(**) *Għaxar snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE [li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].*
(***) *Sentejn mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE [li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].”*

*(12) il-kapitoli li ġejjin għandhom jiddaħlu wara l-kapitolu IV:*

*“KAPITOLU IVa*

*Operatur Indipendenti tat-Trażmissjoni*

*Artikolu 12a*

*Kamp ta' applikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw meta Stat Membru jiddeċiedi li ma japplikawx l-Artikoli 7(1) skond l-Artikolu 7(7).*

*Artikolu 12b*

*Assi, tagħmir, staff u identità*

*1. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom ikunu mgħammra bir-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji kollha li huma meħtieġa biex jissodisfaw l-obbli taghhom skond din id-Direttiva u biex jagħmlu n-negozju fit-trażmissjoni tal-gass, bil-kundizzjoni li:*

*a) l-assi meħtieġa għan-negozju tat-trażmissjoni tal-gass, inkluż in-network tat-trażmissjoni, għandhom ikunu proprjetà tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;*

*b) l-istaff meħtieġ għan-negozju tat-trażmissjoni tal-gass, inkluża l-prestazzjoni tal-kompiti tal-korporazzjoni kollha, għandhom ikunu impjegati mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;*

*c) il-kiri tal-istaff u l-għoti tas-servizzi, kemm minn partijiet oħrajn tal-kumpanija integrata vertikalment u kemm għaliha, għandhom ikunu projbiti;*

*d) riżorsi finanzjarji adegwati għal proġetti ta' investiment tal-ġejjieni u/jew għas-sostituzzjoni tal-assi eżistenti għandhom jinżammu disponibbli, partikularment mill-kumpanija integrata vertikalment wara talba adegwata mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fil-qafas tal-pjan finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 12f;*

*e) l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni m'għandhomx jużaw l-istess kuntratturi jew konsu lenti esterni tal-kumpanija integrata vertikalment, u m'għandhomx jaqsmu flimkien is-sistemi jew l-apparat tal-informatka, il-bini fiżiku u s-sistemi ta' aċċess ta' sigurtà.*

*2. In-negozju tat-trażmissjoni tal-gass għandu mill-inqas jinkludi l-attivitajiet li ġejjin, flimkien ma' dawk elenkati fl-Artikolu 8:*

*a) rappreżentanza tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u kuntatti ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet regolatorji;*

*b) rappreżentanza tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fin-network Ewropew tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni;*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*c) l-għoti u l-immaniġġjar tal-aċċess minn partijiet terzi;*

*d) il-ġbir tat-tariffi kollha konnessi mas-sistema tat-trażmissjoni, inklużi t-tariffi tal-aċċess, l-ibbilanċjar tat-tariffi għal servizzi anċillari bħat-trattament tal-gass, ix-xiri ta' servizzi (l-ibbilanċjar tal-ispejjeż, telf ta' enerġija);*

*e) l-operat, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta' trażmissjoni;*

*f) l-ippjanar tal-investiment li jiżgura l-abilità fit-tul tas-sistema biex tissodisfa d-domanda u tiggarantixxi sigurtà tal-provvista;*

*g) it-twaqqif ta' kompiti konġunti adegwati, inklużi ma' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni wieħed jew iżjed, skambji ta' gass, li jkollhom l-objettiv li jiġi żviluppat il-ħolqien ta' swieq reġjonali jew li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' liberalizzazzjoni;*

*h) is-servizzi korporattivi kollha, inklużi s-servizzi legali, il-kontabilità u s-servizzi tal-informatika.*

*3. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom ikunu organizzati fil-forma legali ta' kumpanija b'responsabilità limitata kif imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151/KEE.*

*4. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandux, fl-identità korporattiva, fil-komunikazzjoni, fid-ditta u fil-bini tiegħu, joħloq konfużjoni fir-rigward tal-identità separata tal-kumpanija integrata vertikalment.*

*5. Il-kontijiet tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom ikunu vverifikati minn awditur li ma jkunx il-persuna li tagħmel il-verifika tal-l-impriża integrata vertikalment jew ta' xi parti minnha.*

*Artikolu 12c*

*L-indipendenza tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni*

*1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-membri tal-korp superviżorju maħtur mill-kumpanija integrata vertikalment b'konformità mal-Artikolu 12f, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jkollu drittijiet effettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod indipendenti mill-kumpanija integrata vert'kalment, fir-rigward tal-assi meħtieġa biex jitħaddem, jinżamm u jiġi żviluppat in-network. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jkollu s-setgħa li jissellef il-flus fis-suq tal-kapital, b'mod partikulari billi jissellef jew iżid il-kapital fil-qafas tal-pjan finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 12f.*

*2. Is-sussidjarji tal-kumpanija integrata vertikalment li jaqdu funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' provvista m'għandhom ikollhom l-ebda proprjetà ta' ishma fl-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandu jkollu la ishma diretti jew indiretti f'xi sussidjarja tal-kumpanija integrata vertikalment li taqdi funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' provvista, u lanqas jirċieivi dividenti jew kwalunkwe benefiċċju finanzjarju ieħor minn sussidjarja bħal din, ħlief għad-dħul iġġenerat mill-użu tan-network.*

*3. L-istruttura ta' ġestjoni ġenerali u l-istatus korporattiv tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jiżgura l-indipendenza effettiva tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni kif imsemmi f'dan il-Kapitolu. Il-kumpanija vertikalment integrata m'għandhiex tiddetermina, direttament jew indirettament, l-imġiba kompetittiva tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u tal-ġestjoni tan-network, jew fir-rigward tal-attivitajiet neċessarji għall-preparazzjoni tal-pjan ta' investiment ta' għaxar snin żviluppat skond l-Artikolu 12h.*

*4. Kull relazzjoni kummerċjali jew finanzjarja bejn il-kumpanija integrata vertikalemt u l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, inkluż is-self mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għall-kumpanija vertikalment integrata, għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet tas-suq. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jżomm rendikonti dettaljati ta' tali relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji u jagħmilhom disponibbli għall-awtorità regolatorja nazzjonali meta din titlobhom.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*5. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jressaq lill-awtorità regolatorja nazzjonali l-ftehim kummerċjali u finanzjarju kollu li jkunu saru mal-kumpanija integrata vertikalment.*

*6. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jgħarraf lill-awtorità regolatorja nazzjonali dwar ir-riżorsi finanzjarji disponibbli msemmijin fl-Artikolu 12b(1)(d).*

*7. Kumpanija li tkun iċċertifikata mill-awtorità regolatorja nazzjonali bħala konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għandu tkun approvata u maħtura bħala operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mill-Istat Membru kkonċernat. Il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni fl-Artikolu 7b għandha tkun applikabbli.*

*8. It-trasparenza għandha tkun mandatorja sabiex tkun żgurata n-non-diskriminazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward ta' referenzi għal tariffi, servizzi ta' aċċess minn partijiet terzi, l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ibbilanċjar. Kumpanija integrata vertikalment għandha tintalab twaqqaf kull attività li tfixkel lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fl-issodisfar ta' dawn l-obbligi.*

*Artikolu 12d*

*L-indipendenza tal-istaff u l-ġestjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni*

*1. Deċiżjonijiet dwar il-ħatra u t-tiġdid, il-kundizzjonijiet tax-xogħol inklużi s-salarji u t-tmiem tat-terminu tal-kariga tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew tal-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jittieħdu mill-korp superviżorju tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni li jkun maħtur b'konformità mal-Artikolu 12f.*

*2. L-identità u l-kundizzjonijiet li jmexxu t-terminu, it-tul u t-tmiem tal-kariga tal-persuni nnominati mill-korp superviżorju għall-ħatra jew għat-tiġdid tagħha bħala persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew bħala membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, u d-deċiżjonijiet rigward kull deċiżjoni proposta li ttemm tali terminu ta' kariga, għandhom ikunu notifikati lill-awtorità regolatorja nazzjonali. Dawn il-kundizzjonijiet u d-deċiżjonijiet msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom isiru vinkolanti biss jekk, fi żmien perjodu ta' tliet ġimgħat wara n-notifika, l-awtorità regolatorja nazzjonali ma tkunx oġġezzjonat għalihom. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista' toġġezzjona jekk iqumu dubji serji fir-rigward tal-indipendenza professjonali ta' persuna nominata responsabbli mill-ġestjoni u/jew ta' membru tal-korpi amministrattivi, jew fil-każ ta' tmiem prematur tat-terminu ta' kariga, jekk ikun hemm dubji serji rigward il-ġustifikazzjoni tagħha.*

*3. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni maħtura mill-korp superviżorju m'għandu jkollhom l-ebda pożizzjoni jew responsabilità professjonali, interessi jew relazzjonijiet kummerċjali, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija integrata vertikalment jew magħha jew f'parti jew ma' parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha, ħlief għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għal perjodu ta' ħames snin qabel il-ħatra tagħhom.*

*4. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandu jkollhom l-ebda pożizzjoni jew responsabilità professjonali, interessi jew relazzjonijiet kummerċjali, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija integrata vertikalment jew magħha jew f'parti jew ma' parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha.*

*5. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandu jkollhom l-ebda interess f'xi parti tal-kumpanija integrata vertikalment jew jirċievi xi benefiċċju finanzjarju minnha, b'mod dirett jew indirett, ħlief għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. Ir-remunerazzjoni tagħhom m'għandha bl-ebda mod tiddependi fuq l-attivitajiet jew ir-riżultati tal-kumpanija integrata vertikalment għajr dawk tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.*

*6. Id-drittijiet effettivi tal-appell għall-awtorità regolatorja nazzjonali għandhom ikunu garantiti għal kull ilment mill-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew mill-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni dwar it-tmiem prematur tat-terminu tal-kariga tagħhom.*

*7. Wara t-tmiem tat-terminu tal-kariga tagħhom fl-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, il-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tagħha m'għandu jkollhom l-ebda pożizzjoni jew responsabilità professjonali, interessi jew relazzjonijiet kummerċjali, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija integrata vertikalment jew magħha jew f'parti jew ma' parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontollawha għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin.*

*Artikolu 12e*

*Trustee*

*1. Għandu jinħatar Trustee indipendenti mill-awtorità regolatorja nazzjonali dwar il-proposta u l-ispiża tal-kumpanija integrata vertikalment. It-Trustee għandu jaġixxi esklussivament fl-interess leġittimu tal-kumpanija integrata vertikalment fil-preservazzjoni tal-valur tal-assi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, filwaqt li jissalvagwardja l-indipendenza tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mill-kumpanija integrata vertikalment. Fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu, it-Trustee m'għandux iqis l-interess tan-negozju tal-produzzjoni u tal-provvista tal-kumpanija integrata vertikalment.*

*2. It-Trustee m'għandu jkollu l-ebda pożizzjoni jew responsabilità professjonali, interessi jew relazzjonijiet kummerċjali, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija integrata vertikalment jew magħha jew f'parti jew ma' parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontollawha, jew ma' kwalunkwe kumpanija li taqdi l-funzjonijiet tal-produzzjoni u tal-provvista, għal perjodu ta' ħames snin qabel il-ħatra tiegħu.*

*It-termini tal-mandat tat-trustee, inklużi t-tul, il-kundizzjonijiet għat-tmiem u l-kundizzjonijiet finanzjarji, għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali.*

*Matul il-mandat tiegħu, it-Trustee m'għandu jkollu l-ebda pożizzjoni jew responsabilità professjonali, interessi jew relazzjonijiet kummerċjali, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija integrata vertikalment jew magħha jew f'parti jew ma' parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontollawha.*

*Wara t-tmiem tal-mandatm, it-trustee m'għandu jkollhom l-ebda pożizzjoni jew responsabilità professjonali, interessi jew relazzjonijiet kummerċjali, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija integrata vertikalment jew magħha jew f'parti jew ma' parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontollawha għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin.*

*3. It-Trustee għandu jkun responsabbli għall:*

*a) il-ħatra, it-tiġdid jew is-sensja tal-membri, apparti dawk imsemmija fl-Artikolu 12f(2)(a), tal-korp superviżorju tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni; kif ukoll*

*b) l-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot fil-korp superviżorju.*

*Artikolu 12f*

*Korp Superviżorju*

*1. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jkollu korp superviżorju li għandu jkun inkarigat mit-teħid ta' deċiżjonijiet li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-valur tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, partikularment deċiżjonijiet rigward l-approvazzjoni tal-pjan finanzjarju annwali, il-livell tad-dejn tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u l-ammont ta' dividenti mqassam lill-azzjonisti.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*2. Il-korp superviżorju għandu jkun magħmul minn:*

*a) membri li jirrappreżentaw il-kumpanija integrata vertikalment,*

*b) membri li jirrappreżentaw partijiet terzi azzjonisti,*

*c) membri li jirrappreżentaw lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni,*

*d) it-Trustee, u*

*e) meta l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi hekk, il-membri li jirrappreżentaw partijiet interessati oħrajn bħall-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.*

*3. It-Trustee għandu jkollu d-dritt li juża l-veto fir-rigward ta' deċiżjonijiet li fil-fehma tiegħu jew tagħha jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-valur tal-assi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. Meta jiġu biex jevalwaw jekk deċiżjoni tistax tnaqqas b'mod sinifikanti l-valur tal-assi, il-pjan finanzjarju annwali u l-ammont ta' dejn tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom ikunu ta' importanza partikulari. Fil-każ li żewġ terzi tal-Membri tal-Korp Superviżorju jannullaw tali veto għandu japplika l-Artikolu 12h(7).*

*4. L-Artikolu 12d(2) sa (7) għandu japplika għall-membri tal-Korp Superviżorju.*

*Artikolu 12g*

*Programm għall-konformità u uffiċjal għall-konformità*

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni iwaqqfu u jimplimentaw programm li jistipula l-miżuri meħuda sabiex ikun żgurat li jkun eskluż atteġġament diskriminatorju, u għandhom jiżguraw li l-konformità ma' dan il-programm hija mmoniterjata kif xieraq. Il-programm għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati li jilħqu dawn l-għanijiet. Il-programm għandu jiġi approvat mill-awtorità regolatorja nazzjonali. Mingħajr ħsara għas-setgħat tal-awtorità regolatorja nazzjonali, il-konformità mal-programm għandha tiġi mmoniterjata mill-uffiċjal għall-konformità b'mod indipendenti.*

*2. Il-Korp ta' Superviżjoni għandu jaħtar uffiċjal għall-konformità. L-uffiċjal għall-konformità jista' jkun persuna fiżika jew legali. L-Artikolu 12d(2) sa (7) għandu japplika għall-uffiċjal għall-konformità. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista' toġġezzjona għall-ħatra tal-uffiċjal għall-konformità minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' indipendenza jew kapaċità professjonali.*

*3. L-uffiċjal għall-konformità għandu jkun responsabbli għal li:*

*a) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm għall-konformità;*

*b) iħejji rapport annwali li jistipula l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġi implimentat il-programm għall-konformità u jissottomettih lill-awtorità regolatorja nazzjonali;*

*c) jirrapporta lill-Korp ta' Superviżjoni u jressaq rakkomandazzjonijiet dwar il-programm għall-konformità u l-implimentazzjoni tiegħu;*

*d) jirrapporta lill-awtorità regolatorja nazzjonali dwar kwalunkwe relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.*

*4. L-uffiċjal għall-konformità għandu jressaq id-deċiżjonijiet proposti dwar il-pjan ta' investiment jew dwar l-investimenti individwali fin-network għall-awtorità regolatorja nazzjonali. Deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn meta l-korp tat-tmexxija u/jew il-korp amministrattiv kompetenti tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jressquhom lill-Korp ta' Superviżjoni.*

*5. L-uffiċjal għall-konformità għandu jinnotifika lill-awtorità regolatorja nazzjonali fil-każ li l-impriża integrata vertikalment — fl-assemblea ġenerali jew permezz tal-votazzjoni tal-membri tal-Korp ta' Superviżjoni tagħha — tipprevjeni l-adozzjoni ta' deċiżjoni bir-riżultat li jiġu tardjati jew ma jitħallewx isiru investimenti fin-network.*

*6. Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mandat jew il-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-uffiċjal għall-konformità għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali u għandhom jiżguraw l-indipendenza tal-uffiċjal għall-konformità.*

*7. L-uffiċjal għall-konformità għandu jirrapporta regolarment — b'mod orali jew bil-miktub — lill-awatorità regolatorja nazzjonali u għandu jkollu d-dritt li jirrapporta regolarment — b'mod orali jew bil-miktub — lill-Korp ta' Superviżjoni tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.*

*8. L-uffiċjal għall-konformità jista' jattendi għal-laqgħat kollha tal-korpi tat-tmexxija jew amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll dawk tal-Korp ta' Superviżjoni u l-assemblea ġenerali. L-uffiċjal għall-konformità għandu jattendi għal-laqgħat kollha li jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:*

*a) il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-network; kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005, b'mod partikulari dawk li jirrigwardjaw it-tariffi, is-servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi, l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-immaniġġjar tal-konġestjoni, it-trasparenza, l-ibbilanċjar u s-swieq sekondarji;*

*b) proġetti mwettqa sabiex tiġi mħaddma, miżmuma u żviluppata s-sistema tat-trażmissjoni, inklużi l-investimenti fil-konnessjonijiet il-ġodda tat-trasport, fl-espansjoni tal-kapaċità u t-titjib tal-kapaċità eżistenti;*

*c) xiri u bejgħ ta' enerġija meħtieġa għat-tħaddim tas-sistema tat-trażmissjoni.*

*9. L-uffiċjal għall-konformità għandu jimmoniterja l-konformità tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mal-Artikolu 10.*

*10. L-uffiċjal għall-konformità għandu jkollu aċċess għad-data u għall-uffiċċji kollha rilevanti tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għat-tagħrif kollu meħtieġ sabiex iwettaq ix-xogħol assenjat lilu.*

*11. Wara l-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità regolatorja nazzjonali, il-Korp ta' Superviżjoni jista' jkeċċi lill-uffiċjal għall-konformità.*

*12. L-obbligi tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u tal-impriża integrata vertikalment, b'mod partikulari għal ftehim kummerċjali u finanzjarju bejn l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u l-impriża integrata vertikalment, għandhom jiġu notifikati biss lill-awtorità regolatorja nazzjonali mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni. Il-ħatra u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-management u tal-uffiċjal għall-konformità għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità regolatorja nazzjonali. mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni.*

*Artikolu 12h*

*L-iżvilupp tan-network u s-setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment*

*1. Kull sena, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom iressqu lill-awtorità regolatorja nazzjonali pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin ibbażat fuq provvista u domanda eżistenti u mbassra wara li jikkonsultaw il-partijiet interessati rilevanti kollha. Il-pjan għandu jinkludi miżuri effiċjenti sabiex tkun garantita l-adegwatezza tas-sistema u s-sikurezza tal-provvista.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*2. Il-pjanijiet tal-iżvilupp tan-network fuq firxa ta' għaxar snin għandhom, b'mod partikolari:*

*a) jindika lill-parteċipanti fis-suq l-infrastrutturi ewlenin ta' trażmissjoni li jeħtieġ jinbnew jew jittejbu matul l-għaxar snin li ġejjin.*

*b) ikun fihom l-investimenti kollha li diġà ttieħdet deċiżjoni dwarhom u jidentifikaw investimenti ġodda li jeħtieġ li jiġu mwettqa fit-tliet snin li ġejjin.*

*c) jipprovdu perjodu ta' żmien għall-proġetti kollha ta' investiment.*

*3. Meta jkun qed jelabora l-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jagħmel tbassir raġonevoli dwar l-evoluzzjoni tal-produzzjoni, tal-provvista, tal-konsum u tal-skambju tiegħu ma' pajjiżi oħra, filwaqt li jikkunsidra l-pjani ta' investiment għan-networks reġjonali u fuq l-UE kollha, kif ukoll il-pjani ta' investiment għall-faċilitajiet ta' ħżin u dawk għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass tal-LNG.*

*4. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tikkonsulta l-utenti attwali u potenzjali kollha tan-network dwar il-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin b'mod miftuħ u trasparenti. Persuni jew impriżi li jiddikjaraw li huma utenti potenzjali jistgħu jiġu mitluba jagħtu prova ta' dawn id-dikjarazzjonijiet. L-awtorità għandha tippubblika r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni, b'mod partikulari l-ħtiġijiet possibbli għall-investimenti.*

*5. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha teżamina jekk il-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin ikoprix il-ħtiġijiet kollha ta' investiment identifikati waqt il-proċess ta' konsultazzjoni, u jekk huwiex konsistenti mal-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin fuq medda Komunitarja msemmi fl-Artikolu 2c(1) tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005. Jekk ikun hemm xi dubju dwar il-konsistenza mal-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin fuq medda Komunitarja, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tikkonsulta lill-Aġenzija. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tobbliga lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni biex jemenda l-pjan tiegħu.*

*6. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha timmoniterja u tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin.*

*7. F'ċirkostanzi fejn l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, sakemm mhux għal raġunijiet mhux fil-kontroll tiegħu, ma' jwettaqx investiment, li skond il-pjan ta' żvilupp tan-network fuq firxa ta' 10 snin, kellu jiġi mwettaq fit-tliet snin ta' wara, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha l-obbligu li tieħu għallinqas waħda minn dawn il-miżuri sabiex tiżgura li dan l-investiment isir:*

*a) titlob lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni biex iwettaq dawn l-investimenti b'konformità mal-pjan finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 12f, jew,*

*b) torganizza proċedura ta' għoti ta' offerta lil kwalunkwe investitur għal dan l-investiment.*

*Meta l-awtorità regolatorja nazzjonali tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha skond il-punt (b), tista' tobbliga lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni biex jaċċetta dan li ġej:*

*a) finanzjament minn parti terza,*

*b) kostruzzjoni minn parti terza,*

*c) il-bini tal-assi l-ġodda rispettivi,*

*d) jopera l-assi l-ġdid rispettiv.*

*L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jipprovdi lill-investituri l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jitwettaq l-investiment, għandu jikkonnettja assi ġodda man-network ta' trażmissjoni u għandu, b'mod ġenerali, jagħmel l-aħjar sforzi tiegħu biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment.*

*L-arranġamenti finanzjarji rilevanti għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali.*

L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008

*8. Fil-każ li l-awtorità regolatorja nazzjonali tagħmel użu mis-setgħat tagħha skond il-paragrafu 7, ir-regolamenti rilevanti tat-tariffi għandhom ikopru l-ispejjeż ta' dawn l-investimenti.*

*Artikolu 12i*

***Setgħat ta' teħid ta' deċiżjoni fir-rigward tal-konnessjoni tal-faċilitajiet ta' ħżin, tal-faċilitajiet għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass tal-LNG, u tal-konsumaturi industrijali man-network ta' trażmissjoni***

*1. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw proċeduri u tariffi trasparenti u effiċjenti għall-konnessjoni mhux diskriminatorja tal-faċilitajiet ta' ħżin, tal-faċilitajiet għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass tal-LNG, u tal-konsumaturi industrijali man-network ta' trażmissjoni. Il-proċeduri għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali.*

*2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandhomx ikunu intitolati li jirrifjutaw il-konnessjoni ta' faċilità ġdida ta' ħżin, ta' faċilità għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass tal-LNG, u ta' konsumatur industrijali fuq il-bażi ta' limitazzjonijiet futuri possibbli għall-kapaċitajiet disponibbli tan-network jew ta' spejjeż addizzjonali marbuta maż-żieda meħtieġa fil-kapaċità. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jiżgura kapaċità suffiċjenti għad-dħul u l-ħruġ tal-konnessjoni ġdida.*

*3. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jikkonċedu u jieħdu ħsieb tal-ġestjoni tal-aċċess għall-grid lill-parti terza, speċjalment l-aċċess għall-operaturi ġodda tas-suq u produtturi tal-bijogass skond ir-regoli ta' sigurta? tan-network.*

*KAPITOLU IVb*

*Artikolu 12j*

*Klawżola ta' reviżjoni*

*1. L-Aġenzija għandha, mhux aktar tard minn … (*), tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dettaljat li jispjega sa fejn ir-rekwiżiti tas-separazzjoni skond din id-Direttiva kienu ta' suċċess biex jiżguraw indipendenza sħiħa u effettiva tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.*

*2. Għall-iskop tal-evalwazzjoni ta' dan skond il-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tikkunsidra b'mod partikulari l-kriterji li ġejjin: aċċess ġust u mhux diskriminatorju għan-network, regolamentazzjoni effettiva, l-iżvilupp tan-network, investimenti u inċentivi mhux mgħawġa għall-investiment, l-iżilupp ta' infrastruttura ta' interkonnessjoni, u s-sikurezza tas-sitwazzjoni tal-provvista fil-Komunità.*

*3. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn … (*), tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dettaljat li jagħti idea tal-fattibilità tal-ħolqien ta' operatur wieħed għas-sistema ta' trażmissjoni Ewropea u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji fir-rigward ta' b'mod speċjali drittijiet ta; propjetà, l-integrazzjoni tas-suq kif ukoll l-operazzjoni effettiva u sigura tan-network tat-trażmissjoni. Ir-rapport għandu jiġi mfassal b'konsultazzjoni ma' dawk involuti b'mod partikolari l-operaturi tas-sistema tat-trasmissjoni u l-Aġenzija.*

*4. Fejn ikun xieraq, u b'mod partikulari fil-każ fejn ir-rapport dettaljat imsemmi fil-paragrafu 1 jiddetermina li l-konidzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ma ġewx garantiti fil-prattika, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tkun żgurata l-indipendenza sħiħa u effettiva tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni qabel … (**).*

(*) *Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE[li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali].*

(**) *Seba' snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE[li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali]."*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(13)* L-Artikolu 13 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2(c), għandha tiżdied is-sentenza li ġejja wara l-ewwel sentenza:

"Sabiex jitwettqu dawn il-kompiti, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi neċessarji, inklużi dawk umani, tekniċi, finanzjarji u fiżiċi."

(b) Il-paragrafu 2(d) *għandu jiġi* emendat kif ġej:

i) l-aħħar sentenza *għandha tiġi* emendata kif ġej:

"Rapport ta' kull sena, li jindika l-miżuri li jkunu ttieħdu, għandu jingħata mill-persuna jew korp responsabbli għas-sorveljanza tal-programm ta' konformità, minn issa 'l qudde "l-uffiċjal għall-konformità", lill-awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 24a(1) u għandu jiġi ppubblikat."

ii) għandha tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

"L-uffiċjal għall-konformità għandu jkun kompletament indipendenti u għandu jkollu aċċess għat-tagħrif kollu neċessarju dwar l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u dwar kwalunkwe kumpanija affiljata sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu."

c) *l-paragrafu li ġej għandu jiżdied*:

"3. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jifforma parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jiġi sorveljat sabex ma jkunx jista' japprofitta ruħu mill-integrazzjoni vertikali tiegħu biex ixekkel il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni li huma integrati vertikalment ma għandhomx, fil-komunikazzjoni u l-branding, joħolqu konfużjoni fir-rigward tal-identità separata tal-fergħa ta' forniment tal-impriża integrata vertikalment."

▌

*(14)* L-Artikolu 15 għandu jinbidel b' li ġej:

"*Artikolu 15*

*Operatur kombinat*

Din id-direttiva ma għandhiex tipprevjeni t-tħaddim ta' sistema kkombinata tat-trażmissjoni, LNG, ħżin u distribuzzjoni, sakemm din tikkonforma għal kull waħda mill-attivitajiet tagħha, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Artikolu 7 u ‖l-*Artikolu* 13(1)."

***(15) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 18a***

***Aċċess għall-faċilitajiet LNG***

***1. Għall-organizzazzjoni tal-aċċess għall-faċilitajiet LNG għandha tapplika jew il-proċedura għall-aċċess regolat, jew il-proċedura għall-aċċess innegozjat imsemmija fil-paragrafu 2. Dawn il-proċeduri għandhom joperaw skond kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jaraw li jkun hemm konformità ma' dawn il-kriterji.***

***L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-proċedura applikabbli għall-aċċess ibbażata fuq kriterji definiti u ppubblikati. Dawn il-kriterji b'mod partikulari għandhom jindirizzaw il-kwistjoni jekk il-kompetizzjoni bejn il-faċilitajiet LNG issir fis-suq relevanti, u jekk l-aċċess għall-LNG jkun irranġat permezz ta' operatur indipendenti tal-infrastruttura li jipprovdi aċċess miftuħ. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmoniterjaw l-osservanza ta' dawn il-kriterji u joħorġu fil-pubbliku, jew inkella jobbligaw lill-operaturi tas-sistema tal-ħżin li jagħmlu pubbliku, liema faċilitajiet LNG, jew liema partijiet minnhom, huma offruti skond il-proċedur ta' aċċess negozjat msemmija fil-paragrafu 2.***

***2. Fil-każ ta' aċċess negozjat l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-impriżi tal-gass naturali u għall-klijenti eliġibbli kemm fit-territorju kif ukoll barra t-territorju kopert mis-sistema interkonnessa biex ikunu jistgħu jinnegozjaw aċċess għall-faċilitajiet LNG. Il-partijiet għandhom jiġu obbligati li jinnegozjaw l-aċċess għall-faċilitajiet LNG bil-bona fide.***"

*(16)* ***L***-Artikolu 19 ***għandu jinbidel b'dan*** li ġej:

"***Artikolu 19***

***Aċċess għal-ħżin***

***1. Għall-organizzazzjoni tal-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin fejn ikun teknikament u/jew ekonomikament meħtieġ għall-provvediment ta' aċċess effiċjenti għas-sistema għall-provvista tal-klijenti, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jagħżlu jew il-proċess regolat tal-aċċess kif deskritt fil-paragrafu 4, jew il-proċess negozjat tal-aċċess kif imsemmi fil-paragrafu 3. Dawn il-proċeduri għandhom joperaw skond kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jaraw li jkun hemm konformità ma' dawn il-kriterji.***

***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali*** għandhom jiddefinixxu u jippubblikaw il-kriterji skond liema ***kriterji l-iskema ta'*** l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin ***tista tiġi determinata, l-aktar fejn tindirizza jekk il-kompetizzjoni bejn il-faċilitajiet tal-ħżin issehhx fis-suq rilevanti, u jekk din l-organizzazzjoni hijiex imħejjija permezz ta' operatur indipendenti tal-infrastruttura li jipprovdi aċċess miftuħ. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmoniterjaw il-konformità ma' dawn il-kriterji u*** għandhom joħorġu fil-pubbliku, jew inkella jobbligaw lill-operaturi tas-sistema ta' ħżin ▌ li jagħmlu pubbliku, liema faċilitajiet tal-ħżin ▌ huma offruti skond il-proċeduri differenti msemmija fil-paragrafi 3 u 4.

***2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal servizzi anċillari u ħżin temporanju relatati mal-faċilitajiet tal-LNG u huma meħtieġa għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass u t-twassil sussegwenti lejn is-sistema ta' trażmissjoni.***

***3. Fil-każ ta' aċċess negozjat, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti eliġibbli kollha kemm ġewwa jew barra mit-territorju kopert mis-sistema interkonnessa biex ikunu jistgħu jinnegozjaw aċċess għall-ħżin, meta teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-provvediment ta' aċċess effiċjenti għas-sistema. Il-partijiet għandhom jiġu obbligati li jinnegozjaw l-aċċess għall-ħżin bil-bwona fede.***

***Appalti għall-aċċess għall-ħżin għandhom jiġu negozjati mal-operatur rilevanti tas-sistema tal-ħżin. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jirrikjedu lill-operaturi tas-sistemi tal-ħżin li jippubblikaw il-kondizzjonijiet kummerċjali ewlenin għall-użu tal-ħżin fl-ewwel sitt xhur wara l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq bażi annwali kull sena wara. L-iżvilupp ta' dawn il-kondizzjonijiet għandhom iqisu l-opinjonijiet tal-utenti tas-sistema, li għandhom id-dritt joġġezzjonaw għal dawn mal-awtorità regolatorja nazzjonali.***

***4. Fil-każ ta' aċċess regolat, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jagħtu lill-impriżi tal-gass naturali u lill-klijenti eliġibbli kemm ġewwa kif ukoll barra mit-territorju kopert mis-sistema interkonnessa dritt għall-aċċess għall-ħażniet, a bażi ta' tariffi u/jew termini u obbligazzjonijiet oħrajn ippubblikati għall-użu ta' dawk il-ħażniet, fejn teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa biex jingħata aċċess effiċjenti għas-sistema. L-iżvilupp ta' dawn it-tariffi u termini u obbligi oħrajn għandu jqis l-opinjonijiet tal-utenti tas-sistema, li għandhom id-dritt joġġezzjonaw għal dawn mal-awtorità regolatorja nazzjonali. Dan id-dritt ta' aċċess għall-klijenti eliġibbli jista' jingħata billi jiġu permessi li jdħlu f'kuntratti ta' forniment ma' impriżi tal-gass naturali li huma kompetituri minbarra l-proprjetarju u/jew l-operatur tas-sistema u/jew impriża relatata.***"

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(17)* L-Artikolu 22 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 22

Infrastruttura ġdida

1. Infrastrutturi maġġuri ġodda tal-gass, jiġifieri interkonnetturi bejn l-Istati Membri, faċilitajiet ta' ħżin u ta' LNG jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati, għal perjodu ta' żmien ***definit***, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 18, 19 *u* 20, u *l-Artikoli* 24c(4), (5) u (6) taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) l-investiment għandu jtejjeb il-kompetizzjoni fil-fornitura tal-gass u jtejjeb is-sigurtà tal-fornitura;

b) il-livell tar-riskju għall-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx kemm-il darba ma tingħatax eżenzjoni;

c) l-infrastruttura għandha tkun il-proprjetà ta' persuna naturali jew legali li hija separata għall-inqas ai termini tal-forma legali tagħha, mill-operatur tas-sistema li fis-sistemi tiegħu sejra tinbena dik l-infrastruttura;

d) il-piżijiet jiġu imposti fuq l-utenti ta' dik l-infrastruttura;

e) l-eżenzjoni mhix detrminetali għall-kompetizzjoni jew għall-funzjonar effettiv tas-suq intern tal-gass jew il-funzjonar effettiv tas-sistema regolata li l-infrastruttura hija mqabbda magħha.

***f) il-proġett hu ta' interess Ewropew u ta' mill-inqas jaqbeż fruntiera nazzjonali waħda fi ħdan l-Unjoni Ewropea.***

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika ukoll għal żidiet sinifikanti fl-kapaċità ta' infrastrutturi eżistenti u għal modifiki ta' tali infrastrutturi li jippermettu l-iżvilupp ta' ***kwantitajiet miżjuda u addizzjonali***.

3. L-awtorità regolatorja *nazzjonali* msemmija fil-Kapitolu VIa tista', skond il-każ, tiddeċiedi dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għandha teżerċita l-kompiti kkonferiti fuq l-awtorità regolatorja minn dan l-Artikolu. ***Id-deċiżjoni tal-Aġenzija għandha tkun soġġetta għal konsultazzjoni li ssir minn qabel mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali relevanti u l-applikant.***

Eżenzjoni tista' tkopri l-kapaċità kollha ***ċerti partijiet speċifiċi*** minnha tal-infrastruttura l-ġdida, jew l-infrastruttura eżistenti b'kapaċità miżjuda b'mod sinifikanti.

Meta tittieħed deċiżjoni li tingħata eżenzjoni, għandu jitqies, fuq bażi ta' kull każ individwalment, għall-ħtieġa li jiġu imposti l-kundizzjonijiet rigward id-durata tal-eżenzjoni u l-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. Meta tittieħed deċiżjoni rigward dawk il-kundizzjonijiet, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-kapaċità żejda li għandha tinbena jew il-modifika tal-kapaċità eżistenti, il-medda ta' żmien prevista għall-proġett u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

Qabel ma tagħti eżenzjoni, l-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandha tiddeċiedi dwar ir-regoli u l-mekkaniżmi għall-amministrazzjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità ***li jistgħu, jekk hemm bżonn, ikunu emendati matul il-perjodu li fih l-infrastruttura tkun eżentata mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, biex b'hekk isiru aġġustamenti tal-ħtiġijiet ekonomiċi u tas-suq relevanti.*** Ir-regoli għandhom jesiġu li l-utenti kollha potenzjali tal-infrastruttura jkunu mistidnin jindikaw l-interess tagħhom fil-kapaċità tal-kuntrattar qabel ma tiġi allokata l-kapaċità għall-infrastruttura l-ġdida, inkluż għall-użu proprju. L-awtorità regolatorja għandha tesiġi li r-regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni jinkludu l-obbligu li tinbiegħ kapaċità ġdida fis-suq, u għandha tesiġi li l-utenti tal-faċilità jkunu intitolati jikkummerċjaw il-kapaċitjiet kuntrattati tagħhom fuq is-suq sekondarju. Fl-analiżi tagħha tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (e), l-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandha tqis ir-riżultati tal-proċedura tal-allokazzjoni ta' kapaċità***, fejn partijiet terzi wrew impenn sod.***

Id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, li tinkludi kwalunkwe mill-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, għandha tkun motivata u ppubblikata kif jixraq.

4. L-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandha tibgħat lill-Kummissjoni minnufih kopja ta' kull talba għal eżenzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha rigward id-deċiżjoni. Din l-informazzjoni tista' tingħata lill-Kummissjoni f'forma aggregata, li tippermetti lill-Kumissjoni tasal għal deċiżjoni fuq bażi tajba. B'mod partikolari, l-informazzjoni għandu jkun fiha:

a) ir-raġunijiet dettaljati li abbażi tagħhom l-awtorità regolatorja *nazzjonali* tat ***jew irrifjutat*** l-eżenzjoni ***flimkien mar-referenza għall-Artikolu speċifiku li fuqu ttieħdet din id-deċiżjoni***, inkluża l-informazzjoni finanzjarja li tiġġustifika l-ħtieġa għall-eżenzjoni;

b) l-analiżi li tikun saret dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni u l-operat effettiv tas-suq intern tal-gass li jirriżultaw mill-għotja tal-eżenzjoni;

c) ir-raġunijiet għall-perjodu ta' żmien u s-sehem tal-kapaċità totali tal-infrastruttura tal-gass in kwistjoni li għaliha ngħatat l-eżenzjoni;

d) f'każ li l-eżenzjoni tirrigwarda interkonnettur, ir-riżultat tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji kkonċernati;

e) il-kontribut tal-infrastruttura għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass.

5. Fi żmien xahrejn wara li tkun rċeviet notifika, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-awtorità regolatorja *nazzjonali* temenda jew *tirrevoka* d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla tan-notifika. Il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni addizzjonali. Dak il-perjodu addizjonali għandu jibda l-għada tal-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kollha. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*. Meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet ipprovvduta fil-perjodu stipulat fit-talba, in-notifika għandha titqies li ġiet irtirata jekk, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dan ma jkunx ġie estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*, u sakemm l-awtorità regolatorja *nazzjonali*, fi stqarrija raġunata kif xieraq, ma tkunx informat lill-Kummissjoni li tikkunsidra li n-notifika hija kompluta.

L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni ta' eżenzjoni fi żmien erba' ġimgħat, u għandha tinforma lill-Kummissjoni skond dan.

Il-Kummissjoni għandha tippreserva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

▌ *Id-deċiżjoni dwar eżenzjoni* tal-Kummissjoni ta' ▌ ma għandhiex tibqa' fis-seħħ sentejn wara l-adozzjoni tagħha jekk, sa dak iż-żmien, il-bini tal-infrastruttura ma jkunx għadu beda, u ħames snin wara l-adozzjoni tagħha jekk, l-infrastruttura ma tkunx saret operazzjonali ***ħames snin wara li jkunu ħarġu d-deċiżjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali u reġjonali kollha, sakemm l-ittardjar ma jkunx ġej minn ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-persuna li ġiet mogħtija l-eżenzjoni.***

***6. L-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw awtomatikament għall-eżenzjonijiet mgħotija skond dan l-Artikolu fid-***… (*).***Il-kondizzjonijiet sabiex tkun approvata eżenzjoni mogħtija skond dan l-Artikolu ma jistgħux jinbidlu b'mod retrospettiv mingħajr ftehim bejn il-partijiet kollha kkonċernati.***

***(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…/KE [li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward ir-regoli komuni għas-suq internazzjonali tal-gass naturali]…***"

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(18)* Il-kapitolu li ġej *għandu* jiddaħħal wara l-Artikolu 24:

"KAPITOLU VIa

AWTORITAJIET REGOLATORJI NAZZJONALI

Artikolu 24a

Ħatra u indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità regolatorja nazzjonali waħda.

2. *Kull Stat Membru* għandu jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtorità regolatorja *nazzjonali* u jiżgura li teżerċita l-poteri tagħha b'mod imparzjali u trasparenti. Għal dan il-għan, Stat Membru għandu jiżgura li, meta twettaq il-kompiti regolatorji kkonferiti fuqha permezz ta' din id-Direttiva u ***ta' leġiżlazzjoni oħra rilevanti***, l-awtorità regolatorja *nazzjonali* tkun distinta legalment u indipendenti funzjonalment minn kull entità oħra pubblika jew privata, u li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha jaġixxu indipendentement minn kull interess tas-suq u ma jippruvawx ifittxu jew jieħdu istruzzjonijiet ***diretti*** minn kwalunkwe gvern jew entità pubblika jew privata ***meta jwettqu funzjonijiet regolatorji.***

3. Sabiex titħares l-indipendenza tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:

a) l-awtorità regolatorja għandha personalità legali, awtonomija ***finanzjarja***, u riżorsi umani u finanzjarji biżżejjed biex twettaq id-dmirijiet tagħha;

b) ***il-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja nazzjonali jinħatru*** għal perjodu fiss *li ma jistax jiġġedded ta' mhux inqas minn* ħames snin ***iżda mhux aktar minn seba' snin u għall-ewwel mandat, dan il-perjodu għandu jkun ta' sentejn u nofs għal nofs il-membri. Il-membri għandhom jitneħħew*** mill-inkarigu ***tagħhom*** matul il-mandat ***tagħhom biss*** jekk ma ***jibqgħux jissodisfaw il-***kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew *jekk i* ***kunu ħatja*** *ta' kondotta ħażina serja* **taħt il-liġi nazzjonali; u**

***c) il-ħtiġijiet baġitarji tal-awtorità regolatorja nazzjonali huma koperti mid-dħul dirett mill-kompiti tas-suq tal-enerġija.***

Artikolu 24b

L-għanijiet ta' politika tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*

Fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandha tieħu l-miżuri kollha raġonevoli għall-ksib ta' dawn l-għanijiet:

a) il-promozzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib *mal-Kummissjoni,* l-Aġenzij, l-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* ta' Stati Membri oħrajn ‖, ta' suq intern tal-gass li jkun kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli fi ħdan il-Komunità, u ftuħ effettiv fis-suq għall-konsumaturi u l-fornituri kollha tal-Komunità***, u li jkun żgurat li n-networks tal-forniment tal-enerġija joperaw b'mod effettiv u ta' min joqgħod fuqhom, filwaqt li jiġu meqjusa l-objettivi fuq medda twila ta' żmien***;

b) l-iżvilupp ta' swieq ▌ kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb fil-Komunità sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fil-punt (a);

c) it-tneħħija ta' ***kwalunkwe*** restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fil-gass naturali bejn l-Istati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet xierqa ta' trażmissjoni transkonfinali li jilqgħu d-domanda, ***u jtejbu*** l-integrazzjoni ta' swieq nazzjonali ***biex ikun faċilitat il-***fluss liberu tal-gass naturali madwar il-Komunità;

d) li jiġi żgurat ***bl-aktar mod effettiv mil-lat ta' spejjeż,*** l-iżvilupp ta' sistemi ***ta' network orjentati lejn il-konsumatur,*** sikuri, effiċjenti u ta' min joqgħod fuqhom, li jippromwovu l-adegwatezza tas-sistema ***filwaqt li jiżguraw l-effiċjenza fl-enerġija u l-integrazzjoni ta' energiji rinnovabbli (eż. il-bijogass) fuq skala kbira u żgħira u produzzjoni mqassma kemm filn-networks ta' trażmissjoni kif ukoll f'dawk ta' distribuzzjoni***;

***e) li jiġi faċilitat l-aċċess għan-network, b'mod partikulari billi jitneħħew l-ostakoli li jistgħu jipprevjenu l-aċċess għal dawk li jidħlu ġodda fis-suq u għall-enerġiji rinnovabbli;***

*f)* li jiġi żgurat li l-operaturi tan-network jingħataw inċentivi xierqa, kemm fit-tul kif ukoll fiż-żmien qasir, li jżidu l-effiċjenza fil-prestazzjoni tan-network u jinkoraġġixxu l-integrazzjoni tas-suq;

*g)* li ***jiġu żgurati benefiċċji għall-konsumaturi permezz tal-***funzjonament effiċjenti tas-suq nazzjonali tagħhom, u li tiġi promossa kompetizzjoni effettiva f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni ***kif ukoll li tkun żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur;***

***h) li jkun hemm kontribut għal standards għoljin tas-servizz pubbliku għall-gass naturali, għall-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u għajnuna sabiex ikunu żgurati li l-miżuri għall-protezzjoni tal-konsumatur stipulati fl-Anness A jkunu effettivi;***

***i) l-armonizzazzjoni ta' proċessi meħtieġa għall-iskambjar ta' data.***

Artikolu 24c

Dmirijiet u setgħat tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*

1. L-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandu jkollha d-dmirijiet li ġejjin ***li għandhom jitwettqu fejn xieraq f'konsultazzjoni mill-qrib mal-entitajiet Komunitarji jew nazzjonali rilevanti oħra, mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll ma' partijiet kkonċernati oħra u mingħajr ħsara għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom:***

a) tiżgura l-konformità tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, u fejn rilevanti tal-proprjetarji tas-sistema rilevanti, kif ukoll ta' kwalunkwe impriża tal-gass naturali, mal-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva u leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Komunità, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet transkonfinali;

b) *tikkopera* dwar kwistjonijiet transkonfinali mal-awtorità regolatorja *nazzjonali* jew mal-awtoritajiet *ta' Stati Membri oħrajn* ***u tal-Aġenzija*** , ***kif ukoll tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċità tal-interkonnessjoni bejn l-infrastrutturi ta' trażmissjoni sabiex jissodisfaw l-evalwazzjoni sħiħa u effiċjenti tas-suq u l-kriterji tas-sigurtà tal-provvista tal-gass mingħajr diskriminazzjoni bejn impriżi ta' forniment fi Stati Membri differenti;***

c) tikkonforma ma' u timplimenta, ***kwalunkwe deċiżjoni li torbot*** *tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija* ‖;

d) tirrapporta kull sena *lill-Kummissjoni u* lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, *u lill-Aġenzija* dwar l-attività tagħha u l-qadi tad-dmirijiet tagħha. Dawn ir-rapporti għandhom ikopru l-passi kollha li ttieħdu u r-riżultati li nkisbu fir-rigward ta' kull wieħed mill-kompiti elenkati f'dan l-Artikolu;

e) ***tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti ta' separazzjoni skond din id-Direttiva u leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti oħra u*** tiżgura li ma jkunx hemm kontrosussidji bejn it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin, l-LNG u l-attivitajiet tal-forniment ***kull ukoll tiżgura li d-distribuzzjoni u t-tariffi ta' trażmissjoni jkunu stabbiliti sew minn qabel il-perjodi rilevanti li matulhom japplikaw;***

f) tirrevedi l-pjanijiet ta' investiment tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, u tipprovdi fir-rapport annwali tagħha valutazzjoni tal-pjan ta' investiment tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fir-rigward tal-konsistenza tiegħu mal-pjan tal-iżvilupp tan-network madwar l-Ewropa fuq firxa ta' għaxar snin kif imsemmi fl-Artikolu 2c tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005; ***il-pjanijiet ta' investiment tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jiżguraw li l-ħiliet u n-numru tal-persunal ikunu biżżejjed biex jintlaħqu l-obbligi tas-servizz; jekk il-pjanijiet ta' investiment ma jiġux onorati, għandhom jiġu imposti sanzjonijiet proporzjonati fuq l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni skond il-linji gwida maħruġa mill-Aġenzija;***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*g)* ***tapprova l-pjanijiet ta' investiment annwali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni;***

*h)* tissorvelja ***l-konformità mas***-sigurtà u l-affidabilità tan-network, ***twaqqaf jew tapprova standards u rekwiżiti għall-kwalità tas-servizz u tal-provvista*** u tirrevedi ***l-prestazzjonijiet għall-kwalità tas-servizz u tal-forniment***, tar-regoli dwar is-sigurtà u l-affidabilità tan-*network*;

*i)* tissorvelja l-livell ta' trasparenza, li tiżgura l-konformità ***tal-operaturi tan-network*** mal-obbligi ta' trasparenza;

*j)* tissorvelja l-livell ta' ftuħ fis-suq u ta' kompetizzjoni fil-livelli ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, inklużi boroż tal-gass naturali, prezzijiet għall-bejgħ fid-djar, rati għall-bdil tal-fornitur, rati ta' diskonnessjoni u lmenti mill-utenti privati f'format miftiehem, kif ukoll kwalunkwe tixkil jew restrizzjoni tal-kompetizzjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni *nazzjonali*, inkluż billi tipprovdi kull tagħrif rilevanti, filwaqt li tgħaddi l-każijiet rilevanti lill-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni rilevanti;

***k) tissorvelja l-okkorrenza ta' prattiki kuntrattwali restrittivi, inklużi dispożizzjonijiet ta' esklussività, li jistgħu jfixklu jew inaqqsu l-għażla tal-klijenti mhux domestiċi li simultanjament jagħmlu kuntratti ma' aktar minn fornitur wieħed u, fejn ikun xieraq, tgħarraf lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar dik il-prattika;***

***l) fir-rigward sħiħ tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, li jħeġġeġ il-ftehim dwar bażi fuq tul ta' żmien twil bejn il-konsumaturi u l-fornituri tal-enerġija li jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija u, fl-istess ħin, jippermettu lill-konsumatur li jaqsam il-benefiċċji li jirriżultaw, sakemm ftehim bħal dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu għal livell ottimali ta' investiment fis-settur tal-enerġija;***

*m)* tissorvelja ż-żmien li jittieħed mill-impriżi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex isiru konnessjonijiet u tiswijiet; ***u timponi sanzjonijiet skond il-linji gwida maħruġa mill-Aġenzija jekk dan iż-żmien jinqabeż mingħajr raġuni valida;***

*n)* tissorvelja ▌ l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-*faċilitajiet ta'* ħżin, u servizzi oħrajn ančillari kif previst fl-Artikolu 19;

*o)* bla ħsara għall-kompetenza ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali oħra, tiżgura standards għoljin tas-servizz pubbliku għall-gass naturali, tħares lill-klijenti vulnerabbli u tara li l-miżuri ta' ħarsien tal-konsumatur stabbiliti fl-Anness A jkunu effettivi ***u infurzati***;

*p)* tippubblika rakkomandazzjonijiet, talanqas kull sena, dwar il-konformità tat-tariffi tal-forniment mal-Artikolu 3 ***għandha tingħata attenzjoni xierqa f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet għall-impatt dwar l-operat tas-suq ta' prezzijiet regolati (prezzijiet bl-ingrossa u prezzijiet għall-utenti aħħarija);***

*q)* tiżgura l-aċċess ***effettiv u ugwali*** għad-data dwar il-konsum tal-klijent ***inkluża data dwar prezzijiet u kwalunkwe spiża oħra relatata għall-parteċipanti fis-suq***, l-applikazzjoni ta' format armonizzat ***li jinftiehem b'mod faċli għal din*** id-data dwar il-konsum, ***pagament minn qabel adegwat li jirrifletti l-konsum reali*** u l-aċċess ***fil-pront għall-klijenti kollha*** għal din id-data skond ***il-punt*** (h) tal-Anness A;

*r)* tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli marbuta mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, il-fornituri u l-klijenti u ta' partijiet oħrajn fis-suq skond l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005;

***s) tiffissa jew tapprova t-tariffi tal-aċċess għan-network u tippubblika l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti t-tariffi;***

***t) tiżgura t-trasparenza ta' ċaqliq fil-prezzijiet bl-ingrossa;***

*u)* tissorvelja l-applikazzjoni tajba tal-kriterji li jiddeterminaw jekk faċilità ta' ħżin taqax taħt l-Artikolu 19(3) jew ‖(4).

‖

*2.* L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* jingħatawlhom is-setgħat li jippermettulhom iwettqu d-dmirijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ‖b'mod effiċjenti u mħaffef. Għal dan il-għan, l-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandu jkollha, *inter alia,*‖ is-setgħat *li*:

a) ‖toħroġ deċiżjonijiet li jorbtu lill-impriżi tal-gass;

b) ‖tagħmel investigazzjonijiet tas-swieq tal-gass oeprattivi, flimkien mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, u li tiddeċiedi, ▌ dwar kwalunkwe miżuri xierqa meħtieġa u proporzjonati għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u sabiex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-suq, inklużi l-programmi għar-rilaxx tal-gass;

c) ‖titlob għal kwalunkwe informazzjoni mill-impriżi tal-gass naturali li tkun rilevanti għall-qadi tad-dmirijiet tagħha;

d) ‖timponi sanzjonijiet effettivi, xierqa u diżwassivi fuq impriżi tal-gass naturali li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva jew ma' kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità regolatorj *nazzjonali* a jew tal-Aġenzija; ***jew li tipproponi lil entità kompetenti biex timponi dawn is-sanzjonijiet; apparti dan, timponi, jew tipproponi li timponi multi sa 10 % tal-fatturat annwali tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni lill-operatur tas-sistema ta' trażmisssjoni jew lill-impriżi integrati vertikalment, skond il-każ, talli ma jkunux ikkonformaw mal-obbligi rispettivi tagħhom skond din id-Direttiva***;

e) ‖jkollha d-drittijiet xierqa ta' investigazzjoni, u setgħat rilevanti biex tagħti struzzjonijiet dwar is-soluzzjoni ta' tilwim skond il-paragrafi 8 u 9;

f) ‖*tieħu l-kariġu li* tapprova miżuri ta' ħarsien kif jissemma fl-Artikolu 26.

***3. Minbarra l-kompiti u s-setgħat mogħtija lilha mill-paragrafi 1 u 2, meta l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni ikun ġie magħżul skond il-Kapitolu IVa, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tingħata inter alia s-setgħat u l-kompiti li ġejjin:***

***a) timponi sanzjonijiet inklużi multi skond il-paragrafu 2(d) għal imġiba diskriminatorja favur l-impriża integrata vertikalment;***

***b) tissorvelja l-komunikazzjonijiet bejn l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u l-impriża integrata vertikalment sabiex tiżgura konformità mal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mal-obbligi tagħha;***

***c) topera bħala awtorità ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fir-rigward ta' kull ilment imressaq skond il-paragrafu 8;***

***d) tissorvelja relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji inkluż self bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema ta' trażmisssjoni;***

***e) tissorvelja l-ftehim kummerċjali u finanzjarju kollu sakemm jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tas-suq;***

***f) tirrikjedi ġustifikazzjoni mill-impriża integrata vertikalment meta notifikata mill-uffiċjal tal-konformità skond l-Artikolu 12g(4). Din il-ġustifikazzjoni għandha b'mod partikolari tinkludi evidenza dwar il-fatt li ebda mġieba diskriminatorja ma tkun seħħet favur impriża integrata vertikalment;***

***g) twettaq ispezzjonijiet fuq il-post tal-impriża integrata vertikalment u tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*h) titlob kwalunkwe tagħrif mingħand l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u li tikkuntattja direttament lill-istaff kollu tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni; jekk jibqa' xi dubju, l-istess drittijiet għandhom japplikaw għall-impriża integrata vertikalment u s-sussidjarji tagħha;*

*i) twettaq l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u, jekk ikun għad baqa' dubji, anki tal-impriża integrata vertikalment u s-sussidjarji tagħha; ir-regoli tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżla fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (*) għandhom japplikaw;*

*j) timponi sanzjonijiet effettivi, xierqa u disważivi għall-operatur tas-sistema ta' tranżizzjoni u/jew għall-impriża integrata vertikalment li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skond dan l-Artikolu jew kull deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali; dik is-setgħa għandha tinkludi d-dritt li:*

*i) timponi multi effettivi, xierqa u disważivi marbuta mal-fatturat tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew mal-impriża integrata vertikalment;*

*ii) toħroġ ordnijiet biex tirrimedja għal imġiba diskriminatorja;*

*iii) tirtira, għall-anqas parzjalment jew kompletament, il-liċenzja tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni f'każ li dan jikser kontinwament id-dispożizzjonijiet ta' separazzjoni stipulati f'dan l-Artikolu.*

4. L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandhom ikunu responsabbli li jiffissaw jew japprovaw qabel id-dħul fis-seħħ it-termini u l-kundizzjonijiet għal:

a) il-konnessjoni u l-aċċess għan-networks nazzjonali, inklużi t-tariffi ta' trażmissjoni u tad-distribuzzjoni ***u l-metodoloġiji għal kalkolu tagħhom, jew inkella, il-metodoloġiji u s-sorveljanza għall-iffissar jew l-approvazzjoni tat-tariffi ta' trażmissjoni u tad-distribuzzjoni***, u termini, kundizzjonijiet u tariffi għall-aċċess għall-faċilitajiet LNG ***li jinkludu l-metodoloġiji għal kalkolu tagħhom, jew inkella, il-metodoloġiji u s-sorveljanza għall-iffissar jew l-approvazzjoni tat-tariffi għall-aċċess tal-faċilitajiet LNG.*** Dawn it-tariffi għandhom ***jirriflettu l-ispejjeż attwali, sakemm tali prezzijiet jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u għandhom ikunu trasparenti. Dawn għandhom*** jippermettu li l-investimenti meħtieġa fin-networks u l-faċilitajiet LNG jsiru b'mod li jippermetti lil dawn l-investimenti li jaċċertaw il-vijabbiltà tan-networks u tal-faċilitajiet LNG. ***Dawn it-tariffi ma għandhomx jiddiskriminaw kontra kompetituri ġodda***;

b) il-provvediment ta' servizzi ta' bilanċjar, ***li għandu jirrifletti l-prezz u għandu jkun bi dħul newtrali kemm jista' jkun possibbli, filwaqt li jipprovdi inċentivi adegwati għall-utenti tan-network sabiex jibbilanċjaw il-provvediment u t-teħid tagħhom tal-gass; għandhom ikunu ġusti u mhux diskriminatorji u bbażati fuq kriterja oġġettiva;***

***c) l-aċċess għal infrastrutturi transkonfinali, inklużi l-proċeduri għall-allokazzjoni tal-ġestjoni tal-kapaċità u tal-konġestjoni. Huma għandu jkollhom l-awtorità li jeħtieġu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, li jimmodifikaw dawn it-termini u l-kundizzjonijiet.***

5. Meta jiffissaw jew japprovaw ***it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għal kalkolu tat-***tariffi ***u s-servizzi tal-bilanċ***, l-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-*network* jingħataw inċentiva tajba biżżejjed, kemm fit-tul kif ukoll fiż-żmien qasir, biex iżidu l-effiċjenzi u jinkoraġġixxu l-integrazzjoni tas-suq, ***jiżguraw is-sigurtà tal-forniment*** u jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka relatati.

***6. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jissorveljaw il-ġestjoni tal-konġestjoni fi ħdan in-networks tat-trażmissjoni tal-gass nazzjonali.***

***Operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom iressqu l-proċeduri tal-ġestjoni tal-konġestjoni, li jinkludu l-allokazzjoni tal-kapaċità, quddiem l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għall-approvazzjoni. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jirrikjedu emendi għal dawk il-proċeduri qabel japprovawhom.***

*7.* L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandu jkollhom l-awtorità li jirrikjedu lil operaturi tat-trasmissjoni, ▌ tal-LNG u tad-distribuzzjoni, jekk meħtieġ, li jimmodifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet, inklużi t-tariffi msemmija f'dan l-Artikolu, biex jaċċertaw li huma proporzjonati u applikati b'mod mhux diskriminatorju.

*8.* Kwalunkwe parti li jkollha lment kontra operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, tal-LNG, ***tal-ħżin*** jew distribuzzjoni tista' tirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja *nazzjonali* li, waqt li tkun qed taġixxi bħala awtorità li ssolvi l-kwistjoni, għandha tagħti deċiżjoni fi żmien xahrejn minn wara li din tkun irċeviet l-ilment. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fejn tintalab aktar informazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali.* Dak il-perjodu jista' jiġi estiż bil-ftehim tal-persuna li tkun għamlet l-ilment. Id-deċiżjoni *ta' awtorità regolatorja nazzjonali* għandu jkollha effett li jorbot kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b'appell.

*9.* Kwalunkwe parti li tkun affettwata u li jkollha d-dritt li tressaq ilment dwar deċiżjoni fuq metodoloġiji meħuda skond dan l-Artikolu jew, fejn l-awtorità regolatorja *nazzjonali* jkollha l-obbligu li tikkonsulta ruħha dwar il-metodoloġiji proposti, din tista', minn tal-anqas fi żmien xahrejn, jew f'perjodu iqsar kif deċiż mill-Istati Membri, wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew il-proposta għad-deċiżjoni, tissottometti l-ilment għar-reviżjoni. Tali lment ma għandux iwassal għal xi sospensjoni.

*10.* L-Istati Membri għandhom joħolqu mekkaniżmi *xierqa* u effiċjenti ▌ *għall-kontroll u t-trasparenza* sabiex jiġi evitat kull abbuż ta' posizzjoni dominanti, b'mod partikolari bi żvantaġġ għall-konsumaturi, u kwalunkwe aġir predatorju. Dawn il-mekkaniżmi għandhom iqisu d-disposizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu.

***11.*** ***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jistabbilixxu servizzi indipendenti għall-ilmenti u skemi alternattivi ta' kumpens bħal ombudsman indipendenti għall-enerġija jew korp tal-konsumatur. Dawn is-servizzi jew skemi għandhom ikunu responsabbli mit-trattament effiċjenti tal-ilmenti u għandhom ikunu konformi ma' kriterji tal-aħjar prattika. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jistabbilixxu standards u linji gwida dwar kif l-ilmenti se jiġu mmaniġġjati mill-produtturi u mill-operaturi tan-network.***

*12.* L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li jittieħdu l-passi xierqa, inklużi azzjoni amministrattiva jew proċeduri kriminali b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni naturali jew legali responsabbli fejn ir-regoli tal-kunfidenzjalità imposti minn din id-Direttiva ma jkunux ġew rispettati.

*13.* L-ilmenti msemmija *fil-paragrafi 8 u 9* għandhom ikunu bla ħsara għall-eżerċitu tad-drittijiet tal-appell taħt il-liġijiet Komunitarji u nazzjonali.

*14.* Id-deċiżjonijiet *meħuda* mill-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandhom ikunu ***spjegati tajjeb u disponibbli għall-pubbliku biex ikun possibbli l-iskrutinju legali.***

*15.* L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi xierqa fuq il-livell nazzjonali li taħthom, entità affettwata minn deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali regolatorja jkollha d-dritt tal-appell *għand* korp ***ġudizzjarju nazzjonali jew awtorità nazzjonali indipendenti oħra*** indipendenti mill-partijiet involuti ***u minn kull gvern****.*

▌

Artikolu 24d

Reġim regolatorju għal kwistjonijiet transkonfinali

1. L-awtoritajiet regolatorji *nazzjonali* għandhom jikkooperaw mill-qrib u jikkonsultaw flimkien, u għandhom jipprovdu lil xulin u lill-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jaqdu l-kompiti tagħhom taħt din id-Direttiva. Fir-rigward tal-informazzjoni li tiġi skambjata, l-awtorità li tirċievi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal dik meħtieġa mill-awtorità li tibgħat l-informazzjoni kkonċernata.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

2. ***Sabiex tiżgura li fejn jitfaċċaw swieq tal-gass reġjonali jsiru strutturi regolatorji adegwati, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati għandhom jiżguraw, f'koperazzjoni mill-qrib u taħt id-direzzjoni tal-Aġenzija, li tal-anqas il-kompiti regolatorji li ġejjin ikunu mwettqa f'dak li għandu x'jaqsam mas-swieq reġjonali tagħhom:***

a) ***koperazzjoni*** talanqas fil-livell reġjonali biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' arranġamenti ta' operat sabiex tiġi żgurata ġestjoni ottima tan-network, sabiex jiġu żviluppati skambji konġunti ta' gass u l-allokazzjoni ta' kapaċità transkonfinali, kif ukoll sabiex jiġi żgurat livell ***adegwat*** t ta' kapaċità ta' interkonnessjoni ***inkluż permezz ta' interkonnessjoni ġdida*** li tippermetti ***l-iżvilupp*** ta' kompetizzjoni effettiva ***u t-titjib tas-sigurtà tal-forniment;***

b) ***armonizzazzjoni għall-anqas fil-livell reġjonali rilevanti tal-kodiċi kollha kemm tekniċi kif ukoll tas-suq għall-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni rilevanti u ta' protagonisti tas-suq oħra;***

c) ***armonizzazzjoni tar-regoli li jirregolaw il-ġestjoni tal-konġestjoni;***

d) ***adozzjoni ta' regoli biex ikun żgurat li s-sidien u/jew il-meniġers tal-iskambju(i) tal-gass li jħaddmu is-swieq tal-grupp regjonali rilevanti jkunu indipendenti mis-sidien u/jew il-meniġers tal-assi ta' produzzjoni.***

***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandu jkollhom id-dritt li jikkonkludu ftehim bejniethom biex ikattru l-koperazzjoni regolatorja u l-azzjonijiet imsemmija fl-1 subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom jitwettqu, kif xieraq, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom.***

3. L-Aġenzija għandha tiddeċiedi dwar ir-reġim regolatorju għall-infrastruttura li tgħaqqad talanqas żewġ Stati Membri:

a) fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti: jew,

b) meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti ma jkunx irnexxiehom jiftiehma dwar reġim regolatorju xieraq, xi żmien sitt xhur mid-data li l-fajl ikun tressaq quddiem l-aħħar waħda minn dawk l-awtoritajiet regolatorji.

▌

Artikolu 24e

Konformità mal-Linji gwida

1. ‖Il-Kummissjoni *jew kwalunkwe awtorità regolatorja nazzjonali* jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Aġenzija dwar il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja *nazzjonali* mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005.

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha *lill-Kummissjoni jew kwalunkwe awtorità regolatorja nazzjonali* li talbet lilha ‖, u lill-awtorità regolatorja *nazzjonali* li tkun ħadet id-deċiżjonijiet kkonċernata fi żmien ***xahrejn***.

3. Meta l-awtorità regolatorja *nazzjonali* li tkun ħadet deċiżjoni *kontestata* ma tikkonformax mal-opinjoni tal-Aġenzija fi żmien erba' xhur mid-data tal-irċevuta, l-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni *b' dan*.

4. Kwalunkwe awtorità regolatorja *nazzjonali* tista' tgħarraf lill-Kummissjoni meta tqis li deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja *nazzjonali* ma tikkonformax mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 fi żmien xahrejn mid-data ta' dik id-deċiżjoni.

5. Meta l-Kummissjoni, *ssib li d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005, fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet mgħarrfa bin-nuqqas ta' konformità mal-opinjoni tal-Aġenzija skond il-paragarfu 3, jew bin. nuqqas ta' konformità mal-linji gwida skond il-paragrafu 4, jew fuq l-inizjattiva tagħha fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni*, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi tiftaħ il-proċedimenti. F'każ bħal dan, għandha tistieden lill-awtorità regolatorja *nazzjonali* u lill-parteċipanti fil-proċedimenti quddiem l-awtorità regolatorja *nazzjonali* biex iressqu l-kummenti.

6. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi tiftaħ proċedimenti, għandha, fi żmien massimu ta' erba' xhur mid-data ta' deċiżjoni bħal din, toħroġ deċiżjoni finali:

a) biex ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*; *jew*

b) li tesiġi li l-awtorità regolatorja *nazzjonali* kkonċernata temenda jew *tirrevoka* d-deċiżjoni tagħha jekk tqis li l-linji gwida ma ġewx rispettati.

7. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni biex tiftaħ il-proċedimenti jew deċiżjoni finali fil-perjodu stabbilit fil-paragrafi 5 u 6 rispettivament, għandu jitqies li l-Kummissjoni ma qajmet ll-ebda oġġezzjoni għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja *nazzjonali*.

8. L-awtorità regolatorja *nazzjonali* għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew *tirrevoka* d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn, u għandha tinforma lill-Kummissjoni skond dan.

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

Artikolu 24f

Żamma tar-reġistri

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-impriżi tal-forniment li jżommu għal *tal-anqas* ħames snin għad-dispożizzjoni ta' ***l-awtoritajiet kompetenti, biex dawn ikunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom***, id-data rilevanti li għandha x'taqsam mat-tranżazzjonijiet kollha fil-forniment tal-gass u d-derivattivi tal-gass ma' klijenti bl-ingrossa u mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll l-operaturi tal-ħżin u tal-LNG.

2. Id-data ***tista'*** tinkludi d-dettalji dwar karatteristiċi tat-tranżazzjonijiet rilevanti, bħad-dewmien, it-twassil u r-regoli ta ħlas, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet ta' eżekuzzjoni u l-prezzijiet tat-tranżazzjoni, u l-mezzi għall-identifikazzjoni tal-klijent bl-ingrossa kkonċernat, kif ukoll dettalji speċifiċi dwar il-kuntratti kollha miftuħin fil-kuntratti tal-forniment tal-gass u tad-derivattivi tal-gass.

3. L-awtorità regolatorja *nazzjonali* tista' tiddeċiedi li tagħmel disponibbli lill-parteċipanti fis-suq l-elementi ta' din l-informazzjoni, sakemm ma tiġix rilaxxata xi informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva dwar atturi individwali fis-suq jew dwar tranżazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal informazzjoni dwar strumenti finanzjarji li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

▌

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx joħolqu obbligi addizzjonali vis-à-vis l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għall-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

5. Fil-każ li l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu aċċess għad-data miżmuma mill-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE, l-awtoritajiet responsabbli taħt dik id-Direttiva għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 bid-data meħtieġa.

---

***(*) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.***"

*(19)* L-Artikolu 25 *għandu* jitħassar.

***(20) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 26a***

***L-eżenzjoni ta' siti industrijali***

***1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw siti industrijali mill-Artikoli 4 u, l-Artikolu7, l-Artikolu 8(1) u (2), l-Artikolu 11, l-Artikolu 12(5), l-Artikoli 13, 17 u 18, l-Artikolu 23(1) u/jew l-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva.***

***2. L-aċċess għat-terza parti m'għandux ikun affettwat mill-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Il-konsumaturi fis-siti industrijali għandhom ikunu kapaċi li jagħżlu b'mod liberu l-fornitur tagħhom tal-enerġija, billi jirrikorru għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim mal-operatur tan-network.***"

*(21)* L-Artikolu 30 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 30

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna ta' kumitat.

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha."

*(22)* ▌Anness A, *għandu* ***jinbidel b'dan*** *li ġej*:

"***Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Komunità dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, b'mod partikolari d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jiżguraw li l-konsumaturi:***

***a) ikollhom id-dritt għal kuntratt mal-fornitur tal-gass tagħhom li jispeċifika:***

- ***l-identità u l-indirizz tal-fornitur;***
- ***is-servizzi provduti, il-livell tal-kwalità tas-servizzi provduti, kif ukoll il-ħin għall-ewwel konnessjoni;***
- ***it-tipi ta' manutenzjoni tas-servizz offrut;***
- ***il-metodi ta' kif wieħed jista' jakkwista informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-ispejjeż ta' manutenzjoni kollha;***
- ***it-terminu tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid u għat-twaqqif tas-servizzi u tal-kuntratt, l-eżistenza ta' kwalunkwe dritt ta' rtirar mingħajr ħlas;***
- ***kwalunkwe kumpens u arranġamenti ta' rifużjoni li japplikaw jekk livelli ta' kwalità tas-servizzi kuntrattati ma jintlaħqux, li jinkludu nuqqas ta' eżattezza u dewmien fil-kontijiet;***

— *il-metodu ta' kif jinbdew il-proċeduri sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwim skond punt (f);*

— *tagħrif dwar id-drittijiet tal-konsumatur inkluż dak kollu hawn fuq imsemmi, ikkomunikat b'mod ċar permezz tas-siti tal-Internet tal-kumpaniji għall-kontijiet u ta' impriżi ta' gass naturali; kif ukoll*

— *dettalji rigward l-awtorità ta' appell kompetenti u tal-proċedura li għandha tkun segwita mill-konsumatur f'każ ta' tilwim.*

*Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġusti u magħrufa sew minn qabel. F'kull każ, it-tagħrif msemmi f' dan il-punt għandu jkun ipprovdut qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Meta l-kuntratti jkunu konklużi permezz ta' intermedjarji, dak it-tagħrif għandu wkoll ikun ipprovdut qabel il-konklużjoni tal-kuntratt;*

b) *jingħataw avviż xieraq dwar kwalunkwe intenzjoni li l-kundizzjonijiet tal-kuntratti jiġu modifikati u jiġu informati dwar id-dritt tagħhom ta' rtirar meta jingħata l-avviż. Il-provdituri tas-servizzi għandhom javżaw lis-sottoskritti tagħhom direttament dwar kwalunkwe żieda fil-piżijiet, fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perjodu wieħed li fih joħroġ kont, wara li ż-żieda tkun daħlet fis-seħħ b'mod trasparenti u komprensiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti jkunu liberi li jirtiraw mill-kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet il-ġodda, notifikati lilhom mill-provditur tagħhom tas-servizzi tal-gass;*

c) *jirċievu informazzjoni trasparenti, dwar prezzijiet u tariffi li japplikaw, u dwar termini u kundizzjonijiet standard, rigward l-aċċess u l-użu tas-servizzi tal-gass;*

d) *tiġi offruta għażla wiesgħa ta' metodi tal-ħlas li ma tiddiskriminax bejn il-konsumaturi. Kull differenza fit-termini u l-kundizzjonijiet għandhom jirriflettu l-ispejjeż għall-fornitur tas-sistemi ta' ħlas differenti. It-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu ġusti u trasparenti. Għandhom jingħataw f'lingwaġġ ċar u li jinftiehem. Il-konsumaturi għandhom ikunu mħarsa kontra l-metodi tal-bejgħ mhux ġusti u qarrieqa li jinkludu xkiel mhux kuntrattwali imposti min-negozjant, pereżempju dokumentazzjoni kuntrattwali eċċessiva;*

e) *mhux se jkunu mġiegħla jħallsu talli jbiddlu l-fornitur;*

f) *jibbenefikaw minn proceduri trasparenti, semplici u mhux għoljin biex jiġu riżolti l-ilmenti tagħhom. B'mod partikolari, il-konsumaturi kollha għandu jkollhom id-dritt għat-twassil tas-servizz u l-iġestjoni tal-ilmenti mill-fornitur tas-servizz tal-gass tagħhom. Dawn il-proċeduri għandhom jippermettu li t-tilwimiet jiġu riżolti b'mod ġust u minnufih, kif ukoll fi żmien tliet xhur, bi provvediment, fejn huwa meħtieġ, għal sistema ta' rifużjoni u/jew kumpens. Għandhom isegwu, kull fejn possibbli, il-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responabbli għar-riżoluzzjoni barra mill-qorti ta' tilwim tal-konsumaturi* (*);

g) *fejn diġà' huma mqabbda mas-sistema tal-gass ikunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom li jkollhom forniment, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, ta' gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġjonevoli;*

h) ***ikunu jistgħu jbiddlu l-fornitur tagħhom faċilment u*** jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-data dwar il-konsum, u għandhom ikunu jistgħu, bi ftehim espliċitu u mingħajr ħlas, jagħtu lil kwalunkwe impriża ***b'awtorizzazzjoni għall-forniment*** ta' aċċess għad-data tagħha dwar il-metraġġ. Il-parti responsabbli għall-ġestjoni tad-data għandha l-obbligu li tgħaddi ***din*** id-data lill-impriża. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu format għad-data kif ukoll proċedura għall-fornituri u għall-konsumaturi biex ikollhom aċċess għad-data. L-ebda spiża addizzjonali ma tista' tiġi ddebitata lill-konsumatur għal dan is-servizz;

i) għandhom jiġu infurmati tajjeb ***tal-anqas kull tliet xhur*** dwar il-konsum attwali tal-gass u l-ispejjeż. L-ebda spiża addizzjonali ma tista' tiġi ddebitata lill-konsumatur għal dan is-servizz. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tqassim ta' miters intelliġenti jitlesta mingħajr tfixkil żejjed għall-konsumatur sa … (**) li għandha tkun ir-responsabilità tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew tal-impriżi ta' forniment. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-proċess ta' żvilupp bħal dan u biex ikunu stabbiliti standards komuni għal dan il-għan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istandards li jistabbilixxu t-tfassil tekniku minimu u r-rekwiżiti operattivi tal-miters jindirizzaw kwistjonijiet ta' interoperabilità biex ikun ipprovdut l-akbar benefiċċju bl-anqas nefqa possibbli għall-konsumaturi;***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***j) il-konsumatur għandu jirċievi kont tal-għeluq finali wara li tkun saret il-bidla tal-impriża ta' forniment mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet mgħarrfa l-impriża ta' forniment rilevanti.***

*(*) ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31*

*(**) Għaxar snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva …/…KE [li temenda d-Direttiva 2003/55/KE].”*

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn… (*) ‖. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn … (*) ‖.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

***3. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw kwalunkwe liġi, regolament u dispożizzjonijiet amministrattivi li jipprojbixxu lil kwalunkwe impriża tal-gass naturali, awtorità regolatorja jew awtorità oħra milli tkun konformi mad-dmirijiet jew l-obbligi tagħha skond din id-Direttiva.***

***4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali dwar l-implimentazzjoni formali u prattika ta' din id-Direttiva f'kull Stat Membru quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.***

***5. Meta entità kkontrollata pubblikament hija involuta direttament jew indirettament fl-akkwist ta' partijiet ta' impriża integrata vertikalment, il-prezz b'rabta mal-arranġament ta' tali tranżazzjoni għandu jitressaq quddiem il-Kummissjoni. Tali notifika għandha tinkludi ċ-ċertifikazzjoni tal-valur moħbi tal-assi min-naħa ta' kumpanija internazzjonali tal-awdituri. Il-Kummissjoni għandha biss tuża tali informazzjoni sabiex teżerċita kontroll fuq l-għajnuna Statali.***

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-[…] ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

*Indirizzati*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ‖

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) *Tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali: Modalitajiet ta' applikazzjoni ***I

P6_TA(2008)0348

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (COM(2006)0016 — C6-0037/2006 — 2006/0006(COD))**

(2009/C 294 E/49)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 42 u 308 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0037/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0251/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P6_TC1-COD(2006)0006

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 574/72**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u notevolment l-Artikoli 42 u 308 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali [1], u notevolment l-Artikolu 89 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ‖,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

---

(1) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1, corrigendum l-ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1.

(2) *ĠU C 324,30.12.2006, p.59.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Waqt li ddikjaraw b'mod konformi mal-proċedura speċifikata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jimmodernizza r-regoli tal-koordinazzjoni tal-iskemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri waqt li jiġu ppreċiżati l-miżuri u l-proċeduri meħtieġa għal attwazzjoni u waqt li jieħu ħsieb is-semplifikazzjoni ta' dawn għall-benefiċċju tal-partijiet kollha kkonċernati. Hemm il-ħsieb li jiġu stabbiliti l-modalitajiet ta' applikazzjoni.

(2) L-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni aktar effikaċi u aktar stretta bejn l-istituzzjonijiet ta' sigurtà soċjali hija fattur essenzjali biex tippermetti lill-persuni koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 li jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom fl-aħjar żmien u kundizzjonijiet possibbli.

(3) L-użu ta' mezzi elettroniċi huwa adattat għall-iskambju mgħaġġel u ta' fiduċja ta' data bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri. L-ipproċessar elettroniku ta' dawn il-data għandu jikkontribwixxi għat-tħaffif tal-proċeduri għall-persuni kkonċernati. Dawn għandhom jibbenefikaw barra minn hekk mill-garanziji kollha maħsuba mill-miżuri Komunitarji relatati mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data ta' natura personali u taċ-ċirkolazzjoni libera ta' dawn il-data ***u l-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li d-data relatata mal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali nazzjonali koperta mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tkun utilizzata f'konformità mal-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u tal-iskambju tagħha fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.***

(4) Id-dettalji, inklużi dawk elettroniċi, tal-entitajiet tal-Istati Membri li x'aktarx jintervjenu fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, taħt forma li tippermetti l-implimentazzjoni tagħhom fi żmien reali, ikunu disponibbli, u b'hekk ikunu faċilitati l-iskambji bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri. Dan il-metodu li jagħti importanza għar-rilevanza tal-informazzjoni purament ibbażata fuq il-data kif ukoll id-disponibbiltà immedjata għaċ-ċittadini jikkostitwixxi semplifikazzjoni importanti li għandha tkun introdotta minn dan ir-Regolament.

***(5) Sabiex jiġi mmassimizzat it-tħaddim bla xkiel u l-ġestjoni effiċjenti tal-proċeduri kumplessi li jimplimentaw ir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, tinħtieġ sistema biex jiġi aġġornat b'mod immedjat l-Anness IV. It-tħejjija u l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni għal dan il-għan jitolbu koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni waqt li l-implimentazzjoni tagħhom għandha ssir b'mod rapidu minħabba l-konsegwenzi li d-dewmien iġib fuq iċ-ċittadini kif ukoll fuq l-awtoritajiet amministrattivi. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tingħata s-setgħa sabiex tistabbilixxi u tmexxi bażi tad-data u tassigura li tkun operattiva ta' lanqas mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha, partikolarment, tieħu l-passi meħtieġa sabiex tintegra f'dik il-bażi tad-data l-informazzjoni mniżżla fl-Anness IV.***

*(6)* Ir-rinfurzar ta' ċerti proċeduri għandu jġib aktar sigurezza ġuridika u trasparenza għal min juża r-Regolament (KE) Nru 883/2004. Notevolment, l-iffissar ta' żmien komuni għall-kisba ta' ċerti obbligi u ta' ċerti stadji amministrattivi għandu jikkontribwixxi għall-kjarifika u jibni r-relazzjonijiet bejn il-persuni assigurati u l-istituzzjonijiet.

*(7)* L-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew l-istituzzjonijiet ta' sigurtà soċjali jrid ikollhom il-possibbiltà li jiftiehmu bejniethom dwar proċeduri eħfef u ftehimiet amministrattivi li huma jikkunsidraw aktar effikaċi u adatti aħjar għall-kuntest tal-iskemi rispettivi tagħhom ta' sigurtà soċjali. Madankollu tali ftehimiet m'għandhomx jaffettwaw id-drittijiet tal-persuni koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004.

*(8)* Il-kumplessità inerenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali timponi li għandu jintalab li jsir sforz partikulari għal benefiċċju tal-persuni assigurati mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri biex ma jintlaqtux il-persuni kkonċernati li ma kinux għaddew it-talba tagħhom jew ċerta informazzjoni lill-istituzzjoni inkarigata biex tieħu ħsieb din it-talba skond ir-regoli u l-proċeduri speċifikati mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u minn dan ir-Regolament.

([1]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(9)* Għad-deċiżjoni dwar l-istituzzjoni kompetenti, jiġifieri dik li tagħha l-leġiżlazzjoni hija applikabbli jew taħt liema taqa' r-responsabbiltà tal-ħlas ta' ċerti benefiċċji, is-sitwazzjoni objettiva tal-persuna assigurata u dik tal-membri tal-familja trid tkun studjata mill-istituzzjonijiet ta' Stat Membru *wieħed jew aktar*. Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-persuna kkonċernata waqt li jsiru dawn l-iskambji indispensabbli bejn l-istituzzjonijiet, hemm il-ħsieb tal-affiljazzjoni tiegħu b'mod proviżorju għal leġiżlazzjoni ta' sigurtà soċjali.

***(10) L-Istati Membri għandhom jikkoperaw sabiex jiddeterminaw il-post ta' residenza taċ-ċittadini li għalihom japplika dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 883/2004, u f'każ ta' kontestazzjoni, kull Stat Membru għandu jikkunsidra l-kriterji relevanti kollha sabiex isolvi din il-kwistjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament.***

*(11)* Bosta miżuri u proċeduri maħsuba f'dan ir-Regolament għandhom l-għan li jkun hemm aktar trasparenza tal-kriterji li l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri jridu japplikaw fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 883/2004. Dawn il-preċiżjonijiet huma riżultat tal-liġi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni amministrattiva kif ukoll tal-esperjenza ta' aktar minn tletin sena ta' applikazzjoni tal-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali fil-qafas tal-libertajiet fundamentali speċifikati mit-Trattat.

***(12) Dan ir-regolament jipprevedi miżuri u proċeduri sabiex tkun promossa l-mobilità tal-impjegati u ta' dawk bla xogħol. Il-ħaddiema tal-fruntiera li sabu rwieħhom kompletament bla xogħol jistgħu iqiegħdu lilhom infushom disponibbli għas-servizzi tax-xogħol kemm tal-pajjiż residenti kif ukoll tal-Istat Membru fejn kienu impjegati l-aħħar. Madanakollu, huma intitolati għall-benefiċċji mill-Istat Membru ta' residenza biss.***

*(13)* L-estensjoni tal-ambitu ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għall-persuni assigurati kollha, inklużi dawk li ma jaħdmux, tirrekjedi ċerti regoli u proċeduri speċifiċi għal dawn il-persuni, notevolment sabiex tkun definita l-leġiżlazzjoni applikabbli biex jiġu kkunsidrati l-perjodi ddedikati għall-edukazzjoni tat-tfal minn persuni li qatt ma għamlu xogħol imħallas jew mhux imħallas fl-Istati Membri differenti li fihom kienu jgħixu.

*(14)* Ċerti proċeduri xorta għad iridu jirriflettu l-esiġenza ta' tqassim bilanċjat tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri. B'mod partikulari, fil-qafas tal-fergħa tal-mard, dawn il-proċeduri jridu jikkunsidraw is-sitwazzjoni, min-naħa, tal-Istati Membri li jerfgħu l-ispejjeż ta' lqugħ ta' persuni assigurati billi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom l-iskema tagħhom tas-saħħa, u min-naħa l-oħra, tal-Istati Membri ta' liema l-istituzzjonijiet jerfgħu r-responsabbiltà finanzjarja ta' benefiċċji simili rċevuti mill-persuni assigurati fi Stat Membru ieħor li mhux dak fejn huma jgħixu.

*(15)* Fil-qafas speċifiku tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, iridu jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet ta' kif tittieħed ir-responsabbiltà għall-ispejjeż marbutin mal-benefiċċji ta' mard mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali fil-qafas ta' "kuri ppjanati", jiġifieri kuri li persuna assigurata se tfittex fi Stat Membru ieħor li m'huwiex dak li fih hija assigurata jew tgħix. L-obbligi tal-persuna assigurata relatati mat-talba ta' awtorizzazzjoni preliminari *għandhom jiġu* ppreċiżati, kif *għandhom jiġu ukoll ippreċiżati* l-obbligi tal-istituzzjoni fir-rigward tal-pazjent dwar il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni. Hemm ukoll lok li jkunu definiti l-konsegwenzi għat-teħid ta' responsabbiltà finanzjarja għall-kura meħuda fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni.

*(16)* Proċeduri aktar restrittivi biex jitqassar id-dewmien ta' ħlas ta' dawn id-djun bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri jidhru essenzjali biex tinżamm il-fiduċja fl-iskambji u twieġeb għall-ordni ta' tmexxija tajba li hija imposta fuq l-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri. Jaqbel għalhekk li jiġu rrinfurzati l-proċeduri li jolqtu l-ipproċessar ta' djun fil-kuntest tal-benefiċċji ta' mard u ta' qgħad.

*(17)* Billi l-iskemi ta' sigurtà soċjali koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jistrieħu fuq is-solidarjetà tal-assigurati kollha, hemm lok li jiġu previsti mekkaniżmi għal irkuprar aktar effikaċi ta' djun marbutin ma' benefiċċji mħallsa bi żball jew għall-kontribuzzjonijiet mhux imħallsa minn dawn. Il-proċeduri ta' assistenza reċiproka bejn l-istituzzjonijiet iridu jiġu ppreċiżati billi jiġu ispirati mill-miżuri speċifikati mid-*Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta' Mejju 2008* dwar l-assistenza reċiproka fil-qasam ta' irkuprar ta' djun relatati ma' ċerti kontribuzzjonijiet, drittijiet, taxxi u miżuri oħrajn [1] biex jiġu mħarsa aħjar l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri billi tiġi organizzata l-kooperazzjoni, notevolment bejn l-amministrazzjonijiet fiskali.

[1] *ĠU L 150, 10.6.2008, p. 28.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(18)* L-informazzjoni tal-persuni assigurati fuq id-drittijiet tagħhom u l-obbligi tagħhom hija element essenzjali ta' relazzjoni ta' fiduċja mal-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri.

*(19)* Billi l-għan ta' *dan ir-regolament*, jiġifieri l-adozzjoni ta' miżuri ta' koordinazzjoni bl-għan li jiżguraw l-eżerċizzju effettiv tal-moviment ħieles tal-persuni, ma tistax tiġi attwata b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u tista' għalhekk, ‖, tiġi attwata aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà speċifikat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformi mal-imsemmi prinċipju ta' proporzjonalità kif speċifikat fl-imsemmi Artikolu, f'dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan.

*(20)* Dan ir-Regolament *għandu* jissostitwixxi r-Regolament (KEE) Nru 574/72 tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 1972 li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 relatat mal-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għall-impjegati u għall-familja tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità ([1]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## TITOLU I

## MIŻURI ĠENERALI

### Kapitolu I

### Definizzjonijiet

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

***(a) "Regolament bażiku" għandha tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004;***

***(b) "Regolament implimentattiv" għandha tfisser dan ir-Regolament; u***

***(c)*** id-definizzjonijiet tar-Regolament ***bażiku*** *għandhom* japplikaw.

2. *Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, barra* mid-definizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

a) "punt ta' aċċess", *għandha tfisser* ***kwalunkwe entità nnominat bħala punt ta' kuntatt elettroniku*** mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ***għal fergħa waħda jew aktar tas-sigurtà soċjali msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku***, li ***għandu*** l-funzjoni li ***jibgħat*** u li ***jirċievi*** b'mezzi elettroniċi l-data meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolament ***bażiku*** u ***r-Regolament implimentattiv*** permezz tan-netwerk komuni ▌ *databejn*, ***l-Istati*** Membri ▌;

b) "*entità* ta' kuntatt", *għandha tfisser* ***kwalunkwe entità*** nnominata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, għal fergħa jew bosta fergħat ta' sigurtà soċjali speċifikati fl-Artikolu 3 tar-Regolament ***bażiku***, li x'aktarx twieġeb għat-talbiet għal tagħrif u għal assistenza ***fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament bażiku u r-Regolament implimentattiv*** u ***li trid twettaq il-kompiti assenjati lilha taħt***, it-Titolu IV tar-Regolament ***implimentattiv***;

c) "dokument", *għandha tfisser* ġabra ta'*data*, irrispettivament mill-mezz użat, ***strutturata b'tali mod li tista' tkun skambjata*** b'mezzi elettroniċi u li *trid tiġi kkomunikata agħhom biex joperaw ir-* -Regolament ***bażiku*** u ir-Regolament ***implimentattiv***;

d) "messaġġ elettroniku standardizzat", *għandha tfisser* kull dokument ***strutturat f'format mfassal***għall-iskambju ta' informazzjoni bejn ***l-Istati*** Membri;

([1]) ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1. ‖.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

e) "trażmissjoni b'mezz elettroniku", it-trażmissjoni permezz ta' tagħmir elettroniku ta' ipproċessar tal-data (inkluża l-kompressjoni numerika), permezz ta' wajer, radju, tekniki ottiċi jew kull teknika elettromanjetika oħra;

f) "Kummissjoni Teknika", il-kummissjoni speċifikata fl-Artikolu 73 tar-Regolament ***bażiku***

g) "Kummissjoni tal-Kontabilità", il-kummissjoni speċifikata fl-Artikolu 74 tar-Regolament *bażiku*.

**Kapitolu II**

**Miżuri relatati mal-kooperazzjoni u mal-iskambji ta' data**

Artikolu 2

Ambitu u modalitajiet tal-iskambji bejn l-istituzzjonijiet

***1. Għall-finijiet tar-Regolament implimentattiv, l-iskambji bejn l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri kif ukoll il-persuni koperti mir-Regolament bażiku għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tas-servizz pubbliku, l-objettività, il-koperazzjoni, l-assistenza attiva, l-effiċjenza, l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità u s-servizz fil-pront***. ▌

2. L-istituzzjonijiet ***għandhom jipprovdu jew jiskambjaw, fil-limitu ta' żmien stabbilit mil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru kkonċernat***, il-data kollha meħtieġa għat-twaqqif u d-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi tal-persuni ***li għalihom japplika r-Regolament bażiku. Dawn il-data għandhom jiġu trasferiti bejn l-Istati Membri direttament mill-istituzzjonijiet infushom jew indirettament permezz ta'l-entitajiet ta' kuntatt***.

3. Meta persuna assigurata tkun għaddiet bi żball informazzjoni, dokumenti jew talbiet lill-istituzzjoni ***fit-territorju ta' Stat Membru*** li ***mhuwiex dak li fih tinsab l-istituzzjoni*** nnominata skond ir-Regolament ***implimentattiv***, din l-informazzjoni, id-dokumenti jew it-talbiet ***għandhom*** jiġu mgħoddija mill-ġdid mingħajr dewmien mill-ewwel istituzzjoni lill-istituzzjoni nnominata skond ir-Regolament ***implimentattiv***, filwaqt li tiġi indikata d-data li fiha ġew mgħoddija fil-bidu. Din id-data tiġi imposta fuq l-istituzzjoni tal-aħħar. ***Madankollu, l-istituzzjonijiet ta' Stat Membru ma għandhomx jinżammu responsabbli, jew jitqiesu li jkunu ħadu deċiżjoni minħabba li naqsu li jieħdu azzjoni fejn dan jirriżulta mit- trażmissjoni tardiva ta' informazzjoni, dokumenti jew talbiet minn istituzzjonijiet ta' Stati Membri oħrajn.***

▌

4. Meta l-komunikazzjoni tal-data ssir permezz tal-intermedjarju tal-punt ta' aċċess jew tal-organu ta' kuntatt, dan il-punt ta' aċċess jew dan l-organu ta' kuntatt huwa kkunsidrat li qiegħed jieħu r-rwol u l-funzjoni tal-istituzzjoni meħtieġa f'dan l-Istat Membru f'dak li għandu x'jaqsam maż-żmien għal tweġiba tat-talbiet li jsiru lilu.

Artikolu 3

Ambitu u modalitajiet tal-iskambji bejn il-benefiċjarji u l-istituzzjonijiet

1. ***Persuni li għalihom japplika r***-Regolament ***bażiku huma*** marbuta li ***jikkomunikaw*** lill-istituzzjoni ***relevanti*** informazzjoni, ***id-dokumenti*** jew xhieda ***ta' evidenza*** meħtieġa għall-istabbiliment tas-sitwazzjoni ***tagħhom*** jew dik ***tal-familji tagħhom*** u tad-drittijet ***tagħhom*** u tal-obbligi ***tagħhom***, tal-manteniment ta' dawn, kif ukoll tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli u tal-obbligi ***tagħhom*** fir-rigward ta' din.

▌

2. ***Meta d-data persunali tiġi miġbura, trażmessa jew ipproċessata*** l-*skond* il-leġiżlazzjoni ***tagħhom sabiex ikun jista' jiġi implimentat ir-Regolament bażiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni*** kkonċernati***dikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-ħarsien tad-data personali***, *skond*id-dispożizzjonijietKomunitarji fil-qasam ta' protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data ta' natura personali u għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' ***dawk*** il-data.

***B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li dik id-data personali ma tintużax għal skopijiet li mhumiex dawk tas-sigurtà soċjali minbarra meta espressament awtorizzati mill-persuna kkonċernata. L-Istati Membri għandhom ukoll, meta mitluba, jipprovdu lill-persuni kkonċernati, informazzjoni speċifika u adegwata dwar l-iproċessar tad-data personali tagħhom meħtieġa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.***

***Il-persuni kkonċernati għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom dwar din id-data fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament permezz tal-istituzzjoni kompetenti, irrispettivament mill-oriġini tad-data.***

***Il-lista ta', u d-dettallji ta' fejn jistgħu jiġu kkuntatjati l-uffiċjali għall-protezzjoni tal-data personali nnominati f'kull Stat Membru skond l-Artikolu 18 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tal-data personali u dwar il-moviment liberu ta' data bħal din*** (1)***, u li jittrattaw data li għandha x'taqsam ma' leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali koperta mir-Regolament bażiku għandha tkun parti mill-Anness IV tar-Regolament implimentattiv***.

3. ***Sa fejn hu meħtieġ għall-applikazzjoni tar-Regolament bażiku u r-Regolament implimentattiv, l-istituzzjonijiet relevanti*** *għandhom* jikkomunikaw ▌ l-informazzjoni u jwasslu d-dokumenti ▌ lill-persuni ***kkonċernati fil-limitu ta' żmien stabbilit mil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru kkonċernat***.

4. L-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru li tindirizza direttament dokument li jkollu deċiżjoni dwar id-drittijiet ta' persuna residenti jew li toqgħod għal ftit żmien fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor, titlob dikjarazzjoni ta' riċevuta tkun xi tkun ir-referenza jew il-mod kif jintbagħtu. Id-dikjarazzjoni ta' riċevuta tista' tingħata fuq kull referenza jew b'kull mezz.

5. Fin-nuqqas ta' prova li ntbagħtet id-deċiżjoni speċifikata fil-paragrafu 4, iż-żminijiet relatati mat-telf jew mal-preskrizzjoni tad-drittijiet mogħtija skond ir-Regolament *bażiku* ma japplikawx għall-benefiċjarji.

6. Meta d-data li ntbagħtet din id-deċiżjoni speċifikata fil-paragrafu 4 tkun stabbilita kif għandu jkun, id-deċiżjoni tal-istituzzjoni kompetenti hija kkunsidrata li tapplika għall-interessat fi żmien xahar wara din id-data. Madankollu, jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tipprevedi żmien itwal, dan iż-żmien japplika.

7. F'kull stat ta' kawża, il-persuna kkonċernata tiddisponi minn mezzi ta' rikors u minn proċeduri speċifikati mil-leġiżlazzjoni li tapplika l-istituzzjoni li tieħu d-deċiżjoni.

▌

Artikolu 4

Format u mod ta' skambju ta' data

1. *Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha* tistabbilixxi ***l-istruttura,*** l-kontenut ***u l-format*** ta' dokumenti ▌ u messaġġi elettroniċi standardizzati ***kif ukoll il-modalitajiet għall-iskambju tagħhom***

2. It-trażmissjoni ta' data bejn l-istituzzjonijiet, il-punti ta' aċċess jew l-organi ta' kuntatt issir b'mezz elettroniku, f'qafas sigur komuni kapaċi li jiżgura l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tal-iskambju ta' data.

3. Fil-komunikazzjonijiet tagħhom ***mal-persuni kkonċernati***, l-istituzzjonijiet ***relevanti jużaw il-modalitajiet xierqa għal kull każ, u, sa fejn hu possibbli, jużaw l-aktar*** l-użu tat-tekniki elettroniċi. ***Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi biex tibgħat l-informazzjoni, id-dokumenti jew id-deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi lill-persuna kkonċernata.***

(1) ***ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 5

Valur ġuridiku ta' dokumenti u ta' xhieda dokumentata stabbiliti fi Stat Membru ieħor

1. Id-dokumenti maħruġa mill-istituzzjoni ta' Stat Membru li jiċċertifika s-sitwazzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament *(bażiku* u ta' dan ir-Regolament, kif ukoll ix-xhieda dokumentati stabbiliti mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, inklużi l-awtoritajiet fiskali, jiġu imposti għall-istituzzjonijiet tal-Istati Membri l-oħrajn sakemm dawn id-dokumenti jew dawn ix-xhieda ma jiġux irtirati jew dikjarati invalidi mill-awtorità jew l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru fejn huma ġew stabbiliti.

2. F'każ ta' dubju fuq il-*validità* tad-dokument jew l-eżattezza tad-data li huma l-bażi *tal-fatti* li jidhru fih, l-istituzzjoni ‖ li tirċievi d-dokument *għandha titlob* lill-istituzzjoni li ħarġitu ‖ l-kjarifiki meħtieġa u, *fejn hu l-każ*, l-irtirar tal-imsemmi dokument. ***L-istituzzjoni li toħroġ id-dokument għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument u, jekk meħtieġ, li tirtirah.***

3. F'nuqqas ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati fix-xahar ta' wara d-data tat-talba tal-istituzzjoni li rċeviet id-dokument, il-kummissjoni amministrattiva tista' titqabbad b'konformità mal-Artikolu 76(6) tar-Regolament *bażiku* biex tgħaqqad l-opinjonijiet fis-sitt xhur wara li titqabbad.

Artikolu 6

Applikazzjoni proviżorja ta' leġiżlazzjoni u ħlas proviżorju ta' benefiċċji

1. ***Sakemm mhux previst mod ieħor fir-Regolament implimentattiv, fejn ikun hemm differenza ta' opinjoni bejn l-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar*** dwar *d-determinazzjoni* tal-leġiżlazzjoni applikabbli, ▌ il-persuna kkonċernata *għandha* tkun suġġetta proviżorjament għal-leġiżlazzjoni ***ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri, fejn l-ordni ta' prijorità tiġi determinata b'referenza għall-kriterji li ġejjin***:

***a) il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn il-persuna attwalment twettaq l-impjieg tagħha jew l-impjieg għal rasha jekk l-impjieg jew l-impjieg għal rasha jitwettaq fi Stat Membru wieħed biss;***

b) il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, meta hija teżerċita parti mill-attività jew mill-attivitajiet tagħha jew meta ma teżerċitax attività bil-paga jew self-employed; jew

*c)* ***il-leġiżlazzjoni ta'*** l-Istat Membru ***kkonċernat li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tiegħu***, ***rikjesta***, ***fejn il-persuna twettaq attività jew attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew aktar.***

2. F'każ ta' differenza *fl-opinjoni* bejn l-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ jew bosta Stati Membri dwar id-determinazzjoni tal-istituzzjoni msejħa biex tagħti l-benefiċċji, l-interessat li jista' jikklejmja benefiċċji jekk ma jkunx kuntestat, jibbenefika proviżorjament mill-benefiċċji speċifikati mil-leġiżlazzjoni li tapplika l-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew, jekk l-interessat ma joqgħodx fuq it-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri inkawża, mill-benefiċċji speċifikati mil-leġiżlazzjoni *applikata mill*-istituzzjoni li lilha ġiet ippreżentata l-ewwel *applikazzjoni.*

***3. Fejn ma jintlaħaqx qbil bejn l-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet ikkonċernati, il-kwistjoni tista' titressaq quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva permezz tal-awtoritajiet kompetenti mhux aktar kmieni minn xahar wara d-data li fiha seħħet id-differenza ta' opinjoni hekk kif imsemmi fil-paragrafi 1 jew 2. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tfittex li tirrikonċilja l-opinjonijiet fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tkun tressqet quddiemha.***

4. Meta jiġi stabbilit li l-leġiżlazzjoni applikabbli mhix dik tal-Istat Membru li fih seħħet l-affiljazzjoni proviżorja jew jekk l-istituzzjoni li ***tat*** il-benefiċċji proviżorjament ma kenitx l-istituzzjoni kompetenti, l-istituzzjoni identifikata bħala kompetenti *għandha tkun* kkunsidrata li hi hekk ***b'mod retroattiv daqs li kieku id-differenza fl-opinjoni qatt ma seħħet, l-aktar tard*** mid-data tal-affiljazzjoni proviżorja jew mill-ewwel ***għotja proviżorja*** tal-benefiċċji inkawża.

5. Jekk meħtieġ, l-istituzzjoni kompetenti tirregola s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna kkonċernata fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji ***li tħallsu b'mod provviżorju, jekk meħtieġ,***skond il-modalitajiet speċifikati mill-Artikoli 71 sa ***81 tar-Regolament implimentattiv***.

***Il-benefiċċji n-natura mogħtija provviżorjament skond il-paragrafu 2 għandhom jiġu rrimborżati mill-istituzzjoni kompetenti bi qbil mat-Titolu IV tar-Regolament implimentattiv.***

Artikolu 7

Obbligu ta' ħlas proviżorju

1. ***Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-Regolament implimentattiv, fejn persuna tkun eliġibbli biex tirċievi benefiċċju jew għandha tħallas xi kontribuzzjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku,*** ul-istituzzjoni ***kompetenti*** m'għandhiex l-*informazzjoni* kollha ***dwar is-sitwazzjoni fi Stat Membru ieħor*** li ***jkunu*** jippermettu l-kalkolu definittiv tal-ammont ta' ***dak il-benefiċċju*** jew ta' kontribuzzjoni, ***dik l-istituzzjoni*** *għandha* tipproċedi għall-ħlas proviżorju ta' dan il-benefiċċju ***fuq talba tal-persuna kkonċernata*** jew ***tikkalkola*** din il-kontribuzzjoni ***jekk tali kalkolu jkun possibbli fuq il-bażi tal-informazzjoni li tkun disponibbli għall-istituzzjoni***.

2. Kalkolu ġdid tal-benefiċċju jew tal-kontribuzzjoni inkawża jrid jiġi stabbilit meta x-xhieda dokumentati jkunu pprovduti lill-istituzzjoni kkonċernata.

**Kapitolu III**

**Miżuri ġenerali oħrajn ta' applikazzjoni tar-Regolament *bażiku***

Artikolu 8

Ftehimiet amministrattivi bejn żewġ jew bosta Stati Membri

1. Il-miżuri ta' dan ir-Regolament għandhom jissostitiwixx l-arranġament għall-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament *bażiku*, ħlief għall-miżuri tal-arranġamenti relatati mal-konvenzjonijiet speċifikati fl-Anness II tar-Regolament *bażiku*, sakemm il-miżuri fl-arranġamenti imsemmija ma jkunux imniżżla fl-Anness I tar-Regolament *implimentattiv*.

2. L-Istati Membri jistgħu jilħqu bejniethom, jekk meħtieġ, ftehim relatati mal-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament ***bażiku***, ▌sakemm dawn il-ftehimiet ma jaffettwawx id-drittijiet ***u l-obbligi tal-persuni kkonċernati u huma inklużi fl-Anness I tar-Regolament implimentattiv***.

Artikolu 9

Proċeduri oħrajn bejn istituzzjonijiet

1. *Żewġ Stati Membri jew aktar*, jew l-awtoritajiet ▌kompetenti tagħhom, jistgħu jiftiehmu *dwar proċeduri* li m'humiex dawk speċifikati ***mir-Regolament implimentattiv***, , sakemm dawn il-proċeduri ma jaffettwawx id-drittijiet ***u l-obbligi tal-persuni kkonċernati***.

2. Il-ftehimiet milħuqa għal dak il-għan jitwasslu għall-għarfien tal-kummissjoni amministrattiva u jkunu elenkati fl-Anness *I* ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Prevenzjoni ta' benefiċċji mtennija

Meta l-benefiċċji dovuti taħt titolu tal-leġiżlazzjoni ta' żewġ jew bosta Stati Membri jkunu mnaqqsa, sospiżi jew imneħħija reċiprokament, l-ammonti li ma jkunux tħallsu fil-każ ta' applikazzjoni stretta tal-klawżoli ta' tnaqqis, ta' sospensjoni jew ta' tneħħija speċifikati mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati jiġu maqsuma bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għal tnaqqis, sospensjoni jew tneħħija.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 11

Fatturi għad-determinazzjoni tar-residenza

1. ***Fejn hemm differenza fl-opinjonijiet*** bejn l-istituzzjonijiet ta' ***żewġ*** Stati Membri ***jew aktar dwar id-determinazzjoni*** tar-residenza ta' persuna ***li għaliha japplika r-Regolament bażiku***, dawn l-istituzzjonijiet *għandhom* jistabbilixxu bi ftehim komuni ċ-ċentru ta' interess tal-persuna ***fuq il-bażi ta' evalwazzjoni globali tal-informazzjoni kollha disponibbli relatata mal-data relevanti, li jistgħu jinkludu, kif meħtieġ***:

a) *it-tul* u l-kontinwità ta' żmien ***tal-preżenza fit-territorju tal-Istati Membri kkonċernati***;

*b)* ***iċ-ċirkostanzi personali, inkluż***:

***i) in-natura u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kwalunkwe attività li titwettaq, b'mod partikolari l-post fejn l-attività normalment titwettaq, in-natura stabbli tal-attività jew it-tul ta' żmien ta' kwalunkwe kuntratt tax-xogħol;***

***ii)*** is-sitwazzjoni tal-familja, ***tiegħu/tagħha*** u r-rabtiet tal-familja;

***iii) it-twettiq ta' kwalunkwe attività mingħajrħlas;***

***iv) fil-każ ta' studenti, is-sors tad-dħul tagħhom;***

***v) is-sitwazzjoni tad-djar tagħhom, partikolarment kemm hi permanenti;***

***vi)*** l-Istat Membru li fih il-persuna hija ***meqjusa li għandha r-residenza għal finijiet ta' tassazzjoni***.

2. Fejn l-evalwazzjoni tal-kriterji differenti ***bbażati fuq data relevanti kif*** *imsemmija* fil-paragrafu 1 ma twassalx għall-ftehim tal-istituzzjonijiet ***ikkonċernati***, il-volontà ***tal-persuna***, ***kif jidher mill-fatti u ċirkostanzi, speċjalment ir-raġunijiet li wasslu lill-persuna biex tibdel ir-residenza*** *għandha tiġi meqjusa* bħala determinanti biex jiġi stabbilit il-post ta' residenza ***attwali*** tagħha.

Artikolu 12

L-għadd totali tal-perjodi

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament ***bażiku***, l-istituzzjoni kompetenti *għandha* tindirizza ***lill-istituzzjonijiet*** ta' ***l-Istati Membri*** ta' liema leġiżlazzjoni l-persuna ***kkonċernata diġà' kienet*** suġġetta biex tikseb il-komunikazzjoni tal-perjodi ***kollha*** ▌mwettqa taħt din il-leġiżlazzjoni.

2. Il-perjodi ta' assigurazzjoni ***ta' impjieg***, ***ta' meta persuna tkun impjegata għal rasha*** jew ta' residenza mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru *għandhom* jingħaddu *ma' dawk* mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru ieħor, sakemm huwa meħtieġ ***għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku***, bil-kundizzjoni li dawn il-perjodi ma jikkoinċidux.

3. Meta perjodu ta' assigurazzjoni jew ta' residenza *obbligatorja* mwettaq ‖ *skond* il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jikkoinċidi ma' perjodu ta' assigurazzjoni *kontinwa jew volontarja skond* il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, huwa biss il-perjodu *ta'* assigurazzjoni obbligatorja li jiġi kkunsidrat.

4. Meta perjodu ta' assigurazzjoni jew ta' residenza ħlief għal perjodu simili mwettaq taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jikkoinċidi ma' perjodu simili skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, huwa biss il-perjodu ħlief għal perjodu simili li jiġi kkunsidrat.

5. Kull perjodu simili skond il-leġiżlazzjonijiet ta' żewġ jew bosta Stati Membri ma jiġix ikkunsidrat ħlief mill-istituzzjoni tal-Istat Membru taħt il-leġiżlazzjoni ta' liema l-assigurat kien suġġett l-aħħar b'mod obbligatorju qabel il-perjodu msemmi. Fil-każ fejn l-assigurat ma kienx suġġett b'mod obbligatorju għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru qabel il-perjodu msemmi, dan jiġi kkunsidrat mill-istituzzjoni tal-Istat Membru taħt il-leġiżlazzjoni ta' liema huwa kien suġġett b'mod obbligatorju għall-ewwel darba wara l-perjodu msemmi.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

6. Fil-każ fejn iż-żmien *li fih* ċerti perjodi ta' assigurazzjoni jew ta' residenza ġew imwettqa taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma jistax ikun determinat b'mod preċiż, huwa presunt li dawn il-perjodi ma jikkoinċidux ma' perjodi ta' assigurazzjoni jew ta' residenza mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor u jiġi kkunsidrat, ***fejn ikun ta' vantaġġ għall-persuna kkonċernata*** sakemm huma jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod utli.

***7. Fejn perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza ma jiġux ikkunsidrati skond dan l-Artikolu peress li perjodi oħrajn li ma jikkwalifikawx għall-benefiċċju kkonċernat jieħdu preċedenza, il-perjodi li ma ġewx ikkunsidrati m'għandhomx jitilfu l-effett tagħhom, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali, fir-rigward tal-akkwist, iż-żamma jew l-irkupru tad-dritt għall-benefiċċji.***

Artikolu 13

Regoli ta' konverżjoni tal-perjodi ta' assigurazzjoni

Meta l-perjodi ta' assigurazzjoni mwettqa taht il-legizlazzjoni ta' Stat Membru jkunu espressi f'unitajiet differenti minn dawk uzati *minn*‖ Stat Membru iehor, il-konverzjoni mehtiega ghall-finijiet tal-ghadd totali ssir skond ir-regoli li gejjin:

a) gurnata hija ekwivalenti ghal tmien sighat u vici-versa;

b) hamest ijiem huma ekwivalenti ghal gimgha u vici-versa;

c) *tnejn* u ghoxrin gurnata huma ekwivalenti ghal xahar u vici-versa;

d) tliet xhur jew tlettax-il gimgha jew sitta u sittin gurnata huma ekwivalenti ghal kwart ta' sena u vici-versa;

e) ghall-konverzjoni ta' gimghat f'xhur u vici-versa, il-gimghat u x-xhur iridu jinbidlu fi granet;

f) l-applikazzjoni tal-punti a) sa e) ma tistax b'rizultat ta' dan ikollha, ghall-perjodi kollha ta' assigurazzjoni mwettqa matul sena kalendarja, total akbar minn 264 gurnata jew 52 gimgha jew tnax-il xahar jew erba' kwarti ta' sena.

Meta l-perjodi ta' assigurazzjoni mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jkunu espressi f'xhur, il-ġranet li jikkorrispondu għal frazzjoni ta' xahar, b'konformità mar-regoli ta' konverżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, jiġu kkunsidrati bħala xahar sħiħ.

## TITOLU II

## DETERMINAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI APPLIKABBLI

Artikolu 14

Dettalji relatati mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament *bażiku*

***1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, "persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem min iħaddem … u li tintbagħat minn dik il-persuna li tħaddimha biex taħdem fi Stat Membru ieħor" għandha tinkludi persuna li tiġi reklutata bil-ħsieb li tintbagħat biex taħdem fi Stat Membru ieħor, sakemm il-persuna kkonċernata, immedjatament qabel il-bidu tal-impjieg tagħha, ma tkunx diġà soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih il-persuna li timpjegaha hija stabbilita.***

***2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, il-kliem, "li normalment twettaq l-attivitajiet tagħha hemm" għandhom jirreferu għal persuna li tħaddem u li ordinarjament twettaq attivitajiet sostanzjali, minbarra attivitajiet interni ta' ġestjoni, fit-territorju tal-Istat Membru li fih hi stabbilita, waqt li jitqiesu l-kriterji kollha li jikkaratterizzaw l-attivitajiet imwettqa mill-impriża kkonċernata. Il-kriterji relevanti għandhom ikunu adatti għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull min iħaddem u għan-natura vera tal-attivitajiet imwettqa.***

***3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament bażiku, l-espressjoni "li normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha" għandha tirreferi għal persuna li abitwalment twettaq attivitajiet sostanzjali fit-territorju tal-Istat Membru li fih hija stabbilita. B'mod partikolari, dik il-persuna għandha tkun diġà qed twettaq l-attività tagħha għal xi żmien qabel id-data meta hija tkun tixtieq tieħu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu u, matul kwalunkwe perjodu ta' attività temporanja fi Stat Membru ieħor, għandha tkompli żżomm, fl-Istat Membru fejn hija stabbilita, ir-rekwiżiti għat-twettiq tal-attività tagħha sabiex hija tkun tista' twettaqha meta tirritorna.***

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament*bażiku*, il-kriterju biex jiġi determinat jekk ix-xogħol li jmur jagħmel ħaddiem self-employed fi Stat Membru ieħor huwiex "simili" għax-xogħol self-employed li normalment kien jeżerċita huwa dak tan-natura reali tax-xogħol u mhux mill-kwalifika ta' xogħol bil-paga jew self-employed mogħtija eventwalment għal dan ix-xogħol minn dan l-Istat Membru l-ieħor.

***5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku persuna li "normalment twettaq attività bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew aktar" għandha tirreferi, b'mod partikolari, għal persuna li:***

***a) filwaqt li żżomm attività fi Stat Membru wieħed, twettaq simultanjament attività separata oħra fi Stat Membru wieħed jew aktar irrispettivament mit-tul ta' żmien u n-natura ta' din l-attività separata;***

***b) twettaq b'mod kontinwu attivitajiet li jalternaw, bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet marġinali, f'żewġ Stati Membri jew aktar, irrispettivament mill-frekwenza jew ir-regolarità tal-alternazzjoni.***

***6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku persuna li "normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar" għandha tirreferi, b'mod partikolari, għal persuna li simultanjament jew b'mod li jalterna, twettaq attività separata waħda jew aktar f'impjieg għal rasha, irrispettivament min-natura ta' dawk l-attivitajiet, fit-territorji ta' żewġ Stati Membri jew aktar.***

***7. Sabiex wieħed jiddistingwi l-attivitajiet tal-paragrafi 5 u 6 mis-sitwazzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 12(1) u (2) tar-Regolament bażiku, it-tul ta' żmien tal-attività fi Stat Membru jew aktar (kemm jekk hi permanenti kif ukoll jekk ta' natura ad hoc jew temporanja) għandu jkun deċisiv. Għal dawn il-finijiet, għandha ssir evalwazzjoni ġenerali tal-data relevanti kollha kif ukoll, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuna impjegata, tal-post fejn isir ix-xogħol kif definit fil-kuntratt tax-xogħol.***

8. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament *bażiku* ▌, "parti sostanzjali ta' attività bil-paga jew self-employed" eżerċitata fi Stat Membru *għandha* ***tfisser*** parti importanti b'mod kwantitattiv tal-attivitajiet kollha tal-ħaddiem bil-paga jew self-employed hija eżerċitata hemmhekk, mingħajr ma din tkun bilfors il-parti l-kbira ta' dawn l-attivitajiet. ▌

***Biex jigi ddeterminat jekk parti sostanzjali tal-attività hijiex imwettqa fi Stat Membru, għandhom jigu kkunsidrati l-kriterji indikattivi li gejjin***:

***a) fil-kaz ta' attività ta' persuna impjegata, il-hin tax-xoghol u/jew ir-remunerazzjoni; kif ukoll***

***b) fil-kaz ta' attività ta' persuna li tahdem ghal rasha*** figuri ta' negozju, ta' hin ta' xoghol ***in-numru ta' servizzi moghtija u/jew*** id-dhul

***Fil-qafas ta' evalwazzjoni globali, tatal ta' anqas minn 25 % tal-kriterji msemmijin hawn fuq ghandu jindika li parti sostanzjali tal-attivitajiet kollha mhix imwettqa fl-Istat Membru rilevanti.***

9. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament *(bażiku*, iċ-"ċentru ta' interess" tal-attivitajiet ta' ħaddiem self-employed huwa determinat billi jiġu kkunsidrati l-fatturi kollha li jagħmlu l-attivitajiet professjonali tiegħu, notevolment il-post fejn qiegħed l-indirizz fiss u permanenti tax-xogħol tal-interessat, il-karattru abitwali jew id-dewmien tal-attivitajiet li jsiru, l-Istat Membru li fih l-interessat huwa suġġett għat-taxxi fuq id-dħul kollu tiegħu jkun xi jkun is-sors, kif ukoll il-volontà tal-interessat kif tidher fiċ-ċirkostanzi kollha.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***10. Sabiex tiġi determinata l-leġiżlazzjoni applikabbli skond il-paragrafi 8 u 9, l-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jieħdu kont tas-sitwazzjoni prevista għat-tnax-il xahar kalendarji li jkunu ġejjin.***

11. Fil-każ fejn persuna teżerċita l-attività tagħha bil-paga f'żewġ jew bosta Stati Membri għal min iħaddimha li hu stabbilit barra mit-territorju tal-Unjoni u meta din il-persuna tgħix fi Stat Membru mingħajr ma teżerċita hemmhekk attività sostanzjali, hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza.

▌

*Artikolu 15*

***Il-Proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3)(b) u (d), l-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku (dwar id-dispożizzjoni ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet konċernati)***

***1. Sakemm mhux previst mod ieħor mill-Artikolu 16 tar-Regolament implimentattiv, fejn persuna twettaq l-attività tagħha fi Stat Membru li m'huwiex l-Istat Membru kompetenti taħt it-Titolu II tar-Regolament bażiku, il-persuna li tħaddem jew, fil-każ ta' persuna li ma twettaqx attività bħala persuna impjegata, il-persuna kkonċernata, għandha tinforma b'dan lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu hija applikabbli l-leġiżlazzjoni, kull meta jkun possibbli minn qabel. Dik l-istituzzjoni għandha, mingħajr dewmien, tagħmel l-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli lill-persuna kkonċernata skond l-Artikolu 11 (3)(b) jew l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku disponibbli lill-istituzzjoni magħżula mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tiġi mwettqa l-attività.***

***2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal persuni koperti mill-Artikolu 11 (3)(d) tar-Regolament bażiku.***

***3. Persuna li tħaddem fis-sens tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku li għandha persuna mpjegata abbord bastiment li fuqu tkun qed tittajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor għandha tinforma b'dan lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu hija applikabbli, kull meta jkun possibbli minn qabel. Dik l-istituzzjoni, mingħajr dewmien, għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata, skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, lill-istituzzjoni magħżula mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-bandiera tiegħu tkun qed tittajjar fuq il-bastiment li fuqu l-impjegat se jwettaq l-attività tiegħu.***

▌

*Artikolu 16*

Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament *bażiku*

1. Il-persuna li teżerċita attivitajiet f'żewġ jew bosta Stati Membri tinforma b'dan lill-istituzzjoni nnominata *mill-awtorità kompetenti* tal-Istat Membru*ta' residenza.* Din l-istituzzjoni tgħaddi din l-informazzjoni lill-istituzzjoni nnominata ta' kull Stat Membru fejn qiegħda ssir attività.

2. ***L-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' -residenza,*** *għandha,* **mingħajr dewmien**, jiddeterminaw l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-interessat, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-miżuri ***tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 14***tar-Regolament ***implimentattiv. Din id-determinazzjoni għandha inizjalment tkun provviżorja. L-istituzzjoni għandha tinforma lill-istituzzjonijiet nominati mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru li fih qed titwettaq attività dwar id-determinazzjoni provviżorja tagħha***.

3. Id-determinazzjoni ***provviżorja*** tal-leġiżlazzjoni applikabbli, ***kif previst fil-paragrafu 2, issir definittiva fi żmien xahrejn minn meta*** ▌ lill-istituzzjoni nnominata, ***tal-Istati Membri fejn qed titwettaq l-attività tkun ġiet infurmata bid-determinazzjoni provviżorja***, ***sakemm il-leġiżlazzjoni ma tkunx diġà ġiet determinata b'mod definittiv fuq il-bażi tal-paragrafu 4, jew tal-anqas waħda mill-istituzzjonijiet ikkonċernati ma tinfurmax lill-istituzzjoni magħżula mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' residenza sa tmiem dan il-perjodu ta' xahrejn li hi għadha ma tistax taċċetta d-determinazzjoni jew li għandha fehma oħra dwar dan***.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***4. Meta inċertezza dwar l-identifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli teħtieġ kuntatti bejn l-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar, għat-talba ta' istituzzjoni jew aktar nominati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata għandha tiġi determinata minn ftehim komuni, waqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Artikolu 14 tar-Regolament implimentattiv.***

***Fejn ikun hemm differenza fil-fehmiet bejn l-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet kompetenti, dawk l-entitajiet għandhom ifittxu qbil skond il-kundizzjonijiet imniżżla hawn fuq u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament implimentattiv.***

***5. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni tiġi dikjarata applikabbli, sew jekk b'mod provviżorju kif ukoll jekk b'mod definittiv, għandha tinforma, mingħajr dewmien, lill-persuna kkonċernata.***

***6. Jekk il-persuna kkonċernata tonqos milli tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati fuq l-inizjattiva tal-istituzzjoni magħżula mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza malli hija ssir taf is-sitwazzjoni ta' dik il-persuna, possibilment permezz ta' istituzzjoni oħra kkonċernata.***

*Artikolu 17*

Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament *bażiku*

L-aġent awżiljari jeżerċita d-dritt ta' għażla speċifikat fl-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku fil-mument tal-għeluq tal-kuntratt ta' xogħol. L-awtorità li tista' tagħlaq il-kuntratt tinforma lill-istituzzjoni nnominata tal-Istat Membru li tiegħu l-aġent awżiljari għażel il-leġiżlazzjoni.

***Artikolu 18***

***Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament bażiku***

***Talba mill-persuna li tħaddem jew mill-persuna kkonċernata għal eżenzjoni għall-Artikoli 11 sa 15 tar-Regolament bażiku għandhom jiġu sottomessi, kull meta possibbli bil-quddiem, lill-awtorità kompetenti jew lill-entità magħżula mill-awtorità tal-Istat Membru, li tiegħu l-persuna li tħaddem jew il-persuna kkonċernata titlob biex tapplika l-leġiżlazzjoni.***

Artikolu 19

Informazzjoni lill-persuni ***kkonċernati u lil min iħaddem***

1. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni applikabbli ***bis-saħħa tat-Titolu II tar-Regolament bażiku*** *għandha* tinforma lill-persuna kkonċernata kif ukoll, jekk jingħata l-każ, lil min iħaddimha, dwar l-obbligi *previsti* minn din il-leġiżlazzjoni. Hija tagħtihom l-għajnuna meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet imposti minn din il-leġiżlazzjoni.

2. ▌L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni hija applikabbli skond dispożizzjoni tat-Titolu II tar-Regolament *bażiku għandha* ***toħroġ ċertifikat tal-leġiżlazzjoni applikabbli lill-persuna kkonċernata*** ‖ u tindika, jekk jingħata l-każ, sa liema data u taħt liema kundizzjonijiet. ***Dan iċ-ċertifikat għandu jindika l-pagi dikjarati minn min iħaddem.***

Artikolu 20

Kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet

1. L-istituzzjonijiet ***rilevanti*** *għandhom*, jikkomunikaw lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni hija applikabbli għal persuna ***bis-saħħa tat-Titolu II tar-Regolament bażiku l-***informazzjoni ***neċessarja*** meħtieġa għall-iffissar ***tad-data li fiha l-leġiżlazzjoni ssir applikabbli u*** tal-kontribuzzjonijiet li din *il-persuna* jew min iħaddimha jridu *jħallsu* taħt din il-leġiżlazzjoni.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

2. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni ssir applikabbli għal persuna tinforma lill-istituzzjoni tal-Istat Membru għal-leġiżlazzjoni ta' liema l-persuna hija finalment suġġetta billi tindika d-data meta l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni tibda sseħħ.

Artikolu 21

Obbligi ta' min iħaddem

1. Il-persuna li *timpjega* ħaddiem ***li għandu l-uffiċċju jew il-post tan-negozju tiegħu reġistrat barra mill-Istat Membru kompetenti*** hija marbuta li twettaq l-obbligi speċifikati mil-leġiżlazzjoni applikabbli għal dan*l-impjegat, b' mod partikolari* l-obbligu li tħallas il-kontribuzzjonijiet speċifikati minn din il-leġiżlazzjoni, ***bħallikieku hija kellha l-uffiċċju jew il-post tan-negozju tagħha reġistrat fl-Istat Membru kompetenti***.

2. Il-persuna li tħaddem li m'għandhiex ***post tan-negozju*** fl-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni hija applikabbli, min-naħa waħda, u l-ħaddiem bil-paga, min-naħa l-oħra, jistgħu jiftiehmu li dan tal-aħħar jesegwixxi l-obbligi tal-persuna li tħaddem f'isimha f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ***bla ħsara għall-obbligi sottostanti ta' min iħaddem***. Il-persuna li tħaddem ‖***għandha tinnotifika*** tali ftehim lill-istituzzjoni kompetenti ta' dan l-Istat Membru.

**TITOLU III**

**MIŻURI PARTIKULARI APPLIKABBLI GĦAL KATEGORIJI DIFFERENTI TA' BENEFIĊĊJI**

**Kapitolu I**

**Benefiċċji simili ta' mard, ta' maternità u ta' paternità**

Artikolu 22

Miżuri ġenerali ta' applikazzjoni

1. L-awtoritajiet ***jew l-istituzzjonijiet*** kompetenti *għandhom* jieħdu ħsieb ***li kwalunkwe informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli għall-persuni*** assigurati ***dwar il-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-għoti ta'*** benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali meta dawn il-benefiċċji jkunu riċevuti ***fit-territorju*** ta' Stat Membru li mhux dak tal-istituzzjoni kompetenti ▌.

2. L-Artikoli 25 u 26 *tar-regolament implimentattiv* ma jaffettwawx l-applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' Stat Membru li jippermettu teħid ta' responsabbiltà finanzjarja aktar favorevoli minn dik li toħroġ mir-Regolament *bażiku* tal-ispejjeż marbutin mal-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali fis-sitwazzjonijiet speċifikati f'paragrafu 1.

3. Żewġ jew bosta Stati Membri, jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jistgħu jiftiehmu bejniethom dwar proċeduri u modalitajiet oħrajn għall-applikazzjoni tal-Artikoli 25, 26 u 27 *tar-regolament implimentattiv*. Madankollu, il-ftehim milħuq għal dan il-għan ma jistgħax jipproduċu effetti sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet u l-ammonti ta' teħid ta' responsabbiltà finanzjarja tal-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali tal-persuni kkonċernati bħalma kieku jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan il-ftehim *għandu jiġi nnotifikat* lill-kummissjoni amministrattiva

4. ***Minkejja l-Artikolu 5 (a) tar-Regolament bażiku, Stat Membru jista' jsir responsabbli għall-ispejjeż tal-benefiċċji skond l-Artikolu 22 tar-Regolament bażiku biss, jekk il-persuna assigurata tkun għamlet talba għal*** pensjoni ***taħt il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, jew skond l-Artikoli 23 sa 30 tar-Regolament bażiku, jekk tirċievi pensjoni***, ***skond il-leġiżlazzjoni*** ta' dan l-Istat Membru.

Artikolu 23

Skema applikabbli fil-każ ta' bosta skemi fl-Istat Membru ta' residenza jew ta' żjara

Jekk il-leġiżlazzjoni tal-post ta' residenza jew ta' żjara għandha bosta skemi ta' assigurazzjoni ta' mard, ta' maternità jew ta' paternità, il-miżuri applikabbli skond l-Artikolu 17, l-Artikolu 19(1) u tal-Artikoli 20, 22, 24, 26 u 27 tar-Regolament bażiku jkunu dawk tal-leġiżlazzjoni relatata mal-iskema ġenerali tal-ħaddiema bil-paga.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 24

Residenza fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament *bażiku*, il-persuna assigurata jew il-membri tal-familja tagħha huma marbutin li jirreġistraw mal-istituzzjoni tal-post ta' residenza billi jittrażmettu dokument li jiċċertifika d-dritt tagħhom għall-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali għar-responsabbiltà tal-Istat Membru kompetenti.

Dan id-dokument huwa stabbilit mill-istituzzjoni kompetenti, jekk jinqala' l-każ skond it-tagħrif ipprovdut minn min iħaddem. Jekk il-persuna assigurata jew il-membri tal-familja tagħha ma jgħaddux l-imsemmi dokument, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza tindirizza lill-istituzzjoni kompetenti biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa.

2. ***Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jibqa' validu sakemm l-istituzzjoni kompetenti tinforma lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza bil-kanċellazzjoni tiegħu.***

L-istituzzjoni tal-post ta' residenza *għandha* tinforma lill-istituzzjoni kompetenti b'kull reġistrazzjoni *skond il-*paragrafu 1 ***u ta' kwalunkwe bidla jew kanċellazzjoni ta' dik ir-reġistrazzjoni***.

3. Dan l-Artikolu japplika mutatis mutandis għall-persuni speċifikati fl-Artikoli 22, 24, 25 u 26 tar-Regolament *bażiku*.

Artikolu 25

Żjara fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti

A) Proċedura u ambitu tad-dritt

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament ***bażiku***, il-persuna assigurata *għandha* ***tippreżenta dokument maħruġ mill-istituzzjoni*** kompetenti tagħha li jiċċertifika *li hija ntitolata* ***għal benefiċċji*** mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali ***lil min jipprovdi l-kura tas-saħħa fl-Istat Membru ta' żjara. Jekk il-persuna assigurata m'għandhiex id-dokument imsemmi, l-istituzzjoni tal-post ta' fejn toqgħod, fuq talba jew jekk meħtieġ mod ieħor, għandha tikkuntattja lill-istituzzjoni kompetenti biex tikseb id-dokument meħtieġ.***

▌

2. ***Dak id-dokument għandu juri li*** għall-persuna ***assigurata hija intitolata għal benefiċċji in natura taħt il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku bl-istess termini bħal dawk applikabbli għal persuni assigurati taħt il-leġiżlazzjoni ta'*** l-Istat Membru ta' żjara.

▌

3. Il-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali msemmija fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament ***bażiku*** *għandhom jirreferu għall-*benefiċċji *in natura* li *huma provduti* fl-Istat Membru ta' żjara, skond il-leġiżlazzjoni*nazzjonali tiegħu*, ***u li jsiru meħtieġa fuq bażi medika biex jiġi evitat li*** il-persuna assigurata ***tiġi sfurzata li tirritorna***, qabel it-tmiem ***tat-terminu*** taż-żjara ***ppjanat, fl-Istat Membru kompetenti*** biex ***tikseb*** *il-kura* **meħtieġa**.

▌

B) Proċedura u modalitajiet ta' teħid ta' responsabbiltà u/jew ta' rimborż ta' benefiċċji *in natura*.

4. Jekk il-persuna assigurata b'mod effettiv refgħet l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* mogħtija fil-qafas tal-Artikolu 19 tar-Regolament ***bażiku u jekk il-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara tipprevedi l-possibilità ta' ħlas lura ta' dawk l-ispejjeż lill-persuna assigurata***, hija ***tista'*** tindirizza t-talba tagħha għal rimborż lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara. ***F'dan il-każ, dik*** tagħtiha direttament rimborż tal-ammont tal-ispejjeż li jikkorrispondu għal dawn il-benefiċċji fil-limiti u l-kundizzjonijiet tar-rata ***ta' rimborż*** tal-leġiżlazzjoni tagħha.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

5. Jekk ir-rimborż ta' dawn l-ispejjeż ma kienx mitlub direttament lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara, l-ispejjeż imsemmija *għandhom ikunu* rimborżati lill-persuna kkonċernata mill-istituzzjoni kompetenti ***bi qbil mar-rati*** ta' rimborż ***amministrati*** mill-istituzzjoni tal-post ta' żjara ***jew l-ammonti li kienu jkunu soġġetti għal rimborż lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara, jekk l-Artikolu 61 tar-Regolament implimentattiv kien japplika fil-każ ikkonċernat***.

L-istituzzjoni tal-post ta' żjara hija marbuta li tipprovdi lill-istituzzjoni kompetenti li titlobha l-informazzjoni meħtieġa dwar dawn ir-rati ***jew l-ammonti***.

6. B'deroga ***mill-paragrafu 5***, l-istituzzjoni kompetenti tista' tipproċedi għar-rimborż tal-ispejjeż imsemmija ***fil-limiti u skond ir-rati previsti fil-leġiżlazzjoni tagħha,***, bil-kundizzjoni li l-persuna assigurata tkun tat il-kunsens tagħha biex tara li tiġi applikata din id-dispożizzjoni ▌.

***7. Ir-rimborż lill-persuna assigurata m'għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż l-ammont tal-ispejjeż fil-fatt imħallsa minnha.***

8. *Fil-każ ta'* spejjeż importanti, l-istituzzjoni kompetenti tista' tħallas lill-persuna assigurata pagament *adattat* bil-quddiem, sakemm din tippreżenta ‖t-talba ta' rimborż.

***C) Membri tal-familja***

***9. Il-paragrafi 1-8 japplikaw mutatis mutandis għall-membri tal-familja tal-persuna assigurata.***

Artikolu 26

Kuri ppjanati

A) Proċedura ta' awtorizzazzjoni

1. ***Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament bażiku, il-persuna assigurata għandha tippreżenta dokument maħruġ mill-istituzzjoni kompetenti lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjoni kompetenti għandha tfisser l-istituzzjoni li tħallas l-ispejjeż tal-kura skedata***; ***fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 20(4) u 27(5) tar-Regolament bażiku, fejn il-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali pprovduti fl-Istat Membru ta' residenza huma rimborżati permezz ta' ammonti fissi***, l-istituzzjoni kompetenti ***għandha tfisser li hija l-istituzzjoni tal-post ta' residenza***.

2. ***Jekk*** persuna ***assigurata*** ma toqgħodx fuq it-territorju tal-Istat Membru kompetenti ***hi għandha titlob*** l-awtorizzazzjoni mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza ***li għandha tgħaddiha lill-istituzzjoni kompetenti mingħajr dewmien***.

***F'dan il-każ, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza għandha tiċċertifika jekk il-kundizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku humiex issodisfati fl-Istat Membru ta' residenza.***

***L-istituzzjoni kompetenti tista' tirrifjuta li tagħti l-awtorizzazzjoni rikjesta biss jekk, skond l-evalwazzjoni tal-istituzzjoni tal-post ta' residenza, il-kundizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku m'humiex issodisfati fl-Istat Membru ta' residenza tal-persuna assigurata, jew jekk l-istess kura tista' tiġi pprovduta fl-Istat Membru kompetenti stess, f'limitu ta' żmien li huwa medikament ġustifikabbli, waqt li jitqies l-istat attwali tas-saħħa u l-pronjożi tal-persuna kkonċernata.***

***L-istituzzjoni kompetenti għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-Istat Membru ta' residenza bid-deċiżjoni tagħha.***

Fin-nuqqas ta' tweġiba fi żmien ħmistax-il "ġurnata kalendarja" mid-data ta' meta ntbagħtet, l-awtorizzazzjoni *għandha titqies* li ngħatat mill-istituzzjoni kompetenti.

▌

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

3. ***Jekk persuna assigurata li ma toqgħodx fl-Istat Membru kompetenti teħtieġ kura urġenti*** ta' karattru vitali, ***l-awtorizzazzjoni ma tistax tkun rifjutata skond it-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi,*** l-awtorizzazzjoni tingħata mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza f'isem l-istituzzjoni kompetenti li tiġi infurmata immedjatament mill-istituzzjoni tal-Istat tal-post ta' residenza.

L-istituzzjoni kompetenti hija obbligata li taċċetta d-dikjarazzjonijiet u l-għażliet terapewtiċi relatati mal-bżonn ta' kuri ***urġenti u*** ta' karattru vitali amministrati minn tobba rreġistrati mal-istituzzjoni tal-post ta' residenza li tagħti l-awtorizzazzjoni.

***4. F'kull ħin matul il-proċedura tal-għoti tal-awtorizzazzjoni, l-istituzzjoni kompetenti għandha żżomm id-dritt li teżamina l-persuna kkonċernata permezz ta' tabib tal-għażla tagħha fl-Istat Membru ta' żjara jew ta' residenza.***

5. ***L-istituzzjoni*** tal-post ta' żjara ***għandha***, ***bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni rigward awtorizzazzjoni***, tinforma lill-istituzzjoni ***kompetenti jekk ikun jidher xieraq*** b'mod mediku li titkompla l-kura ***koperta mill-awtorizzazzjoni eżistenti***.

B) Teħid ta' responsabbiltà finanzjarja ta' benefiċċji *in natura* ***magħmula mill-persuna assigurata***.

***6. Bla ħsara għall-paragrafu 7, l-Artikolu 25(5) u (6) tar-Regolament ta' implimentazzjoni għandu japplika mutatis mutandis.***

7. ***Jekk il-persuna assigurata fil-fatt ħallset l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż għall-kura medika awtorizzata hi nnifisha u l-ammont tal-ispejjeż li l-istituzzjoni kompetenti hija obbligata tirrimborża lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew lill-persuna assigurata skond il-paragrafu 6 (spiża attwali) huwa aktar baxx mill-ispiża li kien ikollha tħallas għall-istess kura fl-Istat Membru kompetenti (spiża spekulattiva), l-istituzzjoni kompetenti għandha tirrimborżalha, fuq talba tagħha, l-ispiża tal-kura mħallsa mill-persuna assigurata sa l-ammont tad-differenza li biha l-ispiża spekulattiva taqbeż l-ispiża reali. Is-somma rimborżata, madankollu, ma tistax taqbeż l-ammont tal-ispejjeż fil-fatt imħallsa mill-persuna assigurata u jista' jiġi kkunsidrat l-ammont li l-persuna assigurata kien ikollha tħallas li kieku l-kura ngħatat fl-Istat Membru kompetenti***.

C) Teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' żjara fil-kuntest ta' kuri ppjanati.

8. ▌ *L-ispejjeż* ta' vjaġġar u ta' żjara ***tal-persuna assigurata, li huma*** inseparabbli mill-kura tal-persuna ***assigurata***, ***u, jekk meħtieġ, l-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' żjara tal-persuna assigurata, għal persuna li għandha takkumpanjaha, għandhom jitħallsu minn din.*** *l-istituzzjoni* **meta tingħata awtorizzazzjoni fil-każ ta' kura fi Stat Membru ieħor. Fil-każ li l-persuna assigurata tkun persuna b'diżabilità, l-ivvjaġġar u ż-żjara ta' persuna li takkumpanjaha għandhom jiġu kkunsidrati bħala meħtieġa**.

D) Membri tal-familja

9. Il-miżuri tal-paragrafi 1 sa 8 japplikaw mutatis mutandis għall-membri tal-familja ta' persuna assigurata.

Artikolu 27

Benefiċċji fi flus relatati ma' inkapaċità għax-xogħol f'każ ta' żjara jew ta' residenza fi Stat Membru li mhux l-Istat kompetenti

A) Proċedura li l-persuna assigurata trid issegwi

1. ***Jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kompetenti teħtieġ li l-persuna assigurata tippreżenta ċertifikat*** *biex* tibbenefika mill-benefiċċji fi flus relatati ma' inkapaċità għax-xogħol skond l-Artikolu 21(1) tar-Regolament ***bażiku***, il-persuna assigurata titlob lit-tabib tal-Istat Membru ta' residenza li jkun iddikjara l-istat tas-saħħa tagħha ▌ biex jiċċertifika l-inkapaċità tagħha għax-xogħol ***t-tul ta' żmien probabbli***.

2. Il-persuna assigurata *għandha* tgħaddi ***ċ-ċertifikat*** lill-istituzzjoni kompetenti ***fil-limitu ta' żmien stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kompetenti.***

***3. Meta t-tobba li jipprovdu l-kura fl-Istat Membru ta' residenza ma joħorġux ċertifikati ta' inkapaċità għax-xogħol, u meta dawn iċ-ċertifikati huma meħtieġa taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kompetenti, il-persuna kkonċernata għandha tagħmel talba direttament lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza. Dik l-istituzzjoni għandha immedjatament torganiżża l-evalwazzjoni tal-inkapaċità għax-xogħol mil-lat mediku u t-tfassil taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1. Tali ċertifikat għandu jiġi mgħoddi lill-istituzzjoni kompetenti minnufih.***

4. Il-komunikazzjoni tad-dokument imsemmi fil-paragrafi ***1, 2 u 3*** ma jeħlisx lill-persuna assigurata milli twettaq l-obbligi speċifikati mil-leġiżlazzjoni applikabbli, b'mod partikulari fir-rigward ta' min iħaddimha. ***Meta xieraq, min iħaddem u/jew l-istituzzjoni kompetenti jistgħu jsejħu lill-impjegat biex jipparteċipa f' attivitajiet imfassla biex jippromwovu u jgħinu r-ritorn tagħha għall-impjieg.***

▌

B) Proċedura li l-istituzzjoni tal-Istat Membru ta' residenza trid issegwi

5. Fuq it-talba tal-istituzzjoni kompetenti jew fil-każijiet imsemmija f'paragrafu 3 l-istituzzjoni tal-post ta' residenza tmexxi, bħala bżonn, lill-persuna assigurata għall-eżami mediku daqs li kieku kienet assigurata magħha. Id-dettalji tar-rapport tat-tabib li jeżamina, *rigward b'mod partikolari* t-tul ta' żmien probabbli tal-inkapaċità għax-xogħol, jiġu trażmessi mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza lill-istituzzjoni kompetenti fi żmien tliet ġranet tax-xogħol ta' wara d-data tal-eżami.

▌

C) Proċedura li l-istituzzjoni kompetenti trid issegwi

***6. L-istituzzjoni kompetenti għandha żżomm id-dritt li l-persuna assigurata tkun eżaminata minn tabib tal-għażla tagħha.***

*7.* ***Bla ħsara għat-tieni sentenza tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, l-istituzzjoni*** kompetenti tħallas il-benefiċċji fi flus direttament lill-persuna kkonċernata u***, meta meħtieġ,*** tavża b'dan lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza.

*8.* Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament *bażiku*, id-dikjarazzjonijiet ta' ċertifikat ta' inkapaċità għax-xogħol ta' persuna assigurata stabbilit fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet mediċi ta' tabib li jikkura jkunu imposti fuq l-istituzzjoni kompetenti, bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm imġiba abbużiva.

*9.* Jekk l-istituzzjoni kompetenti tiddeċiedi li tirrifjuta l-benefiċċji fi flus hija ***għandha tinnotifika lill-persuna assigurata*** bid-deċiżjoni tagħha u ***għandha tinnotifika*** fl-istess ħin lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza.

D) Proċedura f'każ ta' żjara fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti.

*10.* Il-miżuri tal-paragrafi 1 sa *9 għandhom* japplikaw mutatis mutandis meta l-persuna assigurata żżur Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti.

***Artikolu 28***

***Benefiċċji fi flus għal kura fit-tul fil-każ ta' żjara jew residenza fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti.***

***A) Proċedura li l-persuna assigurata trid issegwi***

***1. Sabiex tkun intitolata għal benefiċċji fi flus marbuta ma' kura fit-tul skond l-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, il-persuna assigurata għandha tagħmel talba lill-istituzzjoni kompetenti. L-istituzzjoni kompetenti għandha, meta meħtieġ, tinforma lill-istituzzjoni bil-post ta' residenza tagħha.***

***B) Proċedura li l-istituzzjoni tal-post ta' residenza trid issegwi***

***2. Fuq talba tal-istituzzjoni kompetenti, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza għandha teżamina l-kundizzjoni tal-persuna assigurata fir-rigward tal-bżonn tagħha ta' kura fit-tul. L-istituzzjoni kompetenti għandha tagħti lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza t-tagħrif kollu meħtieġ għal tali eżami.***

***C) Proċedura li l-istituzzjoni kompetenti trid issegwi***

***3. Sabiex tiddetermina l-livell ta' bżonn ta' kura fit-tul, l-istituzzjoni kompetenti għandu jkollha d-dritt teżamina l-persuna assigurata permezz ta' tabib jew espert ieħor tal-għażla tagħha stess.***

***4. L-Artikolu 27(7) tar-Regolament implimentattiv għandu japplika mutatis mutandis.***

***D) Proċedura f'każ ta' żjara fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti***

***5. Il-paragrafi 1-4 għandhom japplikaw mutatis mutandis meta l-persuna assigurata żżur Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti.***

***E) Membri tal-familja***

***6. Il-paragrafi 1-5 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-membri tal-familja tal-persuna assigurata.***

*Artikolu 29*

Applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament *bażiku*

***Jekk l-Istat Membru fejn dak li qabel kien ħaddiem tal-fruntiera wettaq l-aħħar l-attività tiegħu m'għadux l-Istat Membru kompetenti u dak li qabel kien ħaddiem tal-fruntiera jew membru tal-familja tiegħu jivvjaġġa hemm bl-għan li jirċievi benefiċċji mhux fi flus izda f'servizzi ta' valur ugwali bis-saħħa tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, huwa għandu jagħti lill-istituzzjoni tal-post taż-żjara dokument maħruġ mill-istituzzjoni kompetenti.***

Artikolu 30

Kontribuzzjonijiet ta' min għandu pensjonijiet

▌

***Jekk persuna tirċievi pensjoni minn aktar minn Stat Membru wieħed***, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet maħruġ minn fuq il-pensjonijiet ***kollha li tħallsu fl-ebda każ m'għandu*** jkun akbar mill-ammont ***imnaqqas*** minn persuna li għandha l-istess ***ammont ta' pensjonijiet miksuba mill-Istat*** Membru ***kompetenti***.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu *31*

Applikazzjoni tal-Artikolu 34 tar-Regolament *bażiku*

***A) Proċedura li l-istituzzjoni kompetenti trid issegwi***

▌

*1.* L-istituzzjoni ***kompetenti*** *għandha* ▌ tinforma lill-persuna kkonċernata ***dwar id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 34 tar-Regolament bażiku dwar il-prevenzjoni tas-sovrappożizzjoni tal-benefiċċji. L-applikazzjoni*** ta' tali regoli għandha tiżgura lill-persuna li ma toqgħodx ***fl-Istat*** Membru kompetenti dritt ***għal benefiċċji ta'*** mill-inqas ***l-istess ammont jew valur totali bħal dawk*** dak li hija tista' tistenna kieku kienet toqgħod *f'dak* l-Istat Membru.

***2. L-istituzzjoni kompetenti għandha tinforma wkoll lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew żjara bil-ħlas ta' benefiċċji fi flus ta' kura fit-tul meta l-leġiżlazzjoni li din l-istituzzjoni tal-aħħar tapplika tipprevedi benefiċċji in natura ta' kura fit-tul, inklużi fil-lista mniżżla fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament bażiku.***

***B) Proċedura li l-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew żjara trid issegwi***

***3. Meta tirċievi l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 2, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew żjara għandha mingħajr dewmien tinforma lill-istituzzjoni kompetenti b'kull benefiċċju mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali ta' kura fit-tul maħsub għall-istess għan li hija tagħti skond il-leġiżlazzjoni tagħha lill-persuna kkonċernata kif ukoll bir-rata ta' rimborż applikabbli***.

**4**. *Il-Kummissjoni Amministrattiva,* jekk jinqala' l-każ, *għandha tfassal miżuri implimentattivi għal* dan l-Artikolu.

*Artikolu 32*

Miżuri partikulari ta' applikazzjoni

1. ***Għall-Istati Membri msemmija fl-Anness II,*** *id-dispożizzjonijiet* tat-Titolu III, il-Kapitolu I, tar-Regolament ***bażiku*** li jsemmi benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali ***għandu japplika*** għall-persuni li għandhom dritt għal benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali b'mod esklussiv skond skema speċjali applikabbli għall-impjegati ċivili ***sal-punt speċifikat fir-Regolament. L-istituzzjoni ta' Stat Membru ieħor m'għandhiex, minħabba dan biss, issir responsabbli mill-ħlas tal-ispejjeż tal-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali jew fi flus provduti lil dawn il-persuni jew lil membri tal-familja tagħhom.***

2. Madankollu l-miżuri tal-paragrafu 1, l-Artikolu 23 tar-Regolament *bażiku* japplikaw għal kull persuna li tirċievi kemm pensjoni skond skema applikabbli għall-impjegati ċivili ta' Stat Membru msemmi fl-Anness *II* u pensjoni skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor.

3. Il-miżuri ta' applikazzjoni prattika tal-paragrafi 1 u 2 jittieħdu mill-kummissjoni amministrattiva.

**Kapitolu II**

**Benefiċċji għal inċident fuq il-post tax-xogħol u mard ikkawżat mix-xogħol**

Artikolu 33

Dritt għall-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali u fi flus f'każ ta' residenza jew ta' żjara fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament *bażiku*, il-proċeduri definiti fl-Artikoli 24 sa 27 tar-Regolament *implimentattiv għandhom* japplikaw mutatis mutandis.

▌

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 34

Kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet f'każ ta' inċident fuq il-post tax-xogħol jew ta' marda kkawżata mix-xogħol li seħħew fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti

1. Meta inċident fuq il-post tax-xogħol iseħħ jew meta l-marda kkawżata mix-xogħol hija stabbilita b'mod mediku għall-ewwel darba fuq it-territorju ta' Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti, id-dikjarazzjoni tal-inċident fuq il-post tax-xogħol jew tal-marda kkawżata mix-xogħol trid issir b'konformità mal-miżuri tal-leġiżlazzjoni tal-Istat kompetenti, mingħajr preġudizzju, jekk jinqala' l-każ, għal miżuri legali fis-seħħ fuq it-territorju tal-Istat Membru fejn seħħ l-inċident fuq il-post tax-xogħol jew li fih saret l-ewwel konsultazzjoni medika tal-marda kkawżata mix-xogħol, u li jibqgħu applikabbli f'tali każ. Din id-dikjarazzjoni hija indirizzata lill-istituzzjoni kompetenti u kopja hija mibgħuta lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew ta' żjara.

2. L-istituzzjoni tal-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu seħħ l-inċident fuq il-post tax-xogħol jew li fih saret l-ewwel konsultazzjoni medika tal-marda kkawżata mix-xogħol, tgħaddi lill-istituzzjoni kompetenti ċ-ċertifikati mediċi maħruġa fuq dan it-territorju u, fuq it-talba ta' dan tal-aħħar, kull informazzjoni adatta.

3. Jekk, f'każ ta' inċident matul il-vjaġġ li jseħħ fuq it-territorju ta' Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti, jaqbel li wieħed jipproċedi għal inkjesta fuq it-territorju tal-ewwel Stat Membru, uffiċjali tal-investigazzjoni jista' jkun innominat għal dan il-għan mill-istituzzjoni kompetenti, li tinforma b'dan lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru. Dawn l-awtoritajiet jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-uffiċjal tal-investigazzjoni, billi jinnominaw notevolment persuna responsabbli biex tgħinu għall-konsultazzjoni tar-rapporti u ta' kull dokument ieħor relatat mal-inċident.

4. Mal-ħruġ tat-trattament, rapport dettaljat akkumpanjat miċ-ċertifikati mediċi dwar il-konsegwenzi permanenti tal-inċident jew tal-marda, b'mod partikulari l-istat attwali tal-vittma kif ukoll il-fejqan tal-feriti, jiġi trażmess lill-istituzzjoni kompetenti. L-onorarji rilevanti jitħallsu mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew mill-istituzzjoni tal-post ta' żjara, skond il-każ, bir-rata applikata minn din l-istituzzjoni bir-responsabbiltà tal-istituzzjoni kompetenti.

5. Fuq it-talba tal-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew tal-istituzzjoni tal-post ta' żjara, skond il-każ, l-istituzzjoni kompetenti tinnotifikaha bid-deċiżjoni li tistabbilixxi d-data ta' fejqan tal-feriti kif ukoll, jekk jinqala' l-każ d-deċiżjoni relatata mal-għoti ta' pagament.

Artikolu 35

Kwistjoni dwar il-karattru professjonali tal-inċident jew tal-marda

1. Meta l-istituzzjoni kompetenti targumenta li, fil-qafas tal-Artikolu 36(2) tar-Regolament *bażiku*, il-leġiżlazzjoni relatata mal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol jew mal-mard ikkawżati mix-xogħol hija applikabbli, hija tavża b'dan immedjatament lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara li tkun tat il-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali, li għalhekk huma kkunsidrati bħala rilevanti għall-assigurazzjoni ta' mard.

2. Meta deċiżjoni definittiva tittieħed fuq dan is-suġġett, l-istituzzjoni kompetenti tavża b'dan immedjatament lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza jew lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara li tkun tat il-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali. Din tkompli tagħti l-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali skond l-assigurazzjoni ta' mard, jekk il-ħaddiem bil-paga jew self-employed għandu dritt għalihom, fil-każ fejn ma jkunx inċident fuq il-post tax-xogħol jew marda kkawżata mix-xogħol. Jekk dak mhux il-każ, il-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali li bbenefika minnhom l-interessat skond l-assigurazzjoni ta' mard ikunu kkunsidrati mill-ewwel konsultazzjoni medika tal-inċident jew tal-marda bħala benefiċċji ta' inċident fuq il-post tax-xogħol jew ta' marda kkawżata mix-xogħol.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 36

Proċedura f'każ ta' espożizzjoni għar-riskju ta' mard ikkawżat mix-xogħol f'bosta Stati Membri

1. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament *bażiku*, id-dikjarazzjoni tal-marda kkawżata mix-xogħol tiġi trażmessa kemm lill-istituzzjoni kompetenti fil-qasam ta' mard ikkawżat mix-xogħol tal-Istat li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-vittma eżerċitat l-aħħar attività li setgħet tikkaġuna l-marda kkonċernata, kemm lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza, li tgħaddi din id-dikjarazzjoni lill-istituzzjoni kompetenti msemmija.

Jekk din l-istituzzjoni tal-aħħar tiddikjara li attività li setgħet tikkaġuna l-marda ikkonċernata kkawżata mix-xogħol ġiet eżerċitata l-aħħar taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, hija tgħaddi d-dikjarazzjoni u l-informazzjoni li tmur magħha lill-istituzzjoni korrispondenti ta' dan l-Istat Membru.

2. Meta l-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-vittma eżerċitat l-aħħar attività li setgħet tikkaġuna l-marda kkonċernata kkawżata mix-xogħol tiddikjara li l-vittma jew min jibqa' ħaj ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' din il-leġiżlazzjoni, l-istituzzjoni msemmija tgħaddi mingħajr dewmien lill-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-vittma eżerċitat qabel dan attività li setgħet tikkaġuna l-marda ikkonċernata kkawżata mix-xogħol, d-dikjarazzjoni u l-informazzjoni kollha li tmur magħha, inklużi l-konsultazzjonijiet u r-rapporti tal-esperti mediċi li fuqhom ipproċediet l-ewwel istituzzjoni, kif ukoll kopja tad-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu.

Hija *għandha* tinnotifika fl-istess ħin bid-deċiżjoni tagħha lill-persuna assigurata, billi tindika notevolment ir-raġunijiet li wasslu għar-rifjut tal-benefiċċji, il-mezzi u t-tul ta' żmien għal appell, kif ukoll id-data ta' meta l-fajl ġie mgħoddi lill-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-persuna assigurata eżerċita qabel dan attività li setgħet tikkaġuna l-marda ikkonċernata kkawżata mix-xogħol.

3. Jista' jkun, fejn hu xieraq, li wieħed imur lura, skond l-istess proċedura, sa l-istituzzjoni korrispondenti tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-vittma eżerċitat l-ewwel attività li setgħet tikkaġuna l-marda kkonċernata kkawżata mix-xogħol.

Artikolu 37

Skambju ta' informazzjoni bejn istituzzjonijiet u ħlas bil-quddiem f'każ ta' appell kontra deċiżjoni ta' rifjut

1. F'każ ta' appell kontra deċiżjoni ta' rifjut meħuda mill-istituzzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-vittma eżerċitat attività li setgħet tikkaġuna l-marda kkonċernata kkawżata mix-xogħol, din l-istituzzjoni hija marbuta li tinforma b'dan lill-istituzzjoni li lilha ġiet trażmessa d-dikjarazzjoni, skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 36(2) *tar-regolament implimentattiv*, u li tavżaha wara dan bid-deċiżjoni definittiva meħuda.

2. Jekk id-dritt għall-benefiċċji huwa mogħti skond il-leġiżlazzjoni li tapplika l-istituzzjoni li lilha ġiet trażmessa d-dikjarazzjoni, din l-istituzzjoni tagħmel pagamenti bil-quddiem li l-ammonti tagħhom ikunu determinati, jekk jinqala' l-każ, wara konsultazzjoni mal-istituzzjoni li kontra d-deċiżjoni tagħha nbeda l-appell. Din l-istituzzjoni tal-aħħar trodd lura l-ammont ta' pagamenti mħallsa bil-quddiem jekk, wara l-appell, hija marbuta li tagħti l-benefiċċji. Dan l-ammont huwa mbagħad miżmum fuq l-ammont ta' benefiċċji dovuti lill-interessat, b'konformità mal-proċedura speċifikata mill-Artikolu 71 *tar-regolament implimentattiv*.

Artikolu 38

Aggravament ta' marda kkawżata mix-xogħol

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 39 tar-Regolament *bażiku*, il-kwerelant huwa marbut li jipprovdi lill-istituzzjoni tal-Istat Membru li quddiemha jargumenta d-drittijiet għal benefiċċji kull informazzjoni relatata mal-benefiċċji mogħtija qabel dan għall-marda kkonċernata kkawżata mix-xogħol. Din l-istituzzjoni tista' tindirizza kull istituzzjoni oħra li qabel kienet kompetenti biex tikseb it-tagħrif li hija tqoss meħtieġ.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 39

Evalwazzjoni tal-grad ta' inkapaċità f'każ ta' inċident fuq il-post tax-xogħol jew ta' marda kkawżata mix-xogħol li seħħu qabel jew wara.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 40(3) tar-Regolament *bażiku*, meta inkapaċità għax-xogħol qabel jew wara kienet kaġun ta' inċident li seħħ waqt li l-interessat kien suġġett għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ma jagħmilx distinzjoni skond l-oriġini tal-inkapaċità għax-xogħol, l-istituzzjoni kompetenti għall-inkapaċità tax-xogħol qabel jew wara jew l-organu nnominat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru inkawża huma marbuta, fuq it-talba tal-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru ieħor, li jipprovdu d-dettalji fuq il-grad tal-inkapaċità tax-xogħol qabel u wara, kif ukoll, kemm jista' jkun possibbli, it-tagħrif li jippermetti li jiġi determinat jekk l-inkapaċità hix il-konsegwenza ta' inċident fuq il-post tax-xogħol skond il-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni tat-tieni Stat Membru.

F'dan il-każ, l-istituzzjoni kompetenti tikkunsidra, b'konformità mal-miżuri tal-leġiżlazzjoni li hija tapplika, għall-għotja tad-dritt u d-determinazzjoni tal-ammont tal-benefiċċji, l-grad ta' inkapaċità kkaġunata minn dawn il-każijiet ta' qabel jew ta' wara.

Artikolu 40

Introduzzjoni u direttivi tat-talbiet ta' pensjonijiet jew ta' sussidji supplimentari

1. Biex jibbenefika minn pensjoni jew minn sussidju supplimentari taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, l-ħaddiem bil-paga jew self-employed jew dawk li jibqgħu ħajjin warajh li joqogħdu fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor, huma marbutin li jindirizzaw talba kemm lill-istituzzjoni kompetenti, kemm lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza, li tittrażmettiha lill-istituzzjoni kompetenti. It-talba trid tkun akkumpanjata mix-xhieda dokumentata mitluba u stabbilita skond il-miżuri tal-leġiżlazzjoni li tapplika l-istituzzjoni kompetenti.

2. L-istituzzjoni kompetenti tinnotifika bid-deċiżjoni tagħha direttament lill-applikant jew permezz tal-intermedjarju tal-organu ta' kuntatt tal-Istat kompetenti; hija tibgħat kopja ta' din id-deċiżjoni lill-organu ta' kuntatt tal-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu joqgħod l-applikant.

Artikolu 41

Miżuri partikulari ta' applikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III, Kapitolu 2, tar-Regolament *bażiku* li jsemmi benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali ma japplikawx għall-persuni li għandhom dritt għal benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali b'mod esklussiv skond skema speċjali applikabbli għall-impjegati ċivili ta' Stat Membru msemmi fl-Anness *II* ta r-Regolament implimentattiv.

## Kapitolu III

## Għotjiet għall-mewt

Artikolu 42

Talba għal għotjiet għall-mewt

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament *bażiku*, it-talba għal għotjiet għall-mewt trid tiġi indirizzata lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza tal-applikant.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Kapitolu IV

## Benefiċċji ta' diżabbiltà u pensjonijiet ta' xjuħija u ta' min jibqa' ħaj

### Artikolu 43

### Kalkolu tal-benefiċċju

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont teoretiku u tal-ammont attwali tal-benefiċċju b'konformità mal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament ***bażiku***, ir-regoli speċifikati fl-Artikolu 12(3), (4)**,** (5) ***u (6) tar-Regolament implimentattiv*** *għandhom* japplikaw.

2. Meta perjodi kontinwi ta' assigurazzjoni volontarja jew ta' għażla ma ġewx ikkunsidrati skond l-Artikolu 12(3) tar-Regolament *implimentattiv*, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu ġew imwettqa dawn il-perjodi tikkalkula l-ammont li jikkorrispondi ma' dawn il-perjodi skond il-miżuri tal-leġiżlazzjoni li huwa japplika. L-ammont attwali tal-benefiċċju, ikkalkulat skond l-Artikolu 52(1)(b), tar-Regolament *bażiku*, huwa miżjud bl-ammont li jikkorrispondi għall-perjodi ta' assigurazzjoni kontinwa volontarja jew ta' għażla.

3. L-istituzzjoni ta' kull Stat Membru tikkalkula, skond il-leġiżlazzjoni li hija tapplika, l-ammont dovut li jikkorrispondi għall-perjodi ta' assigurazzjoni kontinwa volontarja jew ta' għażla li, skond l-Artikolu 53(3)(c) tar-Regolament *bażiku*, m'huwiex suġġett għall-klawżoli ta' irtirar, ta' tnaqqis jew ta' tneħħija ta' Stat Membru ieħor.

***Meta l-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni kompetenti ma tippermettilhiex li tiddetermina dan l-ammont direttament minħabba li dik il-leġiżlazzjoni talloka valuri differenti lill-perjodi tal-assigurazzjoni, jista' jkun stabbilit ammont nozzjonali. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tistabbilixxi l-modalitajiet biex jiġi determinat dak l-ammont nozzjonali.***

▌

### *Artikolu 44*

### *Sabiex jitqiesu l-perjodi tat-trobbija tal-wild*

***1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, "perjodu tat-trobbija tal-wild" għandha tfisser kull perjodu li huwa kreditat skond il-leġiżlazzjoni tal-pensjonijiet ta' Stat Membru jew li jipprovdi suppliment għal pensjoni espliċitament għal raġuni li persuna rabbiet wild, irrispettivament mill-metodu użat biex tipprovdi dawk il-perjodi u jekk jakkumulawx matul iż-żmien tat-trobbija tal-wild jew humiex rikonoxxuti retroattivament.***

***2. Meta, skond il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li huwa kompetenti skond it-Titolu II tar-Regolament bażiku, l-ebda perjodu tat-trobbija tal-wild ma huwa kkunsidrat, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu skond it-Titolu II tar-Regolament bażiku kienet applikabbli għall-persuna kkonċernata abbażżi tal-fatt li hija kienet twettaq attività bħala persuna impjegata jew li timpjega lilha nnifisha fid-data meta, skond din il-leġiżlazzjoni, il-perjodu tat-trobbija tal-wild beda jitqies għall-wild ikkonċernat, għandha tibqa' responsabbli għall-konsiderazzjoni ta' dan il-perjodu bħala perjodu tat-trobbija tal-wild skond il-leġiżlazzjoni tagħha, bħallikieku t-trobbija tal-wild seħħet fit-territorju tagħha.***

***3. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika jekk il-persuna kkonċernata hija jew issir soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru minħabba t-twettiq ta' attività bħala impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 45

Talba għal benefiċċji

A) Bidu tat-talba għal benefiċċji skond l-Artikolu 44(2) tar-Regolament *bażiku*

1. *Sabiex jirċievi* benefiċċji ***skond il-leġiżlazzjoni tat-tip A*** skond l-Artikolu 44(2) tar-Regolament ***bażiku***, l-applikant jindirizza talba lill-istituzzjoni tal-Istat Membru taħt liema leġiżlazzjoni huwa kien suġġett fil-mument fejn seħħet l-inkapaċità għax-xogħol segwita minn diżabbiltà jew l-aggravament ta' din l-inkapaċità***, jew lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza, li għandha tgħaddi t-talba lill-ewwel istituzzjoni***.

2. Jekk il-benefiċċji ta' mard fi flus kienu mogħtija, id-data ta' tmiem tal-perjodi ta' għoti ta' dawn il-benefiċċji, jekk jinqala' l-każ, tkun ikkunsidrata bħala d-data ta' bidu tat-talba għal pensjoni.

3. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 47(1)(b) tar-Regolament *bażiku*, l-istituzzjoni li magħha l-interessat kien irreġistrat l-aħħar tikkomunika lill-istituzzjoni li fil-bidu kienet qiegħda tagħti l-benefiċċji l-ammont u d-data tal-bidu tal-benefiċċji skond il-leġiżlazzjoni li hija tapplika. Minn din id-data, il-benefiċċji dovuti qabel l-aggravament tal-inkapaċità jiġu rtirati jew imnaqqsa sal-limitu tal-benefiċċju supplimentari msemmi fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament *bażiku*.

B) Bidu ta' talbiet oħrajn għal benefiċċji

4. F'sitwazzjonijiet oħrajn li m'humiex dawk imsemmija ***fil-paragrafu 1***, l-applikant *għandu* jindirizza talba lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza tiegħu*jew* lill-istituzzjoni ***tal-aħħar Stat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu kienet tapplika. Jekk il-persuna kkonċernata ma kinitx, fi kwalunkwe żmien, soġġetta għal-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza, din l-istituzzjoni għandha tgħaddi t-talba lill-istituzzjoni tal-aħħar Stat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu kienet applikabbli.***

5. Id-data tal-bidu tat-talba tgħodd fir-rigward tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati.

6. B'deroga tal-paragrafu 5, jekk, fit-talba tiegħu, l-applikant ma indikax il-perjodi kollha ta' assigurazzjoni jew ta' residenza mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn anke jekk kien mitlub li jagħmel dan b'mod espliċitu, id-data ta' meta l-applikant jagħmel it-talba inizjali tiegħu jew jibda talba ġdida li għandha l-perjodi neqsin hija kkunsidrata bħala d-data ta' bidu tat-talba għall-istituzzjoni li tapplika l-leġiżlazzjoni inkawża, suġġetta għal miżuri aktar favorevoli ta' din il-leġiżlazzjoni.

▌

Artikolu 46

Dokumenti u dettalji li jridu jakkumpanjaw it-talba mill-applikant

1. It-talba *għandha* tinbeda mill-applikant skond il-miżuri tal-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1) ***jew*** (4) *tar-regolament implimentattiv*, u trid tkun akkumpanjata mix-xhieda dokumentata ***rikjesti minn dik il-leġiżlazzjoni. B'mod partikulari,*** *l-applikant għandu* ***jipprovdi l-informazzjoni relevanti kollha li hija disponibbli kif ukoll id-dokumenti kollha dwar perjodi ta' assigurazzjoni (istituzzjonijiet, numri ta' identifikazzjoni), ta' impjieg (min iħaddem) jew ta' impjieg għal rasu (it-tip u l-post tal-attività) u ta' residenza (indirizzi) li setgħu kienu kkompletati skond leġiżlazzjoni oħra, kif ukoll it-tul ta' dawk il-perjodi.***

2. Jekk, b'konformità mal-Artikolu 50(1) tar-Regolament ***bażiku***, l-applikant jitlob li jkun differit mill-ħlas ta' benefiċċji ta' xjuħija ▌*skond* il-leġiżlazzjoni ta' *Stat Membru wieħed jew aktar*, huwa *għandu* ***jiddikjara dak il-fatt fit-talba tiegħu u*** *jispeċifika skond* liema leġiżlazzjoni qiegħed jitlob ▌id-differiment. ***Sabiex l-applikant ikun jista' jeżerċita dan id-dritt, l-istituzzjonijiet konċernati għandhom, fuq talba tal-applikant, jinnotifikawh bl-informazzjoni kollha disponibbli għalihom, sabiex ikun jista' jevalwa l-konsegwenzi ta' għoti konkorrenti jew suċċessivi ta' benefiċċji li jista' jitlob.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***3. Jekk l-applikant jirtira talba għall-benefiċċji stipulata fil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru partikulari, dak l-irtirar m'għandux jitqies bħala rtirar konkorrenti ta' talbiet għall-benefiċċji skond il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra.***

Artikolu 47

Investigazzjoni għal talbiet mill-istituzzjonijiet

A) Istituzzjoni ta' investigazzjoni

1. ***L-istituzzjoni li lilha*** *t-talba* għal benefiċċji *għandha tkun* ***imressqa*** jew mgħoddija mill-ġdid b'konformità mal-miżuri tal-Artikolu 45(1) jew (4) *tar-regolament implimentattiv minn hawn 'il quddiem għandha tissejjaħ*"l-istituzzjoni ta'***kuntatt***". ***L-istituzzjoni tal-post tar-residenza m'għandhiex tkun imsemmija bħala l-istituzzjoni ta' kuntatt jekk il-persuna kkonċernata ma kinitx, fi kwalunkwe żmien, soġġetta għal-leġiżlazzjoni li tapplika dik l-istituzzjoni***.

***Barra li tinvestiga t-talba għall-benefiċċji skond il-leġiżlazzjoni li tapplika, din l-istituzzjoni għandha, fil-kapaċità tagħha bħala istituzzjoni ta' kuntatt, tippromwovi l-iskambju ta' data, il-komunikazzjoni ta' deċiżjonijiet u operati meħtieġa għall-investigazzjoni tat-talba mill-istituzzjonijiet konċernati, tforni lill-applikant, fuq talba, b'kull informazzjoni rilevanti għall-aspetti Komunitarji tal-investigazzjoni u żżommu infurmat bil-progress tagħha.***

B) Investigazzjoni għal talbiet ta' benefiċċji fl-applikazzjoni tal-Artikolu 44 tar-Regolament *bażiku*

2. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 44(3) tar-Regolament *bażiku*, l-istituzzjoni ta' investigazzjoni tgħaddi l-data kollha tal-interessat lill-istituzzjoni li magħha dan kien irreġistrat qabel, li tipprepara l-fajl minn naħa tagħha.

3. L-Artikoli 48 sa 52 m'humiex applikabbli għad-investigazzjoni għal talbiet imsemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament *bażiku*.

C) Investigazzjoni għal talbiet oħrajn ta' benefiċċji

4. Fis-sitwazzjonijiet ħlief għal dawk imsemmija ***fil-paragrafu 2***, l-istituzzjoni ***ta' kuntatt*** *għandha* **, mingħajr dewmien,** tittrażmetti *t-talbiet għall-benefiċċji* ***u d-dokumenti kollha li hija għandha disponibbli u, fejn xieraq, id-dokumenti rilevanti ppreżentati mill-applikant*** lill-istituzzjonijiet kollha *konċernati* sabiex dawn ikunu *kollha* jistgħu ***jibdew l-investigazzjoni tat-talba*** fl-istess *żmien* ***L-istituzzjoni ta' kuntatt*** *għandha tinnotifika* **lill-istituzzjonijiet l-oħra** *bil-perjodi* ta' assigurazzjoni jew ta' residenza *soġġetti għal-leġiżlazzjoni* ***tagħha. Għandha tindika wkoll liema dokumenti għandhom ikunu ppreżentati aktar 'il quddiem u għandha tissupplimenta t-talba mill-aktar fis possibbli.***

5. Kull waħda mill-istituzzjonijiet ▌ *konċernati għandha tinnotifika* lill-istituzzjoni ta' ***ta' kuntatt u lill-istituzzjonijiet l-oħra konċernati, kemm jista' jkun malajr,*** *bil-perjodi* ta' assigurazzjoni jew ta' residenza ▌ *soġġetti għal-leġiżlazzjoni tagħhom*.

6. ***Kull*** waħda mill-istituzzjonijiet *konċernati għandha tikkalkula* ***l-ammont*** tal-benefiċċji b'konformità ma' ***l-Artikolu 52*** tar-Regolament ***bażiku*** u *għandha tinnotifika* lill-istituzzjoni ta' ***ta' kuntatt u lill-istituzzjonijiet l-oħra konċernati bid-deċiżjoni tagħha, dwar l-ammont ta' benefiċċji u b'kull informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-Artikoli 53 sa 55 tar-Regolament bażiku***.

7. ***Jekk istituzzjoni tistabbilixxi***, fuq il-bażi tat-tagħrif imsemmi ***fil-paragrafi 4 u 5***, li tal-Artikolu 46(2), jew tal-Artikolu 57(2) jew (3) tar-Regolament ***bażiku huwa applikabbli***, *għandha tinforma* ***lill-istituzzjoni ta' kuntatt u*** lill-istituzzjonijiet *l-oħra* ***konċernati.***

▌

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 48

Komunikazzjoni ta' deċiżjonijiet lill-applikant

1. Kull istituzzjoni *għandha* tinnotifika lill-applikant, *bid-deċiżjoni* ***li ħadet*** *skond il-leġiżlazzjoni applikabbli.* Kull deċiżjoni *għandha tispeċifika r-rimedji u l-perjodi permessi għall-appelli.* ***Ladarba l-istituzzjoni ta' kuntatt tkun ġiet notifikata bid-deċiżjonijiet kollha meħudin minn kull*** *istituzzjoni,* ***għandha tibgħat sommarju ta' dawn id-deċiżjonijiet lill-applikant u lill-istituzzjonijiet l-oħra konċernati. Il-mudell tas-sommarju għandu jitfassal mill-Kummissjoni Amministrattiva. Is-sommarju għandu jintbagħat*** lill-applikant, fil-lingwa ***tal-istituzzjoni jew, fuq talba tal-applikant, fil-lingwa li jagħżel hu, rikonoxxuta bħala lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet Komunitarji skond l-Artikolu 290 tat-Trattat****.*

2. ***Jekk wara li jkun irċieva s-sommarju, l-applikant jidhirlu li d-drittijiet tiegħu setgħu kienu affettwati ħażin mill-interazzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda minn żewġ istituzzjonijiet jew aktar, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet konċernati fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva. Il-limiti ta' żmien għandhom jibdew mid-data ta' meta l-applikant irċieva s-sommarju. L-applikant għandu jkun innotifikat bil-miktub dwar ir-riżultat tar-reviżjoni.***

Artikolu 49

Determinazzjoni tal-grad ta' diżabbiltà

1. Fil-każ fejn il-miżuri tal-Artikolu 46(3) tar-Regolament ***bażiku*** ikunu applikabbli, l-istituzzjoni ta' investigazzjoni hija awtorizzata biss li tieħu d-deċiżjoni dwar l-istat ta' diżabbiltà tal-applikant. Hija tieħu din id-deċiżjoni minn meta hija f'pożizzjoni li tiddetermina jekk il-kundizzjonijiet tal-għoti tad-dritt stabbiliti mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika humiex issodisdata, waqt li jiġu kkunsidrati, jekk jinqala' l-każ, il-miżuri tal-Artikoli 6 u 51 tar-Regolament ***bażiku*** Hija tinnotifika mingħajr dewmien b'din id-deċiżjoni lill-istituzzjonijiet l-oħrajn inkawża.

Jekk il-kundizzjonijiet ta' għoti tad-dritt, ħlief dawk relatati mal-istat ta' diżabbiltà, stabbiliti mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika, ma jkunux sodisdata, waqt li jiġu kkunsidrati l-miżuri tal-Artikoli 6 u 51 tar-Regolament ***bażiku***, l-istituzzjoni ta' investigazzjoni tavża b'dan immedjatament lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li għal leġiżlazzjoni tiegħu l-applikant kien suġġett l-aħħar. Din l-istituzzjoni tal-aħħar hija awtorizzata li tieħu d-deċiżjoni relatata mal-istat ta' diżabbiltà tal-applikant jekk il-kundizzjonijiet ta' għoti tad-dritt stabbiliti mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika huma sodisdata; hija tinnotifika mingħajr dewmien b'din id-deċiżjoni lill-istituzzjonijiet l-oħrajn inkawża.

*2. Fid-determinazzjoni ta'l-eliġibilità, fejn hu xieraq, wieħed għandu jmur lura, permezz tal-istess proċedura,* għall-għoti tad-dritt, sa l-istituzzjoni kompetenti fil-qasam ta' diżabbiltà tal-Istat Membru għal-leġiżlazzjoni ta' liema l-applikant kien suġġett l-ewwel.

3. Fil-każ fejn *id-dispożizzjonijiet* tal-Artikolu 46(3) tar-Regolament ***bażiku*** m'humiex applikabbli, biex jiġi determinat il-grad ta' diżabbiltà, kull istituzzjoni ***skond il-leġiżlazzjoni tagħha,*** *għandu jkollha d-dritt li* l-applikant *ikun eżaminat* minn tabib ***jew espert ieħor*** tal-għażla tagħha. Madankollu, l-istituzzjoni ta' Stat Membru *għandha* tikkunsidra d-dokumenti, *ir-rapporti* mediċi *u l-informazzjoni amministrattiva miġbura mill-istituzzjoni* ta' kull Stat membru ieħor daqs li kieku *tfasslu* fl-Istat Membru *tagħha* stess.

▌

Artikolu 50

Pagamenti proviżorji u ħlas bil-quddiem fuq benefiċċji

1. Minkejja l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, kull istituzzjoni li tiddikjara, matul id-investigazzjoni ta' talba għal benefiċċji, li l-applikant għandu dritt għal benefiċċju supplimentari taħt il-leġiżlazzjoni li hija tapplika, b'konformità mal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament *bażiku*, tħallas immedjatament dan il-benefiċċju. Dan il-pagament huwa kkunsidrat bħala proviżorju jekk l-ammont mogħti jista' jkun affettwat mir-riżultat tal-proċedura ta' investigazzjoni tat-talba.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

2. Jekk l-ebda benefiċċju b'mod proviżorju ma jista' jitħallas lill-applikant skond il-paragrafu 1 iżda jirriżulta minn informazzjoni riċevuta li dritt huwa mogħti taħt l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament *bażiku*, l-istituzzjoni ta' investigazzjoni tagħtih ħlas bil-quddiem li jista' jittieħed lura li l-ammont tiegħu huwa l-eqreb possibbli għal dak li x'aktarx ikun mogħti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament *bażiku*.

3. ***Kull istituzzjoni*** marbuta li tħallas benefiċċji ***jew il-ħlas bil-quddiem*** proviżorji skond il-paragrafi 1 jew 2 *għandha* tinforma b'dan lill-applikant ***mingħajr dewmien*** billi tiġbidlu l-attenzjoni b'mod espliċitu għan-natura proviżorja tal-miżura meħuda u ***għal kull dritt ta' appell skond il-leġiżlazzjoni tagħha***.

Artikolu 51

Kalkolu ġdid tal-benefiċċji

1. F'każ ta' kalkolu ġdid tal-benefiċċji fl-applikazzjoni tal-Artikoli 48(3) u (4), 50(4), u 59(1) tar-Regolament *bażiku*, l-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament huwa applikabbli mutatis mutandis.

2. F'każ ta' kalkolu ġdid, ta' rtirar jew ta' sospensjoni tal-benefiċċju, l-istituzzjoni li ħadet din id-deċiżjoni tinnotifikaha mingħajr dewmien lill-interessat skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 3(4) sa (7) *tar-regolament implimentattiv*, u tinforma kull waħda mill-istituzzjonijiet fir-rigward ta' liema l-interessat għandu dritt.

Artikolu 52

Miżuri maħsuba biex iħaffu **l-proċess ta' kalkolu tal-pensjoni**

1. ***Sabiex tkun iffaċilitata u aċċellerata l-investigazzjoni ta' talbiet u l-ħlas tal-benefiċċji, l-istituzzjonijiet li għal-leġiżlazzjoni tagħhom persuna kienet soġġetta, għandhom:***

***a) jagħmlu disponibbli għall-istituzzjonijiet ta' Stati Membri oħra, jew jaqsmu magħhom, l-elementi biex jiġu identifikati persuni li jibdlu minn leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għal oħra u flimkien jiżguraw li dawk l-elementi ta' identifikazzjoni jinżammu u jikkorrispondu jew, fin-nuqqas ta' dak, jipprovdu lil dawk il-persuni bil-mezzi għal aċċess għall-elementi ta' identifikazzjoni tagħhom direttament;***

***b) fi żmien suffiċjenti qabel l-età minima biex jibdew id-drittijiet tal-pensjoni jew qabel età li għandha tiġi determinata mill-istituzzjonijiet li għal-leġiżlazzjoni tagħhom persuna kienet soġġetta, jagħmlu disponibbli għall-persuna konċernata u għall-istituzzjonijiet ta' Stati Membri oħra, jew jaqsmu magħhom, informazzjoni (perjodi kompletati jew elementi importanti oħra) dwar id-drittijiet tal-pensjoni ta' persuni li bidlu minn leġiżlazzjoni applikabbli għal oħra jew, fin-nuqqas ta' dak, jinfurmaw lil dawk il-persuni dwar, jew jipprovdulhom, il-mezzi biex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-drittijiet prospettivi tagħhom għal benefiċċji.***

2. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, ***il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tiddetermina l-elementi ta' informazzjoni li għandhom jiġu skambjati jew li għandhom ikunu disponibbli u għandha tistabbilixxi l-proċeduri u l-mekkaniżmi xierqa, filwaqt li tqis il-karatteristiċi, l-organizzazzjoni amministrattiva u teknika tagħhom, u l-mezzi teknoloġiċi għad-dispożizzjoni ta' skemi tal-pensjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tiżgura l-implimentazzjoni ta' dawk l-iskemi tal-pensjoni billi torganizza segwitu għal miżuri li ttieħdu u għall-applikazzjoni tagħhom***.

**3.** ***Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-istituzzjoni fl-ewwel Stat Membru fejn persuna tingħata Numru ta' Identifikazzjoni Personali (PIN) għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tas-sigurtà soċjali, għandha tingħata l-informazzjoni msemmija hawn fuq.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 53

Miżuri ta' koordinazzjoni fi Stat Membru

1. ***Bla ħsara għall-Artikolu 51 tar-Regolament bażiku,*** *jekk* il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha regoli biex tiddetermina l-istituzzjoni responsabbli ***jew l-iskema applikabbli jew biex jintgħażlu perjodi ta' assigurazzjoni għal skema speċifika***, *dawk* ir-regoli *għandhom ikunu applikati, filwaqt li jitqiesu biss* il-perjodi ta' assigurazzjoni *kkompletati skond* il-leġiżlazzjoni ta' *l-Istat Membru konċernat.*

2. Jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha regoli ta' koordinazzjoni bejn l-iskemi speċjali applikabbli għall-impjegati ċivili u l-iskema ġenerali tal-ħaddiema bil-paga, dawn ir-regoli ma jintlaqtux mill-miżuri tar-Regolament *bażiku* u tar-Regolament *implimentattiv.*

## Kapitolu V

## Benefiċċji ta' qgħad

Artikolu 54

***Aggregazzjoni ta' perjodi u*** kalkolu tal-benefiċċji

***1. L-Artikolu 12(1) tar-Regolament implimentattiv għandu japplika mutatis mutandis għall-Artikolu 61 tar-Regolament bażiku. Bla ħsara għall-obbligi sottostanti tal-istituzzjonijiet involuti, il-persuna konċernata tista' tippreżenta lill-istituzzjoni kompetenti dokument maħruġ mill-istituzzjoni tal-Istat Membru li għal-leġiżlazzjoni tiegħu kienet soġġetta fir-rigward tal-aħħar attività tagħha bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha fejn huma speċifikati l-perjodi kkompletati skond dik il-leġiżlazzjoni.***

*2.* Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 62(3) tar-Regolament *bażiku,* l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li għal-leġiżlazzjoni tiegħu l-persuna kkonċernata hija suġġetta matul l-aħħar attività tagħha bil-paga jew self-employed tikkomunika lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza u fuq it-talba ta' din l-elementi kollha meħtieġa għal kalkolu tal-benefiċċji ta' qgħad, notevolment l-ammont tas-salarju jew tad-dħul professjonali rċevut.

▌

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 62 tar-Regolament *bażiku* u minkejja l-Artikolu 63 ta' *dak* ir-Regolament, l-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni tipprevedi li l-kalkolu tal-benefiċċji jvarja skond in-numru tal-membri tal-familja tikkunsidra ugwalment membri tal-familja tal-interessat li joqogħdu fi Stat Membru ieħor, daqs li kieku kienu joqogħdu fl-Istat Membru kompetenti. Din il-miżura ma tapplikax jekk, fl-Istat Membru ta' residenza ta' membri tal-familja, persuna oħra għandha dritt għal benefiċċji ta' qgħad għall-kalkolu ta' liema dawn il-membri tal-familja jiġu kkunsidrati.

Artikolu 55

Kundizzjonijiet u limiti taż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji għal persuna qiegħda li tmur fi Stat Membru ieħor

1. Sabiex tibbenefika mill-miżuri tal-Artikolu 64 tar-Regolament *bażiku,* il-persuna qiegħda li tmur fi Stat Membru ieħor tinforma lill-istituzzjoni kompetenti qabel it-tluq tagħha u titlobha dokument li jiċċertifika li hija jibqa' jkollha d-dritt għall-benefiċċji bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 64(1)(b) tar-Regolament *bażiku.*

Din l-istituzzjoni tinformaha bl-obbligi tagħha li huma r-responsabbiltà tagħha u tgħaddilha d-dokument imsemmi li jinkludi notevolment:

a) id-data li fiha l-persuna qieghda waqfet li tkun għad-dispożizzjoni tas-servizzi tax-xogħol tal-Istat kompetenti;

b) it-tul ta' żmien mogħti b'konformità mal-Artikolu 64(1)(b) tar-Regolament *baziku* għar-registrazzjoni bħala persuna li qed tfittex ix-xogħol fl-Istat Membru fejn il-persuna qieghda marret;

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

c) il-perjodu massimu li matulu d-dritt ghall-beneficcji jista' jinzamm b'konformità mal-Artikolu 64(1)(c) tar-Regolament *baziku;*

d) il-data li jistghu jbiddlu d-dritt ghall-beneficcji.

2. Il-persuna qiegħda tirreġistra bħala persuna li qed tfittex ix-xogħol mas-servizzi tax-xogħol tal-Istat Membru fejn hija tmur b'konformità mal-miżuri tal-Artikolu 64(1)(b) tar-Regolament *bażiku* u tgħaddi lill-istituzzjoni ta' dan l-Istat Membru d-dokument imsemmi fil-paragrafu 1. Fin-nuqqas ta' dan, l-istituzzjoni tal-post fejn il-persuna qiegħda marret tindirizza lill-istituzzjoni kompetenti biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa.

3. Is-servizzi tax-xogħol tal-Istat Membru fejn il-persuna qiegħda marret biex tfittex impjieg tinforma lill-persuna qiegħda bl-obbligi tagħha.

4. L-istituzzjoni tal-post fejn il-persuna qiegħda marret *għandha* ***tibgħat dokument*** immedjatament lill-istituzzjoni kompetenti ***li fih id-data*** ta' reġistrazzjoni tal-persuna qiegħda mas-servizzi tax-xogħol u *l-indirizz* ġdid tagħha.

***Jekk***, matul il-perjodu li fih il-persuna qiegħda għandha d-dritt għaż-żamma tal-benefiċċji, ***isseħħ kwalunkwe ċirkostanza li x'aktarx li taffettwa d-dritt għall-benefiċċji, l-istituzzjoni tal-post fejn il-persuna qiegħda marret*** *għandha* tgħaddi ***minnufih*** lill-istituzzjoni kompetenti ***u lill-persuna konċernata dokument li fih*** l-informazzjoni rilevanti.

***Fuq talba tal-istituzzjoni kompetenti, l-istituzzjoni fil-post fejn tkun marret il-persuna qiegħda għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kull xahar*** dwar il-progress tas-sitwazzjoni tal-persuna qiegħda notevolment jekk din hix dejjem irreġistrata mas-servizzi tax-xogħol u jekk hix qed timxi b'konformità mal-proċeduri organizzati ta' kontroll.

5. L-istituzzjoni tal-post fejn il-persuna qiegħda marret tipproċedi jew tqabbad il-proċediment għall-kontroll daqs li kieku din kienet persuna qiegħda li tibbenefika minn benefiċċji skond il-leġiżlazzjoni li hija tapplika. Hija tinforma immedjatament lill-istituzzjoni kompetenti bis-seħħ b'dak kollu msemmi f'paragrafu 1(d).

6. L-awtoritajiet kompetenti jew l-istituzzjonijiet kompetenti ta' żewġ jew bosta Stati Membri jistgħu jiddefinixxu bejniethom ġabra ta' miżuri maħsuba biex jiffavorixxu t-tfittxija għal xogħol tal-persuni qiegħda li jmorru f'wieħed minn dawn l-Istati Membri skond l-Artikolu 64 tar-Regolament *bażiku*.

Artikolu 56

Persuna qiegħda li kienet toqgħod fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti

1. Meta l-persuna qiegħda tiddeċiedi, b'konformità mal-Artikolu 65(2) tar-Regolament *bażiku*, li tirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol kemm fl-Istat Membru ta' residenza u fl-Istat Membru fejn hija eżerċitat l-aħħar attività bil-paga jew self-employed tagħha, hija tinforma b'dan qabel kollox lill-istituzzjoni u s-servizzi tax-xogħol tal-post ta' residenza tagħha.

Fuq it-talba tas-servizzi tax-xogħol tal-Istat Membru fejn hija eżerċitat l-aħħar attività bil-paga jew self-employed tagħha, is-servizzi tax-xogħol tal-post ta' residenza jgħaddu l-informazzjoni rilevanti dwar ir-reġistrazzjoni u t-tfittxija għal impjieg mill-persuna qiegħda.

2. Meta ***l-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Istati Membri kkonċernati teħtieġ it-twettiq*** ta' ċerti obbligi ***u/jew attivitajiet ta' tfittxija ta' impjieg*** mill-persuna qiegħda***, l-obbligi u/jew l-attivitajiet ta' tfittxija ta' impjieg li jridu jsiru mill-persuna qiegħda fl-Istat Membru ta' residenza għandu jkollhom prijorità***.

***Il-fatt li l-persuna qiegħda ma twettaqx l-obbligi u/jew l-attivitajiet ta' tfittxija ta' impjieg kollha fl-Istat Membru fejn hija eżerċitat l-aħħar attività tagħha, m'għandux jaffettwa l-benefiċċji mogħtija fl-Istat Membru ta' residenza.***

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 65(5)(b) tar-Regolament *bażiku*, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li għal-leġiżlazzjoni tiegħu l-ħaddiem kien suġġett l-aħħar tindika lill-istituzzjoni tal-post ta' residenza, fuq it-talba ta' din, jekk il-ħaddiem għandux dritt għall-benefiċċji skond l-Artikolu 64 tar-Regolament *bażiku*.

## Kapitolu VI

## Benefiċċji tal-familja

### Artikolu 57

### Regoli ta' prijorità f'każ ta' akkumulazzjoni

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ***l-Artikolu 68(1)(b)(i) u (ii)*** tar-Regolament ***bażiku***, meta r-residenza tat-tfal ma tippermettix li tiġi determinata l-ordni ta' prijorità, kull Stat Membru kkonċernat *għandu* jikkalkula l-ammont tal-benefiċċji li jinkludi dawk tat-tfal li ma joqogħdux fuq it-territorju tiegħu. ***Meta jiġi applikat l-Artikolu 68(1)(b)(i), l-istituzzjoni*** kompetenti tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu tispeċifika l-ammont l-aktar għoli ta' benefiċċji *għandha* tagħti s-somma sħiħa ta' dan l-ammont. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor *għandha* troddilha lura nofs l-ammont imsemmi, fil-limitu tal-ammont speċifikat mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar.

### Artikolu 58

### Regoli applikabbli meta ***jinbidlu l-leġiżlazzjoni applikabbli u/jew il-kompetenza biex jingħataw il-benefiċċji tal-familja***

1. ***Meta l-leġiżlazzjoni applikabbli u/jew il-kompetenza biex jingħataw il-benefiċċji tal-familja jinbidlu bejn*** Stati Membri matul xahar kalendarju, ikunu xi jkunu d-dati ta' tmiem għall-ħlas tal-benefiċċji tal-familja speċifikati mil-leġiżlazzjoni ta' dawn l-Istati Membri, l-istituzzjoni li ħallset dawn il-benefiċċji tal-familja fl-applikazzjoni tal- leġiżlazzjoni ***skond liema l-benefiċċji ngħataw fil-bidu ta' dan ix-xahar*** *għandha tibqa'* terfa' din ir-responsabbiltà sa l-aħħar *tax-xahar* kurrenti.

2. 2 Hija *għandha* tinforma lill-istituzzjoni tal-Istat Membru l-ieħor ***jew tal-Istati Membri l-oħra konċernati*** bid-data ta' tmiem li fiha hija tieqaf milli tħallas il-benefiċċji tal-familja *konċernati*. ***Il-ħlas tal-benefiċċji mill-Istat Membru l-ieħor għandu jidħol fis-seħħ minn dik id-data.***

### Artikolu 59

### Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament *bażiku*

1. It-talba għal għoti ta' benefiċċji tal-familja *għandha ssir* ▌ lill-istituzzjoni ***kompetenti. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament bażiku, is-sitwazzjoni tal-familja kollha għandha titqies jekk il-persuni kollha involuti kienu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru konċernat u residenti hemmhekk, partikolarment fir-rigward tad-dritt ta' persuna li titlob benefiċċji bħal dawn. Meta ġenitur li għandu d-dritt jagħmel talba għall-benefiċċji ma jeżerċitax id-dritt tiegħu, applikazzjoni għall-benefiċċji tal-familja ppreżentata mill-ġenitur l-ieħor, persuna meqjusa bħala ġenitur, jew mill-persuna jew istituzzjoni li taġixxi bħala t-tutur tal-wild jew tat-tfal, għandha titqies mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu tkun applikabbli.***

2. L-istituzzjoni *li lilha tiġi ppreżentata applikazzjoni skond* il-paragrafu 1 teżamina t-talba fuq il-bażi tal-informazzjoni dettaljata pprovduta minn min qiegħed jagħmel it-talba u, kull darba li jkun hemm bżonn, waqt li jkunu kkunsidrati l-elementi kollha ta' fatt u ta' dritt li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-familja ta' min qiegħed jagħmel it-talba.

***Jekk dik l-istituzzjoni tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni tagħha hija applikabbli bi dritt ta' preċedenza skond il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 68 tar-Regolament bażiku,*** *għandha* **tipprovdi l-benefiċċji tal-familja skond il-leġiżlazzjoni** li tapplika.

***Jekk dik l-istituzzjoni jidhrilha li jista' jkun hemm dritt għal supplement għad-differenza bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor skond l-Artikolu 68(2) tar-Regolament bażiku, dik l-istess istituzzjoni għandha tgħaddi l-applikazzjoni, mingħajr dewmien, lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor u tinforma lill-persuna konċernata; barra minn hekk, għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-Istat Membru l-ieħor bid-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni u dwar l-ammont ta' benefiċċji tal-familja li tħallas.***

L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008

3. ***Meta l-istituzzjoni li ssirilha l-applikazzjoni tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni tagħha hija applikabbli, iżda mhux bi dritt ta' preċedenza skond l-Artikolu 68(1) u (2) tar-Regolament bażiku, għandha tieħu deċiżjoni proviżorja, mingħajr dewmien,*** fuq ir-regoli ta' prijorità ***li għandhom jiġu applikati u għandha tibgħad l-applikazzjoni skondl-Artikolu 68(3) lill-istituzzjoni tal-Istat Membru l-ieħor u tinforma wkoll lill-applikant b'dan. Dik l-istituzzjoni*** *għandu jkollha* **xahrejn biex tieħu pożizzjoni dwar id-deċiżjoni proviżorja li ttieħdet**.

***Jekk*** l-istituzzjoni ***li lilha ntbagħtet l-applikazzjoni ma tiħux pożizzjoni fi żmien il-perjodu msemmi hawn fuq, għandha tapplika d-deċiżjoni proviżorja msemmija hawn fuq u din l-istituzzjoni għandha tħallas il-benefiċċji stipulati fil-leġiżlazzjoni tagħha u tinforma*** lill-istituzzjoni ***li għaddiet l-applikazzjoni bl-ammont tal-benefiċċji mħallsin***.

4. ***Meta jkun hemm differenza fl-opinjoni bejn l-istituzzjonijiet*** ikkonċernati ***dwar liema leġiżlazzjoni hija applikabbli bi dritt ta' preċedenza, għandhu japplika l-Artikolu 6 (2)-(5) tar-Regolament implimentattiv. Għal dan il-għan, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza msemmija fl-Artikolu 6(2) għandha tkun l-istituzzjoni tal-post ta' residenza tal-wild jew tat-tfal.***

5. L-istituzzjoni li ‖*tat il*-benefiċċji b'mod proviżorju għal ammont li jaqbeż dak li hija fl-aħħar nett responsabbli għalih tibgħat lill-istituzzjoni prijoritarja għall-irkupru tal-ħlas żejjed skond il-proċedura speċifikata mill-Artikolu 71.

Artikolu 60

Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 69 tar-Regolament *bażiku*

Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 69 tar-Regolament ***bażiku***, ***il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tfassal lista tal-benefiċċji addizzjonali jew speċjali tal-familja għall-orfni koperti b'dak l-Artikolu. Jekk m'hemmx dispożizzjoni biex*** jekk l-istituzzjoni ***kompetenti tagħti, bi dritt ta' preċedenza, tali benefiċċji addizzjonali jew speċjali tal-familja għall-orfni*** skond il-miżuri tal-leġiżlazzjoni li tapplika, tgħaddi mingħajr dewmien ***kull*** talba ***għal benefiċċji tal-familja,*** flimkien mad-dokumenti kollha u t-tagħrif meħtieġ lill-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-persuna kienet l-aktar suġġetta**,** *għall-itwal perjodu ta' żmien* **u li tipprovdi tali benefiċċji addizzjonali jew speċjali tal-familja għall-orfni**. Jista' jkun li tmur lura, jekk jingħata l-każ, fl-istess kundizzjonijiet, sa l-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-interessat wettaq l-iqsar perjodi ta' assigurazzjoni jew ta' residenza tiegħu.

## TITOLU IV

## MIŻURI FINANZJARJI

### Kapitolu I

### Rimborż tal-benefiċċji fl-applikazzjoni tal-Artikoli 35(1) u 41 tar-Regolament *bażiku*

SEZZJONI 1

Rimborż tal-benefiċċji fuq il-bażi tal-ispejjeż attwali

Artikolu 61

Prinċipji

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 35(1) u 41 tar-Regolament*bażiku*, l-ammont attwali tal-benefiċċji in natura, kif jirriżulta mill-kontabilità tal-istituzzjoni li tagħthom, għandu jiġi rrimburżat lil dik l-istituzzjoni mill-istituzzjoni kompetenti li tathom, , ħlief fejn japplika l-Artikolu 62 tar-Regolament *implimentattiv*.

▌

*2.* Jekk parti minn jew l-ammont attwali kollu tal-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 1 ma jirriżultax mill-kontabilità tal-istituzzjoni li tathom, l-ammont li jrid jiġi rrimburżat huwa determinat fuq il-bażi ta' rata fissa stabbilita mir-referenzi adattati kollha maħruġa mill-data disponibbli. Il-kummissjoni amministrattiva tevalwa l-bażijiet li ġew użati għal kalkolu tar-rati ffissati u tistabbilixxi l-ammont.

*3.* Rati aktar għolja minn dawk li huma applikabbli għall-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali mogħtija lill-persuni assigurati oġġetti għal-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni li tat il-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 1 ma jistgħux ikunu kkunsidrati għar-rimborż.

▌

SEZZJONI 2

Rimborż tal-benefiċċji fuq il-bażi ta' rati fissi

Artikolu 62

Identifikazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati

1. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament *bażiku*, li tagħhom l-istrutturi ġuridiċi jew amministrattivi jagħmlu r-rimborż inadegwat fuq il-bażi ta' spejjeż reali, huma msemmija fl-Anness *III* ta' dan ir-Regolament.

▌

2. Għall-Istati Membri msemmija fl-Anness *III* ta' dan ir-Regolament, l-ammont tal-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali mogħtija lill-membri tal-familja li ma joqogħdux fl-istess Stat Membru tal-persuna assigurata skond l-Artikolu 17 tar-Regolament *bażiku*, u lill-pensjonanti u lill-membri tal-familja tagħhom skond l-Artikoli 22, 24(1), 25 u 26 tar-Regolament *(bażiku* huwa rrimburżat mill-istituzzjonijiet kompetenti lill-istituzzjonijiet li taw il-benefiċċji msemmija, fuq il-bażi ta' rata fissa stabbilita għal kull sena kalendarja. L-ammont ta' din ir-rata fissa jrid ikun qrib kemm jista' jkun għall-ispejjeż attwali.

Artikolu 63

Metodu ta' kalkolu ***tal-ammonti fissi ta' kull xahar u tal-ammont fiss totali***

1. Għal kull Stat Membru ***kreditur***, ***l-ammont fiss ta' kull xahar għal kull persuna*** ***($F_i$)*** għal sena kalendarja ***għandu jkun*** **stabbilit billi tiġi diviża** l-ispiża annwali medja għal kull persuna ***($Y_i$),*** skond il-klassifikazzjonijiet differenti ta' età ***(i), bi 12*** u billi jiġi applikat tnaqqis ***(X)*** għar-riżultat ***skond il-formola li ġejja:***

$$F_i = Y_i * 1/12 * (1-X)$$

*Fejn* ‖:

— L-indiċi ▌i (il-valuri i = 1, 2 u 3) ***jirrapprezenta t-tliet*** klassifikazzjonijiet ta' età mizmuma għall-kalkolu ***tal-ammonti fissi***:

i = 1: persuni ta' taħt l-20 sena

i = 2: persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena

i = 3: persuni minn 65 sena u aktar.

▌

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

— Yi jirrapprezenta l-ispiza medja annwali tal-persuni tal-klassifikazzjoni ta' età i, bhalma hija ddefinita fil-paragrafu 2.

— ***il-ko-efficjent X (0,20 jew 0,15) jirrapprezenta t-tnaqqis kif iddefinit fil-paragrafu 3***.

2. L-ispiża annwali medja għal kull persuna ($Y_i$) fil-klassifikazzjoni ta' età i tinkiseb billi jiġu diviżi l-ispejjeż annwali relatati mat-total tal-benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru kreditur lill-persuni kollha tal-klassifikazzjoni ta' età kkonċernata suġġetti għal-leġiżlazzjoni tiegħu u li joqogħdu fuq it-territorju tiegħu bin-numru medju annwali ta' persuni ***konċernati*** ta' din il-klassifikazzjoni ta' età ***fis-sena kalendarja konċernata. Il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq in-nefqa skond l-iskemi msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament implimentattiv***.

***3. It-tnaqqis li jrid jiġi applikat għar-rata fissa ta' kull xahar, bħala prinċipju, għandu jkun ugwali għal 20 % (X = 0,20). Għandu jkun ugwali għal 15 % (X=0,15) għall-pensjonanti u l-membri tal-familja tagħhom, meta l-Istat Membru kompetenti ma jkunx elenkat fl-Anness IV tar-Regolament bażiku.***

4. Għal kull Stat Membru debitur, ***l-ammont fiss totali għal sena kalendarja għandu jkun is-somma tal-prodotti miksubin billi jiġu mmultiplikati, f'kull grupp ta' età i, l-ammonti determinati u fissi ta' kull xahar għal kull persuna bin-numru ta' xhur ikkompletati mill-persuni kkonċernati fl-Istat*** *Membru* kreditur ***f'dak il-grupp ta' età***.

In-numru ta' ***ta' xhur ikkompletati mill-persuni konċernati fl-Istat Membru kreditur għandu jkun is-somma tax-xhur kalendarji f'sena kalendarja li matulhom il-persuni konċernati kienu, minħabba fir-residenza tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru kreditur, eliġibbli biex jirċievu benefiċċji mhux fi flus iżda f'servizzi ta' valur ugwali f'dak it-territorju li jitħallsu mill-Istat Membru debitur. Dawk ix-xhur għandhom ikunu determinati*** minn inventarju miżmum għal dan il-għan mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza, fuq il-bażi tax-xhieda dokumentata tad-drittijiet tal-interessati pprovduti mill-istituzzjoni kompetenti.

***5. Mhux iktar tard minn…*** ([1]), ***il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tippreżenta rapport speċifiku dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u b'mod partikulari dwar it-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 3. Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni Amministrattiva tista' tippreżenta proposta li jkun fiha kwalunkwe emenda li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu ta' ammonti fissi jiġi l-iktar qrib possibbli għall-infiq attwali magħmul u li t-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 3 ma jirriżultax fi ħlasijiet żbilanċjati jew pagamenti doppji għall-Istati Membri.***

▌

6. *Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha* tiffissa l-metodi u l-modalitajiet ta' determinazzjoni tal-elementi ta' kalkolu ***tal-ammonti fissi*** msemmija fil-paragrafi preċedenti.

***7. Minkejja l-paragrafi 1 sa 4, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu japplikaw l-Artikoli 94 u 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għall-kalkolu tal-ammont fiss sa … (*), sakemm ikun applikat it-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 3***.

Artikolu 64

Notifika tal-ispejjeż medji annwali

L-ammont tal-ispiża medja annwali għal kull persuna f'kull klassifikazzjoni ta' età relatata ma' sena determinata *għandha* tiġi ***notifikata*** *lill-Bord tal-Kontabilità* sa mhux aktar tard ***minn tmiem it-tieni*** sena li tiġi wara s-sena *konċernata*. F'nuqqas ta' *notifikaqabel ma jagħlaq iż-żmien, jinżamm* l-ammont tal-ispiża medja annwali għal kull persuna ***li l-Kummissjoni Amministrattiva tkun stabbiliet l-aħħar għal sena*** preċedenti.

L-ispejjeż medji annwali jkunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ***Ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' r-Regolament implimentattiv***.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

SEZZJONI 3

Miżuri komuni

Artikolu 65

Proċedura ta' rimborż bejn l-istituzzjonijiet

***1. Ir-rimborż bejn l-Istati Membri konċernati għandu jsir malajr kemm jista' jkun. Kull istituzzjoni konċernata għandha tkun obbligata li tirrimborża t-talbiet qabel l-iskadenzi msemmija f'dan l-Artikolu, malli tkun f'pożizzjoni li tagħmel dan. Tilwima dwar talba partikulari m'għandhiex ixxekkel ir-rimborż ta' talba oħra jew ta' talbiet oħra.***

***2.*** Ir-rimborżi speċifikati mill-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament ***bażiku*** bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri *għandhom isiru* permezz ta' ‖ *l-entità* ta' kuntatt. ***Jista' jkun hemm entità ta' kuntatt separata għar-rimborżi skond l-Artikolu 35 u 41 tar-Regolament bażiku***.

Artikolu 66

Perjodi ta' bidu u ta' pagament ta' djun

1. Id-djun stabbiliti *nefqa reali għandhom jitressqu* ***lill-entità ta' kuntatt tal-Istat Membru debitur*** sa mhux aktar tard minn ***tnax-il xahar*** *mit-tmiem* ta' nofs *is-sena* kalendarja li matulha ***dawk id-djun ġew reġistrati fil-kontijiet tal-istituzzjoni kreditriċi***.

2. ***Klejms għal ammonti*** fissi għal sena kalendarja jridu jiġu ppreżentati ***lill-entità ta' kuntatt tal-Istat Membru debitur*** fis-sitt xhur ta' wara x-xahar li matulu l-ispejjeż medji għas-sena kkonċernata jkunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***L-inventarji msemmija fl-Artikolu 63(4) tar-Regolament implimentattiv għandhom jiġu ppreżentati sa tmiem is-sena ta' wara s-sena ta' referenza.***

3. Id-djun imdaħħla wara l-perjodi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma jiġux ikkunsidrati.

4. *Il-klejms għandhom jitħallsu* **lill-entità ta' kuntatt tal-Istat Membru kreditur imsemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament implimentattiv** mill-istituzzjoni debitriċi qabel it-tmiem ***tax-xahar*** li ***matulu jkunu*** *ġew ippreżentati* **lill-entità ta' kuntatt tal-Istat Membru debitur. Dan ma japplikax għall-klejms li**. l-istituzzjoni debitriċi ***tkun ċaħdet għal raġuni rilevanti*** qabel it-tmiem ta' ***dak*** il-perjodu

5. ***Kull tilwima dwar*** *klejmgħandha tkun risolta* sa mhux aktar tard minn sena wara ***x-xahar li fih*** *iddaħħal* id-dejn.

***6. Il-Bord ta' Verifika għandu jiffaċilita l-għeluq finali tal-kontijiet f'każijiet fejn ma tistax tinstab soluzzjoni fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 5 u, fuq talba motivata minn waħda mill-partijiet, għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar tilwima fi żmien sitt xhur mix-x-xahar li fih il-kwistjoni ġiet referuta lilu.***

Artikolu 67

Interessi fuq ħlasijiet li jsiru tard ***u ħlasijiet parzjali***

1. Sa mit-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 66(4), ***tar-Regolamentimplimentattiv***, ***imgħax jista' jiġi mpost mill-istituzzjoni tal-kreditur għal*** *klejms* mhux imħallsa ***sakemm l-istituzzjoni tad-debitur ma tagħmilx, fi żmien sitt xhur mit-tmiem tax-xahar li matulu tkun saret il-klejm, ħlas parzjali ta' mill-inqas 90 % tal-klejm totali li tkun saret skond l-Artikolu 66 (1) u (2) tar-Regolament implimentattiv. Għal dawk il-partijiet tal-keljm mhux koperti mill-ħlas parzjali, l-interess jista' jiġi mpost biss***. mit-tmiem tal-perjodu ta' sena msemmi fl-Artikolu 66(5) ***tar-Regolament implimentattiv.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

2. ***Dawn l-interessi għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tar-rata ta' referenza applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid. Ir-rata ta' referenza applikabbli għandha tkun dik fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar meta l-pagament ikun dovut.***

***3. L-ebda entità ta' kuntatt m'għandu jkun obbligat jaċċetta ħlas parzjali skond il-paragrafu 1. Madankollu, jekk entità ta' kuntatt tiċħad tali offerta, l-istituzzjoni tal-kreditur m'għandhiex tkun aktar intitolata li tapplika interess dwar ħlas li jsir tard marbut mat-talbiet konċernati lil hinn minn dak li huwa stabbilit fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1.***

Artikolu 68

Ħlas ta' kontijiet annwali

1. Il-kummissjoni amministrattiva tistabbilixxi s-sitwazzjoni tad-djun għal kull sena kalendarja, b'konformità mal-Artikolu 72,(g) tar-Regolament*bażiku*, fuq ir-rapport tal-kummissjoni tal-kontabilità. Għal dan il-għan, l-organi ta' kuntatt jinnotifikaw lill-kummissjoni tal-kontabilità, fil-perjodi u skond il-modalitajiet stabbiliti minnha, bl-ammont tad-djun imdaħħla, irregolati jew ikkuntestati (il-pożizzjoni ta' kreditur) min-naħa waħda, u bl-ammont tad-djun irċevuti, irregolati jew ikkuntestati (il-pożizzjoni ta' debitur) min-naħa l-oħra.

2. Il-kummissjoni amministrattiva tista' tmexxi għal proċediment għal kull verifika utli għall-kontroll tad-data statistiċi u kontabili li jservu biex jistabbilixxu s-sitwazzjoni annwali tad-djun speċifikata fil-paragrafu 1, notevolment biex tiżgura ruħha bil-konformità ta' dawn il-data mar-regoli ffissati f'dan it-Titolu.

**Kapitolu II**

**Rimborż tal-benefiċċji ta' qgħad fl-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolament *bażiku***

Artikolu 69

Rimborż tal-benefiċċji ta' qgħad

Fin-nuqqas ta' ftehim imsemmi fl-Artikolu 65(8) tar-Regolament ***bażiku***, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza tindirizza lill-istituzzjoni tal-Istat Membru li taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu l-benefiċjarju kien suġġett l-aħħar it-talba ta' rimborż ta' benefiċċji ta' qgħad skond l-Artikolu 65(6) u (7), tar-Regolament ***bażiku. It-talba għandha ssir*** fi żmien sitt xhur ***minn tmiem in-nofs sena kalendarja li matulha jkun sar l-aħħar*** tal-benefiċċji ta' qgħad li tagħhom qed jintalab ir-rimborż. It-talba tindika l-ammont tal-benefiċċji mogħtija matul il-perjodi ta' tliet jew ħames xhur imsemmija ***fl-Artikolu 65(6) u (7)*** tar-Regolament ***bażiku***, il-perjodu għal liema dawn il-benefiċċji ġew mogħtija u d-dettalji ta' identifikazzjoni tal-persuna qiegħda. ***Il-klejms għandhom jiddaħħlu u jitħallsu permezz tal-entitajiet ta' kuntatt tal-Istati Membri konċernati.***

***Talbiet imressqa wara l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu preċedenti jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.***

***Id-dispożizzjonijiet*** ta' ***l-Artikolu 65(1) u tal-Artikolu 66(4) sa (6) tar-Regolament implimentattiv***huma applikabbli mutatis mutandis.

***Sa mit-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 66(4) tar-Regolament implimentattiv, l-istituzzjoni kreditriċi tista' timponi l-interessi fuq klejms pendenti. Dan l-imgħax għandu jiġi kkalkulat skond l-Artikolu 67(2) tar-Regolament implimentattiv.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***L-ammont massimu tar-rimborż imsemmi fit-tielet sentenza tal-Artikolu 65(6) tar-Regolament bażiku f'kull każ individwali huwa l-ammont tal-benefiċċju li tkun intitolata għalih il-persuna konċernata skond il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li kienet soġġetta l-aħħar għaliha jekk kienet irreġistrata mas-servizzi tal-impjiegi ta' dak l-Istat Membru. Madankollu, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri elenkati fl-Anness XY, l-istituzzjonijiet kompetenti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri li l-persuna konċernata kienet l-aħħar soġġetta għal-leġiżlazzjoni tiegħu, għandhom jiddeterminaw l-ammont massimu f'kull każ individwali skond l-ammont medju ta' benefiċċji mogħtija lil persuni li ma jkunux impjegati u li huwa stipulat fil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru fis-sena kalendarja preċedenti.***

## Kapitolu III

## Ripetizzjoni ta' benefiċċji mħallsa żejda, irkupru tal-pagamenti proviżorji, kumpens, għajnuna fil-qasam ta' rkupru

### SEZZJONI 1

### Prinċipji

#### Artikolu 70

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 84 tar-Regolament *bażiku* u fil-qafas li huwa jiddefinixxi, kull darba li huwa possibbli, l-irkupru tad-djun isir bi prijorità permezz tal-kumpens kemm bejn l-istituzzjonijiet bi kreditu, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-entitajiet applikanti", u l-istituzzjonijiet bid-dejn, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-entitajiet rikjesti", kemm fir-rigward tal-persuna assigurata b'konformità mal-Artikoli 71 u 72 ta' r-Regolament *implimentattiv*

Meta parti jew id-dejn kollu ma jkunx jista' jiġi rkuprat permezz tal-kumpens imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-ammonti li jibqgħu dovuti mill-benefiċjarju jiġu rkuprati skond l-Artikoli 73 sa 82 *ta' r-Regolament implimentattiv*.

2. L-*entita*' ta' kuntatt irid ikun ikkunsidrat bħala l-entità rikjesta għat-talbiet li huma indirizzati lilu.

### SEZZJONI 2

### Kumpens

#### Artikolu 71

#### Benefiċċji fi flus mhux dovuti jew mħallsa żejda

1. Jekk l-istituzzjoni ta' Stat Membru ħallset lil benefiċjarju benefiċċji ta' somma li taqbeż dik li għaliha għandu dritt, din l-istituzzjoni, fil-kundizzjonijiet u l-limiti speċifikati mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika, titlob lill-istituzzjoni ta' kull Stat Membru ieħor debitur ta' benefiċċji favur dan il-benefiċjarju, biex iżżomm l-ammont imħallas żejjed fuq l-ammonti li din għandha tagħti lill-benefiċjarju msemmi. Din l-istituzzjoni tal-aħħar tagħmel tnaqqis fil-kundizzjonijiet u l-limiti speċifikati għal tali kumpens mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika, daqs li kieku kienu ammonti mħallsa żejda minnha stess, u tittrasferixxi l-ammont imnaqqas lill-istituzzjoni kreditur.

2. Fil-qafas tal-Artikolu 6, *fi żmien* xahrejn wara li l-leġiżlazzjoni applikabbli ġiet determinata jew l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas tal-benefiċċji identifikati, l-istituzzjoni li ħallset benefiċċji fi flus proviżorjament tistabbilixxi t-tnaqqis tal-ammont li trid tagħtiha l-istituzzjoni kompetenti. Meta l-kontribuzzjonijiet kienu tħallsu proviżorjament mill-benefiċjarju u/jew minn min iħaddmu, dawn l-ammonti jiġu kkunsidrati biex jiġi stabbilit l-ammont imsemmi.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

L-istituzzjoni kompetenti debitriċi ta' benefiċċji favur il-benefiċjarju żżomm l-ammont dovut taħt il-pagament proviżorju fuq l-ammonti li hija trid tagħti lill-interessat. L-istituzzjoni debitriċi tagħmel tnaqqis fil-kundizzjonijiet u l-limiti speċifikati għal tali kumpens mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika u tittrasferixxi mingħajr dewmien l-ammont imnaqqas lill-organu kreditur.

3. Meta persuna assigurata bbenefikat mill-assistenza soċjali fi Stat Membru matul perjodu li matulu hija kellha dritt għall-benefiċċji taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, l-organu li pprovda l-assistenza jista', jekk jiddisponi minn appell li jista' jiġi aċċettat legalment fuq il-benefiċċji dovuti lill-persuna msemmija, jitlob lill-istituzzjoni ta' kull Stat Membru ieħor debitur ta' benefiċċji favur din il-persuna biex tnaqqas l-ammont minfuq għal din l-assistenza fuq l-ammonti li din tagħti lill-persuna msemmija.

Din il-miżura tapplika mutatis mutandis għall-membru tal-familja ta' persuna assigurata li bbenefika mill-assistenza fuq it-territorju ta' Stat Membru matul perjodu li matulu l-persuna msemmija kellha dritt għal benefiċċji, mill-fatt tal-membru tal-familja kkonċernata, taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor.

L-istituzzjoni bid-dejn tgħaddi t-tnaqqis tal-ammont li huwa dovut lilha lill-istituzzjoni debitriċi. Din tnaqqas l-ammont fil-kundizzjonijiet u l-limiti speċifikati għal tali kumpens mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika u tittrasferixxi mingħajr dewmien l-ammont imnaqqas lill-organu kreditur.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, l-istituzzjoni kompetenti tindirizza lill-persuna kkonċernata nota tas-sitwazzjoni tagħha li turi l-ammonti li għadhom dovuti jew imħallsa żejda fir-rigward tal-leġiżlazzjoni li hija tapplika.

Artikolu 72

Kontribuzzjonijiet mhux dovuti jew imħallsa żejda

Fil-qafas tal-Artikolu 6, l-istituzzjoni li ħallset kontribuzzjonijiet żejda b'mod proviżorju lill-persuna assigurata u/jew lil min iħaddimha ma tipproċedix għar-rimborż tal-ammonti inkwistjoni favur il-persuni li ħallsuhom ħlief wara li tkun staqsiet lill-istituzzjoni kompetenti dwar l-ammonti li jkunu dovuti lilha fl-applikazzjoni tal-Artikolu 6*(4)*.

SEZZJONI 3

Irkupru

Artikolu 73

Talbiet għal tagħrif

1. Fuq talba *tal-parti* applikanti, *il-parti* rikjesta tikkomunikalha t-tagħrif li huwa utli għaliha għall-irkupru ta' dejn.

Biex iġġib dan it-tagħrif, *il-parti* rikjesta teżerċita l-poteri speċifikati mill-miżuri leġiżlattivi, regolamentari jew amministrattivi applikabbli għall-irkupru ta' djun simili li bdew fl-Istat Membru tagħha stess.

2. It-talba għal tagħrif tindika l-isem u l-indirizz u kull tagħrif ieħor li l-*parti* applikanti normalment ikollha aċċess għalih tal-persuna li dwarha huwa mitlub it-tagħrif kif ukoll in-natura u l-ammont tad-dejn li għalih ġiet magħmula t-talba.

3. L-*parti* rikjesta mhix marbuta li tittrażmetti tagħrif li hija ma tkunx f'pożizzjoni li tikseb għall-irkupru tad-djun simili li bdew fl-Istat Membru tagħha stess.

4. L-entità rikjesta tinforma lill-*parti* applikanti bir-raġunijiet li ma jħallux li titwassal l-informazzjoni meħtieġa.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 74

Notifika

1. Fuq talba tal-*parti* applikanti, il-*parti* rikjesta tipproċedi għan-notifika lid-destinatarju, skond ir-regoli ta' dritt fis-seħħ għan-notifika ta' atti korrispondenti fl-Istat Membru tagħha stess, bl-atti u d-deċiżjonijiet kollha, inklużi dawk ġudizzjarji, relatati ma' dejn jew mal-irkupru tiegħu, li joħorġu mill-Istat Membru tal-*parti* applikanti.

2. It-talba għal notifika tindika l-isem u l-indirizz u kull tagħrif ieħor li għalih l-*parti* applikanti jkollha aċċess normalment tad-destinatarju, in-natura u l-għan tal-att jew tad-deċiżjoni li trid tiġi notifikata u, jekk jingħata l-każ, l-isem u l-indirizz u kull tagħrif ieħor li għalih l-*parti* applikanti jkollha aċċess normalment tad-debitur u d-dejn imsemmi fl-att jew fid-deċiżjoni, kif ukoll kull tagħrif utli ieħor.

3. L-*parti* rikjesta tinforma mingħajr dewmien lill-*parti* applikanti bil-progress magħmul għat-talba ta' notifika u b'mod partikulari ħafna bid-data li fiha d-deċiżjoni jew l-att ġie mibgħut lid-destinatarju.

Artikolu 75

Talba ta' rkupru.

1. It-talba għal irkupru ta' kontribuzzjonijiet jew it-talba għal ripetizzjoni ta' benefiċċji mhux dovuti jew imħallsa żejda, li l-*parti* applikanti tindirizza lill-*parti* rikjesta, trid tkun akkumpanjata minn kampjun uffiċjali jew minn kopja ċertifikata b'konformità mad-dokument li jippermetti l-attwazzjoni, maħruġ mill-Istat Membru tal-*parti* applikanti u, jekk jingħata l-każ, mill-oriġinal jew minn kopja ċertifikata b'konformità mad-dokumenti l-oħrajn meħtieġa għall-irkupru.

2. L-*parti*applikanti ma tistax tagħmel talba ta' rkupru ħlief:

a) jekk id-dejn jew id-dokument li jippermetti l-attwazzjoni tiegħu ma jkunux ikkuntestati fl-Istat membru, ħlief fil-każ fejn l-Artikolu 78(2), it-tieni subparagrafu, jiġi applikat;

b) meta hija timplimenta, fl-Istat Membru tagħha, il-proċeduri ta' rkupru xierqa li jistgħu jiġu adattati fuq il-bażi tad-dokument msemmi fil-paragrafu 1, u li l-miżuri meħuda ma jwasslux għall-pagament sħiħ tad-dejn.

3. It-talba għal irkupru *għandha* tindika:

a) l-isem, l-indirizz u kull tagħrif ieħor utli għall-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata u/jew tal-persuni terzi li qegħdin iżommu l-beni tagħha;

b) kull tagħrif utli għall-identifikazzjoni *tal-parti* rikjesta;

c) id-dokument li jippermetti l-attwazzjoni, maħruġ mill-Istat Membru *tal-parti* applikanti;

d) in-natura u l-ammont tad-*klejm*, inkluż is-somma kapitali, l-interessi u l-pieni l-oħrajn, multi u spejjeż dovuti, bl-ammont ikun indikat fil-munita tal-Istati Membri taż-żewġ entitajiet;

e) id-data ta' notifika tad-dokument lid-destinatarju mill-*parti* applikanti u/jew l-*parti*rikjesta;

f) id-data li minnha u l-perjodu li matulu l-attwazzjoni hija possibbli skond ir-regoli ta' dritt fis-seħħ fl-Istat Membru tal-entità applikanti;

g) kull tagħrif utli ieħor.

4. It-talba għal irkupru *għandha* tinkludi barra minn hekk dikjarazzjoni tal-parti applikanti li tikkonferma li l-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 2 huma ssodisdata.

5. *L-parti applikanti għandha, kif ikollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti rigward il-kwistjoni li wasslet għat-talba għal irkupru, tibgħatha lill-parti rikjesta* ‖

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 76

Dokument li jippermetti l-attwazzjoni tal-irkupru

1. Id-dokument li jippermetti l-attwazzjoni tal-irkupru tad-dejn huwa direttament magħruf u pproċessat awtomatikament bħala strument li jippermetti l-attwazzjoni ta' dejn tal-*parti*rikjesta.

2. Minkejja l-paragrafu 1, id-dokument eżekutorju li jippermetti l-irkupru tad-dejn jista', jekk jingħata l-każ u b'konformità mal-miżuri fis-seħħ fl-Istat Membru tal-*parti* rikjesta, ikun omologat bħala, magħruf bħala, komplut minn jew sostitwit minn dokument li jawtorizza l-attwazzjoni fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

Fit-tliet xhur ta' wara d-data ta' riċevuta tat-talba, l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu minn kollox biex iwettqu l-formalitajiet li jikkonsistu f'li d-dokument jiġi omologat, magħruf, komplut jew sostitwit, ħlief fil-każijiet fejn il-miżuri tat-tielet subparagrafu jiġu applikati. Dawn ma jistgħux*jirrifjutaw li jwettqu dawn il-formalitajiet,* jekk id-dokument huwa miktub korrettament. Fil-każ li jgħaddi l-perjodu ta' tliet xhur, l-*parti* rikjesta tinforma lill-*parti* applikanti bir-raġunijiet li wasslu għal din il-qabża ta' żmien.

Jekk waħda kwalunkwe minn dawn il-formalitajiet twassal għal tilwima dwar id-dejn u/jew id-dokument eżekutorju li jippermetti l-irkupru maħruġ mill-*parti* applikanti, l-Artikolu 78 japplika.

Artikolu 77

Modalitajiet u *żmien* għal pagament

1. L-irkupru jsir fil-munita tal-Istat Membru tal-*parti* rikjesta. L-*parti* rikjesta *għandha* tittrasferixxi lill-*parti* applikanti l-ammont kollu *tal-klejm* li hija rkuprat.

2. L-*parti* rikjesta tista', jekk il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru tagħha jippermettulha, u wara li tkun ikkonsultat lill-*parti*applikanti, tagħti lil min għandu d-dejn tul ta' żmien għal ħlas jew tawtorizza ħlas imqassam. L-interessi miġbura mill-*parti* rikjesta minħabba dan it-tul ta' żmien għal ħlas huma ugwalment trasferiti l-*parti*applikanti.

Mid-data li fiha d-dokument li jippermetti l-attwazzjoni tal-irkupru tad-dejn ikun direttament magħruf jew omologat, magħruf, komplut jew sostitwit b'konformità mal-Artikolu 76, jinġabru interessi għal kull dewmien ta' ħlas skond il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru tal-*parti* rikjesta u jiġu ugwalment trasferiti l-*parti* applikanti.

Artikolu 78

Tilwima dwar *il-klejm* jew id-dokument li jippermetti l-attwazzjoni tal-irkupru

1. Jekk, matul il-proċedura ta' rkupru, *il-klejm* jew id-dokument li jippermetti l-attwazzjoni tal-irkupru tiegħu maħruġ mill-Istat Membru tal-*parti* applikanti jkunu kkuntestati mill-interessat, l-azzjoni tittieħed minn dan quddiem awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-*parti* applikanti, b'konformità mar-regoli ta' dritt fis-seħħ *f'dak l-Istat Membru*. Din l-azzjoni trid tkun notifikata mill-*parti*applikanti lill-*parti* rikjesta. Hija tista' barra minn hekk tkun notifikata mill-interessat lill-*parti* rikjesta.

2. Minn meta l-*parti*rikjesta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, kemm min-naħa tal-*parti* applikanti, kemm min-naħa tal-interessat, hija tissospendi l-proċedura ta' attwazzjoni waqt li tistenna d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti f'dan il-qasam, ħlief fuq talba kuntrarja magħmula mill-*parti* applikanti, b'konformità mat-tieni subparagrafu. Jekk hija taħseb li huwa neċessarju, hija tista' tirrikorri għal miżuri protettivi biex tiżgura l-irkupru sakemm il-miżuri leġiżlattivi jew regolamentari fis-seħħ fl-Istat Membru tagħha jippermettu għal klejms simili.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-*parti* applikanti tista', b'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru tagħha, titlob lill-*parti* rikjesta biex tirkupra dejn ikkuntestat, sakemm il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru tal-*parti* rikjesta jippermettu. Jekk it-tmiem tat-tilwima jkun favorevoli għad-debitur, l-entità applikanti hija marbuta li tirrimborża kull somma miġbura, kif ukoll kull kumpens dovut, b'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru tal-*parti* rikjesta.

3. Meta t-tilwima tiffoka fuq il-miżuri ta' attwazzjoni meħuda fl-Istat Membru tal-*parti* rikjesta, l-azzjoni tittella' quddiem l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru, b'konformità mal-miżuri leġiżlattivi u regolamentari tagħha.

4. Meta l-awtorità kompetenti li quddiemha ttellgħet l-azzjoni, b'konformità mal-paragrafu 1, hija qorti ġudizzjarja jew amministrattiva, id-deċiżjoni ta' din il-qorti sakemm hija tkun favorevoli għall-*parti* applikanti u hija tippermetti l-irkupru tad-dejn fl-Istat Membru tal-*parti* applikanti, tikkostitwixxi d-"dokument li jippermetti l-attwazzjoni" u l-irkupru tad-dejn isir fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni.

### Artikolu 79

### Limiti tal-għajnuna

L-*parti* rikjesta mhix marbuta:

a) li taghti l-ghajnuna specifikata fl-Artikoli 73 sa 78 jekk l-irkupru tad-dejn huwa ta' natura, minhabba s-sitwazzjoni ta' min ghandu d-dejn, li jikkaguna diffikultajiet serji ta' tip ekonomiku jew socjali fl-Istat Membru tieghu, sakemm il-ligijiet jew ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-sehh fl-Istat Membru tal-*parti*rikjesta jippermettu tali mizura fil-kaz ta' djun nazzjonali analogi;

b) l-ghajnuna specifikata fl-Artikoli 73 sa 78 *tar-Regolament implementattiv* meta t-talba inizjali taht l-Artikoli 73 sa 75 *tar-Regolament implementattiv,* tad-djun li ilhom aktar minn hames snin, minn meta d-dokument li jippermetti l-irkupru huwa stabbilit b'konformità mal-mizuri legizlattivi, regolamentari jew mal-prattiki amministrattivi fis-sehh fl-Istat Membru tal-*parti* applikanti, sad-data tat-talba. Madankollu, jekk id-dejn jew id-dokument huwa suggett ta' tilwima, it-tul ta' zmien jibda minn meta l-Istat applikant jistabbilixxi li d-dejn jew id-dokument ezekutorju li jippermetti l-irkupru ma jistax ikun aktar suggett ta' tilwima.

### Artikolu 80

### Miżuri ta' prevenzjoni

Fuq talba magħmula mill-*parti* applikanti, l-*parti* rikjesta tieħu miżuri ta' prevenzjoni biex tiżgura l-irkupru ta' dejn sakemm il-miżuri leġiżlattivi jew regolamentari fis-seħħ fl-Istat Membru tal-*parti* rikjesta jippermettulha.

Għall-implimentazzjoni tal-ewwel subparagrafu, il-miżuri u l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 73 sa 75 u 77 *tar-Regolament implementattiv* japplikaw mutatis mutandis.

### Artikolu 81

### Spejjeż

1. Ma tintalab l-ebda spiża ta' attwazzjoni meta d-dejn huwa rkuprat bil-metodu ta' kumpens imsemmi fl-Artikoli 71 u 72 *tar-Regolament implementattiv*.

2. Il-*parti* rikjesta tirkupra ugwalment mill-persuna kkonċernata l-ispejjeż kollha marbutin mal-irkupru fil-qafas tal-Artikoli 73 sa 77 u 81 u żżomm l-ammont tagħhom, b'konformità mal-miżuri leġiżlattivi u regolamentari tal-Istat Membru tiegħu, li huma applikabbli għal djun analogi.

3. L-Istati Membri jċedu minn naħa u minn oħra kull restituzzjoni ta' spejjeż li jirriżultaw mill-għajnuna reċiproka li huma jagħtu fl-applikazzjoni tar-regoli tar-Regolament *bażiku* jew *tar-Regolament implementattiv*.

4. Meta rkupri jippreżentaw diffikultà partikulari, li huma kkaratterizzati b'ammont għoli ħafna ta' spejjeż, l-*partijiet* applikanti u l-*partijiet* rikjesti jistgħu jiftiehmu dwar modalitajiet speċifiċi ta' rimborż għal każijiet bħal dawn.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-*parti* applikanti tibqa' marbuta, fir-rigward tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-*parti* rikjesta, bl-ispejjeż kollha li saru u b'kull telf minħabba l-azzjonijiet meqjusa bħala mhux ġustifikati fir-rigward tal-attwalità tad-dejn jew tal-validità tad-dokument maħruġ mill-*parti* applikanti.

## TITOLU V

## MIŻURI DIVERSI, TRANŻITORJI U FINALI

### Artikolu 82

### Kontroll amministrattiv u mediku

1. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tal-Artikolu 27, meta benefiċjarju ta' benefiċċji msemmija fil-Kapitoli I, II u IV tat-Titolu III jagħmel żjara jew joqgħod fuq it-territorju ta' Stat Membru li mhux dak fejn qiegħda l-istituzzjoni debitriċi, l-eżami mediku *għandu* jsir, fuq it-talba ta' din l-istituzzjoni, mill-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza tal-benefiċjarju skond il-modalitajiet speċifikati mil-leġiżlazzjoni li din l-istituzzjoni tal-aħħar tapplika. F'dan il-każ, l-istituzzjoni debitriċi hija marbuta mill-konsultazzjonijiet magħmula mill-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza.

Jekk l-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza tissejjaħ, skond l-Artikolu 82 tar-Regolament *bażiku*, biex tagħmel xhieda medika, hija tipproċedi skond il-modalitajiet speċifikati mil-leġiżlazzjoni li hija tapplika. F'nuqqas ta' tali modalitajiet, hija tindirizza ruħha lill-istituzzjoni debitriċi biex issir taf il-modalitajiet li għandhom jiġu applikati.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li wara tipproċedi biex teżamina lill-benefiċjarju minn tabib tal-għażla tagħha. Madankollu, il-benefiċjarju ma jistax ikun mistieden biex imur fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi ħlief bil-kundizzjoni li huwa jkun jiflaħ jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu u li l-ispejjeż tal-vjaġġ u taż-żjara relatati ma' dan ikunu r-responsabbiltà tal-istituzzjoni debitriċi.

2. Meta benefiċjarju ta' benefiċċji msemmija fil-Kapitoli I, II u IV tat-Titolu III imur għal żjara jew joqgħod fuq it-territorju ta' Stat membru li mhux dak fejn qiegħda l-istituzzjoni debitriċi, il-kontroll amministrattiv isir, fuq it-talba ta' din l-istituzzjoni, mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara jew ta' residenza tal-benefiċjarju. L-istituzzjoni debitriċi tikkomunika lill-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza l-punti li fuqhom irid isir il-kontroll amministrattiv. F'nuqqas ta' dan, l-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza tipproċedi għall-kontroll skond il-modalitajiet speċifikati mil-leġiżlazzjonitagħha.

L-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza hija marbuta li tagħmel rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet il-kontroll.

### Artikolu 83

### Notifiki

1. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 (m), (q) u (r), tar-Regolament ***bażiku*** u ***fl-Artikolu 1(2)(a) u (b)***, ***tar-Regolament implimentattiv***, kif ukoll tal-istituzzjonijiet innominati***skond*** ir-Regolament ***implimentattiv***.

2. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 irid ikollhom identità elettronika fil-forma ta' kodiċi ta' identifikazzjoni u ta' indirizz elettroniku.

3. *Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha* tistabbilixxi ***l-istruttura, il-kontenut u*** l-modalitajiet, inklużi l-format komuni u *l-mudell, għan-notifika* tad-dettalji msemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Anness *IV* ***tar-Regolament implimentattiv*** jifformula l-bażi *ta' data* aċċessibbli għall-pubbliku li tiġbor l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. ***Il-bażi ta' data għandha tiġi stabbilita u mmaniġġjata mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom, madankollu, ikunu responsabbli biex idaħħlu f'din il-bażi ta' data, l-informazzjoni ta' kuntatt nazzjonali tagħhom stess. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżattezza tad-dħul tal-informazzjoni ta' kuntatt nazzjonali meħtieġa skond il-paragrafu 1.***

5. L-Istati Membri jiżguraw l-aġġornament permanenti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

▌

Artikolu 84

Informazzjoni

1. Il-kummissjoni amministrattiva telabora l-informazzjoni meħtieġa biex tgħarraf lill-interessati bid-drittijiet tagħhom kif ukoll bil-formalitajiet amministrattivi li jridu jitwettqu biex jiġu evalwati. It-tqassim tal-informazzjoni huwa żgurat b'mod privileġġjat b'mezz elettroniku billi titqiegħed fuq l-internet fuq siti aċċessibbli għall-pubbliku. Il-kummissjoni amministrattiva tieħu ħsieb li jkunu aġġornati regolarment.

2. Il-kumitat konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament *bażiku* jista' joħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-informazzjoni u tat-tqassim tagħha.

3. L-Istati Membri jieħdu ħsieb li l-informazzjoni meħtieġa titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuni koperti mir-Regolament *bażiku* biex turihom it-tibdiliet li saru fir-Regolament *bażiku* u f'dan ir-Regolament b'tali mod li jippermettulhom li jaffermaw id-drittijiet tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti jieħdu ħsieb li l-istituzzjonijiet tagħhom ikunu infurmati u japplikaw il-miżuri Komunitarji kollha leġiżlattivi jew le, inklużi d-deċiżjonijiet tal-kummissjoni amministrattiva, fl-oqsma u l-kundizzjonijiet tar-Regolament *bażiku* u *tar-Regolament implementattiv*.

Artikolu 85

Konverżjoni ta' muniti

Għall-applikazzjoni tal-miżuri tar-Regolament *bażiku* u r-Regolament *implimentattiv,* ir-rata tal-kambju bejn żewġ muniti hija r-rata tal-kambju ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu 86

Statistiki

L-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu u jittrażmettu l-istatistiki ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) *bażiku* u tar-Regolament *implimentattiv* lis-segretarjat tal-kummissjoni amministrattiva. *Din id-data* huma miġbura u organizzati skond il-pjan u l-metodu definit mill-kummissjoni amministrattiva. Il-Kummissjoni tiżgura t-tqassim ta' din l-informazzjoni.

Artikolu 87

Emenda tal-Annessi

L-Annessi *I, II, III u IV* ta' dan ir-Regolament *implimentattiv* kif ukoll l-Annessi I, VI, VII, VIII, IX, tar-Regolament *bażiku* jistgħu jiġu emendati minn Regolament tal-Kummissjoni fuq it-talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar interessati jew tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom u wara ftehim unanimu tal-kummissjoni amministrattiva.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Artikolu 88

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87 tar-Regolament *bażiku* japplikaw għas-sitwazzjonijiet koperti tar-Regolament *implimentattiv*.

Artikolu 89

Revoka

1. ‖Ir-Regolament (KEE) Nru 574/72 tal-Kunsill huwa revokat b'effet mid- … (*) ‖

Madankollu, ir-Regolament (KEE) Nru 574/72 jibqa' fis-sehh u l-effetti guridici tieghu jinzammu ghall-finijiet:

a) tar-Regolament (KE) Nru 859/2003 tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2003 bil-mira li jestendi l-mizuri tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 ghac-cittadini ta' pajjizi terzi li m'humiex digà koperti minn dawn il-mizuri unikament minhabba n-nazzjonalità taghhom ([1]) sakemm ir-Regolament imsemmi ma jigix revokat jew emendat;

b) tar-Regolament (KEE) Nru 1661/85 tal-Kunsill tat-13 ta' Gunju 1985 li jistabbilixxi l-adattamenti teknici tar-regolamentazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' sigurtà socjali tal-haddiema emigranti ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Groenlandja ([2]), sakemm ir-Regolament imsemmi ma jigix revokat jew emendat;

c) tal-Ftehim dwar iz-Zona Ekonomika Ewropea ([3]), tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewrope u l-Istati Membri taghha, min-naha wahda u l-Konfederazzjoni Zvizzera, min-naha l-ohra, dwar il-moviment hieles tal-persuni ([4]) u ftehimiet ohrajn li jinkludu referenza ghar-Regolament (KEE) Nru 574/72, sakemm il-ftehimiet imsemmija ma jigux emendati minhabba dan ir-Regolament.

2. Skond id-Direttiva 98/49/KE tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1998 relatata mal-ħarsien tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari għal ħaddiema bil-paga jew self-employed li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità ([5]) r-referenzi għar-Regolament (KEE) Nru 574/72 jinftiehmu daqs li kieku saru f'dan ir-Regolament.

Artikolu 90

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-jum ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) Id-data *tad-dħul fis-seħħ ta' dan* ir-Regolament.
([1]) GU L 124, 20.5.2003, p. 1.
([2]) GU L 160, 20.6.1985, p. 7.
([3]) GU L 1, 3.1.1994, p.1.
([4]) GU L 114, 30.4.2002, p. 6.
([5]) ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## ANNESS *I*

Dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni għal ftehimiet bilaterali miżmuma fis-seħħ u dispożizzjonijiet ġodda ta' applikazzjoni għal ftehimbilaterali

(l-Artikoli 8(1) u 9(2))

---

## ANNESS *II*

Skemi specjali applikabbli ghal impjegati civili

(l-Artikoli *32* u 41)

A. Skemi specjali applikabbli ghal impjegati civili li ghalihom ma japplikawx il-mizuri tat-Titolu III, il-Kapitolu 1, tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 li jsemmu l-beneficcji mhux fi flus izda f'servizzi ta' valur ugwali

1. Il-Germanja

Versorgungssystem für Beamte (skema ta' mard ghall-impjegati civili)

2. Spanja

Mutualismo administrativo (skema specjali applikabbli ghall-impjegati civili, ghall-forzi armati u ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja)

B. Skemi specjali applikabbli ghall-impjegati civili li ghalihom ma japplikawx il-mizuri tat-Titolu III, il-Kapitolu 2, tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 li jsemmu l-beneficcji mhux fi flus izda f'servizzi ta' valur ugwali

1. Il-Germanja

Unfallfürsorge für Beamte (skema ta' incidenti ghall-impjegati civili)

---

## ANNESS *III*

Stati Membri li jirrimborżaw l-ispejjeż ta' benefiċċji abbażi ta' rati fissi

(l-Artikolu 62(1))

---

## ANNESS *IV*

Awtoritajiet u istituzzjonijiet kompetenti, istituzzjonijiet tal-post ta' residenza u ta' żjara, punti ta' aċċess, istituzzjonijiet u organi nnominati mill-awtoritajiet kompetenti

(l-Artikolu *83*(4))

---

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut tal-Anness XI ***I

P6_TA(2008)0349

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut tal-Anness XI (COM(2006)0007 — C6-0029/2006 — 2006/0008(COD))**

(2009/C 294 E/50)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (COM(2006)0007),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (COM(2007)0376),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 42 u 308 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0029/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0229/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni COM(2006)0007 kif emendata;

2. Iqis li l-proċedura 2007/0129(COD) skadiet bħala riżultat tal-inklużjoni tal-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2007)0376 fil-proċedura 2006/0008(COD);

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## P6_TC1-COD(2006)0008

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni Regolament (KE) *Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà socjali, u li jiddetermina l-kontenut ta' *annessi tieghu***

(Test b'rilevanza ghaz-ZEE u ghall-Izvizzera)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 308 tieghu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ‖,

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) ***Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali*** [4] ***jipprevedi li l-kontenut tal-Annessi II, X u XI ta' dan ir-Regolament jiġi determinat qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

(2) ***L-Annessi I, III, IV, VI, VII, VIII u IX tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandhom jiġu adattati biex jitqiesu kemm il-ħtiġijiet tal-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea wara li ġie adottat ir-Regolament u kif ukoll l-iżviluppi ġodda fi Stati Membri oħra.***

(3) ***L-Artikoli 56(1) u 83*** tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ▌jipprovdu għal dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-leġizlazzjoni tal-Istati Membri li jridu jiġu stipulati fl-Anness XI għal dak ir-Regolament. L-Anness XI huwa maħsub biex jieħu f'konsiderazzjoni l-partikolaritajiet tad-diversi sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-koordinazzjoni.

(4) Għadd ta' Stati Membri talbu l-inklużjoni ta' entrati li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-leġizlazzjoni tas-sigurtà soċjali fl-Anness XI u pprovdew lill-Kummissjoni bi spjegazzjonijiet legali u prattiċi tal-leġizlazzjoni u s-sistemi tagħhom.

(5) F'konformità mal-ħtieġa għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni *tar*-Regolament il-ġdid, hija meħtieġa strateġija komuni biex jiġi żgurat li l-entrati għal Stati Membri differenti li huma ta' natura simili jew li jsegwu l-istess għan ikunu fil-prinċipju ttrattati bl-istess mod.

(6) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 883/*2004* huwa li jikkoordina leġizlazzjoni tas-sigurtà soċjali li għaliha l-Istati Membri huma esklussivament responsabbli, entrati li m'humiex kompatibbli mal-fini jew l-għanijiet *tiegħu* ‖, u entrati li jfittxu biss li jiċċaraw l-interpretazzjoni tal-leġizlazzjoni nazzjonali, m'għandhomx ikunu inklużi *f'dak ir*-Regolament.

(7) Xi talbiet *mill-Istati Membri* qajmu kwistjonijiet li *huma* komuni għal diversi Stati Membri: *H* uwa ‖ xieraq li dawk il-kwistjonijiet jiġu ttrattati fuq livell aktar ġenerali, jew permezz ta' kjarifika fil-korp tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jew f'xi ieħor mill-Annessi tiegħu, li ‖ għandu jiġi emendat kif hemm bżonn, jew permezz ta' dispożizzjonijiet fir-*r* egolament *i* mplimentattiv msemmi fl-Artikolu 89 *ta' dak ir-Regolament,* milli permezz ta' *entrati* simili fl-Anness XI għal diversi Stati Membri.

(8) Huwa wkoll xieraq li xi kwistjonijiet speċifiċi jiġu ttrattati *f'annessi* oħra *li mhumiex l-Anness XI,* skond l-għan u l-kontenut tagħhom ‖, sabiex *jiġi żgurat li l-annessi* għar-Regolament *(KE) Nru 883/2004 ikunu koerenti sew internament u sew bejn xulxin.*

(9) Biex tħaffef l-użu tar-Regolament *(KE) Nru 883/2004* miċ-ċittadini meta jitolbu tagħrif jew meta jagħmlu t-talbiet lill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, riferenzi għal-leġizlazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati għandhom isiru wkoll fil-lingwa oriġinali kull fejn huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat kull nuqqas ta' ftehim possibbli.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jgħid li huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-*r* egolament *i* mplimentattiv. Dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika mill-istess data,

---

[1] *GU C 161, 13.7.2007, p. 61.*

[2] GU C …

[3] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008.*

[4] ***GU L 166, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni kkoreġuta fil-GU L 200, 7.6.2004, p. 1.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 huwa emendat kif ġej:

1. ***Il-premessa li ġejja għandha tiddaħħal wara l-Premessa 5:***

   *"(5a) L-entrati ta' ċerti Stati Membri fl-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 issa huma koperti permezz ta' ċerti dispożizzjonijiet ġenerali fir-Regolament (KE) Nru 883/2004. Taħt it-titolu trattament indaqs għall-benefiċċji, dħul, fatti jew avvenimenti, per eżempju l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jipprovdi li fejn, skond il-leġizlazzjoni tal-Istat Membru kompetenti, prattiċi legali jiġu attribwiti għall-okkorrenza ta' ċerti fatti jew avvenimenti, dawn l-effetti legali jridu ikunu attribwiti għal fatti jew avvenimenti li jseħħu fi Stat Membru ieħor. Għaldaqstant, għadd ta' entrati fl-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 ġew superfluwi."*

2. ***Il-premessa li ġejja għandha tiddaħħal wara l-Premessa 8:***

   *"(8a) Il-membri tal-familja ta' dawk li qabel kienu ħaddiema tal-fruntieri għandhom ikunu jistgħu ikomplu t-trattament mediku f'dak li qabel kien il-pajjiż tal-impjieg tal-persuna assigurata wara l-irtirar tagħha."*

3. ***Il-premessa li ġejja għandha tidħol wara Premessa 17:***

   *"(17a) Meta leġizlazzjoni tiġi applikabbli għal persuna taħt it-Titolu II tar-Regolament, il-kondizzjonijiet għas-sħubija u l-intitolament għall-benefiċċji għandhom jiġu definiti mil-leġizlazzjoni tal-Istat Membru kompetenti, filwaqt li tiġi rispettata l-liġi tal-Komunità."*

4. ***Il-premessa li ġejja għandha tiddaħħal wara l-Premessa 18:***

   *"(18a) Il-prinċipju tal-unità tal-leġizlazzjoni applikabbli huwa importanti ħafna u għandu jittejjeb. Madankollu, dan m'għandux ifisser li l-għoti biss ta' benefiċċju, b'konformità m' dan ir-Regolament u li jikkonsisti fil-ħlas tal-kontributi tal-assigurazzjoni jew il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-benefiċjarju, jagħmel il-leġizlazzjoni tal-Istat Membru — fejn istituzzjoni tkun ħarġet dan l-għoti ta' benefiċċju — il-leġizlazzjoni applikabbli għal din il-persuna* (*).

   ---

   (*) ***Kawżi konġunti C-502/01 u C-31/02, Gaumain-Cerri u Barth, ECR [2004] I-6483."***

5. ***Fl-Artikolu 1, għandu jiddaħħal il-punt li ġej wara punt*** (*v*):

   *"(va) '**benefiċċji mhux fi flus' għandha tfisser dawk il-benefiċċji mhux fi flus previsti skond il-leġizlazzjoni ta' Stat Membru maħsuba biex jipprovdu, jagħmlu disponibbli, iħallsu direttament jew jirrimborżaw il-ħlas fuq kura jew prodotti tal-mediċina jew servizzi anċillari għal din il-kura, inklużi benefiċċji mhux fi flus għall-kura fit-tul.**"*

6. ***L-Artikolu 3(5) għandu jinbidel b'dan li ġej:***

   *"**5. Dan ir-Regolament m'għandux japplika:***

   ***(a) għal assistenza soċjali u medika; jew***

   ***(b) għal benefiċċji li għalihom Stat Membru jassumi r-responsabbiltà għad-danni ta' persuni u jipprovdi kumpens, bħal f'każ ta' vittmi tal-gwerra u azzjonijiet militari jew il-konsegwenzi tagħhom; vittmi ta' atti kriminali, qtil jew terroriżmu; vittmi ta' dannu kkawżat minn aġenti tal-Istat Membru waqt il-qadi ta' dmirijiethom; jew vittmi li batew żvantaġġ minħabba raġunijiet politiċi jew reliġjużi jew raġunijiet ta' dixxendenza.**"*

7. *L-Artikolu* 14, paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

   "4. Fejn il-leġizlazzjoni ta' Stat Membru tagħmel id-dħul f'assigurazzjoni volontarja jew assigurazzjoni kontinwa mhux obbligatorja suġġett għar-residenza f'dak l-Istat Membru jew abbażi ta' attività preċedenti bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha, l-Artikolu 5(b) għandu japplika biss għall-persuni li kienu suġġetti, f'xi stadju aktar bikri, għal-leġizlazzjoni ta' dak l-Istat Membru fuq il-bażi ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

5. Fejn il-legizlazzjoni ta' Stat Membru taghmel id-dhul f'assigurazzjoni volontarja jew skema ta' assigurazzjoni kontinwa mhux obbligatorja suggett ghal li l-persuna jkollha perjodi kompluti ta' assigurazzjoni, tali dhul ghandu jkun koncess biss lill-persuni li jkunu kkompletaw qabel perjodi ta' assigurazzjoni f'dak l-Istat Membru taht l-istess skema."

***8. L-Artikolu 18(2) ghandu jinbidel b'dan li gej:***

"***2. Il-membri tal-familja ta' haddiem li jahdem bejn il-fruntieri ghandhom ikunu intitolati ghal beneficcji moghtija in natura matul iz-zjara taghhom fl-Istat Membru kompetenti. Madankollu, sakemm l-Anness III ghadu fis-sehh, meta l-Istat Membru kompetenti jkun imnizzel f'Anness III, il-membri tal-familja ta' haddiem li jahdem bejn il-fruntieri li joqoghdu fl-istess Stat Membru tal-haddiem tal-fruntiera ghandhom ikunu intitolati ghal beneficcji moghtija in natura fl-Istat Membru kompetenti biss taht il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1).***"

***9. L-Artikolu 28(1) ghandu jinbidel b'dan li gej:***

"***1. Haddiem li kien jahdem bejn il-fruntieri u li rtira minhabba l-età jew invalidità huwa intitolat, fil-kaz ta' mard, li jibqa' jircievi beneficcji moghtija in natura fl-Istat Membru fejn l-ahhar li wettaq l-attività tieghu bhala persuna impjegata jew bhala persuna li tahdem ghal rasha, sakemm dan jikkostitwixxi t-tkomplija ta' trattament mibdi f'dak l-Istat Membru. Il-kliem 'tkomplija ta' trattament' tfisser it-tkomplija tal-investigazzjoni, tad-dijanjosi u tat-trattament ta' mardaghat-tul kollu taghha.***

***L-ewwel subparagrafu ghandu japplika mutatis mutandis ghall-membri tal-familja tal-haddiem tal-fruntiera rtirat.***"

10. **L**-Artikolu 51(3), ***ghandu jinbidel b'dan li gej:***

"***3. Fejn il-legizlazzjoni jew skema specifika ta' Stat Membru taghmel il-kisba, iz-zamma jew l-irkupru tad-dritt ghal beneficcji kondizzjonali fuq jekk il-person koncernata kinetx assigurata meta immaterjalizza ruhu r-riskju, din il-kondizzjoni ghandha titqies bhallikieku kienet sodisfatta jekk din il-persuna kienet assigurata qabel skond il-legizlazzjoni jew l-iskema specifika ta' dan l-Istat Membru u, fiz-zmien meta jsehh ir-riskju, hija assigurata skond il-legizlazzjoni ta' Stat Membru iehor ghall-istess riskju jew, fin-nuqqas ta' dan, intitolata ghal beneficcju skond il-legizlazzjoni ta' Stat Membru iehor ghall-istess riskju. Il-kondizzjoni tal-ahhar ghandha, madankollu, titqies li tkun giet issodisfata, fil-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 57.***"

11. *L-Artikolu* 52, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li gej:

"4. ***fejn il-kalkolu skond il-paragrafu (1)(a) fi Stat Membru jirrizulta dejjem f'li l-beneficcju indipendenti jigi daqs jew oghla mill-beneficcju pro rata kalkulat skond il-paragrafu (1)(b), l-istituzzjoni kompetenti tista' tirrinunzja ghall-kalkolu pro rata bil-kundizzjoni li:***

***a) din is-sitwazzjoni msemmija hija stipulata fil-parti 1 ta'l-Anness VIII***;

***b) l-ebda legizlazzjoni li r-regoli taghha ma jippermettux li partijiet jikkoincidu, li hemm referenza ghaliha fl-Artikoli 54 u 55, ma hija applikabbli jekk il-kundizzjonijiet stipulati f'Artikolu 55(2) ma jkunux sodisfatti; u***

***c) L-Artikolu 57 ma japplikax f'kaz ta' perjodi kompletati skond il-legizlazzjoni ta' Stat Membru iehor fic-cirkostanzi stipulati f'dan il-kaz specifiku..***"

***12. Fl-Artikolu 52, ghandu jizdied il-paragrafu li gej:***

"***4a. Minkejja d-dispozizzjonijiet tas- subparagrafi 1, 2 u 3, il-kalkolu pro rata ma japplikax ghal skemi li jipprovdu beneficcji f'kaz li l-perjodi taz-zmien m'ghandhom l-ebda relevanza ghall-kalkolu, skond jekk dawn l-iskemi humiex imnizzla fil-parti 2 tal-Anness VIII. F'dawn il-kazijiet, il-persuna kkoncernata ghandha tkun intitolata ghall-beneficcju kkalkulat skond il-legizlazzjoni tal-Istat Membru koncernat.***"

13. Fl-Artikolu 56(1)(c), qabel il-kliem "skond il-proceduri stipulati fl-Anness XI", ghandu jiddahhal il-kliem "fejn mehtieg".

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*14. Fl-Artikolu 56, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*"1a. Fil-każ li l-paragrafu 1(c) ma japplikax minħabba li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li l-benefiċċju jrid jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' elementi oħra barra l-perjodi tal-assigurazzjoni jew residenza li mhumiex marbuta maż-żmien, l-istituzzjoni kompetenti għandha tikkunsidra, għal kull perjodu ta' assigurazzjoni jew residenza kompletati skond il-leġiżlazzjoni ta' xi Stat Membru ieħor, l-ammont tal-kapital akkumulat, il-kapital li huwa kkunsidrat li ġie akkumulat u kull element ieħor għall-kalkolu skond il-leġiżlazzjoni li tamministra diviż bl-unitajiet li jikkorrispondu ta' perjodi fl-iskema tal-pensjoni kkonċernata."*

*15. Fl-Artikolu 57, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*"3a. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal skemi mniżżla fil-parti 2 tal-Anness VIII."*

*16. L-Artikolu 62(3) għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*"3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, sa fejn huma kkonċernati persuni mingħajr impjieg koperti mill-Artikolu 65(5)(a), l-istituzzjoni tal-post ta' residenza għandha tikkunsidra l-paga jew id-dħul professjonali li l-persuna kkonċernata rċeviet fl-Istat Membru li kienet suġġetta għal-leġislazzjoni tiegħu matul l-aħħar attività tagħha bħala persuna impjegata jew bħala persuna impjegata għal rasha, skond ir-Regolament ta' Implimentazzjoni."*

*17. L-Artikolu li ġej għandu jidħol wara l-Artikolu 68:*

*"Artikolu 68a*

*Provvista ta' benefiċċji*

*Fil-każ li l-benefiċċji tal-familja ma jintużawx mill-persuna li lilha għandhom ikunu provduti għall-manteniment tal-membri tal-familja, l-istituzzjoni kompetenti twettaq l-obbligi legali tagħha billi tipprovdi l-benefiċċji msemmija lill-persuna naturali jew legali li fil-fatt tkun qed tmantni l-membri tal-familja, fuq it-talba ta', u permezz tal-aġenzija ta', l-istituzzjoni tal-Istat Membru fejn joqogħdu jew tal-istituzzjoni maħbda jew korp appuntat għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn joqogħdu."*

*18. Fl-Artikolu 87, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 10:*

*"10a. L-Anness III għandu jiġi revokat 5 snin wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament."*

*19.* L-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Implimentattiv imsemmi fl-Artikolu 89 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*ANNESS*

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 883/2004 huma emendati kif ġej.

*1. L-Anness I, Parti I għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) wara l-entrata taħt l-intestatura "A. IL-BELĠJU", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:*

"*Aa. IL-BULGARIJA*

*Ħlas ta' manteniment mill-istat skond l-Artikolu 92 tal-Kodiċi tal-Familja*"

*b) wara l-entrata "C. IL-ĠERMANJA" jidħlu l-entrati li ġejjin:*

"*Ca. L-ESTONJA*

*Allowances ta' manteniment skond l-Att dwar l-Allowance għall-Manteniment tal-21 ta' Frar 2007*

*Cb. SPANJA*

*Ħlasijiet minn qabel ta' ħlas tal-manteniment skond id-Digriet Irjali 1618/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007*"

*c) Wara l-entrata taħt l-intestatura "D. FRANZA", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

"*Da. IL-LITWANJA*

*Ħlasijiet mill-Fond ta' Manteniment tat-Tfal skond il-Liġi dwar il-Fond tal-Manteniment tat-Tfal*

*Db. IL-LUSSEMBURGU*

*Ħlas minn qabel u rkupru ta' ħlas tal-manteniment skond it-tifsira tal-Att tas-26 ta' Lulju 1980*"

*d) wara l-entrata taħt l-intestatura "I. L-AWSTRIJA", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:*

"*Ea. IL-POLONJA*

*Il-benefiċċji mill-Fond tal-Alimenti skond l-Att ta' Għajnuna lill-Persuni Intitolati għall-Alimenti*"

*e) wara l-entrata taħt l-intestatura "F. IL-PORTUGALL", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

"*Fa. IS-SLOVENJA*

*Bidla fil-manteniment skond l-Att ta' Garanzija Pubblika u l-Fond tal-Manteniment tar-Repubblika tas-Slovenja tal-25 ta' Lulju 2006*

*Fb. IS-SLOVAKKJA*

*Sostitut tal-benefiċċju tal-alimenti (sostitut tal-ħlas tal-manteniment) skond l-Att Nru 452/2004 Coll. dwar is-sostitut tal-benefiċċju tal-alimenti kif emendat mir-regolamenti ta' wara*"

*2. L-Anness I, Parti II għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) wara l-entrata taħt l-intestatura "A. IL-BELĠJU", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

"*Aa. IL-BULGARIJA*

*Allowance ta' somma flus f'daqqa għall-maternità skond il-Liġi għall-Allowances tal-Familja għat-Tfal*

*Ab. IR-REPUBBLIKA ĊEKA*

*Allowance fit-twelid*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***Ac. L-ESTONJA***

***Allowance fit-twelid***

***Allowance għall-adozzjoni***"

*b)* ***l-entrata "B. SPANJA" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:***

"***B. SPANJA***

***Għotjiet tat-twelid u l-adozzjoni fil-forma ta' pagament uniku;***"

*c)* ***taħt*** l-intestatura C. FRANZA *għandu jiddaħħal il-kliem li ġej*:

", għajr meta jitħallsu lil persuna li tibqa' suġġetta għal-leġiżlazzjoni Franċiża skond l-Artikolu 12 jew l-Artikolu 16;"

*d)* ***Wara l-entrata taħt l-intestatura "C. FRANZA", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:***

"***C bis. Ca. LATVJA***

***Għoti ta' somma flus fit-twelid***

***Allowance għall-adozzjoni***

***Cb. IL-LITWANJA***

***Għoti ta' somma flus f'daqqa għall-wild***"

*e)* ***wara l-entrata taħt l-intestatura "D. IL-LUSSEMBURGU", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:***

"***Da. L-UNGERIJA***

***Għoti ta' flus għall-maternità***

***Db. IL-POLONJA***

***Għoti ta' ħlas ta' darba fit-twelid skond l-Att dwar il-Benefiċċji għall-Familja***

***Dc. IR-RUMANIJA***

***Allowance fit-twelid***

***Għież għal tfal li għadhom jitwieldu***

***Dd. IS-SLOVENJA***

***Għoti ta' somma flus fit-twelid***

***De. IS-SLOVAKKJA***

***Allowance fit-twelid***

***Suppliment għall-allowance fit-twelid***"

*3. L-Anness II għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*"ANNESS II*

*DISPOŻIZZJONIJIET TA' KONVENZJONIJIET LI JIBQGĦU FIS-SEĦĦ U LI, FEJN JAPPLIKA, HUMA RISTRETTI GĦALL-PERSUNI KOPERTI MINNHOM*

*[Artikolu 8(1)]*

*Kummenti ġenerali*

***Ta' min jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' konvenzjonijiet bilaterali, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jew li jibqgħu fis-seħħ bejn l-Istati Membri, mhumiex elenkati f'dan l-Anness. Dan jinkludi l-obbligi bejn l-Istati Membri li ġejjin minn konvenzjonijiet li jipprovdu, pereżempju, għal dispożizzjonijiet fir-rigward ta' aggregar ta' perjodi ta' assigurazzjoni sodisfatti f'pajjiż terz.***

*Dispożizzjonijiet ta' konvenzjonijiet dwar sigurtà soċjali li jibqgħu applikabbli*

*(a) IL-BELĠJU — IL-ĠERMANJA*

***L-Artikoli 3 u 4 tal-Protokoll Finali tas-7 ta' Diċembru 1957 tal-Konvenzjoni Ġenerali tal-istess data, bħal fil-Protokoll Kumplimentari tal-10 ta' Novembru 1960 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti f'ċerti reġjuni tal-fruntiera qabel, matul u wara t-Tieni Gwerra Dinjija).***

*(b) IL-BELĠJU — IL-LUSSEMBURGU*

***Il-Konvenzjoni dwar is-sigurta? soċjali għall-ħaddiema tal-fruntiera tal-24 ta' Marzu 1994 (dwar ir-rimbors komplementari b'rata fissa).***

*(c) IL-BULGARIJA — IL-ĠERMANJA*

***L-Artikolu 28(1)(b) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-17 ta' Diċembru 1997 (jinżammu l-konvenzjonijiet konkluzi bejn il-Bulgarija u l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża għall-persuni li diġà ħadu pensjoni qabel l-1996).***

*(d) IL-BULGARIJA — L-AWSTRIJA*

***L-Artikolu 38(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-14 ta' April 2005 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel is-27 ta' Novembru 1961); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.***

*(e) IL-BULGARIJA — IS-SLOVENJA*

***L-Artikolu 32(2) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-18 ta' Diċembru 1957 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti sal-31 ta' Diċembru 1957).***

*(f) IR-REPUBBLIKA ĊEKA — IL-ĠERMANJA*

***L-Artikolu 39(1)(b) u (c) tal-Ftehima dwar is-Sigurtà Soċjali tas-27 ta' Lulju 2001 (tinżamm il-konvenzjoni konkluża bejn l-ex Repubblika Federali Ċekoslovakka u l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża għall-persuni li ħadu pensjoni qabel l-1996; ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti f'wieħed mill-istati fil-kuntratt għall-persuni li diġà ħadu pensjoni għal dawn il-perjodi fl-1 ta' Settembru 2002 mill-istat kontraenti l-ieħor, meta kienu joqogħdu fit-territorju ta' dak l-istat kontraenti ieħor).***

*(g) IR-REPUBBLIKA ĊEKA — ĊIPRU*

***L-Artikolu 32(4) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tad-19 ta' Jannar 1999 (li jiddetermina l-kompetenza għall-kalkolu tal-perjodi tal-impjieg kompluti skond il-Konvenzjoni relevanti tal-1976); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn dik il-Konvenzjoni.***

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(h)* *IR-REPUBBLIKA ĊEKA — Il-LUSSEMBURGU*

*L-Artikolu 52(8) tal-Konvenzjoni tas-17 ta' Novembru 2000 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni fuq pensjoni ta' rifuġjati politiċi).*

*(i)* *IR-REPUBBLIKA ĊEKA — L-AWSTRIJA*

*L-Artikolu 32(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-20 ta' Lulju 1999 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel is-27 ta' Novembru 1961); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(j)* *IR-REPUBBLIKA ĊEKA — IS-SLOVAKKJA*

*L-Artikoli 12, 20 u 33 tal-Konvenzjoni tas-sigurtà soċjali tad-29 ta' Ottubru 1992 (l-Artikolu 12 jiddetermina l-kompetenza għall-għoti ta' benefiċċji għas-superstiti; L-Artikolu 20 jiddetermina l-kompetenza għall-kalkolu tal-perjodi ta' assigurazzjoni kompluti sad-data tad-diżintegrazzjoni tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka; L-Artikolu 33 jiddetermina l-kompetenza għall-ħlas ta' pensjonijiet mogħtija qabel sad-data tad-diżintegrazzjoni tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka).*

*(k)* *ID-DANIMARKA — IL-FINLANDJA*

*L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-sigurtà soċjali tat-18 ta' Awissu 2003 (dwar il-ħlas ta' spejjeż żejda għall-ivvjaġġar f'każ ta' mard waqt soġġorn f'pajjiż Nordiku ieħor li jikkawża l-ħtieġa ta' vjaġġ iktar għoli għar-ritorn lejn il-pajjiż tar-residenza).*

*(l)* *ID-DANIMARKA — L-ISVEZJA*

*L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-sigurtà soċjali tat-18 ta' Awissu 2003 (dwar il-ħlas ta' spejjeż żejda għall-ivvjaġġar f'każ ta' mard waqt is-soġġorn f'pajjiż Nordiku ieħor li jikkawża l-ħtieġa ta' vjaġġ iktar għoli għar-ritorn lejn il-pajjiż tar-residenza).*

*(m)* *IL-ĠERMANJA — SPANJA*

*L-Artikolu 45(2) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-4 ta' Diċembru 1973 (rappreżentazzjoni permezz tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari).*

*(n)* *IL-ĠERMANJA — FRANZA*

- *(i)* *Ftehima Komplementari Nru 4 tal-10 ta' Lulju 1950 għall-Konvenzjoni Ġenerali tal-istess data, kif stabbilit fil-Ftehima Supplimentari Nru 2 tat-18 ta' Ġunju 1955 (ħlas ta' perjodi tal-assigurazzjoni kompluti bejn l-1 ta' Lulju 1940 u t-30 ta' Ġunju 1950);*
- *(ii)* *Titolu I ta' dik il-Ftehima Supplimentari Nru 2 (ħlas ta' perjodi tal-assigurazzjoni kompluti qabel it-8 ta' Mejju 1945);*
- *iii)* *il-punti 6, 7 u 8 tal-Protokoll Ġenerali tal-10 ta' Lulju 1950 għal dik il-Konvenzjoni Ġenerali (arranġamenti amministrattivi);*
- *(iv)* *It-Titoli II, III u IV tal-Ftehima tal-20 ta' Diċembru 1963 (sigurtà soċjali f'Saar).*

*(o)* *IL-ĠERMANJA — IL-LUSSEMBURGU*

*L-Artikoli 4 sa 7 tal-Konvenzjoni tal-11 ta' Lulju 1959 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti bejn Settembru tal-1940 u Ġunju tal-1946).*

*(p)* *IL-ĠERMANJA — L-UNGERIJA*

*L-Artikolu 40(1)(b) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-2 ta' Mejju 1998 (tinżamm il-konvenzjoni konkluża bejn l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża u l-Ungerija għal persuni li ħadu pensjoni qabel l-1996).*

*(q)* *IL-ĠERMANJA — L-OLANDA*

*L-Artikoli 2 u 3 tal-Ftehima Komplementari Nru 4 tal-21 ta' Diċembru 1956 għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Marzu 1951 (ħlas tad-drittijiet mirbuħa taħt l-iskema tal-assigurazzjoni soċjali Ġermaniża mill-ħaddiema Olandiżi bejn it-13 ta' Mejju 1940 u l-1 ta' Settembru 1945).*

*(r) IL-ĠERMANJA — L-AWSTRIJA*

*(i) L-Artikolu 1(5)u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Assigurazzjoni Kontra l-Qgħad tad-19 ta' Lulju 1978 u l-Artikolu 10 tal-Protokoll Finali għal din il-Konvenzjoni (għoti ta' allowances f'każ ta' qgħad lill-ħaddiema tal-fruntiera mill-istat fejn wieħed kien jaħdem qabel) se jibqgħu japplikaw għall-persuni li wettqu attività bħala ħaddiema tal-fruntiera fl-1 ta' Jannar 2005 jew qabel u ġew qiegħda qabel l-1 ta' Jannar 2011;*

*(ii) L-Artikolu 14(2)(g), (h), (i) u (j) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-4 ta' Ottubru 1995 dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn iż-żewġ pajjiżi f'każijiet ta' assigurazzjoni fil-passat u perjodi ta' assigurazzjoni akkumulati (id-determinazzjoni tal-kompetenzi bejn iż-żewġ pajjiżi f'każijiet ta' assigurazzjoni fil-passat u perjodi ta' assigurazzjoni akkumulati); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(s) IL-ĠERMANJA — IL-POLONJA*

*(i) Il-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1975 dwar id-dispożizzjonijiet dwar ix-xjuħija u inċidenti fuq ix-xogħol, skond il-kundizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni definiti fl-Artikolu 27(2), (3) u (4) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tat-8 ta' Diċembru 1990 (jinżamm l-istat legali, skond il-konvenzjoni tal-1975, tal-persuni li kienu stabbilixxew ir-residenza tagħhom fit-territorju tal-Ġermanja jew tal-Polonja qabel l-1 ta' Jannar 1991 u li għadhom joqogħdu hemm);*

*(ii) L-Artikoli 27(5) u 28(2) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-8 ta' Diċembru 1990 (jinżamm l-intitolament għall-pensjoni li titħallas skond il-konvenzjoni tal-1957 konkluża bejn l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża u l-Polonja; ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti minn impjegati Pollakki skond il-konvenzjoni tal-1988 konkluża bejn l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża u l-Polonja).*

*(t) IL-ĠERMANJA — IR-RUMANIJA*

*L-Artikolu 28(1)(b) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tat-8 ta' April 2005 (tinżamm il-konvenzjoni konkluża bejn l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża u r-Rumanija għall-persuni li diġà ħadu pensjoni qabel l-1996).*

*(u) IL-ĠERMANJA — IS-SLOVENJA*

*L-Artikolu 42 tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tal-24 ta' Settembru 1997 (ħlas tad-drittijiet mirbuħa qabel l-1 ta' Jannar 1956 taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż l-ieħor fil-kuntratt); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(v) IL-ĠERMANJA — IS-SLOVAKKJA*

*It-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 29(1) tal-Ftehim tat-12 ta' Settembru 2002 (tinżamm il-konvenzjoni konkluża bejn l-ex Repubblika Ċekoslovakka u l-ex Repubblika Demokratika Ġermaniża għall-persuni li ħadu pensjoni qabel l-1996; ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti f'wieħed mill-istati tal-kuntratt għall-persuni li diġà ħadu pensjoni għal dawn il-perjodi fl-1 ta' Diċembru 2003 mill-istat l-ieħor fil-kuntratt, meta kienu joqogħdu fit-territorju tal-Istat kontraenti ieħor).*

*(w) IL-ĠERMANJA — IR-RENJU UNIT*

*(i) L-Artikolu 7(5) u (6) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-20 ta' April 1960 (leġiżlazzjoni applikabbli għal nies mhux militari li ħadmu fil-forzi militari);*

*(ii) L-Artikolu 5(5) u (6) tal-Konvenzjoni dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Qgħad tal-20 ta' April 1960 (leġiżlazzjoni applikabbli għal nies ċivili li ħadmu fil-forzi militari).*

*(x) L-IRLANDA — IR-RENJU UNIT*

*L-Artikolu 19(2) tal-Ftehima dwar is-sigurtà soċjali tal-14 ta' Diċembru tal-2004 (it-trasferiment u l-ħlas ta' ċertu kreditu għad-disabbiltà).*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(y)* *SPANJA — IL-PORTUGALL*

*L-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 1969 (esportazzjoni ta' benefiċċji għall-qgħad). Din l-entrata tibqa' valida għal sentejn mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.*

*(z)* *L-ITALJA — IS-SLOVENJA*

*(i)* *Il-Ftehima dwar ir-regolament għall-obbligi reċiproċi fl-assigurazzjoni soċjali b'referenza għall-paragrafu 7 tal-Anness XIV għat-Trattat ta' Paċi (konkluż permezz ta' skambju ta' notamenti fil-5 ta' Frar 1959) (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel it-18 ta' Diċembru 1954); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn dik il-Ftehima,*

*(ii)* *L-Artikolu 45(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-7 ta' Lulju 1997 dwar ex Żona B tat-Territorju Ħieles ta' Trieste (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel il-5 ta' Ottubru 1956); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(aa)* *IL-LUSSEMBURGU — IL-PORTUGALL*

*Il-Ftehima tal-10 ta' Marzu 1997 (dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet minn istituzzjonijiet fil-parti kontraenti dwar l-istat ta' invalidità għal applikanti għall-pensjoni minn istituzzjonijiet fil-parti kontraenti l-oħra).*

*(ab)* *IL-LUSSEMBURGU — IS-SLOVAKKJA*

*L-Artikolu 50(5) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tat-23 ta' Mejju 2002 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni għall-pensjoni ta' refuġjati politiċi).*

*(ac)* *L-UNGERIJA — L-AWSTRIJA*

*L-Artikolu 36(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-31 ta' Marzu 1999 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel is-27 ta' Novembru 1961); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(ad)* *L-UNGERIJA — IS-SLOVENJA*

*L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tas-7 ta' Ottubru 1957 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel id-29 ta' Mejju 1956); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(ae)* *L-UNGERIJA — IS-SLOVAKKJA*

*L-Artikolu 34(1) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-30 ta' Jannar 1959 (Artikolu 34(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li l-perjodi tal-assigurazzjoni mogħtija qabel id-data tal-iffirmar tal-Konvenzjoni huma l-perjodi tal-assigurazzjoni tal-Istat kontraenti li fih kienet toqgħod il-persuna intitolata għall-assigurazzjoni); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(af)* *L-AWSTRIJA — IL-POLONJA*

*L-Artikolu 33(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-7 ta' Settembru 1998 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel is-27 ta' Novembru 1961); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(ag)* *L-AWSTRIJA — IR-RUMANIJA*

*L-Artikolu 37(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-28 ta' Ottubru 2005 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel is-27 ta' Novembru 1961); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(ah) L-AWSTRIJA — IS-SLOVENJA*

*L-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-10 ta' Marzu 1997 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel l-1 ta' Jannar 1956); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(ai) L-AWSTRIJA — IS-SLOVAKKJA*

*L-Artikolu 34(3) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-21 ta' Diċembru 2001 (ħlas ta' perjodi ta' assigurazzjoni kompluti qabel is-27 ta' Novembru 1961); l-applikazzjoni ta' dan il-punt hija limitata għall-persuni koperti minn din il-Konvenzjoni.*

*(aj) IL-PORTUGALL — IR-RENJU UNIT*

*Artikolu 2(1) tal-Protokoll dwar trattament mediku tal-15 ta' Novembru 1978.*

*(ak) IL-FINLANDA — L-ISVEZJA*

*L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-sigurtà soċjali tat-18 ta' Awissu 2003, dwar il-ħlas ta' spejjeż żejda tal-ivvjaġġar f'każ ta' mard waqt soġġorn f'pajjiż Nordiku ieħor li jikkawża l-ħtieġa ta' vjaġġ iktar għoli għar-ritorn lejn il-pajjiż tar-residenza."*

*4. L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) wara l-entrata "ID-DANIMARKA", tiddaħħal l-entrata "L-ESTONJA".*

*b) wara l-entrata "L-IRLANDA", jiddaħħal l-entrati li ġejjin:*

*"IL-LITWANJA*

*L-UNGERIJA"*

*5. L-Anness IV għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) wara l-entrata "IL-BELĠJU", jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

*"IL-BULGARIJA*

*IR-REPUBBLIKA ĊEKA"*

*b) wara l-entrata "FRANZA", għandha tiddaħħal l-entrata "ĊIPRU";*

*c) wara l-entrata "IL-LUSSEMBURGU", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

*"L-UNGERIJA*

*L-OLANDA;"*

*d) wara l-entrata "L-AWSTRIJA", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

*"IL-POLONJA*

*IS-SLOVENJA"*

*6. L-Anness VI għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) Għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

*"-A. IR-REPUBBLIKA ĊEKA*

*Pensjoni sħiħa f'każ ta' diżabbiltà għal persuni li żviluppaw diżabbiltà totali qabel ma għalqu tmintax-il sena u li ma kinux assigurati għall-perjodu meħtieġ (Taqsima 42 tal-Att għall-Assigurazzjoni għall-Pensjoni Nru 155/1995 Coll.).*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*-Aa. L-ESTONJA*

*(i) Pensjonijiet għall-invalidità mogħtija qabel l-1 ta' April 2000 taħt l-Att għall-Allowances mill-Istat li baqgħu miżmuma taħt l-Att tal-Assigurazzjoni għall-Pensjoni tal-Istat.*

*(ii) Pensjonijiet nazzjonali mogħtija abbażi ta' invalidità skond l-Att tal-Assigurazzjoni għall-Pensjoni tal-Istat.*

*(iii) Pensjonijiet għall-invalidità mogħtija skond l-Att dwar is-Servizz tal-Forzi tad-Difiża, l-Att dwar is-Servizz tal-Pulizija, l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur, l-Att dwar l-Istatus tal-Imħallfin, is-Salarji tal-Membri tar-Riigikogu, l-Att dwar il-Pensjonijiet u Garanziji Soċjali Oħra u l-Att dwar il-Benefiċċji Uffiċjali tal-President tar-Repubblika."*

*b) is-sekwenza tal-entrati għal "A. IL-GREĊJA" u "B. L-IRLANDA" għandhom jitqiegħdu bil-maqlub biex jinqraw hekk: "A. L-IRLANDA" u "B. IL-GREĊJA";*

*c) l-entrata taħt l-intestatura "B. L-IRLANDA" għandha tinbidel b'dan li ġej:*

*"Parti II, Kapitolu 17 tal-Att dwar il-Konsolidazzjoni tal-Assistenza Soċjali 2005"*

*d) wara l-entrata taħt l-intestatura "B. IL-GREĊJA", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:*

*"Ba. IL-LATVJA*

*Pensjonijiet għall-invalidità (it-tielet grupp) taħt l-Artikolu 16(1)(2) tal-Liġi għall-Pensjonijiet tal-Istat tal-1 ta' Jannar 1996."*

*e) l-entrati taħt l-intestatura "C. IL-FINLANDJA" għandhom jiġu emendati kif ġej:*

*"Pensjonijiet Nazzjonali għall-persuni mwielda b'diżabbiltà jew ġew diżabbli ta' età żgħira (l-Att dwar il-Pensjoni Nazzjonali, 568/2007);*

*Pensjonijiet għall-invalidità determinati skond regoli transizzjonali u mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 1994 (Att dwar l-Infurzar tal-Pensjonijiet Nazzjonali, 569/2007)."*

*7. L-Anness VII għandu jiġi emendat kif ġej:*

*a) fit-tabelli intestati "IL-BELĠJU" u "FRANZA", għandhom jitħassru l-kolonni relatati mal-Lussemburgu.*

*b) għandha titħassar it-tabella intestata "IL-LUSSEMBURGU".*

8. L-Anness VIII *għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*'ANNESS VIII*

*KAŻIJIET LI FIHOM IL-KALKOLU PRO RATA JIĠI RINUNZJAT JEW MA JAPPLIKAX*

*[Artikolu 52(4) u (5)]*

*Parti 1: Każijiet li fihom il-kalkolu pro rata jiġi rinunzjat skond Artikolu 52(4)*

*A. ID-DANIMARKA*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet li hemm referenza għalihom fil-liġi dwar il-pensjonijiet soċjali, bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija f'Anness IX.*

*B. L-IRLANDA*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjoni tal-istat (transitorja), pensjoni tal-istat (kontributorja), pensjoni (kontributorja) għan-nisa romol u pensjoni (kontributorja) għall-irġiel romol.*

*C. ĊIPRU*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet tal-eta?, l-invalidità, in-nisa romol u l-irġiel romol.*

*D. IL-LATVJA*

*(a) L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet tal-invalidità (Il-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Istat tal-1 ta' Jannar 1996);*

*(b) L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet tas-superstiti (Il-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Istat tal-1 ta' Jannar 1996; il-Liġi dwar il-Pensjonijiet Imħallsa mill-Istat tal-1 ta' Lulju 2001).*

*E. IL-LITWANJA*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet mill-assigurazzjoni soċjali tal-Istat għas-superstiti ikkalkulati fuq il-bażi tal-ammont bażiku tal-pensjoni tas-superstiti (Il-Liġi dwar il-Pensjonijiet mill-Assigurazzjoni Soċjali tal-Istat).*

*F. L-OLANDA*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet tal-età skond il-liġi dwar l-assigurazzjoni ġenerali għall-età.*

*G. L-AWSTRIJA*

*(a) L-applikazzjonijiet kollha għall-benefiċċji skond il-liġi federali tad-9 ta' Settembru 1955 dwar l-assigurazzjoni soċjali ġenerali, il-liġi federali tal-11 ta' Ottubru 1978 dwar l-assigurazzjoni soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom fin-negozju u l-kummerċ, il-liġi federali tal-11 ta' Ottubru 1978 dwar l-assigurazzjoni soċjali għall-bdiewa li jaħdmu għal rashom u l-liġi federali tat-30 ta' Novembru 1978 dwar l-assigurazzjoni soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom fil-professjonijiet liberali;*

*(b) L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet għall-invalidità bbażati fuq kont tal-pensjoni skond l-att tal-pensjonijiet ġenerali tat-18 ta' Novembru 2004;*

*(c) L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet għas-superstiti bbażati fuq kont tal-pensjoni skond l-att tal-pensjonijiet ġenerali tat-18 ta' Novembru 2004, jekk ma trid tiġi applikata l-ebda żieda fil-benefiċċji f'każ ta' żieda fix-xhur tal-assigurazzjoni skond l-Artikolu 7(2) tal-att tal-pensjonijiet ġenerali;*

*(d) L-applikazzjonijiet għall-pensjonijiet għall-invalidità u s-superstiti tal-Landesärztekammern (kmamar provinċjali tat-tobba tal-Awstrija) ibbażati fuq provvista bażika (benefiċċju bażiku u kwalunkwe benefiċċju supplimentari, jew pensjoni bażika);*

*(e) L-applikazzjonijiet kollha għall-appoġġ f'każ ta' invalidità permanenti għax-xogħol u appoġġ għas-superstiti mill-fond tat-Österreichische Tierärztekammer (kamra Awstrijaka tat-tobba veterinarji);*

*(f) L-applikazzjonijiet kollha għall-benefiċċji minn pensjonijiet għall-invalidità għax-xogħol, ir-romol u l-orfni skond l-istatuti tal-istituzzjonijiet tar-Rechtsanwaltskammern (assistenza tal-assoċjazzjonijiet) Parti A.*

*H. IL-POLONJA*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet għal diżabbiltà, pensjonijiet għall-età taħt l-iskema għall-benefiċċji u l-pensjonijiet għas-superstiti definiti.*

*I. IL-PORTUGALL*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-ħlas ta' pensjoni għall-invalidità, l-età u s-superstiti, barra fejn it-total tal-perjodi tal-assigurazzjoni kompluti skond il-leġiżlazzjoni ta' iktar minn Stat Membru wieħed huma ugwali jew itwal minn 21 jum kalendarji, il-perjodi nazzjonali tal-assigurazzjoni huma ugwali jew inqas minn 20 sena, u l-kalkolu jsir skond l-Artikolu 11 tad-Digriet-Liġi Nru No. 35/2002, tad-19 ta' Frar 2002.*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*J. IS-SLOVAKKJA*

*(a) L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjoni tas-superstiti (pensjonijiet għan-nisa romol, irġiel romol u orfni) ikkalkulata skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2004 li l-ammont tagħha jrid jittieħed minn pensjoni li qabel tħallset lill-mejjet,*

*(b) L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjonijiet ikkalkulati skond l-Att Nru 461/2003 Coll. dwar is-sigurtà soċjali kif emendat.*

*K. L-ISVEZJA*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjoni ta' garanzija f'forma ta' pensjoni għall-età (Att 1998:702) u pensjoni għall-età f'forma ta' pensjoni supplimentari (Att 1998:674).*

*L. IR-RENJU UNIT*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-pensjoni tal-irtirar, benefiċċji għan-nisa romol u mewt, barra għal dawk li:*

*a) matul is-sena tat-taxxa li tibda fis-6 ta' April 1975 jew wara:*

*i) il-parti konċernata kienet wasslet sat-tmiem perjodi ta' assigurazzjoni, impjieg jew residenza skond il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit u Stat Membru ieħor; u*

*ii) waħda (jew iktar) mis-snin tat-taxxa li hemm referenza għalihom f'punt (i) ma kinitx ikkunsidrata bħala sena li tikkwalifika fit-tifsira tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit;*

*b) il-perjodi tal-assigurazzjoni kompluti skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fir-Renju Unit għall-perjodi qabel il-5 ta' Lulju 1948 jitqiesu għall-finijiet tal-Artikolu 52(1)(b) ta' dan ir-Regolament permezz tal-applikazzjoni tal-perjodi tal-assigurazzjoni, impjieg jew residenza skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor.*

*L-applikazzjonijiet kollha għal pensjoni addizzjonali skond l-Att dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali 1992, it-taqsima 44, u l-Att dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (L-Irlanda ta' Fuq) 1992, it-taqsima 44.*

*Parti 2: Każijiet fejn japplika l-Artikolu 52(5):*

*A. FRANZA*

*Skemi bażiċi jew supplimentari li fihom il-benefiċċji tal-età huma kkalkulati fuq il-bażi ta' punti tal-irtirar.*

*B. IL-LATVJA*

*Pensjonijiet għall-età (Liġi għall-pensjonijiet tal-Istat tal-1 ta' Jannar 1996 u l-Liġi dwar il-Pensjonijiet Imħallsa mill-Istat tal-1 ta' Lulju 2001).*

*C. L-UNGERIJA*

*Benefiċċji għall-pensjoni bbażati fuq sħubija ma' fondi ta' pensjoni privati.*

*D. L-AWSTRIJA*

*(a) Pensjonijiet għall-età bbażati fuq kont ta' pensjoni skond l-l-att tal-pensjonijiet ġenerali tat-18 ta' Novembru 2004.*

*(b) Allowances obbligatorji skond l-Artikolu 41 tal-Liġi Federali tat-28 ta' Diċembru 2001, BGBl Nr. 154 tal-Pharmazeutische Gehaltskasse fur Osterreich (fond ġenerali għas-salarji tal-ispiżjara Awstrijaċi).*

*(c) Pensjonijiet għall-irtirar u l-irtirar kmieni tal-Landesärztekammern (kmamar reġjonali Awstrijaċi tat-tobba) bbażati fuq provvista bażika (benefiċċju bażiku u kwalunkwe benefiċċju supplimentari, jew pensjoni bażika), u l-benefiċċji kollha għall-pensjoni tal-istess korp bbażati fuq provvista addizzjonali (pensjoni addizzjonali jew individwali).*

*(d) Appoġġ għall-età mill-fond tal-pensjonijiet tal-Osterreichische Tierartztekammer (kamra Awstrijaka tat-tobba veterinarji).*

*(e) Benefiċċji skond l-istatuti tal-istituzzjonijiet ta' asistenza tal-assoċjazzjonijiet Awstrijaċi tal-avukatura, Partijiet A u B, barra l-applikazzjonijiet għall-benefiċċji mill-pensjonijiet għal diżabbiltà, romol u orfni skond l-istatuti tal-istituzzjonijiet ta' assistenza tal-istess korp, Parti A.*

*(f) Benefiċċji mill-istituzzjonijiet ta' assistenza mill-kamra federali tal-periti u l-inġiniera konsulenti skond il-Ziviltechnikerkammergesetz tal-1993 (il-liġi dwar il-kamra tal-inġiniera ċivili) u l-istatuti tal-istituzzjonijiet ta' assistenza, barra l-benefiċċji abbażi ta' invalidità għax-xogħol u benefiċċji għas-superstiti mill-benefiċċji msemmija l-aħħar.*

*(g) Benefiċċji skond l-istatut tal-istituzzjoni ta' assistenza tal-kamra federali tal-accountants u l-konsulenti tat-taxxa professjonali skond il-Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (il-liġi dwar l-accountants u l-konsulenti tat-taxxa professjonali.*

*E. IL-POLONJA*

*Pensjonijiet għall-età skond l-iskema definita ta' kontribuzzjoni.*

*F. IS-SLOVENJA*

*Pensjoni mill-assigurazzjoni għall-pensjoni supplimentari obbligatorja.*

*G. IS-SLOVAKKJA*

*Tfaddil għall-pensjoni obbligatorja għall-età.*

*H. L-ISVEZJA*

*Pensjoni bbażata fuq id-dħul u pensjoni tal-primjum (Att 1998:674).*

*I. IR-RENJU UNIT*

*L-applikazzjonijiet kollha għall-benefiċċji gradati tal-irtirar imħallsa skond l-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali 1965, it-taqsimiet 36 u 37, u l-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali (L-Irlanda ta' Fuq) 1966, it-taqsimiet 35 u 36.*

*J. IL-BULGARIJA*

*Pensjonijiet għall-età mill-Assigurazzjoni għall-Pensjoni Obbligatorja Supplimentari, skond il-Parti II, Titolu II, tal-Kodiċi għall-Assigurazzjoni Soċjali.*

*K. L-ESTONJA*

*Skema ffinanzjata ta' pensjoni obbligatorja għall-età."*

*9. L-Anness IX għandu jiġi emendat kif ġej:*

*(a) Il-Parti I għandha tiġi emendata kif ġej:*

*(i) Wara l-entrata taħt l-intestatura "F. L-IRLANDA", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:*

*"Fa. IL-LATVJA*

*Pensjonijiet għall-invalidità (it-tielet grupp) skond l-Artikolu 16(1)(2) tal-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Istat tal-1 ta' Jannar 1996"*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*(ii) Taħt l-intestatura "G. L-OLANDA", għandu jiddaħħal il-kliem li ġej:*

"*Il-liġi tal-10 ta' Novembru 2005 dwar ix-xogħol u d-dħul skond il-kapaċità għax-xogħol*"

*(iii) L-entrata taħt l-intestatura "H. IL-FINLANDJA" tinbidel b'dan li ġej:*

"*Pensjonijiet nazzjonali għall-persuni li twieldu diżabbli jew saru diżabbli ta' età żgħira (l-Att dwar il-Pensjonijiet Nazzjonali, 568/2007)*

*Pensjonijiet nazzjonali u pensjonijiet għall-konjuġi jiġu determinati skond ir-regoli transitorji u mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 1994 (l-Att dwar l-Infurzar tal-Pensjonijiet Nazzjonali, 569/2007)*

*L-ammont addizzjonali tal-pensjoni tat-tfal meta jiġi kkalkulat il-benefiċċju indipendenti skond l-att dwar il-pensjoni nazzjonali (l-Att dwar il-Pensjonijiet Nazzjonali, 568/2007)*"

*(iv) L-entrata taħt l-intestatura "I. L-ISVEZJA" tinbidel b'dan li ġej:*

"*Kumpens għall-mard relatat mad-dħul u kumpens għall-attività tal-Isvezja (Att 1962:381);*

*Pensjoni ta' garanzija u kumpens iggarantit tal-Isvezja li ssostitwixxew il-pensjonijiet kompluti tal-istat Svediż ipprovduti skond il-leġiżlazzjoni dwar il-pensjoni tal-istat li kienet tapplika fl-1 ta' Jannar 1993, u l-pensjoni kompluta tal-istat ipprovduta skond ir-regoli transitorji tal-leġiżlazzjoni li tapplika minn dik id-data*"

*(b) Il-Parti II għandha tiġi emendata kif ġej:*

*(i) Wara l-entrata taħt l-intestatura "C. L-ITALJA", għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:*

"*Ca. IL-LATVJA*

*Pensjonijiet għas-superstiti kkalkulati fuq il-bażi ta' perjodi assunti ta' assigurazzjoni (l-Artikolu 23(8) tal-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Istat tal-1 ta' Jannar 1996)*

*Cb. IL-LITWANJA*

*(a) Pensjonijiet tal-istat mill-assigurazzjoni soċjali għall-inkapaċità għax-xogħol, imħallsa skond il-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Istat mill-Assigurazzjoni Soċjali*

*(b) Pensjonijiet tal-istat mill-assigurazzjoni soċjali għas-superstiti u l-orfni, ikkalkulati fuq il-bażi tal-pensjoni għall-inkapaċità għax-xogħol tal-mejjet skond il-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Istat mill-Assigurazzjoni Soċjali*"

*ii) Wara l-entrata taħt l-intestatura "D. IL-LUSSEMBURGU", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:*

"*Da. IS-SLOVAKKJA*

*(a) Pensjoni Slovakka għall-invalidità u pensjoni għas-superstiti derivata minnha*

*(b) Pensjoni għall-invalidità għal persuna li saret invalida meta kienet tifel/tifla dipendenti u li dejjem meqjusa li ssodisfat il-perjodu meħtieġ ta' assigurazzjoni (Artikolu 70(2) u 72(3) u Artikolu 73(3) u (4) tal-Att Nru 461/2003 dwar l-assigurazzjoni soċjali, kif emendat)*"

*(c) Fil-Parti III, l-entrata "il-Konvenzjoni Nordika tal-15 ta' Ġunju 1992 dwar is-sigurtà soċjali" għandha tinbidel b'dan li ġej:*

"*Il-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tat-18 ta' Awissu 2003.*"

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***10.*** *L-Anness X għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*"ANNESS X*

*BENEFIĊĊJI SPEĊJALI FI FLUS MHUX KONTRIBUTORJI*

*[Artikolu 70(2)(c)]*

*A. IL-BELĠJU*

*(a) Allowance li tissostitwixxi d-dħul (Liġi tas-27 ta' Frar 1987)*

*(b) Dħul iggarantit għall-persuni anzjani (Liġi tat-22 ta' Marzu 2001)*

*B. IL-BULGARIJA*

*Pensjoni Soċjali għall-età (Artikolu 89 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali)*

*C. IR-REPUBBLIKA ĊEKA*

*Allowance soċjali (Att dwar l-Appoġġ Soċjali tal-Istat Nru 117/1995 Sb*

*D. ID-DANIMARKA*

*Spejjeż ta' akkomodazzjoni għall-pensjonanti (Liġi għall-assistenza għall-akkomodazzjoni individwali, ikkonsolidata bil-Liġi Nru 204 tad-29 ta' Marzu 1995)*

*E. IL-ĠERMANJA*

*Dħul għal sussistenza bażika għall-anzjani u persuni b'kapaċità mnaqqsa ta' qligħ skond Kapitolu 4 tal-Ktieb XII tal-Kodiċi Soċjali*

*Benefiċċji biex ikopru l-ispejjeż tas-sussistenza skond il-provvediment bażiku għal min qed ifittex ix-xogħol, sakemm, fir-rigward ta' dawn il-benefiċċji, il-ħtiġijiet għall-eliġibbiltà għal suppliment temporanju wara li wieħed ikun irċieva benefiċċju għall-qgħad (Artikolu 24 (1) tal-Ktieb II tal-Kodiċi Soċjali) ma jkunux ġew sodisfati*

*F. L-ESTONJA*

*(a) Allowance għall-adulti b'diżabbiltà (l-Att dwar il-Benefiċċji Soċjali għal Persuni b'Diżabilità tas-27 ta' Jannar 1999)*

*(b) Allowance tal-istat għall-qgħad (l-Att dwar is-Servizzi u l-Appoġġ għas-Suq tax-Xogħol tad-29 ta' Settembru 2005)*

*G. L-IRLANDA*

*(a) Allowance għal min qed ifittex ix-xogħol (l-Att dwar il-Konsolidazzjoni tal-Assistenza Soċjali 2005, Parti 3, Kapitolu 2)*

*(b) Pensjoni tal-istat (mhux kontributorja) (l-Att dwar il-Konsolidazzjoni tal-Assistenza Soċjali 2005, Parti 3, Kapitolu 4)*

*(c) Pensjoni (mhux kontributorja) għan-nisa romol u pensjoni (mhux kontributorja) għall-irġiel romol (l-Att dwar il-Konsolidazzjoni tal-Assistenza Soċjali 2005, Parti 3, Kapitolu 6)*

*(d) Allowance għal diżabbilta? (l-Att dwar il-Konsolidazzjoni tal-Assistenza Soċjali 2005, Parti 3, Kapitolu 10)*

*(e) Allowance għall-mobilità (l-Att dwar is-Saħħa 1970, Taqsima 61)*

*(f) Pensjoni għan-nuqqas ta' dawl (l-Att dwar il-Konsolidazzjoni tal-Assistenza Soċjali 2005, Parti 3, Kapitolu 5)*

*H. IL-GREĊJA*

*Benefiċċji speċjali għall-anzjani (Liġi Nru 1296/82)*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*I. SPANJA*

*(a) Garanzija ta' dħul minimu (Liġi Nru 13/82 tas-7 ta' April 1982)*

*(b) Benefiċċji fi flus biex jassistu lill-anzjani u l-invalidi li ma jistgħux jaħdmu (Digriet Irjali Nru 2620/81 tal-24 ta' Lulju 1981)*

*(c) Il-benefiċċji ta' pensjoni li ġejjin:*

*(i) Pensjonijiet mhux kontributorji għall-invalidità u l-irtirar skond kif inhu provdut f'Artikolu 38(1) tat-Test Konsolidat għal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali, approvat mid-Digriet Leġislattiv Irjali Nru 1/1994 tal-20 ta' Ġunju 1994 u*

*(ii) Il-benefiċċji li jissupplimentaw il-pensjonijiet imsemmija f'punt i, kif provdut għalihom fil-leġiżlazzjonijiet tar-reġjuni awtonomi, fejn dawn is-supplimenti jiżguraw dħul minimu ta' sussistenza filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fir- reġjuni awtonomi konċernati*

*(d) Allowances biex tkun promossa l-mobilità u għall-kumpens tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar (Liġi Nru 13/1982 tas-7 ta' April 1982)*

*J. FRANZA*

*(a) Allowances Supplimentari ta':*

*i) il-fond speċjali għall-invalidità, u*

*ii) il-fond għas-solidarjetà fl-età*

*Fir-rigward ta' drittijiet miksuba (Liġi tat-30 ta' Ġunju 1956, kodifikata fi Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali)*

*(b) Allowance għall-adulti b'diżabbiltà (Liġi tat-30 ta' Ġunju 1975, kodifikata fi Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali)*

*(c) Allowance speċjali (Liġi tal-10 ta' Lulju 1952, kodifikata fi Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali) fir-rigward ta' drittijiet miksuba*

*(d) Allowance għas-solidarjetà fl-età (l-ordinanza tal-24 ta' Ġunju 2004, kodifikata fi Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali) mill-1 ta' Jannar 2006*

*K. L-ITALJA*

*(a) Pensjonijiet soċjali għal persuni mingħajr mezzi (Liġi Nru 153 tat-30 ta' April 1969)*

*(b) Pensjonijiet u allowances għad-diżabbli jew invalidi ċivili (Liġi Nru 118 tat-30 ta' Marzu 1974, Nru 18 tal-11 ta' Frar 1980 u Nru 508 tat-23 ta' Novembru 1988)*

*(c) Pensjonijiet u allowances għal min hu nieqes mis-smigħ u muti (Liġijiet Nru 381 tas-26 ta' Mejju 1970 u Nru 508 tat-23 ta' Novembru 1988)*

*(d) Pensjonijiet u allowances għaċ-ċivili neqsin mid-dawl (Liġijiet Nru 382 tas-27 ta' Mejju 1970 u Nru 508 tat-23 ta' Novembru 1988)*

*(e) Benefiċċji li jissuplimentaw il-pensjonijiet minimi (Liġijiet Nru 218 tal-4 ta' April 1952, Nru 638 tal-11 ta' Novembru 1983 u Nru 407 tad-29 ta' Diċembru 1990)*

*(f) Benefiċċji li jissupplimentaw l-allowances għal diżabbiltà (Liġi Nru 222 tat-12 ta' Ġunju 1984)*

*(g) Allowance soċjali (Liġi Nru 335 tat-8 ta' Awissu 1995)*

*(h) Żieda soċjali (Artikolu 1(1) u (12) tal-Liġi Nru 544 tad-29 ta' Diċembru 1988 u l-emendi suċċessivi)*

*L. ĊIPRU*

*(a) Pensjoni Soċjali (Liġi dwar il-Pensjoni Soċjali tal-1995 (Liġi 25(I)/95)*

*(b) Allowance għal diżabbiltà severa fil-moviment (Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri Nr 38210 tas-16 ta' Ottubru 1992, 41370 tal-1 ta' Awissu 1994, 46183 tal-11 ta' Ġunju 1997 u 53675 tas-16 ta' Mejju 2001)*

*(c) Għoti speċjali għal persuni neqsin mis-smigħ (Liġi dwar l-Għoti Speċjali tal-1996 (Liġi 77(I)/96), kif emendata)*

*M. IL-LATVJA*

*(a) Benefiċċju mill-istat għas-sigurtà soċjali (Liġi dwar il-Benefiċċji Soċjali tal-Istat tal-1 ta' Jannar 2003)*

*(b) Allowance għall-kumpens tal-ispejjeż tat-trasport għal persuni diżabbli b'moviment ristrett (Liġi dwar il-Benefiċċji Soċjali tal-Istat tal-1 ta' Jannar 2003)*

*N. IL-LITWANJA*

*(a) Pensjoni għall-assistenza soċjali (Artikolu 5 tal-Liġi tal-2005 dwar il-Benefiċċji tal-Istat)*

*(b) Kumpens għar-relief (Artikolu 15 tal-Liġi tal-2005 dwar il-Benefiċċji tal-Istat)*

*(c) Kumpens għat-trasport għad-diżabbli li għandhom problemi bil-moviment (Artikolu 7 tal-Liġi tal-2000 dwar il-Kumpens għat-Trasport)*

*O. IL-LUSSEMBURGU*

*Dħul għad-diżabbli serjament (Artikolu 1(2) tal-Liġi tat-12 ta'Settembru 2003), barra persuni rikonoxxuti bħala ħaddiema diżabbli u impjegati fis-suq tax-xogħol ta' din ix-xorta jew f'ambjent protett*

*P. L-UNGERIJA*

*(a) Annwalità għall-invalidità (Digriet Nru 83/1987 (XII 27) tal-Kunsill tal-Ministri għall-annwalità għall-invalidità)*

*(b) Allowance mhux kontributorja għall-età (Att III tal-1993 dwar l-Amministrazzjoni Soċjali u l-Benefiċċji Soċjali)*

*(c) Allowance għat-trasport (Digriet tal-Gvern Nru 164/1995 (XII 27) dwar Allowances għat-trasport għal Persuni b'Diżabbiltà Fiżika Severa)*

*Q. MALTA*

*(a) Allowance supplimentari (Taqsima 73 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) 1987)*

*(b) Pensjoni għall-età (Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) 1987)*

*R. L-OLANDA*

*(a) Wet Arbeidsongeschiktheidsvoorziening jonggehandicapten (Wajong) (Att dwar l-Assistenza għad-Diżabbiltà għaż-Żgħażagħ Diżabbli) tal-24 ta' April 1997*

*(b) Toeslagenwet (TW) (Att dwar il-Benefiċċji Supplimentari) tas-6 ta' Novembru 1986 (TW)*

*S. L-AWSTRIJA*

*Suppliment kumpensatorju (Att Federali tad-9 ta' Settembru 1955 dwar l-Assigurazzjoni Soċjali Ġenerali, Att Federali tal-11 ta' Ottubru 1978 dwar l-Assigurazzjoni soċjali għall-persuni li jaħdmu fin-negozju u l-kummerċ tal 11 ta' Ottubru 1978 u l-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni soċjali għall-bdiewa*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*T. IL-POLONJA*

*Pensjoni soċjali (Att tas-27 ta' Ġunju 2003 dwar il-pensjonijiet soċjali)*

*U. IL-PORTUGALL*

*(a) Pensjoni mhux kontributorja tal-istat għall-età u l-invalidità (Digriet-Liġi Nru 464/80 tat-13 ta' Ottubru 1980)*

*(b) Pensjoni mhux kontributorja għar-romol (Digriet Regolatorju Nru 52/81 tal-11 ta' Novembru 1981)*

*(c) Suppliment ta' solidarjetà għall-anzjani (Digriet-Liġi Nru 232/2005 tad-29 ta' Diċembru 2005, emendat mid-Digriet-Liġi Nru 236/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006*

*V. IS-SLOVENJA*

*(a) Pensjoni tal-istat (Att dwar l-Assigurazzjoni għall-Pensjoni u d-Diżabbiltà tat-23 ta' Diċembru 1999)*

*(b) Appoġġ għad-dħul tal-pensjonanti (Att dwar l-Assigurazzjoni għall-Pensjoni u d-Diżabbiltà tat-23 ta' Diċembru 1999)*

*(c) Allowance għall-Manteniment (Att dwar l-Assigurazzjoni għall-Pensjoni u d-Diżabbiltà tat-23 ta' Diċembru 1999)*

*W. IS-SLOVAKKJA*

*(a) Aġġustament mogħti qabel l-1 ta' Jannar 2004 lil dawk li l-uniku dħul tagħhom hi l-pensjoni*

*(b) Pensjoni soċjali li ngħatat qabel l-1 ta' Jannar 2004*

*X. IL-FINLANDJA*

*(a) Allowance ta' Djar għall-pensjonanti (Att dwar Allowance ta' Djar għall-pensjonanti, 571/2007)*

*(b) Appoġġ għas-suq tax-xogħol (Att dwar il-Benefiċċji għall-Qgħad 1290/2002)*

*(c) Assistenza speċjali għall-immigranti (Att dwar Assistenza Speċjali għall-Immigranti, 1192/2002)*

*Y. L-ISVEZJA*

*(a) Supplimenti ta' djar għal persuni li jirċievu pensjoni (Liġi 2001: 761)*

*(b) Appoġġ finanzjarju għall-anzjani (Liġi 2001: 853)*

*Z. IR-RENJU UNIT*

*(a) Kreditu tal-Istat għall-Pensjoni (Att dwar il-Kreditu ta'l-Istat għall-Pensjoni 2002 u Att dwar il-Kreditu tal-Istat għall-Pensjoni (l-Irlanda ta' Fuq) 2002)*

*(b) Allowances ibbażati fuq id-dħul għal min ifittex ix-xogħol (Att għal Min Ifittex ix-Xogħol 1995 u l-Ordni għal Min Ifittex ix-Xogħol (l-Irlanda ta' Fuq) 1995)*

*(c) Appoġġ għad-dħul (Att dwar il-Kontribuzzjonijiet għas-Sigurtà Soċjali u l-Benefiċċji 1992 u Att dwar il-Kontribuzzjonijiet għas-Sigurtà Soċjali u l-Benefiċċji (l-Irlanda ta' Fuq) 1992)*

*(d) Allowance għall-Ħajja b'Diżabbiltà b'komponent ta' moviment (Att dwar il-Kontribuzzjonijiet għas-Sigurtà Soċjali u l-Benefiċċji 1992 u Att dwar il-Kontribuzzjonijiet għas-Sigurtà Soċjali u l-Benefiċċji (l-Irlanda ta' Fuq) 1992)"*

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*11.* L-Anness XI jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS XI

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

[L-Artikoli 51(3), 56(1) u 83]

A. Il-BELĠJU

Xejn.

***B. IL-BULGARIJA***

***L-Artikolu 33(1), tal-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq is-Saħħa tal-Bulgarija japplika għall-persuni kollha li l-Bulgarija hija l-Istat Membru kompetenti tagħhom skond il-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament.***

C. IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Xejn.

D. ID-DANIMARKA

▌

*1.* (a) Għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni taħt il-lov om social pension (l-Att dwar il-Pensjoni Soċjali), perjodi ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha kkompletati ***skond il-leġiżlazzjoni Daniża*** minn ħaddiem tal-fruntiera jew ħaddiem li mar id-Danimarka biex jagħmel xogħol staġonali huma meqjusa bħala perjodi ta' residenza kkompletati fid-Danimarka mill-konjugi superstitu(a), safejn, matul dawk il-perjodi, il-konjugi superstitu(a) kien(kienet) marbut(a) ma' t'hawn fuq imsemmi(ja) ħaddiem(a) biż-żwieġ mingħajr separazzjoni materjali u fiżika jew separazzjoni de facto għal raġunijiet ta' inkompatibbiltà u sakemm matul dawk il-perjodi l-konjugi kien(kienet) (j)tirresjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "xogħol ta' natura staġonali" ifisser xogħol li, billi jiddependi fuq in-newba tal-istaġuni, jerġa' jinħoloq awtomatikament kull sena.

(b) Għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni taħt il-lov om social pension (l-Att dwar il-Pensjoni Soċjali), perjodi ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha kompluti ***skond il-leġiżlazzjoni Daniża*** qabel l-1 ta' Jannar 1984 minn persuna li għaliha ma japplikax paragrafu 2(a) għandhom jitqiesu bħala perjodi ta' residenza kkompletati fid-Danimarka mill-konjugi superstitu(a), safejn, matul dawk il-perjodi, il-konjugi superstitu(a) kien(kienet) marbut(a) persuna biż-żwieġ mingħajr separazzjoni materjali u fiżika jew separazzjoni de facto għal raġunijiet ta' inkompatibbiltà u sakemm matul dawk il-perjodi l-konjugi kien(kienet) (j)tirresjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

(c) Perjodi li jridu jittieħdu fil-konsiderazzjoni taħt *il-punti* (a) u (b) m'għandhomx jitqiesu jekk ikunu fl-istess perjodi li jkunu tqiesu għall-kalkolu tal-pensjoni dovuta lil dik il-persuna kkonċernata taħt il-leġiżlazzjoni tal-assigurazzjoni obbligatorja ta' Stat Membru ieħor jew fl-perjodi li matulhom il-persuna kkonċernata rċeviet pensjoni taħt tali leġiżlazzjoni. *Dawk* il-perjodi għandhom, madankollu, jitqiesu jekk l-ammont annwali tal-pensjoni msemmija huwa anqas minn nofs l-ammont bażiku tal-pensjoni soċjali.

*2.* (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6, persuni li ma kinux impjegati bi qligħ f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri huma intitolati għal pensjoni soċjali Daniża fil-każ biss li kienu, jew kienu qabel, residenti permanenti fid-Danimarka minn tal-anqas għal tliet snin, suġġetti għal-limiti tal-età preskritti mil-leġiżlazzjoni Daniża. Bla ħsara għall-Artikolu 4, l-Artikolu 7 ma japplikax għal pensjoni soċjali Daniża li d-dritt għaliha jkun inkiseb minn tali persuni.

(b) Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma japplikawx għad-dritt għal pensjoni soċjali Daniża għall-membri tal-familja ta' persuni li huma jew kienu impjegati bi qligħ fid-Danimarka, jew għall-istudenti jew il-membri tal-familji tagħhom.

*3.* Il-benefiċċju temporanju għal persuni qiegħda li ddaħħlu fil-ledighedsydelse (l-iskema ta' "impjieg flessibbli") (Il-Liġi Nru 455 tal-10 ta' Ġunju 1997) huwa kopert mit-Titolu III, il-Kapitolu 6 ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward ta' persuni qiegħda li jmorru fi Stat Membru ieħor, l-Artikoli 64 u 65 japplikaw meta dan l-Istat Membru jkollu skemi ta' impjiegi simili għall-istess kategorija ta' persuni.

*4.* Fejn il-benefiċjarju ta' pensjoni soċjali Daniża huwa intitolat ukoll għal pensjoni tas-superstiti minn Stat Membru ieħor, dawn il-pensjonijiet għat-twettiq tal-leġiżlazzjoni Daniża għandhom jitqiesu bħala benefiċċji tal-istess tip fit-tifsir tal-Artikolu 53(1), suġġett għall-kondizzjoni, madankollu, li l-persuna li l-perjodi tagħha ta' assigurazzjoni jew ta' residenza jservu bħala l-bażi għall-kalkolu tal-pensjoni tas-superstiti kienet akkwistat ukoll id-dritt għal pensjoni soċjali Daniża.

*E.* IL-ĠERMANJA

▌

*1.* Minkejja l-Artikolu 5(a) ***tar-Regolament u*** l-Artikolu 5(4) punt 1, tas-Sozialgesetzbuch VI *(SGB VI)* (il-Volum VI tal-Kodiċi Soċjali), ***persuna li tirċievi*** pensjoni tal-età *skond* il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor ***tista' titlob li tkun assigurata b'mod fl-iskema ta' assigurazzjoni tal-pensjoni fil-Ġermanja.***

*2.* Minkejja l-Artikolu 5(a) ta' dan ir-Regolament u ***l-Artikolu 7 (1) u (3)*** tas-Sozialgesetzbuch VI (il-Volum VI tal-Kodiċi Soċjali), persuna li hija assigurata b'mod obbligatorju fi Stat Membru ieħor jew li tirċievi pensjoni tal-età taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tista' tissieħeb fl-iskema ta' assigurazzjoni volontarja fil-Ġermanja.

***3. Għall-fini li jingħataw benefiċċji fi flus skond paragrafu 47(1) ta' SGB V, paragrafu 47(1) ta' SGB VII u §200(2) tar- Reichsversicherungsordnung (skema ta' assigurazzjoni imperjali) lil persuni assigurati li jgħixu fi Stat Membru ieħor, l-iskemi tal-assigurazzjoni tal-Ġermanja jikkalkulaw il-paga netta, li tintuża biex jiġu vvalutati l-benefiċċji, daqs li kieku l-persuna assigurata tgħexet il-Ġermanja, sakemm il-persuna assigurata ma titlobx valutazzjoni abbażi tal-paga netta li tirċievi.***

***4. Ċittadini ta' Stati Membri oħra li l-post tar-residenza tas-soltu jew ordinarja huwa barra l-Ġermanja u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali tal-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni fil-Ġermanja jistgħu jħallsu kontribuzzjonijiet volontarji biss jekk kienu assigurati volontarjament jew b'mod obbligatorju fl-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni fil-Ġermanja f'xi żmien qabel; dan japplika wkoll għal persuni bla stat u refuġjati li l-post tar-residenza tas-soltu jew ordinarja huwa fi Stat Membru ieħor.***

5. Il-pauschale Anrechnungszeit (il-perjodu ta' kreditu fiss) skond l-Artikolu 253 tal-*SGB* VI ‖ għandu jiġi determinat esklussivament b'riferenza għal perjodi Ġermaniżi.

6. F'każijiet li fihom hija applikabbli l-leġiżlazzjoni Ġermaniża tal-pensjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1991 ***għall-kalkolu mill-ġdid tal-pensjoni,*** il-leġiżlazzjoni Ġermaniża ‖ biss tapplika għall-ikkreditar ta' Ersatzzeiten (perjodi sostituttivi ▌) Ġermaniżi.

***7. Il-leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol ikkompensati skond il-liġi li tirregola l-pensjonijiet barranin u l-benefiċċji għal perjodi ta' assigurazzjoni li jistgħu jiġu kkreditati skond il-liġi li tirregola l-pensjonijiet barranin fit-territorji msemmija fil-paragrafu 1(2)(3) tal-Bundesvertriebenengesetz (il-Liġi dwar persuni bla stat u refuġjati) tkompli tapplika skond it-tifsira tal-applikazzjoni tar-Regolament minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Fremdrentengesetz (il-Liġi dwar il-pensjonijiet barranin).***

***8. Għall-kalkolu tal-ammont teoretiku li hemm referenza għalih f'Artikolu 52(1)(b)(i) tar-Regolament, fl-iskemi tal-pensjoni għall-professjonijiet liberali, l-istituzzjoni kompetenti għandha tieħu bħala bażi, għal kull sena ta' assigurazzjoni kompluta skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, il-medja tal-intitolament tal-pensjoni annwali akkwistata fil-perjodu tas-sħubija mal-istituzzjoni kompetenti permezz tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.***

*F.* L-ESTONJA

Għall-fini tal-kalkolu tal-benefiċċju tal-ġenituri, perjodi ta' impjieg fi Stati Membri l-oħra minbarra l-Estonja għandhom jitqiesu li huma msejsa fuq l-istess ammont medju ta' Taxxa Soċjali li tħallset matul il-perjodi ta' impjieg fl-Estonja li magħhom jingħaddu. Jekk matul is-sena ta' riferenza l-persuna kienet impjegata biss fi Stati Membri oħra, il-kalkolu tal-benefiċċju għandu jitqies li jkun ibbażat fuq il-medja ta' Taxxa Soċjali mħallsa fl-Estonja bejn is-sena ta' riferenza u l-lif tal-maternità.

*G.* IL-GREĊJA

***1. Il-Liġi Nru 1469/84 dwar sħubija volontarja mal-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni għaċ-ċittadini Griegi u ċittadini barranin ta' oriġini Griega tapplika għal ċittadini ta' Stati Membri oħra, persuni bla stat u rifuġjati, fejn il-persuni konċernati, irrispettivament mill-post tar-residenza jew fejn joqogħdu, f'xi żmien fil-passat kienu msieħba b'mod obbligatorju jew volontarju mal-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni tal-Greċja.***

***2. Minkejja l-Artikolu 5(a) tar-Regolament u l-Artikolu 34 tal-Liġi Nru 1140/81, persuna li tirċievi pensjoni għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol jew mard marbut max-xogħol skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tista' titlob li tkun assigurata skond il-leġiżlazzjoni applikata mill-OGA, sakemm huwa/hija jkollu/ha attività li taqa' skond it-tifsira ta' din il-leġiżlazzjoni.***

*H.* SPANJA

▌

*1.* Għall-finijiet tat-twettiq ta' ***l-Artikolu 52(1)(b)(i) tar***-Regolament, is-snin li l-ħaddiem ikun jonqsu biex jilħaq l-età pensjonabbli jew l-età tal-irtirar obbligatorju ***kif*** stipulata ***fil-punt 4 skond l-Artikolu 31(4) tal-verżjoni*** konsolidata tal-Ley de clases pasivas del Estado (Il-Liġi dwar il-Pensjonanti tal-Istat) jitqiesu ***bħala s-snin proprja*** tas-servizz ***lill-Istat*** fil-każ biss li fiż-żmien ***tal-avveniment*** li għalih tkun dovuta pensjoni ta' invalidità jew ta' mewt, il-benefiċjarju kien kopert mill-iskema speċjali Spanjola għall-impjegati ***ċivili*** jew ***wettaq*** attività ***mdaħħla*** *skond* l-iskema, ***jew jekk, fiż-żmien tal-avveniment li għalih ikunu dovuti pensjonijiet, il-benefiċjarju wettaq attività li kienet tirrikjedi li l-persuna konċernata tkun inkluża skond l-iskema speċjali tal-Istat għall-impjegati ċivili, il-forzi armati jew il-ġudikatura, li kieku l-attività twettqet fi Spanja.***

*2.* (a) Taħt l-Artikolu 56(1)(c), il-kalkolu tal-benefiċċju teoretiku Spanjol għandu jsir fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet attwali tal-persuna matul is-snin li jiġu immedjatament qabel il-ħlas tal-aħħar kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali Spanjola. Fejn, fil-kalkolu tal-ammont bażiku għall-pensjoni, perjodi ta' assigurazzjoni u/jew ta' residenza taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra ikollhom jittieħdu f'konsiderazzjoni, il-bażi tal-kontribuzzjoni fi Spanja li tiġi l-eqreb fiż-żmien mill-perjodi ta' riferenza għandha tintuża għall-perjodi msemmija qabel, waqt li jitqies l-iżvilupp tal-indiċi tal-prezzijiet bl-imnut.

(b) L-ammont ta' pensjoni miksub għandu jiżdied bl-ammont taż-żidiet u r-rivalutazzjonijiet ikkalkulati għal kull sena suċċessiva għal pensjonijiet tal-istess tip.

*3.* Perjodi kkompletati fi Stati Membri oħra li għandhom jiġu kkalkulati fl-iskema speċjali għall-impjegati taċ-ċivil, il-forzi armati u l-amministrazzjoni ġudizzjarja, jiġu trattati bl-istess mod, għall-finijiet tal-Artikolu 56 *ta' dan ir*-Regolament, bħall-perjodi l-eqreb fiż-żmien kopert bħala impjegat taċ-ċivil fi Spanja.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

***4. L-ammonti addizjonali bbażati fuq l-età li hemm referenza għalihom fit-Tieni Dispożizzjoni Transitorja tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom ikunu applikabbli għall-benefiċjarji kollha tar-Regolament li għandhom kontribuzzjonijiet f'isimhom skond il-leġiżlazzjoni Spanjola qabel l-1 ta' Jannar 1967; mhuwiex possibbli, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament, li perjodi ta' assigurazzjoni kreditati fi Stat Membru ieħor qabel id-data msemmija qabel jiġu trattati daqs li kieku kienu l-istess bħall-kontribuzzjonijiet imħallsa fi Spanja, għall-għanijiet preżenti biss. Id-data li tikkorrispondi għall-1 ta' Jannar 1967 għandha tkun l-1 ta' Awissu 1970 għall-Iskema Speċjali għall-Baħħara u l-1 ta' April 1969 għall-Iskema tas-Sigurtà Soċjali Speċjali għall-Minjieri tal-Faħam.***

*I.* FRANZA

***1. Ċittadini ta' Stati Membri oħra li l-post tar-residenza jew fejn is-soltu joqogħdu huwa barra Franza u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali tal-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni fi Franza jistgħu jħallsu kontribuzzjonijiet volontarji biss jekk kienu assigurati volontarjament jew b'mod obbligatorju fl-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni fi Franza f'xi żmien qabel; dan japplika wkoll għal persuni bla stat u refuġjati li l-post tar-residenza jew fejn is-soltu joqogħdu huwa fi Stat Membru ieħor.***

*2.* Għall-persuni li jirċievu benefiċċji mhux fi flus fi Franza skond l-Artikoli 17, 24 u 26 tar-Regolament li huma residenti fit-territorji Franċiżi ta' Haut-Rhin, Bas-Rhin jew Moselle, benefiċċji mhux fi flus ipprovduti f'isem l-istituzzjoni ta' Stat Membru ieħor li huwa responsabbli għall-ispejjeż tagħhom jinkludu l-benefiċċji pprovduti kemm mill-iskema ta' assigurazzjoni ta' mard ġenerali kemm mill-iskema obbligatorja supplimentari lokali ta' mard tal-Alsace-Moselle.

*3.* Il-leġiżlazzjoni Franċiża applikabbli għal persuna li taħdem, jew li kienet taħdem, f'attività bħala persuna impjegata jew għal rasha għall-applikazzjoni tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III *ta' dan ir*-Regolament tinkludi kemm l-iskema(i) bażika(ċi) ta' assigurazzjoni tal-età u kemm l-iskema(i) supplimentari tal-irtirar li għalihom il-persuna kkonċernata kienet suġġetta.

*J.* L-IRLANDA

1. ***Minkejja l-Artikolu 21(2) u l-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament, għall***-finijiet ta' kalkolu tad-dħul ***stipulat li jitħallas fil-ġimgħa ta' persuna assigurata għall-għoti*** tal-benefiċċju tal-mard jew ***tal***-qgħad taħt leġiżlazzjoni Irlandiża, ammont ekwivalenti għall-paga medja fil-ġimgħa ***għas-sena relevanti stipulata*** ta' persuni impjegati għandu jiġi kkreditat ***lil dik il***-persuna ***assigurata*** għal kull ġimgħa ta' attività bħala persuna impjegata taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor matul ***is-sena stipulata***.

2. Fejn japplika l-Artikolu 46 ***ta' dan ir-Regolament***, , jekk il-persuna kkonċernata ssofri inkapaċità għax-xogħol li twassal għall-invalidità waqt li tkun suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, l-Irlanda għandha, għall-finijiet tat-***Taqsima 118(1)(a) tal-Att Konsolidat tal-Assistenza Soċjali 2005***, tqis dawk il-perjodi kollha li matulhom, fir-rigward tal-invalidità li segwiet dik l-inkapaċità għax-xogħol, hija kienet ***tkun*** meqjusa bħala inkapaċi għax-xogħol taħt il-leġiżlazzjoni Irlandiża.

*K.* L-ITALJA

Xejn.

*L.* ĊIPRU

Għall-fini tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 51 u 61, għal kull perjodu li jibda fis-6 ta' Ottubru 1980 jew wara, ġimgħa ta' assigurazzjoni skond il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru hija determinata billi ssir id-diviżjoni tad-dħul totali assigurabbli għall-perjodu rilevanti bl-ammont tad-dħul bażiku fil-ġimgħa assigurabbli applikabbli fis-sena ta' kontribuzzjoni rilevanti, sakemm in-numru ta' ġimgħat hekk determinat ma jaqbiżx in-numru ta' ġimgħat kalendarji fil-perjodu rilevanti.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

M. IL-LATVJA

Xejn

N. IL-LITWANJA

Xejn

O. IL-LUSSEMBURGU

Xejn

P. L-UNGERIJA

Xejn

Q. MALTA

***Dispożizzjonijiet speċjali għall-impjegati ċivili:***

***(a) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 49 u 60 tar-Regolament biss, persuni impjegati skond l-Att dwar il-Forzi Armati (Kapitolu 220 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar il-Ħabs (Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta) ikunu trattati bħala impjegati ċivili.***

***(b) Pensjonijiet li jitħallsu skond l-Attijiet imsemmija hawn fuq u skond l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta) ikunu, għall-finijiet tal-Artikolu 1(e) tar-Regolament biss, ikkunsidrati bħala skemi speċjali għall-impjegati ċivili***

R. L-OLANDA

1. Assigurazzjoni fuq il-kura tas-saħħa

(a) Fir-rigward tal-intitolament għall-benefiċċji mhux fi flus taħt il-leġiżlazzjoni Olandiża, persuni intitolati għall-benefiċċji mhux fi flus għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament għandhom ifissru:

i) persuni li, taħt l-Artikolu 2 taż-Zorgverzekeringswet (Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa), huma obbligati jagħmlu assigurazzjoni ma' assiguratur tal-kura tas-saħħa; *u*

ii) safejn huma m'humiex diġà inklużi taħt il-punt (i), ***membri tal-familja tal-persunal militari attiv li qed jgħixu fi Stat Membru ieħor u*** persuni li huma residenti fi Stat Membru ieħor u li, taħt ir-Regolament huma intitolati għall-kura tas-saħħa fl-istat ta' residenza tagħhom, u l-ispejjeż tħallashom l-Olanda.

(b) Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1(a)(i) għandhom, skond id-dispożizzjonijiet taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) jagħmlu assigurazzjoni ma' assiguratur tal-kura tas-saħħa, u l-persuni msemmija fil-paragrafu 1(a)(ii) għandhom jirreġistraw mal-College voor zorgverzekeringen (Il-Bord tal-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa).

(c) Id-dispożizzjonijiet taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) u tal-Algemene ***Wet Bijzondere Ziektekosten*** (***L-Att*** Ġenerali ***dwar l-***Ispejjeż Mediċi ***Eċċezzjonali***) li jikkonċernaw l-obbligu tal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet għandhom japplikaw għall-persuni msemmija taħt il-paragrafu 1(a) u l-membri tal-familji tagħhom. Fir rigward ta' membri tal-familja, il-kontribuzzjonijiet għandhom jintalbu mill-persuni li minnhom ikun ġej id-dritt għall-kura tas-saħħa ***barra l-membri tal-familja ta' persunal militari li jgħixu fi stat membru ieħor li jintalbu l-kontribuzzjonijiet direttament***.

(d) Id-dispożizzjonijiet taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) dwar assigurazzjoni li ssir tard għandhom japplikaw mutatis mutandis fil-każ ta' reġistrazzjoni magħmula tard mal-College voor zorgverzekeringen (il-Bord tal-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) fir-rigward tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1(a)(ii).

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(e) Persuni intitolati għall-benefiċċji mhux fi flus bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru għajr l-Olanda li jirresjedu fl-Olanda jew joqogħdu temporanjament fl-Olanda għandhom ikunu intitolati għall-benefiċċji mhux fi flus skond il-polza offruta lil persuni assigurati fl-Olanda mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza jew il-post fejn ikunu qegħdin, billi jittieħed f'konsiderazzjoni l-Artikolu 11(1), (2) u (3) u l-Artikolu 19(1) taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa), kif ukoll għall-benefiċċji mhux fi flus ipprovduti mill-Algemene wet bijzondere ziektekosten (***l-Att Ġenerali*** dwar ***l-Ispejjez*** Mediċi ***Eċċezzjonali***).

(f) Għall-finijiet tal-Artikoli 23 sa 30, il-benefiċċji li ġejjin ***(u l-pensjonijiet koperti mit-Titolu III, Kapitoli 4 u 5)*** għandhom jiġu ttrattati bħala pensjonijiet dovuti taħt il-leġiżlazzjoni Olandiża:

— pensjonijiet mogħtija taħt *l-Algemene burgerlijke pensioenwet* tas-6 ta' Jannar 1966 (*il-Liġi* dwar il-pensjonijiet għall-ħaddiema taċ-ċivil u s-superstiti tagħhom ‖;

— pensjonijiet mogħtija taħt *l-Algemene militaire pensioenwet* tas-6 ta' Ottubru 1966 (*il-Liġi* dwar il-pensjonijiet tal-persunal militari u s-superstiti tagħhom ‖;

— benefiċċji tal-inkapaċità għax-xogħol mogħtija taħt il-*Wet arbeidsongeschiktheidsvoorziening militairen* tas-7 ta' Ġunju 1972 (*il-Liġi* dwar il-benefiċċji tal-inkapaċità għax-xogħol għall-persunal militari ‖;

— pensjonijiet mogħtija taħt il-Liġi tal-15 ta' Frar 1967 dwar il-pensjonijiet għall-impjegati tal-NV Nederlandse Spoorwegen (Il-Kumpanija tal-Ferroviji Olandiża) u dawk li jibqgħu ħajjin warajhom (Spoorwegpensioenwet) (Att dwar il-Pensjonijiet tal-Ħaddiema tal-Ferroviji);

— pensjonijiet mogħtija taħt ir-Reglement Dienstvoorwaarden Nederlandse Spoorwegen (Ir-Regolament li jirregola l-kondizzjonijiet tal-impjiegi mal-Kumpanija tal-Ferroviji Olandiża);

— benefiċċji mogħtija lil persuni rtirati qabel ma jilħqu l-età tal-pensjoni ta' 65 sena taħt pensjoni maħsuba biex tipprovdi dħul għall-persuni li kienu impjegati, fl-età tal-anzjanità tagħhom, jew benefiċċji pprovduti fil-każ ta' tluq qabel iż-żmien mis-suq tax-xogħol taħt skema mwaqqfa mill-istat jew permezz ta' ftehim industrijali għal persuni fl-età ta' 55 jew aktar ▌.

— ***benefiċċji mħallsa lil persunal militari u impjegati ċivili skond skema applikabbli f'każ ta' tkeċċija, pensjoni u rtirar kmieni.***

(g) Għall-finijiet tal-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament, ir-rifużjoni għan-nuqqas ta' talbiet ipprovduta fl-iskema Olandiża fil-każ ta' użu limitat tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa għandha titqies li hija benefiċċju għall-mard fi flus.

▌

2. L-Applikazzjoni tal-Algemene Ouderdomswet (WAOW) (Il-Leġiżlazzjoni Olandiża dwar l-assigurazzjoni ġenerali tal-età)

(a) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(1) ta' ‖l-AOW ‖ m'għandux jiġi applikat għas-snin kalendarji ta' qabel l-1 ta' Jannar 1957 li matulhom persuna li tirċievi ma tissodisfax il-kondizzjonijiet biex dawn is-snin jiġu ttrattati bħala perjodi ta' assigurazzjoni:

— kienet residenti fl-Olanda bejn l-età ta' 15 u 65, jew

— filwaqt li kienet residenti fi Stat Membru ieħor, ħadmet fl-Olanda għal prinċipal stabbilit fl-Olanda, jew

— ħadmet fi Stat Membru ieħor matul perjodi meqjusa bħala perjodi ta' assigurazzjoni taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Olandiża.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 7 tal-WAOW, kull min kien residenti jew ħadem biss fl-Olanda skond il-kondizzjonijiet ta' hawn fuq qabel l-1 ta' Jannar 1957 għandu wkoll jitqies bħala intitolat għal pensjoni.

(b) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(1) tal-WAOW m'għandux japplika għas-snin kalendarji ta' qabel it-2 ta' Awissu 1989 li matulhom, bejn l-età ta' 15 u 65, persuna li hija jew kienet miżżewġa ma kinitx assigurata taħt il-leġiżlazzjoni ta' hawn fuq, filwaqt li kienet residenti fit-territorju ta' Stat Membru għajr l-Olanda, jekk dawn is-snin kalendarji jaqgħu fl-istess perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati mill-konjugi tal-persuna taħt dik il-leġiżlazzjoni jew fl-istess snin kalendarji li jridu jitqiesu taħt il-paragrafu 2(a), sakemm iż-żwieġ tal-koppja eżista matul dak iż-żmien.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 7 tal-WAOW, tali persuna għandha titqies bħala intitolata għal pensjoni.

(c) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(2) tal-WAOW m'għandux japplika għas-snin kalendarji ta' qabel l-1 ta' Jannar 1957 li matulhom il-persuna konjugi ta' pensjonant li tonqos milli tissodisfa l-kondizzjonijiet biex ikollha dawn is-snin ittrattati bħala perjodi ta' assigurazzjoni:

— kienet residenti fl-Olanda bejn l-età ta' 15 u 65, jew

— filwaqt li kienet residenti fi Stat Membru ieħor, ħadmet fl-Olanda għal prinċipal iwaqqaf fl-Olanda, jew

— ħadmet fi Stat Membru ieħor matul perjodi meqjusa bħala perjodi ta' assigurazzjoni taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Olandiża.

(d) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(2) tal-WAOW m'għandux japplika għas-snin kalendarji ta' qabel it-2 ta' Awissu 1989 li matulhom, bejn l-età ta' 15 u 65, il-persuna konjugi ta' pensjonant li tirresjedi fi Stat Membru għajr l-Olanda ma kinitx assigurata taħt il-leġiżlazzjoni ta' hawn fuq, jekk dawk is-snin kalendarji jaqgħu fl-istess perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati mill-pensjonant taħt dik il-leġiżlazzjoni jew ma' snin kalendarji li jridu jitqiesu taħt il-paragrafu 2(a), sakemm iż-żwieġ tal-koppja kien eżista matul dak iż-żmien.

(e) Il-paragrafi 2(a), 2(b), 2(c) u 2(d) m'għandhomx japplikaw għall-perjodi li jaqgħu fl-istess:

— perjodi li jistgħu jitqiesu fil-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni taħt il-leġiżlazzjoni tal-assigurazzjoni tal-età ta' Stat Membru għajr l-Olanda, jew

— perjodi li għalihom il-persuna kkonċernata ħadet pensjoni tal-età taħt tali leġiżlazzjoni.

Perjodi ta' assigurazzjoni volontarja taħt is-sistema ta' Stat Membru ieħor m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni.

(f) Il-paragrafi 2(a), 2(b), 2(c) u 2(d) għandhom japplikaw biss jekk il-persuna kkonċernata kienet residenti fi Stat Membru wieħed jew aktar għal sitt snin wara l-età ta' 59 u għal dak iż-żmien biss li dik il-persuna kienet residenti f'wieħed minn dawk l-Istati Membri.

(g) Permezz ta' deroga mill-Kapitolu IV tal-WAOW, kull min hu residenti fi Stat Membru għajr l-Olanda li l-persuna konjugi tiegħu hija koperta minn assigurazzjoni obbligatorja taħt dik il-leġiżlazzjoni għandu jkun awtorizzat li jagħmel assigurazzjoni volontarja taħt dik il-leġiżlazzjoni għal perjodi li matulhom il-persuna konjugi hija assigurata b'mod obbligatorju.

Din l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tieqaf fejn l-assigurazzjoni obbligatorja tal-persuna konjugi tintemm b'riżultat ta' mewtha u fejn il-persuna superstita tirċievi biss pensjoni taħt l-Algemene nabestaandenwet (‖ dwar liġi ġenerali għas-superstiti).

Fi kwalunkwe każ, l-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-assigurazzjoni volontarja tieqaf fid-data li fiha l-persuna tilħaq l-età ta' 65.

Il-kontribuzzjoni li trid titħallas għall-assigurazzjoni volontarja għandha tiġi ffissata skond id-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni volontarja taħt l-WAOW. Madankollu, jekk l-assigurazzjoni volontarja ssegwi minn perjodu ta' assigurazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2(b), il-kontribuzzjoni għandha tiġi ffissata skond id-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni obbligatorja taħt l-WAOW, u d-dħul li jiġi kkunsidrat fil-kalkolu ta' din il-kontribuzzjoni jitqies li ġie riċevut fl-Olanda.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(h) L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(g) m'għandha tingħata lil ħadd li jkun assigurat taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor dwar il-pensjonijiet u l-benefiċċji tas-superstiti.

(i) Kull min jixtieq jagħmel assigurazzjoni volontarja taħt il-paragrafu 2(g) għandu jintalab japplika għaliha lill-Sociale Verzekeringsbank (*il*-Bank tal-Assigurazzjoni Soċjali) sa mhux aktar tard minn sena wara d-data li fiha l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni jkunu ssodisfatti.

(j) Għall-finijiet tal-Artikolu 52(1)(b), huma biss il-perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-WAOW wara l-età ta' 15 li għandhom jitqiesu bħala perjodi ta' assigurazzjoni.

3. L-applikazzjoni tal-Algemene nabestaandenwet (ANW) (Il-Liġi ġenerali Olandiża dwar *qraba* superstiti)

▌

(*a*) Fejn il-persuna konjugi superstita hija intitolata għal pensjoni tas-superstiti taħt ‖ *l*-ANW ‖ skond ***l-Artikolu 51(3)***, dik il-pensjoni għandha tiġi kkalkulata skond l-Artikolu 52(1)(b) ***ta' dan ir-Regolament***.

Għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-perjodi ta' assigurazzjoni qabel l-1 ta' Ottubru 1959 għandhom jitqiesu wkoll bħala perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni Olandiża jekk matul dawk il-perjodi l-persuna assigurata, wara l-età ta' 15:

— kienet residenti fl-Olanda, jew

— filwaqt li kienet residenti fi Stat Membru ieħor, ħadmet fl-Olanda għal prinċipal imwaqqaf fl-Olanda, jew

— ħadmet fi Stat Membru ieħor matul il-perjodi meqjusa bħala perjodi ta' assigurazzjoni taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Olandiża.

(*b*) M'għandhomx jittieħdu f'konsiderazzjoni dawk il-perjodi li se jiġu kkunsidrati taħt paragrafu 3(b) li jaqgħu fl-istess perjodi ta' assigurazzjoni obbligatorja kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor fil-każ ta' pensjonijiet tas-superstiti.

(*c*) Għall-finijiet tal-Artikolu 52(1)(b), huma biss il-perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni Olandiża wara l-età ta' 15 li jitqiesu bħala perjodi ta' assigurazzjoni.

(*d*) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 63a(1) tal-ANW, persuna residenti fi Stat Membru għajr l-Olanda li l-persuna konjugi tiegħu hija assigurata b'mod obbligatorju taħt l-ANW għandha tkun awtorizzata li tagħmel assigurazzjoni volontarja taħt dik il-leġiżlazzjoni, sakemm assigurazzjoni bħal din tkun diġà bdiet sa …, iżda tkun biss għal perjodi li matulhom il-persuna konjugi tkun assigurata b'mod obbligatorju. Din l-awtorizzazzjoni għandha tieqaf mid-data tat-tmiem tal-assigurazzjoni obbligatorja tal-persuna konjugi taħt l-ANW, kemm-il darba l-assigurazzjoni obbligatorja tal-persuna konjugi ma tintemmx b'riżultat tal-mewt tagħha u fejn il-persuna superstita tirċievi biss pensjoni taħt l-ANW.

Fi kwalunkwe każ, l-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-assigurazzjoni volontarja tieqaf fid-data li fiha l-persuna tilħaq l-età ta' 65.

Il-kontribuzzjoni li trid titħallas għall-assigurazzjoni volontarja għandha tiġi ffissata skond id-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni volontarja taħt l-ANW. Madankollu, jekk l-assigurazzjoni volontarja ssegwi minn perjodu ta' assigurazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2(b), il-kontribuzzjoni għandha tiġi ffissata skond id-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni obbligatorja taħt l-ANW, u d-dħul ikkunsidrat fil-kalkolu ta' din il-kontribuzzjoni jitqies li ġie riċevut fl-Olanda.

4. L-Applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Olandiża dwar l-inkapaċità għax-xogħol

▌

(*a*) ***Fejn***, skond ***l-Artikolu 51(3) tar-Regolament***, , il-persuna kkonċernata hija intitolata għal benefiċċju ta' invalidità Olandiż, l-ammont imsemmi fl-Artikolu 52(1)(b) għall-kalkolu ta' dak il-benefiċċju għandu jiġi ddeterminat:

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*i)* ***fejn, qabel l-okkorrenza tal-inkapaċità għax-xogħol, il-persuna tkun ħadmet l-aħħar bħala persuna impjegata fit-tifsir tal-Artikolu 1(a);*** skond

— skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti ***Wet op arbeidsongeschiktheidsverzekering*** (WAO) ***(il-Liġi dwar l-inkapaċità għax-xogħol) jekk l-inkapaċità għax-xogħol seħħet qabel l-1 ta' Jannar 2004 jew***

— ***id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Wet Werk en inkomen naar arbeidsvermogen (WIA) (il-Liġi dwar l-impjieg u d-dħul skond il-kapaċità għax-xogħol) jekk l-inkapaċità għax-xogħol seħħet fl-1 ta' Jannar 2004 jew qabel.***

ii) ***fejn, qabel l-okkorrenza tal-inkapaċità għax-xogħol, il-persuna konċernata tkun ħadmet l-aħħar bħala persuna li taħdem għal rasha fit-tifsir tal-Artikolu 1(b),*** skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-***Wet arbeidsongeschiktheidsverzekering zelfstandigen*** (WAZ) ***(il-Liġi dwar l-inkapaċita għax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom) jekk l-inkapaċità seħħet qabel l-1 ta' Awissu 2004.***

*(b)* Fil-kalkolu tal-benefiċċji jew taħt il-WAO, **WIA** jew taħt il-WAZ, l-istituzzjonijiet Olandiżi għandhom iqisu:

— perjodi ta' impjieg bi ħlas u perjodi ttrattati bħala tali, ikkompletati fl-Olanda qabel l-1 ta' Lulju 1967;

— perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-WAO;

— perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati mill-persuna kkonċernata, wara l-età ta' 15, taħt l-***Algemene Arbeidsongeschiktheidswet*** (AAW) ***(il-Liġi ġenerali dwar l-inkapaċità għax-xogħol)***, sakemm dawn ma jaqgħux fl-istess perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-WAO;

— perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-WAZ.

— ***perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-WAZ.***

▌

*S.* L-AWSTRIJA

1. ***Għall-finijiet tal-akkwist ta' perjodi fl-assigurazzjoni għall-pensjoni, l-***attendenza fi skola jew stabbiliment edukattiv komparabbli fi Stat Membru ieħor għandha titqies bħala ekwivalenti għal attendenza fi skola jew fi stabbiliment edukattiv skond l-Artikoli 227(1)(1) u 228(1)(3) tal-Allgemeines Sozialversicherungsgesetz (ASVG) (*il-liġi* ġenerali dwar is-sigurtà soċjali), l-Artikolu 116(7) tal-Gewerbliches Sozialversicherungsgesetz (GSVG) (*il-liġi* federali dwar l-assigurazzjoni soċjali għall-persuni li jaħdmu fin-negozju u l-kummerċ) u l-Artikolu 107(7) tal-Bauern-Sozialversicherungsgesetz (BSVG) (*il-liġi* dwar is-sigurtà soċjali għall-bdiewa), meta l-persuna kkonċernata kienet suġġetta f'xi żmien għal-leġiżlazzjoni Awstrijaka minħabba r-raġunijiet li huwa żvolġa attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha, u li l-kontribuzzjonijiet ***speċjali pprovduti*** skond l-Artikolu 227(3) tal-ASVG, l-Artikolu 116(9) tal-GSVG u l-Artikolu 107(9) tal-BSGV ***għax-xiri ta' dawn il-perjodi ta' edukazzjoni,*** huma mħallsa.

▌

*2.* Għall-kalkolu tal-benefiċċju pro rata msemmi fl-Artikolu 52(1)(b), żidiet speċjali fil-kontribuzzjonijiet għal assigurazzjoni supplimentari u l-benefiċċju supplimentari tal-minatur taħt il-leġiżlazzjoni Awstrijaka għandu jiġi injorat. F'dawn il-każijiet, il-benefiċċju pro rata kkalkulat mingħajr dawk il-kontribuzzjonijiet għandu, jekk approprjat, jiżdied b'żiediet speċjali mhux imnaqqsa fil-kontribuzzjonijiet għal assigurazzjoni supplimentari u l-benefiċċju supplimentari tal-minatur.

3. Fejn f'konformità mal-Artikolu 6 perjodi sostituttivi taħt skema ta' assigurazzjoni tal-pensjoni Awstrijaka ġew ikkompletati, iżda dawn ma jistgħux jikkostitwixxu l-bażi għall-kalkolu skond l-Artikoli 238 u 239 ta' ‖ l-ASVG ‖, l-Artikoli 122 u 123 tal-‖ GSVG ‖ *jew* l-Artikoli 113 u 114 tal-‖ BSVG (l-att dwar is-sigurtà soċjali għall-bdiewa), il-bażi tal-kalkolu għall-perjodi ta' kura tat-tfal skond l-Artikolu 239 tal-ASVG, l-Artikolu 123 tal-GSVG u l-Artikolu 114 tal-BSVG għandhom jintużaw.

▌

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

*T.* Il-POLONJA

Xejn

U. Il-PORTUGALL

Xejn

***V. IR-RUMANIJA***

***Xejn***

*W.* Is-SLOVENJA

Xejn

*X.* Is-SLOVAKKJA

Xejn

*Y.* Il-FINLANDJA

▌

*1.* Għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt u tal-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni nazzjonali Finlandiża taħt l-Artikoli 52 sa 54, il-pensjonijiet akkwistati taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor huma ttrattati bl-istess mod bħall-pensjonijiet akkwistati taħt leġiżlazzjoni Finlandiża.

*2.* Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 52(1)(b)(i) għall-fini tal-kalkolu tad-dħul għall-perjodu kkreditat taħt il-leġiżlazzjoni Finlandiża dwar pensjonijiet relatati mad-dħul, fejn individwu għandu perjodi ta' assigurazzjoni tal-pensjoni msejsa fuq attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha fi Stat Membru ieħor għal parti mill-perjodu ta' riferenza taħt il-leġiżlazzjoni Finlandiża, id-dħul għall-perjodu kkreditat għandu jkun ekwivalenti għas-somma tad-dħul miksuba matul il-parti tal-perjodu ta' riferenza Finlandiżi diviż bin-numru ta' xhur li għalihom kien hemm perjodi ta' assigurazzjoni Finlandiżi matul il-perjodu ta' riferenza.

Z. L-IŻVEZJA

1. Meta titħallas allowance tal-lif tal-ġenituri taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 67 lil membru ta' familja li m'huwiex impjegat, l-allowance tal-lif tal-ġenituri titħallas f'livell li jikkorrispondi għal-livell bażiku jew l-aktar baxx.

***2. Għall-fini li jiġi kkalukulat l-allowance għal-lif tal-ġenituri skond il-Kapitolu 4, paragrafu 6 tal-Lag (1962:381) om allmän försäkring (il-Liġi dwar l-assigurazzjoni nazzjonali) għall-persuni eliġibbli għal allowance għal-lif tal-ġenituri bbażat fuq ix-xogħol, għandu japplika dan li ġej:***

***Għall-ġenitur li d-dħul iġġenerat mill-benefiċċju għall-mard tiegħu huwa kkalkulat fuq il-bażi tad-dħul minn impjieg bi ħlas fl-Isvezja, il-ħtieġa li wieħed ikun assigurat għall-benefiċċju tal-mard 'il fuq mil-livell minimu ta' mill-inqas 240 jum konsekuttiv qabel it-twelid tat-tarbija trid tiġi sodisfatta jekk, matul il-perjodu msemmi, il-ġenitur kellu dħul minn impjieg bi ħlas fi Stat Membru ieħor li jikkorrispondi għall-assikurazzjoni li taqbeż il-livell minimu.***

*3.* Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni ***jew perjodi ta' residenza*** m'għandhomx japplikaw għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fil-leġiżlazzjoni Svediża dwar l-intitolament għal pensjoni ggarantita għal persuni mwielda fl-1937 jew qabel li kienu residenti fl-Iżvezja għal perjodu speċifikat qabel ma' applikaw għal pensjoni (l-Att 2000:798).

*4.* Għall-fini tal-kalkolu tad-dħul nozzjonali għal ***kumpens*** tal-mard relatat ***mal-paga*** u għall-***kumpens*** fuq l-attività relatata ***mal-paga*** skond il-Kapitolu 8 tal-Lag (1962:381) om allmän försäkrings (*il-Liġi* dwar l-assigurazzjoni nazzjonali), għandu japplika dan li ġej:

a) fejn il-persuna assigurata, matul il-perjodu ta' riferenza, kienet ukoll suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed ieħor jew aktar bis-saħħa ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha, d-dħul fl-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i) għandu jitqies li huwa ekwivalenti għad-dħul gross medju tal-persuna assigurata fl-Iżvezja matul il-parti tal-perjodu ta' riferenza Svediż, ikkalkulat bid-diviżjoni tad-dħul fl-Iżvezja bin-numru ta' ***snin*** li matulhom kien hemm dak id-dħul;

b) fejn il-benefiċċji huma kkalkulati skond l-Artikolu 46 u l-persuni ma jkunux assigurati fl-Iżvezja, il-perjodu ta' riferenza għandu jiġi ddeterminat skond il-Kapitolu 8, il-paragrafi 2 u 8 tal-Att imsemmi hawn fuq daqs li kieku l-persuni kkonċernati kienu assigurati fl-Iżvezja. Jekk il-persuna kkonċernata m'għandha l-ebda dħul li jwassal għall-pensjoni matul dan il-perjodu taħt l-Att dwar il-pensjoni tal-età relatata ***mal-paga*** (1998:674), il-perjodu ta' riferenza għandu jitħalla jiddekorri mill-aktar punt bikri fiż-żmien minn meta l-persuna assigurata kellha dħul minn ***attività*** bi qligħ fl-Iżvezja.

5. (a) Għall-fini tal-kalkolu ***tal-assi*** nozzjonali pensjonabbli għall-pensjoni relatata ***mal-paga*** tal-persuna superstita (Att 2000:461), jekk il-ħtieġa fil-leġiżlazzjoni Svediża għad-dritt tal-pensjoni f'minn tal-anqas tlieta mill-ħames snin kalendarji li jiġu immedjatament qabel il-mewt tal-persuna assigurata (perjodu ta' riferenza) ma tiġix issodisfatta, għandhom jitqiesu wkoll perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati fi Stati Membri oħra daqs li kieku kienu kkompletati fl-Iżvezja. Perjodi ta' assigurazzjoni fi Stati Membri oħra għandhom jitqiesu bħala msejsa fuq il-medja tal-bażi tal-pensjoni Svediża. Jekk il-persuna konċernata għandha sena waħda biss fl-Iżvezja b'bażi ta' pensjoni, kull perjodu ta' assigurazzjoni fi Stat Membru ieħor għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi l-istess ammont.

(b) Għall-fini tal-kalkolu tal-krediti nozzjonali tal-pensjoni, għall-pensjonijiet tan-nisa romol relatati ma' mwiet fl-1 ta' Jannar 2003 jew wara, jekk il-ħtiġijiet tal-leġiżlazzjoni Svediża għall-krediti tal-pensjoni f'minn tal-anqas tnejn mill-erba' snin li jiġu immedjatament qabel il-mewt tal-persuna assigurata (il-perjodu ta' riferenza) ma jiġux issodisfatti u perjodi ta' assigurazzjoni kienu kkompletati fi Stat Membru ieħor matul il-perjodu ta' riferenza, dawk is-snin għandhom jitqiesu bħala msejsa fuq l-istess krediti tal-pensjoni bħal tas-sena Svediża.

ZA. Ir-RENJU UNIT

1. Fejn, skond il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, persuna jista' jkollha d-dritt għal pensjoni tal-irtirar jekk:

a) il-kontribuzzjonijiet tal-konjugi preċedenti jitqiesu daqs li kieku kienu l-kontribuzzjonijiet ta' dik il-persuna nnifisha; jew

b) il-kondizzjonijiet rilevanti tal-kontribuzzjoni huma ssodisfatti mill-konjugi jew il-konjugi preċedenti ta' dik il-persuna,

u sakemm, f'kull każ, li l-konjugi jew il-konjugi ta' qabel tkun jew kienet tiżvolġi attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha, u kienet suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew aktar, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw sabiex jiġi ddeterminat id-dritt taħt il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit. F'dan il-każ, riferenzi f'dan il-Kapitolu 5 għal "perjodi ta' assigurazzjoni" għandhom jinftehmu bħala riferenzi għal perjodi ta' assigurazzjoni kkompletati minn:

i) konjugi jew konjugi ta' qabel fejn issir talba minn:

— mara miżżewġa; jew

— persuna li ż-żwieġ tagħha ntemm għal raġunijiet għajr il-mewt tal-konjugi, jew

ii) konjugi ta' qabel, fejn issir talba minn:

— armel li immedjatament qabel l-età pensjonabbli m'huwiex intitolat għal allowance ta' ġenituri romol; jew

— armla li immedjatament qabel l-età tal-pensjoni m'hijiex intitolata għal allowance ta' omm armla, allowance ta' ġenituri romol jew pensjoni ta' armla, jew li hija ntitolata biss għal pensjoni ta' armla relatata mal-età, ikkalkulata skond l-Artikolu 52(1)(b), u għal dan il-fini "pensjoni ta' armla relatata mal-età" tfisser pensjoni ta' armla li titħallas b'rata mnaqqsa skond it-taqsima 39(4) tal-Att dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali 1992.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 ***ta' dan ir-Regolament*** tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-intitolament għal allowance ta' assistenza fid-dar, allowance ta' kuranti u allowance ta' kuranti li toqgħod mal-pensjonanta, perjodu ta' impjieg, impjieg għal rasu(ha) kkompletata fit-territorju ta' Stat Membru għajr ir-Renju Unit għandhom jitqiesu sakemm huwa meħtieġ biex jissodisfaw il-kondizzjonijiet dwar ***il-perjodi meħtieġa ta'*** preżenza fir-Renju Unit, qabel il-jum li fih isir dovut l-intitolament għall-benefiċċju rilevanti.

3. ***Għall-finijiet tal-***Artikolu 7 ***tar-Regolament, f'każ ta'*** benefiċċji fi flus għall-invalidità, tal-età jew tas-superstiti, pensjonijiet għal inċidenti fuq ix-xogħol jew mard okkupazzjonali jew ta' għotjiet relatati ma' mewt, ***kull benefiċjarju taħt il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit*** li qed joqgħod fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ***għandu, matul il-qagħda, ikun ikkunsidrat daqs li kieku joqgħod fit-territorju ta' dak l-Istat Membru ieħor***.

4. Fejn japplika l-Artikolu 46, jekk il-persuna konċernata ssofri inkapaċità għax-xogħol li twassal għall-invalidità waqt li tkun suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, ir-Renju Unit għandu, għall-finijiet tat-Taqsima 30A (5) tal-Att dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali 1992, iqis il-perjodi kollha li matulhom il-persuna kkonċernata rċeviet, minħabba dik l-inkapaċità għax-xogħol:

*a)* għotjiet ta' flus minħabba mard jew pagi jew salarji minflokhom,

*b)* benefiċċji fit-tifsir tal-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu III mogħtija fir-rigward tal-invalidità li segwiet dik l-inkapaċità għax-xogħol,

taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru l-ieħor, daqs li kieku kienu perjodi ta' benefiċċju għall-inkapaċità għal żmien qasir imħallsa skond it-Taqsimiet 30A (1)-(4) tal-Att dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali 1992.

5. Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 46, għandhom jitqiesu biss perjodi li matulhom il-persuna kienet inkapaċi għax-xogħol fit-tifsir tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit.

6. *(a)* Għall-fini tal-kalkolu tal-fattur ta' qligħ sabiex jiġi ddeterminat l-intitolament għall-benefiċċji taħt il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, għal kull ġimgħa ta' attività bħala persuna impjegata taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, u li tkun bdiet matul is-sena rilevanti tat-taxxa fuq id-dħul fit-tifsir tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, il-persuna konċernata għandha titqies li ħallset il-kontribuzzjonijiet ta' persuna impjegata li qalgħet il-flus, jew jkollha dħul li fuqu tħallsu l-kontribuzzjonijiet, fuq il-bażi ta' qligħ ekwivalenti għal żewġ terzi tal-ogħla limitu ta' dħul għal dik is-sena.

*(b)* Għall-finijiet tal-Artikolu 52(1)(b)(ii), fejn:

*i)* fi kwalunkwe sena tat-taxxa fuq id-dħul li tibda fis-6 ta' April 1975 jew wara, persuna li tiżvolġi attività bħala persuna impjegata u kkompletat perjodi ta' assigurazzjoni, ta' impjieg jew ta' residenza esklussivament fi Stat Membru għajr ir-Renju Unit, u l-applikazzjoni tal-paragrafu 6*(a)* imsemmi hawn fuq tirriżulta li dik is-sena tingħadd bħala sena li tikkwalifika fit-tifsir tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit għall-finijiet tal-Artikolu 52(1)(b)(i), hija għandha titqies li kienet assigurata għal 52 ġimgħa f'dik is-sena f'dak l-Istat Membru l-ieħor;

*ii)* kwalunkwe sena tat-taxxa fuq id-dħul li tibda fis-6 ta' April 1975 jew wara ma tgħoddx bħala sena li tikkwalifika fit-tifsir tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit għall-finijiet tal-Artikolu 52(1)(b)(i), kull perjodi ta' assigurazzjoni, ta' impjieg jew ta' residenza kkompletati f'dik is-sena għandhom jiġu injorati.

*(c)* Għall-fini tal-konverżjoni ta' fattur tad-dħul f'perjodi ta' assigurazzjoni, il-fattur tad-dħul miksub fis-sena rilevanti tat-taxxa fuq id-dħul fit-tifsir tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit għandu jiġi diviż bil-limitu l-aktar baxx tad-dħul ta' dik is-sena. Ir-riżultat għandu jkun espress bħala numru sħiħ, u tiġi injorata kull frazzjoni li jibqa'. Iċ-ċifra hekk ikkalkulata għandha tiġi ttrattata daqs li kieku tirrappreżenta n-numru ta' ġimgħat ta' assigurazzjoni kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit matul dik is-sena sakemm dik iċ-ċifra ma taqbiżx in-numru ta' ġimgħat li matulhom f'dik is-sena l-persuna kienet suġġetta għal dik il-leġiżlazzjoni."

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

## Estensjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom *

P6_TA(2008)0350

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 u tar-Regolament (KE) Nru [ …] għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (COM(2007)0439 — C6-0289/2007 — 2007/0152(CNS))**

(2009/C 294 E/51)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2007)0439),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 63(4) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0289/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0209/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3a) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari, u notevolment l-Artikolu 34(2) tagħha.* |

**Emenda 2**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(6a) il-promozzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni soċjali u t-titjib tal-istandard tal-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja fl-Istati Membri huma objjettivi tal-Unjoni Ewropea.* |

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

## Istruzzjonijiet konsulari komuni: elementi ta' identifikazzjoni bijometriċi u applikazzjonijiet għal viża ***I

P6_TA(2008)0358

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari fir-rigward tal-introduzzjoni tal-bijometriċi inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi (COM(2006)0269 — C6-0166/2006 — 2006/0088(COD))**

(2009/C 294 E/52)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0269),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 62(2)(b)(ii) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0166/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0459/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## P6_TC1-COD(2006)0088

**Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2008 bil-hsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru…/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-vizi ghall-missjonijiet diplomatici u l-ufficcji konsulari fir-rigward tal-introduzzjoni tal-biometrici inkluzi dispozizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riceviment u l-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-vizi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62 (2) b) ii) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ‖,

Filwaqt li jagixxu *skond il*-procedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

([1]) *Pozizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008.*

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

Billi:

(1) Biex ikun zgurat li l-ivverifikar u l-identifikazzjoni tal-applikanti ghall-viza jkunu affidabbli huwa mehtieg li d-data biometrika tigi processata fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Vizi (VIS) stabbiliti *bid-Decizjoni* tal-Kunsill 2004/512/*KE* ([1]) u li jkun provdut qafas legali ghat-tehid ta' dawn l-identifikaturi biometrici. Barra minn dan, *l-implimentazzjoni* tal-VIS tinhtieg forom godda ta' organizzazzjoni ghar-riceviment tal-applikazzjonijiet ghall-vizi.

(2) L-integrazzjoni tal-identifikaturi biometrici fil-VIS hija pass importanti lejn l-uzu ta' elementi godda, li jistabbilixxu rabta aktar affidabbli bejn id-detentur tal-viza u l-passaport sabiex jigi evitat l-uzu ta' identitajiet foloz. Ghalhekk, il-prezentazzjoni personali tal-applikant ghall-viza — almenu ghall-ewwel applikazzjoni — ghandha tkun wahda mill-htigiet bazici ghall-hrug ta' viza bir-registrazzjoni ta' identifikaturi biometrici fil-VIS.

(3) ▌*Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tad-9 ta' Lulju 2008* dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar *il-Viza* (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar vizi ghal *perjodu qasir (Regolament VIS)* ([2]) ***jipprovdi li l-marki tas-swaba' u r-ritratti tal-applikant ghandhom jintrefghu fil-VIS***. Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-istandards ghall-gbir ta' dawn l-identifikaturi *biometrici* billi jirreferi ghad-dispozizzjonijiet relevanti stipulati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Civili (l-ICAO). Mhumiex mehtiega aktar specifikazzjonijiet teknici biex tkun zgurata l-interoperabbilità.

***(4) L-arrangamenti biex jintlaqghu l-applikanti ghandhom isiru bir-rispett li jixraq ghad-dinjità u l-integrità tal-bniedem. L-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-vizi ghandu jitmexxa b'manjiera professjonali u rispettuza u jkun proporzjonali ghall-objettivi segwiti.***

*(5)* Sabiex tkun iffacilitata r-registrazzjoni tal-applikanti ghall-viza u jitnaqqsu l-ispejjez ghall-Istati Membri jehtieg li jigu previsti possibbiltajiet organizzattivi godda apparti l-qafas ezistenti ta' "rapprezentanza". Qabel xejn, tip specifiku ta' rapprezentanza limitata ghar-riceviment tal-applikazzjonijiet ghall-vizi u r-rilevar tal-identifikaturi biometrici ghandhom jizdiedu mal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni.

*(6)* Ghandhom jiddahhlu ghazliet ohra bhal m'huma l-ko-lokazzjoni, ic-centri komuni ghall-applikazzjonijiet u l-esternalizzazzjoni. Ghandu jigi stabbilit qafas legali xieraq ghal dawn l-ghazliet filwaqt li jigu kkunsidrati b'mod partikolari kwistjonijiet dwar it-tharis tad-data. ***Bil-ghan li tkun zgurata l-integrità tal-process tal-hrug tal-vizi kull attività marbuta mal-hrug tal-vizi, inkluz il-gbir tad-data bijometrika, ghandha titwettaq fil-bini ta' Stat Membru li jkun igawdi l-harsien diplomatiku jew konsulari taht il-ligi interazzjonali jew f'bini tal-Kummissjoni Ewropea li jkun irrikonoxxut mill-Istat ospitanti bhala wiehed invjolabbli.*** *Skond* il-qafas legali li jigi stabbilit l-Istati Membri ghandhom ikunu hielsa *li* jiddeciedu liema tip ta' struttura organizzattiva *se* juzaw f'kull wiehed mill-pajjizi terzi. Id-dettalji dwar *dawk* l-istrutturi ghandhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni ***fuq sit komuni tal-internet tal-viza ta' Schengen***.

*(7)* Meta jkunu qed jorganizzaw il-kooperazzjoni, l-Istati Membri ghandhom jizguraw li l-applikant ikun iggwidat lejn l-Istat Membru responsabbli ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni tieghu/*taghha*.

*(8)* ***Peress li l-hrug tal-vizi hu min-natura tieghu stess kompitu pubbliku, kull decizjoni mehuda mill-awtoritajiet centrali ta' Stat Membru*** li jesternalizzaw parti mill-process tat-trattament tal-vizi lil fornitur estern tas-servizzi ***ghandha tittiehed biss jekk ma tkun tezisti l-ebda possibilità ohra u jekk tkun debitament iggustifikata***. Dawn l-arrangamenti ghandhom ikunu stabbiliti b'konformità stretta mal-principji generali fir-rigward tal-hrug tal-vizi, u b'rispett lejn l-obbligi ghat-tharis tad-*data* stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipprocessar tad-*data* personali u l-moviment hieles ta' din id-*data* ([3]).

([1]) GU L 213, ‖15.6.2004, p. 5.
([2]) *GU L 218, 13.8.2008, p. 60.*
([3]) *GU L 281, 23.11.1995, p. 31.*

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

*(9)* ***Kull kuntratt li*** *Stat Membru* **jikkonkludi** ma' ***fornitur*** *estern* tas-servizzi *għandu jkun fih dispożizzjonijiet dwar* ir-responsabbiltajiet *preċiżi* ***tal-fornitur***, *l*-aċċess dirett u totali għall-uffiċċji ***tiegħu***; l-informazzjoni *tal*-applikanti, il-kunfidenzjalità***, il-konformità mar-regoli għall-ħarsien tad-data*** u ċ-ċirkustanzi, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għas-sospenzjoni jew it-terminazzjoni tal-kuntratt. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-kuntratti ma' fornituri esterni tas-servizzi ikunu infurzabbli.***

*(10)* ***L-Istati Membri għandhom ifittxu li jorganizzaw l-ilqugħ tal-applikazzjonijiet għal viża, ir-reġistrazzjoni tal-identifikaturi bijometriċi u l-intervista b'tali mod li min japplika għal viża jkollu jidher personalment darba waħda biss sabiex jakkwista viża (il-prinċipju one-stop-shop).***

*(11)* ***Il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data ħareġ opinjoni skond l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 fuq il-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u fuq il-moviment ħieles ta' data bħal din*** (1) ***u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 skond l-Artikolu 30(1)(c) tad-Direttiva 95/46/KE.***

*(12)* ***Id-Direttiva 95/46/KE tapplika għall-ipproċessar ta' data personali b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, ċerti punti għandhom jiġu ċċarati b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabilità għall-ipproċessar tad-data, tal-ħarsien tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u tas-superviżjoni dwar il-ħarsien tad-data.***

*(13)* L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu aċċess dirett għall-uffiċċji konsulari tagħhom jew għall-missjonijiet diplomatiċi mmexxija minnhom għal raġunijiet umanitarji jew għal raġunijiet oħra lil ċerti kategoriji ta' applikanti jew lill-applikanti kollha.

*(14)* Sabiex tiġi *ffaċilitata* l-proċedura għal kull applikazzjoni *sussegwenti*, għandu jkun possibbli li tiġi kkupjata d-data *bijometrika* mill-ewwel applikazzjoni fi żmien **59** xahar ***mil-bidu tal***-perjodu ta' żamma tad-data ***li jaħseb għalih l-Artikolu 23 tar***-Regolament VIS. Ladarba jaqbeż dan il-perjodu ta' żmien, l-identifikaturi *bijometriċi* jkollhom jerġgħu jittieħdu mill-ġdid.

*(15)* Minħabba l-ħtieġa tat-teħid tal-identifikaturi biometriċi, ma jistgħux jibqgħu jintużaw intermedjarji kummerċjali bħal mhuma aġenti tal-ivvjaġġar għall-ewwel applikazzjoni imma jistgħu jintużaw biss għal applikazzjonijiet suċċessivi.

*(16)* L-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għal missjonijiet diplomatiċi u uffiċċji konsulari għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

*(17)* Il-Kummissjoni għandha *tipprezenta* rapport dwar l-*implimentazzjoni* ta' dan ir-Regolament ***tliet snin*** wara ***li l-VIS ikun beda jitħaddem u kull erba' snin wara dan***, u fih tkopri l-*implimentazzjoni* tar-*reġistrazzjoni* tal-identifikaturi *bijometriċi,* ***kemm ikun jixraq l-istandard tal-ICAO magħżul, il-konformità mar-regoli tal-ħarsien tad-data, l-esperjenza ma' fornituri esterni tas-servizzi b'referenza speċifika għall-ġbir ta' data bijometrika,*** il-prinċipju ta' "l-ewwel *applikazzjoni*" u l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi. ***Ir-rapport għandu jinkludi wkoll, fuq il-bażi tal-Artikolu 17(12), (13) u (14) u l-Artikolu 50(4) tar-Regolament VIS, il-każijiet fejn il-marki tas-swaba' ma jistgħux jiġu pprovduti b'mod fattwali jew fejn ma kinux meħtieġa li jiġu pprovduti għal raġunijiet legali meta mqabbla ma' każijiet li fihom il-marki tas-swaba' huma meħuda. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni fuq każijiet li fihom persuna li ma setgħetx tipprovdi marki tas-swaba' b'mod fattwali ġiet miċħuda viża.***

(1) ***GU L 8, 12.1.2001, p. 1.***

(18) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, li huwa l-organizzazzjoni tal-ilqugħ u l-ipprocessar tal-applikazzjonijiet tal-viża f'dak li jirrigwarda t-tidħil tad-data bijometrika fil-VIS, ma jistgħax jintlaħaq b'mod sufficjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f' dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessasrju sabiex jinkiseb dak l-għan ‖.

▌

***(19) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.***

*(20)* F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka kif anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u mhijiex marbuta minnu jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 tal-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta dan ir-Regolament, jekk hux ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

*(21)* Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim ([1]).

*(22)* Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet dwar l-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([2]). Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex se jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbuta bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

*(23)* Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irland biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen) ([3]). Għalhekk l-Irlanda mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

*(24)* Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skond it-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-*Deċiżjoni* tal-Kunsill *2004/860/KE tal-25 ta' Ottubru 2004* dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ([4]).

*(25)* Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew inkella huwa relatat miegħu skond it-tifisra tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003,

---

([1]) GU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([2]) *GU L 131, 1.6.2000, p.43.*
([3]) *GU L 64, 7.3.2002, p.20.*
([4]) *GU L 370, 17.12.2004, p.78.*

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-vizi ghal missjonijiet diplomatici u ufficcji konsulari huma emendati kif gej:

(1) Fil-Punt II, il-punt 1.2 *ghandu* jigi emendat kif gej:

(a) *Fil-punt* (b), *ghandu* jizdied il-paragrafu li gej:

"Stat Membru jista' wkoll jirrapprezenta Stat Membru iehor jew aktar biss ghar-riceviment tal-applikazzjonijiet u r-rilevar tal-identifikaturi biometrici. Ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet relevanti *tal-punti* 1.2 (c) u (e). ***Meta jircievi applikazzjoni l-Istat Membru rapprezentant ghandu johloq il-fajl tal-applikazzjoni fil-VIS u jdahhal id-data msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament VIS (*) Dan ghandu imbaghad jinforma lill-ufficcju konsulari tal-Istat Membru rrapprezentat dwar l-applikazzjoni u l-entrata fil-VIS permezz tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS kif jipprovdi l-Artikolu 16 tar-Regolament VIS.*** Ir-riceviment u t-trazmissjoni tal-fajls u d-data ghall-ufficcju konsulari rapprezentat ghandhom isiru skond ir-regoli relevanti tat-tharis tad-data u s-sigurtà.

(*) ***Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viza (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar vizi ghal perjodu qasir (Regolament VIS) (GU L 218, 13.8.2008, p. 60).***."

(b) Il-punt (d) *ghandu jinbidel* b'dan li gej:

"Meta jinhargu vizi uniformi skond *il-punti* (a) u (b), ir-rapprezentanza ghandha tkun riflessa fit-tabella tar-rapprezentanza ghall-hrug tal-vizi uniformi kif stabbilit fl-Anness 18."

***(2) Fil-Punt III, ghandu jigi mizjud il-punt -1:***

"***Imgieba tal-istaff involut fl-applikazzjonijiet tal-viza***

***L-Istati Membri ghandhom jizguraw li l-applikanti jintlaqghu bil-kortesija mill-istaff kollu involut fl-applikazzjonijiet tal-viza***.

***L-istaff kollu, fit-twettiq tad-dmirijiet tieghu, ghandu jirrispetta f'kollox id-dinjità umana u l-integrità tal-applikant. Kull mizura li tittiehed ghandha tkun proporzjonata ghall-objettivi segwiti.***

***Waqt it-twettiq tal-kompiti tieghu, l-istaff m'ghandux jiddiskrimina kontra persuni ghal ragunijiet ta' sess, origini razzjali jew etnika, religjon jew twemmin, dizabilità, età jew orjentament sesswali.***"

*(3)* Fil-Punt III, il-punt 1 *ghandu jinbidel* b'*dan* li gej:

"*1.1* Formoli ta' applikazzjoni ghall-viza — numru ta' applikazzjonijiet

***L-applikanti*** ukoll huma mitluba jimlew il-formola ghall-viza uniformi. L-applikazzjonijiet ghall-viza uniformi jridu jsiru billi tintuza l-formola armonizzata li mudell taghha jidher fl-Anness 16.

Trid timtela almenu kopja wahda tal-formola tal-applikazzjoni sabiex tkun tista' tintuza waqt il-konsultazzjoni mal-awtoritajiet centrali. Fejn il-proceduri amministrattivi nazzjonali jirrikjedu, il-Partijiet Kontraenti jistghu, jistaqsu ghal diversi kopji tal-applikazzjoni.

1.2. Identifikaturi biometrici

a) L-Istati Membri *ghandhom* jigbru minghand l-applikant l-identifikaturi biometrici li jkunu jikkonsistu fix-xbieha tal-wicc u ghaxar marki tas-swaba' ***fil-waqt li jkunu rispettati d-drittijiet*** stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea ghat-Tharis tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali, ***fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*** u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Fil-mument ta' meta tintefa' l-ewwel applikazzjoni ghall-viza, kull applikant/a ***li t/jibbenefika minn xi wahda mill-ezenzjonijiet imsemmija fil-punt (b)*** *ghandu/ha jkun/tkun mitlub(a)* jidher/tidher in persuna. F'dak il-mument ghandhom jingabru l-identifikaturi biometrici li gejjin:

— ritratt, skannjat jew mehud fil-hin meta tintefa' l-applikazzjoni u

— ghaxar marki tas-swaba' mehuda ghac-catt u mehuda b'mod digitali.

Ghal kull applikazzjoni *sussegwenti*,, ***fi zmien 59 xahar mill-bidu tal-perjodu ta' zamma li jipprovdi ghalih l-Artikolu 23 tar-Regolament VIS,*** l-identifikaturi biometrici ghandhom jigu kkupjati mill-ewwel applikazzjoni, bil-kondizzjoni li ma jkunux ghaddew aktar minn 48 xahar mill-ahhar rilevar. Wara dan il-perjodu, applikazzjoni *successiva* ghandha titqies bhala l-ewwel applikazzjoni

Il-htigiet teknici ghar-ritratt u l-marki tas-swaba' ghandhom ikunu skond l-istandards internazzjonali kif stabbiliti fid-Dokument 9303 tal-ICAO, il-Parti 1 (passaporti) is-Sitt Edizzjoni (*).

L-identifikaturi biometrici ghandhom jittiehdu minn staff kwalifikat u awtorizzat kif xieraq li jahdem ghall-missjoni diplomatika jew fl-ufficcju konsulari jew, taht is-sorveljanza ***u r-responsabilità*** ta' dawn, staff tal-fornitur estern tas-servizzi kif imsemmi fil-punt 1. B.

Id-data ghandha tiddahhal ‖*fil-VIS* esklussivament mill-istaff konsulari awtorizzat kif xieraq ***imsemmi fl-Artikolu*** 4(1), ***skond*** l-Artikolu 5 tar-*Regolament* tal-VIS.

***L-Istati Membri ghandhom jizguraw li jsir uzu shih tal-kriterji kollha tar-ricerka skond l-Artikolu 13 tar-Regolament VIS sabiex jigi evitat li jsiru cahdiet u identifikazzjonijiet foloz.***

***Il-gbir tal-identifikaturi bijometrici, inkluz it-trazmissjoni taghhom mill-fornitur tas-servizzi lill-ufficcju konsulari responsabbli, ghandu jkun issorveljat skond l-Artikoli 41 u 43 tar-Regolament VIS u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).***

b) *Ezenzjonijiet*

L-applikanti li gejjin ghandhom jigu ezentati mill-htiega tal-marki tas-swaba':

— Tfal taht l-età ta' ***12-il sena***;

— Persuni li ghalihom huwa fizikament impossibbli li jittehdulhom il-marki tas-swaba'. Jekk, madankollu, ikun possibbli li jittiehdu inqas minn ghaxar marki tas-swaba', in-numru rispettiv ta' marki tas-swaba' ghandu jittiehed. ***L-Istati Membri ghandhom jizguraw li jkunu fis-sehh proceduri xierqa li jiggarantixxu d-dinjità tal-persuna kkoncernata jekk jinqala' l-kaz li jkun hemm diffikultajiet biex dak li jkun jirregistra. Huma ghandhom jizguraw ukoll li d-decizjoni dwar jekk huwiex impossibbli li jittiehdu l-marki tas-swaba' tkun mehuda dejjem minn staff tal-missjoni diplomatika jew tal-ufficcju konsulari tal-Istat(i) Membru/i liema staff ikun awtorizzat kif jixraq. Barra minn hekk, jekk l-impossibilità tkun wahda temporanja, l-applikant ghandu jkun mehtieg li jaghti l-marki tas-swaba fl-applikazzjoni li jkun imiss. L-istaff konsulari ghandu jkun intitolat li jitlob li jinghata aktar kjarifika tar-ragunijiet ghall-impossibilità temporanja.***

***Il-fatt li t-tehid tal-marki tas-swaba' jkun fizikament impossibbli m'ghandux jinfluwenza l-ghoti jew ic-cahda ta' viza.***

L-Istat Membru ghandu d-dritt li jezenta mill-obbligu tat-tehid tal-identifikaturi biometrici lil dawk li jkollhom passaprt diplomatiku, ufficjali jew tas-servizz jew passaport iehor specjali.

F'kull wiehed minn dawn il-kazi ghandha tiddahhal fil-VIS l-entratura "mhux applikabbli".

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

***Minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Parti III.4 tas-CCI, ghal persuni taht l-età ta' 12-il sena ghandhom jintuzaw ritratti skennjati li ma jkunux jehtiegu li dawn jidhru personalment.***

***L-ezenzjoni mill-obbligu li jinghataw il-marki tas-swaba' fil-kaz tat-tfal, u b'mod partikulari il-firxa ta' etajiet ghat-tehid tal-marki tas-swaba', ghandha tigi rriveduta tliet snin wara l-bidu tat-thaddim tal-VIS. Ghal dan il-ghan il-Kummissjoni ghandha tipprezenta rapport li b'mod partikulari ghandu jkopri l-esperjenza tal-VIS fir-rigward tat-tehid u l-uzu tal-marki tas-swaba' minn tfal ta' 12-il sena u aktar u valutazzjoni teknika ddettaljata tal-affidabilità tat-tehid u l-uzu tal-marki tas-swaba' ta' tfal ta' taht it-12-il sena ghall-ghanijiet ta' identifikazzjoni u verifika f'bazi ta' data ta' skala kbira bhal m'hi l-VIS. Ir-rapport ghandu jinkorpora valutazzjoni estiza tal-impatt ta' limiti ta' età aktar baxxa u ta' dawk aktar gholja ghar-rekwizit tal-marki tas-swaba', inkluzi l-aspetti socjali, ergonomici u finanzjarji.***

***Ir-rapport ghandu jaghmel valutazzjoni simili fir-rigward tat-tehid tal-marki tas-swaba' mix-xjuh. Jekk jaghti l-kaz li r-rapport juri problemi sinjifikanti fit-tehid tal-marki tas-swaba' ta' persuni ta' aktar minn certa età, il-Kummissjoni ghandha taghmel proposta biex jigi impost limitu ta' età massima.***

***Ir-rapport ghandu jkun akkumpanjat, fejn mehtieg, minn proposti xierqa biex jigi emendat dan ir-Regolament.***

(*) Il-htigiet teknici huma l-istess bhal dawk ghall-passaporti mibghata mill-Istati Membri jew ic-cittadini taghhom skond ir-Regolament *tal-Kunsill* (KE) *Nru* 2252/2004 *(GU L 385, 29.12.2004, p. 1).*

***(**) GU L 281, 23.11.1995, p. 31.***"

*(4)* Fil-Punt VII: il-punt 1 *ghandu jinbidel bit-test* li gej:

"*A Organizzazzjoni tar-riceviment u l-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-viza*

Kull Stat Membru ghandu jkun responsabbli ghall-organizzazzjoni u l-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-viza.

Ghal kull lokalità l-Istati Membri ghandhom jew jattrezzaw l-ufficcju konsulari taghhom bit-taghmir necessarju biex jittiehdu/jingabru l-identifikaturi biometrici jew bla hsara ghall-ghazliet ta' rapprezentanza msemmija aktar 'il fuq, jiddeciedu li jikkooperaw ma' Stat Membru iehor jew aktar. Kull kooperazzjoni ghandha tkun forma ta' ko-lokazzjoni jew it-twaqqif ta' Centru Komuni ghall-Applikazzjonijiet jew ***fejn dawn mhux adatti,*** kooperazzjoni ma' msiehba esterni.

a) Meta tinghazel il-'ko-lokazzjoni', l-istaff mill-missjonijiet diplomatici u l-ufficcji konsulari ta' wiehed mill-Istati Membri jew aktar jipprocessa l-applikazzjonijiet (inkluzi l-identifikaturi biometrici) indirizzati lilhom fil-missjoni diplomatika u l-ufficcju konsulari ta' Stat membru iehor u jaqsmu t-taghmir ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri koncernati ghandhom jaqblu dwar it-tul ta' zmien u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-waqfien operattiv tal-ko-lokazzjoni kif ukoll dwar *il-proporzjon* tal-mizata amministrattiva li ghandha tithallas lill-Istat Membru li jkun ipprovda l-missjoni diplomatika jew l-ufficcju konsulari. ***L-applikanti ghandhom jigu rriferuti ghand l-Istat Membru responsabbli ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni ghal viza.***

b) *Meta jkunu stabbiliti* 'Centri Komuni ghall-Applikazzjonijiet', staff minn missjonijiet diplomatici u ufficcji konsulari ta' zewg Stati Membri jew aktar ghandu jingabar f'bini wiehed ***fil-bini ta' Stat Membru wiehed li jkun igawdi harsien diplomatiku jew konsulari taht il-ligi internazzjonali jew f'bini tal-Kummissjoni Ewropea maghruf mill-Istat ospitanti bhala wiehed invjolabbli*** biex hemmhekk jircievu l-applikazzjonijiet ghall-vizi (inkluzi *l-identifikaturi* biometrici) indirizzati lilhom. L-applikazzjonijiet ghandhom jigi diretti lill-Istat Membru responsabbli ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-viza. L-Istat Membri ghandhom jiftiehmu dwar il-tul ta'zmien u l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-waqfien ta' din il-kooperazzjoni kif ukoll dwar kif ikunu se jinqasmu l-ispejjez bejn l-Istati Membri partecipanti. Stat Membru wiehed ghandu jidhol responsabbli ghall-kuntratti fejn ikun jirrigwarda l-logistika u r-relazzjonijiet diplomatici ma' pajjizi ospitanti.

c) *Kooperazzjoni* ma' fornituri esterni tas-servizzi skond 1. B.

*1.B Kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi*

Jekk, ***minħabba ċirkostanzi partikolari jew*** għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni lokali tal-post konsulari, ma jkunx xieraq li l-uffiċċju konsulari jintrama għat-teħid/ il-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi jew li tiġi organizzata ko-lokazzjoni jew li jitwaqqaf Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet, Stat Membru jew diversi Stati Membri jistgħu, b'mod kongunt, jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi għar-riċeviment tal-applikazzjonijiet għall-viżi (inklużi l-identifikaturi bijometriċi). F'każ bħal dan, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i) għandu/għandhom jibqa'/jibqgħu ***responsabbli għall-ipproċessar tad-data u għalhekk*** responsabbli ***għal kull ksur ta' kuntratt u b'mod partikolari*** għall-konformità mar-regoli *tal-ħarsien* tad-*data* fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi. ***Dak/Dawk l-Istat(i) Membru/i għandhom jiżguraw li fornitur estern tas-servizzi skond il-Punt VII, punt 1. B.1 punt b jimpenja ruħu li jwettaq l-attivitajiet tiegħu fl-uffiċċji ta' Stat Membru li jgawdu ħarsien diplomatiku jew konsulari skond il-liġi internazzjonali jew f'uffiċċji tal-Kummissjoni rikonoxxuti mill-Istat ospitanti bħala invjolabbli u li staff ikkwalifikat u awtorizzat kif jixraq tal-missjoni diplomatika jew tal-post konsulari tal-Istat(i) Membru/i huma preżenti biex jissorveljaw mill-qrib l-attivitajiet tal-fornituri esterni tas-servizzi.***

1. B.1 —
*Tipi ta' kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi*

Il-kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi għandha tkun f'dawn il-forom [jew f'waħda minnhom]:

a) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jservi ta' ċentru għas-sejħiet *(call centre)* biex jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu *osservati* meta ssir applikazzjoni għall-viża u jkun responsabbli wkoll għas-sistema tal-appuntamenti;

b) il-fornitur estern tas-servizzi għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-ħtiġiet li għandhom jiġu osservati meta ssir applikazzjoni għall-viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ġustifikattivi u d-*data* bijometrika mingħand l-applikanti u jiġbor il-miżata amministrattiva (kif previst fil-Parti VII, il-punt 4 u l-Anness 12) u jibgħat il-fajls kompluti u id-*data* lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari tal-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar tal-applikazzjoni ***u jreġġa' lura l-passaport lill-applikant jew lir-rappreżentant legali tal-applikant fi tmiem il-proċedura***.

1.B.2 — *Obbligi tal-Istati Membri*

***B'konformità mad-Direttiva 95/46/KE,*** l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu/hom jagħżel/jagħżlu fornitur estern tas-servizzi li jkun kapaċi jiżgura ***kwalità għolja ta' servizz u*** l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi ***meħtieġa*** biex titħares id-*data* personali minn qerda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-*data* fuq xi netwerk jew ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u *data* lill-post konsulari, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar.

Fil-proċess tal-għażla tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri għandhom jagħrblu lill-kumanija biex jaraw jekk hix solventi u affidabbli (u jaraw għandhiex il-liċenzji meħtieġa, għandhiex reġistrazzjoni kummerċjali, u jiflu l-istatuti tagħha u l-kuntratti bankarji) u jiżguraw li ma jkunux jeżisti kunflitt ta' interessi.

***Il-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri jew l-uffiċċji konsulari tagħhom għandhom jiżguraw li l-kumpanija magħżula tkun toffri ħila professjonali relevanti fl-assikurazzjoni tal-informazzjoni u s-sigurtà tad-data. L-Istati Membri għandhom isegwu l-aħjar prattiki ta' akkwist meta jikkuntrattaw servizzi esterni ta' appoġġ għall-viżi.***

Il-fornituri esterni tas-servizzi għall-ebda raġuni m'għandu jkollhom aċċess għas-Sisitema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS). L-aċċess għall-VIS għandu jkun riżervat esklussivament għal staff awtorizzat tal-missjonijiet diplomatiċi jew l-uffiċċji konsulari ***unikament għall-għanijiet stipulati fir-Regolament VIS***.

L-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jagħlqu kuntratt mal-fornitur estern tas-servizzi f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE. Qabel ma jagħlqu kuntratt ta' dan it-tip, il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju tal-Istat Membru konċernat għandu ***jiġġustifika, b'raġunijiet f'konformità mal-Punt VII, punt 1. B, il-ħtieġa tal-kuntratt*** mall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari ta' Stati Membri oħra u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni ▌*fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali.*

**Il-Ħamis, 10 ta’ Lulju 2008**

Apparti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva *95/46/KE*, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:

a) jiddefinixxu r-responsabbiltajiet eżatti tal-fornitur tas-servizzi;

b) jesigu li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi skond l-istruzzjonijiet tal-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-*data* esklussivament għall-fini tal-ipproċessar tad-*data* personali tal-applikazzjonijiet għall-viżi f'isem l-Istati Membri responsabbli f'konformità mad-Direttiva *95/46/KE*;

c) jesigu li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti bl-informazzjoni meħtieġa skond ***l-Artikolu 37*** *tar*-Regolament *VIS*;

***d) jesigu li l-fornitur tas-servizzi jiżgura li l-istaff tiegħu jkun imħarreġ kif jixraq u li jirrispetta r-regoli stabbiliti fil-Punt III, punt -1;***

***e) jesigu li l-fornitur tas-servizzi jadotta miżuri xierqa ta’ kontra l-korruzzjoni;***

***f) jesigu li l-fornitur tas-servizzi jirrapporta għand l-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien kull ksur tas-sigurezza jew kwalunkwe problema oħra;***

***g) jesigu li l-fornitur tas-servizzi jirreġistra kull ilment jew notifikazzjoni mill-applikanti dwar l-użu ħażin ta’ data jew access mhux awtorizzat. Il-fornitur estern tas-servizzi għandu jgħarraf lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari tal-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien u jikkoordina magħhom sabiex isib soluzzjoni. L-ilmenti għandhom jiġu ttrattati b’tali mod li jiġi żgurat li r-risposti spjegattivi jingħataw lill-applikanti tal-viżi fil-pront;***

*h)* jipprovdu għal access mill-istaff konsulari għall-uffiċċji tal-fornitur tas-servizzi, ikun x’ħin u meta jkun;

*i)* jesigu li l-fornitur tas-servizzi ***u l-istaff tiegħu*** josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità ***li għandhom japplikaw ukoll ladarba l-istaff ikun telaq l-impjieg tal-fornitur tas-servizzi estern jew wara s-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-kuntratt;***

***j) jiżguraw li jkun hemm konformità mal-ħarsien tad-data, inkluzi l-obbligi ta’ rappurtaġġ, verifiki esterni, spezzjonijiet għal għarrieda jew b’teħid ta’ kampjun minn, inter alia, awtoritajiet nazzjonali tal-ħarsien tad-data u li jkun hemm mekkaniżmi fis-seħħ għat-tqassim tar-responsabilità ta’ kuntrattur fil-każ li jsir xi ksur tar-regolamenti dwar il-privatezza, inkluż l-obbligu li jingħataw kumpens l-individwi fejn dawn ikunu sofrew ħsara li tirriżulta minn att jew ommissjoni mill-fornitur tas-servizzi;***

***k) jirrikjedu li l-fornitur tas-servizzi ma jikkupjax, jaħżen, jew b’xi mod ieħor iżomm xi data li tkun inġabret wara t-trasmissjoni tal-fajl komplut lill-missjoni diplomatika jew lill-uffiċċju konsulari tal-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar tal-appliazzjoni;***

***l) jirrikjedu li l-fornitur tas-servizzi ma jħallix li jsir xi qari, ikkuppjar, modifika jew tħassir mhux awtorizzati tad-data ta’ viża waqt it-trasmissjoni mill-fornitur tas-servizzi għall-missjoni diplomatika jew għall-uffiċċju konsulari tal-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, b’mod partikolari permezz ta’ tekniki xierqa ta’ kkodifikar;***

*m)* jkun fihom klawżola ta’ sospensjoni jew terminazzjoni;

***n) ikun fihom klawsola ta’ reviżjoni bit-tama li jiġi żgurat li l-kuntratti jkunu jirriflettu l-aħjar prattiki kurrenti;***

***o) jistipulaw regoli dwar l-imġieba tal-istaff responsabbli għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-viżi u għall-ġbir tad-data bijometrika bl-akbar rispett possibbli għad-dinjità tal-bniedem. Kwalunkwe miżura li tittieħed waqt il-qadi ta’ dawk id-dmirijiet għandha tkun proporzjonali mal-għanijiet ta’ dik il-miżura. Waqt it-twettiq tal-kompiti tiegħu, l-istaff m’għandux jiddiskrimina kontra persuni għal raġunijiet ta’ sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali.***

***Għandu jitfassal mudell ta’ kuntratt fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm l-inqas tfarbit possibbli tas-servizz għall-applikanti tal-viża jekk jiġri li l-fornitur estern tas-servizzi jieqaf ħesrem milli jipprovdi s-servizzi mitluba skond il-kuntratt.***

L-Istat Membru jew l-Istati Membri *kkonċernati* għandhom ***jikkoperaw mill-qrib mal-fornitur estern tas-servizzi u għandom*** *jimmoniterjaw* **mill-qrib l**-*implimentazzjoni* tal-kuntratt, *inklużi*:

a) l-informazzjoni ġenerali pprovduta mill-fornitur tas-servizzi lill-applikanti tal-viżi;

b) il-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà u l-miżuri tekniċi u organizzattivi għat-tħaris tad-*data* personali minn qirda aċċidentali jew illegali, minn telfien aċċidentali, minn tibdil, minn żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikun jinvolvi t-trażmissjoni tad-*data* fuq xi netwerk, u minn kull forma oħra illegali ta' pproċessar kif ukoll ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' fajls u *data* lill-post konsulari;

c) *it-teħid* ***u t-trasmissjoni*** tal-identifikaturi bijometriċi;

d) il-miżuri mittieħda biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tad-*data* ***u dwar is-sigurtà tad-data kif ukoll kontra l-korruzzjoni***.

***Il-miżata mħallsa mill-applikant*** m'*għandhiex taqbeż* il-miżata stipulata fl-Anness 12 ***irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jikkoperaw ma' fornituri esterni tas-servizzi.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwaqqaf proċedura li tippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur estern tas-servizzi li jkun qed jittratta xi applikazzjoni għal viża.***

L-istaff konsulari tal-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernat/i għandu jipprovdi t-taħriġ lill-fornitur tas-servizz, li jkun jikkorrespondi mal-għarfien meħtieġ biex ikunu jistgħu jingħataw lill-applikanti għall-viżi servizz xieraq u informazzjoni suffiċjenti.

*1.B.3 — Informazzjoni*

***L-Istati Membri u l-missjonijiet diplomatiċi tagħhom jew l-uffiċċji konsulari tagħhom għandhom jipprovdu lill-pubbliku ġenerali l-informazzjoni relevanti kollha rigward applikazzjoni għal viża, inklużi***:

***a) il-kriterji, kundizzjonijiet u proċeduri għall-applikazzjoni għal viża;***

***b) il-mezz kif jinkiseb appuntament, jekk dan ikun applikabbli;***

***c) il-post fejn għandha ssir l-applikazzjoni (missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari kompetenti, ċentru komuni għall-applikazzjonijiet jew fornitur estern tas-servizzi).***

***Dan it-tagħrif lill-pubbliku ġenerali għandu jkun disponibbli wkoll permezz ta' sit tal-internet komuni tal-viża ta' Schengen.***

***Dak is-sit għandu jkun stabbilit sabiex ikompli jiġu appoġġjati l-applikazzjoni tal-politika tal-viża komuni u t-trattament tal-proċedura tal-viża.***

***1.B.4 — Kampanja ta' Informazzjoni***

***Ftit qabel ma l-VIS tkun bdiet titħaddem f'pajjiż terz il-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari tal-Istati Membri flimkien mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni, għandhom iniedu kampanja fejn jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar l-objettivi segwiti, id-data li tintrefa' fil-VIS u l-awtoritajiet li jkollhom access għall-VIS, u dwar id-drittijiet ta' dawk li japplikaw għal viża. Kampanji bħal dawn għandhom jitmexxew fuq bażi regolari.***

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

1.C *Manutenzjoni tal-access dirett tal-applikanti ghal-missjonijiet diplomatici u l-ufficcji konsulari tal-Istati Membri*

Indipendentement mit-tip ta' kooperazzjoni maghzul, l-Istati Membri jistghu jiddeciedu li jzommu l-possibbiltà li jippermettu access dirett lill-applikanti ghat-tfigh ta' applikazzjoni ghall-viza direttament fl-ufficcji tal-missjoni diplomatika jew l-ufficcji konsulari taghhom. L-Istati Membri ghandhom jizguraw il-kontinwità tal-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-viza f'kaz ta' waqfien hesrem ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri ohra jew ma' kwalunkwe tip ta' fornitur estern tas-servizzi.

1.D *Decizjoni u pubblikazzjoni*

L-Istati Membri ghandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif bi hsiebhom jorganizzaw ir-riceviment u l-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-vizi f'kull post konsulari. Il-Kummissjoni ghandha *tizgura li ssir pubblikazzjoni xierqa* ***fuq is-sit komuni tal-internet tal-viza ta' Schengen.***

L-Istati Membri ghandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'kopja *tal-kuntratti* li jkunu ghalqu.

***1.E Responsabilitajiet Generali***

***1.E.1 Dokumenti***

***Kull dokument, data jew identifikatur bijometriku li jintlaqa' minn, jew f'isem, Stat Membru waqt li tkun ghaddejja applikazzjoni ghal viza ghandu jitqies bhala 'dokument konsulari' taht il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-koperazzjoni konsulari u ghandu jigi ttrattat b'mod li jixraq.***

***1.E.2 Tahrig***

***Qabel ma jigu awtorizzati biex jiehdu l-identifikaturi bijometrici, l-istaff tal-missjoni diplomatika jew ufficcju konsulari ghandu jircievi tahrig xieraq sabiex tkun zgurata registrazzjoni effikaci u wahda professjonali.***

***1.E.3 Responsabilità***

***Kull persuna jew Stat Membru li jkun sofra danni bhala rizultat ta' operazzjoni ta' pprocessar illegali jew kull att li mhux kompatibbli ma' dan ir-Regolament ghandu jkun intitolat li jircievi kumpens mill-Istat Membru li huwa responsabbli ghad-danni sofferti. Dak l-Istat Membru ghandu jkun ezentat mir-responsabilità tieghu, jew kollha kemm hi jew parti minnha, jekk igib il-provi li m'huwiex responsabbli ghall-avveniment li jkun wassal ghad-dannu.***

***Talbiet ghal kumpens kontra Stat Membru ghad-danni msemmija fil-subparagrafu precedenti ghandhom ikunu rregolati mid-dispozizzjonijiet tal-ligi nazzjonali tal-Istat Membru konvenut.***

***1.E.4 Pieni***

***L-Istati Membri ghandhom jiehdu l-passi mehtiega biex jizguraw li kull ksur ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari kull uzu hazin tad-data mressqa ghal applikazzjoni ghal viza, ikun jista' jigi kkastigat b'pieni, inkluzi pieni amministrattivi u/jew pieni kriminali skond il-ligi nazzjonali, li jkunu effettivi, proporzjonali u disswazivi.***"

*(5)* Fil-Punt VIII, il-punt 5.2 *ghandu* jigi emendat kif gej:

a) it-titlu *ghandu jkun* sostitwit b' dan li gej:

"5.2. Kooperazzjoni bejn il-missjonijiet diplomatici u l-ufficcji konsulari tal-Istati Membri mal-intermedjarji kummercjali""

b) is-sentenza li gejja *ghandha* tidhol bejn it-titlu u l-punt 5.2 (a):

"Ghal applikazzjonijiet ripetuti *skond it-tifsira tal*-punt III 1.2., l-Istati Membri jistghu jhallu lill-missjonijiet diplomatici jew l-ufficcji konsulari taghhom jikkooperaw mal-intermedjarji kummercjali (jigifieri agenziji amministrattivi privati, agenziji tat-trasport jew tal-ivvjaggar, operaturi turistici jew il-bejjiegha taghhom))."

Artikolu 2

Il-Kummissjoni ghandha taghmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-*implimentazzjoni* ***ta' dan ir-Regolament tliet snin wara li l-VIS ikun beda jithaddem u kull erba' snin wara dan, u fih tkopri l-implimentazzjoni tar-registrazzjoni tal-identifikaturi bijometrici, kemm ikun jixraq l-istandard tal-ICAO maghzul, il-konformità mar-regoli tal-harsien tad-data, l-esperjenza ma' fornituri esterni tas-servizzi b'referenza specifika ghall-gbir ta' data bijometrika, il-principju ta' "l-ewwel applikazzjoni" u l-organizzazzjoni tar-riceviment u l-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-vizi. Ir-rapport ghandu jinkludi wkoll, fuq il-bazi tal-Artikolu 17(12), (13) u (14) u l-Artikolu 50(4) tar-Regolament VIS, il-kazijiet fejn il-marki tas-swaba' ma jistghux jigu pprovduti b'mod fattwali jew fejn ma kinux mehtiega li jigu pprovduti ghal ragunijiet legali meta mqabbla ma' kazijiet li fihom il-marki tas-swaba' huma mehuda. Ir-rapport ghandu jinkludi informazzjoni fuq kazijiet li fihom persuna li ma setghetx tipprovdi marki tas-swaba' b'mod fattwali giet michuda viza.***

Ir-rapport ghandu jkun akkumpanjat, fejn mehtieg, minn proposti xierqa biex jigi emendat dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament ghandu jidhol fis-sehh fil-jum wara l-pubblikazzjoni tieghu fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament ghandu jorbot fl-intier tieghu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Maghmul fi ‖,

Ghall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Ghall-Kunsill
*Il-President*

## Opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-ftehim ta' sħubija KE/Mawritanja fil-qasam tas-sajd *

P6_TA(2008)0359

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012 (COM(2008)0243 — C6-0199/2008 — 2008/0093(CNS))**

(2009/C 294 E/53)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2008)0243),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 u l-Artikolu 300(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subinċiż, tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0199/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0278/2008),

1. Japprova l-proposta għal Regolament tal-Kunsill hekk kif ġiet emendata u japprova l-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlament tal-Istati Membri u tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

*(2a) Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, jekk jiġi ratifikat, se jimponi koperazzjoni interistituzzjonali aktar millqrib li għandha, b'mod partikolari, tiffaċilità l-aċċess tal-Parlament Ewropew għat-tagħrif kollu relatat mal-ftehimiet dwar is-sajd, inkluż matul in-negozjati tal-protokolli.*

**Emenda 2**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1a (ġdid)**

**Artikolu 1a**

***Fil-laqgħat u l-ħidma tal-kumitat imħallat stipulat fl-Artikolu 10 tal-Ftehima, għandu jkun preżenti, fil-kapaċità ta' osservatur, membru tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew. Għal-laqgħat imsemmija jistgħu jkunu preżenti wkoll rappreżentanti tas-settur tas-sajd.***

**Emenda 3**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 4a (ġdid)**

**Artikolu 4a**

***Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Parlament il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-kumitat imħallat stipulat fl-Artikolu 10 tal-Ftehima. Waqt l-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, u qabel ma ssir Ftehima oħra biex jiġġedded, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll.***

**Emenda 4**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 4b (ġdid)**

**Artikolu 4b**

***Bi qbil mal-Artikolu 30(3) tar-Regolament finanzjarju [1] u fl-ispirtu tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 2008 dwar it-trasparenza fil-qasam finanzjarju [2], il-Kummissjoni għandha tippubblika ta' kull sena fuq il-websajt tagħha l-lista tad-diversi benefiċjarji aħħarija tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.***

***[1] Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).***

***[2] Testi Adottati ta' din id-data, P6_TA(2008)0051.***

## Flotot tas-sajd tal-UE affettwati mill-kriżi ekonomika *

P6_TA(2008)0360

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jiġi mħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni Ewropea li huma milquta mill-kriżi ekonomika (COM(2008)0454 — C6-0270/2008 — 2008/0144(CNS))**

(2009/C 294 E/54)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0454),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0270/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 134 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk għandu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| (2009/C 294 E/16) | Spazju u s-sigurtà | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar l-ispazju u s-sigurtà (2008/2030(INI)) | 69 |
| (2009/C 294 E/17) | Il-Kashmir | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar allegazzjonijiet ta' oqbra tal-massa fil-parti tal-Kashmir li amministrata mill-Indja | 75 |
| (2009/C 294 E/18) | Il-Bangladexx | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta Lulju 2008 dwar il-Bangladexx | 77 |
| (2009/C 294 E/19) | Il-piena tal-mewt | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-piena tal-mewt, b'mod partikulari l-każ ta' Troy Davis | 80 |
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA | |
| | **Parlament Ewropew** | |
| | **It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008** | |
| (2009/C 294 E/20) | Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Witold Tomczak | |
| | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Witold Tomczak (2008/2078(IMM)) | 81 |
| (2009/C 294 E/21) | L-approvazzjoni tal-Kummissjoni (Emenda tar-Regoli ta' Proċedura) | |
| | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew rigward l-approvazzjoni tal-Kummissjoni (2007/2128(REG)) | 82 |
| (2009/C 294 E/22) | Ix-xogħol tal-Plenarja u r-rapporti ta' inizjattiva | |
| | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar emenda għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament fid-dawl tal-proposti mill-Grupp ta' Ħidma għar-Riforma Parlamentari dwar il-ħidma tar-rapporti Plenarji u r-rapporti ta' inizjattiva (2007/2272(REG)) | 86 |
| | **L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008** | |
| (2009/C 294 E/23) | Formazzjoni ta' gruppi politiċi (Emenda tal-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura) | |
| | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-emenda tal-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament — Formazzjoni ta' gruppi politiċi (2006/2201(REG)) | 91 |

III *Atti preparatorji*

**Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008**


(2009/C 294 E/24) L-istabbiliment ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija: dispożizzjonijiet ġenerali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-istabbiliment ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija (COM(2008)0308 — C6-0200/2008 — 2008/0095(COD)) ..... 92

(2009/C 294 E/25) Skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-PAK *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li tistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (COM(2008)0247 — C6-0208/2008 — 2008/0088(CNS)) ..... 93

(2009/C 294 E/26) Ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa għall-użu ta' tagħmir għax-xogħol (it-tieni direttiva individwali skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE (verżjoni kodifikata) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta mmodifikata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (verżjoni kkodifikata) (COM(2008)0111 — C6-0127/2008 — 2006/0214(COD)) ..... 93

(2009/C 294 E/27) Konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2008)0105 — C6-0088/2008 — 2008/0038(COD)) ..... 94

(2009/C 294 E/28) Is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-VAT 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2007)0677 — C6-0433/2007 — 2007/0238(CNS)) ..... 95

(2009/C 294 E/29) Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni tal-Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-propsta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni tal-Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (COM(2008)0132 — C6-0161/2008 — 2008/0052(CNS)) ..... 98

(2009/C 294 E/30) L-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (COM(2006)0752 — C6-0089/2008 — 2006/0251(CNS)) ..... 99


MT

(2009/C 294 E/31) L-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (COM(2006)0754 — C6-0090/2008 — 2006/0252(CNS)) .......... 100

(2009/C 294 E/32) Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, l-Iżvizzera u Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru, l-Iżvizzera jew Liechtenstein *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, l-Iżvizzera u Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru, l-Iżvizzera jew Liechtenstein (COM(2006)0753 — C6-0091/2008 — 2006/0257(CNS)) .......... 101

(2009/C 294 E/33) Numerar tal-viża *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (COM(2008)0188 — C6-0187/2008 — 2008/0074(CNS)) .......... 102

(2009/C 294 E/34) Il-konklużjoni ta' Ftehima li ġġedded il-Ftehima KE/Indja dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta Ftehima li ġġedded il-Ftehima dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (16681/2007 — COM(2007)0576 — C6-0073/2008 — 2007/0207(CNS)) .......... 103

(2009/C 294 E/35) Proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi, l-enżimi u l-aromatizzanti tal-ikel ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi, l-enżimi u l-aromatizzanti tal-ikel (16673/2/2007 — C6-0138/2008 — 2006/0143(COD)) .......... 105

P6_TC2-COD(2006)0143

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi, l-enżimi u l-aromatizzanti tal-ikel .......... 106

(2009/C 294 E/36) Addittivi tal-ikel ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (16675/2/2007 — C6-0141/2008 — 2006/0145(COD)) .......... 106

P6_TC2-COD(2006)0145

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru…/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel .......... 106

(2009/C 294 E/37) Aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE (16677/3/2007 — C6-0139/2008 — 2006/0147(COD)) . . . . . 107

P6_TC2-COD(2006)0147

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u r-Regolament (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE . . . . . 107

(2009/C 294 E/38) Enżimi tal-ikel ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (16676/1/2007 — C6-0140/2008 — 2006/0144(COD)) . . . . . 108

P6_TC2-COD(2006)0144

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 . . . . . 108

(2009/C 294 E/39) Emendar tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità (5058/3/2008 — C6-0177/2008 — 2006/0304(COD)) . . . . . 109

P6_TC2-COD(2006)0304

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità . . . . 109

(2009/C 294 E/40) Baġit 2009: L-ewwel riflessjonijiet dwar l-APB tal-2009 u l-mandat għall-konċiljazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-baġit tal-2009: l-ewwel riflessjonijiet dwar l-Abbozz Preliminari tal-Baġit tal-2009 u l-mandat għall-konċiljazzjoni, Taqsima III — Kummissjoni (2008/2025(BUD)) . . . . . 110

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

(2009/C 294 E/41) Is-Sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (16133/3/2007 — C6-0129/2008 — 2006/0272(COD)) . . . . . 121

MT

P6_TC2-COD(2006)0272

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru…/2008/KE li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) ........ 121

(2009/C 294 E/42) Emenda tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jwaqqaf Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Regolament tal-Aġenzija) (16138/3/2007 — C6-0131/2008 — 2006/0274(COD)) ........ 122

P6_TC2-COD(2006)0274

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (EP-PE_TC2-COD(2006)0274) ........ 122

(2009/C 294 E/43) Regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) (16160/4/2007 — C6-0176/2008 — 2006/0130(COD)) ........ 123

(2009/C 294 E/44) Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) (COM(2007)0433 — C6-0234/2007 — 2007/0156(COD)) ........ 124

P6_TC1-COD(2007)0156

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) ........ 124

(2009/C 294 E/45) Batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kusill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tal-Artikolu 6(2) dwar it-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi (COM(2008)0211 — C6-0165/2008 — 2008/0081(COD)) ........ 125

P6_TC1-COD(2008)0081

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tal-Artikolu 6(2) dwar it-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi 125

(2009/C 294 E/46) Ir-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi 2-(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat tal-ammonju (COM(2007)0559 — C6-0327/2007 — 2007/0200(COD)) ... 126

P6_TC1-COD(2007)0200

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru…/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi 2-(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat tal-ammonju 126

(2009/C 294 E/47) Il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament li jemenda (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali (COM(2007)0532 — C6-0319/2007 — 2007/0199(COD)) 127

P6_TC1-COD(2007)0199

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali ... 127

(2009/C 294 E/48) Suq intern fil-gass naturali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (COM(2007)0529 — C6-0317/2007 — 2007/0196(COD)) ... 142

P6_TC1-COD(2007)0196

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali ... 142

(2009/C 294 E/49) Koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali: Modalitajiet ta' applikazzjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (COM(2006)0016 — C6-0037/2006 — 2006/0006(COD)) ... 181

P6_TC1-COD(2006)0006

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 574/72 181

ANNESS I

Dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni għal ftehimiet bilaterali miżmuma fis-seħħ u dispożizzjonijiet ġodda ta' applikazzjoni għal ftehimbilaterali ... 225

ANNESS II

Skemi speċjali applikabbli għal impjegati ċivili ... 225

MT

ANNESS III

Stati Membri li jirrimborżaw l-ispejjeż ta' benefiċċji abbażi ta' rati fissi ..... 225

ANNESS IV

Awtoritajiet u istituzzjonijiet kompetenti, istituzzjonijiet tal-post ta' residenza u ta' żjara, punti ta' aċċess, istituzzjonijiet u organi nnominati mill-awtoritajiet kompetenti. ..... 225

(2009/C 294 E/50) Koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut tal-Anness XI ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut tal-Anness XI (COM(2006)0007 — C6-0029/2006 — 2006/0008(COD)) ..... 226

P6_TC1-COD(2006)0008

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut ta' annessi tiegħu ..... 226

ANNESS ..... 231

(2009/C 294 E/51) Estensjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 u tar-Regolament (KE) Nru [ …] għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (COM(2007)0439 — C6-0289/2007 — 2007/0152(CNS)) ..... 259

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

(2009/C 294 E/52) Istruzzjonijiet konsulari komuni: elementi ta' identifikazzjoni bijometriċi u applikazzjonijiet għal viża ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari fir-rigward tal-introduzzjoni tal-bijometriċi inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi (COM(2006)0269 — C6-0166/2006 — 2006/0088(COD)) ..... 260

P6_TC1-COD(2006)0088

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru…/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari fir-rigward tal-introduzzjoni tal-biometriċi inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi ..... 260

(2009/C 294 E/53) Opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-ftehim ta' sħubija KE/Mawritanja fil-qasam tas-sajd *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012 (COM(2008)0243 — C6-0199/2008 — 2008/0093(CNS)) ..... 271

(2009/C 294 E/54) Flotot tas-sajd tal-UE affettwati mill-kriżi ekonomika *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jiġi mħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni Ewropea li huma milquta mill-kriżi ekonomika (COM(2008)0454 — C6-0270/2008 — 2008/0144(CNS)) ..... 273

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT